# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 93

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

9 ta' Marzu 2016


Werrej

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2013–2014

Dati tas-seduti: 9–12 ta' Settembru 2013

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 357 E, 6.12.2013.*

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**


2016/C 093/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-promozzjoni ta' strateġija Ewropea għat-trasport u t-teknoloġija għall-mobilità Ewropea sostenibbli tal-ġejjieni (2012/2298(INI)) 2

2016/C 093/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti (2013/2005(INI)) . . . . . 8

2016/C 093/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tal-miżuri għall-effiċjenza enerġetika fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni (2013/2038(INI)) . . . . . 21

2016/C 093/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar strateġija tas-sajd fil-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar Jonju (2012/2261(INI)) . . . . . 31

2016/C 093/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar "Lejn interpretazzjoni aktar effiċjenti u kosteffikaċi fil-Parlament Ewropew" (2011/2287(INI)) . . . . . 37

2016/C 093/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-logħob tal-azzard onlajn fis-suq intern (2012/2322(INI)) . . . . . 42


MT

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**


| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 093/07 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni u d-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea (2013/2007(INI)) | 52 |
| 2016/C 093/08 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-Parlament fil-proċedura ta' ħatra ta' Diretturi Eżekuttivi futuri tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent – emenda għall-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (2013/2089(INLI)) | 58 |
| 2016/C 093/09 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2010-2012 (2013/2073(INI)) | 61 |
| 2016/C 093/10 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta` Settembru 2013 dwar l-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ: soluzzjonijiet possibbli (2013/2045(INI)) | 70 |
| 2016/C 093/11 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta` Settembru 2013 dwar is-Suq Intern għas-Servizzi: Is-sitwazzjoni attwali u l-passi li jmiss (2012/2144(INI)) | 84 |
| 2016/C 093/12 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' 11 ta' Settembru 2013 li fiha r-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna Kummissjoni dwar in-negozjati għal ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni UE-Malasja (2013/2052(INI)) | 89 |


**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**


| | | |
|---|---|---|
| 2016/C 093/13 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar "Il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej bħala sorsi ta' tkabbir ekonomiku u ta' impjiegi" Ir-Rapport dwar l-impatt tal-urbanizzazzjoni estensiva fi Spanja fuq id-drittijiet individwali taċ-ċittadini Ewropej, fuq l-ambjent u fuq l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE, fuq il-bażi tal-petizzjonijiet li rċieva (2012/2302(INI)). | 95 |
| 2016/C 093/14 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-mikroġenerazzjoni – il-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana fuq skala żgħira (2012/2930(RSP)) | 105 |
| 2016/C 093/15 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta Settembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali (2013/2678 (RSP)) | 110 |
| 2016/C 093/16 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà: Ċiberspazju Miftuħ u Sikur (2013/2606(RSP)) | 112 |
| 2016/C 093/17 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar l-Aġenda Diġitali għat-Tkabbir, il-Mobbiltà u l-Impjieg: Wasal iż-żmien li nħaffu l-ħidma tagħna (2013/2593(RSP)) | 120 |
| 2016/C 093/18 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja (2013/2819(RSP)) | 125 |
| 2016/C 093/19 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu (2013/2820(RSP)) | 127 |
| 2016/C 093/20 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar id-Dimensjoni Marittima tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (2012/2318(INI)) | 131 |
| 2016/C 093/21 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar l-istrutturi militari tal-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti futuri (2012/2319(INI)) | 144 |
| 2016/C 093/22 | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-pressjoni mir-Russja fuq il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (fil-kuntest tas-Samit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss f'Vilnius) (2013/2826 (RSP)) | 152 |

2016/C 093/23 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar it-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-UE (2013/2636(RSP)) . . . . . . . . . . . . . . . . 154

2016/C 093/24 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar l-Istrateġija Ewropea dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (2013/2685(RSP)) . . . . . . . . . . . . . . . . 159

2016/C 093/25 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar in-negozjar kollettiv transkonfinali u d-djalogu soċjali transnazzjonali (2012/2292(INI)) . . . . . . . . . . . . . . . . 161

2016/C 093/26 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fl-UE (2012/2263(INI)) . . . . . . . . . . . . . . . . 165

2016/C 093/27 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2013/2822(RSP)) . . . . . . . . . . . . . . . . 173

2016/C 093/28 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (2013/2823(RSP)) . . . . . . . . . . . . . . . . 178

2016/C 093/29 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn (2013/2830(RSP)) . . . . . . . . . . . . . . . . 182

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

2016/C 093/30 Rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 għall-Azzjoni Esterna dwar il-politika tal-UE fir-rigward tal-Bjelorussja(2013/2036(INI)) . . . . . . . . . . . . . 186

---

Atti preparatorji

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

2016/C 093/31 P7_TA(2013)0336

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni taż-żgħar tal-organiżmi tal-baħar ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (COM(2012)0432 – C7-0211/2012 – 2012/0208(COD))

P7_TC1-COD(2012)0208

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar . . . . . . . . . . . . . . . . 196

2016/C 093/32 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati (COM(2011)0127 – C7-0094/2011 – 2011/0060(CNS)) . . . . . . . . . . . . . . . . 202

2016/C 093/33 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi matrimonjali (COM(2011)0126 – C7-0093/2011 – 2011/0059(CNS)) . . . . . . . . . . . . . . . . 251

2016/C 093/34 P7_TA(2013)0340

Id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali u d-dritt ta' komunikazzjoni mal-arrest ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali u d-dritt ta' komunikazzjoni mal-arrest (COM(2011)0326 – C7-0157/2011 – 2011/0154(COD))

P7_TC1-COD(2011)0154

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà . . . . . 294

2016/C 093/35 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà reżidenzjali (COM (2011)0142 – C7-0085/2011 – 2011/0062(COD)) ([1]) . . . . . 295

2016/C 093/36 P7_TA(2013)0342

L-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (l-abbuż tas-suq) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (l-abbuż tas-suq) (COM(2011)0651 – C7-0360/2011 – 2011/0295(COD))

P7_TC1-COD(2011)0295

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq (regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li tħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u u tal-Kunsill tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE . . . . . 360

2016/C 093/37 P7_TA(2013)0343

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound. (COM(2012)0591 – C7-0332/2012 – 2012/0285(COD))

P7_TC1-COD(2012)0285

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound . . . . . 361

2016/C 093/38 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-Ħatra ta' Luigi Berlinguer fil-panel imwaqqaf skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea 2013/2161(INS)) . . . . . 364


**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**


2016/C 093/39 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni (11693/2013 – C7-0245/2013 – 2013/2056(BUD)) . . . . . 365


---

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

2016/C 093/40 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 3/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni (11694/2013 – C7-0246/2013 – 2013/2070(BUD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 367

2016/C 093/41 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, b’konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2013)0259 – C7-0116/2013 – 2013/2085(BUD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 368

2016/C 093/42 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 5/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni (11697/2013 – C7-0248/2013 – 2013/2086(BUD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 369

2016/C 093/43 P7_TA(2013)0357

Id-direttiva dwar il-kwalità tal-karburanti u d-direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (COM(2012)0595 – C7-0337/2012 – 2012/0288(COD))

P7_TC1-COD(2012)0288

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta’ Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ([1]) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 371

2016/C 093/44 P7_TA(2013)0358

Miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (COM(2012)0413 – C7-0202/2012 – 2012/0201(COD))

P7_TC1-COD(2012)0201

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-11 ta’ Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 395

2016/C 093/45 P7_TA(2013)0359

Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (tfassil mill-ġdid) (COM(2012)0064 – C7-0045/2012 – 2012/0027(COD))

P7_TC1-COD(2012)0027

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta’ Settembru 2013 bil-ħsieb ta’ l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 401


([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

2016/C 093/46 P7_TA(2013)0360

Il-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (COM(2011)0855 – C7-0468/2011 – 2011/0416(COD))

P7_TC1-COD(2011)0416

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea . . . . 402

2016/C 093/47 P7_TA(2013)0361

Emenda tad-dwar is-sigurtà tal-ikel fir-rigward tas-setgħat li għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttivi 1999/4/KE, 2000/36/KE, 2001/111/KE, 2001/113/KE u 2001/114/KE fir-rigward tas-setgħat li għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni (COM(2012)0150 – C7-0089/2012 – 2012/0075(COD))

P7_TC1-COD(2012)0075

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttivi 1999/4/KE u 2000/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kunsill 2001/111/KE, 2001/113/KE u 2001/114/KE fir-rigward tas-setgħat li għandhom jiġu mogħtija lill-Kummissjoni . . . . 403

2016/C 093/48 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Kap Verde u tal-Unjoni Ewropea (05674/2013 – C7-0110/2013 – 2012/0271(NLE)) . . . . 404

2016/C 093/49 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni (14546/2012 – C7-0109/2013 – 2012/0268(NLE)) . . . . 405

2016/C 093/50 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni, Taqsima IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (11696/2013 – C7-0247/2013 – 2013/2084(BUD)) . . . . 406

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

2016/C 093/51 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta` Settembru 2013 dwar ir-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2012 (2013/2051(INI)) . . . . 408

2016/C 093/52 P7_TA(2013)0370

Pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa (COM(2011)0290 – C7-0135/2011 – 2011/0138(COD))

P7_TC1-COD(2011)0138

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa . . . . . 414

2016/C 093/53 P7_TA(2013)0371

L-Awtorità Bankarja Ewropea u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-interazzjoni tiegħu mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru…/… li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2012)0512 – C7-0289/2012 – 2012/0244(COD))

P7_TC1-COD(2012)0244

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-konferiment ta' kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 . . . . . 415

2016/C 093/54 P7_TA(2013)0372

Il-kompiti speċifiċi għall-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2012)0511 – C7-0314/2012 – 2012/0242(CNS))

P7_TC1-CNS(2012)0242

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-12 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu . . . . . 417

2016/C 093/55 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom fl-Unjoni (COM(2012)0576 – C7-0322/2012 – 2012/0278(COD)) . . . . . 419

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

# IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2013–2014

Dati tas-seduti: 9–12 ta' Settembru 2013

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 357 E, 6.12.2013.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0339

## Strateġija Ewropea għat-trasport u t-teknoloġija għall-mobilità Ewropea sostenibbli tal-ġejjieni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-promozzjoni ta' strateġija Ewropea għat-trasport u t-teknoloġija għall-mobilità Ewropea sostenibbli tal-ġejjieni (2012/2298(INI))**

(2016/C 093/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Riċerka u innovazzjoni b'appoġġ għall-poltika tat-trasport – Żvilupp ta' strateġija Ewropea għat-trasport u t-teknoloġija" (COM(2012)0501),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – Orizzont 2020" (COM(2011)0808),

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tal-2011 bit-titolu "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti"(COM(2011)0144),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011 dwar is-sikurezza fit-toroq 2011-2020 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0241/2013),

A. billi l-Kummissjoni identifikat in-nuqqasijiet tas-sistema tal-innovazzjoni tat-trasport Ewropea;

B. billi l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tat-trasport ifissru wkoll investiment fl-ekonomija u l-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol, u għaldaqstant jista' jkollhom impatt triplu;

C. billi l-innovazzjoni hi essenzjali biex tinħoloq sistema tat-trasport aktar smart, aktar sikura u aktar intelliġenti għall-pubbliku, biex jiġu ffaċċati l-isfidi ambjentali li qed iħabbat wiċċu magħhom is-settur tat-trasport u biex tinkiseb ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

([1]) ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 54.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

D. billi fl-istrateġija Ewropa 2020 il-miri relatati mat-tibdil fil-klima u mal-enerġija huma marbuta mill-qrib mal-innovazzjoni fit-trasport: 20 % inqas emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'paragun mal-1990, 20 % tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u żieda ta' 20 % fl-effiċjenza enerġetika, kif ukoll il-miri ta' 50 % inqas imwiet mill-inċidenti tat-traffiku b'paragun mal-2001;

E. billi se jkun hemm bżonn ta' bidla reali fl-attitudnijiet tal-utenti, u fl-istandards li dawn jitolbu, biex għadd kbir ta' negozji u fornituri ta' servizzi jiġi konvinti jibdlu l-paradigmi tagħhom u biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet ta' innovazzjoni offruti mill-konverġenza kreattiva u l-ħsibijiet atipiċi deskritti fil-punt 5.3 tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2012)0501);

F. billi l-inizjattivi msemmija fil-White Paper dwar it-trasport huma milqugħa pożittivament, b'mod partikolari dawk imsemmija fit-taqsima 3.2 (bit-titlu "L-innovazzjoni għall-ġejjieni – it-teknoloġija u l-imġiba"), flimkien mal-inizjattivi 7 ("Trasport multimodali ta' merkanzija: e-freight") u 22 ("Mobilità konsistenti 'bieb bieb");

G. billi l-istrateġija Ewropea għandha tiżgura ekwilibriju bejn l-isforzi għat-tnaqqis tal-impronta ambjentali tat-trasport u sforzi biex tkun żgurata l-libertà ta' ċirkolazzjoni fl-Unjoni Ewropea, biex naslu għall-kisba ta' żona unika Ewropea tat-trasport li tkun intermodali, interkonnessa, integrata u effikaċi fl-użu tar-riżorsi;

H. billi fis-sena 2012 inqatlu iktar minn 31 000 persuna u ndarbu 'l fuq minn 1 500 000 persuna, uħud minn serjament, f'inċidenti tat-traffiku fl-Unjoni Ewropea;

I. billi diġà jeżistu teknoloġiji li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' "Żona Ewropea ta' Trasport Sikur", iżda dawn għadhom ma tqegħdux fis-suq;

***Il-prinċipji ġenerali***

1. Jenfasizza li strateġija Ewropea tat-teknoloġija tat-trasport għall-mobilità sostenibbli ġejjiena tal-Ewropa għandha tippromwovi l-ewwel u qabel kollox il-kwalità tas-servizz, il-kumdità tal-passiġġieri u l-impriżi, u l-mobilità sostenibbli, u li din għandha tkun ibbażata fuq il-miri u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jirrigwardaw it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, fl-istorbju tat-traffiku, fl-elementi li jniġġsu l-arja, fil-materji primi u fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2020, l-2030 u l-2050, kif ukoll it-titjib tas-saħħa u l-kwalità tal-ħajja, it-titjib fil-kwalità tas-servizzi, il-provvediment ta' soluzzjonijiet dejjem aktar speċifiċi u mmirati aktar mill-qrib lejn il-ħtiġijiet tal-utenti, u t-titjib tas-sikurezza u s-sigurtà;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Kunsill, fid-dawl tal-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-ekonomija Ewropea kollha, jirrikonoxxu l-importanza tal-inizjattiva Orizzont 2020 u jiggarantixxu finanzjament adegwat għaliha;

3. Jikkonferma l-objettiv tal-Kummissjoni għal allinjament aħjar tar-riċerka u l-innovazzjoni fit-trasport mal-għanijiet u l-pjanijiet direzzjonali tal-politika tat-trasport Ewropea għal kull qasam, iżda jemmen li l-approċċ propost fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni jeħtieġ jiġi aġġustat skont il-prijoritajiet definiti hawn taħt;

4. Jemmen li strateġija Ewropea tajba fil-qasam tat-teknoloġiji tat-trasport għandha tkopri r-reġjuni kollha tal-UE biex tiżgura ċ-ċirkolazzjoni effiċjenti tal-persuni u l-merkanzija, u l-ħolqien ta' suq uniku Ewropew ta' veru;

5. Jemmen li użu aktar effiċjenti, koerenti u mmirat tar-riċerka u l-iżvilupp fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika tat-trasport huwa kruċjali għal rispons għar-realtajiet ġodda, b'separazzjoni mill-modi tal-ħsieb konvenzjonali u b'enfasi fuq ideat innovattivi, u għaldaqstant biex l-utenti jingħataw soluzzjonijiet innovattivi tat-trasport li jwieġbu għall-ħtiġijiet u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' disponibilità, profitabilità, kredibilità, kwalità u kontinwità;

6. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex toħloq qafas favorevoli għar-riċerka u l-innovazzjoni billi tistabbilixxi sistemi ta' pprezzar ġusti, effiċjenti u innovattivi għall-modi kollha ta' mobilità u trasport, partikolarment permezz tal-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u ta' "l-utent iħallas";

7. Jinnota s-siwi tas-Sistema ta' Monitoraġġ u Informazzjoni dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni fit-Trasport (TRIMIS) proposta mill-Kummissjoni u jsostni li din għandha tinkorpora fiha l-perspettiva tal-utent, għax dan joffri mezz ideali biex jiġu identifikati l-ostakli għall-innovazzjoni maħluqa minħabba l-abitudini, biex jiġu identifikati l-opportunitajiet u biex jiġi mheġġeġ it-tixrid ta' possibilitajiet ta' servizz ġodda biex jiffavorixxu u jippromwovu tibdil fl-attitudnijiet soċjali lejn it-trasport sostenibbli;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

8. Jisħaq li l-imblokk teknoloġiku jostakola t-twettiq tal-potenzjal kollha ta' innovazzjoni fit-trasport, u jista' jistakola l-iżvilupp ta' ideat ġodda u innovattivi; iqis, għaldaqstant, li l-politiki tal-Unjoni għandhom ikunu teknomoloġikament newtrali fir-rigward ta' teknoloġiji alternattivi għat-trasport("newtralità tat-teknoloġija"), filwaqt li d-deċiżjonijiet dwar prijoritajiet u finanzjament għandhom isiru abbażi tar-riżultati tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tat-teknoloġiċi użati f'oqsma speċifiċi tat-trasport, u li l-isforzi fir-rigward tal-armonizzazzjoni ma jridux ikunu ta' ostaklu għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi u alternattivi fil-qasam tat-trasport, għad-diversità tat-taħlita ta' enerġija u għat-tħejjija għall-użu ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni smart;

9. Jenfasizza li biex in-negozji u l-korpi pubbliċi jiġu megħjuna jassorbu soluzzjonijiet ġodda u teknoloġiji innovattivi, jeħtieġ ikun hemm aktar effiċjenza fil-katina tal-innovazzjoni, kif ukoll aktar investiment f'miżuri bħal inċentivi ekonomiċi biex jiġu megħluba l-ostakoli għat-tħejjija għall-użu u għat-tpoġġija fis-suq ("impenji taċ-ċiklu sħiħ"); iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni biex taġixxi fuq l-idea tagħha li biex jiġi żviluppat il-potenzjal innovattiv sħiħ tas-settur tat-trasport u biex jiġu appoġġjati l-impriżi innovattivi, is-sussidji għandhom jintużaw ukoll biex jgħinu l-introduzzjoni, id-dimostrazzjoni u l-implimentazzjoni sħiha ta' soluzzjonijiet ġodda fis-suq, u li strumenti xierqa ta' ġestjoni u ffinanzjar jistgħu jiggarantixxu l-implimentazzjoni b'ħeffa tar-riżultati tar-riċerka;

10. Jemmen li r-reġjuni Ewropej kollha, u l-forzi ta' ħidma rispettivi tagħhom, għandhom jieħdu vantaġġ minn tali strateġija, u jenfasizza l-bżonn li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-potenzjal reġjonali, speċjalment meta jiġu żviluppati mezzi ta' trasport iktar nadif; jistieden lill-awtoritajiet f'livelli sussidjarji biex joħolqu, flimkien mal-partijiet konċernati, sħubiji għall-innovazzjoni fil-qasam tal-mobilità sostenibbli;

11. Jitlob biex ikun hemm aktar għall-attivitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), b'mod partikolari permezz ta' aċċess aktar faċli għall-fondi tal-UE u ta' tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, u jenfasizza l-importanza tal-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi u t-tkabbir sostenibbli permezz tar-riċerka u l-iżvilupp;

12. Isostni li l-investimenti taħt il-Fondi Strutturali tal-UE u l-fondi ta' investiment jistgħu jkunu ta' għajnuna biex ikabbru l-prospetti fir-reġjuni Ewropej biex tiġi żviluppata speċjalizzazzjoni smart fil-qasam tal-mobilità sostenibbli;

13. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali biex ifasslu strateġiji fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni msejsa fuq il-kunċett ta' speċjalizzazzjoni smart, bl-għan li jkun hemm użu aktar effikaċi tal-fondi strutturali u li jissaħħu s-sinerġiji bejn l-investiment tas-settur pubbliku u dak privat;

14. Ifakkar, f'dan ir-rigward, li għandha titfassal strateġija għal teknoloġija innovattiva maħsuba fuq il-bażi tal-karatteristiċi tat-territorji konċernati u tal-fatturi li jiddistingwuhom. Dan ifisser li l-approċċ ta' soluzzjoni waħda li tapplika għal kulħadd b'mod ugwali mhix biżżejjed; iqis, pereżempju, li r-reġjuni b'limitazzjonijiet territorjali speċifiċi, bħall-gżejjer u r-reġjuni muntanjużii, ultraperiferiċi u dawk b'densità ta' popolazzjoni baxxa, għandhom tipi speċifiċi ta' potenzjal ekonomiku u potenzjal ieħor li, biex jiġu sfruttat bis-sħiħ, jirrikjedi soluzzjonijiet tal-mobilità xierqa u innovattivi; jiindika, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi adegwati għall-infrastruttura tat-trasport sostenibbli;

15. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu simplifikati aktar il-proċeduri amministrattivi għall-għoti tal-fondi għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali, lokali u dak transkonfinali, sabiex jiġi stabbilit qafas legali ċar u trasparenti;

16. Jenfasizza li l-isforzi biex jonqos l-għadd ta' persuni maqtula jew midruba fit-toroq ma għandhomx jiġu ttraskurati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis u timplimenta dawl il-proposti għat-titjib fis-sikurezza tat-toroq li l-Parlament adottata b'maġġoranza kbira;

17. Huwa tal-fehma li bidla fit-teknoloġija tat-trasport hija ħaġa tajba u importanti; jenfasizza, madankollu, li din il-bidla trid isseħħ mhux permezz ta' projbizzjonijiet iżda permezz ta' inċentivi biex jintużaw it-teknoloġiji ġodda b'użu baxx tar-riżorsi;

18. Jenfasizza li ma għandux ikun hemm projbizzjonijiet għall-pjanijiet soluzzjonijiet tat-trasport ġodda u innovattivi jew għall-introduzzjoni ta' proċeduri li diġà taw prova tal-effikaċja tagħhom f'kombinazzjonijiet ġodda;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***Miżuri ġenerali***

19. Jemmen li r-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-mobilità sostenibbli għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju tal-integrazzjoni, b'mod partikolari billi jiġi trattat in-nuqqas ta' konnessjonijiet transkonfinali (interkonnessjonijiet), billi tiżdied il-kompatibilità bejn u fi ħdan is-sistemi (interoperabbiltà) kif ukoll permezz tal-objettivi li jkun hemm bidla fid-direzzjoni lejn taħlita tal-aktar mezz tat-trasport xieraq u sostenibbli għal rotta partikolari (inter- u ko-modalità);

20. Ifakkar fil-bżonn li l-UE tiżviluppa politika komuni tat-trasport ġenwina, filwaqt li tiżgura r-relevanza tat-trasport adegwati fi ħdan ir-reġjuni Ewropej u bejniethom u l-koerenza tiegħu fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew; jistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni jiżguraw li t-taħlita ta' mezzi tat-trasport tiżgura enfasi ikbar fuq mobilità ġenwinament sostenibbli;

21. Jenfasizza li din l-istrateġija trid tkun ibbażata fuq mudell integrattiv li fih il-konnessjonijiet interreġjonali u dawk transkonfinali neqsin jingħataw l-ikbar importanza, anke fir-reġjuni frammentati ġeografikament, u li s-soluzzjonijiet innovattivi għat-trasport multimodali jistgħu jnaqqsu d-disparitajiet reġjonali, jistimulaw il-mobilità tax-xogħol u jtejbu l-koeżjoni territorjali; hu konxju tal-fatt li bħalissa hemm differenzi konsiderevoli bejn ir-reġjuni fir-rigward tan-netwerks ta' trasport, u jiġbed l-attenzjoni fuq il-ħtieġa li jsir investiment fit-teknoloġiji u soluzzjonijiet tat-trasport sostenibbli fir-reġjuni bi żvantaġġi speċifiċi, filwaqt li jitqies ukoll il-potenzjal tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

22. Jisħaq li r-riċerka u l-innovazzjoni għandha tiffoka fuq l-iżvilupp ta' elementi ta' infrastruttura sostenibbli li jappoġġaw it-trasport ta' prodotti primarji rinnovabbli bħall-injam jew materjal imħallat bħall-komponenti tal-infrastruttura tal-ferroviji (pereżempji arbli għal sistemi katernarji u s-sinjalizzazzjoni, mataterjali tal-bini għall-pjattaformi u l-pontijiet); jindika li dan jinkludi wkoll l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp ta' sustanza ta' mili (impregnation) għat-travi tal-injam (sleepers) li tista' sservi bħala alternattiva għall-kreożot, li skont il-leġiżlazzjoni tal-UE se jiġi abolit fl-2018;

23. Jenfasizza l-fatt li approċċi ġodda għall-mobilità ma jistgħux jiġu imposti u li biex tiġi promossa mġiba aktar sostenibbli huma meħtieġa sforzi akbar tar-riċerka fl-oqsma tal-għarfien ekosoċjali u l-ippjanar urban u spazjali, u f'teknoloġiji fl-oqsma tad-domanda tal-mobilità u bidla fl-imġiba bl-għan li jkunu kontrollati aħjar il-flussi tat-trasport, permezz ta', fost l-oħrajn, strumenti innovattivi tal-ġestjoni tal-mobilità, ktajjen tal-mobilità mingħajr intoppi mill-punt tat-tluq sal-wasla fid-destinazzjoni li jissodisfaw i-rrekwiżiti tal-utenti, sistemi tas-sewqan ekoloġiċi u intelliġenti, u l-użu ta' teknoloġiji tal-informatika u tal-komunikazzjoni b'informazzjoni fil-ħin reali;

24. Huwa tal-fehma li huwa indispensabbli li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti fil-governanza tal-politika ta' innovazzjoni Ewropea fil-qasam tat-trasport u l-mobilità; jinnota li tali awtoritajiet pubbliċi jistgħu jużaw l-esperjenza u l-għarfien espert tagħhom kemm fl-integrazzjoni tat-teknoloġiji, l-infrastruttura, il-vetturi u l-passiġġieri u fit-trawwim ta' abitudnijiet soċjali ġodda għal dak li jirrigwarda l-mobilità; jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jidentifikaw, u għandhom il-kompitu li jiġġestixxu, l-aktar problemi akuti tal-mobilità, li huma kontinwament jittestjaw u jinawguraw prattiki tajba u ideat innovattivi, u li, minħabba l-varjetà ta' sitwazzjonijiet li jkollhom jikkonfrontaw, huma partikolarment familjari mal-innovazzjoni;

25. Jenfasizza l-ħtieġa għal riċerka dwar kompetizzjoni ġusta intramodali u intermodali fis-settur tat-trasport, u dwar l-ostakli li jinħolqu minħabba l-interessi marbuta mal-mudelli tan-negozju attwali, fosthom, b'mod partikolari, riċerka dwar l-għodod teknoloġiċi meħtieġa biex jitjieb l-infurzar konsistenti u effettiv, kif ukoll il-kontrolli, tar-regoli dwar l-kabotaġġ, il-kundizzjonijiet soċjali fit-trasport bit-toroq u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni impjegati fis-settur;

26. Jenfasizza l-fatt li soluzzjonijiet innovattivi biex jonqsu l-ħsejjes fil-modi kollha tat-trasport, b'mod partikolari fis-sors, huma meħtieġa urġentement biex tiġi protetta s-saħħa u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE u tiġi żgurata l-aċċettazzjoni fost il-popolazzjoni; ifakkar b'enfasi, f'dan ir-rigward, ir-riżoluzzjoni tiegħu dwar Żona Unika Ewropea tat-Trasport, li talbet li jkun hemm tnaqqis, sal-2020, ta' 20 % tal-ħsejjes u l-vibrazzjonijiet mill- vetturi ferrovjarji u tal-konsum tal-enerġija tagħhom meta mqabbla mal-valuri ta' referenza għall-2010, u jenfasizza għal darba oħra li l-emissjonijiet ta' ħsejjes għandhom sa mill-bidu nett jingħataw rwol importanti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, strateġiji u infrastrutturi fil-qasam tat-trasport;

27. Jinsab konvint li teknoloġiji innovattivi li jindirizzaw l-interazzjoni bejn l-infrastruttura u l-vetturi jista' jkollhom rwol sinifikanti biex jonqsu l-inċidenti, l-istorbju u l-vibrazzjonijiet, il-konsum tal-enerġija, l-emissjonijiet ta' gassijiet u l-impatt klimatiku;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

28. Jikkonferma li l-isforzi għall-kisba ta' enerġija iktar nadifa għat-teknoloġiji tat-trasport u l-mobilità għandhom ikunu marbuta ma' kunċetti aktar effiċjenti u ma' tfassil aħjar tal-vetturi; jenfasizza l-potenzjal ta' tfaddil enerġetiku innovattiv permezz tal-użu ta' ideat innovattivi, bħala miżuri tal-ġbir tal-enerġija li jisfruttaw l-opportunitajiet li joffru l-enerġiji rinnovabbli u l-użu ta' fjuwils alternattivi;

29. Jenfasizza l-ħtieġa li naħsbu mhux biss dwar il-bini ta' infrastruttura ġdida tat-trasport iżda wkoll li fl-istrateġiji tar-riċerka u l-iżvilupp jitqiesu espliċitament l-aspetti tat-tiswija, il-manutenzjoni u r-rivalutazzjoni (pereżempju billi tiġi mgħammra b'komponenti għall-ġestjoni intelliġenti tat-traffiku u teknoloġija "car to infrastructure");

30. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvestu fir-riċerka dwar Sistemi Intelliġenti tat-Trasport (ITS) u jaraw li din ir-riċerka titwettaq, biex b'hekk jikkontribwixxu biex tonqos il-konġestjoni tat-traffiku, tiżdied l-ekoeffiċjenza Ewropea tat-trasport u jitjiebu l-istandards tas-sikurezza;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-armonizzazzjoni tal-containers u ta' kontenituri oħra tat-trasport, u d-dimensjonijiet tal-vetturi fil-mezzi kollha tat-trasport, biex ikun promoss l-objettiv tal-interoperabilità u l-intermodalità;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-Istati Membri manwal bi prattiki li taw prova ta' suċċess biex jinżammu l-valuri ta' limitu previsti fid-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja;

***Miżuri speċifiċi***

33. Jirrikonoxxi l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-mobilità individwali u jenfasizza li l-imġiba tal-utenti tat-trasport hija deċiżiva; jitlob li jitfasslu inċentivi biex jintgħażlu mezzi tat-trasport u l-mobilità sostenibbli, fiżikament attivi, sikuri u sani, biex jiġu żviluppati approċċi innovattivi li jippromwovu t-trasport pubbliku li jiffavorixxi l-ambjent, il-mixi u l-użu tar-roti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet ta' żoni urbani, peri-urbani, interurbani u dawk rurali; iqis li huwa importanti li titjieb l-interoperabilità bejn is-servizzi tat-trasport, u jemmen li l-awtoritajiet ta' approvazzjoni se jkollhom ikunu partikolarment attenti fir-rigward ta' kwalunkwe problema teknika u amministrattiva li tista' tinqala', u li jitrattawha b'urġenza, sabiex ikunu jistgħu jiġu introdotti fis-suq mezzi tat-trasport ġodda bil-karatteristiċi msemmija hawn fuq;

34. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet tal-UE jagħtu eżempju ta' prattika tajba fis-servizzi tal-ġestjoni tal-mobilità tagħhom stess, u li jiġġestixxu l-isforz meħtieġ u l-frott tiegħu b'mod trasparenti, filwaqt li dan isir karatteristika li jintgħarfu minnha;

35. Jenfasizza l-bżonn li jiġu promossi prattiki li jkollhom suċċess fil-qasam tat-trasport sostenibbli u li jiżdiedu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin bejn ir-reġjuni b'potenzjali simili ta' żvilupp; jirrakkomanda li l-awtoritajiet lokali ikomplu jibnu fuq l-eżempji ta' prattiki tajbin billi jiżviluppaw pjanijiet ta' mobilità urbana sostenibbli b'konsultazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili;

36. Jemmen li sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita Ewropej bħall-Galileo għandhom ikunu pilastru ewlieni għall-iżvilupp ta' trasport intelliġenti u effiċjenti fl-Ewropa;

37. Jappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni li tista' tikkontribwixxi għal bidla minn sjieda ta' vetturi għal imġiba mhux konvenzjonali tal-utenti u forom ġodda ta' servizzi relatati mat-trasport, bħall-użu kondiviż tal-karozzi u tar-rot; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintensifika l-promozzjoni tagħha ta' forom kollettivi ta' mobilità individwali u ta' sistemi individwalizzati tat-trasport pubbliku u kollettiv;

38. Iħeġġeġ biex, bl-istess mod, ir-riċerka tiġi estiża għall-isfera fiskali u amministrattiva sabiex titwitta t-triq għal inċentivi kreattivi f'termini ta' taxxi, miżati u tariffi pubbliċi, immirati kemm lejn individwi privati kif ukoll lejn il-manifatturi jew fornituri ta' prodotti, servizzi, u/jew kontenut, bil-ħsieb li jiġu inkuraġġiti l-użu tar-roti u l-mixi, fejn possibbli kkombinati mat-trasport pubbliku u forom oħra ta' mobilità sostenibbli;

39. Jenfasizza għal darb'oħra l-ħtieġa ta' titjib u promozzjoni ta' trasport multimodali permezz ta' skemi ta' informazzjoni u ta' biljetti integrati u elettroniċi, imsejsa fuq soluzzjonijiet "open-data"; jinnota li r-riċerka u l-innovazzjoni f'dan il-qasam, għandhom ikunu indirizzati partikolarment lejn il-ħelsien mill-ostakli, l-interopabilità, prezzijiet li jintlaħqu, trasparenza tal-prezzijiet, sistemi li jiffavorixxu l-utent, u l-effiċjenza;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

40. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jkunu żviluppati soluzzjonijiet tal-infrastruttura innovattivi u dejjiema – fosthom żvilupp ulterjuri tas-sistemi tal-informazzjoni, ħlas u riżervazzjoni – li jikkunsidraw b'mod partikolari l-aċċessibilità mingħajr ostakoli għall-passiġġieri kollha, u speċifikament għall-persuni b'diżabilità u għall-persuni b'mobilità mnaqqsa (PRMs), bħal utenti b'siġġijiet tar-roti, "pushchairs", roti jew bagalji tqal;

41. Jiffavorixxi l-idea li d-dejta dwar l-iskedi tal-ħinijiet u dwar dewmien fit-trasport pubbliku jiġu magħmula liberamentdisponibbli, biex partijiet terzi jingħataw lok jiżviluppaw applikazzjonijiet telematiċi li jistgħu joffru aktar kumdità lill-passiġġieri, bħal informazzjoni fil-ħin reali dwar kif wieħed jasal f'destinazzjoni speċifika permezz ta' mezzi ta' trasport differenti jew tqabbil tal-impronta ekoloġika ta' mezzi differenti tat-trasport waqt l-ivjaġġar lejn destinazzjoni speċifika;

42. Jisħaq li fir-rigward tal-iżvilupp tal-innovazzjoni għat-trasport u l-mobilità f'żoni urbani u residenzjali, l-enfasi għandu jitpoġġa fuq is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja, inkluż sehem ġust ta' spazju għall-kulħadd, inqas storbju u arja aktar nadifa;

43. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa urġenti li titjieb is-sikurezza għall-utenti kollha tat-toroq, b'mod partikolari l-aktar utenti vulnerabbli, bħat-tfal, l-anzjani, il-persuni mexjin u ċ-ċiklisti jew il-persuni b'diżabilità u mobilità ristretta; japprova l-proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni li jinvolvu taħlita ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u sewwieqa intelliġenti u l-approċċi relatati mal-imġiba tagħhom;

44. Jemmen li biex tonqos il-konġestjoni tat-toroq fiż-żoni urbani u fir-reġjuni ta' agglomerazzjoni kbira, u għal aktar effiċjenza fil-mezzi tat-trasport li diġà jeżistu, huma importanti wkoll l-avvanzi teknoloġiċi li jagħtu lok li jinstabu soluzzjonijiet alternattivi tat-trasport u jħeġġu l-użu tagħhom;

45. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippromwovi bil-qawwa l-innovazzjoni fil-qasam ta' bastimenti mingħajr emissjonijiet, b'mod partikolari l-ferries, il-bastimenti tal-kruċieri u l-bastimenti tal-baħar miftuħ, abbażi tal-użu ta' forom ta' enerġija rinnovabbli mir-riħ, mix-xemx u mill-mewġ, u dawk marbuta ma' teknoloġiji taċ-ċelluli tal-fjuwil;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka l-isforzi tar-riċerka għal tnaqqis ulterjuri tal-impatt fuq is-saħħa u l-klima tal-emissjonijiet mill-mezzi kollha tat-trasport;

47. Iqis li strateġija Ewropea dwar it-teknoloġija tat-trasport għandha tkun konformi mal-Istrateġija Ewropa 2020 (COM (2010)2020) u l-miri ta' tnaqqis tal-1990, kif ukoll għandha tosserva b'mod sħiħ il-White Paper tal-Kummissjoni tal-2011 bl-isem "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti"(COM(2011)0144), f'dak li għandu x'jaqsam mal-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp ibbilanċjat; jemmen li din għandha tippermetti tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, l-istorbju tat-traffiku, il-bżonnijiet tat-traffiku, l-elementi li jniġġsu l-arja u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra; jinsisti fuq il-ħtieġa li sabiex tilħaq dawk l-objettivi l-UE se jkollha bżonn tistabbilixxi miri fermi għall-2020, l-2030 u l-2050;

48. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tan-navigazzjoni interna, speċifikament biex jiġu żviluppati bastimenti u teknoloġiji nodfa adattati għan-navigazzjoni f'livell baxx ta' sajd (low draught), bħall-Bastimenti Adattati għax-Xmajjar għal Navigazzjoni Interna Sostenibbli (River Adapted Ships for Sustainable Inland Navigation – RASSIN), li jagħtu lok ta' ffrankar fl-infrastruttura tal-passaġġi interni tal-ilma;

49. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għall-istabbiliment tar-Riċerka dwar it-Trasport u l-Monitoraġġ tal-Innovazzjoni u s-Sistemi tal-Informazzjoni (TRIMIS); jenfasizza l-importanza li tiġi provduta informazzjoni regolari, libera, aċċessibbli faċilment u affidabbli għal dawk li jagħmlu l-politiki; jiddispjaċih dwar il-fatt li s'issa għadu diffiċli ħafna li wieħed jaċċessa l-informazzjoni dwar il-fondi tal-UE għall-proġetti tat-trasport;

50. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżviluppa inizjattivi li jidentifikaw u jippremjaw programmi ta' żvilupp urban sostenibbli, tal-istess tip bħall-premjijiet RegioStars;

51. Jenfasizza li strateġija Ewropea komprensiva trid tkun appoġġata minn isfel għal fuq permezz ta' strateġiji integrati tat-trasport li jkunu preparati sew min-naħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-gvernijiet nazzjonali; hu tal-fehma li t-tfassil ta' tali strateġiji għandu jkun appoġġat mill-fondi Ewropej;

52. Jemmen li meta tinkiseb għajnuna pubblika, jeħtieġ tiġi rispettata l-leġiżlazzjoni Ewropea fis-seħħ relatata mal-għajnuna tal-Istat, inklużi d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni, kif ukoll il-finanzjment ta' attivitajiet tat-trasport u ta' infrastruttura; hu tal-fehma, madankollu, li r-regoli Ewropej fir-rigward tal-għajnuna tal-Istat għandhom iqisu l-iżvantaġġi partikulari ta' ċerti reġjuni.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

53. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni ttejjeb l-attivitajiet tagħha fit-trasferiment tal-għarfien li jirriżulta minn attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni lil utenti interessati (bħall-SMEs jew l-istituti tar-riċerka) billi tinħoloq bażi ta' dejta akkumulata li tipprovdi ħarsa ġenerali kategorizzata tal-proġetti kollha ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-UE;

54. Jenfasizza l-importanza ta' inizjattivi ġodda, bħall-pooling tal-kapaċitajiet tat-trasport u l-loġistika bil-ħsieb ta' trasport tal-merkanzija aktar effiċjenti; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-ostakli potenzjali għal tali inizjattivi;

55. Jenfasizza l-importanza ta' standards ta' emissjonijiet għal ċerti mezzi tat-trasport, bħal pereżempju l-karozzi; hu tal-fehma li approċċ simili għandu jiġi riċerkat fil-qasam tal-avjazzjoni u l-bastimenti;

56. Jappoġġa aktar riċerka u innovazzjoni fil-qasam tas-soluzzjonijiet tas-sigurtà għas-settur tat-trasport, sakemm jiġu rrispettati l-prinċipji tal-proporzjonalità, in-nondiskriminazzjoni u l-protezzjoni tad-dejta;

57. Jendorsja u jappoġġja l-kunċett propost mill-Kummissjoni bil-miżuri tiegħu għal strateġija Ewropea għat-teknoloġija tat-trasport; jenfasizza, madankollu, li dan ma jipprovdix bażi ġuridika għal atti legali delegati jew atti simili, iżda li l-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri għall-adozzjoni permezz ta' kodeċiżjoni;

58. Jistieden lill-Kummissjoni tqis il-prijoritajiet imsemmija f'dan ir-rapport meta tħejji l-pjan strateġiku Ewropew tat-teknoloġija tat-trasport u l-għażliet għal azzjoni ulterjuri;

o

o o

59. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P7_TA(2013)0344

## Lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti (2013/2005(INI))**

(2016/C 093/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Lejn Suq Intern tal-Enerġija Effiċjenti" u d-dokumenti ta' ħidma li jakkumpanjawha (COM(2012)0663),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE [1],

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE [2],

(1) Testi adottati, P7_TA(2013)0061.
(2) ĠU L 295, 12.11.2010, p. 1.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru.1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku ([3]) u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari ([5]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu: "Europa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 994/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija ([6]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2011 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050" (COM(2011)0885),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "Att dwar is-Suq Uniku II Flimkien għal Tkabbir Ġdid" (COM(2012)0573),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2012 bit-titolu "L-Enerġija Rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija" (COM(2012)0271),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 intitolata "Lejn Strateġija ġdida dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2011-2020" ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar *il-Kooperazzjoni fil-qasam tal-politika dwar l-enerġija ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna. Approċċ strateġiku għal provvista sikura, sostenibbli u kompetittiva tal-enerġija* ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar l-industrija tal-azzar tal-UE ([9]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet maħruġa fit-12 ta' Frar 2013 mir-Round Table ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-industrija tal-azzar Ewropea,

([1]) ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1.
([2]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94.
([3]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55.
([4]) ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.
([5]) ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18.
([6]) ĠU L 299, 27.10.2012, p. 13
([7]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 64.
([8]) Testi adottati, P7_TA(2012)0238.
([9]) Testi adottati, P7_TA(2012)0509.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2012 dwar Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 dwar il-pjan direzzjonali għall-Enerġija 2050, futur b'enerġija ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-aspetti industrijali, tal-enerġija u aspetti oħra tal-gass u ż-żejt tax-shale ([3]) u r-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-impatti ambjentali tal-attivitajiet ta' estrazzjoni ta' gass tax-shale u żejt tax-shale ([4]), it-tnejn adottati fil-21 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0262/2013),

A. billi l-Istati Membri impenjaw ruħhom għal skadenzi ċari għat-tlestija tas-suq intern tal-enerġija sal-2014 u għall-eliminazzjoni tal-'gżejjer ta' enerġija' tal-UE sal-2015;

B. billi suq intern tal-enerġija komplut huwa indispensabbli għas-sigurtà u s-sostenibilità tal-enerġija globali tal-Unjoni, u huwa ta' valur essenzjali għall-kompetittività globali, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda tal-Unjoni kif rikonoxxut fis-Suq Uniku Att II u l-istrateġija Ewropa 2020;

C. billi l-istrateġija Enerġija 2020 tal-Kummissjoni tibni fuq il-kalkoli li l-bżonnijiet ta' investiment meħtieġa fis-settur tal-enerġija li jammontaw għal EUR 1 triljun sal-2020, li minnu EUR 540 biljun huma għall-ġenerazzjoni tal-enerġija u EUR 210 biljun huma għal netwerks tal-elettriku u tal-gass ta' importanza Ewropea;

D. billi l-Pjan Direzzjonali tal-Enerġija 2050 jenfasizza li l-integrazzjoni sħiħa tan-netwerks tal-enerġija Ewropej u l-ftuħ tas-swieq huma kritiċi biex jinżamm bilanċ bejn is-sigurtà tal-enerġija, il-kompetittività, il-kostefiċjenza, ekonomija sostenibbli u l-interessi tal-konsumaturi; billi l-Pjan Direzzjonali tal-Enerġija 2050 isostni li l-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli u l-infrastrutturi tal-enerġija huma l-għażliet "mingħajr dispjaċir";

E. billi s-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli (SER) fit-taħlita enerġetika tal-Ewropa qed jikber fiż-żmien qasir, medju u fit-tul; billi l-integrazzjoni fuq skala kbira tas-SER tipprevedi adattament tal-grilja u flessibilità akbar;

F. billi suq tal-enerġija uniku jagħti s-setgħa lill-Unjoni li titkellem b'vuċi waħda fir-rigward tas-sħab esterni u jiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji kollha tal-UE u mhux tal-UE, filwaqt li jiggarantixxi wkoll standards soċjali u ambjentali u jaħdem lejn reċiproċità f'pajjiżi terzi;

G. billi hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema li tippermetti lill-Istati Membri li joffru skambju tal-informazzjoni dwar ftehimiet fuq il-provvista tal-enerġija ma' pajjiżi terzi;

H. billi suq intern tal-enerġija Ewropew u s-swieq tal-enerġija nazzjonali rispettivi tiegħu jridu jkunu kompetittivi u joffru għażla reali u informazzjoni trasparenti lill-konsumaturi kollha, li għandhom rwol ċentrali fis-suq tal-enerġija; billi t-tlestija tas-suq intern tal-enerġija hija essenzjali biex twaqqa' l-ispejjeż u l-prezzijiet tal-enerġija għal livelli kompetittivi u li wieħed jista' jaffordja fi żmien qasir, medju u twil; billi prezzijiet imnaqqsa fuq is-swieq tal-enerġija sikwit ma jiġux mgħoddija lill-konsumaturi;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0086.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0088.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0444.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0443.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

I. billi l-Komunità tal-Enerġija Ewropea, li tapplika l-metodu tal-Komunità, trid tkun ibbażata fuq suq tal-enerġija komuni b'saħħtu, il-koordinazzjoni tax-xiri tal-enerġija barra mill-UE u l-finanzjament Ewropew komuni ta' teknoloġiji tal-enerġija sostenibbli ġodda, b'mod partikolari fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni;

J. billi sar ċertu progress lejn il-kooperazzjoni transkonfinali miżjuda, l-eliminazzjoni parzjali tal-gżejjer ta' enerġija u l-prevenzjoni tan-nuqqasijiet fil-provvisti;

1. Jilqa', b'mod ġenerali, il-Komunikazzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni li takkumpanjaha, li jagħmlu sommarju tal-progress li ntlaħaq s'issa u l-isfidi futuri għat-tlestija tas-suq intern tal-enerġija;

2. Jirrikonoxxi li t-tendenza li jiżdiedu l-prezzijiet tal-enerġija se tkompli, minħabba l-fatt li dawn il-prezzijiet jinsabu attwalment marbutin – fil-każ tal-gass – mal-prezzijiet taż-żejt għal kull barmil, u – fil-każ tal-elettriku – mal-prezzijiet volatili tal-fjuwil, u huma affettwati aktar mid-dipendenza tal-Ewropa fuq l-importazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, minħabba l-impatt tal-miżuri li jintervjenu, l-azzjonijiet insuffiċjenti biex titħeġġeġ l-effiċjenza tal-enerġija, u minħabba n-nuqqas ta' investimenti meħtieġa biex is-sistemi tal-enerġija jkunu mantnuti u modernizzati (inklużi l-flussi inversi u interkonnetturi) bil-għan li jiġu ggarantiti livelli għoljin ta' sigurtà tal-provvista u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-SER; Għalhekk huwa favur is-separazzjoni tal-mekkaniżmu tal-ipprezzar tal-gass mill-indiċizzazzjoni tal-prezzijiet taż-żejt għal alternattivi iktar flessibbli filwaqt li tiġi rrispettata l-libertà tal-iskambju kummerċjali;

3. Jenfasizza li l-iżvilupp ta' riżorsi indiġeni jwassal għall-bidu ta' ċentri ta' kummerċ ġodda fl-UE u ta' swieq immedjati ġodda għall-gass u l-elettriku, u b'hekk jippreżenta opportunità reali għall-UE u l-Istati Membri biex jiddeterminaw il-prezzijiet tal-enerġija tagħhom stess, inkluż f'livell reġjonali u lokali;

4. Jirrikonoxxi l-valur miżjud Ewropew li jkun hemm koordinazzjoni u kooperazzjoni aħjar tal-politiki tal-enerġija fost l-Istati Membri, fi spirtu ta' solidarjetà, u li jinħolqu sistemi tal-enerġija transkonfinali effiċjenti u sikuri, b'hekk jinħolqu s-sinerġiji permezz ta' mmaniġġjar aħjar tal-provvista u d-domanda tal-enerġija, iffaċilitati permezz ta' teknoloġiji intelliġenti fil-livell tas-sistema ta' distribuzzjoni;

5. Jinnota l-importanza ta' swieq reġjonali u ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tat-tneħħija tal-ostakli, it-tħaffif tal-proċess ta' integrazzjoni u t-titjib tal-effiċjenza tan-netwerk;

6. Ifakkar l-appoġġ tiegħu għall-ħolqien ta' Komunità tal-Enerġija Ewropea bejn l-Istati Membri u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Ewropew jirrapportaw dwar il-progress lejn il-ħolqien tagħha;

***Suq orjentat lejn il-konsumatur***

7. Jenfasizza li konsumaturi tal-enerġija aħħarin – kemm l-individwi, l-SMEs kif ukoll l-industrija – huma fil-qalba tas-suq intern tal-enerġija trasparenti u li huwa faċli għall-utenti; jinnota li, bħala tali, huma jridu jiġu protetti kif suppost, u infurmati b'mod preċiż b'aċċess faċli għall-informazzjoni, sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw għal kollox id-drittijiet tagħhom, filwaqt li jiġu mħeġġa jieħdu rwol aktar attiv biex jistimulaw il-kompetizzjoni tas-suq, billi jersqu minn reċipjenti tas-servizzi passivi għal konsumaturi u "prosumers" informati u attivi;

8. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat suq tal-enerġija kompetittiv, faċilment immaniġġjat u trasparenti li joffri għażla reali u prezzijiet kompetittivi lill-konsumaturi kif ukoll li jipprovdi lill-konsumaturi tal-enerġija kollha tal-UE b'enerġija sikura, affidabbli u li wieħed ikun jista' jaffordja;

9. Huwa tal-opinjoni li parteċipazzjoni akbar min-naħa tal-konsumaturi tiġi ffaċilitata mill-kooperattivi lokali għall-enerġija rinnovabbli, inizjattivi ta' qlib kollettiv u aggregaturi, jew faċilitaturi oħra, bħall-ħżin deċentralizzat u apparat elettrodomestiku; jemmen li tali faċilitaturi għandhom jgħinu lill-konsumaturi jifhmu u jimmaniġġjaw aħjar il-konsum tal-enerġija tagħhom u għalhekk jistgħu jsiru aktar flessibbli u reattivi (kemm mil-lat ta' domanda kif ukoll mil-lat ta' provvista), u li jistgħu jsaħħu l-aċċess għall-enerġija rinnovabbli u jiġġeneraw l-investimenti finanzjarji neċessarji;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

10. Jiġbed l-attenzjoni għall-vantaġġ tal-applikazzjoni ta' tariffi għall-użu ta' netwerk varjabbli sabiex il-konsumaturi jitħeġġu jikkunsmaw enerġija barra mill-perjodi intensi, fl-interess tat-tħeġġiġ tal-użu sostenibbli tal-enerġija;

11. Jemmen li t-teknoloġiji intelliġenti jridu jipprovdu informazzjoni preċiża, li tinftiehem u faċli għall-konsumaturi, u jridu jingħataw is-setgħa biex jimmaniġġjaw il-konsum u l-produzzjoni tal-enerġija tagħhom; għalhekk jemmen li t-teknoloġiji intelliġenti jridu jiġu kompluti b'immaniġġjar tal-grilja tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni dinamiku u onlajn li jinkorporaw servizzi bħal servizzi tal-appoġġ tal-grilja, rispons volontarju mil-lat ta' domanda, servizzi ta' effiċjenza enerġetika, mikroġenerazzjoni u soluzzjonijiet ta' ħżin, u intermedjarji lokali jew tad-domiċilju; jirrimarka, madankollu, li l-livelli tal-konsum tal-enerġija meħtieġa biex l-arloġġi intelliġenti jipprovdu vantaġġi ekonomiċi jridu jiġu analizzati bir-reqqa u li l-konsumaturi ta' volumi tal-enerġija taħt dawk il-livelli m'għandhomx jiġu obbligati li jinvestu fihom;

12. Jesprimi tħassib dwar żviluppi li jħeġġu kumpaniji tat-telekomunikazzjoni biex jimmaniġġjaw id-data tal-grilja tad-distribuzzjoni, billi tali responsabilità mill-parti tagħhom tqajjem mistoqsijiet serji dwar il-protezzjoni tad-data kif ukoll ir-riskju li l-operaturi jkollhom biex jixtru d-data teknika li għandhom bżonn biex jissodisfaw il-funzjonijiet tagħhom bħala operaturi tan-netwerk ta' distribuzzjoni;

13. Jirrikonoxxi li l-faqar enerġetiku jippreżenta sfidi konsiderevoli fl-Istati Membri; jinnota li l-approċċ universali ma jqisx id-diversità tar-realtajiet nazzjonali; għalhekk iqis li l-konsumaturi vulnerabbli jeħtieġu protezzjoni speċjali u effettiva, u li, għal dak il-għan, iridu jitwaqqfu mekkaniżmi xierqa, filwaqt li jiġu evitati d-distorsjonijiet tas-suq; jenfasizza li diġà jeżistu miżuri speċifiċi kif inhu meħtieġ mit-Tielet Pakkett tal-Enerġija;

14. Jieħu nota tal-fatt li r-rivoluzzjoni tal-gass tax-shale fl-Istati Uniti naqqset l-emissjonijiet tas-$CO_2$ filwaqt li ħolqot vantaġġ kompetittiv sinifikanti għall-industrija tal-Istati Uniti;

***Sfidi attwali fit-tlestija tas-suq intern tal-enerġija***

15. Jenfasizza li s-suq intern tal-enerġija għadu ma tlestiex u li s-swieq nazzjonali tal-enerġija ma jirnexxilhomx jissodisfaw għal kollox il-bżonnijiet u l-aspettattivi tal-konsumaturi għax f'ċerti Stati Membri jkomplu jaffaċċjaw prezzijiet għoljin, għażla limitata ta' fornituri, prodotti u tariffi; kwalità globalment baxxa tas-servizzi; ħarsien tal-konsumatur li ta' spiss mhux b'saħħtu u diffikultajiet biex ibiddlu l-fornitur; għalhekk jisħaq fuq il-bżonn li jinbena suq aktar faċli għall-utenti fejn il-konsumaturi jista' jkollhom rwol attiv u jsiru "prosumers" f'suq mal-UE kollha li fih ikunu infurmati dwar it-termini offruti minn fornituri individwali b'tali mod li jiffaċilita t-tqabbil; Jinnota, f'dan ir-rigward, tar-rwol ta' qlib kollettiv fl-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi u għal kontijiet tal-enerġija iktar baxxi;

16. Jemmen li n-nuqqas ta' implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern tal-enerġija jibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għat-tlestija ta' dan is-suq; jemmen li l-konsolidazzjoni neċessarja tas-suq intern tinkludi t-tkabbir tal-infrastruttura tagħha filwaqt li tiġi implimentata l-liġi dwar is-suq intern u jiġu infurzati r-regoli dwar il-kompetizzjoni;

17. Jenfasizza li l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija eżistenti, u l-bini ta' infrastruttura ġdida għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni (speċjalment interkonnetturi tal-gass u l-elettriku), il-ħżin u d-distribuzzjoni huwa essenzjali għal suq tal-enerġija stabbli, integrat sew u konness sew, fejn jiġi evitat kwalunkwe effett negattiv, bħall-flussi tal-enerġija mhux ippjanati, fejn tkun żgurata l-provvista bi prezzijiet kompetittivi u li wieħed jaffordja, fejn ikunu għal kollox sfruttati l-potenzjal sħiħ tas-sorsi tal-enerġija sostenibbli kollha, u tal-mikroġenerazzjoni, tal-koġenerazzjoni u l-effiċjenza, l-immaniġġjar u l-ħżin mil-lat ta' domanda, u fejn, sal-2015, l-ebda Stat Membru ma jibqa' iżolat minn netwerks tal-gass u tal-elettriku Ewropej, li jrid jintlaħaq, jiġifieri, permezz tal-integrazzjoni sinkronika tas-sistemi tal-enerġija iżolati fin-netwerks kontinentali Ewropej; jenfasizza li l-investimenti fuq skala kbira għandhom isiru b'mod parallel b'investimenti fin-netwerks reġjonali jew saħansitra lokali, peress li l-ġenerazzjoni tal-enerġija dejjem qed issir iktar fil-livell reġjonali/lokali;

18. Jinnota, f'dan ir-rigward, li provvista tal-enerġija rinnovabbli diċentralizzata tnaqqas il-ħtieġa li jinbndew linji ta' trażmissjoni ġodda – u b'hekk l-ispejjeż assoċjati – bħal teknoloġiji diċentralizzati – li jistgħu jiġu integrati direttament fid-djar, il-bliet u ż-żoni remoti – huma ħafna eqreb il-konsumatur finali;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

19. Jirrikonoxxi li l-fatt li l-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli titħalla tikber mingħajr żvilupp proporzjonali tal-infrastruttura meħtieġa tista' twassal għal flussi (loop-flows) transkonfinali mhux ikkoordinati u konsegwentement prezzijiet tal-enerġija subottimi;

20. Ifakkar li l-mira tal-Istati Membri biex jilħqu livell ta' interkonnessjonijiet tal-elettriku u tal-gass ekwivalenti ma' tal-inqas 10 % tal-kapaċità tal-produzzjoni installata, kif kien hemm qbil dwarha waqt is-samits tal-Kunsill Ewropew fl-2002 u l-2007, għadha ma ntlaħqitx;

21. Jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni fuq il-fatt li s-sistemi tal-enerġija futuri tal-Ewropa se jkunu karatterizzati mill-flessibbiltà; jinnota li, fl-iskedi taż-żmien kollha, swieq bl-ingrossa transkonfinali li jaħdmu sew ikunu sorsi aċċessibbli faċilment ta' flessibbiltà; jitlob għal iktar sforzi biex jiġi stimulat l-użu futur tat-teknoloġiji ta' ħżin tal-enerġija u r-reazzjoni min-naħa tad-domanda, li kollha huma sorsi addizzjonali ta' flessibbiltà;

22. Jemmen li l-effiċjenza enerġetika hija waħda mill-metodi l-iktar sostenibbli u kosteffikaċi għat-tnaqqis tal-kontijiet tal-enerġija, għat-titjib tas-sigurtà tal-provvista, għat-tnaqqis tal-bżonn ta' importazzjoni tal-fjuwils fossili u għall-evitar tal-emissjonijiet tal-karbonju; Jagħraf li kwalunkwe miżura li tippromwovi l-effiċjenza enerġetika għandha tkun xierqa għall-bżonnijiet tal-konsumaturi, tkun kosteffikaċi u appoġġata mill-inċentivi t-tajbin;

23. Jenfasizza li skont is-sejbiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, azzjoni iktar b'saħħitha dwar l-effiċjenza enerġetika tista' tnaqqas l-importazzjonijiet tal-gass tal-UE b'terz fl-2035 li jikkorrispondi għal 100bmk ta' gass;

24. Ifakkar li s-sinerġiji bejn l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija għandu jkollhom rwol ewlieni xi jwettqu fl-objettivi tal-Unjoni Ewropea għall-effiċjenza enerġetika;

25. Jenfasizza l-ħtieġa li titkompla s-separazzjoni tas-swieq Ewropej tal-enerġija sabiex tiġi assigurata l-kompetizzjoni u tiġi żgurata l-provvista tal-elettriku bl-irħas prezz possibbli;

26. Jemmen li l-investiment fl-infrastruttura għandu bżonn jitħeġġeġ permezz ta' oqfsa regolatorji stabbli, prevedibbli u favur l-innovazzjoni li ma jfixkilx il-funzjonament tas-suq intern, u li l-fondi tal-pensjonijiet u l-investituri istituzzjonali għandhom ikunu permessi jinvestu fit-trażmissjoni, billi jiġi rikonoxxut li dan ma jistax jintlaħaq sakemm ma jkunx immexxi mis-suq; fl-istess ħin jirrikonoxxi, madankollu, li f'ċerti każijiet speċifiċi, it-transformazzjonijiet tal-infrastruttura ma tantx jistgħu jintlaħqu jekk ma jkunx provdut l-iffinanzjar biex jappoġġja proġetti ewlenin tal-infrastruttura li jafu ma jkunux vijabbli f'termini kummerċjali; jenfasizza f'dan ir-rigward, l-importanza tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, u jiddispjaċih li s-sehem li għandu dan il-mekkaniżmu fil-baġit tal-enerġija huwa inqas mill-ammont propost mill-Kummissjoni;

27. Jitlob biex isiru studji li jesploraw il-possibilità li jitwaqqaf fond Ewropew għall-investiment fin-netwerks tal-enerġija;

28. Jenfasizza li l-integrazzjoni ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni fl-Istati Membri se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' netwerks tal-infrastruttura u tagħti lok għal investimenti; jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkollhom rwol importanti f'dan ir-rigward billi jissimplifikaw il-proċeduri tal-ippjanar u jintegraw l-infrastruttura tal-enerġija fl-iskemi tal-ippjanar lokali u reġjonali tagħhom;

29. Jinnota li n-nuqqas ta' aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura tat-trażmissjoni jkompli, f'ċerti każijiet, ifixkel lil dawk li jidħlu ġodda milli jingħaqdu ma' netwerk, jew anki, jikkompetu fis-suq b'mod ġust kontra l-kumpaniji stabbiliti; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati d-distorsjonijiet tas-suq li jwasslu għal-livell għoli ta' konċentrazzjoni eżistenti f'ħafna Stati Membri;

30. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, li r-regoli dwar it-tielet pakkett tal-enerġija għandhom jiġu applikati b'mod sħiħ kemm għall-kumpaniji Ewropej kif ukoll għal dawk barranin; jemmen li kwalunkwe eżenzjoni minn dawn ir-regoli li tingħata mill-Kummissjoni għandha tkun limitata fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha u fit-tul ta' żmien tal-applikazzjoni u tkun soġġetta għal rieżami mill-Parlament u l-Kunsill;

31. Jenfasizza li n-nuqqas ta’ trasparenza u l-eżistenza ta’ prattiki kontra l-kompetizzjoni fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa jipperikolaw il-fiduċja tal-konsumatur; jemmen li hemm ħtieġa urġenti li tiġi mifhuma l-formazzjoni tal-ispejjeż fis-swieq bl-ingrossa kif ukoll l-impatt fuq il-kontijiet tal-konsumaturi;

32. Jappoġġa bis-sħiħ miżuri meħuda biex jintroduċu kundizzjonijiet ekwi billi joħolqu mudelli tas-suq iktar deċentralizzati u kompetittivi, peress li joħolqu iktar opportunitajiet għall-produtturi tal-enerġija lokali u għal atturi industrijali ġodda;

33. Ifakkar li sabiex fornituri stabbiliti u dominanti ma jitħallewx jostakolaw il-ftuħ tas-suq, huwa importanti li jkunu jistgħu jiġu żviluppati mudelli ta’ negozji ġodda, bħall-possibilità li jsiru kuntratti simultanjament ma’ diversi fornituri;

34. Jinnota li qafas regolatorju stabbli – għal produtturi, regolaturi, operaturi tan-netwerks, fornituri tal-enerġija, fornituri tas-servizzi relatati mad-domanda u, l-aktar importanti, konsumaturi u “prosumers” aħħarin – huwa essenzjali għal suq intern li jiffunzjona sew u biex jiġbed investiment fuq tul ta’ żmien twil fl-iżvilupp tal-infrastruttura; jenfasizza li l-iżvilupp ta’ kodiċi tan-netwerks li jkopru regoli sodi, non-diskriminatorji u bbilanċjati sew, għandu jwassal għall-armonizzazzjoni tal-ġestjoni tal-grilji, id-disinn tas-suq u l-interoperabilità; jenfasizza li hu kruċjali li l-ftehimiet dwar is-separazzjoni ta’ netwerks ta’ trażmissjoni u l-produzzjoni u l-kunsinna jiġu rrispettati madwar l-UE, inklużi l-ftehimiet dwar il-pożizzjoni indipendenti tar-regolaturi tal-enerġija u dwar ir-rekwiżiti għall-ħarsien tal-konsumatur; jenfasizza għalhekk il-bżonn li jiġi appoġġat u żviluppat iktar ir-rwol tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) tal-UE, b’mod partikolari l-kapaċità tagħha biex tiskrutinizza deċiżjonijiet regolatorji nazzjonali u ssolvi t-tilwim;

35. Jinnota li jeżisti tħassib dwar il-fatt li ċerti Stati Membri diġà implimentaw jew ippjanaw li jimplimentaw mekkaniżmi nazzjonali ta’ remunerazzjoni skont il-kapaċità (CRMs) sabiex jiżguraw il-provvista tal-elettriku mingħajr ma jesploraw kif suppost is-soluzzjonijiet alternattivi potenzjali kollha, b’mod partikolari f’termini ta’ soluzzjonijiet transkonfinali u riżorsi ta’ flessibilità; jirrikonoxxi li għalkemm f’ċerti ċirkustanzi dawn il-mekkaniżmi huma neċessarji, jistgħu joħolqu interferenza u distorsjoni tad-disinn tas-suq bl-ingrossa u, jekk ikun iddisinjat ħażin, potenzjalment jistgħu joħolqu effetti “lock-in”; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura approċċ aktar ikkoordinat fil-livell tal-UE biex tiggarantixxi li kwalunkwe CRMs bħal dawn ikunu bżonnjużi, effiċjenti, trasparenti, teknoloġikament newtrali u mhux diskriminatorji;

36. Jiddispjaċih li, sa issa, il-mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni introdotti mid-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għadhom ma ġewx utilizzati; jirrimarka li l-Kummissjoni rriżultalha li utilizzazzjoni aħjar tal-mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni eżistenti tista’ tħalli benefiċċji konsiderevoli, bħal pereżempju tagħti spinta lill-kummerċ; għalhekk jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar mill-mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni, fejn dan ikun f’loku, u biex iżidu l-komunikazzjoni bejniethom;

37. Jirrikonoxxi li, mingħajr ħsara la għad-dritt tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom u lanqas għall-bżonn ta’ koordinazzjoni aħjar mal-UE kollha, l-UE fis-sħuħija tagħha trid tagħmel użu sħiħ tal-potenzjal tas-sorsi tal-enerġija sostenibbli kollha li huma għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, b’rispett sħiħ tal-objettivi maqsuma fi tlieta tal-politika tal-enerġija tal-UE fis-sħuħija tagħha, b’mod partikolari l-kompetittività, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista;

38. Jinnota li xi Stati Membri, billi huma “gżejjer ta’ enerġija”, għadhom totalment iżolati min-netwerks Ewropej tal-gass u tal-elettriku u jkomplu jħallsu prezz ogħla għar-riżorsi tal-enerġija, li jbiddel il-kompetittività tagħhom; jinnota li mingħajr investiment sostanzjali fl-infrastruttura, dawk l-Istati Membri mhux se jkunu kapaċi jilħqu l-impenn imtenni mill-Kunsill Ewropew li sal-2015 l-ebda Stat Membru ma għandu jibqa’ iżolat min-netwerks tal-UE; jemmen li l-Kummissjoni għandha, fuq talba ta’ dawk l-Istati Membri, tieħu sehem fin-negozjati ma’ fornituri tal-enerġija mhux tal-UE dwar is-suġġett tal-prezzijiet tal-enerġija, per eżempju fejn ikun ikkonċernat ix-xiri tal-gass;

39. Jisħaq fuq il-fatt li s-solidarjetà bejn l-Istati Membri, mitluba mit-Trattat dwar l-UE, għandha tapplika kemm għall-attivitajiet ta’ kuljum, kif ukoll għall-ġestjoni tal-kriżijiet tal-politika interna u esterna dwar l-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni tagħti definizzjoni ċara ta’ “solidarjetà tal-enerġija” sabiex tiżgura li din tiġi rispettata mill-Istati Membri kollha;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

40. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tkabbir antiċipat tal-importazzjonijiet tal-gass u l-elettriku minn pajjiżi terzi lejn l-UE fit-terminu qasir u medju bil-għan tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, il-qsim tal-piżijiet u l-funzjonament ġust tas-suq intern; itenni li, għal xi Stati Membri, din l-isfida hija marbuta mill-qrib ma' dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-gass u taż-żejt minn pajjiż terz wieħed u li biex tintlaħaq jeħtieġ li jsiru azzjonijiet orjentati lejn id-diversifikazzjoni tal-portafoll tal-forrnituri, ir-rotot u s-sorsi tal-enerġija; jirrikonoxxi li, objettivi strateġiċi f'dan ir-rigward, huma r-realizzazzjoni ta' Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar, inkluż il-pipeline Nabucco u l-linja potenzjali tiegħu lejn pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u l-kisba tar-rotta ta' provvista lejn l-UE, li kapaċi tipprovdi madwar 10-20 % tad-domanda għall-gass tal-UE sal-2020, bil-għan li kull reġjun Ewropew ikollu aċċess fiżiku għal tal-inqas żewġ sorsi ta' gass differenti;

41. Jemmen li suq intern miftuħ u trasparenti, fejn il-kumpaniji kollha tal-UE u ta' pajjiżi terzi jirrispettaw l-acquis communautaire fil-qasam tal-enerġija, jista' jgħin biex isaħħaħ il-pożizzjoni ta' negozjar tal-forrnituri tal-enerġija tal-UE fir-rigward tal-kompetituri esterni, li hija partikolarment importanti għall-potenzjal li jiġi kkoordinat aktar ix-xiri tal-enerġija esterna fil-livell tal-UE; jistieden lill-UE biex tikkunsidra l-istabbiliment ta' aġenzija għax-xiri konġunt tal-gass, u l-mekkaniżmi meħtieġa għal dan, sabiex tikkontrobilanċja l-pożizzjoni monopolistika tal-forrnituri esterni dominanti; jinnota li l-prinċipju tar-reċiproċità jrid jintuża biex jiggwida r-relazzjonijiet mal-forrnituri tal-enerġija tal-UE u tal-pajjiżi terzi; jinsisti fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni, fir-relazzjonijiet tagħha mal-forrnituri tal-enerġija ta' pajjiżi terzi, tieħu inkunsiderazzjoni u titkellem dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq il-prezz għall-konsumaturi;

42. Huwa konvint li l-Kummissjoni għandha tingħata mandati biex twettaq negozjati dwar proġetti tal-infrastruttura ta' importanza strateġika li jaffettwaw is-sigurtà tal-provvista għall-UE fis-sħuhija tagħha, u li dawk il-mandati għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fil-każijiet ta' ftehimiet intergovernattivi oħrajn meqjusa li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-għanijiet fit-tul tal-politika tal-enerġija tal-UE, b'mod partikolari l-indipendenza enerġetika tagħha; jilqa' f'dan ir-rigward il-progress miksub fin-negozjati mmexxija mill-Kummissjoni dwar it-trattat bejn l-UE, l-Ażerbajġan u t-Turkmenistan biex tinbena Sistema ta' Pajpjijiet Trans-Kaspika;

43. Jenfasizza li l-konverġenza progressiva tal-inċentivi relatati mal-fjuwils rinnovabbli u mal-effiċjenza, u tal-ispejjeż tal-enerġija awżiljarja mal-Istati Membri kollha ta' wara l-2020, hija essenzjali għal suq intern tal-enerġija effiċjenti u li jiffunzjona sew, kemm fil-livell ta' ingrossa kif ukoll ta' imnut, u biex jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-iżvilupp fuq tul ta' żmien twil, u għall-użu fuq skala kbira, tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli;

44. Jemmen li, fi żmien qasir, raggruppamenti reġjonali ta' Stati Membri ġirien għandhom jiġu inkoraġġuti biex jimxu lil hinn minn pjanijiet nazzjonali u lejn skema ta' appoġġ reġjonali armonizzata jew unika għall-enerġija rinnovabbli;

45. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jirrevedu regolarment it-tariffi feed-in jew ta' appoġġ oħra tagħhom b'mod trasparenti li jippermetti l-aġġustament tagħhom skont it-tnaqqis fl-ispejjeż teknoloġiċi u ta' provvista;

46. Jirrikonoxxi li l-proġetti tar-riċerka konġunti tal-UE appoġġjati mill-programmi ta' qafas u inizjattivi bħall-Pjan SET ma ntużawx biżżejjed fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li jippermettu t-titjib fl-effiċjenza, l-enerġija rinnovabbli, is-sikurezza u s-sigurtà tal-impjanti tal-enerġija nukleari, l-użu b'emissjonijiet baxxi tal-fjuwils fossili, u netwerks intelliġenti, li huma kollha oqsma importanti għas-suq tal-enerġija;

47. Jemmen li huwa importanti li jsir aktar progress fuq l-awtostradi tal-elettriku tal-futur u b'mod partikolari s-"South Eastern – North Electricity Highway" (SENEH) li tgħin ukoll fl-akkomodazzjoni tat-trasferiment tal-enerġija prodotta minn parks fotovoltajċi, bħall-proġett Helios, mix-Xlokk tal-Ewropa sat-Tramuntana u l-Punent;

***Hemm bżonn ta' azzjonijiet urġenti***

*Suq intern tal-enerġija kompetittiv, integrat sew, miftuħ u regolat sew*

48. Jistieden lill-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw għal kollox il-leġiżlazzjoni relevanti kollha tal-UE, partikolarment it-tielet pakkett tal-enerġija, b'mod urġenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni kontra dawk l-Istati Membri li fihom l-implimentazzjoni kienet imdewma bla bżonn; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni diġà bdiet proċeduri formali biex tinvestiga l-ksur tar-regoli tal-UE;

49. Jenfasizza l-bżonn li jiġu ttrattati d-distorsjonijiet tas-suq strutturali, u n-nuqqas ta' trasparenza fis-swieq; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tinforza l-implimentazzjoni tat-tielet pakkett tal-enerġija;

50. Jitlob lill-Kummissjoni biex timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-enerġija tal-UE, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li joħolqu drittijiet tal-konsumaturi essenzjali, kif ukoll dawk li jirrigwardaw l-operaturi tas-sistemi, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u r-regoli tal-kompetizzjoni u tal-għajnuna statali, u dawk li jfittxu li jnaqqsu l-fenomenu tal-flussi (loop flows) fis-suq intern tal-elettriku, b'dan tal-aħħar li jikkostitwixxi sfida sinifikanti, għalkemm tista' tiġi mmaniġġjata, għas-suq intern tal-enerġija għax idgħajjef is-sigurtà tas-sistema tal-enerġija billi jnaqqas l-għażliet tal-ħżin u l-kapaċità tan-netwerk; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tuża l-mezzi l-aktar xierqa għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza kwalunkwe nuqqas ta' konformità kontinwu mal-leġiżlazzjoni relevanti tal-UE;

51. Jinnota li kwalunkwe qtugħ fl-elettriku s'issa kien riżultat tan-nuqqasijiet operattivi, mhux tan-nuqqas tal-kapaċità; jirrikonoxxi li bħala riżultat tar-riċessjoni ekonomika, il-prezzijiet għoljin tal-gass naturali u s-sehem li dejjem jikber tal-produzzjoni intermittenti tal-elettriku rinnovabbli, l-investituri fl-UE jaffaċċjaw inċertezza konsiderevoli meta jiżviluppaw kapaċitajiet flessibbli ta' ġenerazzjoni tal-elettriku; jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni komprensiva dwar l-adegwatezza tal-ġenerazzjoni ibbażata fuq metodoloġija armonizzata u biex tipprovdi gwida dwar kif tiġi msaħħa l-flessibilità u tinżamm il-provvista;

52. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jikkoordinaw proġetti tal-infrastruttura b'mod aħjar u biex jippjanaw b'mod konġunt l-iżvilupp, b'hekk jiġu żgurati l-konnettività u l-kosteffettività sħaħ tas-sistema mal-UE kollha billi jittieħed vantaġġ mis-sinerġiji transkonfinali u netwerk tal-infrastruttura tal-enerġija aktar effiċjenti; jinnota li għandu jitħeġġeġ approċċ integrat li jinkludi l-operaturi tad-distribuzzjoni; iħeġġeġ, għal dak il-għan, lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżguraw il-valutazzjoni rapida, l-għażla, il-permess u l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess Ewropew komuni, speċjalment fir-rigward tal-interkonnetturi transkonfinali tal-elettriku u tal-gass, inklużi l-mekkaniżmi ta' inverżjoni tal-fluss, il-gass naturali likwifikat, l-infrastruttura għall-ħżin tal-enerġija u netwerks intelliġenti ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, li huma vitali għal suq tal-enerġija integrat sew u li jiffunzjona sew;

53. Jirrakkomanda li, fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-enerġija tal-Faċilità "Nikkollegaw l-Ewropa", il-Kummissjoni tagħti prijorità lil proġetti li għandhom l-akbar impatt fuq il-funzjonament tas-suq intern, biex b'hekk tingħata spinta lill-kompetizzjoni, titħaffef il-penetrazzjoni fis-suq tas-sorsi tal-enerġija rinovabbli, jinħolqu l-interkonnessjonijiet transfruntieri neċessarji, u tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista;

54. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq reviżjoni ġdida ta' pjanijiet eżistenti għall-proġetti tal-enerġija, speċjalment għall-bini ta' stazzjonijiet ta' gass naturali likwifikat ġodda skedati li jieħdu aktar minn 10 snin biex jitlestew, biex jiġi vvalutat il-benefiċċju ekonomiku – b'kunsiderazzjoni tal-istazzjonijiet ta' gass naturali likwifikat li diġa' qed jinbnew jew qegħdin fl-istadju ta' ppjanar fi Stati Membri individwali u li, fil-futur qrib, se jikkontribwixxu għas-sikurezza tal-provvista tal-enerġija fi Stati Membri klassifikati bħala "gżejjer ta' enerġija" – u biex jikkontribwixxu għall-iffinanzjar ta' proġetti bħal dawn;

55. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iwaqqfu sistema effiċjenti ta' mmaniġġjar tal-konġestjoni sabiex irawmu l-użu effiċjenti tal-kapaċità eżistenti tat-trażmissjoni tal-gass u tal-elettriku, filwaqt li titnaqqas l-ispiża tal-estensjoni tal-kapaċitajiet tan-netwerk, u jiffaċilitaw il-konnessjoni akbar ta' sorsi ta' ġenerazzjoni rinnovabbli man-netwerk tal-elettriku;

56. Jistieden lill-Istati Membri biex jieqfu, kemm jista' jkun malajr, milli jużaw limiti fuq il-prezzijiet jew prezzijiet tal-enerġija bl-imnut irregolati stabbiliti, fil-livell nazzjonali, b'mod aktar baxx mill-ispiża li tkun saret, billi tali miżuri jistgħu joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni u jheddu serjament l-investimenti futuri fil-kapaċità u l-infrastruttura fis-settur tal-enerġija; madankollu jenfasizza li politiki f'dan ir-rigward għandhom iqisu l-interessi leġittimi tal-konsumaturi vulnerabbli li mhux dejjem ikunu jistgħu jibbenefikaw minn kompetizzjoni reali fis-swieq tal-enerġija;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

57. Jilqa' d-determinazzjoni tal-Kummissjoni biex tinfurza r-regoli tal-antitrust u tal-għajnuna statali vis-à-vis l-impriżi kollha tas-settur tal-enerġija u s-sussidjarji tagħhom li joperaw fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, li jiżguraw li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi b'kundizzjonijiet ugwali ta' aċċess għall-parteċipanti kollha tas-suq; jistieden lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida dwar kif tivvaluta l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti minn kwalunkwe kumpanija fis-swieq tal-gass u l-elettriku, kif ukoll biex tipprovdi gwida dwar l-aħjar prattiki u dwar l-esperjenzi akkwistati mill-iskemi ta' appoġġ tal-enerġija rinnovabbli;

58. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi r-regoli tal-għajnuna statali fir-rigward ta' miżuri nazzjonali għall-effiċjenza tal-enerġija, kif ukoll proġetti ta' enerġija kofinanzjati taħt il-politika ta' koeżjoni, sabiex jiġi żgurat li aktar minn dawn l-azzjonijiet ikunu eliġibbli għal finanzjament mill-istat, li jwassal għal aktar proġetti kompluti;

59. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża s-setgħat ta' skrutinju tal-għajnuna mill-istat tagħha biex tħeġġeġ l-iżvilupp ta' infrastruttura transkonfinali; jemmen li dawn l-interkonnetturi għandhom rwol vitali meta jiġu għaż-żieda fil-kapaċità li jintużaw il-provvisti tal-viċinat f'każ ta' emerġenza jew żbilanċ ta' enerġija u għat-tnaqqis tas-sussidji tul iż-żmien;

60. Jappoġġja bis-sħiħ l-isforzi tal-Kummissjoni, abbażi tal-ħidma kkoordinata żviluppata mill-ENTSOs, biex tintroduċi l-kodiċi tan-netwerks armonizzati sal-2014 u r-regoli bi qbil mal-pjan, u biex tiżgura l-istabilità u f'kemm dan ikun favur l-innovazzjoni b'mod miżjud tal-qafas regolatorju tas-suq intern tal-enerġija;

61. Jappoġġja bis-sħiħ il-miżuri regolatorji mwettqa mill-ACER u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jitħeġġeġ, jitjieb u jiġi ssimplifikat il-kummerċ tal-enerġija transkonfinali, inklużi fi swieq ta' bbilanċjar fl-istess jum u ta' jum bil-quddiem, u biex jitnaqqas id-distakk bejn is-sistemi tal-enerġija fi Stati Membri differenti billi jitħeġġeġ l-użu trasparenti tal-interkonnetturi; jenfasizza l-bżonn ta' numri xierqa ta' staff – bi kwalifiki, esperjenza u kompetenza neċessarji – fl-ACER u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex iwettqu l-ħidmiet relatati mal-monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet bl-ingrossa u l-identifikazzjoni ta' prattiki ta' abbuż fil-kummerċ minn informazzjoni privileġġata u tentattivi ta' manipulazzjoni tas-suq;

62. Fir-rigward tas-suq tal-elettriku intern, jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi b'mod urġenti analiżi dettaljata tal-adegwatezza tas-sistema u l-flessibilità tal-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni nazzjonali fuq tul ta' żmien qasir u twil, filwaqt li jitqies b'mod sħiħ il-kontribut potenzjali tal-miżuri flessibbli kollha, bħal rispons għad-domanda, ħżin tal-enerġija u interkonnessjoni, u biex tirrapporta fuq l-impatt tal-miżuri nazzjonali applikati relatati mal-valutazzjoni tal-kapaċità u l-ippjanar tal-iżvilupp għas-suq intern tal-enerġija u r-regoli tal-kompetizzjoni, filwaqt li jitqiesu l-konsegwenzi f'termini kemm ta' sigurtà tal-provvista kif ukoll ta' aspetti transkonfinali ta' din il-politika kumplimentarja tad-disinn tas-suq; jitlob, f'dan ir-rigward, biex isiru aktar sforzi fuq l-użu futur ta' teknoloġiji ta' ħżin tal-enerġija u rispons mil-lat ta' domanda, li huma kollha sorsi addizzjonali ta' flessibilità;

63. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprepara gwida dwar l-użu u l-varar ta' riżorsi ta' flessibilità – bħall-immaniġġjar mil-lat ta' domanda, il-ħżin u l-infrastrutturi fiżiċi, inklużi dawk transkonfinali – sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreparaw u jimplimentaw strateġiji nazzjonali biex ivaraw riżorsi ta' flessibilità fit-territorji tagħhom;

64. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-ENTSO-E biex jiżviluppaw metodoloġija koerenti u allinjata li tiżgura l-adegwatezza tal-ġenerazzjoni fl-Ewropa, inkluż il-kontribut pożittiv ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u b'mod partikolari enerġija rinnovabbli varjabbli;

65. Jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora forom futuri ta' swieq tal-enerġija li, għall-kuntrarju tal-mekkaniżmi nazzjonali preżenti tal-kapaċità, jistgħu jipprovdu flussi ta' dħul nondiskriminatorji addizzjonali għall-investituri fil-forom kollha ta' ġenerazzjoni tal-enerġija u tiżgura l-provvista kosteffettiva ta' servizzi ta' flessibilità fis-settur tal-enerġija;

66. Jistieden lill-Kummissjoni biex twaqqaf regoli li jippromwovu l-iżvilupp ulterjuri ta' suq għas-servizzi anċillari miftuħ għall-parteċipazzjoni tas-sorsi kollha tal-enerġija, inkluża l-enerġija rinnovabbli;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

67. Jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet interessati relevanti biex jipprovdu inċentivi u biex jappoġġjaw inizjattivi u sħubijiet reġjonali, bil-għan li jkun hemm integrazzjoni tas-suq aktar mill-qrib, permezz tat-twaqqif ta' skambji tal-enerġija reġjonali u ċentri ta' kummerċ tal-gass, u permezz ta' regoli aktar armonizzati għall-kummerċ tal-gass u mekkaniżmi tal-akkoppjament tas-swieq fil-limiti taż-żmien kollha u permezz tal-użu ta' livell adegwat ta' likwidità u trasparenza tas-suq;

68. Jenfasizza li l-miżuri tas-suq intern għandhom jippromwovu d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, kemm indiġeni kif ukoll esterni, u m'għandhomx jiffokaw primarjament fuq l-iżvilupp jew it-tkabbir ulterjuri ta' rotot u provvisti attwali;

69. Jiġbed l-attenzjoni lejn id-dimensjoni esterna tas-suq tal-enerġija, li hu maħsub biex jiffaċilita lill-Istati Membri kollha biex jaċċessaw is-sorsi differenti tal-enerġija; Jistieden lill-Kummissjoni biex, f'koordinazzjoni mas-SEAE, tuża l-istrumenti tal-politika barranija tagħha ħalli tħeġġeġ ir-regoli u l-istandards tas-suq intern tal-enerġija fir-rigward ta' pajjiżi terzi u, speċjalment, fil-viċinat tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issolvi, fi djalogi bilaterali mal-pajjiżi terzi relevanti, il-kwistjoni tar-regoli ċari tal-immaniġġjar tal-konġestjoni f'konnessjonijiet tal-elettriku u tal-gass transkonfinali u aċċess minn partijiet terzi għan-netwerks ta' trażmissjoni; iħeġġeġ bis-sħiħ lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri biex tipprevjeni prattiki antikompetittivi min-naħa ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi li jistgħu jwasslu għal restrizzjoni tal-kompetizzjoni, prezzijiet aktar għoljin jew tnaqqis fis-sigurtà tal-provvista tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura, fir-relazzjonijiet tagħha mas-sħab esterni, li l-kumpaniji tal-UE jkunu kapaċi jikkompetu fuq l-istess livell b'mod globali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-viċinat tal-UE dwar is-sikurezza nukleari; jistieden lill-Kummissjoni biex tkun trasparenti dwar il-fatturi kollha li għadhom qed jikkawżaw il-problemi fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-tielet pakkett dwar l-enerġija, u biex tippreżenta ċifri ċari dwar l-impatt tagħhom fuq il-prezzijiet għall-konsumaturi;

70. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iżidu l-appoġġ politiku u finanzjarju lill-Komunità tal-Enerġija u biex iwettqu aktar miżuri biex jappoġġjaw l-estensjoni ta' regoli tas-suq intern għall-Ewropa tax-Xlokk u tal-Lvant;

71. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, fid-dawl tal-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni għall-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi dwar politika tal-enerġija, biex juru aktar ambizzjoni fl-iżgurar li l-ftehimiet li jmorru kontra l-leġiżlazzjoni tas-suq intern ma jidħlux fis-seħħ; huwa tal-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tkun tista' teżamina abbozzi ta' ftehimiet għall-kompatibbiltà tagħhom mal-acquis communautaire u tipparteċipa fin-negozjati kull meta jkun rilevanti;

72. Ifakkar lill-Kummissjoni li s-suq intern mhuwiex indipendenti mis-suq globali; jitlob lill-Kummissjoni biex tqis b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament dwar id-dimensjoni esterna tal-politika tal-enerġija [1] meta tippjana l-azzjonijiet tas-suq intern tagħha; jikkonferma l-appoġġ tiegħu għall-idea li huwa biss suq intern li jiffunzjona bis-sħiħ li jippermetti lill-UE titkellem b'vuċi waħda globalment; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aktar azzjonijiet addizzjonali fil-qasam tal-politika esterna tal-enerġija;

73. Jemmen li l-Ftehim futur tal-Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Istati Uniti għandu jinkludi kapitolu li jiffoka biss fuq kwistjonijiet tal-enerġija bħal dawn li jistgħu jaffettwaw is-suq intern, inkluż, fost l-oħrajn: kummerċ tal-enerġija bl-ingrossa, kummerċ tal-komoditajiet, regoli marittimi tat-trasport tal-enerġija, skemi kummerċjali tal-emissjonijiet, standards ta' sikurezza tal-fjuwil, prattiki tal-kontabilità, sussidji ta' enerġija mill-Istat u t-trasferiment tal-proprjetà intellettwali fir-rigward tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni u t-trasformazzjoni tal-energija u t-tmiem ta' ċiklu tal-ħajja tal-prodotti;

74. Jappoġġja l-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew lill-Kummissjoni biex tippreżenta analiżi tal-kompożizzjoni u l-fatturi tal-prezzijiet tal-enerġija u l-ispejjeż fl-Istati Membri individwali qabel tmiem l-2013, b'fokus partikolari fuq l-impatt fuq id-djar, l-SMEs u l-industriji intensivi f'termini ta' enerġija, u b'mod aktar wiesa' fuq il-kompetittività tal-UE fir-rigward tal-kontropartijiet ekonomiċi globali; Jistieden ukoll lill-Kummissjoni timmonitorja kontinwament il-prezzijiet u l-ispejjeż tal-enerġija fl-Istati Membri;

75. Fir-rigward tas-suq intern tal-gass, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrevedu l-kuntratti kollha tal-gass ibbażati fuq mekkaniżmi tal-ipprezzar skaduti – partikolarment fuq il-prinċipju tal-indiċjar taż-żejt – li jimponu prezzijiet għoljin fuq il-konsumaturi u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tassisti fl-esplorazzjoni tal-possibbiltajiet tan-negozjar mill-ġdid ta' dawn il-kuntratti, mhux biss fil-kuntest tat-tiġdid tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li l-prodotti u l-mekkaniżmi

[1] Testi adottati P7_TA(2012)0238.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

kollha mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-kummerċ tal-gass għal żmien qasir jiġu żviluppati u appoġġjati; jenfasizza li l-miżuri msemmija qabel huma kruċjali biex tiġi żgurata l-kompetittività reali fir-rigward tal-prezz tal-provvisti tal-gass lill-konsumaturi kollha fis-suq intern tal-gass.

***Protezzjoni u appoġġ effettiv għall-konsumaturi***

76. Jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet interessati relevanti biex itejbu l-kwalità u d-disponibilità tal-informazzjoni offruta lill-konsumaturi, biex jiġu pprovduti b'metodi ta' ffatturar ċari u trasparenti, biex jistabbilixxu għodod għat-tqabbil tal-prezzijiet li jippermettuhom jagħmlu l-aktar għażliet infurmati, u li jagħmluhom konxji dwar modi ta' kif jikkontrollaw il-konsum tal-possibilitajiet għall-iffrankar tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika u l-produzzjoni fuq skala żgħira; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Direttiva dwar is-Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim u r-Regolament dwar is-Soluzzjoni Onlajn għat-Tilwim tal-Konsumaturi; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita pjattaforma tal-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-konsumaturi; jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jwettqu kampanji ta' informazzjoni adattati għall-konsumaturi fejn il-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jieħdu sehem attiv;

77. Jirrimarka li għalkemm il-prezzijiet tal-enerġija fuq swieq tal-enerġija bl-ingrossa niżlu globalment, il-konsumaturi għadhom iħallsu prezzijiet għoljin; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, u lir-regolaturi tal-Istati Membri, biex jiżguraw li l-konsumaturi jibbenefikaw b'mod dirett u adegwat mill-iżviluppi fil-prezzijiet fis-suq bl-ingrossa;

78. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jiżviluppaw strateġija komprensiva li tfittex li tħeġġeġ lill-konsumaturi u l-"prosumers" biex jipparteċipaw attivament fis-suq tal-enerġija, fost l-oħrajn bl-inklużjoni permezz tal-leġiżlazzjoni eżistenti kif ukoll permezz tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija; iħeġġeġ li jiġi aġġustat b'mod regolari s-sinjal tal-prezz tal-użu tan-netwerks biex l-utenti eżistenti iżda wkoll dawk futuri jiġu ggwidati kif suppost u b'hekk tiġi żgurata l-koerenza tan-netwerks u d-deċiżjonijiet individwali.

79. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ aktar kooperazzjoni bejn is-setturi tal-enerġija u tal-informazzjoni u tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni (ICT), u biex tagħmel rieżami tal-oqfsa regolatorji eżistenti biex ikunu mħeġġa l-innovazzjonijiet relatati mal-enerġija, li jkunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi kollha, u li jiffaċilitaw il-varar ta' grids intelliġenti b'mod li jkunu faċli biex jintużaw, sikuri u affidabbli, b'mod li ma jitfgħux piż finanzjarju fuq il-konsumaturi u li jqisu l-privatezza tad-dejta tagħhom; jitlob kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' grids intelliġenti fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali u fl-iżvilupp ta' standards Ewropej għall-grids intelliġenti;

80. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, biex jinkorporaw u joħolqu inċentivi finanzjarji għall-investimenti f'soluzzjonijiet tal-ICTs fi grids intelliġenti, u biex jimmiraw lejn suq ta' prosumers, li jwasslu għal aktar flessibilità, l-effiċjenza/frankar tal-enerġija u l-parteċipazzjoni mil-lat ta' domanda;

81. Jinsab ħerqan dwar il-linji gwida tal-Kummissjoni li jgħinu biex jitwaqqfu objettivi ta' politika ambizzjużi fir-rigward ta' konsumaturi vulnerabbli, li se jgħinu lill-Istati Membri biex jiddefinixxu aħjar l-approċċ tagħhom għal din il-kategorija ta' konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni biex tipprepara dawn il-linji gwida, filwaqt li tqis il-mekkaniżmi u l-istrumenti nazzjonali eżistenti għall-protezzjoni ta' tali konsumaturi, bil-għan li jinkiseb approċċ aktar koerenti u komprensiv fil-livell tal-UE, filwaqt li l-Istati Membri jitħallew fil-libertà li jagħżlu l-istrumenti l-aktar xierqa biex jipprovdu tali appoġġ; iżid li servizzi konsultattivi komprensivi għal din il-kategorija ta' konsumaturi, u l-iskambju tal-aħjar prattiki, jista' jkollhom rwol importanti;

82. Jilqa' l-analiżi imminenti tal-Kummissjoni dwar il-faqar enerġetiku fl-UE; jemmen li, bħala parti mill-analiżi tagħha, il-Kummissjoni għandha tagħmel sforzi biex tiżgura li l-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku ssir parti mill-basket tas-servizzi soċjali għall-Ewropa, eż. permezz tal-fondi soċjali u ta' koeżjoni; jistipula li l-programmi eżistenti u ġodda tal-effiċjenza enerġetika għandhom dejjem jinkludu enfasi mmirata fuq il-gruppi bi dħul baxx;

83. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa u tirrakkomanda disinn xieraq tas-suq bl-imnut li jiffoka fuq il-fornituri biex jiġu armonizzati s-swieq bl-imnut Ewropej u b'hekk itaffu l-piż amministrattiv fuq il-konsumaturi billi l-fornituri jitħallew jimponu t-taxxi kollha direttament fuq il-kont tad-dawl.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***Għajnuna għall-isfidi futuri tal-enerġija u tal-klima***

84. Jistieden lill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-partijiet interessati relevanti biex jaqilbu l-iskemi ta' appoġġ neċessarji għall-ġeneraturi kollha tal-enerġija f'mekkaniżmi trasparenti, prevedibbli, konverġenti u mmexxija mis-suq, hekk kif ikun fattibbli, sabiex jinħoloq suq komuni għal fatturi ta' appoġġ rikjesti – bħall-effiċjenza fl-enerġija, il-prosumers, il-koġenerazzjoni, il-flessibilità, l-enerġija rinnovabbli u s-servizzi tal-appoġġ tal-grilja – b'mod li jiżgura l-kompatibilità tagħhom u li jevita kwalunkwe rduppjar; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta gwida dwar l-iskemi ta' appoġġ effiċjenti u kosteffettivi għall-enerġija rinnovabbli;

85. Jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jirrevedu l-indikaturi użati biex ikejlu l-grad ta' kompetizzjoni fis-swieq tal-enerġija u jinkludu indikaturi bħall-proporzjon tal-konsumaturi fuq l-irħas tariffi, il-kapaċità li għandhom il-kumpaniji ġodda biex jidħlu fis-suq u l-livelli ta' servizz tal-klijent u innovazzjoni, li kollha se jgħinu sabiex tkun ipprovduta stampa reali dwar il-livell tal-kompetizzjoni fis-suq;

86. Fir-rigward tas-suq intern tal-elettriku, jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina fid-dettall l-implikazzjonijiet li jiġu integrati s-sehem dejjem jikber tal-enerġija rinnovabbli, fi grilji tal-enerġija fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju, ir-rekwiżiti tekniċi mas-sistema kollha u d-disinn tas-suq; tenfasizza li n-nuqqas ta' approċċ ikkoordinat favur dawn is-sorsi, s'issa kkomplika l-integrazzjoni tagħhom fis-sistemi tal-enerġija Ewropej; jenfasizza l-fatt li l-grilja tal-enerġija Ewropea attwali u l-infrastrutturi tal-ħżin għandhom jiġu adattati għall-kontribut tal-ġenerazzjoni distribwita mill-enerġija rinnovabbli; jisħaq fuq l-importanza tal-gass bħala fjuwil alternattiv biex ikampa bil-varjabilità tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli, u jitlob lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-livell neċessarju ta' flessibilità fis-sistema tal-enerġija (grilja intelliġenti, l-immaniġġjar u l-ħżin mil-lat ta' domanda u l-kapaċità alternattiva flessibbli); jemmen li ħżin ippumpjat għandu rwol kbir fil-ħżin tal-elettriku;

87. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tuża l-fond għall-iżvilupp reġjonali, il-fond ta' koeżjoni u fondi strutturali oħra tal-UE biex tappoġġja l-ħolqien ta' grilji intelliġenti tal-gass u tal-enerġija fil-perjodu li jmiss sabiex jiġu assorbiti aħjar tipi u sorsi ġodda ta' enerġija u għall-modernizzazzjoni tar-reġjuni kollha tal-Ewropa; jemmen li l-operaturi tan-netwerk ta' distribuzzjoni għandhom jiġu mħeġġa wkoll biex jaċċettaw adattamenti għan-netwerks tagħhom;

88. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jippromwovu inċentivi li jiftħu l-possibilitajiet mhux sfruttati tal-mikroġenerazzjoni u biex joqogħdu attenti għall-bżonn li jiżviluppaw aktar il-koġenerazzjoni billi hija waħda mill-aktar mezzi effiċjenti ta' produzzjoni tal-enerġija elettrika u tas-sħana, u biex din l-għażla tkun ibbażata fuq l-implimentazzjoni wiesgħa tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti;

89. Jenfasizza l-potenzjal ta' sħana u elettriku kkombinati/tisħin u tkessiħ distrettwali biex jiġi akkomodat is-sehem li dejjem jikber tal-enerġija intermittenti billi tiżdied il-flessibilità u r-reżistenza għas-suq tal-enerġija u jiġi pprovdut ħżin ekonomiku tal-enerġija għall-elettriku żejjed. Jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza u tippremja din il-kapaċità fl-inizjattiva li jmiss tagħha dwar is-CRMs u biex tappoġġja dan it-tip ta' integrazzjoni transettorjali u bbilanċjar taħt l-"Orizzont 2020".

90. Jistieden lill-Kummissjoni biex tvara studju li janalizza disinni ta' swieq ġodda u kosteffiċjenti għas-suq Ewropew tal-elettriku bil-għan li jiġi żgurat li l-konsumaturi jirċievu elettriku bi prezz raġjonevoli, u biex tiġi evitata t-tnixxija tal-karbonju;

91. Jilqa' l-ħidma li saret biex tagħmel din ir-riċerka fil-qasam tal-enerġija prijorità tal-programm Orizzont 2020 u jistieden lill-Istati Membri biex japprofittaw bis-sħiħ minn dan il-qasam ta' programmazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jappoġġjaw ir-riċerka dwar it-teknoloġiji tal-enerġija innovattivi, u l-iżvilupp tagħhom, u biex itejbu t-teknoloġiji eżistenti li jaqgħu barra mill-qafas tal-proġetti Orizzont 2020 u Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT); iħeġġeġ lill-Istati Membri biex joħolqu sinerġiji bejn programmi ta' riċerka tal-UE u dawk nazzjonali, bħala rikonoxximent tal-fatt li r-riċerka hija l-unika mod progressiv biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, titjieb is-sigurtà tal-enerġija, tikber il-pożizzjoni kompetittiva tal-industrija tal-UE fis-suq globali, tinżamm it-tmexxija teknoloġika tal-UE, u jingħata kontribut għall-aġenda Ewropew għat-tkabbir u l-impjiegi; jenfasizza fuq il-bżonn li tkun offruta ċertezza leġiżlattiva tal-industrija tul medda ta' żmien li testendi wara l-2020;

92. Iheġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel biżżejjed fondi disponibbli għall-iżvilupp ta' grids ta' distribuzzjoni intelliġenti, li huma l-aktar mod kosteffiċjenti għall-penetrazzjoni fuq skala kbira ta' ġenerazzjoni distribwita minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli filwaqt li jiżguraw is-sigurtà tal-provvista u jisfruttaw bl-aħjar mod mill-potenzjali għall-iffrankar tal-enerġija;

93. Jinnota li s-sistema attwali, ikkaratterizzata mis-suq intern frammentat, toħloq sfidi għall-istabilità fit-tul tal-kumpaniji u l-investituri, li tista' twassal għall-għeluq ta' impjanti u inċertezzi fir-rigward tal-impjieg u l-kapaċità; jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel evalwazzjoni indipendenti tal-futur tas-suq intern għall-elettriku u l-gass li fiha, il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-investimenti, l-impjiegi fis-settur, l-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumaturi, ikollhom rwol ċentrali; jitlob biex din l-evalwazzjoni tkun lesta sa Marzu 2014, u li tkun inklużiva billi tqis l-opinjonijiet ta' partijiet interessati bħas-sħab soċjali, ir-rappreżentanti ta' familji bi dħul baxx, l-organizzazzjonijiet ambjentali u l-SMEs;

o

o o

94. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0345

# L-implimentazzjoni u l-impatt tal-miżuri għall-effiċjenza enerġetika fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tal-miżuri għall-effiċjenza enerġetika fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni (2013/2038(INI))**

(2016/C 093/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 194 tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-TUE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija,

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu: "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2013 bl-isem "L-appoġġ finanzjarju għall-effiċjenza enerġetika fil-bini" (COM(2013)0225),

— wara li kkunsidra l-kapitolu 5 ("The European divide in clean energy and fuel poverty") tar-rapport tal-Istitut Trejdjunjonistiku Ewropew (ETUI) "Benchmarking Working Europe 2013", Brussell 2013,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/76/KEE,

— wara li kkunsidra r-rapport tiegħu tat-11 ta' Ġunju 2013 dwar l-akkomodazzjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kunsill tal-4 ta' Marzu 2013, Implimentazzjoni tas-Semestru Ewropew – Rapport ta' Sinteżi (6754/13),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2011 bl-isem "Politika reġjonali li tikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa 2020" (COM(2011)0017),

— wara li kkunsidra il-manwal statistiku tal-Kummissjoni tal-2012 bl-isem "EU energy in figures" ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2008 bl-isem "Il-Politika ta' Koeżjoni: ninvestu fl-ekonomija reali" (COM(2008)0876),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2006 dwar pjan ta' azzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija: twettiq tal-potenzjal (COM(2006)0545),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 21/2012 tal-Qorti tal-Awdituri bl-isem 'Il-kosteffettività tal-Investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni fl-Effiċjenza Enerġetika',

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2009 dwar Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-KfW Research bl-isem "Impact on public budgets of KfW promotional programmes in the field of Energy-efficient building and rehabilitation" ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2013 dwar ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni tal-UE u tal-atturi tagħha fl-implimentazzjoni tal-politika Ewropea l-ġdida dwar l-enerġija ([5]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2011 bl-isem "Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050" (COM(2011)0112),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 dwar Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza ([6]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2013 bl-isem "Il-politika ta' koeżjoni: Rapport strateġiku tal-2013 dwar l-implimentazzjoni tal-programm għal bejn l-2007 u l-2013" (COM(2013)0210),

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0246.
([2]) http://ec.europa.eu/energy/publications/doc/2012_energy_figures.pdf.
([3]) ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 98.
([4]) https://www.kfw.de/migration/Weiterleitung-zur-Startseite/Homepage/KfW-Group/Research/PDF-Files/Energy-efficient-building-and-rehabilitation.pdf.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2013)0017.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2012)0223.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Mejju 2012 bl-isem "Effiċjenza fl-enerġija fil-bliet u r-reġjuni – enfasi fuq id-differenzi bejn id-distretti rurali u l-bliet" ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-14 ta' Diċembru 2011 bl-isem 'L-effiċjenza enerġetika' ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) dwar "Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika" ([3]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' politika MARIE/ELIH-MED bl-isem "Improving MED transnational cooperation answers to energy efficiency challenges in buildings",

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2011 bl-isem "Pjan Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika 2011" (COM(2011)0109),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni għall-Investimenti f'Enerġija Sostenibbli (SF Energy Invest) bl-isem "Practical recommendations to increase the share of sustainable energy investments in the upcoming SCF programming period 2014-2020" ([4]),

— wara li kkunsidra r-rapport imressaq minn Ismeri Europa lill-Kummissjoni bl-isem "Expert evaluation network delivering policy analysis on the performance of Cohesion policy 2007-2013 – Synthesis of national reports 2011 – renewable energy and energy efficiency of housing",

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2013 bl-isem 'Qafas għall-politiki dwar il-klima u l-enerġija sal-2030' (COM(2013)0169),

— wara li kkunsidra l-istudju ta' Copenhagen Economics bl-isem "Multiple benefits of investing in energy efficient renovation of buildings" ([5]),

— wara li kkunsidra l-kontribut tal-Kummissjoni lill-Kunsill tal-Ewropa tat-22 ta' Mejju 2013 dwar l-isfidi u l-politika dwar l-enerġija,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0271/2013),

A. billi effiċjenza enerġetika mtejba tfisser l-użu ta' inqas input enerġetiku għal livell ekwivalenti ta' attività ekonomika jew servizz ([6]);

B. billi l-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika hija stabbilita mill-Artikolu 194(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fil-kuntest tal-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u l-ħtieġa għall-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent;

C. billi l-kisba tal-effiċjenza enerġetika hija prijorità ewlenija għall-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif jidher minn wieħed mill-objettivi tal-UE 2020 sabiex l-effiċjenza enerġetika tiżdied b'20 %;

---

([1]) ĠU C 225, 27.7.2012, p. 52.
([2]) ĠU C 54, 23.2.2012, p. 49.
([3]) ĠU C 24, 28.1.2012, p. 134.
([4]) http://www.sf-energyinvest.eu/fileadmin/Dateien/Downloads/May2012-Recommendations.pdf.
([5]) http://www.renovate-europe.eu/uploads/Multiple%20Benefits%20Study_Key%20Messages%20Brochure.pdf.
([6]) Communication from the Commission – Action Plan for Energy Efficiency: Inwettqu l-Potenzjal (COM(2006)0545).

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

D. billi t-tnaqqis fil-konsum permezz tal-effiċjenza enerġetika hu l-iktar mod sostenibbli kif titnaqqas id-dipendenza fuq il-karburanti fossili, li jwassal għal tnaqqis ta' madwar 25 % fl-importazzjonijiet;

E. billi parti kbira mill-enerġija għadha tiġi mill-idrokarburi li, matul il-kombustjoni, jirrilaxxaw gassijiet b'effett serra;

F. billi l-investiment fl-effiċjenza enerġetika jista' jġib miegħu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali għar-reġjuni Ewropej;

G. billi implimentazzjoni f'waqtha u kosteffikaċi tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika għandha l-potenzjal li tnaqqas b'mod sinifikanti l-konsum tal-enerġija, tnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet ta' karburanti fossili, toħloq impjiegi ġodda, tipprovdi l-ħarsien soċjali u teqred il-faqar fl-enerġija;

H. billi fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2007-2013, ġew allokati EUR 5,5 biljun għall-effiċjenza enerġetika, il-koġenerazzjoni u l-ġestjoni tal-enerġija fi ħdan il-baġit tal-Politika ta' Koeżjoni;

I. billi l-aktar rapport reċenti tal-Kummissjoni ([1]) jikkonkludi li sal-aħħar tal-2011, kważi EUR 3,8 biljun ġew allokati għal proġetti speċifiċi fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, inklużi fondi li jistgħu jerġgħu jintużaw (revolving funds) li jirrappreżentaw rata ta' implimentazzjoni ta' 68 %; billi r-rapport innota wkoll li din ir-rata ta' implimentazzjoni ma kinitx uniformi madwar l-Unjoni;

J. billi l-Kunsill, fir-Rapport ta' Sinteżi tiegħu ta' Marzu 2013 ([2]), identifika fost il-fatturi li qed jaffettwaw ħażin l-iżvilupp fl-effiċjenza enerġetika, in-nuqqas ta' informazzjoni adegwata u inċentivi finanzjarji, il-profil baxx tal-miżuri ta' effiċjenza enerġetika u l-implimentazzjoni inadegwata tal-leġiżlazzjoni eżistenti, filwaqt li nnota li dawn il-fatturi huma aktar prattiċi milli regolatorji;

K. billi l-ammont minimu ta' finanzjament għall-proġetti disponibbli mill-faċilità Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali (ELENA) huwa ta' EUR 50 miljun, u mill-Programm Enerġija Intelliġenti l-minimu jaqbeż EUR 6 miljun, li huwa aktar minn dak għal ħafna proġetti f'komunitajiet żgħar u rurali;

*Kummenti ġenerali*

1. Jenfasizza li fil-perjodu attwali ta' kriżi u filwaqt li l-Unjoni timporta aktar minn 50 % tal-ħtiġijiet tal-enerġija tagħha, it-titjib fl-effiċjenza enerġetika b'mod kosteffiċjenti jista' jirrappreżenta mezz importanti għall-istimolu tal-kompetittività tal-UE, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir fil-livell lokali u reġjonali, u jirrappreżenta għażla favorevoli fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ispejjeż għoljin fl-enerġija;

2. Jappoġġa l-impenn tal-UE li tikseb l-objettiv li żżid l-effiċjenza enerġetika b'20 % sal-2020; jenfasizza, li implimentazzjoni f'waqtha u adegwata tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika u l-istrumenti tagħha, f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali individwali ġġib lura lill-Istati Membri fi triqithom lejn l-ilħuq tal-mira ta' 20 %; iħeġġeġ lill-Istati Membri f'dan ir-rigward, jagħmlu sforzi ulterjuri għall-ilħuq tal-objettiv UE2020, u jwittu t-triq għal aktar iffrankar lil hinn minn din id-data;

3. Jinnota li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jistgħu jgħinu biex jipprovdu inċentivi għall-investiment privat fi prodotti, mezzi ta' trasport, bini, industrija, xogħlijiet u servizzi li huma effiċjenti fl-enerġija, inklużi servizzi effiċjenti fl-enerġija, u jistgħu jgħinu jnaqqsu n-nefqa pubblika fuq il-kontijiet tal-enerġija, u b'hekk jingħata valur imtejjeb għall-flejjes pubbliċi; jilqa' l-prijoritizzazzjoni ssuġġerita tal-effiċjenza enerġetika fi ħdan il-kapitolu tar-riċerka dwar l-enerġija ta' Orizzont 2020;

([1]) Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-appoġġ finanzjarju għall-effiċjenza enerġetika fil-bini (COM (2013)0225), 18 ta' April 2013.

([2]) 6754/13 Rapport ta' Sinte ¿i tal-Kunsill: Implimentazzjoni tas-Semestru Ewropew, 4 ta' Marzu 2013.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

4. Jenfasizza l-esperjenza tal-perjodu ta' finanzjament attwali li turi li l-fondi mwarrba mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-effiċjenza enerġetika ma jistgħux jiġu sfruttati bis-sħiħ; jenfasizza għalhekk, li fil-qafas finanzjarju għall-2014-2020, fejn il-parti ta' finanzjament li twarrbet għall-effiċjenza enerġetika hija ikbar minn qabel, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għal dawn il-fondi;

5. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-effiċjenza enerġetika bħala opportunità ta' investiment b'effett ta' ingranaġġ għoli u mhux bħala nefqa; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi aktar ir-regoli dwar l-Għajnuniet Statali sabiex jiġi permess finanzjament nazzjonali akbar għall-effiċjenza enerġetika flimkien mal-investimenti Ewropej;

6. Jenfasizza l-importanza tal-Politika ta' Koeżjoni, u tar-riżorsi finanzjarji allokati għaliha, għall-iżvilupp sħiħ ta' grids u netwerks intelliġenti li jirriżultaw f'sistemi ta' enerġija aktar effiċjenti madwar ir-reġjuni, u b'hekk jitnaqqsu l-konsum tal-enerġija u t-telf tal-enerġija;

7. Jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jrid ikollhom kompetenzi u responsabbiltajiet adegwati mhux biss fir-rigward tal-provvista u l-użu tal-enerġija iżda wkoll għall-ilħuq tal-objettivi tal-effiċjenza enerġetika;

8. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb iċ-ċertezza ġuridika fir-rigward tar-regoli għall-għajnuna reġjonali mill-istat (RSA) għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali li tikkonforma mal-istandards tal-effiċjenza enerġetika u l-investiment f'bini u f'enerġija sostenibbli;

9. Ifakkar li, skont xi riċerka akkademika, madwar 9 % taċ-ċittadini mill-UE, in-Norveġja u l-Isvizzera (52,08 miljun persuna) fl-2010 ma setgħux isaħħnu darhom b'mod adegwat; jinnota li l-faqar fil-fjuwil huwa partikolarment intens fl-Istati Membri ġodda u li dan fil-maġġorparti tal-każijiet huwa riżultat ta' djar b'iżolament minimu; jistieden lill-Kummissjoni teżamina fid-dettall ir-rabta bejn il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, il-faqar fil-fjuwil u l-konsumaturi vulnerabbli; jenfasizza li l-iffrankar li jkun sar permezz ta' miżuri fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika jrid jiġi mgħoddi lill-konsumaturi bit-tnaqqis fil-kontijiet tagħhom;

10. Jenfasizza li l-potenzjal tal-effiċjenza enerġetika għadu ma ntlaħaqx b'mod effettiv f'ċerti setturi ekonomiċi bħal dak tal-bini u tat-trasport u li l-allokazzjonijiet mill-Fond Strutturali jew il-Fond ta' Koeżjoni, jew forom oħra ta' investiment biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika għandhom jgħinu sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet tax-xogħol f'dan is-settur;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kostruzzjoni u r-restawr tal-akkomodazzjoni soċjali jitwettqu bil-ħsieb li jinkisbu objettivi u standards tal-effiċjenza enerġetika; filwaqt li jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, jitlob lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati kollha jikkunsidraw l-akkomodazzjoni soċjali fil-programmi nazzjonali ta' riforma tagħhom u fit-tiswir ta' prijoritajiet strateġiċi taħt il-ftehimiet ta' sħubija fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li jmiss; ifakkar lill-Istati Membri f'dan il-kuntest, fid-dispożizzjoniiet stabbiliti fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2012/27/UE dwar l-Effiċjenza Enerġetika;

12. Jirrikonoxxi li wieħed mill-akbar ostakli biex jinkiseb iffrankar tal-enerġija fil-livell lokali u reġjonali huwa l-ħtieġa ta' investimenti bil-quddiem; jinsab konvint li kull miżura meħuda fil-livell tal-UE għandha tqis l-implikazzjonijiet għall-muniċipalitajiet u r-reġjuni, kif ukoll ir-restrizzjonijiet baġitarji tagħhom; jirrakkomanda, għalhekk, li r-rappreżentanti lokali u reġjonali jiġu kkonsultati meta jkunu qed jiġu stabbiliti linji gwida ta' żvilupp fil-qasam tal-enerġija, u li l-appoġġ finanzjarju jiġi pprovdut għal programmi fil-livell lokali u reġjonali għall-użu tar-riżorsi tal-enerġija eżistenti;

13. Ifakkar li l-Parlament diġà adotta r-rapport dwar ir-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u l-atturi tagħha fl-implimentazzjoni tal-politika Ewropea l-ġdida dwar l-enerġija, u li dan ir-rapport ikopri wkoll kwistjonijiet dwar l-effiċjenza enerġetika;

***Il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u t-tibdil leġiżlattiv***

14. Jinnota li l-objettiv primarju tal-Politika ta' Koeżjoni jibqa' t-tnaqqis fid-diskrepanzi ekonomiċi, soċjali u territorjali bejn ir-reġjuni, u jikkunsidra li l-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika m'għandhomx jinterferixxu ma' dan l-objettiv; jenfasizza li wħud mill-iktar reġjuni fqar tal-UE jaf ikollhom prijoritajiet differenti u l-ewwel nett ikunu jirrikjedu investiment f'oqsma oħrajn; jenfasizza li l-qawwa tal-Politika ta' Koeżjoni tinsab fil-flessibbiltà tagħha u l-amministrazzjoni deċentralizzata ta' fondi fil-livell lokali;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

15. Ifakkar fl-emenda għar-regolament fl-2009 tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) b'rabta mal-effiċjenza enerġetika, biex b'hekk l-akkomodazzjoni fil-partijiet kollha tal-UE saret eliġibbli, b'limitu massimu ta' 4 %; jinnota li, b'riżultat ta' bidla tardiva fid-dispożizzjonijiet, jiġifieri modifika tal-programmi operazzjonali magħmula matul il-perjodu ta' programmazzjoni, din l-azzjoni politika f'bosta Stati Membri ma rriżultatx f'żieda sostanzjali ta' fondi diretti lejn dan l-objettiv; jinnota li minħabba li din il-bidla ma ġietx akkumpanjata minn finanzjament addizzjonali ġdid tal-UE, uħud mill-Istati Membri rrifjutaw din l-opportunità filwaqt li f'oħrajn instabet korrelazzjoni sinifikanti bejn l-assorbiment baxx tal-fondi u funzjonijiet amministrattivi dgħajfin; jindika l-importanza taċ-ċarezza ġuridika b'rabta mal-miżuri ta' effiċjenza enerġetika qabel u matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020;

16. Jilqa' l-fatt li fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni joffru opportunitajiet ġodda u ngħatalhom rwol aktar importanti fil-kisba tal-objettivi b'rabta mal-effiċjenza enerġetika; jappoġġa b'mod partikolari r-rwol futur tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni fis-settur kollu tal-bini, inkluż tal-akkomodazzjoni;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jintroduċu fi ħdan il-programmi operazzjonali tagħhom, proċeduri sempliċi u mhux burokratiċi għall-użu ta' fondi allokati għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika fid-djar;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-arranġamenti ta' deċentralizzazzjoni jagħtu lill-awtoritajiet muniċipali aċċess dirett għall-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika fid-djar;

19. Jilqa' r-riżultat tan-negozjati dwar ir-regolament tal-FEŻR b'rabta mar-rati perċentwali minimi allokati sabiex jintużaw għall-objettivi tematiċi speċifiċi għal kull kategorija ta' reġjuni, li jippermettu żieda fl-allokazzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika u r-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli; ifakkar li ishma minimi ambizzjużi huma kruċjali sabiex ikun hemm mobilizzazzjoni aktar faċli tal-atturi lokali u jgħinu fil-ħolqien ta' programmi stabbli u fit-tul;

20. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li għall-objettivi tematiċi kollha, inkluża l-effiċjenza enerġetika jiġi estiż l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi fi ħdan il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020;

21. Japprova l-proposti tal-Kummissjoni għas-simplifikazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020; jemmen li l-konklużjoni tan-negozjati b'rabta mar-Regolament dwar id-dispożizzjonijiet komuni (CPR) għandu jwassal għal implimentazzjoni b'suċċess tal-użu ta' fondi multipli, b'benefiċċju kbir għal proġetti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika;

22. Jilqa' l-progress li nkiseb fin-negozjati CPR fir-rigward tal-ftehimiet ta' sħubija; jistieden f'dan ir-rigward lill-Istati Membri u lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jaħdmu ma' esperti mill-qasam tal-effiċjenza enerġetika sabiex jagħmlu użu tajjeb minn dan il-mekkaniżmu waqt it-tħejjija għall-programmi operazzjonali (OPs);

23. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu r-relazzjonijiet bejn il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika rispettivi tagħhom u l-OPs bil-ħsieb li jkun żgurat li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej se jkunu parti mill-istrateġija koerenti filwaqt li jiġu indirizzati fl-istess waqt il-ħtiġijiet territorjali; jenfasizza li l-objettiv prinċipali tal-effiċjenza enerġetika għandu jkun l-awtonomija tal-enerġija fil-livell reġjonali u lokali;

24. Jemmen li l-miżuri tal-UE għandhom jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika fil-fażijiet ta' produzzjoni, distribuzzjoni u konsum tal-enerġija; jinnota li filwaqt li l-finanzjament għall-enerġija mill-Politika ta' Koeżjoni bħalissa qed jintefaq l-aktar fuq sorsi rinnovabbli ([1]), għandu jintlaħaq bilanċ aħjar billi perċentwal ogħla ta' finanzjament ikun immirat lejn proġetti fl-effiċjenza enerġetika;

---

([1]) Rapport imressaq minn Ismeri Europa lill-Kummissjoni bl-isem "Expert evaluation network delivering policy analysis on the performance of Cohesion policy 2007-2013 – Synthesis of national reports 2011 – renewable energy and energy efficiency of housing", http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/evaluation/pdf/eval2007/expert_innovation/2011_synt_rep_en.pdf)

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

25. Jenfasizza li speċifikazzjoni u miri vinkolanti eċċessivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-objettivi tal-effiċjenza enerġetika jistgħu jżidu n-nefqa tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fuq l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri u jimponu spejjeż addizzjonali għall-klijenti;

26. Jenfasizza l-importanza li tiġi integrata dimensjoni tal-effiċjenza enerġetika fl-istrateġiji ta' riċerka u innovazzjoni għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti li l-Istati Membri u r-reġjuni se jkollhom ifasslu sabiex ikollhom aċċess għall-finanzjament tal-innovazzjoni skont il-Politika ta' Koeżjoni futura;

27. Ifakkar lill-Istati Membri għal darb'oħra fl-importanza ta' baġit iffinanzjat tajjeb għall-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, fejn il-Politika ta' Koeżjoni tista' u għandha taġixxi bħala xprun tal-irkupru;

*Is-sensibilizzazzjoni u l-importanza tat-tixrid tal-informazzjoni*

28. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-kwalità u t-tixrid ta' informazzjoni prattika dwar kwistjonijiet b'rabta mal-effiċjenza enerġetika disponibbli lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċċji li għandhom jinkisbu mill-investiment fl-effiċjenza enerġetika, l-aħjar metodoloġiji, standards u inċentivi finanzjarji, u l-forrnituri ta' servizzi relevanti, inkluż l-ikkuntrattar għall-prestazzjoni tal-enerġija; jinnota li n-nuqqas ta' kumpaniji fis-servizz tal-enerġija f'bosta reġjuni u bosta Stati Membri, jista' jaffettwa l-adozzjoni tal-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika;

29. Jenfasizza li n-nuqqas ta' informazzjoni dettaljata dwar il-karatteristiċi tal-istokk tal-bini fil-livell reġjonali jippreżenta ostaklu ewlieni għall-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali meta jifformulaw strateġiji u pjanijiet; jinnota r-rekwiżiti għall-elenkar ta' tali informazzjoni kif previst fid-Direttiva 2012/27/UE u jitlob li din titlesta fil-livell reġjonali wkoll u ssir disponibbli għall-pubbliku;

30. Jinkoraġġixxi lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jtejbu l-viżibilità tal-OPs u l-opportunitajiet għal benefiċjarji potenzjali ta' proġetti tal-enerġija sostenibbli offruti; jissuġġerixxi li dan isir bil-ħolqien ta' websajts, pjattaformi jew bażijiet ta' data nazzjonali għal benefiċjarji u partijiet interessati potenzjali, l-organizzazzjoni ta' workshops u avvenimenti sabiex jiġu infurmati gruppi mmirati, u miżuri sabiex tittejjeb il-viżibilità u l-aċċessibilità tar-riżorsi onlajn eżistenti (bħall-portal onlajn Build Up u l-Manwal SF Energy Invest);

31. Iħeġġeġ lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni sabiex fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, jippromwovu proġetti integrati billi jadottaw approċċ olistiku għall-effiċjenza enerġetika fil-livell territorjali, b'mod partikolari billi jagħmlu użu mill-istrumenti ġodda ta' programmar strateġiku, bħall-Investiment Territorjali Integrat, u billi jinvolvu inizjattivi eżistenti, bħall-Patt tas-Sindki, bħala għajnuna fl-iżvilupp ta' pjanijiet integrati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri japplikaw approċċ "rapidu" biex jiġu ffinanzjati applikazzjonijiet minn awtoritajiet li huma firmatarji fil-Patt tas-Sindki u li qed jimplimentaw għalkollox ir-rekwiżiti tiegħu;

32. Jilqa' l-konferenza annwali tal-"Open Days" u n-numru ta' bordijiet iddedikati għal proġetti fl-effiċjenza enerġetika lokali u reġjonali; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jibnu fuq dan l-avveniment bil-ħsieb li titwaqqaf pjattaforma ta' skambju ta' informazzjoni, bil-ħsieb li jiġi promoss id-djalogu tant meħtieġ u skambju tal-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-proġetti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej;

*Il-bini tal-kapaċità u l-assistenza teknika*

33. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu segwitu lir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ([1]) u jżidu l-bini tal-kapaċità, bl-użu ta' baġits għall-għajnuna teknika, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni effettiva tal-atturi lokali, reġjonali u tas-soċjetà ċivili fit-tfassil ta' strateġiji reġjonali u lokali tal-enerġija;

([1]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2011 bl-isem "Politika reġjonali li tikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa 2020" (COM(2011)0017),

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

34. Jirrikonoxxi li t-tranżizzjoni għal teknoloġiji effiċjenti fl-enerġija tirrikjedi ħiliet ġodda, edukazzjoni vokazzjonali li tqis l-ambjent u taħriġ speċifiku fis-settur tal-kostruzzjoni u f'setturi oħra; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri f'dan ir-rigward ikomplu jużaw il-fondi biex jipprovdu għajnuna teknika fil-livelli kollha (pereżempju permezz tal-faċilità ELENA); jistieden barra minn hekk lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej biex iħarrġu mill-ġdid u jtejbu l-ħiliet tal-ħaddiema għal impjiegi emerġenti ġodda fl-ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, u jevitaw in-nuqqas ta' riżorsi umani kwalifikati f'dan is-settur;

35. Jenfasizza l-benefiċċji potenzjali disponibbli skont l-inizjattivi JESSICA (Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli fiż-Żoni tal-Ibliet) u ELENA għall-investiment fl-enerġija sostenibbli fil-livell lokali, bil-għan li tingħata għajnuna lil bliet u reġjuni sabiex iniedu proġetti ta' investiment vijabbli fl-oqsma tal-effiċjenza enerġetika, u jitlob il-promozzjoni ta' dawn l-inizjattivi;

36. Iħeġġeġ ulterjorment l-appoġġ amministrattiv lill-awtoritajiet lokali u reġjonali bil-ħsieb li jiġu megħjuna joħolqu gruppi ta' proġetti żgħar u ta' daqs medju għall-effiċjenza enerġetika li waħedhom ikunu aktar baxxi mil-livell limitu finanzjarju minimu għall-aċċess għal ELENA, JESSICA u l-finanzjament għall-Enerġija Intelliġenti; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri u l-Kummissjoni għall-fatt li bliet u komunitajiet rurali żgħar u ta' daqs medju ħafna drabi ma jkollhomx il-kapaċità amministrattiva meħtieġa biex jużaw b'mod sħiħ strumenti finanzjarji ġodda;

37. Jenfasizza li l-burokrazija u n-nuqqas ta' ċarezza proċedurali għamlu l-aċċess għall-Fondi Strutturali u għall-Fond ta' Koeżjoni diffiċli u qatgħu qalb dawk l-atturi li għandhom l-aktar bżonn tali finanzjament milli japplikaw; jappoġġa, għalhekk, is-simplifikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri, it-tneħħija tal-burokrazija, u ż-żieda fil-flessibbiltà fl-allokazzjoni ta' dawn il-fondi kemm fil-livell tal-UE u kemm dak nazzjonali; jemmen li s-simplifikazzjoni se tikkontribwixxi għall-allokazzjoni effiċjenti tal-fondi, rati ogħla ta' assorbiment, anqas żbalji u perjodi aktar qosra ta' ħlas, u se tippermetti lill-ifqar Stati Membri u reġjuni jieħdu vantaġġ sħiħ mill-istrumenti finanzjarji maħsuba biex jitnaqqsu d-diskrepanzi reġjonali u interstatali; iqis li jrid jinstab bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-istabilità tar-regoli u l-proċeduri;

*Ir-rwol tal-istrumenti finanzjarji*

38. Jenfasizza li taħlita ta' għotjiet u strumenti finanzjarji tista' sservi bħala approċċ ta' suċċess u innovattiv għall-ingranaġġ ta' fondi privati, il-ħolqien ta' mudelli ġodda ta' sħubijiet privati pubbliċi u t-tisħiħ tal-innovazzjoni; jenfasizza l-importanza li jiġi attirat investiment privat fl-effiċjenza enerġetika kemm mill-UE u kemm minn pajjiżi terzi;

39. Jindika li l-isforzi sabiex jinkiseb finanzjament għall-investiment fi proġetti effiċjenti fl-enerġija spiss huma mfixkla minn ostakli fis-suq, ostakli regolatorji u tal-fiduċja, bħal spejjeż inizjali għoljin għall-investituri u diffikultajiet fil-previżjoni tal-potenzjal eżatt ta' ffrankar fl-enerġija; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsibu mezzi xierqa biex jinkoraġġixxu l-investiment fl-effiċjenza enerġetika fid-djar;

40. Jenfasizza bi tħassib li l-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali għamlitha aktar diffiċli għall-Istati Membri sabiex isibu l-fondi meħtieġa sabiex jikkofinanzjaw il-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni relatati mal-effiċjenza enerġetika; huwa tal-fehma f'dan ir-rigward, li hu essenzjali li jinstabu modi innovattivi ġodda ta' finanzjament, anke mis-settur privat, tal-proġetti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika;

41. Jirrikonoxxi l-appoġġ tal-Kummissjoni għar-rwol imsaħħaħ tal-istrumenti finanzjarji ġodda u innovattivi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020; jenfasizza li n-nuqqas ta' implimentazzjoni f'waqtha u ta' ċarezza ġuridika tirrappreżenta diffikultà sinifikanti kemm għall-Istati Membri u kemm għal partijiet interessati oħrajn inklużi fil-ġestjoni ta' tali strumenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta mingħajr dewmien proposti għal strumenti finanzjarji direttament disponibbli għall-appoġġ tal-miżuri b'rabta mal-effiċjenza enerġetika;

42. Jistieden lill-Istati Membri jikkondividu l-aħjar prattiki fit-tfassil ta' fondi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika, fejn Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jistgħu jintużaw bħala kontribuzzjonijiet tal-ekwità, jew simili, u jistgħu jiġu allinjati ma' sorsi ta' finanzjament addizzjonali mis-settur privat;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

43. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb aktar l-appoġġ finanzjarju immirat tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa (CEB) u l-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEEF) għall-proġetti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika; jistieden lill-BEI, lis-CEB u lill-BERŻ jiffurmaw grupp ta' ħidma konġunt biex jiġu eżaminati l-alternattivi għal strument finanzjarju ġdid, li jista' jsir disponibbli lill-Istati Membri flimkien ma' jew permezz tal-Fondi Nazzjonali tagħhom għall-Effiċjenza Enerġetika biex jiġi stimolat investiment addizzjonali fis-settur privat;

44. Jenfasizza li l-allokazzjoni ta' fondi għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' proporzjonalità, kosteffettività u effettività ekonomika u li m'għandhiex iżżid piżijiet amministrattivi;

***Ir-realtajiet klimatiċi, ġeografiċi u tal-kompetittività***

45. Jenfasizza l-importanza li jiġi vvalutat b'mod regolari jekk il-miżuri u r-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika għadhomx adegwati fir-rigward kemm tar-realtajiet klimatiċi, l-impatti tal-kompetittività fuq l-industrija u l-SMEs kif ukoll l-implikazzjonijiet tal-prezz tal-enerġija fl-Istati Membri u r-reġjuni differenti; jistieden lill-Kummissjoni tqis dan bir-reqqa fit-tħejjija ta' sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni;

46. Jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu wkoll il-karatteristiċi ġeografiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, bil-ħsieb li jsir użu aħjar tal-vantaġġi naturali marbuta mal-istatus tagħhom ta' gżira (enerġija ġeotermali, solari, mir-riħ u mill-baħar);

47. Jappoġġa l-progress tal-programm MARIE fl-istabbiliment ta' Strateġija għat-Titjib fl-Effiċjenza Enerġetika tal-Bini fil-Mediterran; jistieden f'dan ir-rigward lill-Istati Membri fiż-żona tal-Mediterran jaqsmu l-aħjar prattiki bil-ħsieb li jinħoloq mudell ottimali fir-rigward tal-ispejjeż għan-Nofsinhar tal-Ewropa; jitlob il-ħolqien ta' programmi simili f'reġjuni Ewropej oħra speċjalment fl-Ewropa Ċentrali; jemmen li strateġija simili tista' tiġi implimentata fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari billi l-maġġorparti tagħhom (għalkemm mhux kollha), jinsabu fit-tropiċi;

*Indikaturi u kriterji*

48. Jistieden lill-Istati Membri jiffissaw objettivi impenjattivi sabiex ikun żgurat li l-bini pubbliku u l-bini li jservi għal skopijiet oħra, ikun jilħaq l-ogħla standards fejn tidħol l-effiċjenza enerġetika previsti fid-Direttiva 2010/31/UE, u li jkun suġġett għal ċertifikazzjoni tal-enerġija fuq bażi regolari;

49. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara l-indikaturi komuni għall-effiċjenza enerġetika fil-Politika ta' Koeżjoni li għandhom jiġu applikati u użati mill-Istati Membri fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tqis kif xieraq is-sitwazzjoni ekonomika, ġeografika u soċjali meta tiddetermina għal kull Stat Membru jew reġjun, l-ispejjeż tal-investiment b'rabta mal-kisba ta' ffrankar ta' kWh wieħed;

51. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa mingħajr dewmien u f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u r-reġjuni, linji gwida għall-valutazzjoni tal-proġetti b'rabta mal-effiċjenza enerġetika, li jistgħu jservu bħala bażi sabiex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, monitoraġġ u verifika tal-proġetti u sabiex tiġi aċċertata l-kosteffettività;

52. Jistieden lill-Istati Membri japplikaw indikaturi tar-riżultati kif definit fl-Anness għar-Regolament dwar il-FEŻR, u jużaw kriterji għall-għażla trasparenti tal-proġetti u spejjeż standard ta' investimenti għal kull unità ta' enerġija li tiġi ffrankata, filwaqt li jiġi speċifikat il-perjodu ta' ħlas lura massimu sempliċi u aċċettabbli għall-proġetti fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika;

53. Jieħu nota tal-aktar rapport reċenti tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kosteffettività tal-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni fl-effiċjenza enerġetika; jenfasizza r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li jintużaw kriterji tal-għażla trasparenti u iżjed stretti għall-proġetti kemm fil-livell tal-UE u kemm fil-livell tal-Istati Membri; jaqbel mal-konklużjoni tal-Qorti li l-kriterji ta' valutazzjoni li jintużaw sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-investiment għandhom ikunu aktar ċari u preċiżi fir-rigward ta' kif għandhom jiġu kkunsidrati l-aspetti tal-effiċjenza enerġetika;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

54. Jinnota madankollu, li l-valutazzjoni tal-Qorti hija kemmxejn restrittiva f'dak li huwa perjodu ta' ttestjar u ħlas lura; jenfasizza li l-Politika ta' Koeżjoni hija politika integrata u li għaldaqstant, għandu jiġi adottat approċċ komprensiv ibbażat fuq analiżi tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja meta jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-proġetti;

*L-importanza tas-settur tal-bini*

55. Jindika li fl-2010, il-konsum tal-enerġija fil-bini kkostitwixxa l-akbar parti, 40 %, mill-konsum totali finali tal-enerġija fl-UE u li 26,7 % minnu kien ġej minn unitajiet domestiċi, u li dan il-konsum kien jikkostitwixxi 36 % tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju fl-Unjoni; jiddispjaċih li l-maġġorparti tal-Istati Membri jonqsu milli jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal ta' ffrankar fl-enerġija li għandu l-bini; jistieden lill-Kummissjoni ssib mezzi għat-tħeġġiġ ta' sforzi sabiex l-akbar potenzjal ta' ffrankar fl-enerġija ma jibqax mhux sfruttat, billi tippreżenta proposti għal objettivi ċari fir-rigward tal-konsum tal-enerġija tal-bini fl-Istati Membri;

56. Ifakkar li l-bini għandu ċiklu ta' rinnovazzjoni naturali ta' 40 sena u li tteknoloġiji tal-iffrankar tal-enerġija f'dan is-settur huma żviluppati sew, u għalhekk il-maġġoranza tal-ostakli li jimpedixxu l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija huma ta' natura mhux teknika; jindika li minħabba n-natura tal-proġetti ta' rinnovazzjoni fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, li spiss huma inqas viżibbli, iżgħar u aktar diffiċli biex jiġu aggregati, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għandhom ukoll rwol kruċjali fil-forniment tal-finanzjament meħtieġ biex jiġu megħluba dawn l-ostakli;

57. Jinnota li l-potenzjal ta' ffrankar fl-enerġija, li jiddependi l-aktar mill-kundizzjoni tal-istokk ta' bini eżistenti, mhuwiex mifrux b'mod ugwali fost l-Istati Membri u r-reġjuni; jitlob lill-Istati Membri jirfinaw id-definizzjoni tagħhom ta' "akkomodazzjoni deċenti" biex tinkludi l-istandards dwar l-effiċjenza enerġetika;

58. Jenfasizza li l-investiment pubbliku fl-effiċjenza enerġetika fil-bini huwa meħtieġ b'mod partikolari fir-reġjuni l-inqas żviluppati u fl-Istati Membri li jibbenefikaw mill-fond ta' Politika ta' Koeżjoni, fejn hemm potenzjal sinifikanti għat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija permezz ta' miżuri kosteffettivi;

59. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jimmassimizzaw l-użu ta' programmi nazzjonali u reġjonali sabiex ikun żgurat li jkun imfassal grad ogħli ta' effiċjenza enerġetika fil-bini l-ġdid u li jiġi implimentat fl-istokk ta' bini eżistenti (retrofitting), inkluż fil-każ ta' bini residenzjali għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx;

60. Jinnota li żoni rurali u remoti għandhom kundizzjonijiet ideali għall-użu ta' forom effiċjenti tal-produzzjoni tal-enerġija deċentralizzata li permezz tagħhom jitnaqqas it-telf fl-enerġija assoċjat ma' trasportazzjoni tal-elettriku fuq distanza twila;

61. Jistieden lill-awtoritajiet pubbliċi relevanti jħaffu r-rinnovazzjoni tal-bini li għandhom, bl-użu tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni biex jiġi pprovdut l-ingranaġġ meħtieġ u tinħoloq eżemplarità;

62. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lid-diffikultajiet iffaċċjati mis-sjieda konġunta ta' bini ta' appartamenti b'ħafna familji, li jirrappreżentaw problema ta' opportuniżmu (free-rider);

63. Jistieden lill-Kummissjoni ssawwar is-sensibilizzazzjoni madwar il-potenzjal reali ta' rinnovazzjoni profonda u rinnovazzjoni profonda fi stadji tal-istokk tal-bini, billi tappoġġa lill-Istati Membri u lir-reġjuni fit-tħejjija tal-istrateġiji tagħhom għar-rinnovazzjoni; jirrakkomanda li dawn l-istrateġiji jiġu żviluppati b'mod parallel mal-proposti għall-OPs, u li dawn jiffukaw fuq l-inkorporazzjoni tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi u jinkludu stadji importanti indikattivi għall-bini tal-fiduċja tal-investituri;

o

o o

64. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

---

P7_TA(2013)0346

## Strateġija għas-sajd fil-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar Jonju

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar strateġija tas-sajd fil-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar Jonju (2012/2261(INI))**

(2016/C 093/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija marittima għall-Baħar Adrijatiku u l-Baħar Jonju" (COM(2012)0713),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 ([1]), kif sussegwentement emendat (ir-Regolament dwar il-Mediterran),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-politika komuni tas-sajd ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-22 ta' Novembru 2012 dwar id-dimensjoni esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE u l-obbligu tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb fl-ambjent marin sa mhux aktar tard mis-sena 2020,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2012 dwar l-evoluzzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE: prassi attwali u prospettivi futuri, b'mod partikolari fil-Mediterran ([4]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-Żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-Politika Marittima Integrata (IMP) – Evalwazzjoni tal-progress li sar u sfidi ġodda ([6]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta (COM(2013)0133 finali),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar spinta ġdida għall-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea ([7]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva dwar il-Ħabitats ([8]),

---

([1]) ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11 ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6; ĠU L 196, 28.7.2011, p. 42.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0040.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0461.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2012)0269.
([5]) ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 193.
([6]) ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 70.
([7]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 132.
([8]) Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-7 ta' Ottubru 2012 tal-Ministri Ewropej responsabbli mill-politika marittima integrata, u tal-Kummissjoni, dwar Aġenda dwar il-Baħar u Marittima għat-tkabbir u l-impjiegi (id-Dikjarazzjoni ta' Limassol),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "It-Tkabbir Blu: opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli fis-settur tal-baħar u dak marittimu" (COM(2012)0494),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2011,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-Tniġġis u l-protokolli tagħha ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-12 ta' Ottubru 2011 b'appoġġ għall-iżvilupp ta' makroreġjun Adrijatiku-Jonju ġdid ([2]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Ancona, adottata fil-5 ta' Mejju 2010 waqt it-12-il laqgħa tal-Kunsill Jonju,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) tal-10 ta' Diċembru 1982,

— wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta għas-Sajd Responsabbli tal-FAO, adottat fil-31 ta' Ottubru 1995,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 199 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar ix-xogħol fis-settur tas-sajd,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0234/2013),

A. billi seba' pajjiżi jiżbukkaw fuq il-Baħar Adrijatiku u fuq il-Baħar Jonju ([3]), li erbgħa minnhom huma Stati Membri (l-Italja, il-Greċja u s-Slovenja), wieħed huwa Stat Membru futur (il-Kroazja), wieħed huwa pajjiż kandidat (il-Montenegro) u żewġ pajjiżi huma kandidati potenzjali (l-Albanija u l-Bosnja u Ħerzegovina);

B. billi l-kooperazzjoni transkonfinali hija essenzjali bil-għan li jiġu stabbiliti arranġamenti għall-ġestjoni konġunta tal-attivitajiet tas-sajd u jiġi żgurat sfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut;

C. billi, minkejja li ċerti pajjiżi Adrijatiċi stabbilixxew żoni speċjali, proporzjon sostanzjali tal-ilmijiet tal-Baħar Adrijatiku u tal-Baħar Jonju għadu tikkostitwixxi ilmijiet internazzjonali;

D. billi, fir-riżoluzzjoni reċenti tiegħu dwar l-evoluzzjoni tal-istrateġiji makroreġjonali tal-UE, il-Parlament enfasizza li l-istrateġija makroreġjonali Adrijatiku-Jonju tikkostitwixxi fattur sinifikanti fl-isforzi biex tintlaħaq ir-rikonċiljazzjoni bejn il-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent, u tista' tgħin l-isforzi li jagħmlu dawk il-pajjiżi biex jingħaqdu fl-UE, u b'hekk tkun tippermetti li titwettaq politika globali għall-baċir kollu tal-Mediterran;

E. billi l-istati firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Ancona stiednu lill-Kummissjoni tistabbilixxi strateġija makroreġjonali għar-reġjun Adrijatiku-Jonju, fuq il-linji tal-istrateġiji makroreġjonali li diġa' pproponiet għall-Baltiku (2009), għad-Danubju (2010) u għall-Oċean Atlantiku (2011) ([4]);

(1) Testi adottati, P7_TA(2010)0128.
(2) Opinjoni COTER-V-016, rapporteur Gian Mario Spacca (ALDE, IT), Ottubru 2011.
(3) Id-definizzjoni tal-Organizzazzjoni Idrografika Internazzjonali (IHO) tindika bħala limitu tan-Nofsinhar tal-Baħar Jonju l-linja bejn Capo Passero (Sqallija) u Ras Tainaron (Greċja).
(4) COM(2009)0248, COM(2012)0128, COM(2010)0715 u COM(2011)0782.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

F. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23-24 ta' Ġunju 2011 il-Kunsill Ewropew stieden lill-Istati Membri "[j]komplu x-xogħlijiet, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, dwar strateġiji makroreġjonali futuri possibbli, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna r-reġjun tal-Adrijatiku u l-Jonju";

G. billi, f'opinjoni reċenti tiegħu, il-Kumitat tar-Reġjuni stieden lill-Parlament isostni l-ħolqien ta' strateġija tal-UE għal makroreġjun Adrijatiku-Jonju li tqis l-isfidi maġġuri li dan il-baċir qiegħed iħabbat wiċċu magħhom, u partikolarment fir-rigward tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura;

H. billi s-sajd tradizzjonalment kien industrija importanti fil-parti l-kbira tar-reġjuni li jħarsu fuq il-Baħar Adrijatiku u fuq il-Baħar Jonju, u billi l-attivitajiet tas-sajd ta' din iż-żona attwalment huma ġestiti mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) u l-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT);

I. billi l-konformazzjoni ġeofiżika tal-baċir tal-baħar Adrijatiku, b'mod speċjali fil-parti tat-Tramuntana, hija kkostitwita prinċipalment minn qiegħ tal-baħar baxx u bir-ramel, li jilħaq fond ogħla biss wara ħafna mili bogħod mill-kosta, billi l-karatteristiċi ġeofiżiċi tal-baċir Jonju huma simili għal dawk tal-bqija tal-Mediterran li hu ħafna aktar fond, b'mod partikolari fil-GSAs (Sotto-Żoni Ġeografiċi tal-GFCM) 18 u 19, li għandhom fond li jilħaq sal-2 000 metru;

J. billi s-sajd fil-baċir Adrijatiku-Jonju huwa sajd ta' ħafna speċijiet ikkaratterizzat minn attivitajiet tas-sajd li jsiru bl-użu ta' diversi tipi ta' rkaptu, mis-sajd artiġjanali fuq skala żgħira sas-sajd bit-tkarkir demersali u mis-sajd pelaġiku bix-xibka tat-tkarkir sas-sajd rikreattiv;

K. billi l-Adrijatiku huwa l-ħabitat fejn jgħixu għadd kbir ta' speċijiet ta' ħut endemiċi; billi, madankollu, żieda fl-isforz tas-sajd u/jew livelli ogħla ta' tniġġis wasslu għal problemi maġġuri għall-istokkijiet tal-ħut u għall-industrija tas-sajd inġenerali, speċjalment fuq in-naħa Taljana tal-Baħar Adrijatiku tan-Nofsinhar;

L. billi, barra minn hekk, tul dawn l-aħħar snin kien hemm żieda konsiderevoli fl-akkwakultura fiż-żona Adrijatika-Jonja, minkejja li hemm restrizzjonijiet maġġuri mil-lat ta' ambjent u mil-lat ta' spazju, u għalkemm mhux iż-żoni kollha huma adattati għall-installazzjoni ta' faċilitajiet tat-trobbija tal-ħut lil hinn mill-kosta u, fejn dawn iż-żoni huma adattati, tali faċilitajiet mhux dejjem huma kompatibbli ma' attivitajiet oħra;

M. billi diġà hemm għaddejjin għadd ta' skemi reġjonali siewja għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni xjentifika immirati biex jiżguraw sajd responsabbli fil-Baħar Adrijatiku, bħal pereżempju ADRIAMED ([1]);

N. billi ħafna Stati Membri m'għandhomx pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali jew reġjonali speċifiċi li jirregolaw l-installazzjonijiet f'żoni tal-kosta u marini u li jiddefinixxi b'mod ċar iż-żoni disponibbli għall-impjanti tal-akkwakultura, bil-għan li jiġu pprevenuti l-kunflitti ta' interess faċilment prevedibbli ma' setturi ekonomiċi oħra bħalma huma t-turiżmu, l-agrikoltura u s-sajd mal-kosta;

O. b'kunsiderazzjoni tan-netwerk taż-żoni protetti kostali u marini tal-Baħar Adrijatiku (AdriaPAN), inizjattiva mmirata biex ittejjeb l-effikaċja tal-ġestjoni u l-kapaċità proġettwali ta' dawk iż-żoni permezz tas-sħubija;

P. billi l-iżvilupp ta' approċċ integrat għall-politiki marittimi relatati mal-Baħar Adrijatiku u mal-Baħar Jonju jeħtieġ ikun akkumpanjat minn proċess ta' djalogu u sħubija mal-istati kollha tal-kosta, minħabba n-natura transkonfinali tal-attivitajiet tal-baħar u r-riżorsi kondiviżi;

***Konsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jindika li, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament issa għandu setgħat koleġiżlattivi sħaħ fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura u bi ħsiebu għalhekk jiżvolġi r-rwol tiegħu totalment fit-tiswir tal-politika tas-sajd f'livell tal-UE, kif ukoll f'livell reġjonali u transreġjonali;

([1]) ADRIAMED huwa proġett reġjonali tal-FAO iffinanzjat mill-Ministeru Taljan tal-Politiki Agrikoli, Alimentari u Forestali (MiPAAF) u l-Kummissjoni mmirat lejn il-promozzjoni tal-kooperazzjoni xjentifika fost il-pajjiżi Adrijatiċi (l-Albanija, il-Kroazja, l-Italja, il-Montenegro u s-Slovenja), konformement mal-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli tal-UN-FAO.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

2. Jemmen li strateġija għall-Baħar Adrijatiku u għall-Baħar Jonju għandha tagħmel referenza partikolari għall-iżvilupp u t-tkabbir sostenibbli tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura, fosthom l-impjiegi;

3. Jemmen li strateġija għall-Baħar Adrijatiku u għall-Baħar Jonju għandha tfittex li tiżgura l-preservazzjoni u l-protezzjoni tal-ambjent;

4. Jifraħ lill-Kummissjoni talli adottat il-komunikazzjoni tat-3 ta' Diċembru 2012 bħala pass importanti għall-adozzjoni ta' qafas leġiżlattiv li jagħmilha ta' katalizzatur għal kooperazzjoni aktar intensa bejn il-pajjiżi u r-reġjuni li jħarsu fuq il-Baħar Adrijatiku u fuq il-Baħar Jonju bil-ħsieb li jiġ żgurat li s-sajd isir b'mod responsabbli u jkun ekonomikament vijabbli għall-komunitajiet ta' mal-kosta;

5. Jemmen, f'dan il-kuntest, li l-Politika Marittima Integrata (MPI) għandha tiżvolġi rwol vitali fl-iżvilupp ta' politika strateġika fit-tul fll-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar Jonju, bil-għan ta' tkabbir sostenibbli marin u marittimu u ta' preservazzjoni tal-ekosistemi marini għall-ġenerazzjonijiet ġejjiena;

6. Jemmen ukoll li l-ippjanar tal-ispazji marittimi bħal pereżempju l-proċess pubbliku għall-analizzar u l-ippjanar tat-tqassim spazjali u temporali tal-attivitajiet tal-bniedem fil-Baħar Adrijatiku u fil-Baħar Jonju – b'mod partikolari fit-Tramuntana tal-Baħar Adrijatiku – huwa vitali għall-ġejjieni sostenibbli tas-settur tas-sajd f'relazzjoni ma' attivitajiet relatati oħra;

7. Itenni l-impenn tiegħu favur l-introduzzjoni ta' strateġija makroreġjonali għal dan il-baċir marittimu importanti, bil-għan li jingħelbu l-isfidi u l-problemi komuni li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini fir-reġjuni tal-kosta kkonċernati u bil-għan li jiġu promossi l-iżvilupp ekonomiku u l-integrazzjoni Ewropea fiż-żona;

8. Iqis li l-programmi u l-istrumenti kollha ta' finanzjament ([1]) tal-UE, kif ukoll l-istrumenti ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA), li jikkonċernaw ir-reġjuni tal-baċir Adrijatiku-Jonju għandhom ikunu kompatibbli u użati bil-mod l-aktar effikaċi possibbli, biex iġibu valur miżjud reali lill-operaturi u lill-impriżi tal-katina tas-sajd preżenti fit-territorju;

9. Jesprimi l-konvinzjoni qawwija li full sforz favur sajd responsabbli u sostenibbli ġewwa l-baċir Adrijatiku-Jonju jista' jagħmilha ta' katalizzatur għall-iżvilupp taż-żoni tal-kosta u rurali tal-pajjiżi kkonċernati, u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' attivitajiet produttivi integrattivi, bħal pereżempju t-turiżmu tas-sajd, imwettaq minn sajjieda professjonali, li jikkonsisti mill-imbark, fuq laneċ tas-sajd, ta' persuni għal skopijiet turistiċi u rikreattivi jew ta' studju, iżda jibqgħu dejjem f'sintonija sħiħa mal-prinċipji ta' sajd sostenibbli li jirrispetta bis-sħiħ l-ekoloġija u l-bijodiversità tal-baċir stess;

10. Iqis li l-Konvenzjoni ta' Barċellona dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali u l-Protokoll tagħha, li daħlu fis-seħħ f'Marzu 2011, għandhom iservu ta' mudell biex issir obbligatorja politika integrata għall-Istati Membri li jmissu mal-Baħar Adrijatiku u mal-Baħar Jonju;

11. Iqis li l-informazzjoni disponibbli rigward l-istokkijiet tal-ħut fil-baċir Adrijatiku-Jonju, il-moviment u d-distribuzzjoni tagħha, kif ukoll dwar l-attività tas-sajd rikreattiv, mhijiex sodisfaċenti, u jistieden, għalhekk, lill-awtoritajiet u lill-istituti ta' riċerka kompetenti jattivaw ruħhom fil-pront biex jimlew il-lakuni eżistenti;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri ulterjuri biex tippromwovi programmi ta' riċerka relatati mal-ambjent tal-baħar u mas-sajd, u biex tħeġġeġ l-użu u t-tixrid tas-sejbiet ta' din ir-riċerka;

13. Iqis li, fil-qasam kummerċjali, eżempji validi ta' kooperazzjoni bejn korpi amministrattivi ta' diversi reġjuni ([2]), jistgħu jassumu rwol ta' "prattika tajba" u jkunu estiżi għal kampijiet ta' applikazzjoni oħrajn biex jiġi garantiti traċċabilità, profittabilità u kummerċjalizzazzjoni aħjar tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u partikolarment tal-prodott lokali;

14. Japprova l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha għall-iżvilupp ta' settur tas-sajd sostenibbli u produttiv f'dan ir-reġjun;

---

([1]) Fondi Strutturali (FEŻR, FK, FSE, FES/FEMS), is-Seba' Programm Kwadru u LIFE+.

([2]) Pereżempju l-Osservatorju Soċjoekonomiku għas-Sajd u l-Akkwakultura fl-Adrijatiku tat-Tramuntana.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

15. Iqis li huwa indispensabbli, għal żvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura fil-baċir Adrijatiku-Jonju kollu, kif ukoll għal żieda fl-impjiegi fil-komunitajiet ta' mal-kosta, li jiġi valorizzat ix-xogħol importanti immens tan-nisa fil-katina tas-sajd, jiġuhom faċilitati l-kwalifika professjonali u l-inklużjoni fil-gruppi ta' azzjoni tal-kosta u fl-organizzazzjoni tal-produtturi;

16. Jitlob li jiġu offruti inċentivi li jkunu kapaċi jattiraw liż-żgħażagħ lejn is-setturi tas-sajd u l-akkwakultura f'din iż-żona u jheġġiġhom jinvolvu rwieħhom f'dawn l-attivitajiet;

17. Josserva li l-Parlament diġà fil-passat ġibed l-attenzjoni għall-bżonn ta' leġiżlazzjoni dwar l-akkwakultura aktar sempliċi, koerenti u trasparenti, li tneħħi l-ostakli li xekklu s'issa l- iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tas-settur tal-akkwakultura tal-UE, li għandha bżonn regoli tal-UE u nazzjonali ċari u mhux kontradittorji, kif ukoll pjanijiet ta' żvilupp tal-baħar u tal-kosta definiti sew mill-Istati Membri, konformement mal-indikazzjonijiet adottati dan l-aħħar fi ħdan il-GFCM ([1]);

18. Ifakkar li l-iżvilupp immirat tas-settur tal-akkwakultura jaf joffri lir-reġjuni tal-kosta tal-baċir Adrijatiku-Jonju, b'potenzjal turistiku sajfi qawwi, impjiegi mhux suġġetti għall-fluttwazzjonijiet staġjonali, u għalhekk kontribut sinifikanti għall-impjiegi;

19. Jisħaq li l-espansjoni tal-attivitajiet tal-akkwakultura m'għandhiex tipperikola l-kisba ta' status ambjentali tajjeb skont id-Direttiva 2008/56/KE, u għandha ssir b'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni ambjentali relevanti kollha tal-Unjoni;

20. Ifakkar li l-protezzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u tal-ambjent tal-baħar mit-tniġġis u mis-sajd eċċessiv u/jew illegali hija possibbli biss permezz tal-ħolqien ta' netwerk integrat ta' sistemi ta' informazzjoni u sorveljanza tal-attivitajiet marittimi, f'kollaborazzjoni stretta mal-istati u r-reġjuni tal-kosta kkonċernati;

***Konsiderazzjonijiet speċifiċi***

21. Iħeġġeġ lill-pajjiżi tal-kosta tal-baċir tal-baħar Adrijatiku-Jonju biex jikkoperaw fit-tfassil ta' ħarsa ġenerali globali tal-karatteristiċi ġeofiżiċi u batimetriċi speċifiċi taż-żona, il-preżenza u d-distribuzzjoni tad-diversi speċijiet tal-baħar u tat-tekniki ta' sajd differenti, biex tinkiseb perspettiva ġenerali li sservi ta' bażi għal ġestjoni tas-sajd aħjar u tgħin biex tissaħħaħ l-attività tas-sajd fl-ambitu ta' kwalunkwe strateġija makroreġjonali ġejjiena;

22. Iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni tadotta mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard sal-2013, il-pjan ta' azzjoni relatat għall-applikazzjoni konkreta tal-istrateġija marittima fuq bażi makroreġjonali għall-Baħar Adrijatiku u l-Baħar Jonju, billi tindika kif is-settur tas-sajd għandu jkun waħda mill-prijoritajiet fi ħdan din l-istrateġija, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi ġeofiżiċi speċifiċi u filwaqt li dan il-pjan ta' azzjoni jintrabat mal-politika reġjonali, mal-politika marittima integrata tal-Unjoni u mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, sabiex l-effett ta' lieva tiegħu jiġi massimizzat;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, mill-aktar fis possibbli, proposta għal regolament li jiddefinixxi miżuri tekniċi komuni fil-qasam tas-sajd fil-baċir Adrijatiku-Jonju, l-isforz tas-sajd, il-perjodi tas-sajd u l-irkaptu ammessi għall-attività tas-sajd fil-baċir Adrijatiku-Jonju u miżuri ta' ġestjoni oħra relevanti.

24. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Istati Membri m'għamlux aktar użu minn dawn il-pjanijiet ta' ġestjoni individwali, li jippermettu li ċerti regoli jiġu sospiżi biex ikunu jistgħu jitqiesu karatteristiċi speċifiċi; iqis li dan kien jiffaċilità b'mod konsiderevoli l-ġestjoni lokali u kien jipprovdi data siewja dwar is-sitwazzjoni taż-żoni differenti, filwaqt li jagħmilha possibbli li jsiru l-bidliet meħtieġa; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri kostali biex jikkollaboraw b'mod kostruttiv ma' xulxin u mal-Kummissjoni fl-aġġornament u fl-adattament kontinwu tal-miżuri tal-ġestjoni tas-sajd;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi djalogu permanenti mal-pajjiżi terzi tal-baċir Adrijatiku-Jonju, bil-ħsieb li tikkonkludi ftehimiet bilaterali jew multilaterali bil-għan li jsir progress lejn armonizzazzjoni u standardizzazzjoni tar-regoli għall-ġestjoni tas-sajd, ħalli jintlaħqu l-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) tal-UE fil-Mediterran filwaqt li jittieħed vantaġġ sħiħ tal-qafas għall-kollaborazzjoni li jipprovdu l-organizzazzjonijiet tas-sajd internazzjonali u reġjonali; jindika li strateġija għall-Baħar Adrijatiku u għall-Baħar Jonju tista' tkun ta' valur miżjud biss sakemm jitqiesu l-pajjiżi kollha li jmissu ma' dawn l-ibħra, kemm dawk tal-UE kif ukoll dawk li mhumiex;

---

([1]) Riżoluzzjoni GFCM/36/2012/1 "Guidelines on Allocated Zones for Aquaculture (AZA)", adottata fl-ambitu tas-36 sessjoni tal-GFCM (Mejju 2012).

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

26. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-objettivi tal-PKS, b'mod partikolari l-għan li jintlaħaq rendiment 'il fuq mir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) għall-istokkijiet kollha tal-ħut sa mhux aktar tard mill-2020, u sabiex tħeġġeġ l-użu ta' approċċ imsejjes fuq l-ekosistemi fir-rigward ta' pajjiżi li ma jagħmlux parti mill-UE;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tintensifika, mal-Istati tal-kosta, l-iskambju ta' prattiki tajba ta' konservazzjoni u tippromwovi l-ħolqien ta' żoni tal-baħar protetti ("recovery areas") bil-għan ta' rkupru tal-ispeċijiet l-aktar mhedda;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-għanijiet tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (DKSM) fir-rigward ta' pajjiżi li ma jagħmlux parti mill-UE li jmissu mal-Baħar Adrijatiku u mal-Baħar Jonju, jiġifieri biex jintlaħaq jew jinżamm status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar sa mhux aktar tard mis-sena 2020;

29. Jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li jmissu mal-Baħar Adrijatiku u mal-Baħar Jonju jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji marini li jieħdu approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi u li jiżguraw l-integrazzjoni tal-interessi ambjentali fil-politiki differenti li għandhom impatt fuq l-ambjent tal-baħar, filwaqt li jqisu l-effetti transkonfinali fuq il-kwalità tal-ilmijiet tal-baħar tal-pajjiżi terzi ġirien;

30. Ifakkar li jeżisti finanzjament, kemm mill-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS) futur, permezz tal-programmi tiegħu ta' ġbir ta' data, kif ukoll fl-ambitu tad-diversi programmi ta' riċerka tal-Unjoni, għal titjieb tal-għarfien tal-ambjent marittimu, fosthom l-ispeċijiet tal-ħut, u għall-introduzzjoni ta' aktar innovazzjoni u prattiki aqwa fl-attivitajiet tas-sajd; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri jressqu proġetti f'dawn l-oqsma u jqisu li kooperazzjoni avvanzata fost id-diversi pajjiżi kostali, kemm dawk tal-UE kif ukoll dawk li mhumiex, tista' twassal għal inizjattivi interessanti ħafna li jista' jgawdi minnhom il-baċir Adrijatiku-Jonju kollu kemm hu, permezz ta' proġetti ppreżentati mill-Istati Membri;

31. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-opportunità li toħloq, flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u fuq l-esperjenza meħuda permezz tal-FEMIP ([1]), linja ta' finanzjament ad hoc għall-implimentazzjoni tal-miżuri u tal-objettivi ta' din l-istrateġija, biex ikunu evitati aktar kumplikazzjonijiet bl-adozzjoni ta' strumenti baġitarji ġodda; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra wkoll il-possibilità li tuża bonds tal-proġetti u sħubiji pubbliċi-privati bħala strumenti ta' finanzjament adattati ħafna;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment, fi ħdan il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali li diġà huwa stabbilit għall-Mediterran, korpi konsultattivi speċifiċi, kemm għall-Baħar Adrijatiku kif ukoll għall-Baħar Jonju, abbażi tal-esperjenzi pożittivi tad-"distretti tal-baħar" stabbiliti fl-ilmijiet Taljani ([2]) (bħad-distrett tas-sajd tat-Tramuntana tal-Adrijatiku, stabbilit fl-2012 għall-ġestjoni komuni u flimkien tas-settur tas-sajd tat-Tramuntana tal-Adrijatiku mil-lat politiku, ekonomiku, soċjali u ambjentali);

33. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fil-proposta leġiżlattiva futura dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu, dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-Istati Membri marittimi jagħmlu inventarji tar-regoli fis-seħħ dwar il-protezzjoni tal-ambjent u tat-turiżmu fit-territorji nazzjonali rispettivi tagħhom u – għaż-żoni mhux suġġetti għal restrizzjonijiet – tadotta pjanijiet ta' żvilupp marin u kostali li jistabbilixxu l-ammissibilità u l-kompatibilità tal-użu u tal-okkupazzjoni ta' dawn iż-żoni, bil-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal żoni xierqa għall-istabbiliment ta' impriżi tal-akkwakultura;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi Pjan ta' Ħidma speċifiku għall-Baħar Adrijatiku u għall-Baħar Jonju, li fih jiġu spjegati l-objettivi ġejjiena f'dak ir-reġjun bħalma qed isir attwalment fil-Baħar Mediterran (il-proġett IMP-MED); jenfasizza li dan il-Pjan ta' Ħidma għandu jitqies bħala proġett eleġibbli għall-finanzjament taħt il-Fond Ewropew Marittimu u s-Sajd (FEMS);

---

([1]) Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investiment u Sħubija.

([2]) Id-"distretti tal-baħar" ġew stabbiliti bl-iskop li jsaħħu l-kollaborazzjoni bejn il-gvern ċentrali u l-gvernijiet reġjunali fl-iżvilupp u s-sostenn għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, u biex jippromwovu s-sħubija mas-sajjieda u mal-operaturi tas-settur tas-sajd.

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal sensiela ta' miżuri ta' sanzjoni biex ikun żgurat li Stat Membru li ma jissodisfax l-obbligi tiegħu ta' ġbir u trażmissjoni ta' dejta jew li ma jkunx kapaċi jindirizza b'mod determinat il-problemi bis-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU) fl-ilmijiet tiegħu jew mill-flotta tas-sajd tiegħu, ikun jista' jiġi sanzjonat.

o

o o

36. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0347

# Lejn interpretazzjoni aktar effiċjenti u kosteffikaċi fil-Parlament Ewropew

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar "Lejn interpretazzjoni aktar effiċjenti u kosteffikaċi fil-Parlament Ewropew" (2011/2287(INI))**

(2016/C 093/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Settembru 2006 dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 5/2005: L-infiq fuq l-interpretazzjoni magħmul mill-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 5/2005 bit-titolu "L-infiq fuq l-interpretazzjoni magħmul mill-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill" flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ([2]),

— wara li kkunsidra n-nota lill-membri tal-Bureau bit-titolu "Il-Multilingwiżmu komplet billi r-riżorsi jintużaw b'mod aktar effiċjenti fl-interpretazzjoni – implimentazzjoni tad-deċiżjoni dwar il-baġit tal-Parlament Ewropew għall-2012",

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' April 2013 bit-titolu "Tħejjija għall-Kumplessità: Il-Parlament Ewropew fl-2025 – It-Tweġibiet",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0233/2013),

A. billi l-multilingwiżmu huwa wieħed mill-elementi ewlenin tal-Parlament Ewropew, u tal-Unjoni kollha kemm hi, u billi jiżgura r-rispett għad-diversità kulturali u lingwistika kif ukoll it-trattament ugwali ta' ċittadini tal-UE b'oriġini u minn sfondi differenti;

B. billi l-prinċipju tal-multilingwiżmu fil-Parlament Ewropew jikkostitwixxi l-pedament tal-ħidma politika, koleġiżlattiva u komunikattiva tal-istituzzjoni;

---

([1]) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 67.
([2]) ĠU C 291, 23.11.2005, p. 1.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

C. billi l-prinċipju tal-multilingwiżmu fil-Parlament Ewropew jiddefendi kontra t-tfixkil mingħajr bżonn tad-dritt taċ-ċittadini Ewropej li joħorġu għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew;

D. billi l-multilingwiżmu jiggarantixxi d-dritt taċ-ċittadini li jikkomunikaw mal-Parlament fi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE, u b'hekk jippermettilhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' skrutinju demokratiku;

E. billi s-servizzi lingwistiċi tal-Parlament jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u, b'dan il-mod, jiżguraw li l-Parlament jibqa' miftuħ għaċ-ċittadini kollha tal-Ewropa, billi jiżguraw it-trasparenza fl-istruttura multilingwa unika tal-Unjoni bbażata fuq 24 lingwa uffiċjali;

F. billi r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jistipulaw li l-Membri jistgħu jitkellmu bil-lingwa uffiċjali tal-għażla tagħhom u li tkun provduta interpretazzjoni fil-lingwi uffiċjali l-oħra, biex b'hekk jiġi rispettat id-dritt demokratiku li dak li jkun jiġi elett fil-Parlament Ewropew irrispettivament mill-ħiliet lingwistiċi tiegħu;

G. billi, b'konsegwenza ta' perjodi ta' tkabbir suċċessivi, l-isfida tal-multilingwiżmu laħqet dimensjoni kompletament ġdida f'termini ta' daqs, kumplessità u rilevanza politika, u billi multilingwiżmu estensiv jissarraf, naturalment, fi spejjeż kbar u li qed jiżdiedu għall-Parlament u għalhekk għaċ-ċittadini tal-Unjoni;

H. billi, fir-rigward tal-baġit tal-Parlament għall-2012, kien neċessarju li jsir iffrankar konsiderevoli, inkluż tnaqqis ta' EUR 10 miljun fis-sena fl-ispejjeż għas-servizzi ta' interpretazzjoni, biex jiġi limitat it-tkabbir tal-baġit għal 1,9 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel

***Il-qafas tal-interpretazzjoni fil-Parlament Ewropew***

1. Jirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropea hija l-unika entità fid-dinja li topera b'politika uffiċjali ta' multilingwiżmu bbażat fuq 24 lingwa uffiċjali, b'total ta' 552 kombinazzjoni lingwistika li jridu jiġu koperti; jilqa', b'rabta ma' dan, il-kwalità għolja ħafna tas-servizzi ta' interpretazzjoni tal-Parlament, iżda jemmen li wieħed għandu jfittex modi kif inaqqas il-piż li ġġib magħha l-istruttura kumplessa tal-multilingwiżmu u l-ispejjeż konsiderevoli u li qed jiżdiedu tagħha;

2. Jinnota li, mil-lingwi kollha mitkellma fil-plenarja fi Strasburgu u fi Brussell minn Settembru 2009 sa Frar 2013, l-Ingliż intuża għal 26 979 minuta (29,1 %), il-Ġermaniż għal 12 556 minuta (13,6 %), il-Franċiż għal 8 841 minuta (9,5 %), l-Estonjan għal 109 minuti (0,1 %) u l-Malti għal 195 minuta (0,2 %);

3. Jenfasizza li kemm is-seduti plenarji kif ukoll il-laqgħat tal-kumitati jistgħu jiġu aċċessati pubblikament minn kulħadd permezz tal-webstreaming u tal-video-on-demand – midja ġodda li qed iżidu t-trasparenza tal-attivitajiet tal-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-UE – u li d-disponibilità tagħhom fil-lingwi uffiċjali kollha tisħaq fuq in-natura demokratika u multikulturali tal-Parlament;

4. Jinnota li xi entitajiet multinazzjonali, bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, joperaw biss fil-livell intergovernattiv bl-ebda funzjoni leġiżlattiva; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li b'rabta ma' dan in-NU, b'192 membru, għandha sistema lingwistika b'sitt lingwi uffiċjali, u li n-NATO, bi 28 membru, tuża prinċipalment l-Ingliż, minkejja li għandha żewġ lingwi uffiċjali;

5. Jenfasizza, madankollu, li l-Parlament huwa korp politiku elett demokratikament, li l-Membri tiegħu huma eletti irrispettivament mill-ħiliet lingwistiċi tagħhom; itenni, għalhekk, id-dritt ta' kull Membru li jitkellem bil-lingwa uffiċjali tal-għażla tiegħu, bħala prinċipju ewlieni tal-arranġamenti operattivi tal-Parlament;

6. Jinnota li l-implikazzjonijiet prattiċi tal-użu tal-lingwi uffiċjali fil-Parlament Ewropew huma stipulati fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu tiegħu, li ġie aġġornat fl-2008; jinnota l-fatt li l-kunċett ta' "multilingwiżmu sħiħ ikkontrollat" stipulat f'dak il-Kodiċi jippreserva l-ugwaljanza fost il-Membri u ċ-ċittadini; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-implimentazzjoni ta' multilingwiżmu sħiħ, filwaqt li hija bbażata fuq il-prinċipju ta' "interpretazzjoni fuq talba", fuq perjodu ta' żmien twil se tkun tiddependi fuq l-iżgurar li l-utenti tas-servizzi lingwistiċi jkunu konxji għalkollox tal-ispejjeż tal-provvista ta' dawk is-servizzi u, b'hekk, tar-responsabbiltà tagħhom li jagħmlu l-aħjar użu possibbli minnhom;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

7. Jemmen li l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jeħtieġ li jkun japplika għall-interpretazzjoni wkoll, u li bil-ħsieb li jiġi żgurat l-aħjar valur għall-flus għall-kontribwenti Ewropej, għandha titwettaq analiżi kritika kontinwament biex tevalwa fejn u kif tista' tittejjeb l-effiċjenza u kif jistgħu jiġu kkontrollati jew limitati l-ispejjeż;

***L-użu effiċjenti tar-riżorsi tal-interpretazzjoni***

8. Jinnota d-deċiżjoni dwar "Multilingwiżmu komplet billi r-riżorsi jintużaw b'mod aktar effiċjenti fl-interpretazzjoni" meħuda mill-Bureau tal-Parlament fl-2011, li żżid l-effiċjenza tas-servizzi ta' interpretazzjoni u tnaqqas l-ispejjeż strutturali tagħhom b'dawn il-modi:

(i) it-tqabbil tal-bżonnijiet li jirriżultaw mill-ivvjaġġar mid-delegazzjonijiet tal-Parlament mar-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli,

(ii) filwaqt li tingħata prijorità lill-interpretazzjoni għat-trilogi matul il-ġimgħat tal-kumitati,

(iii) it-tqassim tal-laqgħat tal-kumitat b'mod aktar ibbilanċjat matul il-ġimgħa,

(iv) l-applikazzjoni aktar stretta tar-regoli dwar id-dewmien tal-laqgħat ta' filgħaxija;

9. Jilqa' l-fatt li b'konsegwenza ta' dan, ir-riżorsi baġitarji ddedikati għas-servizzi tal-interpretazzjoni fil-Parlament bdew jonqsu; jirrimarka li fl-2010 ċ-ċifra tal-eżitu tal-baġit kienet EUR 54 990 000, li fl-2011 kienet EUR 56 964 283 u li bħalissa tammonta għal EUR 47 000 000 għall-2012, għalkemm l-eżitu finali għall-2012 mhux se jkun magħruf qabel il-31 ta' Diċembru 2013 u jista' jkun ogħla;

10. Jinnota li l-baġit stmat għall-2013 jammonta għal ċifra ta' EUR 58 000 000 għad-DĠ Interpretazzjoni, li minnhom EUR 53 000 000 huma konnessi direttament mas-servizzi ta' interpretazzjoni; jitlob li jkun informat fid-dettall u fuq bażi regolari dwar ir-riżultati konkreti tal-inizjattiva "Multilingwiżmu komplet billi r-riżorsi jintużaw b'mod aktar effiċjenti" fir-rigward tal-baġit 2013, b'mod partikolari f'termini ta' tnaqqis jew żidiet mistennija fl-ispejjeż;

11. Jinnota, barra minn hekk, li filwaqt li s-servizzi ta' interpretazzjoni tal-Parlament swew EUR 157 954 283 fil-perjodu ta' tliet snin sal-aħħar tal-2012, inkiseb tnaqqis ta' 17 % meta jitqabblu ċ-ċifri tal-eżitu tal-baġit għall-2010 u l-2012; jinnota li l-iffrankar intelliġenti miksub fis-servizzi ta' interpretazzjoni ma pperikolax il-prinċipju tal-multilingwiżmu u jinsisti li jeħtieġ li jiġi żgurat aċċess ugwali għas-servizzi lingwistiċi għall-Membri u li jeħtieġ li jinżammu kundizzjonijiet ta' xogħol xierqa għas-servizzi kkonċernati;

12. Jilqa' l-fatt li l-istimi tal-Parlament tad-dħul u l-infiq għas-sena finanzjarja 2014 jipproponu li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-interpretazzjoni bi 23 % matul sena tal-elezzjonijiet, meta mqabbla maċ-ċifra tal-baġit tal-2013 ta' EUR 58 000 000; jitlob informazzjoni dettaljata li tagħti prova li t-tnaqqis propost huwa fattibbli u li tista' tinżamm il-kwalità eċċellenti tal-interpretazzjoni;

13. Jenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni ta' "multilingwiżmu komplet billi r-riżorsi jintużaw b'mod aktar effiċjenti" wasslet sabiex jinkisbu gwadanji konsiderevoli permezz ta' tqassim aktar ibbilanċjat tal-laqgħat tal-kumitati matul il-ġimgħa, mingħajr l-ebda tnaqqis fin-numru globali tal-laqgħat tal-kumitati; jinnota li, b'konsegwenza ta' dan, in-numru totali ta' ġranet ta' interpreti naqas minn 105 258 (EUR 107 047 386) fl-2011 għal 97 793 (EUR 100 237 825) fl-2012, u dan wassal għal iffrankar ta' EUR 6 809 561;

14. Jinnota bi tħassib li, skont ir-rapporti dwar il-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu, it-talbiet għal servizzi ta' interpretazzjoni li joriġinaw mill-kumitati, mid-delegazzjonijiet u mill-gruppi politiċi xorta kienu għadhom affettwati minn livell għoli u li qed jikber ta' kanċellazzjonijiet tard, kif muri minn dawn iċ-ċifri:

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| Kumitati | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| Talbiet | 984 | 1 712 | 2 213 | 2 448 |
| Kanċellazzjonijiet tard | 76 | 172 | 238 | 359 |
| % | 7,72 % | 10,05 % | 10,80 % | 14,70 % |

| Delegazzjonijiet | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| Talbiet | 624 | 813 | 836 | 832 |
| Kanċellazzjonijiet tard | 116 | 93 | 102 | 171 |
| % | 18,59 % | 11,44 % | 12,20 % | 20,60 % |

| Gruppi politiċi | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| Talbiet | 1 922 | 2 310 | 2 297 | 2 146 |
| Kanċellazzjonijiet tard | 285 | 378 | 266 | 292 |
| % | 14,83 % | 16,36 % | 11,60 % | 13,60 % |

15. Jinnota bi thassib li l-ispejjeż **potenzjali** b'konsegwenza ta' dawn il-kanċellazzjonijiet tard jirrappreżentaw**, mingħajr assenjazzjoni mill-ġdid tal-aħħar minuta ta' ċerti interpreti,** proporzjon sostanzjali tal-baġit globali għall-interpretazzjoni; jinnota f'dan ir-rigward li fl-2011 EUR 4 350 000 (7,6 % tal-baġit għall-interpretazzjoni), u fl-2012 EUR 5 480 000 (11,9 % tal-baġit għall-interpretazzjoni), **ikunu** ntnefqu fuq is-servizzi tal-interpretazzjoni li kienu disponibbli **u mbagħad ikkanċellati wara l-iskadenzi previsti fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu;** jistieden lill-Bureau biex jipprovdi lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit analiżi dettaljata tat-tendenza li qed tikber fir-rigward tal-kanċellazzjonijiet tard u biex idaħħal mekkaniżmu biex tiżdied il-kuxjenza dwar ir-riżorsi mitlufa minħabba kanċellazzjonijiet tard u biex inaqqas b'mod sinifikanti n-numru u l-perċentwal ta' dawn il-kanċellazzjonijiet;

16. Itenni li, filwaqt li jinżamm standard għoli ta' ħidma, huwa neċessarju wkoll li jsir użu aktar effiċjenti tar-riżorsi lingwistiċi u li jiġu kkontrollati l-ispejjeż tagħhom billi jitqies l-ammont ta' xogħol għal kull taqsima lingwistika u billi jiġi żgurat li jitnaqqsu l-ispejjeż iġġenerati bil-kanċellazzjoni tard ta' talbiet għal laqgħat u żjarat ta' delegazzjonijiet b'servizzi ta' interpretazzjoni, bi ksur tal-iskadenzi stipulati fil-Kodiċi ta' Kondotta; jinsisti li l-kumitati, id-delegazzjonijiet u l-gruppi politiċi għandhom ikunu konxji mir-regoli stipulati fil-Kodiċi ta' Kondotta;

17. Jistieden lill-Bureau biex jiżviluppa sistema b'miżuri ulterjuri sabiex ikunu jistgħu jiġu miġġielda l-kanċellazzjonijiet tard tal-prenotazzjonijiet tal-interpreti;

18. Jistieden lill-amministrazzjoni tagħmel użu sħiħ u effiċjenti mill-profili lingwistiċi aġġornati tal-Membri meta tagħmel l-arranġamenti lingwistiċi għall-kumitati, għad-delegazzjonijiet u għall-gruppi politiċi kemm fil-postijiet tax-xogħol kif ukoll barra minnhom; jinsisti li l-profili lingwistiċi tal-Membri kollha għandhom jiġu aġġornati kull sena; jirrimarka, barra minn hekk, li kopja tal-profili aġġornati għandha tintbagħat lis-segretarjati tal-kumitati, tad-delegazzjonijiet, tal-gruppi politiċi u tal-gruppi ta' ħidma;

19. Jinsisti li, b'kunsiderazzjoni xierqa tad-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament ta' Diċembru 2011 dwar "Multilingwiżmu komplet billi r-riżorsi jintużaw b'mod aktar effiċjenti", l-interpretazzjoni f'lingwa uffiċjali waqt żjara ta' delegazzjoni għandha tiġi pprovduta biss fuq it-talba bil-miktub espliċita ta' Membru parteċipanti tal-Parlament Ewropew; jenfasizza li matul żjara ta' delegazzjoni, in-numru ta' interpreti **għandu jinżamm għal minimu assolut f'konformità mar-regoli applikabbli;**

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

20. Ifakkar fil-proposta tas-Segretarju Ġenerali li jintroduċi miżuri li jqajmu l-kuxjenza fost l-utenti tas-servizzi ta' interpretazzjoni, inklużi l-kumitati, id-delegazzjonijiet u l-gruppi politiċi, u jistenna aktar proposti dettaljati biex titjieb il-kuxjenza dwar l-ispiża ta' kanċellazzjonijiet tard;

21. Jistieden lill-amministrazzjoni biex tkompli bil-proċedura fejn il-kap tat-tim tal-interpreti jfassal lista ta' faċilitajiet ta' interpretazzjoni mitluba iżda mhux użati fi tmiem kull laqgħa u bi qbil mas-segretarjat ta' dik il-laqgħa; jinnota li kopja ta' dik il-lista għandha tiġi ppreżentata lis-segretarjat tal-laqgħa kkonċernata; iqis li l-lista għandha tqis ukoll l-utenti tal-webstreaming jew tal-vidjow fuq talba;

22. Jieħu nota tas-servizz il-ġdid ta' Interpretazzjoni ad personam (IAP) offrut lill-Membri u stabbilit wara l-proġett pilota li beda fl-2010; jinnota li dan is-servizz ġdid involva spejjeż ta' EUR 157 000 fl-2011 u EUR 115 000 fl-2012; jemmen li s-servizz għandu jiġi rivedut biex jiġu esplorati modi kif jittejjeb;

***L-interpretazzjoni fil-Parlament Ewropew: it-triq 'il quddiem***

23. Jilqa' l-fatt li s-servizzi tal-interpretazzjoni kisbu gwadanji fl-effiċjenza u tnaqqis fl-ispejjeż fi snin riċenti, filwaqt li żammu kwalità eċċellenti ta' xogħol; jenfasizza l-fatt li l-infiq fuq l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni għadu jieħu proporzjon sinifikanti tal-baġit tal-Parlament u għalhekk jemmen li l-isfida tal-multilingwiżmu bi spejjeż raġonevoli tirrikjedi l-attenzjoni kontinwa tal-Parlament;

24. Jemmen li l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit għandu jiġi infurmat regolarment dwar il-bidliet fl-ispiża tal-interpretazzjoni; jitlob li r-rapport annwali dwar il-Kodiċi ta' Kondotta mħejji mis-servizzi tal-interpretazzjoni u mibgħut lis-Segretarju Ġenerali jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-membri tal-kumitat;

25. Huwa tal-fehma li sitwazzjonijiet li fihom l-interpretazzjoni f'ċerti lingwi tiġi offruta mingħajr ma tintuża għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun; jenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' interpretazzjoni mhux meħtieġa fil-laqgħat, u għalhekk jitlob li tiġi żviluppata u implimentata b'mod urġenti sistema li tevita sitwazzjonijiet li fihom l-interpretazzjoni tkun disponibbli f'lingwi li ma jiġux mitkellma waqt laqgħa partikolari jew li ma jintalbux minn utenti tal-webstreaming;

26. Jistenna li s-Segretarju Ġenerali jippreżenta, sal-aħħar tas-sena, analiżi dettaljata tal-lingwi ta' interpretazzjoni provduti fil-laqgħat kollha tal-gruppi (ta' ħidma), tal-kumitati u tad-delegazzjonijiet u l-lingwi li fil-fatt jiġu mitkellma waqt dawn il-laqgħat, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn id-derogi mir-regoli ġenerali tal-interpretazzjoni adottati mill-Bureau fit-12 ta' Marzu 2012 ([1]) mitluba miż-żjarat tad-delegazzjonijiet u mogħtija lilhom;

27. Jistieden lill-Bureau jadotta deċiżjoni oħra dwar il-multilingwiżmu sal-aħħar tas-sena, li tittratta speċifikatament xenarji possibbli għal "interpretazzjoni fuq talba" u l-gwadanji fl-effiċjenza li mistennija jintlaħqu bħala riżultat tagħha;

28. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri, għalhekk, tipprovdi lill-Parlament, f'perjodu ta' żmien raġonevoli u mhux aktar tard minn Marzu 2014, b'rapport speċjali dwar in-nefqa fuq l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni li għamlu l-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill, u li jivvaluta l-adegwatezza tal-ġestjoni finanzjarja involuta u jaġġorna s-sejbiet magħmula fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 5/2005; jinnota, barra minn hekk, li dan ir-rapport jista' jsir perjodikament u jintuża għall-proċedura tal-kwittanza; itenni li r-rapport għandu jipprovdi informazzjoni dwar jekk l-istituzzjonijiet involuti għandhomx għodod u proċeduri adegwati biex jiżguraw li:

— is-servizzi provduti ma jmorrux lil hinn mill-ħtiġijiet reali;

([1]) Kien ġie deċiż b'mod speċifiku li, filwaqt li d-delegazzjonijiet ikomplu jibbenefikaw minn intitolament sħiħ għal interpretazzjoni sa ħames lingwi, kif stipulat fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu, matul ġimgħat iddedikati għal attivitajiet parlamentari esterni (ġimgħat ħodor), id-delegazzjonijiet li jirrikjedu derogi għall-ivvjaġġar matul ġimgħat tal-kumitati jiġu provduti biss b'sistema lingwistika limitata li biha ma jkunx hemm iktar minn interpretazzjoni f'lingwa waħda.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

— is-servizzi kollha meħtieġa jistgħu jiġu provduti;

— is-servizzi jiġu provduti bl-iktar spiża baxxa possibbli;

— is-servizzi provduti jkunu ta' kwalità għolja;

29. Jinnota wkoll li dan ir-rapport ta' segwitu għandu jqabbel b'attenzjoni l-kosteffettività tas-servizzi ta' interpretazzjoni tal-Parlament ma' dik tas-servizzi ta' interpretazzjoni pprovduti mill-Kunsill u l-Kummissjoni, u jqabbel l-ispejjeż attwali tas-servizzi ta' interpretazzjoni tat-tliet istituzzjonijiet ma' dawk irreġistrati fil-perjodu ta' referenza tal-awditjar;

30. Jinsisti, barra minn hekk, li l-Parlament għandu jindirizza, bħala prijorità, l-għadd konsiderevoli ta' kanċellazzjonijiet tard u jistieden lill-Bureau jippreżenta pjan ta' azzjoni dettaljat biex inaqqsu;

31. Itenni li l-kooperazzjoni interistituzzjonali hija essenzjali biex jiġu skambjati l-aħjar prattiki li jippromwovu l-effikaċja u jagħmlu possibbli l-iffrankar; iqis li l-kooperazzjoni interistituzzjonali għandha tittejjeb fir-rigward tal-interpretazzjoni; jitlob li jitwettaq rieżami dettaljat, li jagħti prijorità lill-kondiviżjoni aktar effikaċi tar-riżorsi disponibbli fost l-istituzzjonijiet kollha u miżuri konkreti fil-qasam tal-interpretazzjoni freelance;

32. Jenfasizza l-importanza tal-applikazzjonijiet tas-softwer bħala strumenti ta' ġestjoni u jinsisti li għandu jiġi allokat aktar finanzjament għal dan l-iskop fil-baġit tas-sena d-dieħla; jinnota li jista' jinkiseb livell ogħla ta' effiċjenza jekk is-servizzi amministrattivi tal-Parlament jingħataw informazzjoni adegwata dwar il-ġestjoni; iqis li huwa diżappuntanti li ċerti DĠ għadhom lura f'termini tal-applikazzjonijiet tas-softwer disponibbli minkejja t-titjib fis-settur tat-teknoloġija tal-informatika mill-2010 'l hawn;

33. Jistieden lis-servizzi rilevanti tiegħu jivvalutaw jekk il-gwadanji konsiderevoli fl-effiċjenza li saru fil-qasam tal-interpretazzjoni jistgħux iservu bħala eżempju għal titjib f'DĠ oħra;

o

o o

34. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0348

## Il-logħob tal-azzard onlajn fis-suq intern

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-logħob tal-azzard onlajn fis-suq intern (2012/2322(INI))**

(2016/C 093/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-23 ta' Ottubru 2012 bit-titolu "Lejn qafas Ewropew komprensiv għal-logħob tal-azzard online", (COM(2012)0596),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Jannar 2011 bit-titolu "L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport" (COM(2011)0012),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 dwar il-logħob mixtri u l-korruzzjoni fl-isport [1],

---

[1] Testi adottati, P7_TA(2013)0098.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2012 dwar id-dimensjoni Ewropea fl-isport ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 dwar il-logħob tal-azzard onlajn fis-suq intern ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2009 dwar l-integrità tal-logħob tal-azzard fuq l-internet ([3]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Nikosija dwar il-Ġlieda kontra x-Xiri tal-Logħob tal-20 ta' Settembru 2012,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2010 u r-rapporti dwar il-progress tal-Presidenzi ta' Franza, l-Isvezja, Spanja u l-Ungerija dwar il-qafas tal-logħob tal-azzard u l-imħatri fl-Istati Membri tal-UE,

— wara li kkunsidra l-azzjoni preparatorja dwar Sħubijiet Ewropej fl-Isport u b'mod partikolari, it-tlaqqigħ tal-proġetti ffukati fuq il-prevenzjoni tal-inċidenti tal-logħob mixtri billi tingħata edukazzjoni u informazzjoni lill-partijiet interessati rilevanti,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 52 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità mehmuża mat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-każistika żviluppata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fejn fil-qasam speċifiku tal-organizzazzjoni tal-logħob bix-xorti, il-Qorti tirrikonoxxi partikolarment il-protezzjoni tal-konsumatur, il-prevenzjoni kemm tal-frodi kif ukoll l-inċitament għall-infiq eċċessiv fuq il-logħob, kif ukoll il-ħtieġa ġenerali li tiġi mħarsa l-ordni pubblika bħala raġunijiet ta' interess ġenerali prevalenti li jistgħu jiġġustifikaw ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ([4]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0218/2013),

A. billi l-logħob tal-azzard mhuwiex attività ekonomika ordinarja minħabba l-impatti soċjali u fuq is-saħħa potenzjalment negattivi tiegħu, li jinkludu; logħob tal-azzard koerċittiv, li l-konsegwenzi u l-ispejjeż li jġib miegħu huma diffiċli li jiġu stmati; il-kriminalità organizzata; il-ħasil tal-flus; u l-logħob mixtri; billi l-logħob tal-azzard onlajn jista' jinvolvi riskju akbar ta' dipendenza minn logħob tradizzjonali tal-azzard mhux onlajn, fost l-oħrajn minħabba l-faċilità akbar ta' aċċess u nuqqas ta' kontroll soċjali, iżda huma meħtieġa riċerka u data addizzjonali f'dan ir-rigward; jinnota li, abbażi ta' dan, ċerti regoli interni tas-suq – inkluża l-libertà ta' stabbiliment, il-libertà ta' forniment ta' servizzi u l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku – ma jwaqqfux lill-Istati Membri milli jiddeterminaw il-miżuri addizzjonali tagħhom stess għall-ħarsien tal-lagħba;

B. billi l-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-obbligu tal-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0025.
([2]) ĠU C 153 E, 31.5.2013, p. 35.
([3]) ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 30.
([4]) ara, għal dan, Kawża C 275/92 Schindler, il-paragrafi 57 sa 60; Kawża C 124/97 Läärä u Oħrajn, il-paragrafi 32 u 33; Kawża C-67/98 Zenatti, il-paragrafi 30 u 31; Kawża C-243/01 Gambelli u Oħrajn, il-paragrafu 67; Kawża C-42/07 Liga Portuguesa, il-paragrafu 56; Kawżi Konġunti C 316/07, C 358/07 sa C 360/07, C 409/07 u C 410/07, Markus Stoß u Oħrajn, il-paragrafu 74; Kawża C 212/08, Zeturf Ltd, il-paragrafu 38; Kawża C-72/10 Costa, il-paragrafu 71; Kawża C 176/11 Hit Larix, il-paragrafu 15; Kawżi Konġunti C 186/11 u C 209/11 Stanleybet u oħrajn, il-paragrafu 44.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

C. billi l-Artikolu 169 tat-TFUE jobbliga lill-UE tiżgura livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur;

D. billi, fid-dawl tan-natura speċjali tas-settur tal-logħob tal-azzard onlajn, il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-konsumaturi għandu jkun il-prinċipju ta' gwida ewlieni meta jitfasslu r-rakkomandazzjonijiet fil-livell tal-UE u l-leġiżlazzjoni nazzjonali;

E. billi, b'kunsiderazzjoni dovuta tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jiddeterminaw kif l-offerta ta' servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn tiġi organizzata u rregolata skont il-valuri tagħhom stess u l-objettivi segwiti ta' interess ġenerali, filwaqt li tiġi rispettata l-liġi tal-Unjoni;

F. billi, minħabba n-natura speċifika tagħha u bl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-provvista ta' servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn mhijiex suġġetta għal regolamentazzjoni speċifika għas-settur fil-livell tal-UE u hija eżentata mid-direttivi dwar is-servizzi u d-drittijiet tal-konsumatur, filwaqt li tibqa' madankollu, suġġetta għal numru ta' atti leġiżlattivi sekondarji tal-UE, bħad-direttiva dwar il-ħarsien tad-data, id-direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika u d-direttiva dwar il-prattiki kummerċjali inġusti;

G. billi s-settur tal-logħob tal-azzard onlajn huwa differenti minn swieq oħrajn minħabba r-riskji involuti f'dak li huma l-ħarsien tal-konsumatur u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, kif rikonoxxut ripetutament mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

H. billi l-Qorti tal-Ġustizzja ikkonfermat li l-forniment ta' logħob bix-xorti jew logħob tal-azzard hu attività ekonomika ta' natura speċjali, fejn ir-restrizzjonijiet jistgħu jiġu ġustifikati għal raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku bħall-protezzjoni tal-konsumatur, il-prevenzjoni tal-frodi, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u ż-żamma tal-ordni pubblika u s-saħħa pubblika; billi r-restrizzjonijiet imposti fuqhom għandhom ikunu konformi ma' dawk previsti mit-TFUE, jiġifieri li dawn għandhom ikunu proporzjonati mal-objettivi segwiti u m'għandhomx ikunu diskriminatorji;

I. billi, issa iktar minn qatt qabel, l-Istati Membri jikkondividu tħassib ġenerali komuni dwar l-impatt negattiv soċjali u ekonomiku tal-logħob tal-azzard onlajn illegali fil-livell nazzjonali, u l-objettivi prinċipali tagħhom huma li jħarsu lill-membri tas-soċjetà taħt l-età u dawk vulnerabbli u li jiġġieldu kontra d-dipendenza, il-kriminalità u l-evażjoni tat-taxxa;

J. billi n-natura transkonfinali tal-logħob tal-azzard onlajn, kif ukoll ir-riskji involuti f'dak li huma l-protezzjoni tal-konsumatur, il-prevenzjoni tal-frodi u l-infurzar tal-liġi kontra attivitajiet illegali, bħall-ħasil tal-flus u l-logħob mixtri, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu miġġielda l-attivitajiet illegali b'rabta mal-logħob tal-azzard, jitolbu azzjoni koordinata aħjar fost l-Istati Membri u fil-livell tal-UE;

K. billi hu essenzjali li jiġu introdotti mekkaniżmi li jiskrutinizzaw il-kompetizzjonijiet sportivi u l-flussi finanzjarji, flimkien ma' mekkaniżmi superviżorji;

L. billi, attwalment hija meħtieġa viżjoni komprensiva tas-settur tal-logħob tal-azzard onlajn, f'dak li huma informazzjoni u data dwar l-offerta nazzjonali u transkonfinali, fi ħdan l-UE u globalment, awtorizzata u mhux awtorizzata;

M. billi l-forma użata għar-reklamar tal-logħob tal-azzard onlajn tvarja bejn l-Istati Membri jew ma hija regolata xejn;

***In-natura speċifika tas-settur tal-logħob tal-azzard onlajn u l-protezzjoni tal-konsumatur***

1. Iqis li, sabiex ikun żgurat livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur, b'mod partikolari għal dawk il-konsumaturi li huma l-aktar vulnerabbli, offerta ġusta u legali tas-servizzi tal-logħob tal-azzard definita minn kull Stat Membru f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, tista' tnaqqas l-ispejjeż soċjali u l-effetti dannużi tal-attivitajiet tal-logħob tal-azzard;

2. Iwissi li l-logħob tal-azzard jista' jwassal għal dipendenza perikoluża, u li din hi kwistjoni li teħtieġ li tiġi indirizzata fi kwalunkwe proposta leġiżlattiva għall-benefiċċju tal-konsumaturi;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni kontra logħob tal-azzard illegali offrut fi ħdan it-territorji tal-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri ta' infurzar kontra offerti għal logħob tal-azzard illegali fir-rakkomandazzjonijiet ippjanati tagħha dwar il-ħarsien tal-konsumatur u r-reklamar;

4. Jemmen li hemm rabta perikoluża bejn it-tbatija ekonomika ħarxa u livelli għoljin ta' logħob tal-azzard; jenfasizza li l-klima ekonomika u soċjali estremament ħarxa kienet strumentali għaż-żieda kbira fil-logħob tal-azzard, b'mod partikolari fost l-ifqar faxex tas-soċjetà, u li għaldaqstant hemm il-ħtieġa ta' livelli ta' monitoraġġ mill-qrib u kontinwi tad-dipendenza fuq il-logħob tal-azzard u l-logħob tal-azzard problematiku;

5. Jafferma li l-logħob tal-azzard onlajn hu forma ta' użu kummerċjali tal-isport u li, għalkemm is-settur tal-logħob tal-azzard onlajn qed jikber b'mod kostanti billi jżomm aġġornat mal-innovazzjonijiet teknoloġiċi, l-Istati Membri qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex jikkontrollawh minħabba n-natura speċifika tal-internet, li toħloq riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-konsumaturi u li s-settur ikun suġġett għal investigazzjonijiet fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;

6. Jinsisti li, irrispettivament mill-mod kif l-Istati Membri jiddeċiedu li jorganizzaw u jirregolaw l-offerta ta' servizzi ta' logħob tal-azzard onlajn fil-livell nazzjonali, għandu jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tesplora miżuri fil-livell tal-UE biex tipproteġi konsumaturi vulnerabbli, inkluża kooperazzjoni formalizzata bejn l-awtoritajiet regolatorji fl-Istati Membri; jenfasizza li l-grupp ta' esperti għandu jiżgura li jkun impossibbli għall-minorenni jkollhom aċċess għas-servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn; jistieden lill-Istati Membri jobbligaw lill-operaturi li jaħdmu b'liċenzja mill-Istati Membri, jesponu l-logo, marka ta' fiduċja tal-awtorità regolatorja f'pożizzjoni prominenti fuq il-websajt tagħhom;

7. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja x'jista' jsir biex titwaqqaf il-prattika li xi kumpaniji bbażati fi Stat Membru wieħed jikkummerċjalizzaw servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn, pereżempju permezz tat-televiżjoni bis-satellita jew b'kampanji ta' reklamar, fi Stat Membru ieħor fejn mhumiex liċenzjati biex joffru tali servizzi;

8. Jitlob li l-operaturi jkunu obbligati juru twissijiet ċari, prominenti u espliċiti lill-minorenni, li jiddikjaraw li l-logħob tal-azzard onlajn huwa illegali għall-minorenni;

9. Jemmen li għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-membri l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà ma jipperikolawx aktar il-mezzi tal-għajxien tagħhom minħabba l-logħob tal-azzard;

10. Jemmen li huma meħtieġa riċerka u data addizzjonali sabiex jiġi kwantifikat il-logħob tal-azzard koerċittiv u r-riskji assoċjati ma' forom differenti ta' logħob tal-azzard; jistieden lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni jwettqu studji ulterjuri b'mod koordinat sabiex jifhmu aħjar il-logħob tal-azzard problematiku; jinnota li l-operaturi tal-logħob tal-azzard għandhom responsabbiltà jikkontribwixxu lejn il-prevenzjoni tad-dipendenza fuq il-logħob tal-azzard;

11. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, fejn xieraq permezz tal-grupp ta' esperti, tesplora l-possibilità ta' interoperabbiltà madwar l-UE bejn ir-reġistri nazzjonali ta' awtoesklużjoni li jinkludu fost l-oħrajn, l-awtoesklużjoni, it-telf personali u limiti ta' żmien, u li huma aċċessibbli għall-awtoritajiet nazzjonali u operaturi tal-logħob tal-azzard liċenzjati, sabiex kull konsumatur li jeskludi awtomatikament lilu nnifsu jew li jisboq il-limiti tal-azzard tiegħu għand operatur tal-logħob tal-azzard wieħed, ikollu l-opportunità ta' awtoesklużjoni awtomatika mill-operaturi l-oħra kollha liċenzjati tal-logħob tal-azzard; jenfasizza l-fatt li kwalunkwe mekkaniżmu għall-iskambju tal-informazzjoni personali dwar il-lagħba tal-azzard problematiċi għandu jkun suġġett għal regoli stretti dwar il-ħarsien tad-data; jenfasizza l-importanza tal-grupp ta' esperti fil-ħidma lejn il-ħarsien taċ-ċittadini mid-dipendenza fuq il-logħob tal-azzard; jenfasizza li sabiex il-konsumaturi jkunu konxji dwar l-attività tal-logħob tal-azzard tagħhom stess, dan ir-reġistru għandu juri lill-konsumatur l-informazzjoni kollha relatata mal-istorja tiegħu tal-logħob tal-azzard fi kwalunkwe ħin li huwa jibda jilgħab;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

12. Jirrakkomanda li ssir distinzjoni ċara bejn l-attivitajiet tal-logħob tal-azzard u forom oħra ta' divertiment onlajn; is-servizzi li jinvolvu karatteristiċi distintivi tas-settur tal-logħob tal-azzard għandhom jidħlu fl-ambitu ta' leġiżlazzjoni xierqa dwar il-logħob tal-azzard u jirrispettaw bis-sħiħ il-mekkaniżmi li jivverifikaw l-età u l-identità;

13. Jinnota li l-inizjattivi awtoregolatorji jistgħu jservu ta' kontribut tajjeb biex jiġi identifikat il-kontenut tal-istandards komuni; jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu li, f'qasam daqstant sensittiv bħalma hu l-logħob tal-azzard, l-awtoregolamentazzjoni tista' biss tikkomplimenta imma mhux tieħu post il-leġiżlazzjoni nazzjonali;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-implimentazzjoni ta' kontroll ta' identifikazzjoni obbligatorju minn parti terza biex teskludi minorenni jew persuni li jużaw identitajiet foloz mil-logħob; jissuġġerixxi li dan jista', fost l-oħrajn, ikun kontroll fuq in-numru tas-sigurtà soċjali, informazzjoni dwar il-kont tal-bank jew identifikatur uniku ieħor, filwaqt li jinnota li tali identifikazzjoni għandha titwettaq qabel kwalunkwe attività ta' logħob tal-azzard;

15. Jemmen li s-softwer li jintuża għal-logħob tal-azzard onlajn għandu jkun iktar sikur u li għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi u komuni ta' ċertifikazzjoni sabiex ikun żgurat l-użu ta' parametri u standards uniformi;

16. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li jeħtieġ li jitfasslu metodi effiċjenti ta' sorveljanza tal-imħatri, filwaqt li jitqies l-iżvilupp mgħaġġel tal-ambjent onlajn, iżda jenfasizza wkoll l-importanza li d-data personali tal-utenti tiġi mħarsa mill-abbuż;

17. Huwa tal-fehma li standards komuni għal-logħob tal-azzard onlajn għandhom jindirizzaw id-drittijiet u l-obbligi kemm tal-fornitur tas-servizz u kemm tal-konsumatur, biex b'hekk ikun żgurat livell għoli ta' ħarsien għaċ-ċittadini u l-konsumaturi, partikolarment il-minorenni u persuni vulnerabbli oħra, u l-prevenzjoni ta' reklamar qarrieqi u eċċessiv; iħeġġeġ lill-assoċjazzjonijiet tal-operaturi tal-logħob tal-azzard Ewropej jiżviluppaw u jadottaw kodiċi ta' kondotta awtoregolatorji;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fir-rakkomandazzjoni tagħha li l-operaturi tal-logħob tal-azzard għandhom ikunu obbligati jippromwovu b'mod attiv l-użu ta' awtorestrizzjonijiet fil-ħin tar-reġistrazzjoni kif ukoll f'każijiet ta' telf ripetut;

19. Jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' standards ta' sigurtà komuni u uniformi pan Ewropej għall-identifikazzjoni elettronika u għal servizzi ta' verifikazzjoni elettronika transkonfinali; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar l-identifikazzjoni elettronika u l-awtentikazzjoni, li se tippermetti l-interoperabbiltà tal-iskemi nazzjonali tal-identifikazzjoni elettronika fejn jeżistu; jitlob għaldaqstant, li l-proċeduri ta' reġistrazzjoni u identifikazzjoni jkunu semplifikati u li jsiru aktar effiċjenti, partikolarment sabiex ikunu żgurati mekkaniżmi ta' identifikazzjoni effiċjenti u jiġu evitati kontijiet multipli għal kull lagħab u aċċess min-naħa ta' minorenni għall-websajts tal-logħob tal-azzard onlajn; jirrakkomanda l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri dwar miżuri ta' infurzar, pereżempju l-istabbiliment ta' listi bojod u suwed ta' websajts tal-logħob tal-azzard illegali għal dawn il-websajts, id-definizzjoni konġunta ta' soluzzjonijiet ta' pagament sikuri u traċċabbli, u l-kunsiderazzjoni tal-fattibilità li jiġu bblokkati tranżazzjonijiet finanzjarji, sabiex il-konsumaturi jitħarsu minn operaturi illegali;

20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-operaturi jippromwovu n-natura responsabbli tar-reklamar fir-rigward tal-logħob tal-azzard onlajn; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tadotta Rakkomandazzjoni dwar ir-reklamar responsabbli tal-logħob tal-azzard; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi standards komuni minimi li jipprovdu biżżejjed ħarsien lill-konsumaturi vulnerabbli; jirrakkomanda li r-reklamar għandu jkun responsabbli, jinkludi twissijiet ċari dwar ir-riskji ta' dipendenza fuq il-logħob tal-azzard u li la jkun eċċessiv u lanqas ma jintwera fuq kontenut li huwa speċifikament immirat lejn il-minorenni jew fejn hemm riskju ogħla li jkun immirat lejn il-minorenni, bħal partikolarment fil-każ tar-reklamar tal-midja soċjali;

21. Jitlob li jiġu mfassla u implimentati miżuri li jippermettu lit-tfal u liż-żgħażagħ jiksbu u jiżviluppaw iktar kompetenza diġitali; jemmen li l-introduzzjoni ta' korsijiet skolastiċi maħsuba biex jgħallmu liż-żgħażagħ dwar l-aħjar użi tal-internet tista' tagħti aktar ħila lill-utenti biex jipproteġu lilhom infushom kontra d-dipendenza fuq il-logħob tal-azzard onlajn;

22. Jenfasizza r-rwol importanti tal-edukazzjoni, is-servizzi tal-pariri u l-ġenituri biex titqajjem kuxjenza dwar is-suġġett tal-logħob tal-azzard onlajn u l-konsegwenzi tiegħu fuq il-minorenni;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu miżuri effikaċi li jżidu l-konoxxenza tar-riskji tad-dipendenza fuq il-logħob tal-azzard, immirati b'mod partikolari lejn iż-żgħażagħ;

24. Jitlob li reklamar soċjalment responsabbli tal-logħob tal-azzard onlajn ikun permess biss għal prodotti tal-logħob tal-azzard li huma legali; jemmen li qatt m'għandu jkun permess li jsir reklamar għal servizzi ta' logħob tal-azzard onlajn li jesaġera l-probabilità ta' rebħ, biex tingħata impressjoni falza li l-logħob tal-azzard hu strateġija raġonevoli biex wieħed itejjeb il-qagħda finanzjarja tiegħu; jemmen li r-reklamar għandu jinkludi informazzjoni ċara dwar il-konsegwenzi ta' logħob tal-azzard koerċittiv;

25. Jenfasizza li d-definizzjoni ta' format għar-reklamar li ma jagħmilx ħsara u r-regoli dwar it-tixrid tiegħu huma kruċjali biex iżommu lil persuni taħt it-18-il sena mil-logħob tal-azzard u għall-ġlieda kontra l-logħob tal-azzard problematiku u koerċittiv;

26. Jenfasizza li l-miżuri ta' ħarsien tal-konsumatur għandhom ikunu akkumpanjati minn taħlita ta' miżuri ta' infurzar preventivi u ta' rispons biex jitnaqqas il-kuntatt taċ-ċittadini ma' operaturi mhux awtorizzati; jenfasizza l-importanza ta' definizzjoni konġunta tal-kunċett ta' operaturi legali tal-logħob tal-azzard sabiex l-Istati Membri, f'konformità mal-liġi tal-UE, jawtorizzaw biss lill-operaturi li jissodisfaw mill-inqas dawn ir-rekwiżiti li ġejjin u għalhekk jitqiesu li huma legali:

(a) l-operatur għandu jkollu liċenzja li tagħtih id-dritt jopera fl-Istat Membru tal-lagħab,

(b) l-operatur mhux meqjus illegali skont il-liġi applikabbli fi kwalunkwe Stat Membru ieħor;

27. Huwa tal-fehma li l-proċess ta' reġistrazzjoni għandu jinkludi, bħala karatteristika obbligatorja, il-limiti tat-telf massimu stabbiliti u definiti mil-lagħab għal ċertu perjodu ta' żmien; bħala livell minimu, din il-karatteristika għandha tkun preżenti fil-logħob prattikat bi frekwenza għolja;

***Konformità mal-liġi tal-UE***

28. Jenfasizza li, min-naħa, il-fornituri tal-logħob tal-azzard onlajn għandhom fil-każijiet kollha jirrispettaw il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri li joperaw fihom u, min-naħa l-oħra, li l-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jimponu restrizzjonijiet li jħossu li huma meħtieġa u ġustifikati biex jindirizzaw il-logħob tal-azzard onlajn illegali sabiex jimplimentaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali u jeskludu lill-fornituri illegali mill-aċċess għas-suq;

29. Jirrikonoxxi li, fl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jiddeterminaw kif l-offerta tas-servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn għandha tiġi organizzata u regolata fil-livell nazzjonali kif ukoll id-dritt li jinfurzaw il-miżuri kollha li jqisu li huma neċessarji kontra s-servizzi ta' logħob tal-azzard illegali, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji bażiċi tat-Trattat tal-UE; jirrikonoxxi li tali leġiżlazzjoni għandha tkun proporzjonata, konsistenti, trasparenti u nondiskriminatorja; jieħu nota tal-ħtieġa għal aktar politiki koerenti tal-UE bil-ħsieb li tiġi indirizzata n-natura transkonfinali tal-logħob tal-azzard;

30. Jinnota li l-Kummissjoni bagħtet ittri lil għadd ta' Stati Membri biex titlobhom informazzjoni dettaljata dwar il-leġiżlazzjoni attwali tagħhom b'rabta mal-logħob tal-azzard; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bid-djalogu mal-Istati Membri; jieħu nota tal-ħidma tal-Kummissjoni dwar il-każijiet ta' ksur u dwar l-ilmenti mressqa kontra ċerti Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja u tinforza l-konformità ta' liġijiet u prattiki nazzjonali mal-liġi tal-UE, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, u tniedi proċeduri ta' ksur kontra dawk l-Istati Membri li jidhru li qed jiksru l-liġi tal-UE; jirrispetta d-deċiżjoni meħuda mill-Istati Membri fir-rigward tal-istabbiliment ta' monopolji f'dan is-settur, bil-kundizzjoni li, f'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn huma suġġetti għal kontroll statali strett u jiżguraw livell partikolarment għoli ta' ħarsien tal-konsumatur, li l-attivitajiet tagħhom huma koerenti mal-objettivi ta' interess ġenerali u li dawn inaqqsu l-opportunitajiet ta' logħob tal-azzard b'mod konsistenti;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

31. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-grupp ta' esperti dwar is-servizzi ta' logħob tal-azzard jiżviluppaw miżuri u strateġiji koordinati, inklużi skambji tal-aħjar prattika biex jistudjaw u jindirizzaw il-problema tal-evażjoni tat-taxxa min-naħa ta' operaturi awtorizzati li jipprovdu servizzi ta' logħob tal-azzard onlajn fis-suq tal-UE iżda għandhom l-uffiċċji rreġistrati tagħhom f'rifuġji fiskali ġewwa jew barra l-UE;

32. Jieħu nota tar-riskji li jista' jippreżenta l-aċċess min-naħa tal-konsumaturi għal servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn illegali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiddiskutu, bħala parti mill-ħidma tal-grupp ta' esperti dwar is-servizzi tal-logħob tal-azzard, il-piż finanzjarju soċjali li jġib miegħu l-permess għal attivitajiet ta' logħob tal-azzard regolati fil-konfront tal-effetti dannużi fuq il-konsumaturi li jutilizzaw operaturi illegali;

33. Jenfasizza li dawk l-Istati Membri li jagħżlu li jiftħu s-settur tagħhom tal-logħob tal-azzard onlajn għandhom jipprovdu proċedura għall-applikazzjoni ta' liċenzja trasparenti u b'ċertezza ġuridika bbażata fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, f'konformità sħiħa mal-liġi tal-UE u b'ħarsien suffiċjenti u strett taċ-ċittadini u tal-konsumaturi;

***Kooperazzjoni amministrattiva***

34. Jistieden lill-grupp ta' esperti dwar is-servizzi tal-logħob tal-azzard u lill-Kummissjoni jiffaċilitaw kemm jista' jkun, il-fluss tad-data bejn ir-regolaturi fl-Istati Membri sabiex jaqsmu l-aħjar prattiki u l-informazzjoni biex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment ta' sistema komuni li tidentifika lil-lagħba, miżuri ta' infurzar kontra l-operaturi illegali, it-tisħiħ tal-ħarsien tal-konsumaturi, ir-reklamar responsabbli, l-istabbiliment ta' listi bojod u suwed, il-prevenzjoni tal-logħob mixtri u mekkaniżmi ta' awtoesklużjoni li jinkludu fost l-oħrajn, il-limiti personali ta' ħin u ta' flus applikabbli madwar l-UE; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi sabiex il-grupp ta' esperti jibbenefika mill-għarfien espert l-aktar usa' possibbli fl-iżvilupp tax-xogħol tiegħu; iħeġġeġ lill-Istati Membri jniedu mill-ġdid id-djalogu dwar is-servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn fil-forum tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-istabbiliment u s-servizzi;

35. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi dejjem esperti li huma speċjalizzati fil-logħob tal-azzard problematiku u patoloġiku fi gruppi ta' esperti u konsultazzjonijiet;

36. Huwa tal-opinjoni li l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-esperti nazzjonali mill-isferi soċjali u tas-saħħa li jispeċjalizzaw fil-logħob tal-azzard patoloġiku u problematiku għandhom jissaħħu fil-livell Ewropew;

37. Jenfasizza li, filwaqt li l-iskambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-entitajiet ta' investigazzjoni huwa importanti għall-infurzar b'suċċess tal-liġi, l-azzjoni sabiex jiġi miġġieled il-logħob mixtri trid tikkonforma mal-liġijiet u r-regolamenti tal-protezzjoni tad-data nazzjonali u dawk Ewropej;

38. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, fil-kuntest tal-grupp ta' esperti, jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u bejniethom biex jikkoordinaw passi mmirati kontra l-provvista mhux awtorizzata ta' servizzi transkonfinali ta' logħob tal-azzard u biex jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni inkluż fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-logħob tal-azzard onlajn;

39. Jirrikonoxxi li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri hi essenzjali imma jenfasizza li huwa importanti ħafna wkoll li l-grupp ta' esperti dwar il-logħob tal-azzard jaħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kollha, inklużi kemm l-industrija tal-logħob tal-azzard kif ukoll l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur;

40. Jenfasizza l-importanza li l-grupp ta' esperti jaħdmu għat-tfassil ta' proċeduri aktar trasparenti u semplifikati li jneħħu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa fuq l-Istati Membri li jistgħu jżidu mingħajr ħtieġa l-ispejjeż għall-operaturi legali onlajn f'dawk il-pajjiżi li jagħżlu li jiftħu s-swieq tagħhom; jinnota li t-tneħħija ta' piżijiet amministrattivi m'għandhiex tikkomprometti l-ħarsien tal-konsumaturi;

41. Jemmen li għandhom jittieħdu passi biex ir-reġimi nazzjonali tat-taxxa għas-servizzi tal-logħob tal-azzard ikunu allinjati ma' xulxin bil-ħsieb li jiġi evitat li l-konċessjonijiet fiskali sproporzjonati jiffavorixxu proliferazzjoni u konċentrazzjoni tas-servizzi tal-logħob tal-azzard onlajn;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

42. Iheġġeġ lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'dawk l-Istati Membri li għażlu li jintroduċu sistemi ta' liċenzjar, jiskambjaw l-aħjar prattiki li jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' liċenzji nazzjonali tal-logħob tal-azzard, inklużi standards tekniċi għall-apparat tal-logħob tal-azzard; iheġġeġ lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti jippermettu l-operat ta' kumpanija tal-logħob tal-azzard fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom biss meta tali kumpanija ma toperax f'kontravenzjoni tal-liġi fi Stat Membru ieħor li l-leġiżlazzjoni tiegħu ma tkunx ġiet iddikjarata bħala mhux konformi mill-Qorti tal-Ġustizzja;

***Ħasil tal-flus***

43. Jenfasizza l-fatt li l-logħob tal-azzard onlajn huwa ambjent mhux ibbażat fuq il-kontanti u li – minħabba d-dipendenza fuq fornituri ta' servizzi finanzjarji ta' partijiet terzi – jeħtieġu salvagwardji addizzjonali kontra l-ħasil tal-flus; jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-logħob tal-azzard, il-pulizija nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali ta' infuzar għall-prevenzjoni ta' attività kriminali;

44. Jistieden lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-grupp ta' esperti jieħdu azzjoni effettiva kontra l-ħasil tal-flus; jilqa' f'dan ir-rigward, il-proposta li jiġu estiżi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus biex tinkludi l-forom kollha ta' logħob tal-azzard, u jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiżguraw li kwalunkwe tranżazzjoni b'suspett li hija potenzjalment konnessa mal-ħasil tal-flus jew ma' attività kriminali oħra tiġi rappurtata f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva;

45. Jistieden lill-Kunsill jipproċedi b'ħeffa u b'ambizzjoni bin-negozjati dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu (COM (2013)0045), u jindirizza kull tip ta' logħob tal-azzard, fosthom il-logħob tal-azzard onlajn, għall-prevenzjoni tal-isfruttament tal-attivitajiet ta' mħatri sportivi onlajn minn interessi kriminali għal skopijiet ta' ħasil tal-flus;

46. Jenfasizza li s-sistemi sodi ta' reġistrazzjoni u verifikazzjoni mhux ambigwa huma għodod ewlenin għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe użu ħażin tal-logħob tal-azzard onlajn, bħall-ħasil tal-flus; jinnota li, għal raġunijiet ta' verifikazzjoni tal-identità bħal dawn, jista' jinsilet vantaġġ minn strutturi onlajn li diġà jeżistu u li qed jiżviluppaw, bħal sistemi ta' verifikazzjoni onlajn tal-bank u tal-karti tal-kreditu;

47. Huwa tal-fehma li l-kumpaniji kollha tal-logħob tal-azzard onlajn li joperaw fiż-żona tal-UE għandhom ikunu rreġistrati bħala entitajiet leġittimi fl-UE;

48. Jenfasizza li l-Istati Membri kollha għandhom jidentifikaw u jinnominaw l-awtorità pubblika responsabbli bl-inkarigu li timmonitorja l-logħob tal-azzard onlajn; jenfasizza li l-awtorità għandha tkun awtorizzata wkoll tintervjeni jekk jidher xi logħob tal-azzard onlajn suspettuż; il-kumpaniji tal-logħob għandhom jintalbu wkoll jinfurmaw lill-awtorità dwar kwalunkwe attività suspettuża relatata mal-logħob;

***L-integrità tal-isport***

49. Jenfasizza li, minħabba n-natura transnazzjonali tal-logħob mixtri, il-ġlieda kontrieh titlob kooperazzjoni aktar effettiva bejn il-partijiet interessati kollha, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, l-industrija tal-isport, l-operaturi tal-logħob tal-azzard u r-regolaturi tal-logħob tal-azzard, l-atleti u l-partitarji, filwaqt li għandha ssir enfasi fuq l-edukazzjoni u l-azzjonijiet preventivi f'dan ir-rigward; jilqa' f'dan ir-rigward l-Azzjoni Preparatorja reċenti tal-Kummissjoni tal-2012, li tappoġġa l-proġetti transnazzjonali tal-edukazzjoni fil-ġlieda kontra l-logħob mixtri; jinnota li l-logħob mixtri jsir kemm fis-swieq tal-logħob tal-azzard onlajn u kemm dawk mhux onlajn u li, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-logħob mixtri relatat mal-imħatri onlajn isir permezz ta' operaturi tal-logħob tal-azzard stabbiliti fi swieq mhux regolati barra l-UE;

50. Jitlob li jkun hemm kodiċi ta' kondotta, bħala parti minn inizjattiva awtoregolatorja li tipprevedi projbizzjoni ġenerali fuq il-persuni kollha (b'mod partikolari l-players, il-coaches, ir-referees, il-persunal mediku u tekniku, is-sidien u d-diriġenti tal-clubs) involuti f'avvenimenti sportivi u li jista' jkollhom influwenza diretta fuq ir-riżultat, milli jagħmlu mħatri fuq il-logħbiet jew l-avvenimenti tagħhom stess; jenfasizza wkoll f'dan il-kuntest, il-ħtieġa ta' sistemi ta' verifika tal-età u tal-identità stretti u affidabbli fil-livell tal-Istati Membri; jitlob lill-organizzazzjonijiet sportivi jużaw il-kampanji edukattivi u l-kodiċijiet ta' kondotta biex jedukaw, sa minn età bikrija, lill-isportivi, lir-referees u lill-uffiċjali dwar l-illegalità tal-manipulazzjoni tar-riżultati sportivi;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

51. Jirrikonoxxi li l-isforzi fil-ġlieda kontra l-involviment tal-organizzazzjonijiet sportivi f'attivitajiet korrotti bħal-logħob mixtri jew il-ħasil tal-flus, bħall-kodiċijiet ta' kondotta, jeħtieġ li jindirizzaw lill-gruppi kollha ta' partijiet interessati (l-uffiċjali, is-sidien, id-diriġenti, l-aġenti, il-players, ir-referees u l-partitarji) u lill-organizzazzjonijiet kollha (il-klabbs, leagues, federazzjonijiet, eċċ.);

52. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-prijorità li tingħata għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni fl-isport u jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar enfasi fuq l-infurzar effiċjenti tal-liġi f'dan ir-rigward; jitlob l-adozzjoni fil-livell nazzjonali ta' miżuri effettivi sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess, partikolarment billi jiġu evitati wagers tal-partijiet interessati kollha mid-dinja sportiva fuq imħatri organizzati fuq kompetizzjonijiet li huma jkunu involuti fihom; jistieden lill-korpi kollha li jirregolaw l-isport jikkommettu ruħhom għal prattiki ta' governanza tajba sabiex jitnaqqas ir-riskju li jkunu vittmi tal-logħob mixtri; jistieden lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward, tqis il-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-valutazzjoni tar-riskji ta' ċerti tipi ta' mħatri u tivvaluta r-riskji possibbli tal-imħatri fuq partijiet mil-logħba, fejn huwa possibbli li jsiru mħatri fuq ċertu avvenimenti matul kompetizzjoni u biex tittieħed azzjoni adegwata kif xieraq;

53. Jistieden lill-federazzjonijiet sportivi u lill-operaturi tal-logħob tal-azzard jinkludu, f'kodiċi ta' kondotta, il-projbizzjoni ta' mħatri fuq avvenimenti hekk imsejħa negattivi, bħall-karti sofor, penalty kicks jew free kicks, waqt logħba jew avveniment; jistieden lill-Istati Membri u lill-operaturi tal-logħob tal-azzard jipprojbixxu kull forma ta' mħatri fuq l-avvenimenti sportivi live, minħabba li deher li dawn huma vulnerabbli ħafna għal-logħob mixtri, u għaldaqstant huma ta' riskju għall-integrità tal-isport;

54. Jitlob li jkun hemm obbligu ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet suspettużi fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, bejn il-korpi sportivi, l-awtoritajiet pubbliċi, il-Europol u l-Eurojust, sabiex jiġu miġġielda attivitajiet kriminali transkonfinali fil-qasam tal-logħob tal-azzard onlajn;

55. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippromwovi skambju aħjar ta' prattiki tajbin fil-ġlieda kontra l-logħob mixtri; jenfasizza l-importanza tal-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-ħidma kontinwa fil-Kunsill tal-Ewropa lejn in-negozjati ta' konvenzjoni internazzjonali dwar il-ħarsien u l-promozzjoni tal-integrità tal-isport; jenfasizza li l-logħob mixtri mhux dejjem ikun relatat mal-imħatri, u li dan l-aspett mhux relatat mal-imħatri tal-logħob mixtri, li wkoll huwa ta' problema għall-integrità tal-isport, jeħtieġ li jiġi indirizzat ukoll; jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni msaħħa fil-livell tal-UE u dak globali fil-ġlieda kontra l-logħob mixtri; jistieden lill-Kummissjoni tkun hi li tmexxi l-ħolqien ta' pjattaforma globali għall-iskambju tal-informazzjoni u l-aħjar prattiki u l-koordinazzjoni tal-prevenzjoni konġunta u l-azzjonijiet ta' infurzar bejn ir-regolaturi, l-organizzazzjonijiet sportivi, il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-operaturi tal-logħob tal-azzard;

56. Iqis li politika konsistenti dwar sanzjonijiet kriminali hi essenzjali għal approċċ pan Ewropew li jirregola s-settur tal-logħob tal-azzard onlajn u, għal dan il-għan, iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-manipulazzjoni frodulenti ta' riżultati biex jittieħed vantaġġ finanzjarju jew vantaġġ ieħor tiġi pprojbita billi kwalunkwe theddida għall-integrità ta' kompetizzjonijiet tiġi stabbilita bħala reat kriminali, inklużi dawk marbuta mal-operazzjonijiet tal-imħatri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni fil-livell tal-UE kontra logħob tal-azzard onlajn mhux regolat u ssostni l-ġlieda kontra l-logħob mixtri;

57. Jirrikonoxxi li f'uħud mill-Istati Membri, l-introjtu mil-logħob tal-azzard u l-lotteriji jirrappreżentaw sors ta' dħul konsiderevoli li jista' jiġi kanalizzat lejn skopijiet karitatevoli u ta' benefiċċju pubbliku, xogħlijiet kulturali, sport popolari, it-tiġrijiet taż-żwiemel u s-settur ekwin; jenfasizza barra dan, is-sinifikat ta' dan il-kontribut sostenibbli u r-rwol speċifiku li għandu jiġi rikonoxxut fid-diskussjonijiet fil-livell Ewropew; itenni għal darb'oħra l-pożizzjoni tiegħu li l-imħatri tal-isport huma forma ta' użu kummerċjali tal-kompetizzjonijiet sportivi; jirrakkomanda, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenza tal-Istati Membri f'din il-kwistjoni, li l-kompetizzjonijiet sportivi għandhom jitħarsu minn kull użu kummerċjali mhux awtorizzat, partikolarment billi jiġu rikonoxxuti d-drittijiet ta' proprjetà tal-organizzaturi tal-avveniment sportiv, mhux biss sabiex ikun żgurat dħul finanzjarju ġust għall-benefiċċju tal-livelli kollha ta' sport professjonali u dawk tad-dilettanti, iżda wkoll bħala mezz għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi fl-isport, partikolarment il-logħob mixtri;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

58. Jitlob iżjed kooperazzjoni fil-livell Ewropew, taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni, sabiex jiġu identifikati u pprojbiti l-operaturi tal-imħatri onlajn involuti f'attivitajiet illegali bħal, fost l-oħrajn, il-logħob mixtri jew l-imħatri fuq kompetizzjonijiet taż-żgħar li jinvolvu l-minorenni u jistenna li l-industrija tal-logħob tal-azzard tirrispetta din il-projbizzjoni permezz ta' awtoregolazzjoni;

59. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jqisu projbizzjoni tal-forom kollha ta' manipulazzjoni ta' parti mil-logħba, bħal-logħob tal-azzard fuq il-corner kicks, il-free kicks, it-throw-ins u l-karti sofor, peress li ntwera li dawn huma vulnerabbli ħafna għal-logħob mixtri;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tinstalla sistema Ewropea ta' twissijiet għar-regolaturi tal-imħatri sabiex jiskambjaw l-informazzjoni malajr dwar l-avvenimenti sportivi mixtrijin;

61. Jilqa' l-proġetti edukattivi transnazzjonali sabiex jiġi miġġieled il-logħob mixtri fil-livell dinji;

62. Jenfasizza l-fatt li l-atleti jeħtieġu mekkaniżmi ta' protezzjoni effettivi biex jopponu l-influwenzi li jikkorrompu, fosthom is-salvagwardja tal-integrità morali u fiżika tal-atleti, kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u s-salvagwardja tas-salarji jew ir-remunerazzjonijiet, inklużi projbizzjonijiet ta' parteċipazzjoni f'livelli differenti tal-kompetizzjoni għall-organizzazzjonijiet sportivi li b'mod regolari ma jwettqux dawn l-obbligi lejn l-atleti tagħhom;

63. Jenfasizza li allegazzjonijiet ta' logħob mixtri spiss jitressqu quddiem qrati pubbliċi kif ukoll dawk sportivi u li, taħt iż-żewġ proċeduri, għandhom jiġu rispettati l-istandards proċedurali minimi internazzjonali, kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

64. Jitlob għar-regolamentazzjoni stretta jew il-projbizzjoni, wara evalwazzjoni mwettqa fil-livell ta' kull Stat Membru, ta' forom perikolużi ta' logħob tal-azzard;

o

o o

65. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

P7_TA(2013)0350

# Il-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni u d-diversità lingwistika

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni u d-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea (2013/2007(INI))

(2016/C 093/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 21(1) u 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-istudju EUROMOSAIC tal-Kummissjoni Ewropea li juri kif jisparixxu lingwi Ewropej minħabba li l-mekkaniżmi fis-seħħ ma jippermettux li jiġu salvagwardati,

— wara li kkunsidra l-konvenzjoni tal-Unesco tas-17 ta' Ottubru 2003 għas-salvagwardja tal-patrimonju kulturali immaterjali, li tinkludi t-tradizzjonijiet u l-forom ta' espressjoni orali, inkluża l-lingwa bħala mezz ta' trażmissjoni tal-patrimonju kulturali immaterjali,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Unesco tal-20 ta' Ottubru 2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali,

— wara li kkunsidra l-Atlas tal-Lingwi fil-Periklu madwar id-Dinja tal-Unesco,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa tat-18 ta' Marzu 2010 bit-titolu "Il-lingwi minoritarji: vantaġġ għall-iżvilupp reġjonali" (301/2010) ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rapport 12423/2010, ir-Riżoluzzjoni 1769/2010 u r-Rakkomandazzjoni 1944/2010 tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2008 bit-titolu "Il-multilingwiżmu: vantaġġ għall-Ewropa u impenn komuni" (COM(2008)0566),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-ħarsien u l-iżvilupp tal-minoranzi lingwistiċi storiċi fil-qafas tat-Trattat ta' Lisbona ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2008 dwar strateġija Ewropea għall-multilingwiżmu ([4]),

— wara li kkunsidra l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji tal-5 ta' Novembru 1992 tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Lingwistiċi (1996),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali (1995),

([1]) https://wcd.coe.int/ViewDoc.jsp?id=1671947&Site=DC
([2]) ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.
([3]) ĠU C 259, 2.9.2011, p. 31.
([4]) ĠU C 320, 16.12.2008, p. 1.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2004 dwar il-preservazzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali: ir-rwol tar-reġjuni Ewropej u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Unesco u l-Kunsill tal-Ewropa ([1]), u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2003 dwar l-ilsna reġjonali u dawk inqas użati Ewropej – il-lingwi ta' minoranzi fl-UE – fil-kuntest tat-tkabbir u d-diversità kulturali ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2003 dwar ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-integrazzjoni Ewropea ([3]), li tagħmel referenza għad-diversità lingwistika fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar il-multilingwiżmu: vantaġġ għall-Ewropa u impenn komuni ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2008 dwar il-Midja Komunitarja fl-Ewropa ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0239/2013),

A. billi t-Trattat ta' Lisbona jagħti spinta lill-objettiv tas-salvagwardja u l-promozzjoni tal-patrimonju kulturali u lingwistiku tal-Unjoni Ewropea fid-diversità kollha tagħha;

B. billi din id-diversità lingwistika u kulturali hija waħda mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif imniżżel fl-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jistipula: 'L-Unjoni tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika';

C. billi d-diversità lingwistika hija dritt rikonoxxut taċ-ċittadini fl-Artikoli 21 u 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jfisser li l-preservazzjoni ta' lingwa hija restrizzjoni u ksur tal-valuri fundamentali tal-Unjoni;

D. billi l-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni għandhom jitqiesu bħala parti mill-patrimonju kulturali Ewropew, u ma jġorrux aspirazzjonijiet politiċi, etniċi jew territorjali;

E. billi l-lingwi kollha fl-Ewropa huma ugwali f'termini ta' valur u dinjità, jiffurmaw parti integrali mill-kulturi u ċ-ċivilizzazzjonijiet tagħha u jikkontribwixxu għall-arrikkiment tal-umanità;

F. billi s-soċjetajiet multilingwi koeżivi sew li jimmaniġġjaw id-diversitajiet lingwistiċi tagħhom b'mod demokratiku u sostenibbli jikkontribwixxu għad-diversità, huma aktar miftuħa u f'kundizzjonijiet aħjar biex jikkontribwixxu għall-ġid tad-diversità lingwistika;

G. billi kull lingwa, inklużi dawk fil-periklu ta' estinzjoni, tirrifletti għarfien u ħiliet storiċi, soċjali u kulturali, u l-mod ta' kif wieħed jaħseb u jikkrea, li jikkontribwixxu għall-ġid tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant id-diversità lingwistika u l-preżenza ta' lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni f'pajjiż għandhom jitqiesu bħala assi aktar milli piż, u għalhekk għandhom jingħataw appoġġ u jiġu promossi;

H. billi l-Unesco, fl-Atlas tagħha tal-Lingwi fil-Periklu madwar id-Dinja, tindika li lingwa tinsab fil-periklu ta' estinzjoni jekk ma tissodisfax kriterju xjentifiku wieħed jew iktar mill-kriterji xjentifiċi li ġejjin: it-trażmissjoni tal-lingwa minn ġenerazzjoni għal oħra; in-numru assolut ta' persuni li jitkellmu l-lingwa; ir-rata ta' persuni li jitkellmu l-lingwa mill-popolazzjoni kollha; l-użu tal-lingwa f'diversi kuntesti pubbliċi u privati; ir-reazzjoni għal mezzi ta' komunikazzjoni ġodda; l-eżistenza ta' materjal ta' tagħlim u edukazzjoni tal-lingwi; l-attitudnijiet u l-politiki lingwistiċi fil-livell tal-gvern u tal-istituzzjonijiet – użu u statut uffiċjali; l-attitudni tal-membri tal-komunità fir-rigward tal-lingwa tagħhom stess; it-tip u l-kwalità tad-dokumentazzjoni;

---

([1]) ĠU C 92 E, 16.4.2004, p. 322.
([2]) ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 374.
([3]) ĠU C 38 E, 12.2.2004, p. 167.
([4]) ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 59.
([5]) ĠU C 8 E, 14.1.2010, p. 75.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

I. billi, skont il-Konvenzjoni tal-Unesco tal-2005 dwar id-Diversità Kulturali, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri xierqa biex iħarsu l-attivitajiet, l-oġġetti u s-servizzi kulturali, inklużi miżuri relatati mal-lingwa użata għal dawn l-attivitajiet, oġġetti u servizzi, sabiex jippromwovu d-diversità tal-espressjonijiet kulturali fit-territorju tagħhom, imma anke fil-qafas tal-ftehimiet internazzjonali;

J. billi l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji tal-Kunsill tal-Ewropa, irratifikata minn 16-il Stat Membru tal-Unjoni, isservi ta' referenza għall-ħarsien tal-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni u ta' mekkaniżmu ta' ħarsien tal-minoranzi speċifikati fil-kriterji ta' Kopenħagen li l-Istati għandhom jilħqu sabiex jingħaqdu mal-UE;

K. billi skont l-Unesco hemm lingwi fil-pajjiżi Ewropej kollha, fit-territorji extra-Ewropej, u fi ħdan il-komunitajiet tal-vjaġġaturi tal-UE, li huma trażmessi biss verbalment minn ġenerazzjoni waħda għall-oħra u għandhom jitqiesu bħala li qegħdin fil-periklu ta' estinzjoni; billi xi lingwi Ewropej li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni mitkellma minn komunitajiet transkonfinali jgawdu minn diversi livelli ta' protezzjoni skont l-Istat Membru jew ir-reġjun li fih mion jitkellem il-lingwa kkonċernata jgħixu;

L. billi għalhekk f'xi pajjiżi u reġjuni, jeżistu lingwi reġjonali jew minoritarji li jinsabu f'periklu jew qegħdin jispiċċaw iżda li f'pajjiżi oħra ġirien dawn huma lingwi uffiċjali tal-maġġoranza;

M. billi d-diversità tal-lingwi u l-kulturi Ewropej hija parti, l-istess bħad-bijodiversità naturali, mill-patrimonju ħaj meħtieġ għall-iżvilupp sostenibbli tas-soċjetajiet tagħna u billi għandhom għalhekk, f'dan ir-rigward, jiġu salvagwardati u preservati minn kull riskju ta' estinzjoni;

N. billi r-rispett għad-diversità lingwistika jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-koeżjoni soċjali billi li jsaħħaħ il-fehim reċiproku, l-awtostima u jiftaħ l-imħuħ, u billi d-diversità lingwistika tiffavorixxi l-aċċess għall-kultura u tikkontribwixxi għall-kreattività u l-kisba ta' ħiliet interkulturali, kif ukoll tippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-popli u l-pajjiżi;

O. billi l-Artikolu 167 tat-Trattat ta' Lisbona jiddikjara b'mod ċar li l-"Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom", u għaldaqstant iħeġġeġ azzjonijiet mhux biss biex ir-rikkezza tal-patrimonju lingwistiku tal-Unjoni tiġi preservata u salvagwardata bħala parti mid-diversità tagħha, imma wkoll biex isir pass 'il quddiem fit-tisħiħ u l-promozzjoni ta' dan il-patrimonju apparti l-politiki tal-Istati Membri;

P. billi l-kunċett tad-diversità lingwistika tal-Unjoni Ewropea jkopri kemm il-lingwi uffiċjali kif ukoll il-lingwi kouffiċjali, il-lingwi reġjonali u l-lingwi li ma jibbenefikaw mill-ebda rikonoxximent uffiċjali fl-Istati Membri;

Q. billi l-kategorija tal-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni tkopri wkoll lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni f'territorju partikolari biss, fejn in-numru ta' persuni tal-komunità li jitkellmu l-lingwa qiegħed jonqos b'mod sinifikanti, u f'każijiet fejn l-istatistika ta' ċensimenti konsekuttivi turi tnaqqis drammatiku fin-numru ta' persuni li jitkellmu lingwa speċifika;

R. billi l-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri jistgħu jkunu wkoll lingwi fil-periklu f'ċerti żoni tal-Unjoni;

S. billi minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni tagħhom, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawk minnhom li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni, billi jiġu rikonoxxuti l-multikulturaliżmu u l-multingwiżmu, permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika li jiġġieldu l-preġudizzji eżistenti kontra lingwi fil-periklu, u billi jiġi adottat approċċ anti-assimilazzjoni fil-livell nazzjonali u Ewropew;

T. billi t-tagħlim bil-lingwa materna tal-poplu huwa l-metodu aktar effettiv tat-tagħlim;

U. billi jekk it-tfal jiġu mgħallma l-lingwa materna tagħhom mit-twelid, u b'mod parallel minn hemm 'il quddiem jitgħallmu lingwa uffiċjali, dawn ikollom dispożizzjoni naturali għat-tagħlim ulterjuri ta' diversi lingwi u billi l-pluraliżmu lingwistiku huwa vantaġġ għaż-żgħażagħ Ewropej;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

V. billi t-theddida għal-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni fl-Ewropa tista' titnaqqas billi jiġi żgurat il-prinċipju li fit-twettiq tan-negozju pubbliku u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, il-lingwa kkonċernata tiġi trattata b'mod proporzjonat fuq il-bażi tal-ugwaljanza u fl-interess tad-diversità;

W. billi s-salvagwardja u t-trażmissjoni ta' lingwa tgħaddi ħafna drabi mill-kanali tal-edukazzjoni informali u mhux formali u billi huwa importanti li tiġi rikonoxxuta l-pożizzjoni tal-oqsma komunitarji u artistiċi kif ukoll tal-artisti f'dan il-qafas;

X. billi l-kwistjoni tal-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni ma tingħatax biżżejjed attenzjoni speċifika fi ħdan il-politika tal-multilingwiżmu tal-Kummissjoni; billi tul l-aħħar żewġ oqfsa finanzjarji pluriennali (2000-2007 u 2007-2013), il-finanzjament Ewropew allokat għal dawn il-lingwi naqas ħafna, u dan wassal għal żieda fid-diffikultajiet tagħhom, u billi jeħtieġ niżguraw li ma tiġrix l-istess ħaġa fil-qafas finanzjarji pluriennali li jmiss (2014-2020);

1. Jappella lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri jkunu iktar konxji tat-theddida ferm kbira li bosta lingwi fl-Ewropa, ikklassifikati bħala lingwi fil-periklu, qed jesperjenzaw, u biex jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ favur politika ta' protezzjoni u promozzjoni tad-diversità unika tal-patrimonju lingwistiku u kulturali tal-Unjoni bilil jintużaw politiki ambizzjużi ta' rilanċ proattiv u jiddedikaw baġit raġonevoli għal dan l-għan; jirrakkomanda li dawn il-politiki għandhom ikollhom l-għan ukoll li jiżviluppaw kuxjenza aktar wiesgħa fost iċ-ċittadini tal-UE dwar ir-rikkezza lingwistika u kulturali li jirrappreżentaw dawn il-komunitajiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipproduċu pjanijiet ta' azzjoni għall-promozzjoni tal-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni fuq il-bażi tal-aqwa prattiki komuni li diġà huma disponibbli f'għadd ta' komunitajiet lingwistiċi fl-Ewropa;

2. Jistieden lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jikkundannaw il-prattiki li, permezz ta' diskriminazzjoni lingwistika jew assimilazzjoni infurzata jew moħbija, fl-imgħoddi kienu – jew qegħdin issa – jmorru kontra l-identità u l-użu tal-lingwa tal-komunitajiet lingwistiċi fil-periklu jew l-istituzzjonijiet kulturali tagħhom;

3. Jappella lill-Istati Membri kollha li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw u jimplimentaw il-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji; jindika li l-Karta hija punt ta' riferiment għall-ħarsien tal-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni u wieħed mill-mekkaniżmi ta' ħarsien tal-minoranza speċifikati fil-kriterji ta' Kopenħagen li l-Istati għandhom jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jaderixxu mal-UE;

4. Jappella lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jirrispettaw l-impenji li daħlu għalihom bl-adeżjoni tagħhom mal-Konvenzjoni tal-Unesco tal-2005 dwar id-Diversità Kulturali għar-rispett u l-promozzjoni tal-espressjonijiet kulturali kemm fit-territorju tagħhom kif ukoll fil-ftehimiet internazzjonali;

5. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Unjoni jinkludu r-rispett effettiv lejn id-diversità lingwistika u b'mod speċjali, il-protezzjoni tal-lingwi Ewropej l-iktar vulnerabbli bħala kundizzjoni li jeħtieġu jwettqu l-istati kollha li jixtiequ l-aċċess għall-istatus ta' Stat Membru tal-UE;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-awtoritajiet reġjonali tal-Istati Membri biex jistabbilixxu programmi li jippromwovu t-tolleranza tal-komunitajiet lingwistiċi jew etniċi fil-periklu, ir-rispett għall-valuri kulturali u lingwistiċi tagħhom u r-rispett għal dawk il-komunitajiet fis-soċjetà;

7. Jiġbed l-attenzjoni tal-gvernijiet u l-awtoritajiet reġjonali tal-Istati Membri għall-fatt li s-sopravivenza ta' lingwa fil-periklu hija ekwivalenti għas-sopravivenza u l-iżvilupp tal-komunità li tużaha u li, għalhekk, għall-fini tal-formulazzjoni tal-politiki għall-ħarsien tagħha, ma għandhomx jitqiesu biss l-aspetti kulturali u edukattivi, iżda anki d-dimensjonijiet ekonomiċi u soċjali;

8. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi miżuri politiċi konkreti għall-ħarsien tal-lingwi li jinsabu fil-periklu; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, fi ħdan il-mandat tagħhom ta' referenza skont it-Trattat, biex jadattaw il-politiki tal-UE u jiskedaw il-programmi sabiex jappoġġaw il-preservazzjoni tal-lingwi li jinsabu fil-periklu u d-diversità lingwistika, permezz ta' strumenti finanzjarji tal-UE għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020, inklużi: il-programmi għad-dokumentazzjoni ta' dawn il-lingwi, kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-inklużjoni soċjali, iż-żgħażagħ u l-isport, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-programm Kultura u MEDIA, il-Fondi Strutturali (il-Fondi ta' Koeżjoni, il-FEŻR, il-FSE, il-Kooperazzjoni

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

Territorjali Ewropea, il-FAEŻR), kif ukoll l-istrumenti u l-pjattaformi ta' skambju kollha maħsuba biex jippromwovu teknoloġiji ġodda, il-midja soċjali, il-pjattaformi tal-multimidja, li jkopru appoġġ għall-ġenerazzjoni kemm tal-kontenut kif ukoll tal-applikazzjonijiet; hu tal-fehma li dawn l-għodod għandhom jiffokaw fuq programmi u azzjonijiet li juru aġenda pożittiva usa', kemm jekk kulturalment kif ukoll jekk ekonomikament, lil hinn mill-komunità u r-reġjun tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra l-ostakoli amministrattivi u leġiżlattivi li għalihom huma suġġetti l-proġetti relatati mal-lingwi li jinsabu fil-periklu minħabba ċ-ċokon tal-komunitajiet lingwistiċi kkonċernati;

9. Jitlob, fin-nuqqas ta' estensjoni tal-intervent, li l-finanzjament għas-salvagwardja ta' lingwi fil-periklu jkun faċilment aċċessibbli u l-aktar trasparenti possibbli sabiex l-atturi li jkunu jridu jibbenefikaw minnu jkunu jistgħu jgħinu tassew u fi żmien qasir lil-lingwi fil-periklu;

10. Hu tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għandha tappoġġja u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ikollhom politika lingwistika li tiffaċilita lit-tfal jitgħallmu l-lingwa fil-periklu, bħala lingwa materna, f'età żgħira ħafna; jindika li politika bħal din li tippromwovi żewġ lingwi jew iktar, skont l-evidenza xjentifika, tipprovdi benefiċċju u għajnuna għal tfal biex jitgħallmu iktar lingwi fil-futur, filwaqt li tħeġġeġ it-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-lingwi, u tagħti lill-persuni li jitkellmu l-lingwi fil-periklu appoġġ konkret biex jerġgħu jagħtu l-ħajja lit-trażmissjoni interġenerazzjonali fejn din tinsab fil-periklu;

11. Jappoġġa r-rinforz tat-tagħlim tal-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni b'metodoloġiji xierqa għall-istudenti ta' kull età, inkluż it-tagħlim mill-bogħod għall-iżvilupp ta' ċittadinanza Ewropea vera bbażata fuq il-multikulturaliżmu u l-pluraliżmu lingwistiku;

12. Jieħu nota tal-programmi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-multilingwiżmu; hu tal-fehma li l-promoturi ta' proġetti għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet li joffru, u, minħabba li l-komunitajiet lingwistiċi li jiġġieldu biex jissalvagwardaw lingwi fil-periklu ta' estinzjoni ta' spiss huma gruppi tal-popolazzjoni ftit numerużi, jinsisti li l-Kummissjoni għandha tara li ma toħloqx ostakoli għall-eliġibbiltà għall-finanzjament ta' programm li jikkonċernahom minħabba l-livell baxx ta' impenn finanzjarju, in-numru żgħir ta' benefiċjarji, jew iċ-ċokon taż-żona kkonċernata, iżda tiffaċilita l-aċċess għal, u tippubbliċizza dawn il-programm, u tipprovdi gwida dwar l-eliġibbiltà għall-finanzjament; iħeġġeġ lill-Istati Membri jaġixxu bħala intermedjarji ta' u jappoġġaw lil dawn il-gruppi żgħar tal-lingwi fil-periklu biex jiġu ffinanzjati mill-fondi Ewropej, filwaqt li jfakkar li l-finanzjament tal-UE għall-promozzjoni tad-diversità lingwistika m'għandux jiġi rilokat mid-direzzjoni maħsuba tiegħu jew jintuża biex jappoġġa azzjonijiet li jużaw il-lingwi fil-periklu ta' estinzjoni biex jeżerċitaw aġendi politiċi usa';

13. Iqis li politika ta' rilanċ lingwistiku hija proġett fit-tul, li għandu jibbaża fuq pjan ta' azzjonijiet differenti u kkoordinati, f'bosta oqsma b'mod partikolari l-edukazzjoni (bl-edukazzjoni preskolari u primarja jkunu ta' valur kbir, flimkien mat-tagħriġ fil-lingwa stess min-naħa tal-ġenituri), l-amministrazzjoni, il-programmi tal-midja (bil-possibiltà li jiġu stabbiliti u żviluppati stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni wkoll), il-kreattività kulturali u fil-forom kollha tal-ħajja pubblika, bl-implikazzjoni ta' ħtieġa għal riżorsi li għandhom ikunu disponibbli fuq terminu ta' żmien twil; hu tal-fehma li għandhom jiġu appoġġati t-tfassil ta' programmi bħal dawn, l-iskambji tal-aqwa prattika bejn il-komunitajiet lingwistiċi u l-istabbiliment ta' proċeduri ta' valutazzjoni;

14. Ifakkar fl-importanza li jitkompla l-isforz biex jiġu standardizzati l-lingwi li jiġu predominantement mitkellma bil-fomm;

15. Jitlob lill-Istati Membri jagħtu aktar attenzjoni u jappoġġaw studji ta' edukazzjoni għolja u riċerka li jiffokaw b'mod speċjali fuq il-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni;

16. Iqis li t-teknoloġiji ġodda jistgħu jkunu għodda biex jiffavorixxu l-għarfien, id-diffużjoni, l-edukazzjoni u l-preservazzjoni tal-lingwi Ewropej li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni;

17. Jenfasizza l-importanza tat-trażmissjoni fil-familji minn ġenerazzjoni waħda għall-oħra tal-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni, u l-importanza tal-promozzjoni tat-tagħlim ta' lingwi li jinsabu fil-periklu fi ħdan sistema edukattiva speċifika jekk ikun meħtieġ; iħeġġeġ lill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali jiżviluppaw politiki edukattivi u materjali għat-tagħlim għal din ir-raġuni;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

18. Iqis li, sabiex jiġu rilanċjati l-lingwi, huwa daqstant importanti li l-lingwi li saru periferali u li l-użu tagħhom huwa l-aktar limitat għaċ-ċrieki tal-familja għandu jkollhom id-dritt li jintużaw, pubblikament fis-soċjetà;

19. Jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem f'sinerġija mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li stabbilixxew programmi u inizjattivi għall-ħarsien u l-promozzjoni tal-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni u partikolarment mal-Unesco u l-Kunsill tal-Ewropa;

20. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jimmonitorjaw l-iżvilupp tal-lingwi l-iktar vulnerabbli, li fih għandhom jieħdu sehem l-awtoritajiet statali kif ukoll dawk territorjali li għandhom lingwi nattivi kemm uffiċjali kif ukoll le;

21. Hu tal-fehma li l-midja, b'mod speċjali l-midja ġdida, jista' jkollha rwol importanti fil-ħarsien tal-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni, b'mod partikolari għal ġenerazzjonijiet futuri; barra minn hekk jenfasizza li teknoloġiji ġodda jistgħu jintużaw ukoll favur dawn l-għanijiet;

22. Iħeġġeġ – fid-dawl tal-fatt li l-mewt tal-aħħar kelliem ta' lingwa ġeneralment ikun ifisser l-estinzjoni ta' dik il-lingwa – lill-awtoritajiet lokali b'mod partikolari biex jadottaw miżuri ta' rilanċ bil-ħsieb li tinbidel is-sitwazzjoni;

23. Jinnota li d-diġitalizzazzjoni tista' tkun mod biex tiġi evitata l-qerda tal-lingwi; iħeġġeġ, għalhekk, lill-awtoritajiet lokali biex jiġbru flimkien u jpoġġu fuq l-internet kotba u reġistrazzjonijiet b'dawk il-lingwi, kif ukoll il-manifestazzjonijiet l-oħra kollha tal-wirt lingwistiku;

24. Jissuġġerixxi li l-komunitajiet lingwistiċi fil-periklu ta' estinzjoni għandhom jingħataw is-setgħa kemm mill-komunità internazzjonali kif ukoll mill-Istati Membri biex jirrikonoxxu li l-użu u l-preservazzjoni tal-lingwa proprja tagħhom huma ta' valur kemm għall-komunità proprja tagħhom kif ukoll għall-Ewropa;

25. Jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja kontinwament u permezz tal-programmi differenti tagħha n-netwerks transnazzjonali u l-inizjattivi u l-azzjonijiet ta' dimensjoni Ewropea maħsuba biex jippromwovu l-lingwi li jinsabu fil-periklu, u biex tenfasizza l-ħtieġa ta' parteċipazzjoni attiva sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-Atlas tal-Lingwi fil-Periklu madwar id-Dinja pprovdut mill-Unesco u li dan l-Atlas isir iktar komplut, u biex issaħħaħ korp ta' indikaturi omoġeniċi li jippermetti t-twettiq ta' monitoraġġ tal-istat ta' kull lingwa u tar-riżultati tal-politiki li jaħdmu biex jipprevjenu l-estinzjoni tagħhom;

26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli r-riċerka li bdiet bl-istudju Euromosaic, u biex tidentifika l-eżempji ta' proattività fil-livell nazzjonali li rriżultaw fi tnaqqis sinifikanti fit-theddid għal lingwa Ewropea li ssir estinta; jirrakkomanda li sabiex jiġi appoġġat skambju ta' għarfien, għarfien espert u l-aqwa prattiki bejn id-diversi komunitajiet tal-lingwi, in-netwerks lingwistiċi Ewropej iwettqu valutazzjoni tal-politiki stabbiliti fl-Istati membri biex jippreservaw, jipproteġu, u jippromwovu lingwi fil-periklu ta' estinzjoni, u li l-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet li jikkorrispondu għal dan;

27. Jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja riċerka dwar il-kisba u r-rilanċ ta' lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni u l-benefiċċji intellettwali u soċjali ta' ċittadini Ewropej bilingwi u multilingwi;

28. Jistieden lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali u dawk tal-Minoranzi (1992) u l-Konvenzjoni Qafas għall-Protezzjoni ta' Minoranzi Nazzjonali (1995);

29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprevedi azzjonijiet possibbli rigward il-protezzjoni tal-lingwi fil-periklu ta' estinzjoni fl-Unjoni;

30. Jappella lill-Kummissjoni biex tappoġġja proġetti pilota li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-użu tal-lingwi li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni kif ukoll għall-pjanijiet ta' azzjoni żviluppati mill-komunitajiet lingwistiċi individwali stess;

31. Huwa tal-fehma li l-Unjoni għandha tappoġġja d-diversità lingwistika fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk li jixtiequ jissieħbu fl-UE;

32. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar l-istabbiliment ta' azzjonijiet Ewropej speċifiċi għas-salvagwardja, il-ħarsien u l-promozzjoni tal-lingwi li jinsabu fil-periklu;

33. Hu tal-fehma li programmi relatati mal-promozzjoni tal-multilingwiżmu huma essenzjali għall-istrateġiji politiċi tal-pajjiżi ġirien/kandidati u kandidati potenzjali tal-UE;

34. Hu tal-fehma li l-appoġġ tal-Kummissjoni għar-rilanċ lingwistiku għandu jiffoka attenzjoni partikolari fuq inizjattivi fil-qasam tal-midja diġitali, inkluża l-midja soċjali, bi sforz sabiex jiġi żgurat li ġenerazzjonijiet żagħżugħa jiġu involuti fil-lingwi Ewropej li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni;

35. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni lill-fatt li, bil-politiki tagħhom, xi Stati Membri u reġjuni qed ipoġġu fil-periklu s-sopravivenza tal-lingwi fi ħdan il-konfini tagħhom, anke jekk dawk il-lingwi ma jinsabux fil-periklu fil-kuntest Ewropew;

36. Jiġbed l-attenzjoni lejn is-siti tal-internet utli li jipprovdi informazzjoni dwar il-programmi tal-UE li jistgħu jiffinanzjaw proġetti ta' promozzjoni tal-lingwi fil-periklu ta' estinzjoni, u jistieden lill-Kummissjoni terġa' tniedi sejħa għal proġetti biex is-sit tal-internet jiġi aġġornat bil-programmi l-ġodda għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020, u tikkomunika iktar dwar dan is-suġġett, partikolarment mal-komunitajiet lingwsitiċi kkonċernati;

37. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0351

## Id-drittijiet tal-Parlament fil-proċedura tal-ħatra ta' Diretturi Eżekuttivi futuri tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-Parlament fil-proċedura ta' ħatra ta' Diretturi Eżekuttivi futuri tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent – emenda għall-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (2013/2089(INLI))**

(2016/C 093/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012,

— wara li kkunsidra l-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tad-19 ta' Lulju 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 42 u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0264/2013),

---

([1]) ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

A. billi ma hemm l-ebda dispożizzjoni fir-Regolament (KE) Nru 401/2009 li tagħti lill-Parlament Ewropew id-dritt formali li jisma' l-kandidat magħżul biex jinħatar bħala Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;

1. Jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq kemm jista' jkun malajr, fuq il-bażi tal-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal att li jemenda r-Regolament (KE) Nru 401/2009 fir-rigward tal-proċedura għal ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, wara r-rakkomandazzjonijiet dettaljati stipulati fl-Anness tiegħu;

2. Jikkonferma li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' sussidjarjetà;

3. Iqis li l-proposta mitluba m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati annessi magħha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

---

**ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI**

## RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI GĦAT-TFASSIL TA' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI JEMENDA R-REGOLAMENT (KE) NRU 401/2009 DWAR L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-AMBJENT U N-NETWERK EWROPEW TA' INFORMAZZJONI U OSSERVAZZJONI TAL-AMBJENT FIR-RIGWARD TAL-PROĊEDURA GĦALL-ĦATRA TAD-DIRETTUR EŻEKUTTIV

### A. **PRINĊIPJI U GĦANIJIET TAL-PROPOSTA MITLUBA**

1. L-għan ta' din il-proposta huwa li tallinja l-proċedura għal ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent mal-proċeduri li qed jintużaw għad-Diretturi Eżekuttivi tal-aġenziji l-oħra, bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, b'mod partikolari sabiex il-Parlament Ewropew jingħata d-dritt formali li jisma' l-kandidat magħżul għall-kariga mill-Bord Maniġerjali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent qabel il-ħatra tiegħu jew tagħha.

### B. **TEST TAL-PROPOSTA MITLUBA**

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent fir-rigward tal-proċedura għal ħatra tad-Direttur Eżekuttiv

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-talba tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni Ewropea ([1]),

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

([1]) ĠU …

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent ([3]) ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni li tagħti lill-Parlament Ewropew dritt formali biex jisma' l-kandidat magħżul biex jinħatar Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent qabel il-ħatra tiegħu jew tagħha.

(2) Bi qbil mal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([4]), il-kandidati għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv tal-aġenziji regolatorji għandhom imorru għas-seduti ta' smigħ tal-kumitati parlamentari.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 huwa verżjoni kodifikata tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar l-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent ([5]). Mid-dħul fis-seħħ ta' dak l-att, regolamenti oħrajn li jistabbilixxu aġenziji oħrajn, bħal b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([6]) dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 ([7]) dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u r-Regolament (KE) Nru 178/2002 ([8]) dwar l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, inkludew id-dispożizzjoni li kandidat innominat mill-Bord Maniġerjali tal-Aġenzija huwa mistieden jagħmel stqarrija lill-Parlament Ewropew u biex iwieġeb mistoqsijiet imressqa mill-Membri.

(4) Hija prattika stabbilita li l-kandidat magħżul għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv mill-Bord Maniġerjali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent jiġi mistieden mingħajr dewmien għal seduta ta' smigħ quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew.

(5) Bil-kontra ta' regolamenti aktar reċenti li jistabbilixxu aġenziji oħrajn, bħal b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Artikolu 9 tar-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 wkoll ma jispeċifikax ir-rekwiżit li l-Kummissjoni tagħżel il-kandidat għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent wara sejħa għal applikazzjonijiet minn dawk interessati ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u f'rivisti oħra jew siti tal-Internet.

(6) Huwa għalhekk xieraq li tiġi allinjata l-proċedura għal ħatra tad-Diretturi Eżekuttivi futuri tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent mal-proċeduri għal ħatra tad-Diretturi Eżekuttivi ta' aġenziji oħrajn, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-Parlament Ewropew.

---

([1]) ĠU …
([2]) ĠU …
([3]) ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.
([4]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.
([5]) ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.
([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).
([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).
([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

(7) B'hekk, ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*Emenda għar-Regolament (KE) Nru 401/2009*

Fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 401/2009, l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Aġenzija għandha titmexxa minn Direttur Eżekuttiv maħtur mill-Bord Maniġerjali fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u f'rivisti oħra jew siti tal-Internet. Il-mandat tad-Direttur Ġenerali għandu jkun ta' ħames snin u jista' jiġġedded darba.

Qabel ma jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Bord Maniġerjali għandu jiġi mistieden kemm jista' jkun malajr sabiex jagħmel stqarrija quddiem il-Parlament Ewropew u sabiex iwieġeb mistoqsijiet mill-Membri tiegħu.

Qabel seduta ta' smigħ li għandha ssir quddiem **il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-kandidat għandu jipprovdi** pjan direzzjonali bil-miktub li jiġbor fih l-istrateġija tiegħu għall-mandat tiegħu ta' ħames snin."

*Artikolu 2*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

---

P7_TA(2013)0364

## L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2010-2012

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2010-2012 (2013/2073(INI))

(2016/C 093/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Settembru 2012 bit-titolu "Abbozz 2012 tar-Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ 2010-2018)" (COM(2012)0495), u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni korrispondenti (SWD(2012)0256),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni" ([1]),

---

([1]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 21.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2011 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "ERASMUS GĦAL KULĦADD" – Il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażagħ u l-Isport (COM(2011)0788),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2012 dwar "Reviżjoni tal-Edukazzjoni: Ninvestu fil-ħiliet għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar" (COM(2012)0669),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2010 dwar "Żgħażagħ mobbli – Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-żgħażagħ biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea" (COM(2010)0477),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2009 dwar "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabbilizzazzjoni", Metodu miftuħ u mġedded ta' koordinazzjoni biex jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ" (COM(2009)0200), u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni korrispondenti (SEC(2009)0549),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2012 bit-titolu "Għall-istabbiliment ta' Qafas ta' Kwalità dwar l-Iskemi ta' Taħriġ, Konsultazzjoni tat-tieni stadju tal-imsieħba soċjali fil-livell Ewropew" (COM(2012) 0728),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2010 bit-titolu "Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali" (COM(2010)0758),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020") ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar "Żgħażagħ Attivi – qafas biex jittejbu s-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ" ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0238/2013),

A. billi l-futur tal-Ewropa jinsab fil-kapaċità tagħha li toħroġ il-potenzjal taż-żgħażagħ;

B. billi l-kriżi wasslet biex jiżdiedu l-forom prekarji ta' impjieg għaż-żgħażagħ, b'kuntratti għal żmien qasir u part-time u skemi ta' esperjenza ta' xogħol mingħajr ħlas li ta' spiss jissostitwixxu impjiegi eżistenti;

C. billi l-qgħad globali fost iż-żgħażagħ fl-UE kien jammonta għal 23,5 % fi Frar 2013; billi fl-2011, 7,5 miljun żagħżugħ u żagħżugħa bejn il-15 u l-24 sena u 6,5 miljun bejn il-25 u d-29 sena kienu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs);

D. billi fl-2011, it-telf ekonomiku minħabba n-nuqqas ta' impenn taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol kien stmat għal EUR 153 biljun, li jikkorrispondi għal 1,2 % tal-PDG tal-UE ([3]);

E. billi ż-żgħażagħ kollha huma parti integrali mis-soċjetà u għandhom jiġu rikonoxxuti bħala tali; billi l-inugwaljanzi u t-tipi kollha ta' diskriminazzjoni għadhom jippersistu u għandhom impatt kbir fuq il-ħajja taż-żgħażagħ u l-iżvilupp eventwali tagħhom fis-soċjetà;

---

([1]) ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.
([2]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 77.
([3]) Eurofound (2012), "NEETs – Young people not in employment, education or training: Characteristics, costs and policy responses in Europe", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

F. billi l-kriżi ekonomika persistenti għandha impatt qawwi fuq il-ħajjiet taż-żgħażagħ f'termini tal-benessri tagħhom u l-inklużjoni soċjali, l-impjieg, l-aċċess għall-akkomodazzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-attivitajiet kulturali, id-divertiment u l-isports, u qed twassal għal nuqqas ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ li qatt ma kien hemm bħalu fl-UE; billi hemm riskju serju li jkun hemm "ġenerazzjoni mitlufa" f'parti sinifikanti tal-Ewropa; billi din is-sitwazzjoni allarmanti teħtieġ miżuri, politiki u azzjoni urġenti kif ukoll riformi strutturali; billi l-kundizzjonijiet ekonomiċi li sejrin lura jistgħu, speċjalment f'pajjiżi milquta bil-kbir mill-kriżi, iwasslu liż-żgħażagħ għal migrazzjoni mhux mixtieqa, li tista' tintwera fil-forma ta' "eżodu ta' mħuħ" enormi li jnaqqas il-potenzjal ta' tkabbir, żvilupp u innovazzjoni tal-pajjiż tal-oriġini fuq perjodu medju sa wieħed twil;

G. billi, b'reazzjoni għall-kriżi ekonomika, diversi Stati Membri implimentaw miżuri severi ta' awsterità, inkluż tnaqqis kbir fl-infiq fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-programmi tat-tagħlim tul il-ħajja; billi dawk il-miżuri għandhom effett ta' ħsara b'mod speċjali fuq l-impjieg taż-żgħażagħ f'ċerti Stati Membri, b'mod partikolari dawk li jinsabu fin-Nofsinhar tal-Ewropa, li f'bosta każijiet iwassal għal eżodu ta' mħuħ sinifikanti minn dawk ir-reġjuni u b'hekk jispikkaw l-inugwaljanzi fi ħdan l-UE;

H. billi l-għodod eżistenti fil-livell tal-UE għandhom jiġu żviluppati aktar biex jindirizzaw l-isfidi li qed tiffaċċja l-ġenerazzjoni l-ġdida, iżda s'issa ftit li xejn sar biex jitwettaq dan, mingħajr ħsara għal titjib ulterjuri li jista' jsirilhom; billi l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ hija qafas komprensiv u l-Istati Membri għandhom jieħdu vantaġġ sħiħ minnha;

I. billi n-numru ta' NEETs żdied b'mod perikoluż fl-UE kollha; billi r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija għolja b'mod inaċċettabbli f'diversi Stati Membri, filwaqt li r-rati medji tal-qgħad fl-Unjoni qed jilħqu quċċati rekord, filwaqt li ċ-ċifra reali tista' tinħeba b'żieda notevoli fl-emigrazzjoni fost iż-żgħażagħ u ssir saħansitra aktar allarmanti meta jiġu kkunsidrati l-kundizzjonijiet ta' impjieg prekarji jew l-impjieg mhux irrapportat, filwaqt li t-tul ta' żmien tal-perjodu ta' qgħad qed jiżdied b'mod kostanti;

J. billi ż-żgħażagħ nisa qed ikomplu jiffaċċjaw kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol terribbli filwaqt li jikkostitwixxu maġġoranza evidenti ta' ħaddiema part-time u ħaddiema temporanji;

K. billi l-impatt ekonomiku taż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ kien stmat f'termini ta' telf ta' EUR 153 biljun fl-2011, li jikkorrispondi għal 1,2 % tal-PDG tal-UE ([1]); billi dan jirrappreżenta piż soċjali u ekonomiku serju;

L. billi l-kriżi ekonomika fl-UE qed iżżid il-faqar u l-esklużjoni soċjali, li jaffettwaw b'mod speċjali lill-ġenerazzjonijiet żgħażagħ; billi l-impatt tal-kriżi fuq iż-żgħażagħ qed ixekkel il-kapaċità tagħhom li jgħixu ħajja awtonoma u, f'każijiet estremi, qed iwassal għal nutrizzjoni ħażina jew problemi ta' saħħa mentali;

M. billi f'Marzu 2013 ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ li għandhom sa 25 sena laħqet it-23,5 % u aktar minn żewġ miljun impjieg fl-Ewropa għadhom vakanti minħabba nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet, b'mod partikolari fis-setturi tal-ICT u tal-kura tas-saħħa; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni "Panorama tal-Ħiliet tal-UE";

N. billi jista' jiġi osservat nuqqas ġeografiku ta' tlaqqigħ bejn il-provvista ta' u d-domanda għal xogħlijiet u ħiliet kemm fi ħdan u kemm bejn l-Istati Membri;

O. billi bosta żgħażagħ għandhom xogħol informali, temporanju u mhux fiż-żgur, li m'għandux x'jaqsam mal-kwalifiki jew l-għanijiet tal-karriera tagħhom u mingħajr l-ebda prospetti ċari għal perjodu twil; billi bosta żgħażagħ qed jitilfu l-opportunità li jiksbu l-ħiliet u l-fiduċja fihom infushom meħtieġa għal progress fil-karriera;

---

([1]) Eurofound (2012), "NEETs – Young people not in employment, education or training: Characteristics, costs and policy responses in Europe". l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Lussemburgu.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

P. billi ż-żgħażagħ jiffaċċjaw aktar diffikultajiet fit-tranżizzjoni tagħhom mill-iskola għax-xogħol minħabba nuqqas ta' rabtiet bejn il-programmi ta' edukazzjoni disponibbli u s-suq tax-xogħol; billi l-inizjattivi għal tagħlim tul il-ħajja u l-proġetti interġenerazzjonali huma għodod utli li permezz tagħhom iż-żgħażagħ tal-UE jistgħu jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jidħlu fis-suq tax-xogħol;

Q. billi l-gruppi demografiċi li mhumiex rappreżentati biżżejjed fil-popolazzjoni intraprenditorjali, b'mod speċjali l-fundaturi ta' negozji ġodda, jinkludu ż-żgħażagħ, in-nisa, il-persuni b'diżabbiltà u l-immigranti;

R. billi l-iżvilupp personali u soċjali taż-żgħażagħ huwa importanti daqs l-iżvilupp akkademiku u professjonali tagħhom; billi ż-żgħażagħ għandhom rwol attiv fl-infrastruttura soċjali tal-Istati Membri u jaqdu rwol ċentrali f'komunitajiet sostenibbli u mimlija ħajja;

S. billi l-firxa tal-broadband fl-Istati Membri teħtieġ li tittejjeb sabiex jiġu pprovduti skejjel mgħammra diġitalment;

T. billi riżorsi edukattivi miftuħa jtejbu l-kwalità, l-aċċessibbiltà u l-ugwaljanza tal-edukazzjoni u jiffaċilitaw proċess ta' tagħlim interattiv, kreattiv, flessibbli u personalizzat permezz tal-użu tal-ICT u teknoloġiji ġodda; billi l-edukazzjoni miftuħa ssaħħaħ l-impjegabbiltà sostenibbli billi tappoġġa tagħlim tul il-ħajja;

U. billi l-użu ta' teknoloġiji ġodda u ta' pjattaformi ta' midja soċjali huwa mezz importanti biex jintlaħqu ż-żgħażagħ u biex titjieb il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fis-soċjetà u jinfluwenzaw proċessi politiċi u soċjali;

V. billi l-problemi ekonomiċi u soċjali, li marru għall-agħar minħabba r-rispons tal-UE għall-kriżi mmexxi mill-awsterità, qed iżidu l-Euroxettiċiżmu fost iċ-ċittadini; billi ż-żgħażagħ jirrappreżentaw l-aktar segment vulnerabbli tas-soċjetà;

W. billi politika effettiva taż-żgħażagħ tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kuxjenza ċivika fost iż-żgħażagħ, li hija ta' importanza kbira għall-emanċipazzjoni individwali tagħhom u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà bħala ċittadini attivi;

X. billi d-djalogu strutturat għandu jitqies bħala l-ewwel pass lejn l-istabbiliment ta' djalogu effettiv u produttiv fost iż-żgħażagħ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-UE u l-istituzzjonijiet nazzjonali li għandu jittejjeb u jiġi żviluppat b'mod kontinwu;

***Valutazzjoni tal-effettività tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ***

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ 2010-2018);

2. Ifakkar fil-proposta tal-Kummissjoni li fil-kuntest tan-negozjati li għadhom għaddejjin dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid, il-finanzjament għall-politiki dwar iż-żgħażagħ u l-edukazzjoni għandu jiżdied biex jindirizza l-isfidi attwali u futuri; jenfasizza li l-komunikazzjoni bejn it-task forces dwar iż-żgħażagħ hija essenzjali u għandha tiġi promossa, flimkien mal-komunikazzjoni dwar l-azzjoni meħuda u r-riżultati miksuba s'issa;

3. Jikkunsidra li l-baġit allokat għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ fil-QFP futur, jiġifieri EUR 6 biljun, mhuwiex biżżejjed u għandu jiżdied b'mod sinifikanti matul in-negozjati;

4. Jistieden lill-Kunsill ikompli jżid l-attenzjoni li tingħata liż-żgħażagħ billi jqis liż-żgħażagħ bħala prijorità integrata fil-programmi kollha tal-UE taħt il-QFP futur;

5. Iqis li hu ta' dispjaċir li d-dikjarazzjonijiet ambizzjużi li saru mill-Kunsill Ewropew rigward impenji għaż-żgħażagħ mhumiex riflessi f'impenji finanzjarji ekwivalenti; jinnota li parti kbira mill-"Pakkett tat-Tkabbir" imħabbar fl-2012 kienet tikkonsisti minn riallokazzjoni parzjali ta' fondi strutturali li kienu diġà mwiegħda u li kien diġà sar impenn dwarhom;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

6. Jiddispjaċih dwar l-ambivalenza li wera l-Kunsill, li qed jitkellem favur riżorsi addizzjonali għaż-żgħażagħ iżda qed jikkawża dewmien fin-negozjati dwar il-pagamenti b'rabta mal-baġit emendatorju għall-2013, u b'hekk qed jhedded il-pagamenti għall-boroż ta' studju Erasmus; jistieden lill-Kunsill jadotta approċċ aktar kostruttiv billi jieqaf milli jkompli jkabbar id-distakk bejn l-approprjazzjonijiet ta' pagament u l-approprjazzjonijiet ta' impenn f'kull baġit annwali;

7. Iqis il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) bħala mezz xieraq għad-deċiżjonijiet rigward il-politiki dwar iż-żgħażagħ; itenni t-talba tiegħu għal kooperazzjoni aktar mill-qrib fil-kwistjonijiet taż-żgħażagħ bejn l-istituzzjonijiet tal-UE; jitlob għal involviment usa' tal-Parlament Ewropew; jenfasizza li l-MMK jeħtieġ li jitwettaq b'rieda politika qawwija min-naħa tal-Istati Membri, sabiex jinkisbu riżultati massimi;

8. Jiddispjaċih li għalkemm l-Istati Membri ntalbu jieħdu miżuri speċifiċi fl-ewwel ċiklu tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ, il-progress miksub kien limitat ħafna; jinnota li f'diversi każijiet is-sitwazzjoni marret għall-agħar u li f'ħafna Stati Membri ma hija stabbilita l-ebda strateġija speċifika għaż-żgħażagħ;

9. Jinnota l-impatt tal-ewwel ċiklu tal-Istrateġija għaż-Żgħażagħ (2010-2012); jenfasizza li l-qafas għal involviment transsettorjali tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u tal-partijiet interessati relevanti jirrappreżenta bidu tajjeb iżda jeħtieġ li jissaħħaħ fil-futur billi jittejjeb l-aċċess għall-impjieg, l-edukazzjoni u t-taħriġ, biex b'hekk jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni, filwaqt li jintuża wkoll approċċ transsettorjali biex jinfirxu l-prattiki fost is-setturi relevanti;

10. Jenfasizza l-importanza tad-Djalogu Strutturat; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw il-kunċett u jiżguraw segwitu sinifikanti u konsistenti tar-rakkomandazzjonijiet li jhejju ż-żgħażagħ mal-kontropartijiet ministerjali u istituzzjonali tagħhom; jissuġġerixxi wkoll li jkun hemm kuntatt dirett mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u mal-individwi mhux organizzati fil-livell lokali u reġjonali billi jkun żgurat li l-leħen tagħhom ma jintilifx u li l-implimentazzjonijiet tal-politika jwasslu għal żvilupp pożittiv u għall-għoti ta' setgħa liż-żgħażagħ;

11. Jikkunsidra li l-iżvilupp ta' indikaturi ċari u faċli għall-utenti fir-rigward tas-sitwazzjoni taż-żgħażagħ u l-politika taż-żgħażagħ jista' jittejjeb aktar, speċjalment fir-rigward tal-awtonomija u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, sabiex jevalwa aħjar l-impatt tal-miżuri meħuda skont l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ;

12. Jistieden lill-Istati Membri jippreżentaw għarfien u rapporti bbażati fuq l-evidenza dwar is-sitwazzjoni soċjali taż-żgħażagħ u l-kundizzjonijiet ta' għajxien tagħhom, u jfasslu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u jimplimentawhom b'mod konsistenti;

13. Jenfasizza li, sa mit-tfulija, għandha tingħata attenzjoni speċjali lil gruppi vulnerabbli f'riskju għoli ta' esklużjoni soċjali, inklużi persuni NEETs u żgħażagħ żvantaġġati, billi jiġu jingħataw opportunitajiet ta' impjieg reali u tanġibbli u billi jiġu inkoraġġiti jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà;

14. Jirrikonoxxi l-ħtieġa għal approċċ transsettorjali u bbilanċjat għat-tmien oqsma ta' azzjoni fl-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ; jitlob għal prijoritizzazzjoni fi żminijiet ta' kriżi ta' politika dwar iż-żgħażagħ li tkun infurmata u mfassla mil-leħen u l-għanijiet taż-żgħażagħ infushom;

***Sfidi għaċ-ċiklu li jmiss:***

*Edukazzjoni, taħriġ, innovazzjoni u finanzjament*

15. Jilqa' l-programm il-ġdid tal-UE għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport; jenfasizza l-ħtieġa għal finanzjament robust għal dan il-programm u għal kapitolu separat kif ukoll allokazzjoni tal-baġit separata għall-parti taż-żgħażagħ;

16. Jenfasizza li l-Istati Membri u n-negozji għandhom jinvestu aktar fil-ħiliet it-tajba u jiddiversifikaw it-tipi ta' taħriġ għal xogħlijiet li hemm talba għalihom, speċjalment is-setturi teknoloġiċi, billi jinħolqu kurrikuli aktar flessibbli, jiġu integrati l-ħiliet intraprenditorjali u trasversali, sabiex ikun hemm adattament aħjar għal żviluppi futuri fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-mobilità taż-żgħażagħ, b'mod partikolari permezz tat-tagħlim bikri ta' lingwi barranin; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi doppji ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali bħala mod effettiv li jistabbilixxi rabta bejn id-domandi tal-edukazzjoni u dawk tas-suq tax-xogħol, u li jnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

17. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw it-trasferibbiltà totali tal-benefiċċji soċjali miksuba sabiex ma tiġix ipperikolata l-protezzjoni tal-benessri għall-ħaddiema żgħażagħ li jkunu għażlu l-mobilità;

18. Jenfasizza l-benefiċċji tat-trijangolu tal-għarfien u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu aktar inizjattivi u jintensifikaw l-interazzjoni bejn it-tliet naħat tat-trijangolu, biex b'hekk jiżguraw li l-interazzjoni bejn ir-riċerka, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni tkun tista' tgħin fl-iżvilupp tax-xogħlijiet u t-tkabbir;

19. Jirrikonoxxi li l-programm "Orizzont 2020" il-ġdid huwa qafas xieraq biex tingħata spinta lir-riċerka, l-innovazzjoni u l-eċċellenza fix-xjenza; iwissi, madankollu, li t-tnaqqis fl-infiq fuq l-edukazzjoni f'xi Stati Membri qed jipperikola l-objettivi tiegħu; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu l-prijoritajiet ewlenin skont il-programm u jieħdu vantaġġ sħiħ minnu;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw u jipproponu metodi għaż-żieda tal-innovazzjoni fil-kurrikuli nazzjonali fil-livell tal-iskejjel;

21. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu u jneħħu l-ostakoli transkonfinali eżistenti għal taħriġ vokazzjonali, orjentazzjoni u apprendistati, skemi ta' taħriġ u internships, sabiex dan it-tip ta' edukazzjoni jingħata valur fuq il-bażi tal-ugwaljanza, jiżdiedu r-rabtiet tiegħu ma' opportunitajiet edukattivi oħrajn f'perspettiva ta' tagħlim fit-tul, u jkun hemm tlaqqigħ aħjar bejn il-provvista u d-domanda ta' opportunitajiet ta' taħriġ ibbażati fuq ix-xogħol għaż-żgħażagħ, biex b'hekk jittejbu l-mobilità u l-impjegabbiltà, b'mod partikolari f'reġjuni mal-fruntieri;

22. Jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-każijiet ta' nuqqas ta' tlaqqigħ ġeografiku bejn il-provvista tal-impjiegi u d-domanda għalihom kemm fi ħdan l-Istati Membri u kemm bejniethom, b'mod partikolari permezz tal-bidliet għall-Portal Ewropew tal-Mobilità fl-Impjiegi (EURES), bil-għan li jittejbu l-opportunitajiet ta' impjiegi għaż-żgħażagħ;

23. Jenfasizza l-importanza tal-investiment strateġiku mill-Fondi Strutturali tal-UE fl-iżvilupp reġjonali, fil-kompetittività u fil-ħolqien tal-apprendistati ta' kwalità għolja, internships u impjiegi sostenibbli u fit-tul, li joffru liż-żgħażagħ l-usa' opportunitajiet possibbli għall-impjieg li jirrispetta d-drittijiet tal-impjegat f'kull Stat Membru, sabiex is-sitwazzjoni prekarja u r-riskju tal-faqar jitnaqqsu b'mod sinifikanti; jenfasizza barra minn hekk l-importanza tad-diversifikazzjoni ekonomika f'setturi ta' valur għoli miżjud, fejn ikun xieraq, u l-ħtieġa li jkun hemm enfasi fuq iż-żoni rurali u żvantaġġati;

24. Jemmen li, sabiex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ, l-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tat-taħlita politika korretta huwa fundamentali;

25. Iqis li r-rata għolja attwali ta' qgħad f'ċerti Stati Membri setgħet ġiet evitata permezz ta' strateġiji nazzjonali u reġjonali intensivi mmirati biex iħeġġu lill-kumpaniji jimpjegaw ħaddiema żgħażagħ;

26. Jinnota li flimkien mal-istrateġiji tal-UE dwar l-impjiegi, il-bliet u r-reġjuni jaqdu rwol importanti fil-valutazzjoni tas-swieq tax-xogħol lokali, fl-antiċipazzjoni tal-bżonnijiet tagħhom, u fit-tfassil ta' programmi apposta għaż-żagħżagħ, u jagħmel enfasi fuq l-importanza taż-żgħażagħ fil-komunitajiet tagħhom, inklużi r-reġjuni gżejjer u dawk l-aktar imbiegħda; jistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jinkoraġġixxu ċ-ċittadinanza attiva u jiżguraw li r-rappreżentanti taż-żgħażagħ jew tal-assoċjazzjonijiet taż-żgħażagħ jipparteċipaw fl-inizjattivi differenti proposti mill-UE;

27. Jenfasizza r-rwol pożittiv li għandhom l-edukazzjoni miftuħa u l-universitajiet miftuħa fil-proċess tat-tagħlim u biex l-istudenti, inklużi ż-żgħażagħ, jiksbu ħiliet ġodda li jkunu essenzjali fil-ġlieda kontra l-qgħad; jenfasizza li t-tagħlim tul il-ħajja huwa mezz dinamiku ta' tagħlim li jindirizza l-bżonnijiet u l-interessi attwali tal-parteċipanti;

28. Jenfasizza l-importanza tal-kisba ta' ħiliet trażversali bħal ħiliet fl-ICT, ħiliet fit-tmexxija, ħiliet fil-ħsieb kritiku u fil-lingwi, anke permezz ta' studju barra mill-pajjiż, biex jitjiebu l-prospetti ta' persuni żgħażagħ fis-suq tax-xogħol u l-adattabilità tagħhom għal żviluppi futuri fis-suq tax-xogħol;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

29. Jenfasizza l-importanza tat-tagħlim informali u mhux formali għall-iżvilupp ta' valuri, aptitudnijiet u ħiliet għaż-żgħażagħ, kif ukoll għat-tagħlim dwar iċ-ċittadinanza u l-involviment demokratiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw sistemi li jirrikonoxxu l-kompetenzi miksuba permezz ta' tagħlim mhux formali u informali, xogħol volontarju, internships u ħidma soċjali, u jipprovdu appoġġ għal tali attivitajiet fil-qafas tal-programmi l-ġodda għall-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u ċ-ċittadinanza;

30. Iqis li għad hemm lok għall-iżvilupp ta' tagħlim bejn il-pari fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ bħala mezz li jiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri;

31. Jilqa' l-impenji reċenti tal-Istati Membri u l-Kunsill biex iniedu inizjattivi ġodda għaż-żgħażagħ b'miżuri preċiżi ta' finanzjament; jistieden lill-Kunsill iniedi politiki simili fl-Istati Membri kollha taħt il-kunċett ġeneriku ta' "Ftehim Ġdid" għaż-żgħażagħ;

32. Jenfasizza l-ħtieġa li n-nisa jitħeġġu jidħlu f'karrieri li ġeneralment jitqiesu bħala tipiċi "maskili", speċjalment fis-settur tat-teknoloġiji tal-informatika;

33. Jemmen li l-interventi bikrija u l-politiki proattivi tas-suq tax-xogħol jirrappreżentaw ċaqliqa mit-trattament tas-sintomi tat-tiċħid multiġenerazzjonali lejn l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji kmieni fil-ħajja biex jiġi evitat il-qgħad u tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni; jiġbed l-attenzjoni b'mod speċjali lejn dawk l-aktar emarġinati u li jinsabu fl-ogħla riskju li jsibu ruħhom qiegħda;

34. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-problemi tal-inugwaljanza fil-livell tal-iskola, l-iskartar mill-iskola u l-ħtieġa li jitnaqqsu r-rati ta' tfal li jieqfu mill-iskola fl-UE kollha; jenfasizza l-importanzi ta' aktar finanzjament sabiex ikun garantit aċċess ugwali għall-edukazzjoni kif ukoll biex jitnaqqas il-waqfien mill-iskola qabel iż-żmien; jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li jitjiebu r-rabtiet u l-kooperazzjoni bejn l-atturi fl-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u x-xogħol taż-żgħażagħ; jitlob għal opportunitajiet ta' tagħlim flessibbli fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali;

35. Jidentifika t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol bħala mument partikolarment importanti għaż-żgħażagħ, minħabba li l-bidu tal-karrieri tagħhom għandu impatt sinifikanti fuq l-iżvilupp futur tagħhom; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol importanti li l-iżvilupp bikri fit-tfulija jista' jkollu biex iwaqqaf iċ-ċiklu vizzjuż interġenerazzjonali tal-iżvilupp uman batut tat-tfal żvantaġġati; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-provvista ta' servizzi ta' konsulenza u gwida fi stadju bikri sabiex tittejjeb il-kapaċità taż-żgħażagħ li jieħdu deċiżjonijiet infurmati biżżejjed dwar il-karriera futura tagħhom, biex b'hekk isir aktar faċli għalihom li jakkwistaw il-ħiliet meħtieġa u jsibu impjieg relevanti għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol; jenfasizza l-potenzjal tal-ħolqien ta' impjiegi f'setturi bħall-ekonomija ekoloġika, il-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u l-ICT;

36. Jenfasizza l-importanza tat-titjib tal-politiki mmirati lejn tranżizzjoni aktar faċli mill-edukazzjoni għall-impjieg billi jiġu żgurati apprendistati u skemi ta' taħriġ ta' kwalità;

37. Jitlob lill-Istati Membri jimmiraw lejn żgħażagħ li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, sabiex joffrulhom tagħlim u taħriġ ta' kwalità biex dawn ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet u l-esperjenza li jeħtieġu biex jidħlu fl-impjieg, inkluż, għal xi wħud, billi jiffaċilitaw id-dħul tagħhom mill-ġdid fis-sistema tal-edukazzjoni;

38. Jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-popolazzjoni żagħżugħa tal-ħabs sabiex tiġi faċilitata r-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà;

39. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-inizjattiva ewlenija eżistenti "Żgħażagħ Attivi" permezz ta' slogans ġodda bħal "L-ebda żagħżugħ barra mill-edukazzjoni" u "L-ebda żagħżugħ barra mis-suq tax-xogħol";

40. Ifakkar fir-riskju li diversi Stati Membri jiċċaħħdu miż-żgħażagħ ta' talent tagħhom, u li jwassal għall-ħolqien ta' eżodu ta' mħuħ potenzjali; jenfasizza li dan jista' jxekkel lil dawk l-Istati Membri milli jiksbu rkupru ekonomiku u tkabbir vijabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iqisu dan bis-sħiħ meta jipproponu u jimplimentaw politiki fil-futur;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

41. Jenfasizza l-fatt li s-settur kreattiv jista' joffri opportunitajiet ulterjuri u ġodda għaż-żgħażagħ biex jiżviluppaw it-talent u l-ħiliet tagħhom; ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li teknoloġiji ġodda jistgħu jsaħħu l-kreattività taż-żgħażagħ;

42. Jenfasizza li l-kultura fl-Ewropa tirrappreżenta sehem importanti tal-PDG u jistieden lill-Istati Membri jheġġu ulterjorment inizjattivi li jippromwovu xogħlijiet sostenibbli għaż-żgħażagħ f'dan is-settur;

*L-impjiegi u l-intraprenditorija taż-żgħażagħ*

43. Jenfasizza l-importanza tal-koeżjoni soċjoekonomika u territorjali tal-Unjoni Ewropea, kif speċifikata fl-Artikolu 174 TFUE, fil-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żagħżagħ, jiġifieri l-ħolqien ta' aktar opportunitajiet ugwali għaż-żgħażagħ kollha, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u s-solidarjetà għaż-żgħażagħ kollha, billi jitnaqqas ir-riskju tal-faqar u jikber il-proporzjon tal-popolazzjoni fl-impjieg, fil-kuntest tal-miżuri li qed jittieħdu bħalissa għat-tnaqqis tad-dejn, iż-żieda fil-qgħad fost iż-żgħażagħ, u l-livelli diverġenti tas-suċċess fl-edukazzjoni u tat-taħriġ;

44. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-Fondi Strutturali tal-UE 2007-2013, speċjalment il-FSE; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament infurmat b'mod regolari dwar il-progress li għamlu l-Istati Membri;

45. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmobilizzaw il-fondi kollha disponibbli, b'mod partikolari fil-qafas tal-Fondi Strutturali, għal programm li jistimola l-investiment fl-impjiegi u t-taħriġ bil-għan li tiġi miġġielda r-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ li mhix aċċettabbli, inkluż l-inkoraġġiment tal-iżvilupp tan-negozju għaż-żgħażagħ permezz tal-intraprenditorija; jilqa' l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u jħeġġeġ lill-Istati Membri u r-reġjuni kkonċernati jagħmlu użu sħiħ mill-flejjes mill-FSE u mill-allokazzjoni speċjali;

46. Jilqa' l-inizjattiva l-ġdida tal-UE għal Skema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, li għandha tiġi estiża wkoll għal żgħażagħ taħt it-30 sena, li għandha tipprovdilhom il-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol filwaqt li tiżgura opportunitajiet ta' kwalità għolja, sinifikanti u relevanti għalihom; jistieden lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom biex jimplimentaw l-iskema b'mod effiċjenti u fil-ħin u jisfruttaw bis-sħiħ l-opportunitajiet offruti taħt il-fond il-ġdid għall-impjieg taż-żgħażagħ disponibbli fil-QFP il-ġdid; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm biżżejjed finanzjament għall-inizjattiva permezz tal-FSE u Fondi Strutturali oħra tal-UE tal-passat u tal-futur; iqis il-baġit kif indikat mill-Kunsill għall-perjodu ta' 7 snin bħala insuffiċjenti;

47. Jenfasizza, madankollu, li l-Iskema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ ma tistax tieħu post l-isforzi u r-riformi strutturali meħtieġa biex is-sistemi tal-edukazzjoni u s-swieq tax-xogħol f'ċerti Stati Membri jħejju ruħhom għall-isfidi tal-futur;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi inċentivi u appoġġ tekniku liż-żgħażagħ biex jifthu n-negozji proprji tagħhom, taħt is-slogan; "Jekk ma tistax issib impjieg, oħloq wieħed int";

49. Jipproponi tisħiħ tal-ispirtu intraprenditorjali fost iż-żgħażagħ billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għal strumenti ta' mikrokreditu u mikrofinanzjament;

50. Jikkunsidra li l-konsolidament fiskali m'għandux jiġi implimentat b'mod li jaffettwa l-impjiegi għaż-żgħażagħ; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu aktar inċentivi biex jappoġġaw impjiegi ta' kwalità għaż-żgħażagħ, bħal ħelsien mit-taxxa u kontribuzzjonijiet soċjali u l-istabbiliment adegwat tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq tax-xogħol;

51. Jagħraf li l-impriżi soċjali jistgħu jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità għolja, filwaqt li jiġġieldu kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, billi jinvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ għaż-żgħażagħ Ewropej.

52. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jipprovdu xibka tas-sigurtà għal negozji ġodda li jfallu; jistedinhom jeliminaw il-burokrazija;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

*Teknoloġiji ġodda u midja soċjali*

53. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi stħarriġ biex timmonitorja l-impatt ta' teknoloġiji ġodda u l-midja soċjali fuq il-ħajja taż-żgħażagħ;

54. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jimplimentaw strateġiji li jappoġġaw l-aċċess taż-żgħażagħ għall-ICT;

55. Jitlob lill-Kummissjoni tieħu vantaġġ mid-dinamiżmu tal-midja soċjali fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-sehem taż-żgħażagħ sabiex iżżid l-impjegabbiltà u ssaħħaħ l-intraprenditorija, l-innovazzjoni u l-kultura;

56. Jenfasizza l-ħtieġa li ż-żgħażagħ jiġu protetti minn kull forma ta' abbuż, inklużi attakki online u abbuż relatat mad-data personali tagħhom u ma' saħħithom;

57. Jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb il-komunikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-Kummissjoni għaż-żgħażagħ (eż. il-Portal Żgħażagħ Ewropej) permezz ta' netwerks soċjali u aktar impenn mal-organizzazzjonijiet u r-rappreżentanti taż-żgħażagħ;

58. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni mħabbra bit-titolu "Il-Ftuħ tal-Edukazzjoni", immirata lejn it-titjib fl-effiċjenza, l-aċċessibbiltà u l-ugwaljanza fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-sistemi ta' taħriġ billi ssaħħaħ l-integrazzjoni tal-ICT u teknoloġiji ġodda fl-edukazzjoni u t-taħriġ; jistieden lill-Istati Membri kollha jinkoraġġixxu inizjattivi għall-ftuħ tal-edukazzjoni, pereżempju permezz tal-introduzzjoni ta' Bosta Korsijiet Miftuħa Online (MOOCs);

*Sehem iż-żgħażagħ u ċittadinanza Ewropea*

59. Jilqa' l-fatt li s-sena 2013 ġiet iddikjarata s-Sena Ewropea taċ-Ċittadini; jenfasizza l-ħtieġa li ż-żgħażagħ jiġu involuti aħjar billi jiġu mħeġġa jikkondividu l-viżjoni tagħhom għall-futur tal-UE;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli u żżid l-appoġġ tagħha għall-karta Ewropea taż-żgħażagħ sabiex tiffaċilita l-aċċess taż-żgħażagħ għall-kultura madwar l-UE;

61. Jenfasizza l-importanza essenzjali tal-isport, l-eżerċizzju u l-attivitajiet soċjali biex iħeġġu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ bħala għodod li jista' jkollhom impatt enormi fuq il-komunitajiet lokali u li jistgħu jgħinu fl-indirizzar ta' bosta sfidi tas-soċjetà li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ, bħall-indirizzar tal-esklużjoni soċjali u l-għoti liż-żgħażagħ ta' sens ta' kburija u rispett lejhom infushom; jenfasizza barra minn hekk li l-benefiċċji fiżiċi u mentali tal-eżerċizzju jgħinu liż-żgħażagħ ikunu f'kundizzjoni tajba għax-xogħol;

62. Jenfasizza l-importanza li jiġu kkomunikati messaġġi qawwija min-naħa tal-UE orjentati lejn iż-żgħażagħ, appoġġati minn politiki reali fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2014;

63. Jistieden lill-Kumissjoni tiżviluppa aktar inizjattivi biex issaħħaħ l-integrazzjoni tal-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkorporaw korsijiet tal-Istudji Ewropej fil-kurrikuli tal-edukazzjoni;

64. Jenfasizza l-importanza tal-użu tat-teknoloġiji tal-informatika u l-komunikazzjoni, inklużi n-netwerks soċjali, bl-għan speċifiku li tikber il-parteċipazzjoni;

65. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar programmi li jilħqu l-gruppi emarġinati u li jiġi pprovdut appoġġ għas-settur taż-żgħażagħ għall-iżvilupp tal-istrutturi u l-kanali ta' komunikazzjoni tiegħu sabiex jintlaħqu aktar żgħażagħ, b'mod partikolari dawk f'riskju ta' esklużjoni soċjali;

66. Jenfasizza l-importanza tal-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" li jippromwovi ċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażagħ, jiżviluppa s-solidarjetà u jippromwovi t-tolleranza fost iż-żgħażagħ;

67. Jenfasizza r-rwol tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, bħala l-kanal ewlieni għall-parteċipazzjoni, u tal-voluntiera, u li dan jeħtieġ li jissaħħaħ permezz ta' mekkaniżmi ta' appoġġ, oqfsa legali adegwati u identifikazzjoni ċara tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet kif deskritti fil-Karta Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Voluntiera; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw appoġġ politiku u finanzjarju sigur għax-xogħol taż-żgħażagħ, u speċjalment għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażazgħ involuti fi proġetti tal-UE;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

68. Jikkunsidra l-possibbiltà għaż-żgħażagħ li jgħixu ħajja awtonoma bħala l-prijorità assoluta li għandha tindirizza l-istrateġija għaż-żgħażagħ fil-perjodu li ġej; għal din ir-raġuni, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffukaw il-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ fuq l-awtonomija taż-żgħażagħ u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ kollha fis-soċjetà;

***Prinċipji ġenerali***

69. Jenfasizza l-importanza li jitneħħew it-tipi kollha ta' diskriminazzjoni fost iż-żgħażagħ, inkluża d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon, id-diżabbiltà, l-età u l-orjentazzjoni sesswali;

70. Jenfasizza li l-ġlieda kontra l-inugwaljanza bejn is-sessi u l-istereotipi għandha tkun parti integrali minn politika effettiva taż-żgħażagħ sabiex tipprevjeni u telimina b'mod partikolari l-vjolenza fuq in-nisa;

71. Jenfasizza l-importanza tar-rikonoxximent u l-impenn dirett maż-żgħażagħ bħala grupp ta' prijorità fil-viżjoni soċjali tal-UE, biex b'hekk jissaħħu l-influwenza, l-iżvilupp, il-benessri u l-inklużjoni soċjali tagħhom;

72. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ effiċjenti u individwali liż-żgħażagħ b'diżabbiltà;

o

o o

73. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0365

## L-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ: soluzzjonijiet possibbli

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta` Settembru 2013 dwar l-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ: soluzzjonijiet possibbli (2013/2045(INI))**

(2016/C 093/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-6 ta' Lulju 2010 dwar "il-Promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u l-apprendistat", [1]

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ" (COM(2011) 0933), u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 dwar l-Inizjattiva Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ [2] u l-mistoqsija għal tweġiba orali tiegħu lill-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva Opportunitajiet għaż-Żgħażagħ [3],

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażagħ (COM(2012)0727),

---

(1) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 29.
(2) Testi adottati, P7_TA(2012)0224.
(3) O-000106/2012; B7-0113/2012.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Żgħażagħ Mobbli" (COM(2010)0478),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill, adottati fil-Lussemburgu fis-17 ta' Ġunju 2011, dwar il-promozzjoni tal-impjiegi taż-żgħażagħ għall-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 dwar Inizjattiva tal-Impjiegi taż-Żgħażagħ,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2012 bl-isem "Għall-istabbiliment ta' Qafas ta' Kwalità dwar l-Iskemi ta' Taħriġ. Konsultazzjoni tat-tieni stadju tal-imsieħba soċjali fil-livell Ewropew skont l-Artikolu 154 TFUE" (COM(2012)0728),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2012 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-Twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ (COM(2012)0729),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tat-13 ta' Ġunju 2012 intitolat "Youth Guarantee: Experiences from Finland and Sweden",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2013 dwar Garanzija għaż-Żgħażagħ ([1]),

— wara li kkunsidra l-ftehim politiku li ntlaħaq fil-Kunsill fit-28 ta' Frar 2013 dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ,

— wara li kkunsidra l-kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2009 dwar "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabbilizzazzjoni. Metodu miftuħ u mġedded ta' koordinazzjoni biex jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ" (COM(2009)0200),

— wara li kkunsidra l-proposta għal emenda għad-dokument tal-Kummissjoni "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006" (COM(2011)0607),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Jannar 2012 bit-titolu "Lejn Konsolidazzjoni Favur it-Tkabbir u Tkabbir Favur l-Impjiegi",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 ([2]);

— wara li kkunsidra l-Karta Ewropea tal-Kwalità tal-Internships u l-Apprendistati żviluppata mill-Forum Żgħażagħ Ewropej flimkien mal-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħra,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tat-22 ta' Ottubru 2012 intitolat "NEETs: young people not in employment, education or training: characteristics, costs and policy responses in Europe" (NEETs: żgħażagħ mhux impjegati, f'edukazzjoni jew f'taħriġ: karatteristiċi, spejjeż u rispons għall-politika fl-Ewropa) ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tal-21 ta' Diċembru 2012 intitolat "Effectiveness of policy measures to increase the employment participation of young people" (Effikaċja tal-miżuri politiċi biex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-impjieg taż-żgħażagħ) ([4]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tad-29 ta' April 2011 bl-isem "Helping young workers during the crisis: contributions by social partners and public authorities" (Ngħinu lill-ħaddiema żgħażagħ matul il-kriżi: kontribuzzjonijiet mill-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi) ([5]),

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0016.
([2]) ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 9.
([3]) Eurofound (2012), NEETs: young people not in employment, education or training: characteristics, costs and policy responses in Europe', Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
([4]) Eurofound (2012), Effectiveness of policy measures to increase the employment participation of young people, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.
([5]) Eurofound (2011), Helping young workers during the crisis: contributions by social partners and public authorities, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 dwar l-integrazzjoni tal-migranti, l-impatti fuq is-suq tax-xogħol u d-dimensjoni esterna tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-UE ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Eurofound tas-7 ta' Frar 2012 bl-isem "Żviluppi ta' politika reċenti relatati ma' dawk mhux impjegati, f'edukazzjoni jew f'taħriġ (NEETs)" ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Eurofound tal-15 ta' Jannar 2013 bl-isem "Inklużjoni attiva ta' żgħażagħ b'diżabilità jew problemi ta' saħħa" ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0275/2013),

A. billi f'Ġunju 2013, 23,5 % taż-żgħażagħ attivi kienu qiegħda, bir-rati li jvarjaw minn 10 % jew anqas fl-Awstrija u l-Ġermanja għal aktar minn 64,2 % fil-Greċja, u b'hekk dan jindika differenzi ġeografiċi kbar kemm bejn kif ukoll fi ħdan l-Istati Membri; billi l-aktar dejta u tbassir reċenti jindikaw deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni li jaffaċjaw iż-żgħażagħ f'xi Stati Membri;

B. billi l-qgħad fost in-nisa ta' taħt l-età ta' 25 sena għadu qed jogħla, billi żdied minn 18,8 % fl-2009 sa 22,1 % fl-2012 u, skont l-aktar dejta reċenti, bħalissa jinsab fil-livell ta' 22,9 %; billi l-imġieba, bħall-iskoraġġament, l-awtoesklużjoni, u l-apatija għax-xogħol qed isiru aktar mifruxa; billi n-nisa żgħażagħ għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' kundizzjonijiet ta' suq tax-xogħol agħar mill-irġiel żgħażagħ, u billi dan qed iwassal għal telf sinifikanti ta' potenzjal ta' tkabbir ekonomiku għall-Ewropa billi qed ikunu sottovalutati l-ħiliet ta' nisa bi kwalifiki għoljin;

C. billi fl-2011, 7,5 miljun żagħżugħ bejn il-15 u l-24 sena u 6,5 miljun bejn il-25 u d-29 sena ma kinux qed jistudjaw, jaħdmu jew jitħarrġu (NEETs), u fosthom hemm membri ta' gruppi vulnerabbli; billi dan jista' jwassal għal konsegwenzi personali u soċjali serji bħal pereżempju prospetti futuri ħżiena jew mhux sikuri ta' impjieg u faqar u esklużjoni soċjali, jew saħansitra disfunzjonijiet psikoloġiċi u fiżiċi; billi x'aktarx li dawn il-problemi jiżdiedu fil-futur qrib, waqt li jippreżentaw konsegwenzi finanzjarji serji għas-sistemi soċjali tal-Istati Membri;

D. billi 14-il miljun NEETs jeħtieġu sforzi ħafna ikbar mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej, sabiex ikunu integrati mill-ġdid iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol; billi ż-żgħażagħ madwar l-Ewropa għandhom bżonnijiet ferm differenti, u għalhekk kwalunkwe miżura ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għandha tkun adattata għall-bżonnijiet ta' kull grupp speċifiku, u fejn possibbli għandha tinkludi wkoll politiki ta' evalwazzjoni personali;

E. billi fl-2011, it-telf ekonomiku minħabba n-nuqqas ta' impenn taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol kien stmat għal EUR 153 biljun fl-Istati Membri, li jikkorrispondi għal 1,2 % tal-PDG tal-UE ([4]); billi din is-somma tmur oltre l-EUR 10 biljuni li jkunu jenħtieġu biex jinħolqu 2 miljun impjieg għaż-żgħażagħ; ([5]) billi dan jirrappreżenta piż soċjali u ekonomiku fit-tul għall-UE kollha kemm hi;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0092.

([2]) Eurofound (2012) Żviluppi ta' politika reċenti relatati ma' dawk mhux impjegati, f'edukazzjoni jew f'taħriġ (NEETs), L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu (http://www.eurofound.europa.eu/docs/erm/tn1109042s/tn1109042s.pdf)

([3]) Eurofound (2013) Inklużjoni attiva ta' żgħażagħ b'diżabilità jew problemi ta' saħħa, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu (http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1226.htm)

([4]) Eurofound (2012), "NEETs – Young people not in employment, education or training: characteristics, costs and policy responses in Europe" (NEETs: żgħażagħ mhux impjegati, f'edukazzjoni jew f'taħriġ: karatteristiċi, spejjeż u rispons għall-politika fl-Ewropa). Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

([5]) Ministeru Federali Awstrijakk għall-Impjieg, Affarijiet Soċjali u Ħarsien tal-Konsumatur, Jannar 2012.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

F. billi l-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa fattur importanti li jikkontribwixxi għaż-żieda qawwija fil-migrazzjoni li qed iseħħ f'numru ta' Stati Membri; billi hija parti żgħira minn dawk li jagħżlu l-mobilità u l-migrazzjoni li jagħmlu dan b'mod volontarju, għaliex din tkun għażla mmotivata minn ħtiġijiet ekonomiċi;

G. billi fl-UE huma meħtieġa investimenti estensivi sabiex jinħolqu t-tkabbir u l-impjieg, kif ukoll tissaħħaħ id-domanda domestika; billi huwa neċessarju pakkett ta' investiment bl-ammont ta' 2 % tal-PDG tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea sabiex ikun hemm titjib sinifikanti tal-pożizzjoni ekonomika u s-sitwazzjoni fis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri; billi din il-miżura tkun ta' benefiċċju l-ewwel u qabel kollox għaż-żgħażagħ, bħala grupp l-iktar milqut mill-kriżi;

H. billi ż-żgħażagħ ikunu partikolarment żvantaġġjati matul kriżi ekonomika, aktar mill-maġġoranza tal-gruppi; billi għal ħafna żgħażagħ il-qgħad attwali jista' jinbidel f'qgħad fit-tul, u dan iżid ir-riskji ta' esklużjoni soċjali; billi dan għandu konsegwenzi allarmanti għal ħafna żgħażagħ peress li huma ma jibqax ikollhom fiduċja fihom infushom, ma jwettqux l-ambizzjonijiet tagħhom, jonqos il-qligħ finanzjarju tagħhom u jiddewmu l-possibilitajiet tagħhom li jibdew ħajja adulta indipendenti, inkluż il-bidu ta' familja, u minħabba f'hekk dan ikollu wkoll konsegwenzi għas-soċjetà billi jaffettwa b'mod negattiv is-sitwazzjoni soċjali, ekonomika u demografika fl-Ewropa kemm fit-tul kif ukoll fil-qosor, u jiżdied ir-riskju ta' faqar fost l-anzjani minħabba n-nuqqas ta' kontribuzzjonijiet soċjali matul il-ħajja tax-xogħol;

I. billi l-Artikolu 13 tat-Trattat KE jagħti setgħa speċifika lill-Komunità biex tiġġieled kontra diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, fuq l-oriġini razzjali u etnika, fuq ir-reliġjon jew twemmin, fuq id-diżabilità, l-età jew fuq l-orjentazzjoni sesswali; billi minkejja d-Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għat-trattament ugwali fl-impjiegi u l-okkupazzjoni, in-nisa żgħażagħ għadhom isofru diskriminazzjoni dwar l-età u l-ġeneru meta jidħlu fis-suq tax-xogħol;

J. billi madwar erba' miljun impjieg huma vakanti fl-UE ([1]) minħabba nuqqas ta' qbil bejn il-ħiliet; billi f'ċerti oqsma, bħas-setturi tal-IT u tar-R&Ż, hemm żieda persistenti fid-domanda għal forza tax-xogħol bi kwalifiki għoljin li mhix qed tiġi ssodisfata;

K. billi l-ILO irrakkomandat baġit ta' EUR 21 biljun, ekwivalenti għal 0,5 % tan-nefqa kollha taż-żona tal-euro, għall-implimentazzjoni sħiħa ta' garanzija għaż-żgħażagħ fl-UE;

L. billi fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020, l-UE impenjat ruħha li ttejjeb il-livelli tal-edukazzjoni, tnaqqas ir-rata tal-persuni li jħallu l-edukazzjoni kmieni għal inqas minn 10 % sal-2020, iżżid ir-rata ta' persuni bejn it-30 u l-34 sena jew dik ekwivalenti għal mill-inqas 40 % u żżid ir-rata tal-persuni bejn l-20 u l-64 sena li jaħdmu għal 75 %;

M. billi l-kriżi wasslet biex jiżdied l-impjieg prekarju, partikolarment fost iż-żgħażagħ, u billi l-impjiegi full-time kienu ħafna drabi ssostitwiti b'kuntratti ta' impjieg illimitati, b'impjieg fuq bażi part-time u b'impjieg mingħajr ħlas;

N. billi ż-żgħażagħ ikollhom jidħlu għal taħriġ intern li ħafna drabi jkun iktar bla ħlas milli bil-ħlas, u billi din iċ-ċirkostanza toħloq diskriminazzjoni fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja individwali; billi l-problema tal-isfruttament tal-apprendisti għandha tkun dik rikonoxxuta bħala ħaddiema bi qligħ baxx u għalhekk, huwa neċessarju qafas ta' kwalità għat-taħriġ intern;

O. billi l-SMEs u l-mikrointrapriżi, li huma l-forza prinċipali għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi u għall-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, tilfu aktar minn 3,5 miljun impjieg u b'mod sinifikanti naqqsu r-reklutaġġ minħabba l-kriżi ekonomika, fejn l-għeluq ta' postijiet tax-xogħol affettwa l-ħaddiema kollha, l-iktar liż-żgħażagħ;

([1]) http://europa.eu/rapid/press-release_IP-12-380_en.htm?locale=fr

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

P. billi ż-żgħażagħ għandhom id-dritt għal impjieg ta' kwalità bi qbil mal-ħiliet tagħhom; billi impjieg ta' kwalità huwa fundamentali għad-dinjità u l-awtonomija taż-żgħażagħ tal-Ewropa;

Q. billi l-kriżi ekonomika li bdiet tidher fl-2008 affettwat b'mod negattiv kemm lid-domanda kif ukoll lill-provvista fis-suq tax-xogħol, u b'hekk żiedet b'mod drammatiku l-inċertezza tal-prospetti ta' impjiegi u għamlitha essenzjali li l-persuni qiegħda kollha jkunu informati aħjar dwar il-prospetti ta' impjiegi; billi l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet spiss huma inaċċessibbli għall-iktar gruppi deprivati, inklużi ż-żgħażagħ b'diżabilitajiet;

R. billi, minħabba l-enfasi tagħhom fuq il-ħiliet prattiċi, is-sistemi doppji ta' edukazzjoni fil-klassi u taħriġ vokazzjonali, u korsijiet tal-lawrja akkademiċi-vokazzjonali li jeżistu fi wħud mill-Istati Membri wrew il-valur tagħhom matul il-kriżi; billi l-Kummissjoni ripetutament innutat li sistemi edukattivi doppji effettivi jistgħu jiggarantixxu provvista soda ta' ħaddiema kwalifikati filwaqt li jżommu r-rati ta' qgħad taż-żgħażagħ baxxi;

S. billi t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għad-dinja tax-xogħol tippreżenta mument kruċjali fil-ħajja taż-żgħażagħ, li huwa deċiżiv għall-opportunitajiet futuri tal-karriera, id-dħul matul il-ħajja kollha, kif ukoll is-sitwazzjoni soċjali fit-tul ta' dawn iż-żgħażagħ; billi f'dan il-kuntest, il-politika ta' edukazzjoni tippreżenta parti mill-politika tas-suq tax-xogħol;

T. billi l-kriżi ekonomika li bdiet fl-2008 affettwat b'mod negattiv kemm lid-domanda kif ukoll lill-provvista fis-suq tax-xogħol, u b'hekk żiedet b'mod drammatiku l-inċertezza tal-prospetti ta' impjiegi u għamlitha essenzjali li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-investiment fil-ħolqien tal-impjiegi, it-taħriġ u l-edukazzjoni minn Stati Membri; billi l-konsegwenzi jistgħu jinkludu żieda fil-konflitti soċjali u inkwiet soċjali;

U. billi s-servizzi ta' impjiegi għandhom rwol ċentrali fis-suq tax-xogħol u għalhekk, għandhom jissodisfaw standards għolja ta' kwalità, li għandhom jiġu kkontrollati mill-awtoritajiet kompetenti; jenfasizza, li dawn l-istandards ta' kwalità u l-kontrolli relatati magħhom għandhom japplikaw bl-istess mod għas-servizzi ta' impjiegi pubbliċi u privati;

V. billi parti mis-soluzzjoni għall-qgħad tista' tkun l-iżvilupp ta' edukazzjoni vokazzjonali ta' kwalità għolja u sistemi ta' taħriġ b'għalliema u persuni li jħarrġu bi kwalifiki għoljin, metodi ta' tagħlim innovattivi, infrastruttura u faċilitajiet ta' kwalità għolja, relevanza għolja għas-suq tax-xogħol u possibilitajiet għal aktar edukazzjoni u taħriġ;

W. billi ż-żgħażagħ jammontaw għal 40 % ta' dawk impjegati fuq kuntratti temporanji, iżda jammontaw biss għal 13 % tal-impjiegi totali u wieħed minn kull ħames żgħażagħ jibżgħu li jitilfu l-impjieg tagħhom;

X. billi f'xi Stati Membri jidher distakk li qed jikber bejn il-ħiliet tal-gradwati u r-rekwiżiti tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol;

Y. billi l-kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol m'għandhiex tipprekludi lit-tfal milli jiksbu l-bażi inizjali tal-għarfien l-aktar wiesgħa possibbli għaliex dan huwa l-aħjar mod kif jiġi żgurat li huma se jadattaw għall-instabbiltà tas-suq tax-xogħol u tal-ħajja b'mod ġenerali; billi ħafna studji juru l-importanza ta' edukazzjoni ta' kwalità tajba fis-snin bikrija tal-iskola sabiex jiġi evitat it-tluq kmieni mill-iskola u t-tfal mill-isfondi soċjali l-aktar żvantaġġati jintegraw aħjar;

Z. billi r-riżorsi edukattivi miftuħa jtejbu l-kwalità, l-aċċessibilità u l-ekwità tal-edukazzjoni u jiffaċilitaw proċess ta' tagħlim interattiv, kreattiv, flessibbli u personalizzat permezz tal-użu tal-ICT u teknoloġiji ġodda; billi l-edukazzjoni miftuħa ttejjeb l-impjegabilità sostnuta billi tappoġġja t-tagħlim tul il-ħajja;

AA. billi kemm l-għalliema fl-iskejjel kif ukoll fl-università jiffaċċjaw sfidi bla preċedent tal-ambjent ekonomiku globali li qed jinbidel b'rata mgħaġġla, li jirrikjedi l-iżvilupp ta' ħiliet u sett ta' kompetenzi ġodda, approċċi innovattivi u metodi moderni ta' tagħlim bħala fattur ewlieni għall-edukazzjoni prosperuża u l-impjegabilità taż-żgħażagħ;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

AB. billi 60 % tal-gradwati huma nisa, u sikwit jitqiegħdu f'pożizzjonijiet fejn ma jkunux impjegati jew imħallsa skond il-kwalifiki tagħhom; billi n-nisa żgħażagħ huma effettwati wkoll b'differenzi bejn is-sessi f'kundizzjonijiet ta' nuqqas ta' impjieg u ta' impjieg, li jwassal għal differenza fis-salarji (attwalment ta' 16,2 %) kif ukoll differenza fil-pensjonijiet;

AC. billi l-flessibilità u l-insikurezza tal-impjiegi għandhom effett akbar fuq l-impjieg tan-nisa milli fuq dak tal-irġiel: billi, fit-tielet kwart tal-2012, madwar 60 % tal-ħaddiema kollha part-time fil-grupp ta' età bejn il-15 u l-24 sena kienu nisa, filwaqt li fl-istess grupp ta' età, 64 % tal-ħaddiema temporanji kollha b'livell ta' edukazzjoni terzjarja, kienu wkoll nisa;

AD. billi minkejja l-Artikolu 19 TFUE tad-Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 u d-Direttiva 2006/54/KE tal-5 ta' Lulju 2006, in-nisa żgħażagħ għadhom ibatu minn diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u l-ġeneru meta jidħlu fis-suq tax-xogħol; billi l-aċċess għas-suq tax-xogħol uffiċċjali hu aktar diffiċli għal nisa minn gruppi soċjali vulnerabbli, inklużi minoranzi etniċi;

AE. billi l-maternità sikwit ixxekkel l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-ommijiet żgħażagħ u b'hekk tikkontribwixxi għat-twessigħ tad-distakk fl-impjiegi bejn is-sessi;

AF. billi huwa meħtieġ li miżuri għall-impjieg taż-żgħażagħ jiġu integrati fi strateġija makroekonomika konsistenti, orjentata lejn il-futur u l-investiment li jiżguraw il-kundizzjoni għall-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli u tas-seklu 21 kif ukoll tranżizzjoni effettiva mill-edukazzjoni għall-impjieg;

1. Jenfasizza li l-miżuri politiċi nazzjonali u tal-UE għaż-żieda fl-impjiegi għaż0żgħażagħ għandhom ikunu koerenti u jsaħħu lil xulxin, u għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq edukazzjoni (vokazzjonali) ta' kwalità għolja, taħriġ u provvista ta' esperjenza tax-xogħol, biex b'hekk iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jiksbu impjieg stabbli ta' kwalità tajba; jenfasizza li l-ħolqien ta' opportunitajiet għal apprendistati mħallsin b'mod adegwat u attivitajiet volontarji fl-interess pubbliku jista' jippermetti liż-żgħażagħ jieħdu sehem f'attivitajiet ta' importanza soċjali u jiksbu esperjenza professjonali;

2. Jiddeplora ll-fatt li l-miżuri tal-kriżijiet kurrenti diretti lejn infiq pubbliku mnaqqas fil-pajjiżi fi kriżi diġà kellhom impatt negattiv dirett fuq iż-żgħażagħ minħabba t-tnaqqis fl-edukazzjoni, il-ħolqien tal-impjiegi u s-servizzi ta' appoġġ;

3. Jenfasizza d-diversità ta' gruppi fost iż-żgħażagħ qiegħda fejn huwa meħtieġ li jiġu identifikati skont il-bżonnijiet u l-kapaċitajiet tagħhom sabiex itejbu l-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda; għandhom jiġu identifikati l-kompetenzi ewlenin li jippermettu li dawn iż-żgħażagħ ikollhom aċċess aktar mgħaġġel, stabbli u durabbli għas-suq tax-xogħol; Għandha tingħata importanza speċjali liż-żgħażagħ li ma għandhom l-ebda titolu, la jistudjaw, la jaħdmu u lanqas imħarrġa;

4. Jitlob lill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-Istati Membri li għandhom aktar minn 25 % qgħad fost iż-żgħażagħ fir-reġjuni biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ permezz tal-ħolqien ta' impjiegi għal mill-anqas 10 % miż-żgħażagħ affetwati;

5. Jenfasizza l-ħtieġa għal politiki tas-suq tax-xogħol attivi, komprensivi u integrati bl-għan li jinħoloq l-impjieg, b'miżuri speċjali għaż-żgħażagħ, sabiex minn banda tiġi evitata ħela ta' riżorsi disponibbli u mill-banda l-oħra jonqos l-ammont ta' żgħażagħ qiegħda, u mhux sempliċement jiġi riċiklat; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jeżaminaw l-eżempji tal-aħjar prattiki minn Stati Membri oħra għall-prattikabbiltà fis-swieq tax-xogħol rilevanti u jieħdu miżuri xierqa fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ; jenfasizza l-esperjenzi tajbin minn pajjiżi li għandhom is-sistema tal-ETV u s-sistema doppja ta' taħriġ biex tittejjeb it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol, u b'hekk tingħeleb id-differenza bejn il-ħiliet miksuba bit-taħriġ u l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol; jenfasizza li l-kompitu tal-Kummissjoni huwa li tagħti appoġġ attiv lil sforzi bħal dawn, u jitlobha tirrapporta b'mod regolari fuq l-isforzi ta' riforma tal-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi tagħhom ta' taħriġ vokazzjonali; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lil gruppi vulnerabbli b'riskju għoli ta' esklużjoni soċjali, inklużi n-NEETs;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiġbor l-istejjer ta' suċċess tat-taħriġ taż-żgħażagħ u terġa' toħroġhom bħala manwal għal Stati Membri oħra;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport annwali dwar ir-riforma tas-sistemi edukattivi fl-Istati Membri u sussegwentement, tipprovdi kontribuzzjoni strutturali u fit-tul biex titjieb l-impjegabilità taż-żgħażagħ;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal linji gwida kwalitattivi għal sistema doppja ta' edukazzjoni moderna, imsaħħa minn lista ta' impjiegi ewlenin mhux akkademiċi definiti b'mod wiesa' fl-Ewropa;

9. Jenfasizza l-importanza li jitjiebu l-istandards tal-kwalità u l-aċċessibilità fl-edukazzjoni għolja u fl-ETV; jenfasizza wkoll l-importanza tat-tagħlim tal-lingwi fl-iskola kif ukoll fl-ETV;

10. Jenfasizza li l-involviment tal-partijiet interessati rilevanti kollha fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew, inklużi l-imsieħba soċjali, is-servizzi ta' impjiegi, l-awtoritajiet tat-taħriġ u l-edukazzjoni, impjegaturi individwali, NGOs, u b'mod partikolari wkoll organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u tal-istudenti, huwa essenzjali għal diżinn, implimentazzjoni u monitoraġġ b'suċċess ta' għadd ta' miżuri li jrawmu l-impjiegi u l-impjegabilità taż-żgħażagħ b'mod integrat; jenfasizza li l-miżuri għall-impjiegi taż-żgħażagħ li jkunu durabbli u ta' kwalità għolja jeħtieġu jkunu flessibbli bil-għan li jissodisfaw il-ħtiġijiet li dejjem qegħdin jiżviluppaw fis-suq tax-xogħol; jinnota l-bżonn ta' relazzjonijiet kuntrattwali flessibbli u fl-istess ħin affidabbli, politiki effettivi ta' riintegrazzjoni u attivi u sistemi ta' sigurtà soċjali moderni; jenfasizza li gwida bikrija b'rabta mal-karrieri għaż-żgħażagħ, sew qabel ma dawn jispiċċaw l-iskola bażika sekondarja tagħhom, hija ta' valur partikolari peress li teħtieġ li l-ġenituri u l-iskejjel itejbu l-kapaċità tagħhom li jgħinu lill-istudenti u jagħtuhom pariri dwar l-għażla tal-edukazzjoni tagħhom u l-karriera sussegwenti;

11. Jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jagħtu prijorità lill-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġiji, l-inġinerija u l-matematika fil-programmi edukattivi tagħhom sabiex jilħqu l-iżviluppi futuri mistennija fis-suq tax-xogħol;

12. Jenfasizza r-rwol ewlieni li n-negozjar kollettiv għandu fil-promozzjoni u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol taż-żgħażagħ impjegati;

13. Jirrikonoxxi li l-investiment fil-ħiliet xierqa huwa fattur importanti li jgħin lill-Istati Membri jinnovaw u jiksbu lura l-kompetittività tagħhom;

14. Jitlob lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu l-isfidi bla preċedent tal-ambjent ekonomiku globali li qed jinbidel malajr, li kemm l-għalliema tal-iskejjel u kemm dawk tal-universitajiet qed ikollhom jaffaċjaw; jinnota li fattur muftieħ għall-edukazzjoni b'suċċess taż-żgħażagħ u l-prospetti tagħhom ta' impjieg huwa l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda u settijiet ta' kompetenzi, approċċi innovattivi u metodi moderni ta' tagħlim;

15. Jitlob lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu u jappoġġjaw il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, speċjalment in-nisa, permezz tal-edukazzjoni, is-soċjetà ċivili u inizjattivi ta' kwalità għaż-żgħażagħ biex jipparteċipaw fil-ħajja demokratika u biex jużaw għodda ġdida u eżistenti biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' politika, b'hekk itejbu l-iżvilupp taż-żgħażagħ, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali tagħhom;

16. Jinsab imħasseb ferm sew dwar it-tnaqqis tal-baġit mill-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ li jista' jwassal biex iż-żgħażagħ jibqgħu barra kemm mill-edukazzjoni kif ukoll mill-impjiegi, u jfakkar li l-allokazzjonijiet tal-baġit għall-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jitqiesu bħala investiment neċessarju u imprezzabbli għall-futur;

17. Jitlob li jkun hemm edukazzjoni u taħriġ vokazzjoni msaħħa għall-għalliema, b'mod speċjali fir-rigward tal-metodi moderni ta' tagħlim, kif ukoll l-użu ta' teknoloġiji ġodda; jirrimarka li t-tagħlim tul il-ħajja jibda mill-edukazzjoni fi stadju bikri tat-tfulija u jenfasizza li l-kapaċitajiet fil-qasam tal-lingwi fuq kollox għandhom jiġu promossi b'mod divertenti;

18. Jenfasizza r-rwol tal-Faċilità ta' Garanzija ta' Self tal-UE proposta għall-istudenti full-time fil-livell ta' Masters fl-UE u f'pajjiżi terzi sabiex tiġi ffaċilitata iżjed il-mobilità taż-żgħażagħ u biex jingħata kontribut lill-klassifikazzjoni multidimensjonali tal-universitajiet;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

19. Iqis li l-ħtiġijiet lokali u l-karatteristiċi territorjali għandhom jitqiesu biex tiġi permessa identifikazzjoni tal-impjiegi, b'mod partikolari f'setturi innovattivi, bħas-setturi ekoloġiċi u n-negozji soċjali, fil-qafas ta' strateġiji ta' żvilupp territorjali integrat;

20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex iwaqqfu strateġiji ta' żvilupp territorjali integrati, inklużi komponenti ta' taħriġ u ta' impjieg, billi jibdew b'miżuri biex jevitaw tluq bikri mill-iskejjel, u jibnu rotot lejn l-impjieg għaż-żgħażagħ;

21. Jirrikonoxxi s-sitwazzjoni partikolarment diffiċli f'ċerti reġjuni fejn il-livell tal-qgħad fost iż-żgħażagħ huwa aktar minn 25 %; jilqa' l-fatt li l-appoġġ tal-UE għall-impjieg taż-żgħażagħ se jingħata spinta ulterjuri permezz tal-Inizjattiva tal-Impjiegi taż-Żgħażagħ proposta tal-UE, li se jkollha baġit massimu ta' EUR 8 biljun matul il-perjodu ta' seba' snin bejn l-2014 u l-2020; jenfasizza fl-istess waqt li għall-implimentazzjoni effettiva tal-Garanzija Ewropea għaż-Żgħażagħ, fiż-żona tal-euro biss, huma meħtieġa skont l-ILO fondi b'ammont ta' EUR 21 biljun; jaqbel li l-allokazzjoni tal-fondi speċifika għal dawn l-inizjattivi għax-xogħol għaż-żgħażagħ u l-allokazzjoni korrispondenti tal-fondi tal-FSE għandhom ikunu forniti minn qabel;

22. Jenfasizza fuq l-importanza ta' azzjonijiet immedjati biex jiġu miġġielda l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-qgħad għal żmien twil taż-żgħażagħ; jenfasizza wkoll fuq l-importanza li ż-żgħażagħ jingħataw impjiegi fit-tul, sostenibbli u ta' kwalità;

23. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-liġi nazzjonali li taffettwa liż-żgħażagħ u b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni nazzjonali bbażata fuq id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi (2000/78/KE) ma tintużax biex jiġi ddiskriminat l-aċċess tal-ħaddiema żgħażagħ għall-benefiċċji soċjali; huwa tal-fehma li ħafna aktar għandu jsir biex jiġi żgurat li kemm l-impjegati u kemm min iħaddem ikunu konxji mid-drittijiet u l-obbligi tagħhom stabbiliti minn din il-leġiżlazzjoni;

24. Jistieden lill-Istati Membri biex jaġġornaw l-istrateġiji tal-iżvilupp reġjonali tagħhom, biex dawn jirriflettu miżuri biex jiżdiedu l-impjiegi, inkluż l-impjiegi fost iż-żgħażagħ;

25. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-EPSCO fit-28 ta' Frar 2013 li jintlaħaq ftehim dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, u jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jimplimentaw skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ b'mod ambizzjuż fil-livell nazzjonali; jitlob biex l-estensjoni tal-gruppi fil-mira tinkludi żgħażagħ ta' taħt it-30 sena, inklużi gradwati u dawk li jitilqu s-sistemi ta' taħriġ mingħajr kwalifiki; jenfasizza li s-suċċess ta' din il-miżura se jiddependi ħafna fuq firxa wiesgħa ta' politiki u kundizzjonijiet qafas, bħal pereżempju l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, l-infrastruttura u l-kapaċità ta' servizzi ta' impjieg, id-disponibilità tal-postijiet tal-istudenti u l-iggradwati, u apprendistati u traineeships ta' kwalità, kif ukoll politiki ġenerali li jwasslu għall-ħolqien tal-impjiegi; jitlob li jkun hemm segwitu adegwat permezz tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali tal-Istati Membri u fil-kuntest tas-Semestru Ewropew biex jiġu faċilitati l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u t-titjib kontinwu ta' skemi nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza li l-Garanzija għaż-Żgħażagħ għandha tiġi integrata fi ħdan il-qafas usa' ta' politiki nazzjonali dwar is-suq tax-xogħol attiv;

26. Jinforma lill-Istati Membri li l-Parlament għandu l-ħsieb li jissorvelja mill-qrib l-attivitajiet kollha tal-Istati Membri biex il-Garanzija għaż-Żgħażagħ issir realtà u jistieden lill-organizzazzjonijet taż-żgħażagħ biex iżommu lill-Parlament Ewropew aġġornat dwar l-analiżi tagħhom tal-azzjonijiet tal-Istati Membri;

27. Jitlob lill-parlamenti nazzjonali flimkien mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ biex iżommu lill-gvernijiet tagħhom responsabbli għat-twettiq tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u biex jieġdu passi sabiex jiżguraw li kull persuna żagħżugħa (qiegħda jew li ħalliet l-edukazzjoni formali) fi żmien erba' xhur tirċievi offerta ta' kwalità tajba ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa u apprendistat jew skema ta' taħriġ;

28. Jenfasizza li l-isforzi u l-finanzjament favur l-implimentazzjoni ta' skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ m'għandhomx jiskoraġixxu l-isforzi strutturali u r-riformi li jeħtieġu jagħmlu biex is-sistemi edukattivi u s-swieq tax-xogħol f'xi Stati Membri jkunu b'saħħithom għall-isfidi tal-ġejjieni;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi miżuri li jiġġieldu b'mod speċifiku l-qgħad fost iż-żgħażagħ fil-programmi kollha tagħha, filwaqt li ssegwi viżjoni globali u integrata skont l-inizjattiva emblematika "Żagħżagħ Attivi" fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

30. Ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-impenn tagħhom għall-objettivi tal-Ewropa 2020 ta' rata ta' impjieg ta' 75 % kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, u jwissi li l-livell attwali tal-qgħad taż-żgħażagħ jista' jeskludi ġenerazzjoni ta' nisa mis-suq tax-xogħol, u jkabbar l-inviżibilità u l-vulnerabilità tagħhom;

31. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jimmoniterjaw u jippubblikaw id-dejta kollha li għandha x'taqsam mal-politiki biex jiġi miġġieled il-qgħad fost iż-żgħażagħ (inkluż l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ), jipproduċu statistika reġjonali għall-Istati Membri differenti u jagħtu attenzjoni partikulari għad-dimensjoni tal-ġeneru;

32. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw standards ċari ta' kwalità u indikaturi fir-rigward tal-iżvilupp ta' skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, kif ukoll iżidu l-appoġġ tagħhom għall-protagonisti kollha essenzjali għat-twettiq ta' skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ, bħall-imsieħba soċjali nazzjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-servizzi ta' impjieg u l-awtoritajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ; jitlob biex l-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ jiġu faċilitati permezz ta' inċentivi finanzjarji, inkluż inċentivi fl-akkwist pubbliku, u l-finanzjament għat-taħriġ fil-post, li se jappoġġa l-intrapriżi biex jagħmlu offerti sostenibbli u ta' kwalità għolja b'rabta mal-impjieg u t-taħriġ, li se jirrappreżentaw investiment effettiv u mmirat fil-potenzjal taż-żgħażagħ; jenfasizza r-responsabbiltà speċifika tal-impriżi li għandhom jipprovdu servizzi bħal dawn;

33. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, b'kooperazzjoni ma' partijiet interessati taż-żgħażagħ u l-Parlament, biex jiżviluppaw pjan ta' azzjoni dwar l-impjieg taż-żgħażagħ u jidentifikaw miżuri fuq żmien qasir, medju u fit-tul; jiddispjaċih li fid-dibattitu attwali miżuri fuq żmien twil qed jiġu ppreżentati bħala soluzzjonijiet fuq żmien qasir; jenfasizza li fuq żmien qasir l-enfasi għandha tkun fuq tnaqqis immedjat tal-kriżi, kemm għal dawk barra u kemm ġewwa s-suq tax-xogħol b'enfasi fuq is-sigurtà ta' introjtu ta' għajxien kif ukoll għażliet dwar is-suq tax-xogħol; jenfasizza li investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħolqien ta' impjiegi, skemi tal-apprendistat u inċentivi mmirati lejn impjegaturi huma prinċipalment fuq żmien medju però huma wkoll miżuri fuq żmien twil li għandhom jiġu miftehma b'mod sod bejn l-atturi kollha u miżmuma għal minimu ta' ħames snin; jenfasizza li speċjalment meta tibni sistema ta' edukazzjoni doppja, apprendistati, taħriġ fuq ix-xogħol u integrazzjoni ta' żgħażagħ fis-suq tax-xogħol huma miżuri fuq żmien twil li għandhom bżonn impenn fuq żmien twil;

34. Jirrakkomanda li fl-Istati Membri li għandhom sistema doppja ta' edukazzjoni, għandu jkun disponibbli għaż-żgħażagħ taħt it-18-il sena li ma jsibux opportunità ta' apprendistat, "tagħlim ta' kumpens" u għalhekk, garanzija għall-edukazzjoni f'forma ta' taħriġ vokazzjonali ma' iktar minn impjegatur wieħed; Fl-Istati mingħajr is-sistema doppja ta' edukazzjoni għandhom jittieħdu l-passi biex tiġi implimentata sistema aġġustata f'forma xierqa.

35. Jenfasizza li gruppi ta' etajiet differenti jeħtieġu approċċi differenti biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' impjieg, jiffukaw fuq id-dħul fis-suq tax-xogħol għal gruppi ta' etajiet iżgħar u biex itejbu is-sigurtà tax-xogħol u s-sigurtà soċjali għal gruppi ta' etajiet akbar;

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex irawmu r-rikonċiljazzjoni bejn id-dinja tax-xogħol u l-edukazzjoni sabiex il-mogħdijiet tat-taħriġ, bħal taħriġ doppju, jistgħu jitfasslu sabiex jikkombinaw nozzjonijiet teoretiċi mal-esperjenza prattika, sabiex iż-żgħażagħ jakkwistaw ħiliet ġenerali u għarfien espert speċifiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestu wkoll fl-appoġġ għal kampanja sabiex titqajjem il-kuxjenza dwar taħriġ vokazzjonali (ETV) u studji tekniċi u intraprenditorjali;

37. Jitlob lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jagħtu eżempju tajjeb bit-tneħħija tar-reklamar tagħhom għal traineeships bla ħlas mill-websajts rispettivi tagħhom u jħallsu allowance minima abbażi tal-ispejjeż tal-għajxien fil-post fejn ikunu qed joffru apprendistat;

38. Jitlob lill-Istati Membri biex jistabbilixxu politiki ġodda inklussivi u mmirati għas-suq tax-xogħol li jiżguraw l-inklużjoni dinjituża u xogħol li għandu skop għaż-żgħażagħ, pereżempju permezz tat-twaqqif ta' netwerks inspirazzjonali, arranġamenti ta' traineeships li jinkludu għajnuna finanzjarja sabiex min jitħarreġ ikun jista' jmur joqgħod xi mkien ieħor u joqgħod qrib il-post fejn ikun qed isir it-taħriġ, ċentri internazzjonali tal-karrieri u ċentri taż-żgħażagħ għal gwida individwali dwar kwistjonijiet bħall-organizzazzjoni u l-għarfien kollettivi tal-aspetti legali li jirrigwardaw it-taħriġ tagħhom;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

39. Jistieden lill-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-protagonisti u l-partijiet interessati kollha rilevanti, ifasslu strateġiji ta' sensibilizzazzjoni addizzjonali speċifiċi rigward in-NEETs, li għandhom jgħaqqdu forom speċifiċi ta' riintegrazzjoni ta' min iħalli l-iskola kmieni biex jidħol lura fl-edukazzjoni jew ix-xogħol; jitlob għalhekk lill-Istati Membri biex, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, jippreżentaw proposti dwar kif se jagħmlu progress biex jintegraw aħjar lin-NEETs permezz tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u strumenti oħra; jenfasizza l-bżonn li jiżdiedu l-impjegabilità u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ permezz tat-trawwim tat-tagħlim tul il-ħajja u billi l-iskemi ta' sigurtà soċjali jkunu iktar inklussivi u attivanti; jitlob għat-tneħħija tal-ostakli prattiċi u loġistiċi li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ bi bżonnijiet aktar kumplessi jew b'diżabilità meta jidħlu fis-suq tax-xogħol;

40. Jitlob lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex inaqqsu t-tluq kmieni mill-iskola sabiex jiksbu l-mira stabbilita fl-istrateġija UE 2020 ta' rata ta' tluq mill-iskola ta' mhux aktar minn 10 % sal-2012; jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu mill-firxa wiesgħa ta' miżuri biex jiġġieldu t-tluq kmieni mill-iskola u l-analfabetiżmu, eż. iċekknu l-klassijiet, jipprovdu għajnuna għall-istudenti li ma jistgħux iħallsu biex itemmu l-edukazzjoni obbligatorja, iżidu l-enfasi fuq aspetti prattiċi fis-sillabu, jintroduċu konsulenti fl-iskejjel kollha, jistabbilixxu segwitu immedjat ta' żgħażagħ li jitilqu kmieni mill-iskola; juża l-eżempju tal-Finlandja bħala eżempju ta' pajjiż li naqqas b'suċċess in-numru ta' żgħażagħ li jitilqu kmieni mill-iskola billi tiġi studjata mal-istudenti l-possibilità li tinstab direzzjoni ġdida; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkoordina proġett fuq l-aqwa prattiki;

41. Jinnota li diġà fl-edukazzjoni bikrija, permezz tal-logħob, tista' titwitta t-triq lejn edukazzjoni ta' suċċess u jenfasizza li, b'mod partikolari f'dan il-kuntest, it-taħriġ pedagoġiku u t-taħriġ ulterjuri speċjalizzat tal-għalliema huma ta' importanza kbira;

42. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, fid-dawl tal-kundizzjonijiet soċjali eċċezzjonali maħluqa mill-kriżi, sabiex ifasslu strateġija biex jipprovdu inċentivi – inklużi inċentivi finanzjarji – għal studenti minn gruppi vulnerabbli ta' studenti żgħażagħ biex ilestu l-edukazzjoni sekondarja tagħhom;

43. Jenfasizza l-importanza ta' netwerk pubbliku ta' kwalità ta' residenzi għall-istudenti;

44. Jappoġġa l-istabbiliment tal-Programm Erasmus għal Kulħadd b'kapitolu separat għaż-żgħażagħ kif ukoll allokazzjoni separata tal-baġit korrispondenti, inkluż appoġġ miżjud għal dawk li huma attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ, kemm b'mod istituzzjonalizzat kif ukoll mhux; huwa tal-fehma li l-kisba ta' ħiliet, b'mod partikolari ħiliet trażversali (eż. ICT u lingwi), pereżempju permezz tal-istudju, il-ħidma jew il-volontarjat barra l-pajjiż, tista' tippromwovi l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fis-soċjetà u b'hekk l-integrazzjoni Ewropea, u tista' ttejjeb il-prospetti tagħhom fis-suq tax-xogħol, kif ukoll il-mobilità tal-ħaddiema b'mod ġenerali madwar l-Unjoni;

45. Jenfasizza r-rwol ċentrali li għandu jkollu l-Fond Soċjali Ewropew għandu biex jiġġieled kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ u jitlob lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet tmaniġerjali fil-programmi operazzjonali kollha biex jiżguraw li jkunu inklużi miżuri mmirati biex jintlaħaq dan il-għan;

46. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw l-miżuri stipulati fl-Iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ tagħhom, billi jqisu l-perspettiva tal-ġeneru f'kull stadju ta' tfejjija, programmazzjoni u implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri; jistieden lill-Istati Membri jwaqqfu ċentri ta' impjieg b'persunal imħarreġ b'mod adegwat, li jkunu kapaċi jimplimentaw politiki effikaċi ta' sensibilizzazzjoni u biex jipprovdu arranġamenti speċifiċi għan-nisa, ukoll biex ikun evitat il-qgħad fit-tul u r-riskju tal-esklużjoni soċjali;

47. Jenfasizza li biex il-Garanzija għaż-Żgħażagħ issir realtà, jeħtieġ li jiġi ggarantit ir-rispett għan-negozjar kollettiv għall-pagi u l-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali;

48. Jissottolinja l-importanza li ż-żgħażagħ jitgħallmu ħiliet ġenerali bħall-ICT, tmexxija, il-ħsieb kritiku, lingwi u ħiliet intraprenditorjali, inklużi permezz ta' perjodi ta' studju barra minn pajjiżhom sabiex itejbu l-prospetti tagħhom fis-suq tax-xogħol u l-abilità tagħhom li jadattaw għall-iżilvuppi futuri tas-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jagħtu aktar importanza lil dan it-tip ta' ħiliet fil-kurrikula tal-edukazzjoni tagħhom;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

49. Jirrikonoxxi d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom iż-żgħażagħ biex joħolqu u jiżviluppaw in-negozju tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġaw intraprendituri żgħażagħ u żgħażagħ impjegati għal rashom billi jiffaċilitaw u jissimplifikaw l-aċċess għall-finanzi, inaqqsu l-ispejjeż amministrattivi, jindirizzaw liġijiet dwar is-solvenza u joħolqu kundizzjonijiet preferenzjali ġenerali li għandhom jinkludu konsulenza effiċjenti u mentoring u jipprovdu inkubaturi għan-negozji;

50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkuraġġixxu, jippromwovu u jappoġġjaw il-bidu ta' intrapriżi u ta' impjieg għal rashom min-nisa żgħażagħ billi jipprovdulhom taħriġ, pariri u aċċess aktar faċli għall-kreditu u għall-mikrokreditu fuq termini favorevoli u b'faċilitazzjonijiet fiskali, b'mod partikolari għall-SMEs;

51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġġieldu kontra l-isterjotip li l-intraprenditorija hi riskjuża u attività ddominata mill-irġiel; jenfasizza li, sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni ġenerali tan-nisa fis-suq tax-xogħol u biex l-intraprenditorija tkun promossa b'mod aktar effettiv, għandhom jittieħdu miżuri li jappoġġjaw il-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali bejn l-imprendituri nisa u biex jitheġġeġ il-ħolqien ta' netwerks ta' pjattaformi għall-iskambju tal-esperjenza u tal-aħjar prattiki;

52. Jilqa', fil-kuntest tal-promozzjoni tal-impjieg indipendenti fost iż-żgħażagħ, is-suċċessur propost għall-Faċilità ta' Mikrofinanzjament Progress inkluża fil-Programm għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020, sabiex id-domanda tiġi sodisfata aħjar, anke fost iż-żgħażagħ li jibdew negozji żgħar, inklużi start-ups ta' studenti universitarji; jilqa' l-impenn tal-BEI li jagħti attenzjoni partikolari lill-investimenti li jtejbu l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex dawn jiksbu aċċess għal impjiegi produttivi; jenfasizza li t-tliet assi tal-Programm għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni jipprovdu mezzi kif jiġi miġġieled il-qgħad taż-żgħażagħ;

53. Jenfasizza li, waqt li l-ekonomija tal-internet toħloq 2,6 impjiegi għal kull impjieg "off-line" li jintilef, huwa importanti li ż-żgħażagħ jittrasformaw il-ħiliet diġitali tagħhom fi programmar, iddiżinjar jew marketing soċjali f'impjieg billi jużaw fondi nazzjonali u Ewropej disponibbli;

54. Jitlob approċċ politiku olistiku ambizzjuż kemm f'livell Ewropew kif ukoll nazzjonali li jeżamina l-inizjattivi tal-edukazzjoni, taħriġ, impjieg ta' kwalità u impjieg indipendenti u mobilità fl-impjiegi, għaż-żgħażagħ kollha fil-livelli differenti kollha, b'mod integrat; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jidħlu f'konsultazzjonijiet wiesgħa ma' universitajiet u istituzzjonijiet edukattivi oħra, bil-ħsieb li jadattaw aħjar il-kurrikuli ta' edukazzjoni u ta' taħriġ għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; fid-dawl tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2014-2020, jistieden lill-Kummissjoni tagħmel analiżi komprensiva dwar il-programmi tal-UE u s-sorsi finanzjarji investiti fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fil-perjodu tal-programmazzjoni 2007-2013, u tirrapporta dwar il-kwsitjoni lill-Parlament u lill-Kunsill; jenfasizza li l-qgħad taż-żgħażagħ huwa marbut ma' tkabbir ekonomiku dgħajjef fil-parti l-kbira tal-Istati Membri; jenfasizza għalhekk il-bżonn urġenti li jiġu prijorizzati forom ta' tkabbir favorevoli tal-impjiegi li minnu jibbenefikaw iż-żgħażagħ ukoll, u biex jiġu indirizzati l-ostakli strutturali għad-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol;

55. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tressaq proposta għal programm Korp għaż-Żgħażagħ Ewropej bl-għan li ż-żgħażagħ taħt it-30 sena ta' madwar l-Ewropa jkunu jistgħu jagħmlu xogħol volontarju fi Stat Membru ieħor barra minn dak tagħhom għal perjodu ta' tliet xhur; jenfasizza li l-idea tal-Korp għaż-Żgħażagħ Ewropej hija li jagħti liż-żgħażagħ iċ-ċans li jużaw u jtejbu l-ħiliet soċjali u edukattivi tagħhom, iżidu l-għarfien taż-żgħażagħ ta' Stat Membru ieħor u jippromwovu l-ħbiberija u l-integrazzjoni madwar l-UE; jenfasizza li x-xogħol li jsir mill-Korp għaż-Żgħażagħ għandu jkun volontarju u bla ħlas u m'għandux jissostitwixxi impjiegi eżistenti fil-pajjiż taż-żjara; jemmen li Korp għaż-Żgħażagħ għandu jitqies bħala sħubija pubblika-privata bl-għan li jitwaqqaf programm fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jirċievu għotja individwali li tkopri l-ispejjeż tal-ivjaġġar u tal-għajxien għal massimu ta' tliet xhur;

56. Iqis li l-istabbilimenti tal-edukazzjoni u/jew it-taħriġ għandhom jirranġaw kollokamenti ekstrakurrikulari sabiex jipprovdu lill-istudenti bl-esperjenza fil-qasam magħżul tagħhom bħala mezz biex jikkonsolidaw l-għarfien tagħhom u jistabbilixxu konnessjonijiet mal-post tax-xogħol;

57. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kooperazzjoni bejn in-negozji u s-settur edukattiv fil-livelli kollha u jsaħħu s-sħubija tagħhom, bil-għan ta' rabta aħjar tal-kurrikula mad-domandi tas-suq tax-xogħol, pereżempju bl-estensjoni tal-Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali u l-Alleanzi tal-Għarfien;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

58. Jenfasizza l-importanza tat-titjib fil-kwalità tal-ETV bil-għan li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-edukazzjoni u d-domanda tas-suq tax-xogħol; iqis li l-promozzjoni tal-ETV m'għandhiex issir askapitu tal-edukazzjoni għolja; jenfasizza li l-interazzjoni bejn l-ETV u l-edukazzjoni għolja u l-ftuħ ta' toroq mill-ETV għal edukazzjoni għolja għandhom jitjiebu; jenfasizza li hemm bżonn ta' kurrikula aktar flessibbli sabiex jiffaċilitaw l-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol u jadattaw aħjar għall-iżviluppi futuri tas-suq tax-xogħol;

59. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships, abbażi tal-proposti preċedenti tagħha għal Karta Ewropea tal-Kwalità dwar it-Traineeships u l-Apprendistati [1], inkluża definizzjoni ta' traineeships ta' kwalità bi kriterji għal kumpens, kundizzjonijiet tax-xogħol u standards tas-saħħa u s-sigurtà adegwati; jistieden lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali jiżguraw standards ta' kwalità adegwati għat-traineeships, billi jiżguraw li dawn ikunu jaqblu mal-bżonnijiet taż-żgħażagħ biex dawn jiżviluppaw ħiliet rilevanti, appoġġati minn monitoraġġ obbligatorju, kif ukoll jiżguraw standards dwar il-kwalità għal sejba ta' esperjenzi prattiċi ta' xogħol, fost l-oħrajn sabiex jiġi miġġieled l-abbuż tal-apprendisti bħala sostituzzjoni bl-irħis għall-impjiegi; jenfasizza li l-promozzjoni attiva u s-sensibilizzazzjoni rigward tali standards huma meħtieġa;

60. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lill-qgħad għoli fost iż-żgħażagħ migranti u jagħtu prijorità lit-tema tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-mainstreaming tal-politiki ta' integrazzjoni, minħabba li x-xogħol huwa ċ-ċavetta għall-integrazzjoni ta' suċċess; jenfasizza li d-diffikultajiet li jaffaċċjaw iż-żgħażagħ migranti fil-kisba ta' gwida dwar il-karriera għandhom jitqiesu u li l-integrazzjoni tal-migranti żgħażagħ fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol għandha tkun monitorjata u evalwata;

61. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali Ewropej biex jieħdu l-impenn lejn approċċ ambizzjuż biex jiżviluppaw l-Alleanza għall-Apprendistati li se tiġi mnedija f'Lulju 2013, kif ukoll jappoġġaw kampanji Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali biex jinbidlu l-perċezzjonijiet dwar it-taħriġ vokazzjonali; jemmen li l-Alleanza għandha torganizza forum regolari ta' diskussjoni dwar il-monitoraġġ tal-istrateġija Ewropea dwar l-apprendistati mal-partijiet interessati kollha Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali; jenfasizza li l-aċċess għall-finanzjament għandu jiġi pprovdut biex jiġu faċiltati attivitajiet ta' taħriġ transkonfinali li jippermettu li kumpaniji u organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali jsiru involuti fl-istabbiliment ta' sistemi doppji ta' edukazzjoni;

62. Jistieden lill-Istati Membri, bi ftehim mal-Kummissjoni, biex jistabbilixxu miżuri u konċessjonijiet għal kuntratti ta' apprendistat u bonus għat-tnedija ta' intrapriża miż-żgħażagħ taħt il-35 sena;

63. Jenfasizza l-bżonn li jitjieb il-qafas tal-imsieħba soċjali u r-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji u d-ditti sabiex huma jinkorporaw aħjar il-Karta ta' Apprendistati ta' Kwalità Tajba kif ukoll il-Garanzija għaż-Żgħażagħ;

64. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex, fit-tfassil tal-Programm għall-2014-2020, jistabbilixxu kriterji aktar rigorużi u kwantifikabbli dwar it-tfassil, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-objettivi tal-Fondi Strutturali, b'miri speċifiċi fir-rigward tal-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, li wkoll għandha tkun tista' titkejjel abbażi tal-ġeneru (fil-perjodu bejn l-2007-2011, 52 % tal-benefiċjarji tal-Fond Strutturali kienu nisa);

65. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra adattament ulterjuri tal-FSE sabiex jagħti appoġġ addizzjonali fl-oqsma tat-taħriġ tan-nisa żgħażagħ, aċċess għall-impjieg u għall-kura tat-tfal;

66. Jemmen li, billi tappoġġa u tissupplimenta l-isforzi tal-Istati Membri biex tingħata ħajja lill-attività ekonomika u jitrawwem l-impjieg fit-territorju kollu, il-politika ta' koeżjoni tal-UE tirrappreżenta għodda fundamentali li permezz tagħha l-Unjoni tista' tgħin biex tingħeleb din is-sitwazzjoni attwali, li tipprovdi gwida u ssawwar l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali meħtieġa, tikkonċentra l-investiment fuq azzjonijiet ta' prijorità sabiex timmassimizza l-impatt tal-investiment fuq is-sitwazzjoni soċjoekonomika ta' reġjun jew Stat Membru, tistimola l-ekonomija u tgħin biex jinħolqu impjiegi ġodda għaż-żgħażagħ; jitlob għalhekk lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ u kkoordinat mill-fondi disponibbli tal-

(1) COM(2012)0728

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

UE (FEŻR, FSE, FK, FAEŻR u FEMS), u b'hekk jippermettu liż-żgħażagħ li jkollhom parti attiva fl-ekonomija u s-soċjetà; jenfasizza li għandhom jitqiesu l-karatteristiċi reġjonali, billi dawn jistgħu jikkostitwixxu s-suċċess jew il-falliment tal-inizjattivi taż-żgħażagħ madwar l-UE, u b'mod partikolari fl-iktar reġjuni żvantaġġati u fir-reġjuni periferiċi, fejn l-investiment huwa meħtieġ biex jiżgura koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

67. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jħaddnu l-opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażagħ lokalment, u jikkumplimentaw dan billi jiffaċilitaw il-mobilità taż-żgħażagħ lejn pajjiżi oħra tal-UE u lilhinn ([1]); jitlob miżuri li jtejbu t-taħriġ u l-esperjenza, inkluż it-tneħħija ta' ostakli għal apprendistati u traineeships transkonfinali; jixtieq li jara iktar progress lejn ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki u l-ħiliet u koordinazzjoni msaħħa tas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali, speċjalment rigward is-sistemi tal-pensjoni, kif ukoll investiment sostanzjali kontinwu fit-tagħlim tal-lingwi sa minn età bikrija;

68. Jitlob lill-Istati Membri jkomplu bil-proċess ta' riforma u żvilupp ta' servizzi tal-impjiegi pubbliċi sabiex jimmiraw aħjar l-attivitajiet u l-approċċi tagħhom lejn iż-żgħażagħ bħala komponent fundamentali ta' kwalunkwe Strateġija nazzjonali ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ; jenfasizza l-bżonn li jiġu introdotti riformi għal EURES bl-għan li jintlaħaq qbil proattiv bejn dawk li qed ifittxu xogħol jew jixtiequ jibdlu x-xogħol għal postijiet vakanti eżistenti, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar l-EURES, inkluż in-netwerk ta' konsulenza tagħha, u tiżdied il-viżibilità u d-disponibilità tagħha, bħala sistema li tipprovdi konsulenza dwar il-karrieri u li tgħin lill-istudenti jsiru aktar konxji mill-opportunitajiet ta' impjiegi eżistenti; jenfasizza l-bżonn għal koordinazzjoni iktar mill-qrib bejn il-EURES u portali u servizzi oħra għaċ-ċittadini u n-negozji (eż. 'EURES my first job', punti ta' informazzjoni Europe Direct jew in-Netwerk ta' Intrapriżi Ewropej għall-SMEs), għal effiċjenza u effikaċja akbar tas-servizzi pprovduti; jilqa' l-ħidma tal-Kapijiet tas-Servizzi ta' Impjieg Pubbliku (HoPES), u jappoġġa l-istituzzjonalizzazzjoni tiegħu;

69. Jitlob lill-Istati Membri biex, fin-nuqqas ta' ċifri speċifiċi dwar il-fluss ta' migrazzjoni taż-żgħażagħ, joħolqu mekkaniżmi ta' riċerka, monitoraġġ u evalwazzjoni ta' tali mobiltà li jistgħu jiġu trasferiti għal EURES biex jiġu indirizzati aħjar tali fenomeni;

70. Jenfasizza wkoll l-importanza li aktar żgħażagħ ikunu konxji dwar l-użu tal-konsulenza offrut fil-qafas tas-servizzi tal-impjieg pubbliċi, tissaħħaħ l-isħubija ma' skejjel u universitajiet kif ukoll li ssir ħidma għal integrazzjoni aħjar permezz tan-netwerk tal-EURES;

71. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu u jivvalidaw kif xieraq it-tagħlim informali u mhux formali u l-edukazzjoni u l-kompetenzi miksuba, flimkien ma' esperjenza professjonali oħra, bħala forma ta' valorizzazzjoni tal-kompetenzi, biex iż-żgħażagħ jagħtu prova tal-edukazzjoni u l-kompetenzi tagħhom b'rabta mar-rekwiżiti biex jidħlu fis-suq tax-xogħol b'suċċess;

72. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw it-trasparenza u l-armonizzazzjoni fir-rikonoxximent tal-kwalifiki fl-Unjoni, partikolarment permezz tas-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, l-Europass u l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u jimplimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tal-edukazzjoni non-formali u informali, u speċjalment biex ikun żgurat ir-rikonoxximent transkonfinali ta' tagħlim mhux formali u informali; jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni f'waqtha u tar-rapportar dwar dawn l-inizjattivi;

73. Jenfasizza li l-problema tal-"ħela ta' mħuħ" (brain waste) teħtieġ tiġi indirizzata, għaliex il-fatt li persuni bi kwalifiki u ħiliet għolja jkunu qegħdin jaħdmu f'xogħol ferm taħt il-potenzjal tagħhom jirriżulta fin-nuqqas ta' użu tal-ħiliet u l-kwalifiki attwali tagħhom, filwaqt li fl-istess ħin jaffettwahom b'mod negattiv fuq livell soċjali u psikoloġiku;

74. Jirrikonoxxi li l-mobilità transkonfinali tax-xogħol tista' parzjalment tkun soluzzjoni effettiva biex ikun hemm qbil bejn id-domanda u l-provvista tax-xogħol madwar l-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri biex, fl-istess waqt, jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jipprevjenu l-fenomenu tal-eżodu ta' mħuħ permezz ta' miżuri sostenibbli li jiżguraw opportunitajiet ta' impjieg għal ħaddiema b'ħiliet kbar fl-Istat Membru jew reġjun tagħhom stess;

([1]) B'inizjattivi bħall-Programm MobiPro

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

75. Jidentifika t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol bħala mument kruċjali għaż-żgħażagħ; jenfasizza l-importanza ta' miżuri li jiffavorixxu tranżizzjoni sikura; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jiżviluppaw servizz personalizzat għall-għoti ta' pariri dwar il-karrieri, jissaħħu l-miżuri ta' gwida u ta' konsulenza, kif ukoll servizzi ta' kollakament imfasslin apposta għall-bżonnijiet tal-individwu, li jibdew fl-ewwel snin tal-iskola sekondarja, bl-għan li jippermettu liż-żgħażagħ jagħmlu għażliet infurmati sew dwar l-edukazzjoni futura jew it-taħriġ vokazzjonali tagħhom, filwaqt li jintroduċu mekkaniżmi li jistgħu jimmonitorjaw l-opportunitajiet offruti u jivvalutaw ir-rata ta' suċċess tat-tranżizzjoni sussegwenti lejn ix-xogħol ta' dawk iż-żgħażagħ;

76. Jenfasizza l-importanza kull impriża li tkun laħqet ċertu daqs, tkun imħeġġa toffri postijiet għat-taħriġ fil-qafas tas-sistema doppja ta' edukazzjoni, sakemm l-impriża ma tkunx tinsab f'diffikultajiet ekonomiċi kbar barra minn hekk, l-impriża għandha toffri impjieg lill-apprendisti wara li jtemmu t-taħriġ tagħhom;

77. Jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu, jekk jixtiequ, jirċievu assistenza effettiva fl-għażla tal-karriera tagħhom, biex isiru jafu dwar id-drittijiet tagħhom u d-dħul minimu tagħhom;

78. Jistieden lill-Istati Membri biex jinkludu fil-kurrikulum tal-universitajiet taħriġ bażiku dwar tfittxija għal xogħol;

79. Jemmen li s-sistemi edukattivi tal-UE għandhom jippromwovu l-prinċipju ta' ekwità u opportunitajiet indaqs; jitlob il-promozzjoni tal-ħiliet meħtieġa biex jiffaċilitaw l-aċċess għat-taħriġ tul il-ħajja, li hija kundizzjoni essenzjali fis-soċjetà tal-għarfien;

80. Jenfasizza li r-riżorsi finanzjarji kollha investiti fil-ġlieda attiva kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ għandhom jintefqu b'mod effikaċi; jistieden lill-Istati Membri jintroduċu sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-miżuri ta' impjiegi implimentati, li għandha tkun pubblika u faċli biex iċ-ċittadini jaċċedu għaliha, kif ukoll sistema ta' verifika tal-effikaċja ta' dawk il-miżuri, bl-għan li dejjem issir aktar ħidma lejn politiki bbażati fuq l-evidenza li jistgħu wkoll jiġu kondiviżi fil-livell tal-UE; f'dan ir-rigward, jinnota li l-istabbiliment ta' sistema komuni ta' indikaturi ta' riżultat u tal-impatt tista' tikkontribwixxi għall-valutazzjoni kwalitattiva u kwantittattiva tal-progress miksub fil-programmi differenti;

81. Jenfasizza li l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għandhom rwol rikonoxxut fil-monitoraġġ u, fejn applikabbli, fl-implimentazzjoni ta' politiki u inizjattivi mmirati biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ

82. Jenfasizza l-bżonn li jsir investiment fil-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi stabbli u ta' kwalità bħala l-mod kif iż-żgħażagħ jista' jkollhom ħajja deċenti; jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimmobilizzaw il-fondi disponibbli kollha biex jistimulaw l-investimenti b'mod partikolari fl-impjiegi ekoloġiċi bl-għan li tiġi miġġielda r-rata għolja tal-qgħad fost iż-żgħażagħ;

83. Huwa tal-fehma li huma meħtieġa strateġiji ta' tagħlim aktar attraenti, b'inserzjoni reġjonali aħjar u l-ħolqien ta' netwerks ta' pjattaformi għall-iskambju ta' esperjenzi u tal-aħjar prattika bejn ir-reġjuni u l-Istat Membri, filwaqt li jitqiesu d-diversi sitwazzjonijiet u jkun permess użu flessibbli b'konformità mal-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull reġjun, jiġu definiti oqsma prijoritarji għall-iżvilupp ta' kull reġjun;

84. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri li jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn is-sessi li jkunu adatti sabiex iqisu l-gruppi soċjali vulnerabbli, inklużi l-persuni b'diżabilità, il-migranti u l-ommijiet waħedhom;

85. Jistieden lill-Istati Membri jsegwu politiki li jinkoraġġixxu l-preżenza tan-nisa fis-setturi u fil-karrieri fejn huma sotto-rappreżentati, bħal fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija (fl-2009, 33 % biss tax-xjentisti riċerkaturi fl-UE kienu nisa) u fis-settur ekonomiku u finanzjarju, peress li l-għażla ta' dawn il-karrieri tippermetti li n-nisa jkunu aktar kompetittivi fis-suq tax-xogħol;

86. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiġġieldu s-segregazzjoni bejn is-sessi kemm fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol, billi jidentifikaw korsijiet ta' edukazzjoni u ta' taħriġ speċifiċi u tagħlim ibbażat fuq segwitu kontinwu, iżommu mal-konklużjonijiet stipulati fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2012 bit-titolu "Reviżjoni tal-Edukazzjoni" (COM(2012)0669), jgħaqqdu l-politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ mal-politiki dwar l-impjiegi fil-mira għan-nisa żgħażagħ; u jippromwovu u jipprovdu inċentivi għall-impjieg tan-nisa f'setturi ta' żvilupp strateġiku;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

87. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-aċċess għan-nisa żgħażagħ għas-suq tax-xogħol, jieħdu miżuri li jħalluhom jibqgħu impjegati, filwaqt li jiffokaw fuq impjiegi ta' kwalità u tkabbir professjonali, u jagħlqu d-differenzi fir-rigward tad-dħul fis-suq tax-xogħol, tal-karrieri u tal-pagi li minn dejjem ikkaratterizzaw ir-relazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel fil-post tax-xogħol;

88. Ħu tal-fehma li l-għajnuna għan-nisa biex jirritornaw lura fis-suq tax-xogħol tirrikjedi soluzzjonijiet multidimensjonali ta' politika li jinkludu t-taħriġ tul il-ħajja u azzjoni għall-ġlieda kontra x-xogħol prekarju u l-promozzjoni ta' xogħol bidrittijiet u prattiki divrenzjati ta' organizzazzjoni tax-xogħol, fuq talba tal-mara, sabiex ma jkollhomx għalfejn iħallu l-karrieri tagħhom, jew iwaqqfuhom għal xi żmien;

89. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki adegwati b'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali u jintroduċu miżuri speċifiċi, inkluż taħriġ iffukat fuq ix-xogħol u programmi ta' impjieg sabiex jiżguraw opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel żgħażagħ sabiex jiksbu esperjenza reali ta' xogħol;

90. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw politiki li jinkludu l-perspettiva tal-ġeneru u li jimmoniterjawha, u li jippermettu aċċess ta' ċittadini mingħajr xogħol għal servizzi ta' reklutaġġ u ta' appoġġ soċjali;

91. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0366

## Is-Suq Intern għas-Servizzi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta` Settembru 2013 dwar is-Suq Intern għas-Servizzi: Is-sitwazzjoni attwali u l-passi li jmiss (2012/2144(INI))**

(2016/C 093/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 49 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi – Sħubija għal tkabbir ġdid fis-servizzi 2012-2015" (COM(2012)0261) u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjawha,

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni bit-titolu "L-impatt ekonomiku tad-Direttiva dwar is-Servizzi: L-ewwel valutazzjoni wara l-implimentazzjoni" (Studji Ekonomiċi Nru 456),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn funzjonament aħjar tas-Suq Uniku għas-servizzi – nibnu fuq ir-riżultati tal-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi" (COM(2011)0020) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaha bit-titolu "Dwar il-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi" (SEC(2011)0102),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Att dwar is-Suq Uniku II – Flimkien għal tkabbir ġdid" (COM(2012)0573),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Governanza Aqwa tas-Suq Uniku" (COM(2012)0259),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Att dwar is-Suq Uniku: Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja" (COM(2011)0206),

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" (COM(2010)0608),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Marzu 2013 dwar il-kontribut tal-politiki Ewropej għat-tkabbir u l-impjiegi,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 u d-29 ta' Ġunju 2012 dwar Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2011 dwar funzjonament aħjar tas-Suq Uniku għas-servizzi – il-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar servizzi fis-suq intern ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2013 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-governanza tas-Suq Uniku ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-20 preokkupazzjoni ewlenija taċ-ċittadini u l-impriżi Ewropej dwar il-funzjonament tas-Suq Uniku ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-proċess ta' evalwazzjoni reċiproka tad-Direttiva tas-Servizzi ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar governanza u sħubija fis-Suq Uniku ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2011 dwar suq tal-konsumaturi aktar effiċjenti u aktar ġust ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi 2006/123/KE ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0273/2013),

A. billi s-suq uniku tagħna hu pedament tal-kostruzzjoni Ewropea u l-funzjonament tajjeb tiegħu huwa essenzjali għall-implimentazzjoni kif jixraq tal-politiki tal-UE u huwa bażi għall-irkupru;

B. billi s-settur tas-servizzi jammonta għal aktar minn 65 % tal-PDG u l-impjiegi totali tal-UE u huwa pilastru tal-ekonomija tagħna; billi s-servizzi koperti bid-Direttiva dwar is-Servizzi jammontaw għal 45 % tal-PDG tal-UE;

C. billi l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva se ttejjeb ferm il-funzjonament tas-suq uniku fis-servizzi, b'mod partikolari billi tiffaċilita l-aċċess għas-suq għall-SMEs u għal dawk li jaħdmu għal rashom, tespandi l-għażla tal-konsumatur u tgħin it-tisħiħ tal-kompetittività fl-UE, it-tkabbir u l-impjiegi;

---

([1]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2013)0054.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0395.
([4]) ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 46.
([5]) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 51.
([6]) ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 9.
([7]) ĠU C 188 E, 28.6.2012, p. 1.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

D. billi suq tas-servizzi funzjonali, effiċjenti u aktar kompetittiv huwa neċessarju għall-industrija Ewropea, l-intrapriżi Ewropej (speċjalment l-SMEs) u l-konsumaturi;

E. billi d-Direttiva dwar is-Servizzi ġabet benefiċċji konkreti minn meta ġiet adottata fl-2006, u ffaċilitat l-aċċess għas-suq kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi, iżda s'issa ma kisbitx ir-riżultati mistennija kollha, minħabba nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tagħha;

F. billi l-interpretazzjoni frammentata u l-implimentazzjoni inadegwata tad-direttiva għadhom qed ixekklu l-moviment liberu tas-servizzi bejn il-fruntieri;

G. billi n-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, għadhom qed ikollhom jikkonformaw ma' firxa estensiva ta' rekwiżiti amministrattivi u burokratiċi li huma piż kbir fuqhom, b'mod partikolari meta jitqiesu flimkien mad-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom l-SMEs biex jiksbu aċċess għall-kreditu;

H. billi r-riskju ta' għeja mid-Direttiva dwar is-Servizzi m'għandux iwassal biex intaffu l-isforzi tagħna biex jinkiseb il-potenzjal sħiħ tad-direttiva;

I. billi wasal iż-żmien biex naġixxu, fid-dawl tal-fatt li, bil-qgħad li qed jiżdied u b'finanzi pubbliċi li sejrin għall-agħar, is-settur tas-servizzi huwa iktar minn qatt qabel sors ta' kompetittività, tkabbir u impjiegi li ma jistax jiġi injorat;

***Il-potenzjal għat-tkabbir u l-impjiegi tas-servizzi li għadu ma ġiex sfruttat***

1. Jenfasizza li l-piż amministrattiv mhux meħtieġ u sproporzjonat, il-prattiki diskriminatorji u r-restrizzjonijiet mhux ġustifikati għall-provvediment ta' servizzi madwar l-UE qed jimblukkaw sorsi sinifikanti ta' tkabbir, qed ixekklu l-ħolqien tal-impjiegi u qed iwasslu biex in-negozji jitilfu l-opportunitajiet;

2. Jenfasizza li jekk l-Istati Membri kienu lesti li jimplimentaw id-Direttiva dwar is-Servizzi kif jixraq u b'mod sħiħ, u jneħħu r-restrizzjonijiet inġustifikati, l-istima ambizzjuża tal-Kummissjoni hi li l-UE tista' tagħmel gwadann ekonomiku massimu ta' 2,6 % tal-PDG f'5-10 snin;

3. Jinnota li l-Kummissjoni għandha tiffoka l-isforzi tagħha fuq dawk is-setturi ta' servizzi li huma ta' importanza ekonomika kbira u li għandhom potenzjal ta' tkabbir 'il fuq mill-medja, bħas-servizzi kummerċjali, is-servizzi ta' kostruzzjoni, is-servizzi turistiċi u l-bejgħ bl-imnut, biex jiġu ġġenerati riżultati tanġibbli fuq perjodu qasir għat-tkabbir u l-impjiegi;

4. Jenfasizza li l-infurzar effikaċi tar-regoli eżistenti huwa mod intelliġenti u rapidu kif jingħata kontribut għat-tkabbir mingħajr infiq pubbliku; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li d-direttiva tibda taħdem fil-prattika bil-ħsieb li jiġi rilaxxat il-potenzjal mhux sfruttat tagħha u li tikkontribwixxi għall-mudell Ewropew ta' ekonomija tas-suq soċjali bilanċjata u sostenibbli;

5. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp ta' indikaturi aħjar tal-prestazzjoni tas-Suq Uniku li jkunu bbażati fuq esperjenzi u aspettativi reali tan-negozji u tal-konsumaturi biex tittejjeb il-funzjonalità u l-għarfien tagħhom tad-diversi drittijiet li jistgħu jiġu invokati biex jiġi żgurat l-aċċess għas-Suq Uniku għas-Servizzi;

6. Jilqa' l-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali u forom ġodda ta' servizzi bħalma huma s-servizzi diġitali u mobbli u l-pakketti mħallta ta' prodotti u servizzi; jenfasizza l-ħtieġa li d-direttiva tiġi implimentata kollha kemm hi, fid-diċitura u l-ispirtu, u b'mod validu anki għall-ġejjieni sabiex titħeġġeġ l-innovazzjoni;

7. Jinkoraġġixxi wkoll il-ftuħ gradwali tas-suq intern għal servizzi fis-settur tal-assistenza soċjali, filwaqt li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi;

8. Ifakkar li d-Direttiva dwar is-Servizzi ma tisfurzax il-liberalizzazzjoni tas-servizzi iżda twitti t-triq kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku tagħna fil-kuntest ta' ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva;

9. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi bit-titolu "Sħubija għal tkabbir ġdid fis-servizzi 2012-2015" (COM(2012)0261), li twieġeb għall-obbligu ta' rappurtar kif stipulat fl-Artikolu 41 tad-direttiva; itenni l-ħtieġa li jitqiesu l-effetti għal tul ta' żmien medju u fit-tul tad-Direttiva dwar is-Servizzi fuq l-impjiegi fl-UE;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

*Ostakli, fruntieri u piżijiet marbuta mal-moviment liberu*

10. Jiddispjaċih li hemm għadd sinifikanti ta' każijiet identifikati fejn l-Istati Membri qed jinvokaw b'mod mhux xieraq raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku (Artikolu 15 tad-Direttiva dwar is-Servizzi) bl-iskop uniku li jipproteġu u jiffavorixxu s-suq domestiku tagħhom; iqis li l-użu ta' raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku għandhom dejjem ikunu ġġustifikati oġġettivament u strettament proporzjonali mal-objettiv maħsub, b'konsistenza mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja; jenfasizza l-fatt li l-forom legali u r-rekwiżiti esaġerati tal-azzjonisti, ir-restrizzjonijiet territorjali, it-testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi u t-tariffi fissi joħolqu ostakli mingħajr ġustifikazzjoni għall-istabbiliment transkonfinali effiċjenti u jagħmlu ħsara lis-suq intern għas-servizzi;

11. Jiddispjaċih li l-valutazzjoni tal-proporzjonalità rarament issir; jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika l-kunċett ta' proporzjonalità u toħroġ linji gwida għall-Istati Membri dwar kif japplikawh, filwaqt li tibni fuq il-ġurisprudenza eżistenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja;

12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex japplikaw b'mod effikaċi u sħiħ il-klawżola dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Artikolu 16 tad-Direttiva dwar is-Servizzi) u biex ineħħu l-piżijiet regolatorji doppji;

13. Jindika li għal attivitajiet fejn l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet disponibbli jista' jkun limitat minħabba skarsezza ta' riżorsi naturali jew ta' kapaċità teknika, id-Direttiva dwar is-Servizzi tistabbilixxi l-ħtieġa li l-fornitur ikun jista' jirkupra l-ispejjeż tal-investiment u li jagħmel qligħ ġust fuq il-kapital investit, mingħajr restrizzjonijiet jew tagħwiġ tal-kompetizzjoni ħielsa;

14. Jinsab imħasseb dwar l-għadd dejjem ikbar ta' każijiet ta' diskriminazzjoni rrapportati mill-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinfurzaw kif jixraq u b'mod sħiħ l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi u jistieden lin-negozji biex ma jwettqux prattiki diskriminatorji mhux iġġustifikati abbażi tan-nazzjonalità jew tal-post ta' residenza; jenfasizza, madankollu, li kwalunkwe obbligu ta' bejgħ imur kontra l-prinċipju fundamentali tal-libertà kuntrattwali; jilqa', għaldaqstant, il-ħidma kontinwa tal-Kummissjoni fuq rapport ta' gwida dwar in-nondiskriminazzjoni, li joħloq il-bilanċ tajjeb għall-benefiċċju tal-konsumaturi u tan-negozji; jilqa' wkoll ir-rwol taċ-Ċentri tal-Konsumaturi Ewropej fl-identifikazzjoni u s-soluzzjoni tal-irregolarijiet osservati;

*Governanza intelliġenti tas-suq intern għas-servizzi*

15. Jenfasizza li l-funzjonament mingħajr skossi tas-suq intern għas-servizzi jirrikjedi interazzjoni mar-regoli speċifiċi għas-setturi li jistgħu jirrikjedu awtorizzazzjonijiet ulterjuri, li jwasslu għal spejjeż kumulattivi speċjalment għan-negozji; jenfasizza li jiddependi wkoll fuq l-implimentazzjoni ta' atti leġizlattivi oħra tal-UE; jitlob għaldaqstant lill-Istati Membri biex jieħdu approċċ integrat fir-rigward tas-suq intern għas-servizzi sabiex tiġi żgurata ċertezza legali għall-konsumaturi u n-negozji, b'mod partikolari l-SMEs;

16. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li jkun hemm konsistenza bejn il-valutazzjoni bejn il-pari skont id-Direttiva dwar is-Servizzi u l-evalwazzjoni reċiproka skont id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali; jisħaq li għandha ssir valutazzjoni każ b'każ bir-reqqa, anke tal-ġustifikazzjonijiet imressqa mill-Istati Membri dwar ir-raġuni għalfejn jinżammu ċerti rekwiżiti, biex jiġu identifikati oqsma speċifiċi fejn l-Istati Membri qed jirregolaw b'mod sproporzjonat l-eżerċitar ta' professjoni jew qed jibblukkaw l-aċċess għal ċerti professjonijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ineħħu tali rekwiżiti mhux ġustifikati;

17. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu ikbar mir-rikonoxximent reċiproku biex jiffaċilitaw il-moviment liberu tas-servizzi, kull fejn għad m'hemmx fis-seħħ regoli armonizzati;

18. Jinnota li d-diversità tal-istandards nazzjonali qed tikkawża frammentazzjoni u inċertezza; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' standards volontarji Ewropej għas-servizzi koperti bid-Direttiva dwar is-Servizzi bħala mezz biex jitjiebu l-komparabilità u l-kummerċ transkonfinali;

19. Iqis li l-Kummissjoni Ewropea u l-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib biex tkun żgurata, fejn ikun il-każ, koerenza fit-terminoloġija użata biex ir-regoli jiġu applikati konsistentement fl-UE kollha;

20. Jenfasizza wkoll il-fatt li kopertura transkonfinali inadegwata ta' assigurazzjoni għall-fornituri tas-servizzi hija ostaklu kbir għall-moviment liberu; iħeġġeġ lill-partijiet interessati biex isibu soluzzjonijiet permezz tad-djalogu;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

21. Iħeġġeġ użu usa' tas-sistema tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern bejn l-Istati Membri biex tiġi kkontrollata l-konformità mar-rekwiżiti tad-direttiva, b'mod partikolari f'każijiet ta' forniment transkonfinali ta' servizzi, u taċ-Ċentri tal-Konsumaturi Ewropej u s-SOLVIT sabiex in-negozji u l-konsumaturi jiġu megħjuna f'sitwazzjoni ta' regoli konfliġġenti u nuqqas ta' konformità; jenfasizza, għal dan l-iskop, l-importanza tal-iżgurar ta' aċċess sħiħ tas-sħab assoċjati għan-netwerk SOLVIT f'livell tekniku;

22. Jinnota li l-għodod tas-Suq Uniku, inkluż is-SOLVIT, għandhom jaħdmu aħjar f'termini ta' żmien meħud biex jiġu solvuti l-każijiet; jenfasizza l-importanza ta' miri mtejba u ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni f'dan ir-rigward; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tirrevedi l-qafas legali tas-SOLVIT;

23. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaġġornaw għat-tieni ġenerazzjoni ta' Punti Uniċi ta' Servizz li jkunu portali tal-gvern elettroniku kompletament funzjonali, multilingwi u faċli għall-utent; jenfasizza l-importanza li jittieħed approċċ ibbażat fuq il-fornituri tas-servizzi li jkopri ċ-ċiklu ekonomiku sħiħ; jemmen li l-proċeduri elettroniċi se jsaħħu s-simplifikazzjoni, se jnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità u se jżidu ċ-ċertezza legali; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw interoperabilità sħiħa tal-Punti Uniċi ta' Servizz tagħhom u jagħmluhom magħrufa transkonfinalment, filwaqt li jinformaw liċ-ċittadini u n-negozji Ewropej dwar id-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom li jirriżultaw mid-Direttiva dwar is-Servizzi; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi kriterji ċari ta' valutazzjoni komparattiva għall-evalwazzjoni tal-Punti Uniċi ta' Servizz, fosthom data dwar il-livelli ta' użu tagħhom, u biex tirrapporta regolarment lill-Parlament dwar il-progress miksub;

***Infurzar aħjar biex jinkisbu l-ikbar effetti ekonomiċi***

24. Jenfasizza l-fatt li, fejn id-Direttiva dwar is-Servizzi ġiet infurzata b'mod xieraq, dan ġab riżultati konkreti f'termini ta' impjiegi u tkabbir; jappoġġa, għalhekk, l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, inklużi soluzzjonijiet innovattivi bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-reġjuni mal-fruntieri;

25. Jinnota li l-implimentazzjoni inadegwata għandha impatt "mingħajr fruntieri", fejn iċ-ċttadini madwar l-UE qed iħallsu qares; jenfasizza li l-Istati Membri kollha għandhom responsabilità fil-konfront ta' xulxin u fil-konfront tal-Unjoni biex jinfurzaw id-direttiva b'mod effikaċi, u għandhom jiġu kkonfrontati bl-obbligi tagħhom b'kundizzjonijiet ugwali;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri fir-rigward tal-problemi ewlenin li jkunu identifikaw rigward l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-Suq Uniku, inkluż dwar kif itejbu d-defiċits tat-traspożizzjoni u tal-konformità u kif jiksbu rimedju ġudizzjarju rapidu u effiċjenti;

27. Jenfasizza li l-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti jridu jġorru wkoll ir-responsabilità kondiviża tagħhom għal infurzar sħiħ u kwalitattiv tad-diċitura u tal-ispirtu tad-direttiva, bl-għan ġenerali li jistimulaw l-attività ekonomika u l-impjiegi; jenfasizza, f'dak ir-rigward, kemm hu importanti li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi;

28. Jappoġġa bil-qawwa l-politika ta' tolleranza żero tal-Kummissjoni fir-rigward ta' restrizzjonijiet mhux ġustifikati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura implimentazzjoni sħiħa u korretta tar-regoli eżistenti, fi djalogu fuq bażi ugwali mal-Istati Membri; jitlob li kull meta tiġi identifikata implimentazzjoni inkorretta jew insuffiċjenti tad-direttiva, jew ksur tagħha, il-proċeduri ta' ksur aċċellerati jiġu applikati u kompluti mhux aktar tard minn 18-il xahar wara;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tuża x-"Xahar tas-Suq Uniku" bħala opportunità biex turi l-benefiċċji tas-Suq Uniku għas-servizzi lin-negozji;

***Tisħiħ tat-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont***

30. Jitlob lill-Kummissjoni, abbażi tal-eżitu tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari, telenka r-restrizzjonijiet li għandhom l-iktar piż, tipproponi riformi mmirati u żżomm lill-Kunsill u lill-Parlament infurmati;

31. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari fir-rigward tas-settur tas-servizzi fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport dwar is-Sitwazzjoni tal-Integrazzjoni tas-Suq Uniku, u biex tinkludi s-servizzi fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi; iqis li l-Kummissjoni u l-Kunsill, permezz ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet dettaljati speċifiċi għall-pajjiż, għandhom ikomplu jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw politiki ta' tkabbir fit-tul;

32. Jistieden lill-parlamenti nazzjonali jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-appoġġ tal-infurzar tad-direttiva u jużaw is-setgħat tagħhom ta' skrutinju fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali fil-livelli kollha;

33. Iħeġġeġ lill-partijiet interessati, lill-komunità kummerċjali u s-sħab soċjali biex jagħmlu l-parti tagħhom biex iżommu responsabbli lill-gvernijiet għat-tisħiħ tas-settur tas-servizzi Ewropew u għall-ħolqien ta' impjiegi stabbli;

34. Jistieden lill-Kunsill u l-Presidenza tiegħu jqiegħdu s-suq intern għas-servizzi fuq l-aġenda tal-laqgħat tal-Kunsill Kompetittività fuq bażi regolari; jissuġġerixxi l-introduzzjoni mill-ġdid tar-"rapporti ta' konformità" bħala mezz biex jitkejjel il-progress miksub fl-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq;

35. Iħeġġeġ lill-membri tal-Kunsill Ewropew biex iġorru r-responsabilità politika sħiħa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern għas-servizzi; jistieden lill-President tal-Kunsill Ewropew biex iżomm dan is-suġġett fuq l-aġenda tal-Kunsill Ewropew għal kemm ikun hemm bżonn, bi pjan direzzjoni maqbul, inklużi parametri referenzjarji speċifiċi u kalendarju għall-Istati Membri biex jagħtu impetus ġdid u jneħħu l-ostakli pendenti għall-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar is-Servizzi;

o

o o

36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0367

# In-negozjati għal ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni UE-Malasja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' 11 ta' Settembru 2013 li fiha r-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna Kummissjoni dwar in-negozjati għal ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni UE-Malasja (2013/2052(INI))**

(2016/C 093/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1440/80 tat-30 ta' Mejju 1980 li għandu x'jaqsam mal-konklużjoni tal-Ftehim tal-Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Indoneżja, il-Malasja, il-Filippini, Singapor u t-Tajlandja – pajjiżi membri fl-Assoċazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja ([1]),

— wara li kkunsidra n-negozjati awtorizzati mill-Kunsill f'Novembru 2004 u li nfetħu fi Brussell f'Ottubru 2010, fl-okkażjoni tat-tmien samit UE-Asja (ASEM8), dwar ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni UE-Malasja (FSK),

— wara li kkunsidra s-samit ASEM9 li sar f'Vientiane (Laos) fil-5 u 6 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra s-samit tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tal-Asja tax-Xlokk (ASEAN) mill-Kambodja mit-18 sal-20 ta' Novembru 2012,

---

([1]) ĠU L 144, 10.6.1980, p. 1.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistabbilixxu Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż u Programmi Indikattivi għall-Malasja, il-Brażil u l-Pakistan ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-16 ta' Diċembru 2010 dwar "il-Malasja: il-prattika tas-swat bil-qasba" ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2010 dwar "attakki reċenti kontra komunitajiet Insara" ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011 dwar Politika Kummerċjali Ġdida għall-Ewropa fl-ambitu tal-Istrateġija Ewropa 2020 ([4]),

— wara li kkunsidra l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk f'Lulju 2012 ([5]),

— wara li kkunsidra n-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Malasja (FTA),

— wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Malasja dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru, iffirmat fl-2007 ([6]),

— wara li kkunsidra n-negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija Volontarju mal-Malasja fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (FLEGT) li beda fl-2007,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Strateġija bejn il-Malasja u l-Komunità Ewropea għall-perjodu 2007-2013,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 90(4) u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0235/2013),

A. billi l-Malasja hija membru fundatur tal-ASEAN u se tippresiedi l-organizzazzjoni fl-2015; billi l-Malasja hija t-tieni l-aktar sħab kummerċjali importanti tal-UE fl-ASEAN;

B. billi l-Malasja hija membru attiv tal-forum tal-Kooperazzjoni Ekonomika Asja-Paċifiku (APEC), l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika (OIC), il-Moviment Mhux Allineat (NAM), il-Bank Ażjatiku tal-Iżvilupp (ADB), il-Kummissjoni għall-Politika Ekonomika u Soċjali tal-NU għall-Asja u l-Paċifiku (UNESCAP), il-Pjan ta' Kolombu li jippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali fir-reġjun Asja-Paċifiku, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU (FAO), il-Laqgħa Asja-Ewropa (ASEM) u ż-Żona ta' Tkabbir Brunej Darussalam-Indoneżja-Malasja-Filippini tal-Asja tal-Lvant (BIMP-EAGA); billi l-Malasja hija membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) mill-istabbiliment tagħha fl-1995 u hija membru tal-Grupp tas-77 (G77) pajjiż fil-fażi tal-iżvilupp, il-grupp tat-8 pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp (D-8), il-G15 u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (2010-2013), fost oħrajn;

C. billi f'Ottubru 2010, il-Malasja ssieħbet mas-Sħubija Transpaċifika (TPP) stabbilita fl-2005, bil-ħsieb li tikkonkludi ftehim ta' kummerċ ħieles li jista' jkollu konsegwenzi kbar għall-politika kummerċjali tal-UE; billi n-negozjati mwettqa mit-TPP ħadu xejra importanti ħafna bl-adeżjoni tal-Istati Uniti fi Frar 2008, il-Messiku f'Ġunju 2012 u l-Kanada f'Ottubru 2012;

---

([1]) ĠU C 287 E, 29.11.2007, p. 507.
([2]) ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 132.
([3]) ĠU C 305 E, 11.11.2010, p. 7.
([4]) ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 87.
([5]) ĠU L 154, 15.6.2012, p. 1.
([6]) *ĠU L 414, 30.12.2006, p. 85.*

D. billi l-Malasja hija kontributur frekwenti għan-NU u missjonijiet għaż-żamma tal-paċi oħrajn, inklużi fil-Libanu, Timor Leste, il-Filippini, l-Indoneżja, il-Pakistan, is-Sjerra Leone, is-Sudan, il-Punent tas-Saħara, in-Nepal u l-Kosovo, u bagħtet unità medika fl-Afganistan;

E. billi l-Malasja hija soċjetà multikulturali, multilingwistika, b'reliġjonijiet differenti u multietnika, b'maġġoranza ta' Malasjani Musulmani u komunitarjiet ta' minoranza ta' Indjani, Ċiniżi u nies indiġeni mhux Malasjani;

F. billi fil-Malasja l-elezzjonijiet parlamentari seħħew fil-5 ta' Mejju 2013;

G. billi l-Malasja, li hija ekonomija emerġenti, stabbilixxiet programmi konsekuttivi ta' ristrutturar soċjoekonomiku, inizjalment permezz tal-Politika Ekonomika Ġdida (NEP) fl-1971, li ġiet sostitwita mill-Politika ta' Żvilupp Nazzjonali fl-1991 u sussegwentement mill-Politika ta' Identità Nazzjonali fl-2001 skont 'Il-Mudell Ekonomiku Ġdid' għall-għan ta' żvilupp fuq perjodu twil tal-Malasja li ssir pajjiż żviluppat sal-2020 ('Viżjoni 2020');

H. billi l-Malasja adottat liġi fuq il-ġemgħa paċifika fl-20 ta' Diċembru 2011;

I. billi l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Malasja dwar id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-popli indiġeni, il-migrazzjoni, il-libertà tal-istampa u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ssaħħet permezz ta' kuntatti regolari mas-soċjetà ċivili u l-Kummissjoni tal-Malasja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (SUHAKAM); billi l-UE qed tistabbilixxi wkoll gradwalment il-kooperazzjoni mal-Malasja f'oqsma li jaqgħu taħt il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) bħas-sigurtà marittima u n-nonproliferazzjoni ta' armi tal-qerda tal-massa;

J. billi l-Parlament tal-Malasja, bil-ħsieb li jitrawwmu relazzjonijiet ulterjuri waqqaf l-Unjoni Interparlamentari (IPU) Caucus bejn il-Malasja u l-UE f'Novembru 2010, fejn il-membri qegħdin jirrappreżentaw kemm il-koalizzjoni tal-gvern u kemm l-oppożizzjoni;

1. Jindirizza lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

***Dwar in-negozjati għal ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni***

(a) li jitjiebu r-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Asja, b'mod partikolari l-Malasja, permezz tal-konklużjoni f'waqtha tan-negozjati dwar il-ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni ma' seba' pajjiżi ASEAN; li titqajjem sensibilizzazzjoni fl-UE dwar l-importanza, il-potenzjal sinifikanti u n-natura multidimensjonali ta' dawn ir-relazzjonijiet;

(b) li jkun enfasizzat li l-ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni bejn l-UE u l-Malasja se jipprovdi opportunitajiet uniċi għat-twaqqif ta' livell ġdid ta' qafas strateġiku u politiku għal relazzjonijiet bilaterali, għat-tkabbir tal-impenn tal-UE f'numru ta' oqsma ta' interess reċiproku – fost l-oħrajn il-kooperazzjoni kummerċjali, l-enerġija, ix-xjenza u t-teknoloġija, il-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-drittijiet tal-bniedem l-libertajiet fundamentali, il-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-traffikar ta' persuni u n-nonproliferazzjoni – u jissaħħaħ id-djalogu ta' politika bejn l-UE u l-Malasja dwar l-ambjent, it-teknoloġija ħadra u t-tibdil fil-klima;

(c) li jissaħħaħ it-tim tan-negozjati tal-UE matul iċ-ċikli ta' negozjati biex jikkorrispondi mal-għarfien espert tematiku disponibbli fin-naħa tal-Malasja, u minbarra li jiġu ffaċilitati n-negozjati, jintwera wkoll l-interess adegwat fihom min-naħa tal-UE;

(d) li jappella għal approċċ konsistenti fir-rigward tan-negozjati tal-FSK u tal-FTA; li jfakkar li kull wieħed minn dawn il-ftehimiet għandu jappoġġa l-objettivi tal-ieħor;

(e) li jenfasizza li ż-żewġ negozjati għandhom jiddependu minn xulxin u jitwettqu b'mod parallel;

**L-Erbgħa 11 ta’ Settembru 2013**

***Djalogu Politiku***

(f) li jiġu mfaħħra l-ħolqien ta’ Aġenzija Malasjana għall-Infurzar Marittimu (MMEA) li tikkombina f’aġenzija waħda l-attivitajiet kollha tal-infurzar tal-liġi tal-liġijiet federali fuq il-baħar; li jiġu mfaħħra r-riżultati tal-kooperazzjoni subreġjonali tal-Malasja mas-Singapor u l-Indoneżja, il-Filippini, it-Tajlandja, l-Inizjattiva Asjatika għas-Sigurtà Marittima (AMARSECTIVE) u l-Ftehim ta’ Kooperazzjoni Reġjonali fuq il-Ġlieda kontra l-Piraterija u s-Serq bl-Użu tal-Armi kontra Vapuri fl-Asja (ReCAAP) u tal-kooperazzjoni mal-Forum Reġjonali tal-ASEAN (ARF), għal dak li jirrigwarda t-titjib sinifikanti fis-sigurtà marittima kemm fl-Istrett ta’ Malacca, li minnhu jgħaddu aktar minn 50 000 bastiment fis-sena, kif ukoll fil-baħar max-xtut tal-Malasja; li jiġi espress l-apprezzament għall-fatt li l-Forzi Armati Malasjani ħadu sehem f’operazzjonijiet kontra l-piraterija qrib il-kosta tas-Somalja; jara l-potenzjal għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Malasja għat-tisħiħ tas-sigurtà marittima b’mod partikolari fil-bini tal-kapaċità tal-gwardji kostali, il-qsim tal-informazzjoni, l-interoperabilità navali u l-iżvilupp tal-aspetti ġuridiċi;

(g) li tiġi mfakkra l-importanza globali tal-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina u li l-partijiet involuti kollha jintalbu jsolvu l-pretenzjonijiet territorjali konfliġġenti tagħhom, inklużi dawk relatati mal-Gżejjer Spratly/Nansha, permezz ta’ arbitraġġ internazzjonali, b’mod konformi mad-dritt internazzjonali (b’mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt Marittimu) sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà reġjonali u l-paċi; li jikkundanna l-avvenimenti vjolenti reċenti f’Sabah u jappella għal riżoluzzjoni paċifika tas-sitwazzjoni; li jfaħħar lill-Malasja u lil Singapor għas-soluzzjoni paċifika fl-2010 għat-tilwim li kien ilu għaddej dwar it-territorju u l-ilma;

(h) li jitqiesu b’mod pożittiv il-kooperazzjoni u l-kapaċità akbar tal-Malasja li tiġġieled it-terroriżmu, il-ħasil tal-flus, it-traffikar tad-droġi u l-armi u l-falsifikazzjoni ta’ dokumenti ta’ vjaġġar;

(i) li jiġi mfakkar li l-Malasja gawdiet minn livell inkredibbilment għoli ta’ stabbiltà politika għal perjodu ta’ żmien twil; li tiġi mfaħħra r-rata ta’ parteċipazzjoni għolja ħafna fl-elezzjonijiet leġiżlattivi li saru fil-5 ta’ Mejju 2013 li turi l-interess tal-persuni fil-parteċipazzjoni politika; li jiġi nnutat li l-aħħar elezzjonijiet li saru wrew it-tranżizzjoni tal-Malasja lejn demokrazija aktar pluralista; li l-awtoritajiet Malajsani jintalbu jaraw li ssir valutazzjoni indipendenti u imparzjali tal-elezzjonijiet bi tweġiba għall-allegazzjonijiet ta’ irregolaritajiet; li l-gvern il-ġdid jiġi mistieden jindirizza t-tensjonijiet etniċi u politiċi dejjem akbar, id-distribuzzjoni usa’ ta’ appoġġ popolari fost għadd ta’ partiti politiċi u l-ferment ċivili dejjem akbar u n-numru ta’ manifestazzjonijiet li dejjem qed jiżdiedu, u jibda djalogu attiv mal-oppożizzjoni u l-gruppi etniċi kollha; li tiġi enfasizzata wkoll l-importanza li jittieħdu miżuri li jindirizzaw l-iskuntentizza pubblika għal dak li jikkonċerna l-korruzzjoni; li l-gvern jintalab ikompli bl-aġenda ta’ riformi ekonomiċi u politiċi, inkluża r-riforma elettorali;

(j) li jiġi mfittex l-impenn tal-Malasja għall-iżvilupp ta’ politiki soċjoekonomiċi li jiżguraw trattament ġust tal-gruppi etniċi u reliġjużi kollha u jkun żgurat li ċ-ċittadini tal-Malasja jkollhom id-drittijiet sħaħ tagħhom, inkluż l-aċċess għas-servizz ċivili, l-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta’ negozju; tiġi promossa l-inklużività tat-tkabbir ekonomiku tal-Malasja anke fil-każ tal-ifqar persuni, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-kisbiet li ntlaħqu fl-iżvilupp tal-pajjiż u fit-tnaqqis fil-faqar;

(k) li l-gvern jiġi inkoraġġit jinvolvi lis-soċjetà ċivili Malasjana, li hija soċjetà attiva u dinamika, fil-proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet tiegħu permezz ta’ konsultazzjoni, u jneħħi r-restrizzjonijiet fuq is-soċjetà ċivili; li jiġi mfaħħar ix-xogħol tas-soċjetà ċivili fil-ġbid ta’ attenzjoni għall-kwistjonijiet ambjentali, id-drittijiet tan-nisa, il-protezzjoni tal-konsumatur, id-drittijiet tal-poplu indiġenu u gruppi etniċi oħra, il-libertà tal-midja, il-ġustizzja soċjali, id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-minoranzi reliġjużi;

(l) li tiġi enfasizzata l-ħtieġa għal parteċipazzjoni attiva u frekwenti tal-UE fil-laqgħat ta’ livell għoli u samits ta’ organizzazzjonijiet fir-reġjun, li għalihom l-UE ġiet mistiedna tipparteċipa;

(m) li jfakkar li l-progress fil-qasam politiku huwa fundamentali għal kummerċ ħieles u ekwu, hekk kif il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-liberalizzazzjoni politika, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem;

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

***Drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali***

(n) li titqies b'mod pożittiv id-dikjarazzjoni tal-Malasja fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2009 li kienet qed tikkunsidra tissostitwixxi l-piena tal-mewt bil-piena ta' għomor il-ħabs, kif ukoll it-twaqqif ta' kummissjoni ġuridika indipendenti Malasjana fl-2011 sabiex teżamina liġijiet li għandhom jiġu abrogati; li l-gvern jitħeġġeġ jistabbilixxi moratorium immedjat dwar l-eżekuzzjonijiet u jieħu l-passi leġiżlattivi sabiex tinqered il-piena kapitali u l-kastig korporali;

(o) li jiġu protetti u jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fin-negozjati għal sħubija bejn l-UE u l-Malasja u ftehim ta' kooperazzjoni, partikolarment il-libertajiet tal-espressjoni, ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni, kif ukoll l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, u l-promozzjoni tal-istandards soċjali u tax-xogħol tal-ILO; li f'kull ftehim tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-klawsola tad-drittijiet tal-bniedem; li l-gvern jitħeġġeġ jieħu l-passi neċessarji sabiex jiffirma, jirratifika u jimplimenta b'mod effettiv il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-tortura u trattamenti jew pieni oħra krudili, inumani jew degradanti, il-Protokoll Fakultattiv tiegħu, u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR);

(p) li tiġi enfasizzata l-importanza li jsir progress fil-libertajiet tal-midja, billi l-midja ewlenija għadha esposta għaċ-ċensura; tintlaqa' s-sentenza tal-2012 tal-Qorti Suprema, fil-każ tal-midja fuq l-internet Malaysiakini, li liċenzja għall-pubblikazzjoni ta' midja stampata mhijiex privileġġ iżda dritt; jiġi espress b'dispjaċir li l-libertà ta' assemblea għadha limitata, speċjalment f'żoni urbani; li jiġi espress tħassib dwar l-Att tal-Evidenza li joħloq responsabbiltà ġuridika għas-sidien, l-amministraturi u l-kontrolluri tal-kompjuters li jintużaw sabiex tiġi ppublikata pubblikazzjoni;

(q) li jitqies b'mod pożittiv il-progress li sar f'bosta oqsma meta l-liġi dwar is-sigurtà interna (ISA) ġiet sostitwita f'Lulju 2012 mil-liġi dwar il-miżuri speċjali għar-reati kontra s-sigurtà (SOSMA), li llimitat il-perjodu massimu ta' detenzjoni mingħajr formulazzjoni ta' akkuża jew proċess għal 28 ġurnata; li jiġi espress id-diżappunt, madankollu, li l-istess dispożizzjonijiet tas-SOSMA għadhom limitati, pereżempju għal dak li jirrigwarda s-sistema ta' appell, li minkejja t-tibdiliet li sarulha xorta tista' twassal għal detenzjoni indefinita jekk il-ħlas ta' kawzjoni ma jkunx permess, u l-fatt li s-SOSMA tirrestrinġi drittijiet bażiċi bħall-privatezza tal-komunikazzjonijiet u tippermetti li s-sors tal-evidenza jkun moħbi, u b'hekk timpedixxi l-kontroeżami matul il-proċess;

(r) li jesprimi sodisfazzjon dwar il-fatt li l-avukati Malasjani wrew kuraġġ u awtonomija fid-difiża tal-valuri fundamentali tal-istat ta' dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura, u huma kapaċi jitkellmu favur u jiddefendu d-drittijiet ċivili u politiċi, għalkemm b'impatt limitat; li jesprimi apprezzament partikolari għax-xogħol imwettaq mill-Bar Council tal-Malasja; li jinnota t-tensjonijiet li rriżultaw bejn il-ġudikatura u l-professjonisti ġuridiċi u jqajjem tħassib dwar il-fatt li l-qafas istituzzjonali fl-istess ħin sar iktar riservat fir-rigward tar-rispett sħiħ għall-indipendenza tal-proċeduri ġuridiċi u l-esklusività tal-kompetenzi ġudizzjarji tal-qrati; li jiġi suġġerit li l-gvern jisma' u jindirizza t-tħassib dwar it-tensjonijiet ikkważati minn qrati statali li japplikaw ix-xarija li joperaw b'mod parallel mas-sistema nazzjonali ta' common law;

(s) li jistieden lill-Malasja tkun konformi mal-istandards soċjali miftiehma internazzjonalment; li jenfasizza l-importanza tal-konformità mar-regoli kollha tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-implimentazzjoni rapida tagħhom, inkluż id-dritt li jitwaqqfu liberament unjonijiet sindikalisti indipendenti; li jħeġġeġ kemm lill-awtoritajiet tal-Malasja u kemm lill-investituri u lill-kumpaniji Ewropej li joperaw fil-Malasja, jirrispettaw l-istandards internazzjonali tax-xogħol u jiggarantixxu ħlas u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fil-Malasja;

(t) li l-Malasja tiġi mistiedna tipproteġi d-drittijiet kostituzzjonali tal-Malasjani kollha fir-rigward tal-libertà ta' reliġjon jew twemmin u tippromwovi relazzjonijiet tajbin u t-toleranza bejn ir-reliġjonijiet; li jiġu kundannati, f'dan ir-rigward, it-twaqqigħ tat-tempji Ħindu fl-2006 u l-attakki fuq il-knejjes Kristjani u l-profanazzjoni tal-moskej fl-2010, u li jiġu kkundannati l-interventi politiċi u ġudizzjarji riċenti marbuta mal-użanzi lingwistiċi stabbiliti sew; li jintalab li l-Kristjani jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-dritt kostituzzjonali tagħhom li jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom skont it-tradizzjonijiet tagħhom mingħajr interferenzi jew biża ta' proċedimenti ġudizzjarji; li jintalab li jiġi rispettat id-dritt li l-Malasjani kollha jiddeċiedu l-affiljazzjoni reliġjuża tagħhom b'mod liberu; li tintalab it-tneħħija rapida tal-ostakoli

amministrattivi u ġuridiċi attwali għall-Musulmani li jikkonvertu għall-Kristjaneżmu jew il-Ħinduiżmu, u li l-istat jintalab joffri protezzjoni mill-proċedimenti ġudizzjarji lil persuni bħal dawn li jikkonvertu; li l-Malasja tintalab temenda, fl-interess tal-libertà reliġjuża, il-liġijiet fis-seħħ f'10 mit-13-il stat tal-Malasja li jipprojbixxu l-attività missjunarja minn persuni li mhumiex Musulmani u li jimponu sentenzi twal ta' priġunerija u swat għal dawk li jiksruhom;

(u) li l-gvern jitħeġġeġ itejjeb id-dritt tan-nisa sabiex igawdu l-ugwaljanza bejn il-ġeneru, speċjalment fir-rigward tal-liġi ta' xarrija u l-liġi tal-familja; li jieqaf l-użu tas-swat bil-qasba bħala kastig;

***Kooperazzjoni ekonomika, xjentifika u kulturali***

(v) li titqies b'mod pożittiv ir-rieda tal-Malasja li żżid l-effiċjenza fl-użu ta' enerġija, l-użu ta' enerġiji rinovabbli u l-investiment fit-teknoloġiji li jirrispettaw l-ambjent fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u l-bini, minkejja li hija produttur maġġuri taż-żejt u l-gass; li jitqies b'mod pożittiv ukoll il-fatt li l-Malasja rrikonoxxiet il-bżonn li tittrasforma l-ekonomija tagħha f'ekonomija b'livell baxx ta' karbonju bħala parti mir-responsabbiltà tagħha fil-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima; li jiġi enfasizzat li l-enerġiji rinovabbli, bħaż-żejt tal-palma u l-enerġija idroelettrika, għandhom jiġu prodotti b'mod sostenibbli għal dak li jikkonċerna l-impatt ambjentali, mingħajr ma jitnaqqsu l-foresti tropikali u l-bijodiversità u l-produzzjoni tal-ikel tiġi sostitwita bil-produzzjoni tal-fjuwil;

(w) li tiġi espressa l-opinjoni li filwaqt li l-Malasja bla dubju hija waħda mill-aktar ekonomiji ta' suċċess tax-Xlokk tal-Asja, jeħtieġ li tinvesti b'mod progressiv għall-kisba tal-għarfien akkademiku u xjentifiku biex tilħaq il-livell li jmiss ta' standard tal-għajxien u ssir pajjiż żviluppat ħafna; li jiġi appoġġat l-impenn lejn żieda fl-iskambji akkademiċi u l-kooperazzjoni permezz tal-programm Erasmus Mundus u l-proġett MYEULINK, u li jissuġġerixxi li l-iskambji għandhom ikunu miż-żewġ direzzjonijiet; li titħeġġeġ kooperazzjoni kulturali aktar mill-qrib, inkluża permezz tal-introduzzjoni tal-kultura Malasjana lill-pubbliku Ewropew;

(x) li jiġi espress l-apprezzament għall-fatt li l-Malasja hija waħda mill-ewwel pajjiżi li bdiet in-negozjati mal-UE fuq Ftehim Volontarju ta' Sħubija FLEGT, li għandu jiggarantixxi li l-injam esportat lill-UE mill-Malasja jiġi minn sorsi legali; li jintalab li n-negozjati jiġu konklużi li żmien utli, peress li l-UE huwa suq kbir għall-injam Malasjan;

(y) li jitfakkar id-dibattitu intern tal-UE dwar il-perikli li l-produzzjoni ta' bijokarburanti titħalla tkun iffavorita flok il-produzzjoni tal-ikel u li jiġi enfasizzat li l-kultivazzjoni taż-żejt tal-palma għall-bijofjuwil għandha titwettaq b'mod sostenibbli, billi jiġu evitati l-konversjoni forestali u t-telf tal-bijodiversità, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-art tal-poplu indiġenu u jiġu pprovduti opportunitajiet għall-ifqar komunitajiet li jtejbu l-livell ta' għajxien tagħhom;

(z) li jitħeġġeġ l-iżvilupp ulterjuri tat-turiżmu bejn l-UE u l-Malasja; iħaddan il-fehma li t-turiżmu ekoloġiku għandu potenzjal kbir fil-Malasja;

***Dispożizzjonijiet oħrajn***

(aa) li l-Parlament jiġi kkonsultat dwar id-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni parlamentari;

(ab) li jiġu inklużi parametri ċari u skadenzi vinkolanti għall-implimentazzjoni tal-ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni u jiġu provduti mekkaniżmi ta' monitoraġġ, inklużi rapporti regolari lill-Parlament;

(ac) li t-tim ta' negozjaturi tal-UE jitħeġġeġ ikompli bil-kooperazzjoni mill-qrib tiegħu mal-Parlament, billi jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar il-progress tan-negozjati skont l-Artikolu 218(10) TFUE;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni li fiha r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea/lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà (RGħ/VP), lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, kif ukoll lill-Gvern u lill-Parlament tal-Malasja.

P7_TA(2013)0368

# Il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej bħala sorsi ta' tkabbir ekonomiku u impjiegi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar "Il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej bħala sorsi ta' tkabbir ekonomiku u ta' impjiegi" Ir-Rapport dwar l-impatt tal-urbanizzazzjoni estensiva fi Spanja fuq id-drittijiet individwali taċ-ċittadini Ewropej, fuq l-ambjent u fuq l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE, fuq il-bażi tal-petizzjonijiet li rċieva (2012/2302(INI)).**

(2016/C 093/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) tal-20 ta' Ottubru 2005 dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali, (il-Konvenzjoni UNESCO dwar il-Protezzjoni tad-Diversità Kulturali),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2006/515/KE tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 u l-14 ta' Novembru 2006 u tal-24 u l-25 ta' Mejju 2007 ([2]), b'mod partikolari dwar il-kontribut tas-setturi kulturali u kreattivi għall-kisba tal-objettivi ta' Lisbona, kif ukoll ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2007 dwar Aġenda Ewropea għall-Kultura ([3]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-Programm Kultura (2007-2013) ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) ([5]),

— wara li kkunsdra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2008 dwar aġenda Ewropea għall-kultura fl-era tal-globalizzazzjoni ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatus soċjali tal-artisti ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2008 dwar l-industriji kulturali fl-Ewropa ([8]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar il-Kultura bħala katalista għall-Kreattività u l-Innovazzjoni ([9]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2009 bl-isem "Id-Dritt tal-Awtur fl-Ekonomija tal-Għarfien" (COM(2009)0532),

([1]) ĠU L 201, 25.7.2006, p. 15.
([2]) ĠU C 311, 21.12.2007, p. 7.
([3]) ĠU C 287, 29.11.2007, p. 1.
([4]) ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 327, 24.11.2006, p. 12.
([6]) ĠU C 247 E, 15.10.2009, p. 32.
([7]) ĠU C 125 E, 22.5.2008, p. 223.
([8]) ĠU C 247 E, 15.10.2009, p. 25.
([9]) Dok. 8749/1/09 REV 1 u 8749/1/09 REV 1 COR 1.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bl-isem "EWROPA 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2010 bl-isem "L-esplojtazzjoni tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi" (COM(2010)0183),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta' Ġunju 2010, bl-isem "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew" (COM(2010)0352),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar id-dimensjonijiet kulturali tal-azzjonijiet esterni tal-UE ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 bl-isem "L-isfruttar tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi" ([2]),

— wara li kkunsidra il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2012 dwar "aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali: Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku" ([3]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2012 dwar il-kontenut fis-Suq Uniku Diġitali (COM(2012)0789),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tas-Servizzi tal-Kummissjoni tas-26 ta' Settembru 2012 bl-isem "Competitiveness of the European High-end industries" (Il-Kompetittività tal-Industriji Ewropej ta' Kwalità Superjuri) (SWD(2012)0286),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Settembru 2012 bl-isem "Il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi għal tkabbir u l-impjiegi fl-UE" (COM(2012)0537),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta' Mejju 2013 ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0248/2013),

A. billi s-setturi kulturali u kreattivi (CCS), filwaqt li jiffavorixxu d-disseminazzjoni tal-innovazzjoni fis-setturi oħra, għandhom rwol importanti fl-iżvilupp ekonomiku (b'rigward speċjali għall-SMEs) u soċjali tal-Unjoni u huma parti integrali mill-Istrateġija Ewropa 2020 għal ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklussiva;

B. billi s-CCS jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, il-kreattività kif ukoll għad-diversità kulturali u lingwistika fl-Unjoni;

C. filwaqt li s-settur kulturali hu dak li ħassu l-anqas l-impatt tal-kriżi ekonomika, billi wera li hu qasam strateġiku għall-iżvilupp tas-soċjetà;

D. billi s-CCS għandhom jiġu rikonoxxuti kemm għall-valur kulturali intrinsiku tagħhom u kemm għall-kontribut importanti tagħhom għall-benessri pubbliku, għall-integrazzjoni soċjali u għall-koeżjoni u fl-ekonomija tal-Unjoni f'termini ta' tkabbir u ta' impjiegi, u għall-effett benefiku tagħhom fit-turiżmu;

---

([1]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 135.
([2]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 142.
([3]) Dok. 17566/12.
([4]) CdR 2391/2012.

E. billi l-produzzjoni kulturali u kreattiva Ewropea għandha impatt ekonomiku maġġuri f'bosta setturi bħalma huma t-turiżmu, il-bejgħ, it-teknoloġiji diġitali, eċċ;

F. billi s-CCS jinkludu varjetà wiesgħa ta' attivitajiet u servizzi kreattivi, bil-karatteristiċi partikolari tagħhom f'termini ta' mudelli ta' finanzjament u żvilupp; billi hu għaldaqstant importanti li titqies din id-diversità fl-iżvilupp tal-istrateġiji għall-appoġġ jew koordinament inkluża l-kooperazzjoni internazzjonali;

G. billi l-festivals fl-Ewropa jagħtu opportunità għall-promozzjoni tal-produzzjoni kulturali Ewropea u joħolqu valur kulturali, soċjali ekonomiku u turistiku fil-livell territorjali;

H. billi s-setturi tal-kultura u tal-kreattività huma magħmulin l-aktar mill-SMEs, li jifformaw ix-xewka tad-dahar tal-ekonomija tal-Unjoni;

I. billi fid-dokument ta' ħidma tas-26 ta' Settembru 2012 ([1]), il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-importanza tas-settur kulturali u kreattiv li jittratta prodotti bi prezz għoli (il-moda, l-arloġġi prezzjużi, il-fwejjaħ u l-kosmetiċi, l-aċċessorji, l-oġġetti tal-ġilda, l-għamara u t-tagħmir, apparat domestiku, gastronomija, inbejjed u xorb irqiq, karozzi, dgħajjes, lukandi u esperjenzi ta' divertiment, bejgħ bl-imnut u rkantijiet u pubblikazzjoni), u billi l-kumpaniji li jbigħu prodotti bi prezz għoli jistgħu jiswew ta' mutur għas-CCS kollha;

J. billi l-konsolidazzjoni tal-istejtus tal-ħaddiema fis-CCS tikkontribwixxi għall-istrutturar, il-fattibilità u l-kredibilità tal-attività ekonomika u l-konsolidazzjoni tal-impjiegi;

K. billi l-mobilità hija karatteristika importanti tas-CCS, imma billi għad hemm ħafna ostakli għaliha, li jvarjaw bejn il-pajjiżi u r-reġjuni u li huma marbutin mad-diffikultajiet fl-otteniment tal-viżi, nuqqas ta' status għall-artisti u l-kondizzjonijiet speċifiċi u żvarjati tal-produzzjoni artistika;

L. billi l-proġett pilota ta' bħalissa dwar "Ekonomija ta' diversità kulturali" għandu jagħti prospettiva tal-isfidi u s-soluzzjoni għas-CCS;

M. billi huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-edukazzjoni kulturali u artistika taċ-ċittadini tal-Unjoni mill-iktar età żgħira biex jiżviluppaw il-komprensjoni tal-arti, il-kultura, isemmgħu leħinhom u jiżviluppaw il-kuxjenza tagħhom dwar id-diversità kbira ta' kulturi li hawn fl-Ewropew u b'hekk titħeġġeġ il-kreattività tagħhom flimkien mal-espressjoni;

N. billi hemm il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazjoni bejn il-korpi ta' taħriġ u l-intrapriżi tas-CCS sabiex dawn iqisu l-bidliet fl-impjiegi u hemm il-ħtieġa għal kompetenzi speċifiċi u li jiġi promoss l-iskambju ta' informazzjoni;

O. Billi d-diversità u l-għana tas-setturi tal-kultura u tal-kreattività fl-Ewropa huma ferm ogħla milli f'żoni oħra fid-dinja, u billi għandu jittieħed benefiċċju minn dan biex jiżdied it-tkabbir;

P. billi l-mixja lejn l-era diġitali tikkostitwixxi opportunità għas-CCS billi r-rekwiżiti u s-servizzi l-ġodda se jidhru, li se jwasslu li jiġu żviluppati mudelli ekonomiċi ġodda;

Q. billi l-iżvilupp ta' mudelli ekonomiċi ġodda għall-aċċess onlajn għax-xogħlijiet kulturali qed jikber bil-kbir u għandu jiġi inkoraġġit b'qafas legali stabbli li jkun jippromwovi l-investiment fis-CCS;

R. billi huwa essenzjali li s-CCS jiġu żgurati l-aċċess għall-mezzi ta' finanzjament stabbli u adattati għall-ħtiġijiet tagħhom sabiex jiżguraw l-iżvilupp futur tagħhom;

([1]) SWD(2012)0286.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

S. billi s-CCS jikkostitwixxu element importanti għall-istrateġiji ta' żvilupp territorjali fil-livell lokali u reġjonali biex jintlaħqu objettivi ta' koeżjoni soċjali u tkabbir ekonomiku;

***Il-kondizzjonijiet meħtieġa għat-tkabbir tas-setturi kulturali u kreattivi***

1. Ifakkar li s-CCS għandhom rendimenti ekonomiċi tajba, u jagħtu kontribuzzjoni maġġuri għall-koeżjoni soċjali u jibqgħu joħolqu l-impjiegi, partikolarment għaż-żgħażagħ, kif ukoll għandhom potenzjal qawwi għall-innovazzjoni, minkejja d-diffikultajiet li qegħdin jiffaċċjaw bħalissa l-ekonomiji b'rabta mar-rekwiżiti ta' dixxiplina baġitarja tal-Unjoni;

2. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jkun hemm statistika aġġornata u affidabbli dwar is-CCS, b'mod partikolari dwar is-sitwazzjoni reali tagħhom, il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, inkluż f'termini ta' status, il-potenzjal tagħhom f'termini ta' impjiegi u tkabbir u l-impatt ekonomiku tagħhom fuq setturi oħra, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-iktar azzjoni politika adegwata għall-promozzjoni effikaċi ta' dawn is-setturi; jirrakkomanda t-twaqqif ta' osservatorju jew ta' database fuq is-CCS;

3. Jitlob lill-Kummissjoni tissokta tiżviluppa l-istudji u tiġbor id-data dwar ir-rwol ekonomiku u soċjali tas-CCS, b'mod partikolari billi l-element li jirbaħ fuq l-oħrajn fost il-varji setturi ekonomiċi;

4. Jiddispjaċih li l-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha dedikata għas-CCS ([1]) m'għandhiex ħlief orizzont u impatt limitati; jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu l-perspettivi f'dawn is-setturi fuq terminu itwal u li jiġi stabbilit programm ta' miżuri strutturati u konkreti sabiex dawn jiġu allinjati mal-Istrateġija Ewropea 2020; ifakkar li l-appoġġ għall-ħolqien mill-Unjoni, mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet lokali hu vitali;

5. Jistieden lill-Kummissjoni torganizza, abbażi tal-pjattaforma eżistenti dwar il-potenzjali tal-industriji kulturali u kreattivi, forum estiż li jiġbor flimkien lill-atturi ta' dawn is-setturi sabiex iqisu soluzzjonijiet konkreti u b'dan il-mod jipparteċipaw b'mod attiv fl-istabbiliment ta' programm politiku strutturat fuq terminu medju u twil;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinsistu fuq ir-rwol ta' pern tas-CCS fl-innovazzjoni, bil-għan li jinħoloq irbit trasversali, li joħloq effetti ta' agglomerazzjoni u ta' cluster u jagħti opportunitajiet ġodda għall-investiment u għall-impjiegi;

7. Jinnota li r-riċerka mmexxija mir-riċerka għandha tkun sostnuta minn objettiv favur it-tkkabir fi swieq ġodda bl-offerta ta' prodotti kreattivi innovattivi;

8. Iqis li l-appoġġ u t-trawwim tal-iżvilupp ta' sinerġiji ma' setturi oħrajn ma' setturi oħrajn huma kruċjali għalbiex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku; jissottolinja f'dan is-sens ir-rwol tat-turiżmu kulturali fil-ħolqien tal-ġid, fil-forma ta' familjarizzazzjoni mal-patrimonju kulturali tagħna u tal-attendenza fl-eventi kulturali bħalma huma l-festivals u l-vjaġġi marbutin mat-tagħlim tal-lingwi;

9. Jenfasizza n-natura fern varjata tal-ekosistemi kulturali u kreattivi u jinsisti fuq il-ħtieġa li tiġi indirizzata din il-kwistjoni billi tiġi promossa l-introduzzjoni ta' identità komuni permezz tat-tħeġġiġ ta' produzzjonijiet konġunti kif ukoll bil-ħolqien ta' spazji għad-djalogu komuni u l-iskambju bejn il-bosta protagonisti fi ħdan is-CCS, ħalli jinħolqu r-rabtiet ġodda bejn l-atturi u l-ħiliet u l-għarfien ikunu jistgħu jiġu ttrasferiti lejn u mill-fergħat l-oħrajn tal-ekonomija; jenfasizza l-fatt li dawn l-inizjattivi għandhom jippermettu li joħorġu l-interessi komuni tagħhom filwaqt li jqisu d-diversità kulturali, li għandha tiġi rikonoxxuta għall-għana tagħha, is-saħħa u l-potenzjal għall-iżvilupp tagħha li, flimkien, jgħinu biex tinħoloq identità komuni Ewropea;

10. Jissottolinja l-promozzjoni tal-għarfien u t-trasferiment reċiproku tal-ħiliet u l-għarfien essenzjali għall-kollaborazzjoni bejn l-impriżi kreattivi permezz tal-clusters tal-kompetittività, l-inizjattivi tal-eċċellenza u n-networking, u b'hekk joħolqu kultura komuni għas-CCS, u jinkoraġġixxu lis-setturi varji jaħdmu flimkien ħalli jlaħħqu mal-isfidi ekonomiċi u soċjetali ġodda b'mod aktar effikaċi;

11. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' bażi territorjali, ħalli l-ħiliet ikunu kondiviżi bejn is-setturi bil-ħolqien ta' clusters u t-titjib tal-iskambji sabiex jiġu attirati l-investituri li jippermettu lid-diversi intrapriżi kulturali u kreattivi (VSBs, SMEs, NGOs u istituzzjonijiet kulturali) jkomplu jiffavorixxu t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi;

([1]) COM(2012)0537.

12. Ifakkar li l-maġġoranza tal-kumpaniji fis-CCS huma impriżi żgħar jew ta' daqs medju, u jissottolinja, għaldaqstant, il-ħtieġa li jingħataw appoġġ partikolari f'dan il-kuntest;

13. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jippromwovu u jirrikonoxxu l-viżibilità tas-CCSs, li huma l-"eċċezzjoni kulturali" tal-Ewropa;

14. Jiġbed l-attenzjoni għad-diversità tar-regoli dwar is-CCS u jirrakkomanda li jkunu implementati l-miżuri għall-armonizzazzjoni tar-regoli u l-prattiki fl-Unjoni;

***Il-kundizzjonijiet tax-xogħol għal professjonisti fis-setturi kulturali u kreattivi***

15. Ifakkar li l-professjonisti fis-CCS irid jiġu ggarantit lilhom status soċjali ħalli jkunu jistgħu jgawdu kundizzjonijiet ta' xogħol sodisfaċenti u miżuri adegwati fir-rigward tas-sistemi fiskali, jeddhom għax-xogħol, jeddijiethom għas-sigurtà soċjali u l-jeddijiet tal-awtur biex titjieb il-mobilità fl-UE;

16. Jistieden li tingħata kunsiderazzjoni lill-miżuri għall-finanzjament ġust u għar-remunerazzjoni tal-artisti indipendenti; jisħaq, barra minn hekk, dwar il-ħtieġa li tittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-bosta sistemi Ewropej tas-sigurtà soċjali għal tali artisti fid-dawl tan-natura altament mobbli tagħhom;

17. Jistieden lill-Istati Membri jadattaw skemi ta' sigurtà soċjali għad-dinjiet tax-xogħol kreattiv, l-aktar fis-settur diġitali, billi jqisu l-fatt li n-nies fl-impjiegi kreattivi ta' sikwit iridu jalternaw bejn l-istatus ta' impjegat u l-istatus ta' min jaħdem għal rasu jew jagħmlu ż-żewġ tipi ta' xogħol simultanjament;

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippermettu lill-ħaddiema fis-CCS ikollhom aċċess għall-assikurazzjoni fuq is-saħħa u għall-assikurazzjoni (volontarja) għall-qgħad kif ukoll skemi ta' pensjoni okkupazzjonali u personali b'kondizzjonijiet li jifilħu jħallsu għalihom;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu standards minimi ta' sigurtà soċjali u ftehimiet kollettivi fis-CCS, inter alia, billi jorbtu l-appoġġ pubbliku mal-ottemperanza ma' tali standards;

***L-edukazzjoni u t-taħriġ***

20. Jenfasizza l-bżonn li l-Istati Membri jtejbu s-sistemi ta' taħriġ, ta' apprendistat u ta' kwalifiki, b'mod partikolari billi l-istudenti tad-dixxiplini kulturali u artistiċi jkunu jistgħu jiksbu taħriġ adattat għall-ħtiġijiet tad-dinja professjonali attwali, biex in-negozju u t-tagħlim jitqarrbu lejn xulxin u tiġi żgurata implementazzjoni effikaċi fl-Istati Membri kollha; iqis li fil-korsijiet tal-IT għandha tingħata biżżejjed attenzjoni lill-opportunitajiet fis-settur tal-kontenut onlajn (eż. l-imħatri fuq il-logħob);

21. Huwa tal-fehma li hu neċessarju, bħala parti mit-taħriġ fid-dixxiplini kulturali, artistiċi u kreattivi, ukoll li jkunu mgħallmin il-ħiliet li huma prerekwiżit għalbiex jingħata bidu għal impriża CCS;

22. Iqis li hu essenzjali li jitjiebu l-attrazzjoni u x-xbiha tat-taħriġ manwali, artistiku u kulturali fost l-allievi, il-ġenituri tat-tfal tal-iskola u l-istituzzjonijiet, u li tinġieb lura l-verità f'dak li għandu x'jaqsam mal-opportunitajiet u l-ħolqien tal-ġid, inkluż bit-twaqqif ta' osservatorju jew ta' database;

23. Jissottolinja l-importanza tal-preservazzjoni u l-promozzjoni tar-rabtiet tas-snajja' mas-setturi tas-CCS;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi n-natura speċifika tas-snajja' ewlenin, li huma għejun ġenwini ta' impjiegi Ewropej li huma msejsin fuq kriterji komuni għas-CCS ta' valur għoli; innovazzjoni u kreatività; eċċellenza u estetiżmu; know-how u teknoloġija; u tagħlim għal matul il-karriera u promozzjoni tal-għarfien;

25. Iqis li jeħtieġ li jissaħħu r-rabtiet bejn is-sistema tal-edukazzjoni, iċ-ċentri ta' riċerka, l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ u l-intrapriżi tas-CCS sabiex jinħolqu sinerġiji trasversali u interdixxiplinarji aktar inklussivi, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' pjattaforma ta' skambji u ta' alleanzi u ta' partenarjati li jgħinu lill-parteċipanti jaħsbu u jaġixxu b'mod li għandu

mnejn jwassal għal suċċess kollettiv, billi jiżdied iktar il-valur tal-kapital uman tal-Unjoni, jiġi żgurat għarfien imtejjeb fost il-protagonisti, jiġu identifikati ħiliet speċifiċi, jittejjeb il-fehim tal-iżviluppi fl-impjiegi u l-ħiliet u jitħeġġeġ spirtu intraprenditorjali;

26. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni twaqqaf alleanzi tal-għarfien bejn l-edukazzjoni ogħla u n-negozji fil-qasam tas-CCS;

27. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni twaqqaf alleanzi fis-settur tal-ħiliet bejn l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ u n-negozji fil-qasam tas-CCS;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri javvanzaw fit-triq tar-rikonoxximent reċiproku tas-suġġetti akkademiċi, tal-kwalifiki professjonali u tad-diplomi relatati mal-istudji kulturali u artistiċi;

29. Ifakkar fl-importanza ta' appoġġ għall-aċċess għall-kultura u l-għarfien letterarju u l-edukazzjoni dwarhom mill-iktar età żgħira u matul il-ħajja kollha sabiex jiġi promoss l-iżvilupp tal-kreattività u jiġu żviluppati t-talenti u jgħaddi l-għoġba għall-kultura;

30. Jaċċentwa l-ħtieġa urġenti għall-promozzjoni tal-kreattività tal-kreaturi żgħażagħ u għall-appoġġ tal-parteċipazzjoni pubblika fil-kreazzjoni tal-kultura;

31. Jikkunsidra li l-edukazzjoni artistika u kulturali hija meħtieġa għall-opportunitajiet indaqs, id-demokratizzazzjoni tal-aċċess għall-kultura u l-koeżjoni soċjali, bħala mezz ta' espressjoni u djalogu individwali u kollettivi u mezz ta' promozzjoni tal-komprensjoni reċiproka; jenfasizza barra minn hekk li tgħin lit-tfal tal-iskola jikkultivaw lilhom infushom billi jiżviluppaw l-abilitajiet artistiċi, jiltaqgħu mal-artisti, jaraw xogħlijiet tal-arti u jżuru postijiet ta' valur kulturali;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkonsidraw it-twaqqif ta' direttorju Ewropew tal-għarfien espert bil-għan li jkun preservat u promoss il-għarfien espert Ewropew; jistieden lill-Istati Membri u lill-istakeholders tas-CCS jiżviluppaw korsijiet ta' taħriġ dwar tali għarfien espert;

***Il-finanzjament tas-setturi kreattivi u kulturali***

33. Jikkunsidra bħala indispensabbli li jiġu permessi u żgurati skemi ta' finanzjament adegwati, u li ssir implimentazzjoni effettiva tal-istrumenti għas-CCS, b'mod partikolari għall-SMEs; jissottolinja l-ħtieġa li jinżammu u jissaħħu l-politiki governattivi b'appoġġ għas-CCS, u b'hekk jiżguraw il-fattibilità futura tax-xogħol kreattiv indipendenti ta' kwalità għolja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżviluppaw mezzi ta' valutazzjoni ta' xogħlijiet intanġibbli, b'mod partikolari billi jwaqqfu osservatorju jew banka data, u jikkunsidraw it-twaqqif ta' bank tal-investiment kulturali;

34. Jaċċentwa wkoll, f'dan is-sens, l-opzjonijiet il-ġodda bħalma huma l-finanzjament mill-kotra u l-investiment mill-kotra;

35. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu l-appoġġ u l-finanzjament xierqa għas-CCS fil-politiki soċjali u ekonomiċi tagħhom;

36. Jissottolinja l-ħtieġa li jkun hemm appoġġ għall-finanzjament Ewropew tas-CCS, inkluż fi żminijiet ta' kriżi ekonomika; espressament jitlob lill-Parlament imexxi 'l quddiem baġit ambizzjuż u sostanzjali għall-kultura; jistieden, għaldaqstant, lill-Kunsill ma jnaqqasx il-baġit allokat mill-Kummissjoni għall-programm "Ewropa Kreattiva";

37. Jissottolinja l-importanza tal-iżvilupp ta' servizzi ta' konsulenza u ta' għoti ta' pariri f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament tan-negozju u mal-ġestjoni ħalli jkunu megħjuna l-SMEs u l-VSBs huma u jaħkmu l-għodod meħtieġa għal governanza tajba tal-kumpaniji, bil-għan li jitjiebu l-ħolqien, il-produzzjoni, il-promozzjoni u d-distribuzzjoni tal-prodotti u s-servizzi kulturali;

38. Huwa tal-fehma li l-Istati Membri u l-professjonisti rilevanti kollha għandhom itejbu l-kapaċitajiet ta' inġinerija tal-proġetti tal-istakeholders tas-CCS billi jagħtu taħriġ vokazzjonali jew billi jwaqqfu korpi li jassistu fir-redazzjoni tal-pjanijiet finanzjarji;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

39. Jilqa' l-faċilitajiet proposti ta' self ikkontemplati skont il-programmi Ewropa Kreattiva, COSME u Orizzont 2020, billi dawn l-istrumenti joffru aktar opportunitajiet diversifikati ta' finanzjament lis-CCS;

40. Jissottolinja l-importanza tat-tkabbir tal-għarfien fl-istituzzjonijiet finanzjarji tal-karatteristiċi speċifiċi tas-CCS ħalli jitjieb l-aċċess għas-CCS għall-fontijiet privati ta' finanzjament;

41. Jitlob lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa filwaqt li jirrakkomanda tipi mħallta ta' finanzjament, bħal sħubiji pubbliċi-privati, li jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' trasparenza u li ma jipperikolawx il-finanzjament pubbliku meħtieġ, billi jitwaqqfu sistemi ta' garanziji għas-self għall-organizzazzjonijiet iż-żgħar u billi jesplora mezza alternattivi ta' finanzjament bħalma huwa l-finanzjament mill-kotra;

42. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jfittxu mezzi alternattivi ta' finanzjament għas-CCS, l-aktar fi żminijiet ta' kriżi; iqis, f'dan is-sens, li l-isponsorizzazzjoni tista' tkun opzjoni alternattiva fattibbli;

43. Hu tal-fehma li, fis-settur awdjoviżiv, il-kontribut tas-servizzi awdjoviżivi għall-finanzjament tax-xogħlijiet Ewropej awdjoviżivi hu essenzjali għall-appoġġ tal-isforzi kreattivi u għandu jissaħħaħ bi traspożizzjoni ċara u kwantifikata tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżivi ([1]);

44. Iħeġġeġ lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw qafas regolatorju favorevoli, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' ambjent favorevoli tan-negozju għall-SMEs fis-setturi tas-CCS billi jnaqqsulhom il-piżijiet amministrattivi u regolatorji;

45. Iħeġġeġ lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu aktar progress lejn l-armonizzazzjoni tat-taxxa u, b'mod partikolari, itemmu d-diverġenzi bejn l-Istati Membri fit-tassazzjoni tal-prodotti kulturali;

46. Ifakkar li f'dawn is-setturi hemm kwantità kbira ta' SMEs u jqis li jeħtieġ li tiġi stabbilita fiskalità adegwata għalihom biex jiżdied it-tkabbir u jiġi evitat li jisparixxu;

47. Ifakkar li l-fondi strutturali joffru perspettivi importanti f'termini ta' finanzjament għall-kultura, il-kreattività u l-innovazzjoni fl-Unjoni, billi l-investimenti msejsin fuq il-kultura jistgħu jirċievu finanzjament skont it-tlitt objettivi li huma tal-politika ta' koeżjoni, jiġifieri l-konverġenza, il-kompetittività reġjonali u l-impjiegi;

48. Jiddeplora l-proposta ta' xi Stati Membri li jirriduċu l-fondi għall-Faċilità Nikkonnettjaw l-Ewropa b'EUR 8,2 biljun fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li ġej, li se jkollha effett ħażin fuq l-appoġġ li jingħata lit-tkabbir tal-infrastruttura tal-broadband u b'hekk fuq l-iżvilupp tal-mudelli tan-negozju onlajn għas-CCS;

49. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni għall-użu tal-għodod u l-programmi eżistenti u futuri, bħalma huma l-MEDIA jew il-mekkaniżmu ta' garanzija tal-programm Ewropa Kreattiva, u biex isiru miżuri speċifiċi li jiffaċilitaw konsegwentement l-aċċess tal-atturi tas-CCS għall-finanzjamenti permezz tal-istrumenti tagħhom, b'enfasi partikolari fuq l-użu massimu effettiv tad-diġitizzazzjoni ta' pjattaformi għas-semplifikazzjoni tal-proċessi tat-tressiq, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni u l-minimizzazzjoni tal-piżijiet amministrattivi;

50. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw livell ambizjuzz għall-istrand MEDIA l-ġdida fl-QFP (2014-2020);

***L-opportunitajiet u l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni, il-globalizzazzjoni u l-aċċess għas-swieq internazzjonali***

51. Jemmen li l-għodod u l-pjattaformi diġitali u onlajn joffru opportunitajiet mingħajr preċedenti għalbiex is-CCS jiżviluppaw mudelli ġodda ta' negozju, jiġbdu udjenzi ġodda u jespandu s-swieq tagħhom kemm fl-Unjoni kemm fil-pajjiżi terzi;

---

([1]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1. Verżjoni korretta ppubblikata fil-ĠU L 263, 6.10.2010, p. 15.

52. Jissottolinja li l-eżistenza ta' 27 sistema differenti ta' ġestjoni tal-jeddijiet tal-proprjetà intellettwali hi ta' piż partikolari għas-CCS Ewropej, u li r-reġim frammentat ta' bħalissa jeħtieġ li jiġi riformat ħalli jkun iffaċilitat l-aċess għaċ-ċirkolazzjoni (globali) tal-kontenut, li għandha wkoll tikber, u b'mod tali li jkun permess lill-artisti, lill-kreaturi, lill-konsumaturi, lin-negozji u lill-udjenzi li jibbenefikaw mill-iżviluppi diġitali, mill-kanali l-ġodda ta' distribuzzjoni, mill-mudelli l-ġodda tan-negozju u minn opportunitajiet oħrajn;

53. Jikkunsidra li fl-era diġitali, sistema moderna u bilanċjata ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (DPI) li fl-istess ħin tippermetti li jiġi żgurat ħlas xieraq lill-kategoriji kollha ta' detenturi tad-drittijiet u jiġi żgurat lill-konsumaturi l-aċċess ħafif għal kontenut u għażla reali fir-rigward tad-diversità lingwistika u kulturali, hija kundizzjoni essenzjali għalbiex ikun żgurat li s-CCS ikunu komepetittivi;

54. Jaċċentwa li l-protezzjoni tad-DPI ma għandhiex thedded in-newtralità tal-Internet;

55. Jaċċentwa t-tkabbir esponenzjali fl-użu tas-servizzi diġitali innovattivi għall-aċċess għax-xogħlijiet kulturali, u jissottolinja l-ħtieġa li tkun żgurata ekosistema stabbli li tinkoraġġixxi l-investiment fis-CCS, il-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa u l-promozzjoni tal-mudelli innovattivi tan-negozju;

56. Jitlob konsegwentement lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas regolatorju li jkun adattat fuq il-karatteristiċi ta' dawn is-setturi, u li jarmonizza u jirriforma l-qafas tal-jeddijiet tal-awtur ħalli jtejjeb l-aċċess għall-kontenut u ħalli jsaħħaħ il-pożizzjoni u l-għażla tal-kreaturi, u jipproponi kondiviżjoni aħjar tar-responsabilitajiet fil-katin tal-valur diġitali, billi jagħti l-attenzjoni dovuta lill-kompetittività tas-CCS;

57. Jissottolinja f'dan is-sens ir-rwol importanti tas-soċjetajiet ta' ġbir fil-għoti ta' aċċess għall-wirt kulturali billi jeżegwixxu b'mod effikaċi l-DPI u jissemplifikaw il-formalitajiet għall-utenti;

58. Ifakkar fil-kooperazzjoni internazzjonali u fil-potenzjal tas-CCS fir-rigward tal-esportazzjoni u fil-fatt li hu fl-interess tal-Unjoni li tippromwovi l-iskambji fost il-professjonijiet fis-settur, inkluż f'pajjiżi terzi, u li tattira u tiżviluppa t-talenti kreattivi; jissottolinja r-rwol importanti tal-industriji tal-kultura u tal-kreattività fit-tixrid, l-attrazzjoni u l-promozzjoni tal-kultura Ewropea;

59. Jissottolinja l-ħtieġa ta' ħidma favur ir-rikonoxximent reċiproku tal-istatus tal-artisti, ħalli jinsabu mezzi kif jingħataw opportunitajiet għall-mobilità u kif l-aħjar li jsir użu mill-programmi ta' taħriġ, netwerking u moviment liberu tal-professjonisti tas-CCS, l-aktar l-istakeholders kulturali, kif ukoll l-artisti u x-xogħlijiet;

60. Iqis li hu essenzjali li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżommu l-possibbiltà li jippreservaw u jiżviluppaw il-politiki kulturali u awdjoviżivi tagħhom, u li jagħmlu dan fil-kuntest tal-liġijiet, tal-istandards u tal-ftehimiet eżistenti tagħhom, inkluża l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali; jitlob, għaldaqstant, li l-esklużjoni tas-servizzi kulturali u awdjoviżivi, inklużi dawk mogħtijin onlajn, tkun kjarament dikjarata fil-ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi; jagħmel enfasi f'dan is-sens fuq il-ħtieġa li l-kultura u l-awdjoviżiv jinżammu 'l barra mill-ambitu tal-mandat ta' negozjar għall-ftehima ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika, filwaqt li jfakkar li x-xogħlijiet kulturali u kreattivi ma humiex prodotti bħall-oħrajn;

61. Jisħaq dwar il-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jfasslu u jirrediġu, skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005, politiki li jkunu favur id-diversità kulturali u li jkunu joqogħdu għall-era diġitali;

62. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħew il-politiki dwar id-diġitalizzazzjoni tax-xogħlijiet għall-promozzjoni tal-aċċess għal kemm jista' jkun wirt kulturali Ewropew;

63. Jissottolinja l-importanza tad-diplomazija kulturali kif ukoll il-ħtieġa li l-UE taġixxi ta' attur globali ħalli tkattar il-kompetittività global tas-CCS tagħha;

64. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strumenti xierqa li jippermettu lis-CCS jesportaw lejn is-swieq internazzjonali bil-kondizzjonijiet it-tajbin;

65. Jistieden li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jintuża għall-promozzjoni tas-CCS;

66. Ifakkar li dik il-kultura għandha effetti indiretti fuq setturi oħrajn tal-ekonomija; jitlob, għaldaqstant, lis-CCS itejbu l-kooperazzjoni mas-setturi l-oħrajn bħalma huma t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u t-turiżmu bil-għan li jissodisfaw l-isfidi tat-teknoloġija diġitali, tal-globalizzazzjoni u tal-aċċess għas-swieq internazzjonali;

***L-iżvilupp lokali u reġjonali***

67. Jinsisti fuq l-importanza tal-politiki territorjali tal-kultura u l-kreattività, u għalhekk fuq ir-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u makroreġjonali fil-promozzjoni u l-appoġġ tas-CCS, filwaqt li titqies ukoll il-kultura popolari, billi jsir użu mill-istrumenti u l-arranġamenti finanzjarji t-tajbin; jilqa' l-inizjattivi meħudin mill-amministrazzjonijiet pubbliċi għall-iżvilupp tal-istrutturi ta' sostenn ta' negozju reġjonali għall-industriji kreattivi, inkluż permezz ta' proġetti finanzjarji mill-UE;

68. Jissottolinja li l-industriji kulturali u kreattivi għandhom ikunu parti mill-istrateġiji soċjoekonomiċi tal-UE u nazzjonali; jissottolinja l-ħtieġa għal aktar koordinament ta' diversi politiki, inklużi l-politiki industrijali, edukattivi u ta' innovazzjoni, il-politiki tat-turiżmu, reġjonali, urbani, lokali u tal-iżvilupp tal-ispazju; iħeġġeġ ukoll lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex, b'konformità mal-prinċipju tas-solidarjetà, jinkludu s-CCS fl-istrateġiji ekonomiċi tagħhom fuq perjodu medju u fit-tul;

69. Jindika n-natura trasversali tal-industriji kulturali u kreattivi bħala għodda ta' komunikazzjoni attraenti u l-importanza globali ta' dawn l-industriji mhux biss għall-ekonomija dinjija, iżda wkoll għat-tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklużiv, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp tas-soċjetà; jishaq fuq il-fatt li dawn is-setturi għandhom potenzjal lokali u reġjonali rikk ta' tkabbir li jirrappreżenta opportunitajiet tas-suq ġodda għall-imprendituri ta' industriji kulturali u kreattivi u b'hekk għall-impjieg fis-settur kulturali;

70. Jemmen li l-kompetenzi differenti koperti minn dawn l-industriji, kif ukoll l-interazzjoni bejn il-ħallieqa u t-teknoloġiji, spiss huma bbażati lokalment u għalhekk għandhom jiġu appoġġjati bit-twaqqif ta' pjattaformi, netwerks, raggruppamenti, inkubaturi tan-negozju u sħubiji lokali u reġjonali li jrawmu sinerġiji, jgħinu biex jinstabu mekkaniżmi għall-finanzjament tal-kreattività u l-innovazzjoni, u jappoġġjaw il-ġestjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u l-opportunitajiet ta' finanzjament;

71. Jissottolinja l-importanza tal-kultura fir-revitalizzazzjoni ekonomika tal-ibliet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja t-tagħlim fost l-ugwali qalb l-amministrazzjonijiet urbani ħalli dawk fil-gvernijiet lokali li jieħdu d-deċiżjonijiet jikkondividu l-prattiki tajbin;

72. Jemmen li l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura kulturali tista' tgħin għar-rivitalizzazzjoni taz-zoni urbani, billi jiżguraw il-benefiċċji soċjali u ekonomiċi;

73. Jirrakkomanda li jkun sfruttat il-potenzjal ekonomiku moħbi fis-setturi kreattivi ħalli titjieb il-kwalità tal-ħajja fl-ibliet u fir-reġjuni;

74. Jipproponi approċċ imsejjes fuq id-dinamika territorjali bil-għan li jiddaħħlu l-istakeholders kollha (l-artisti, l-awtoritajiet lokali, ir-rappreżentanti tal-professjonijiet, eċċ) fil-governanza kulturali fil-livell lokali u reġjonali;

75. Jindika li l-industriji kulturali u kreattivi, bħala għajn ta' potenzjal f'termini ta' impjiegi fi kwantità u ta' kwalità akbar fir-reġjuni, jistgħu jikkontribwixxu għal integrazzjoni soċjali u territorjali; hu mħasseb li dawn l-aspetti tal-industriji kulturali u kreattivi mhumiex analizzati u appoġġati biżżejjed; jishaq li l-ġbir tad-data statistika f'dawn is-setturi hu inadegwat fil-livelli kollha, u li l-agħar sitwazzjoni tinsab fil-livell reġjonali u lokali; jenfasizza li l-impatt tal-ICT dwar is-setturi kulturali u kreattivi għandu jiġi analizzat, sabiex dawn jiġu adattati għall-ambjent teknoloġiku ġdid u marbuta ma' żviluppi teknoloġiċi;

76. Jenfasizza li s-CCS, b'mod partikolari s-SMEs, jikkostitwixxu ingranaġġ importanti għat-tkabbir u l-iżvilupp fil-livell lokali, reġjonali u transkonfinali (Stat Membru), b'mod partikolari billi jkunu promossi l-wirt, it-turiżmu u ċentri ta' eċċellenza kulturali, biex jippromwovu l-faxxinu tat-territorji, billi tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni b'wirt kulturali kbir, ir-ristrutturazzjoni tan-nisġiet soċjoekonomiċi, il-ħolqien ta' attivitajiet ġodda u l-ħolqien ta' impjiegi stabbli u sostenibbli; ifakkar li dan japplika b'mod partikolari għat-turiżmu, billi l-ibliet u r-reġjuni b'settur f'saħħtu tal-kultura huma partikolarment attraenti għat-turisti;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

77. Jevidenzja l-importanza tal-iskemi edukattivi għall-promozzjoni tal-kreattività miż-żgħożija 'l quddiem, u għat-trawwim tal-edukazzjoni artistika u kulturali permezz tal-promozzjoni tal-interess fix-xogħol u l-prodotti tal-industrija kreattiva matul l-edukazzjoni primarja u sekondarja; jisħaq fuq il-fatt li billi l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma ta' sikwit responsabbli mill-edukazzjoni ta' qabel l-iskola u dik primarja, għandu jkollhom rwol edukattiv u kulturali importanti f'dan il-proċess tal-indirizzar tal-kultura u l-kreattività bħala parti integrali mill-iżvilupp reġjonali u urban; jissottolinja l-importanza tat-taħriġ mhux formali għall-adulti biex jiżviluppaw kapaċitajiet ta' adattament għal suq tax-xogħol li qed jinbidel kostantement.

78. Jenfasizza li l-fondi disponibbli skont il-QFP futur, speċjalment taħt il-FSE u l-FEŻR, għandhom jintużaw biex isaħħu l-industriji kulturali u kreattivi kif ukoll il-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali nazzjonali, reġjonali u lokali biex jaħdmu flimkien, biex jiżdied il-qligħ ekonomiku, soċjali, edukattiv u kulturali minn dawn l-industriji; jiġbed l-attenzjoni għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, fejn huwa aktar ikkumplikat biex jitwaqqfu u jiġu żviluppati l-industriji kulturali u kreattivi;

79. Hu tal-fehma, għaldaqstant, li r-rekwiżiti tat-territorjalizzazzjoni li ġew b'riħet ċerti miżuri reġjonali jew nazzjonali ta' għajnuna għaċ-ċinema għenu li tinżamm din ir-rabta bejn il-kultura u l-ġeografija u għandhom jinżammu, skont il-kondizzjonijiet misjubin fil-komunikazzjoni tal-2001 dwar iċ-Ċinema ([1]);

80. Jinnota li s-CCS huma soġġetti għal trasformazzjoni dinamika u jippermettu l-ħolqien ta' clusters li jmexxu l-progress u l-iżvilupp tal-ibliet u tar-reġjuni;

81. Jirrimarka l-fatt li l-industriji kulturali u kreattivi jikkontribwixxu għaż-żamma u t-titjib tal-wirt kulturali, storiku u arkitettoniku kbir tal-Ewropa; jisħaq fuq l-importanza tal-wirt kulturali mobbli, jiġifieri artefatti bħala prodott tal-kreattività tal-bniedem mill-antikità sal-lum; jenfasizza li s-CCS huma importanti għall-iżvilupp tal-industrija tat-turiżmu tal-UE, u huma ta' interess kbir għat-turisti mill-pajjiżi kemm tal-UE kemm mhux tal-UE; jemmen li, fid-dawl ta' dan il-valur miżjud, is-CCS għandhom ikunu appoġġjati b'mod b'saħħtu mill-baġit futur tal-UE u permezz ta' dokumenti ta' ipproggrammar nazzjonali u reġjonali imfassla għall-perjodu 2014-2020, billi jġibu magħhom opportunitajiet ekonomiċi importanti;

82. Jissottolinja l-ħtieġa tal-preservazzjoni tal-wirt nazzjonali u l-promozzjoni tal-kontenut kulturali ta' reġjun partikolari kemm lokalment kemm barra mill-pajjiż;

83. Iqis li n-nies, prodotti u servizzi kreattivi, bħala parti mid-diversità kulturali tal-UE, għandhom ikunu l-bażi ta' suq uniku Ewropew b'saħħtu u reġjuni żviluppati sew, kif ukoll dawk tal-ekonomiji lokali fejn jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda u impjiegi ġodda; jitlob li jkun hemm użu aħjar tal-industriji kulturali u kreattivi fl-attrazzjoni tal-investiment u t-talent varjat lejn l-Ewropa; jenfasizza li l-intraprendituri fis-CCS m'għandhomx aċċess faċli għal finanzjament; jitlob lill-Istati Membri jadottaw miżuri soċjali u fiskali adegwati u jappoġġjaw l-ekonomija kreattiva kif ukoll mudelli ta' negozju ġodda għall-industriji kulturali u kreattivi adattati għas-suq Ewropew, li jkun jippermetti l-mobilità tal-artisti u n-nies li jaħdmu fl-industriji kulturali u kreattivi u jgħinuhom jegħlbu l-ostakli marbutin mas-sistemi fiskali jew soċjali differenti jew l-ostakli lingwistiċi, u jippromwovu fehim aħjar fost il-pajjiżi u l-kulturi;

o

o o

84. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

([1]) ĠU C 43, 16.2.2002, p. 6.

P7_TA(2013)0374

# Mikroġenerazzjoni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-mikroġenerazzjoni – il-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana fuq skala żgħira (2012/2930(RSP))**

(2016/C 093/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 192(2) u 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-użu effiċjenti tal-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tirrevoka d-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE ([2]) u l-implikazzjonijiet tagħha għall-ġenerazzjoni tat-tisħin u l-enerġija,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija ([3]), id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija ([4]) u r-regolamenti ta' implimentazzjoni rispettivi tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn suq intern tal-enerġija effiċjenti" (COM(2012)0663) u d-dokumenti ta' ħidma li jakkumpanjawha (SWD(2012)0367 u SWD(2012)0368),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "L-Enerġija Rinnovabbli: attur ewlieni fis-suq Ewropew tal-enerġija" (COM(2012)0271),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar ir-Reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza Enerġetika ([5]),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar il-mikroġenerazzjoni (E-010355/2011),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar proġetti ta' investiment ta' sħubiji ċiviċi għal impjanti tal-enerġija solari (E-011185/2012),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar il-mikroġenerazzjoni (O-000074/2013 – B7-0217/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-aċċess għal enerġija biżżejjed għal standard tal-għajxien deċenti huwa dritt bażiku għal kulħadd u billi l-prezzijiet tal-enerġija għolew b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin;

B. billi l-Unjoni Ewropea qiegħda ssir dejjem aktar dipendenti fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi għall-provvista tal-enerġija tagħha u għalhekk hemm bżonn bidla sabiex tassigura l-miri tagħha dwar il-klima, l-enerġija u t-tkabbir;

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.
([2]) ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.
([3]) ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.
([4]) ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1.
([5]) ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 66.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

C. billi l-użu tal-fjuwils fossili bħala sors ta' enerġija żied il-livelli ta' CO2 fl-atmosfera tagħna u b'hekk ikkontribwixxa għat-tibdil fil-klima globali; billi l-UE stabbiliet miri għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli għall-2020 u fil-preżent qed taħdem fuq qafas ta' politiki dwar il-klima u l-enerġija għall-2030; billi dispożizzjonijiet dwar il-ġenerazzjoni tal-enerġija fuq skala żgħira (mikroġenerazzjoni) jeżistu iżda huma mferrxin f'inizjattivi leġiżlattivi u non-leġiżlattivi bħad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija;

D. billi l-mexxejja tal-UE għandhom jagħtu eżempju ta' kif għandha tiġi indirizzata t-tranżizzjoni tal-enerġija, filwaqt li jqisu l-ħtieġa li jiġu involuti ċ-ċittadini tal-UE kollha, indipendentement mid-dħul finanzjarju u l-ġid tagħhom; billi l-enerġija fuq skala żgħira tista' tgħin fit-tisħiħ tal-koeżjoni komunitarja, fil-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku, toħloq impjiegi ġodda u tkabbir ekonomiku u tirriżulta f'approċċ ġdid ta' kif tiġi affrontata l-kriżi ekonomika attwali;

E. billi l-ġenerazzjoni fuq skala żgħira u deċentralizzata tal-enerġija tirrappreżenta opportunità għad-djar u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, kif ukoll għal komunitajiet f'żoni kemm urbani kif ukoll rurali, biex dawn jaħdmu id f'id biex jegħlbu t-tibdil fil-klima billi jsiru produtturi tal-enerġija; billi l-konsumaturi għandhom jiksbu għarfien dwar modi effiċjenti ta' produzzjoni u konsum tal-enerġija; billi l-għoti ta' setgħa lill-konsumaturi biex jiġġeneraw l-elettriku u s-sħana tagħhom stess jista' jwassal għal soċjetà aktar sostenibbli u parteċipattiva; billi l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-suq intern tal-enerġija tindirizza l-kwistjoni tal-għoti ta' setgħa lill-produtturi-konsumaturi; billi diġà hemm bosta opportunitajiet għall-konsumaturi biex jieħdu impenn attiv fil-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija effiċjenti, iżda għad hemm sfidi li għandhom jiġu indirizzati;

F. billi l-mikroġenerazzjoni tal-enerġija tista' wkoll tiżvolġi rwol f'livell globali;

G. billi l-inċentivi għall-ġenerazzjoni tal-enerġija u tas-sħana fuq skala żgħira jvarjaw ħafna bejn Stat Membru u ieħor; billi l-politiki tal-UE għandhom jiġu implimentati aħjar biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fuq skala żgħira fl-UE;

***Definizzjoni***

1. Jiddefinixxi, għall-finijiet ta' din ir-riżoluzzjoni, it-terminu mikroġenerazzjoni bħala: 1) ġenerazzjoni fuq skala żgħira ta' tisħin/tkesiħ u enerġija li tipprovdi l-elettriku minn individwi u SMEs sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet tagħhom stess; u 2) forom differenti ta' produzzjoni fuq skala żgħira fi gruppi jew kooperattivi fil-livell Komunitarju eżistenti biex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet lokali; jinnota li l-mikroġenerazzjoni tinkludi varjetà ta' teknoloġiji (l-idroelettriku, ġeotermali, l-enerġija solari, tal-baħar, tar-riħ, il-pompa tas-sħana, il-bijomassa) li għandhom fokus speċifiku fuq dimensjonijiet rinnovabbli u sostenibbli;

***Introduzzjoni***

2. Isostni li l-mikroġenerazzjoni jeħtieġ li għandha tkun element fundamentali fil-ġenerazzjoni futura tal-enerġija jekk l-UE trid tilħaq il-miri tagħha dwar l-enerġija rinnovabbli fit-tul; ifakkar li l-mikroġenerazzjoni qed tikkontribwixxi għaż-żieda fis-sehem globali tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija fl-UE u tiffaċilita l-konsum tal-elettriku effiċjenti qrib il-punt tal-ġenerazzjoni, billi jiġi evitat telf ta' trasmissjoni;

3. Ifakkar li l-impenn b'suċċess lejn il-mikroġenerazzjoni jiddependi minn bosta fatturi diversi, inkluż: suq intern Ewropew tal-enerġija li jaħdem sew; żvilupp tekniku ta' unitajiet tal-mikroġenerazzjoni; l-użu ta' infrastruttura tal-enerġija intelliġenti, speċjalment fil-livell tad-distribuzzjoni; u politiki effettivi fuq medda qasira, medja u twila u skemi ta' appoġġ li jkunu ta' inċentiv għall-mikroġenerazzjoni fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali;

4. Jagħraf ir-rwol tar-riċerka u t-teknoloġija għat-titjib tal-effiċjenza u t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-mikroġenerazzjoni;

5. Jirrimarka li ostakli speċifiċi qed jillimitaw l-użu fuq skala ikbar ta' teknoloġiji ta' mikroġenerazzjoni, u fosthom: l-isfida dovuta għall-ispejjeż diretti tal-investiment; il-kumplessità amministrattiva ta' livell għoli assoċjata b'rabta ma' u l-aċċess għall-grilja tal-elettriku; in-nuqqas ta' għarfien dwar l-iffrankar tal-enerġija u tal-ispejjeż offrut minn teknoloġiji ta' mikroġenerazzjoni differenti tul il-ħajja kollha tagħhom;

6. Jirrimarka li l-faqar enerġetiku huwa problema li qed tikber; jenfasizza li l-iffaċilitar tal-mikroġenerazzjoni fil-livell individwali u Komunitarju jista' jagħti s-setgħa lill-konsumaturi biex isiru aġenti effettivi fis-settur tal-enerġija filwaqt li jkollhom iktar kontroll fuq l-użu tal-enerġija u jnaqqsu l-ammont ta' enerġija li jkollhom jixtru, u b'hekk jipprevjenu l-faqar tal-enerġija; jenfasizza li l-mikroġenerazzjoni tagħti l-opportunità li tifforma lis-soċjetà mill-ġdid b'mod iktar sostenibbli, kooperattiv u ġust; jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-inkwilini, li sikwit jiġu skoraġġati milli jagħmlu titjib relatat mal-effiċjenza jew milli jiġġeneraw l-enerġija tagħhom stess;

7. Jenfasizza li t-teknoloġiji tal-mikroġenerazzjoni bħal stallazzjonijiet ta' sħana u enerġija kombinati (CHPs) mikro u enerġiji rinnovabbli fuq skala żgħira jagħmluha possibbli li jeżisti bini b'enerġija żero u enerġija pożittiva li jipprovdu l-enerġija għall-grilja elettriku żejjed fil-bini;

8. Jinnota l-importanza tal-promozzjoni ta' kooperattivi lokali tal-enerġija rinnovabbli kemm fiż-żoni rurali kif ukoll urbani sabiex jiżdied l-appoġġ pubbliku għall-enerġija rinnovabbli u s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-produzzjoni tal-enerġija fuq skala żgħira, jittejjeb l-aċċess għall-enerġija rinnovabbli u jiġi ġenerat l-investiment; jinnota l-importanza tal-promozzjoni ta' aggregaturi lokali u reġjonali li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni sikuri u effiċjenti taċ-ċittadini fis-suq tal-elettriku, bil-garanzija ta' prezzijiet ġusti għall-produttur-konsumatur għas-servizzi pprovduti lis-sistema tal-enerġija; jinnota li l-awtoritajiet lokali għandhom rwol importanti biex jippromwovu u jinċentivaw il-mikroġenerazzjoni fost iċ-ċittadini, l-SMEs u l-partijiet interessati;

9. Hu tal-fehma li hemm biss ftit ċittadini tal-UE li jafu dwar il-benefiċċji tal-mikroġenerazzjoni, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu passi biex jippubbliċizzaw is-soluzzjonijiet tal-mikroġenerazzjoni u l-aqwa prattiki f'dan il-qasam;

10. Jinnota li ftit hemm informazzjoni disponibbli dwar il-kapaċità u l-potenzjal futur tal-mikroġenerazzjoni fl-UE; jemmen li b'għarfien aħjar tagħha tkun tista' tiżvolġi rwol kruċjali fil-politika dwar il-klima, l-enerġija u l-industrija;

11. Josserva li, sabiex tiġi promossa l-mikroġenerazzjoni tal-elettriku, huma meħtieġa arloġġi tal-elettriku intelliġenti li jistgħu jikkalkulaw l-elettriku użat għall-finijiet tal-produttur stess u s-sehem li se jidħol fil-grilja, u arloġġi tal-enerġija termika biex jimmonitorjaw is-sħana li tidħol u toħroġ minn proprjetà li hija parti minn netwerk tat-tisħin, sabiex l-enerġija termika prodotta tista' tiġi kreditata;

12. Josserva li ta' spiss hu vjabbli li s-sħana u l-enerġija kombinati prodotti minn impjanti jiddaħħlu wkoll fil-kuntest tal-mikroġenerazzjoni, peress li dan ta' spiss itejjeb l-effiċjenza enerġetika b'mod sustanzjali;

13. Jinnota li l-adozzjoni tal-mikroġenerazzjoni fuq skala kbira tirrappreżenta pass importanti fit-tranżizzjoni mis-sistema tal-enerġija ċentralizzata storika għal sistema flessibbli u deċentralizzata meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi tal-klima u l-enerġija tal-UE; jnfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-mikroġenerazzjoni issa, filwaqt li jiġu indirizzati b'mod ġust kwistjonijiet b'rabta mad-distribuzzjoni ta' operaturi tan-netwerk, inkluż il-qsim tal-ispejjeż u l-bżonn għal investiment f'teknoloġiji intelliġenti; jenfasizza li l-impatt pożittiv ta' servizzi anċillari pprovduti minn mikroġeneraturi u li jikkontribwixxu għall-iżgurar tal-operazzjoni tas-sistema għandhom jiġu definiti sew u trattati b'mod ġust; jenfasizza għalhekk il-bżonn li jittieħdu d-deċiżjonijiet ġusti u jiġu adottati l-objettivi ġusti issa u li ma jibqgħux jiġu posposti l-investiment adegwat u r-regolamentazzjoni ambizzjuża;

14. Jirrimarka li jista' jkollu spejjeż kbar il-fatt li tiżdied il-kapaċità għall-mikroġenerazzjoni fl-UE, u li żieda fl-investiment fil-mikroġenerazzjoni minn produtturi/konsumaturi individwali tfisser li jkun neċessarju wkoll investiment ieħor f'livelli differenti tas-sistema tal-enerġija, pereżempju fis-sistemi ta' distribuzzjoni u trażmissjoni li jiffaċilitaw l-użu tal-mikroġenerazzjoni; jenfasizza li jista' jkun li dan ma jipperikolax is-sigurtà sħiħa tal-provvista jew iżid b'mod artifiċjali l-prezzijiet tal-enerġija; jaqbel mal-Kunsill Ewropew li l-politika tal-enerġija tal-UE għandha tiżgura s-sigurtà fil-provvista għall-familji u l-kumpaniji bi prezzijiet u spejjeż raġonevoli;

***Il-qafas regolatorju***

15. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal rakkomandazzjonijiet, abbażi tal-aħjar prattiki għal regolaturi u operaturi tas-sistema, dwar kif iqassru u jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi involuti fl-operazzjoni u l-kollegament tal-unitajiet ta' mikroġenerazzjoni mal-grilja, b'fokus partikolari fuq l-istabbiliment ta' proċeduri one-stop-shop; jenfasizza l-bżonn li tiġi promossa l-implimentazzjoni ambizzjuża ta' linji gwida eżistenti, bhad-dispożizzjonijiet dwar l-unitajiet tal-mikroġenerazzjoni fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika;

16. Jinnota li l-enerġija prodotta mill-mikroġeneraturi, meta tiġi kkonsmata mill-ewwewl u lokalment, tgħin biex jiġu pprevenuti l-flussi ta' enerġija u telf relatat fis-sistema u żżid is-sens ta' sjieda fost il-"produtturi-konsumaturi"; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw mekkaniżmi speċifiċi biex titħeġġeġ l-awtosuffiċjenza flimkien ma' tnaqqis globali tal-konsum;

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lir-regolaturi nazzjonali jiżviluppaw oqfsa regolatorji li jiddefinixxu rwoli u responsabbiltajiet tal-atturi kollha b'rabta mal-grilji ta' distribuzzjoni, b'fokus partikolari fuq il-kundizzjonijiet li jippermettu l-adozzjoni ta' aggregazzjoni, minħabba r-rwol kruċjali futur tagħha għall-parteċipazzjoni attiva tal-mikroġenerazzjoni fis-sistema;

18. Jinnota r-rwol dejjem iktar importanti tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni (DSOs) f'netwerk tal-enerġija iktar deċentralizzat, fil-provvista tas-sikurezza tal-provvista u operazzjoni tan-netwerk stabbli u affidabbli filwaqt li tiġi żgurata l-privatezza tad-data għall-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni u lir-regolaturi nazzjonali jirrikonoxxu dan ir-rwol u jiffaċilitaw l-investiment tad-DSOs jinvestu fis-sistema ta' distribuzzjoni, bil-għan li jtejbu l-effiċjenza globali tas-sistema tal-enerġija; jitlob barra minn hekk li jkun hemm rwol definit b'mod iktar ċar għad-DSOs fl-organizzazzjoni tal-bilanċ u servizzi anċillari oħrajn;

19. Jemmen li hemm bżonn ta' azzjoni koordinata effikaċi fuq il-ġenerazzjoni tal-enerġija fuq skala żgħira fl-UE bħala parti mill-ħolqien tas-suq intern tal-enerġija Ewropew;

20. Jinnota li bosta Stati Membru għandhom objettivi u strutturi differenti għad-dispożizzjonijiet fiskali u legali tagħhom dwar il-mikroġenerazzjoni, u li dan jista' jikkostitwixxi ostaklu għall-impenn wiesa' lejn il-mikroġenerazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tidentifika l-linji baġitarji taħt il-programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa (IEE) u taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tneħħi l-ostakli eżistenti fil-liġijiet nazzjonali dwar l-aċċess għall-finanzi għal proġetti ta' mikroġenerazzjoni individwali u tl-kooperattivi, toħloq strumenti finanzjarji mmirati (eż. mikrokrediti), u xxerred l-aħjar prattiki fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet;

21. Jistieden lill-Istati Membri jqisu l-ispeċifiċitajiet tal-mikroġenerazzjoni meta jfasslu u jirrieżaminaw inċentivi nazzjonali u skemi ta' appoġġ biex jiżguraw li jkunu xierqa għall-ġenerazzjoni tal-enerġija fuq skala żgħira;

***Infrastruttura, prodotti u standards***

22. Jitlob biex mingħajr dewmien jiġi implimentat bis-sħiħ it-tielet pakkett tal-enerġija, u b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-miters, sabiex jiġu faċilitati l-attivitajiet tal-konsumaturi produtturi fil-grilja, kif ukoll ġestjoni effettiva tad-distribuzzjoni; jitlob li jkun possibbli li l-enerġija tiġi ttrasferita bejn produttur u konsumatur fuq skala żgħira wkoll, pereżempju f'viċinat jew kooperattiva; jitlob lill-Istati Membri biex, fejn jidher fl-analiżi tal-kosteffikaċja li jkun fl-interess tal-konsumatur, jħaffu l-ħruġ ta' miters intelliġenti sabiex id-djar ikunu jistgħu jakkwistaw data preċiża u valur sħiħ għall-enerġija prodotta fil-post tagħhom;

23. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tinvestiga l-possibbiltà li jiġu introdotti sistemi ta' mikroġenerazjoni fil-proġetti tal-ippjanar urban; jemmen li dan jista' jwassal għal żieda fl-effiċjenza u tnaqqis fl-ispejjeż għall-iżvilupp ta' trażmissjoni u distribuzzjoni fuq skala żgħira tal-enerġiji rinnovabbli;

24. Jinnota li l-istandardizzazzjoni hija ewlenija f'introduzzjoni ulterjuri ta' tagħmir prodott f'ammonti kbar użat għall-mikroġenerazzjoni b'mod simplifikat u kosteffikaċi; jistieden lill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej jaċċelleraw l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni tagħhom;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

25. Ifakkar li ġeneraturi fuq skala żgħira jinteraġixxu man-netwerk tad-distribuzzjoni b'modi differenti mill-kontropartijiet tagħhom fuq skala kbira u għalhekk għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti fil-leġiżlazzjoni futura;

26. Huwa konxju li adozzjoni sinifikanti tal-mikroġenerazzjoni ser twassal għal sfidi fil-ġestjoni tan-netwerks tad-distribuzzjoni marbutin mat-tlaqqigħ tad-domanda mal-provvista tal-enerġija, bil-ħtieġa ta' investimenti innovattivi f'netwerk ta' distribuzzjoni avvanzat; jinnota l-importanza ta' teknoloġiji intelliġenti biex jinkiseb dan; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għall-grilja għall-mikroġeneraturi filwaqt li jindirizzaw il-kwistjoni tal-ispejjeż tan-netwerk relatati mal-produzzjoni tal-enerġija fuq skala żgħira u jżommu ġestjoni effiċjenti tan-netwerk; jistieden lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jinċentivaw l-innovazzjoni u l-investimenti fil-grilji ta' distribuzzjoni lokali;

27. Jinnota li intwera li l-proġetti ta' sjieda għandhom livelli ogħla ta' aċċettazzjoni u għandhom għalhekk jiġu faċilitati; ifakkar li, filwaqt li l-aggregaturi jista' jkollhom rwol importanti fl-iffaċilitar ta' proġetti bħal dawn, ir-rwol tagħhom s'issa ma kienx ċar fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE; jitlob għalhekk li jkun hemm implimentazzjoni mħaffa u ambizzjuża tal-provvisti ta' rispons għad-domanda li jinsabu fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltajiet li tappoġġa mudelli ta' crowdfunding, li huma sistemi ta' investiment fit-tul li fihom investituri u imprendituri huma f'kutnatt dirett permezz ta' pjattaforma, biex jagħtu l-possibbiltajiet u jħeġġu lin-nies joħolqu kooperattivi tal-mikroġenerazzjoni;

29. Jinnota li l-attenzjoni pubblika qed tiffoka iktar u iktar fuq il-possibbiltà ta' finanzjament ta' proġetti permezz ta' appelli miftuħin indirizzati għall-pubbliku usa' (crowdfunding); jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-possibbiltà ta' ko-sjieda ta' proġetti lokali u b'hekk titjib tal-mobilizzazzjoni ta' appoġġ lokali;

30. Jitlob ukoll li l-Kummissjoni tistudja sa fejn ir-regoli tal-UE bħad-Direttiva dwar il-Prospett (Direttiva 2003/71/KE), id-Direttiva MiFID (Direttiva 2004/39/KE) u d-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi (Direttiva 2009/110/KE) diġà jippermettu li ċerti proġetti jiġu implimentati abbażi tal-ko-sjieda tal-istrutturi lokali;

31. Jirrimarka li kwalunkwe inizjattiva fil-qasam tal-mikroġenerazzjoni għandha tkun konformi mal-kodiċi tan-netwerk; jinnota li l-objettivi tal-leġiżlazzjoni sekondarji dwar l-elettriku, bħall-kodiċi tan-netwerks, jistgħu jittejbu u jinkisbu b'mod iktar kost-effikaċi permezz tal-istabbiliment ta' standards fil-livell tal-UE għall-biċċa l-kbira tat-tipi tat-teknoloġija ta' mikroġenerazzjoni; jitlob li jkun hemm forma attiva ta' ġestjoni ta' sistema ta' distribuzzjoni abbażi ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn id-DSOs u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (TSOs) u elementi oħra (unitajiet ta' ġenerazzjoni, konsum u ħżin) fl-awtoritajiet tal-grilji sabiex jiġu inċentivati l-innovazzjoni u l-investiment fil-grilji ta' distribuzzjoni lokali;

32. Jitlob lill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), in-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E), il-Kummissjoni u l-gvernijiet nazzjonali biex jingħata attenzjoni partikolari lir-rinnovabbli deċentralizzati fit-tfassil attwali u l-proċess ta' negozjati fir-rigward tal-kodiċijiet tan-netwerk;

33. Jinnota li forom ġodda ta' produzzjoni, sjieda u konsum bħas-soċjetà ta' kiri jista' jkollhom rwol kruċjali fl-adozzjoni tal-mikroġenerazzjoni peress li bosta elementi ffaċilitati minn dan l-approċċ huma pożittivi f'dan il-qasam, eż inqas spjejjeż li jitħallsu minn qabel, trasparenza fl-ispejjeż fissi għal prodotti-servizzi, is-sejba ta' soluzzjoni għall-problema finanzjarja kbira għal produtturi-konsumaturi bi dħul iktar baxx, kwalità ottimali tal-istallazzjoni, u manutenzjoni mtejba, u b'hekk ċiklu tal-ħajja itwal fuq in-naħa tal-fornitur;

***Azzjonijiet speċifiċi***

34. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni komprensiva tal-kapaċità potenzjali għall-mikroġenerazzjoni u tħares lejn l-aqwa prattiki fl-UE u l-impatt potenzjali ta' adozzjoni tal-mikroġenerazzjoni fuq skala kbira fuq is-suq intern tal-enerġija Ewropew u l-infrastruttura;

35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-mikroġenerazzjoni hija eliġibbli għall-finanzjament mill-fondi tal-UE, inklużi l-Fondi Strutturali, mill-perjodu 2014-2020 'l hemm;

36. Jitlob li l-finanzjament tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni jiġi investit fil-mikroġenerazzjoni sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet u installazzjonijiet tekniċi xierqa;

37. Jirrikonoxxi l-importanza tat-tmexxija tal-UE fil-qasam tal-politika dwar il-klima u l-enerġija, u jiddikjara li l-mikroġenerazzjoni għandha tikkontribwixxi biex jiġu ssodisfati l-objettivi fuq medda twila ta' żmien; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-implimentazzjoni tal-istrateġiji għal ġenerazzjoni fuq skala żgħira tal-elettriku u t-tisħin, li jinsabu fil-qafas politiku tal-UE, u b'hekk tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-mikroġenerazzjoni u jiġi ffaċilitat l-impenn lejha fl-Istati Membri;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tqis ir-rwol tal-mikroġenerazzjoni fil-leġiżlazzjoni futura tal-UE dwar l-enerġija, b'mod partikolari fil-kuntest tal-pakkett futur tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija għall-2030;

39. Jistieden lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-Istati Membri, teżamina bir-reqqa l-istrutturi tal-kostijiet eżistenti fin-netwerk tal-enerġija u tagħti gwida dwar modi kif jiġu ffaċilitati l-permessi, l-aċċess għall-grilja u l-operazzjoni tal-unitajiet ta' mikroġenerazzjoni;

o

o o

40. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0375

## Paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta Settembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali (2013/2678(RSP))**

(2016/C 093/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8, 157 u 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11(1)(d) tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fir-Riżoluzzjoni 34/180 tagħha tat-18 ta' Diċembru 1979,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 bit-titolu "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2010 bit-titolu "Impenn Imsaħħaħ għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel – Karta f'Isem il-Mara" (COM(2010)0078),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali ([2]),

---

([1]) ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0225.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew dwar 'L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali ta' valur ugwali ([1]),

— wara li kkunsidra l-istudju dwar "Id-Disparità bejn is-Sessi fil-Pensjonijiet fl-UE" ([2])

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali (O-000078/2013 – B7-0218/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali, il-Parlament talab lill-Kummissjoni tagħmel rieżami tad-Direttiva 2006/54/KE sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar 2013 filwaqt li tinkorpora r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament, inkluża r-reviżjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti;

B. billi minħabba politiki tas-suq tax-xogħol li qed jippruvaw jwarrbu l-prinċipju u l-prattika tan-negozjar kollettiv, is-salarji qegħdin kulma jmur aktar jiġu negozjati fuq bażi individwali, u dan iwassal għal nuqqas ta' informazzjoni u nuqqas ta' trasparenza tas-sistema tal-pagi individwalizzati, li jġib miegħu differenzi fil-pagi fost impjegati f'livelli simili u jista' jwassal biex tikber id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa;

C. billi l-progress biex tonqos id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa huwa estrament żgħir, u f'xi Stati Membri id-differenza saħansitra kompliet tikber; billi, minkejja l-korp ta' leġiżlazzjoni sinifikanti li ilha fis-seħħ kważi 40 sena, l-azzjonijiet meħuda u r-riżorsi li ntefqu (id-differenza fil-livell tal-UE kienet 17,7 % fl-2006, 17,6 % fl-2007, 17,4 % fl-2008, 16,9 % fl-2009 u 16,4 % fl-2010), differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għadha problema persistenti u attwalment hi 16,2 % fl-UE; billi l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali hi kruċjali għall-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi; billi l-effetti negattivi tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fuq in-nisa testendi għall-età tal-irtirar tagħhom u n-nisa jirċievu pensjonijiet li huma, bħala medja, 39 % inqas minn dawk tal-irġiel;

D. billi, skont ir-riċerka akkademika dwar l-eliminazzjoni tad-differenzi bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, jeżistu diversi fatturi li jeħtieġ jiġu kkunsidrati u indirizzati kif jixraq, bħal differenzi fir-rati ta' attività u ta' impjegar, fl-istrutturi tal-pagi, fil-kompożizzjoni tal-forza tax-xogħol u fir-remunerazzjoni, kif ukoll fatturi makroekonomiċi u istituzzjonali oħra;

E. billi l-esperjenza wriet li l-prattiki tajba u l-miżuri legali nonvinkolanti weħidhom rarament iservu ta' inċentivi, u li l-effett mistenni ta' tagħlim bejn il-pari ma jimmaterjalizzax;

F. billi skont il-konklużjonijiet tal-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew, tnaqqis ta' punt perċentwali wieħed fid-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa jżid it-tkabbir ekonomiku b'0,1 %, u l-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa huwa kruċjali fis-sitwazzjoni ekonomika negattiva attwali;

G. billi r-rata baxxa ta' progress fl-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa għandu konsegwenzi demografiċi, soċjali, legali u ekonomiċi sinifikanti;

1. Jiddispjaċih dwar ir-rata baxxa ta' progress fit-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fl-Unjoni Ewropea;

2. Jenfasizza li t-tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn is-sessi bl-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa se jġib miegħu benefiċċji mhux biss għan-nisa iżda wkoll għas-soċjetà kollha kemm hi, u li l-eliminazzjoni tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa m'għandhiex titqies bħala kost iżda bħala investiment;

3. Itenni li d-Direttiva 2006/54/KE fil-forma attwali mhix effettiva biżżejjed biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u jinkiseb l-objettiv tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-impjegar u l-okkupazzjoni;

---

([1]) EAVA 4/2013.

([2]) http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/documents/130530_pensions_en.pdf

4. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa b’mill-inqas ħames punti perċentwali kull sena bl-għan li d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa tiġi eliminata sal-2020;

5. Jirrikonoxxi li approċċ fuq diversi livelli u b’diversi forom jitlob lill-Kummissjoni tappoġġa l-Istati Membri fil-promozzjoni tal-prattiki tajba u l-politiki ta’ implimentazzjoni biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva 2006/54/KE bla dewmien u tipproponi emendi għaliha skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva u fuq il-bażi tal-Artikolu 157 tat-TFUE, skont ir-rakkomandazzjonijiet dettaljati stipulati fl-anness għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-24 ta’ Mejju 2012;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0376

## Strateġija tal-UE għaċ-ċibersigurtà: ċiberspazju miftuħ u sikur

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta’ Settembru 2013 dwar Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà: Ċiberspazju Miftuħ u Sikur (2013/2606(RSP))**

(2016/C 093/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tas-7 ta’ Frar 2013 tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà bit-titolu ta’ “Strateġija ta’ Sigurtà Ċibernetika tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju miftuħ mogħni b’sigurtà u sikurezza” (JOIN(2013)0001),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-7 ta’ Frar 2013 għal direttiva dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta’ sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (COM(2013)0048,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tad-19 ta’ Mejju 2010 bit-titolu “Aġenda Diġitali għall-Ewropa” (COM(2010)0245) u tat-18 ta’ Diċembru 2012 bit-titolu “L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa – Nixprunaw it-tkabbir Ewropew b’mod diġitali” (COM(2012)0784),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta’ Settembru 2012 bit-titolu “L-isfruttar tal-potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa” (COM(2012)0529),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta’ Marzu 2012 bit-titolu “Il-Ġlieda kontra l-Kriminalità f’din l-Era Diġitali: Il-Ħolqien ta’ Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità” (COM(2012)0140) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta’ Ġunju 2012 dwarha,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Awwissu 2013 dwar l-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tieħu post id-Deċiżjoni ta’ Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI [1],

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta’ Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni ta’ l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom [2],

---

(1) ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8.
(2) ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75.

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI ([1]),

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Stokkolma ([2]) fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni bit-titoli "Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa – Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma" (COM(2010)0171) u "L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura" (COM(2010)0673), u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea ([3]),

— wara li kkunsidra l-Proposta Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-Klawżola ta' Solidarjetà (JOIN(2012)0039),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni ([5]) tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2012 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2011 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħarsien tal-infrastruttura kritika ta' informazzjoni bit-titolu "Kisbiet u l-passi li jmiss: lejn ċibersigurtà dinjija" (COM(2011)0163),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar it-twettiq tas-Suq Uniku Diġitali ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar iċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċiberdifiża ([7]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-16 ta' April 2013 fl-ewwel qari dwar il-proposta għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) (COM(2010)0521 ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar strateġija dwar il-libertà diġitali fil-politika barranija tal-UE ([9]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità tat-23 ta' Novembru 2001,

— wara li kkunsidra l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari taħt il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 6, 8 u 11 tagħha,

— wara li kkunsidra n-negozjati li għaddejjin dwar is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-isfidi ċibernetiċi li qegħdin jikbru, fis-sura ta' theddid u attakki li kulma jmur qed isiru aktar sofistikati, jikkostitwixxu theddida maġġuri għas-sigurtà, għall-istabilità u għall-prosperità ekonomika tal-Istati Membri kif ukoll tas-settur privat u tal-komunità aktar wiesa'; billi l-protezzjoni tas-soċjetà u l-ekonomija tagħna se jkunu għalhekk sfida li tevolvi kostantement;

---

([1]) ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.
([2]) ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0207.
([4]) ĠU L 149, 2.6.2001, p. 1.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2012)0237.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2012)0468.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2012)0457.
([8]) Testi adottati, P7_TA(2013)0103.
([9]) Testi adottati, P7_TA(2012)0470.

B. billi ċ-ċiberspazju u ċ-ċibersikurezza għandhom ikunu waħda mill-pilastri strateġiċi tal-politiki tas-sigurtà u tad-difiża tal-UE u ta' kull Stat Membru; billi huwa kruċjali li jiġi żgurat li ċ-ċiberspazju jibqa' miftuħ biex jilqa' l-fluss ħieles ta' ideat u informazzjoni u l-espressjoni ħielsa;

C. billi l-kummerċ elettroniku u s-servizzi online huma forza vitali tal-internet u huma kruċjali għall-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020, billi huma ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini u kemm għas-settur privat; billi l-Unjoni għandha tirrealizza għalkollox il-potenzjal u l-opportunitajiet li l-internet jippreżenta fl-iżvilupp ulterjuri tas-suq uniku, inkluż is-suq uniku diġitali;

D. billi l-prijoritajiet strateġiċi deskritti fil-qosor fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-istrateġija taċ-ċibersigurtà għall-Unjoni Ewropea jinkludu l-ilħuq ta' ċiberreżiljenza, it-tnaqqis taċ-ċiberkriminalità, l-iżvilupp ta' politika taċ-ċiberdifiża u ċiberkapabilitajiet relatati mal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), u l-istabbiliment ta' politika taċ-ċiberspazju internazzjonali għall-UE;

E. billi sistemi ta' netwerks u ta' informazzjoni madwar l-Unjoni huma interkonnessi ħafna; billi, minħabba n-natura globali tal-internet, ħafna inċidenti li jinvolvu s-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni jittraxxendu l-konfini nazzjonali, u għandhom il-potenzjal li jdgħajfu l-funzjonament tas-suq intern u l-kunfidenza tal-konsumaturi fis-suq uniku diġitali;

F. billi ċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni, l-istess bħal fil-bqija tad-dinja, hija b'saħħitha biss daqs il-konnessjoni l-aktar dgħajfa tagħha, u t-tħarbit f'settur jew Stat Membru wieħed ikollu impatt fuq settur jew Stat Membru ieħor, billi joħloq effetti konsekwenjali b'implikazzjonijiet għall-ekonomija tal-Unjoni fit-totalità tagħha;

G. billi, minn April 2013, huma biss 13-il Stat Membru li uffiċjalment adottaw strateġiji ta' ċibersigurtà nazzjonali; billi għad fadal differenzi fundamentali bejn l-Istati Membri f'dawk li huma l-istat ta' tħejjija tagħhom, is-sigurtà tagħhom, il-kultura strateġika tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji ta' ċibersigurtà nazzjonali, u billi għandha ssir valutazzjoni ta' dawn id-differenzi;

H. billi kulturi differenti ta' sigurtà u n-nuqqas ta' qafas ġuridiku jwasslu għall-frammentazzjoni, u huma ta' tħassib ewlieni, fis-suq uniku diġitali; billi n-nuqqas ta' approċċ armonizzat għaċ-ċibersigurtà jinvolvi riskji serji għall-prosperità ekonomika u għas-sigurtà tat-tranżazzjonijiet, u billi għalhekk huma meħtieġa sforzi flimkien bi ftehim u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-gvernijiet, is-settur privat, u l-infurzar tal-liġijiet u l-aġenziji tal-intelliġenza;

I. billi ċ-ċiberkriminalità hija problema internazzjonali li kulma jmur qed tiġi tiswa spejjeż ogħla, fejn bħalissa qed tiswa – skont l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità – lill-ekonomija globali kważi EUR 295 biljun kull sena;

J. billi l-kriminalità organizzata internazzjonali, filwaqt li qed tieħu vantaġġ mill-avvanzi teknoloġiċi, qed tkompli ċċaqlaq it-terren operazzjonali tagħha għal ġoċ-ċiberspazju, fejn iċ-ċiberkriminalità qed tbiddel b'mod radikali l-istruttura tradizzjonali tal-gruppi tal-kriminalità organizzata; billi dan wassal biex il-kriminalità organizzata tkun inqas lokalizzata u biex ikun aktar probabbli li tisfrutta t-territorjalità u l-ġurisdizzjonijiet ġuridiċi nazzjonali li differenti fuq livell globali;

K. billi l-investigazzjoni taċ-ċiberkriminalità minn awtoritajiet kompetenti għadha mxekkla minn għadd ta' ostakli, fosthom l-użu, fit-transazzjonijiet ċiberspazjali, ta' "muniti virtwali" li jistgħu jintużaw għall-ħasil tal-flus, il-kwistjonijiet tat-territorjalità u l-konfini ġurisdizzjonali, il-kapabilitajiet insuffiċjenti ta' skambju ta' intelliġenza, in-nuqqas ta' persunal imħarreġ, u l-kooperazzjoni inkonsistenti ma' partijiet oħra interessati;

L. billi t-teknoloġija hija l-pedament għall-iżvilupp taċ-ċiberspazju, u l-adattament kontinwu għat-tibdiliet teknoloġiċi huwa essenzjali jekk għandhom jittejbu r-reżiljenza u s-sikurezza taċ-ċiberspazju tal-UE; billi għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tinżamm aġġornata bl-iżviluppi teknoloġiċi ġodda, u b'hekk ikunu jistgħu jsiru l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminali u l-protezzjoni tal-vittmi taċ-ċiberkriminalità; billi l-Istrateġija tal-

UE għaċ-Ċiberkriminalità għandha tinkludi miżuri ffukati fuq is-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u l-iżvilupp ta' Skwadri ta' Rispons f'Emerġenzi Relatata mal-Kompjuters (CERTs), l-iżvilupp ta' suq intern għall-prodotti u s-servizzi ta' ċibersigurtà, u l-promozzjoni ta' investiment fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni;

1. Jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta għal strateġija għaċ-ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-proposta għal direttiva rigward miżuri biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni;

2. Jenfasizza l-importanza suprema u dejjem tikber li l-internet, u ċ-ċiberspazju, għandu għat-transazzjonijiet politiċi, ekonomiċi, u tas-soċjetà, mhux biss fi ħdan l-Unjoni iżda wkoll fir-rigward ta' atturi oħra madwar id-dinja;

3. Jenfasizza li jeħtieġ li tiġi żviluppata politika strateġika ta' komunikazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà tal-UE, is-sitwazzjonijiet ta' ċiberkriżijiet, ir-rieżamijiet tal-istrateġiji, il-kollaborazzjoni u t-twissijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat, u r-rakkomandazzjonijiet lill-pubbliku;

4. Ifakkar li jinħtieġ livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni mhux biss bil-għan li s-servizzi li huma essenzjali għall-funzjonament bla xkiel tas-soċjetà u tal-ekonomija jinżammu kif inhuma, iżda wkoll biex tiġi salvagwardjata l-integrità fiżika taċ-ċittadini billi jiġu msaħħa l-effiċjenza, l-effikaċja u l-funzjonament sigur tal-infrastrutturi kritiċi; jenfasizza li, filwaqt li s-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni għandhom jiġu indirizzati, it-titjib tas-sigurtà fiżika huwa wkoll kwistjoni importanti; jenfasizza li l-infrastruttura għandha tkun reżiljenti kemm għad-diżordni intenzjonata u kemm għad-diżordni mhux intenzjonata; jenfasizza li, f'dan ir-rigward, l-istrateġija taċ-ċibersigurtà għandha tqiegħed enfasi akbar fuq il-kawżi komuni tal-ħsarat mhux intenzjonati tas-sistemi;

5. Itenni l-istedina tiegħu lill-Istati Membri biex jadottaw strateġiji ta' ċibersigurtà nazzjonali li jkopru l-aspetti tekniċi, ta' koordinazzjoni, ta' riżorsi umani u ta' allokazzjonijiet finanzjarji, u li jinkludu regoli distinti dwar il-benefiċċji għas-settur privat u dwar ir-responsabilitajiet tiegħu, bil-għan li tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni tagħhom, mingħajr dewmien żejjed, u biex jipprovdu għal proċeduri komprensivi ta' mmaniġġjar tar-riskji kif ukoll biex isalvagwardjaw l-ambjent regolatorju;

6. Jinnota li huma biss it-tmexxija kkombinata u s-sjieda politika min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri li se jippermettu livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni, u li b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament sigur u mingħajr xkiel tas-suq uniku;

7. Jenfasizza li l-politika taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni għandha tipprovdi ambjent diġitali sigur u affidabbli bbażat fuq il-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-libertajiet u r-rispett għad-drittijiet fundamentali online u ddisinjat biex lil dawn jiggarantihom, kif stabbilit fil-Karta tal-UE u fl-Artikolu 16 TFUE, b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta; jemmen li għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-protezzjoni tat-tfal online;

8. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu l-azzjoni kollha meħtieġa biex joħorġu bi programmi ta' taħriġ immirati biex jippromwovu u jtejbu l-għarfien, il-ħiliet u l-edukazzjoni fost iċ-ċittadini Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà personali, bħala parti minn kurrikulu ta' litteriżmu diġitali minn età bikrija; jilqa' l-inizjattiva biex jiġi organizzat Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà, bl-appoġġ tal-ENISA u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi u mas-settur privat, bil-għan li titqajjem kuxjenza tal-isfidi involuti fil-protezzjoni tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni;

9. Iqis li l-edukazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà żżid l-għarfien tas-soċjetà Ewropea dwar iċ-ċibertheddid, u b'hekk tinkoraġġixxi l-użu responsabbli taċ-ċiberspazju, u tgħin biex tingħata spinta lill-ġabra tal-fornitura ta' ċiberħiliet; jagħraf ir-rwol ewlieni tal-Europol u ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) il-ġdid tiegħu, u tal-ENISA u tal-Eurojust, filli jipprovdu attivitajiet ta' taħriġ fil-livell tal-UE fl-użu tal-għodod tal-kooperazzjoni judizzjarja internazzjonali u fl-infurzar tal-liġi fir-rigward ta' aspetti differenti taċ-ċiberkriminalità;

10. Itenni l-ħtieġa li jiġu pprovduti parir tekniku u informazzjoni ġuridika, kif ukoll li jiġu stabbiliti programmi dwar il-prevenzjoni taċ-ċiberkriminalità u dwar kif tiġi miġġielda; jinkoraġġixxi t-taħriġ taċ-ċiberinġiniera speċjalizzati fil-protezzjoni tal-infrastruttura kritika u tas-sistemi tal-informazzjoni, kif ukoll it-taħriġ tal-operaturi tas-sistemi ta' kontroll tat-traffiku u taċ-ċentri ta' ġestjoni tat-traffiku; jenfasizza l-ħtieġa serja li jiddaħħlu skemi ta' taħriġ regolari taċ-ċibersigurtà għall-persunal tas-settur pubbliku fil-livelli kollha;

11. Itenni t-talba tiegħu għall-kawtela fl-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-abilità li għandhom iċ-ċittadini biex jagħmlu użu mill-għodod tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni, u jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jimmiraw li qatt ma jipperikolaw id-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini meta jkunu qed jiżviluppaw reazzjonijiet għaċ-ċibertheddidiet u għaċ-ċiberattakki, u għandu jkollhom mezzi leġiżlattivi adegwati biex jiddistingwu bejn ċiberinċidenti ta' livell ċivili u dawk ta' livell militari;

12. Iqis li l-involviment regolatorju fil-qasam taċ-ċibersigurtà għandu jkun orjentat lejn ir-riskji, iffukat fuq l-infrastruttura kritika li l-funzjonament tajjeb tagħha huwa ta' interess pubbliku maġġuri, u għandu jibni fuq l-isforzi eżistenti tal-industrija bbażati fuq is-suq biex tiġi żgurata r-reżiljenza tan-networks; jenfasizza r-rwol kruċjali li għandha l-kooperazzjoni fil-livell operazzjonali fit-trawwim ta' skambju aktar effiċjenti ta' informazzjoni dwar ċibertheddidiet bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-settur privat – kemm fil-livell ta' Unjoni u kemm f'dak nazzjonali, kif ukoll mas-sħab strateġiċi tal-Unjoni – bil-għan li tiġi żgurata s-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni, billi jiġu ġġenerati l-fiduċja, il-valur u l-impenn reċiproċi, u tiġi skambjata l-perizja; iqis li s-sħubijiet pubbliċi-privati għandhom ikunu bbażati fuq in-newtralità tan-netwerks u n-newtralità teknoloġika, u għandhom jiffukaw fuq sforzi biex jiġu indirizzati l-problemi li għandhom impatt pubbliku għoli; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-operaturi tas-suq involuti kollha joqogħdu għassa aktar, u jkunu aktar kooperattivi, bil-għan li jipproteġu lill-operaturi l-oħra milli ssir ħsara lis-servizzi tagħhom;

13. Jagħraf il-fatt li l-iskoperta u n-notifika tal-inċidenti ta' ċibersigurtà huma vitali fil-promozzjoni taċ-ċiberreżiljenza fl-Unjoni; jemmem li għandhom ikunu fis-seħħ rekwiżiti proporzjonati u meħtieġa ta' żvelar biex ikun hemm provvediment għan-notifika ta' inċidenti li jinvolvu ksur sinifikanti tas-sigurtà lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u b'hekk ikun jista' jsir monitoraġġ imtejjeb tal-inċidenti taċ-ċiberkriminalità u jiġu ffaċilitati l-isforzi biex titqajjem kuxjenza fil-livelli kollha;

14. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lil atturi oħra jdaħħlu politiki ta' ċibersigurtà u ta' ċiberreżiljenza li jinkludu inċentivi ekonomiċi għall-promozzjoni ta' livelli għolja ta' ċibersigurtà u ċiberreżiljenza;

***Ċiberreżiljenza***

15. Jinnota li s-setturi differenti u l-Istati Membri għandhom livelli differenti ta' kapabilitajiet u ħiliet u li dan ixekkel l-iżvilupp ta' kooperazzjoni ta' fiduċja u jdgħajjef il-funzjonament tas-suq uniku;

16. Iqis li r-rekwiżiti għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju għandhom isegwu approċċ proporzjonat u bbażat fuq ir-riskji;

17. Jinsisti fuq l-iżvilupp taċ-ċiberreżiljenza għall-infrastrutturi kritiċi, u jfakkar li l-arranġamenti li se jsiru dalwaqt għall-implimentazzjoni tal-Klawżola ta' Solidarjetà (Artikolu 222 TFUE) għandhom iqisu r-riskju ta' ċiberattakk kontra Stat Membru; jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jieħdu dan ir-riskju in konsiderazzjoni fir-rapporti integrati konġunti tagħhom ta' valutazzjoni tat-theddidiet u r-riskji li għandhom jinħarġu mill-2015 'il quddiem;

18. Jenfasizza li bil-għan li jiġu ggarantiti l-integrità, id-disponibilità u l-kunfidenzjalità tas-servizzi kritiċi b'mod partikolari, l-identifikazzjoni u l-kategorizzazzjoni tal-infrastruttura kritika għandhom ikunu aġġornati, u r-rekwiżiti tas-sigurtà minimi meħtieġa għas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni tagħhom għandhom jiġu stabbiliti;

19. Jagħraf il-fatt li l-proposta għal direttiva dwar miżuri biex jiġi żgurat livell komuni għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni kollha tipprovdi għal tali rekwiżiti tas-sigurtà minimi għall-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u għall-operaturi tal-infrastrutturi kritiċi;

20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Unjoni jistabbilixxu oqfsa adegwati għal sistemi ta' skambju ta' informazzjoni rapidi u li jmorru fiż-żewġ direzzjonijiet li se jiżguraw l-anonimità għas-settur privat u jżommu s-settur pubbliku aġġornat b'mod kostanti, u, fejn ikun meħtieġ, jagħtu għajnuna lis-settur privat;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

21. Jilqa' n-nozzjoni tal-Kummissjoni li tinħoloq kultura ta' ġestjoni tar-riskji fir-rigward taċ-ċibersigurtà, u jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jinkludu b'mod rapidu l-ġestjoni taċ-ċiberkriżijiet fil-pjanijiet tagħhom ta' ġestjoni tal-kriżijiet u fl-analiżijiet tagħhom tar-riskji; jisieden, barra minn hekk, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinkoraġġixxu lill-atturi tas-settur privat jinkludu l-ġestjoni taċ-ċiberkriżijiet fil-pjanijiet tagħhom ta' ġestjoni u fl-analiżijiet tagħhom tar-riskji, u jħarrġu l-persunal tagħhom fiċ-ċibersigurtà;

22. Jistieden lill-Istati Membri kollha u lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistabbilixxu netwerk ta' skwadri ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters (CERTs) li jiffunzjonaw tajjeb li tkun operazzjonali fuq bażi ta' 24/7; jirrimarka li s-CERTs nazzjonali għandhom ikunu parti min-netwerk effettiv li fih tiġi skambjata informazzjoni rilevanti skont l-istandards rekwiżiti tal-fiduċja u l-kunfidenzjalità; jinnota li inizjattivi li jiġbru flimkien taħt umbrella waħda CERTs u korpi oħra rilevanti ta' sigurtà jistgħu jservu bħala għodod utli fl-iżvilupp tal-fiduċja f'kuntest transkonfinali u trans-settorjali; jagħraf l-importanza ta' kooperazzjoni effiċjenti u effettiva bejn is-CERTs u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità;

23. Jappoġġja lill-ENISA fl-eżerċitar tad-dmirijiet tagħha fir-rigward tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni, b'mod partikolari billi tipprovdi gwida u billi tagħti pariri lill-Istati Membri, kif ukoll billi tappoġġja l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-iżvilupp ta' ambjent ta' fiduċja;

24. Jenfasizza l-ħtieġa li l-industrija timplimenta rekwiżiti xierqa ta' prestazzjoni taċ-ċibersigurtà tul il-katina tal-valur kollha kemm hi għall-prodotti tal-ICT użati fin-netwerks tat-trasport u fis-sistemi tal-informazzjoni, twettaq ġestjoni xierqa tar-riskji, tadotta standards tas-sigurtà u soluzzjonijiet, u tiżviluppa l-aħjar prattiki u l-qsim tal-informazzjoni bil-ħsieb li jiġu żgurati sistemi ċibersiguri ta' trasportazzjoni;

***Riżorsi industrijali u teknoloġiċi***

25. Hu tal-fehma li l-iżgurar ta' livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni jwettaq rwol ċentrali fiż-żieda tal-kompetittività kemm tal-fornituri u kemm tal-utenti tas-soluzzjonijiet tas-sigurtà fl-Unjoni; iqis li filwaqt li l-industrija tas-sigurtà tal-IT fl-Unjoni għandha potenzjal importanti li mhux qed jiġi sfruttat, l-utenti privati, pubbliċi u dawk fin-negozji spiss mhumiex infurmati dwar il-kosti u l-benefiċċji ta' investiment fiċ-ċibersigurtà u, hekk, jibqgħu vulnerabbli għal ċibertheddidiet li jagħmlu l-ħsara; jenfasizza li l-implimentazzjoni tas-CERTs hija fattur rilevanti f'dan ir-rigward;

26. Jemmen li provvista b'saħħitha ta' soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà, u d-domanda għalihom, tirrikjedi investiment adegwat f'riżorsi akkademiċi, fir-riċerka u l-iżviluppu (R&Ż), u l-bini tal-għarfien u tal-kapaċità min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali involuti f'materji tal-ICT, bil-għan li jitrawmu l-innovazzjonijiet u tinħoloq kuxjenza suffiċjenti dwar ir-riskji tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni, li jwasslu għal industrija Ewropea tas-sigurtà li ssir flimkien bi ftehim;

27. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu "suq uniku għaċ-ċibersigurtà" li fih l-utenti u l-fornituri jistgħu jagħmlu l-aħjar użu tal-innovazzjonijiet, is-sinerġiji u l-perizja kkombinata li hemm disponibbli, u li tippermetti li jidħlu l-SMEs;

28. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jikkunsidraw li jagħmlu investimenti konġunti fl-industrija Ewropea taċ-ċibersigurtà, tista' tgħid bl-istess mod kif sar f'industriji oħra, bħalma hu s-settur tal-avjazzjoni;

***Ċiberkriminalità***

29. Iqis li l-attivitajiet kriminali fiċ-ċiberspazju jistgħu jkunu ta' ħsara għall-benesseri tas-soċjetajiet daqs offiżi fid-dinja fiżika, u li dawn is-suriet ta' kriminalità spiss isaħħu waħda lill-oħra, kif jista' jiġi osservat, pereżempju, fl-isfruttament sesswali tat-tfal u fil-kriminalità organizzata u fil-ħasil tal-flus;

30. Jinnota li f'xi każijiet hemm konnessjoni bejn l-attivitajiet ta' negozju leġittimi u dawk illeċiti; jenfasizza l-importanza tal-konnessjoni, li hija ffaċilitata mill-internet, bejn il-finanzjament tat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata serja; jenfasizza li l-pubbliku għandu jintgħamel konxju tas-serjetà tal-fatt li dak li jkun jiġi involut fiċ-ċiberkriminalità, u tal-possibilità li dak li mal-ewwel daqqa t'għajn jista' jidher li huwa att kriminali "soċjalment aċċettabbli" – bħalma hu t-tniżżil illegali ta' films – spiss jiġġenera somom kbar ta' flus għas-sindakati internazzjonali tal-kriminalità;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

31. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-istess normi u prinċipji li japplikaw offline japplikaw ukoll online u, għalhekk, li l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità jeħtieġ li tiġi intensifikata b'leġiżlazzjoni aġġornata u kapabilitajiet operazzjonali;

32. Hu tal-fehma li, minħabba n-natura mingħajr fruntieri taċ-ċiberkriminalità, l-isforzi li jsiru, u l-perizja offruta, fil-livell ta' Unjoni, 'il fuq mill-livell tal-Istati Membri individwali, huma partikolarment importanti, u li l-Eurojust, l-EC3 tal-Europol, is-CERTs, u l-universitajiet u ċ-ċentri tar-riċerka għandhom għalhekk jingħataw riżorsi u kapabilitajiet adegwati biex jiffunzjonaw kif jixraq bħala ċentri għall-perizja, il-kooperazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni;

33. Jilqa' bil-kbir l-istabbiliment tal-EC3, u jinkoraġġixxi l-iżvilupp futur ta' din l-aġenzija u tar-rwol vitali tagħha fil-koordinament tal-iskambju transkonfinali f'waqtu u effiċjenti ta' informazzjoni u perizja b'appoġġ għal sforzi biex tiġi pprevenuta, skoperta u investigata ċ-ċiberkriminalità;

34. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ċ-ċittadini jkunu jistgħu faċilment jaċċessaw l-informazzjoni dwar iċ-ċibertheddidiet u dwar kif għandhom jikkumbattuhom; jemmen li gwida bħal din għandha tinkludi tagħrif fuq kif l-utenti jistgħu jipproteġu l-privatezza tagħhom fuq l-internet, kif jiskopru u jirrappurtaw każijiet ta' "grooming", kif jinstallaw software u firewalls, kif jimmaniġġjaw passwords u kif jiskopru identifikazzjoni falza (phishing), it-taħjir (pharming) u attakki oħra;

35. Jinsisti li l-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni ta' Budapest tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-ċiberkriminalità għandhom jagħmlu dan mingħajr dewmien żejjed; jilqa' r-riflessjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħtieġa li l-Konvenzjoni tiġi aġġornata fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi biex tiġi żgurata l-effikaċja kontinwata tagħha fl-indirizzar taċ-ċiberkriminalità, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipparteċipaw f'dan id-dibattitu; jinkoraġġixxi sforzi biex tiġi promossa r-ratifika tal-Konvenzjoni fost pajjiżi oħra, u jistieden lill-Kummissjoni tippromwoviha b'mod attiv barra mill-Unjoni;

***Ċiberdifiża***

36. Jenfasizza li ċ-ċibersfidi, iċ-ċibertheddidiet u ċ-ċiberattakki iqiegħdu f'riskju l-interessi tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri, u li l-approċċi ċivili u militari għall-kompitu tal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika għandhom jimmassimizzaw il-benefiċċju għat-tnejn li huma permezz ta' sforzi biex jintlaħqu sinerġiji;

37. Jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) bil-ħsieb li jiġu żviluppati proposti u inizjattivi għal kapabilitajiet ta' ċiberdifiża, filwaqt li jibnu fuq inizjattivi u proġetti riċenti; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu r-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż), inkluż billi jingħabru flimkien u jiġu kondiviżi r-riżorsi;

38. Itenni li strateġija komprensiva tal-UE għaċ-ċibersigurtà għandha tqis il-valur miżjud tal-aġenziji u l-korpi eżistenti, kif ukoll il-prattiki t-tajba miġbura minn dawk l-Istati Membri li jkunu diġà daħħlu strateġiji ta' ċibersigurtà tagħhom stess;

39. Jistieden li VP/RGħ tinkludi l-ġestjoni taċ-ċiberkriżijiet fl-ippjanar tal-ġestjoni tal-kriżijiet, u jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-EDA, jiżviluppaw pjanijiet biex jipproteġu l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK kontra ċ-ċiberattakki; jistedinhom jgħaqqdu flimkien forza Ewropea ta' ċiberdifiża;

40. Jenfasizza l-kooperazzjoni prattika tajba man-NATO fil-qasam taċ-ċibersigurtà, u l-ħtieġa li din il-kooperazzjoni tissaħħaħ, b'mod partikolari permezz ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib fl-oqsma tal-ippjanar, tat-teknoloġija, tat-taħriġ u tat-tagħmir;

41. Jitlob li jsiru sforzi min-naħa tal-Unjoni biex tidħol fi skambju ma' sħab internazzjonali, inkluża n-NATO, tidentifika oqsma ta' kooperazzjoni, tevita d-duplikazzjoni u tikkumplementa l-attivitajiet, kulfejn ikun possibbli;

*Politika internazzjonali*

42. Jemmen li l-kooperazzjoni u d-djalogu internazzjonali jwettqu rwol essenzjali fil-ħolqien tal-fiduċja u t-trasparenza, u fil-promozzjoni ta' livell għoli ta' netwerking u ta' skambju ta' informazzjoni fil-livell globali; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jistabbilixxu skwadra taċ-ċiberdiplomazija, li r-responsabilitajiet tiegħu jkunu jinkludu l-promozzjoni tad-djalogu ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet li jkollhom l-istess mentalità; jitlob għal aktar parteċipazzjoni attiva min-naħa tal-UE fil-firxa wiesgħa ta' konferenzi internazzjonali ta' livell għoli dwar iċ-ċibersigurtà;

43. Iqis li jeħtieġ li jinstab bilanċ bejn l-għanijiet li jinsabu f'kompetizzjoni bejniethom tat-trasferiment transkonfinali tad-dejta, tal-protezzjoni tad-dejta u taċ-ċibersigurtà, skont l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, notevolment skont il-GATS;

44. Jistieden lill-VP/RGħ tintegra b'mod ġenerali d-dimensjoni taċ-ċibersigurtà fl-azzjonijiet esterni tal-UE, b'mod speċjali fir-rigward tal-pajjiżi terzi, bil-għan li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni, u l-iskambju tal-esperjenzi u tal-informazzjoni, dwar kif wieħed għandu jittratta ċ-ċibersigurtà;

45. Jitlob li jsiru sforzi mill-Unjoni biex tidħol fi skambju ma' sħab internazzjonali bil-għan li tidentifika oqsma ta' kooperazzjoni, tevita d-duplikazzjoni u tikkumplementa l-attivitajiet, kulfejn ikun possibbli; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni jkunu proattivi fl-organizzazzjonijiet internazzjonali u jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar kif għandhom jiġu promossi s-soluzzjonijiet u l-politiki fil-qasam ċibernetiku b'mod effikaċi;

46. Huwa tal-fehma li għandhom isiru sforzi biex jiġi żgurat li l-istrumenti ġuridiċi internazzjonali eżistenti, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità, jiġu infurzati fiċ-ċiberspazju; iqis, għalhekk, li ma hemm l-ebda ħtieġa fil-preżent li jinħolqu strumenti ġuridiċi ġodda fil-livell internazzjonali; jilqa', madankollu, il-kooperazzjoni internazzjonali biex jiġu żviluppati normi tal-imġiba għaċ-ċiberspazju, li jappoġġja l-istat tad-dritt fiċ-ċiberspazju; iqis li għandu jiġi kkunsidrat l-aġġornament tal-istrumenti ġuridiċi eżistenti biex jirriflettu l-avvanzi li jsiru fit-teknoloġija; hu tal-fehma li l-kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni jeħtieġu diskussjoni bir-reqqa dwar is-suġġett tal-kooperazzjoni u l-prosekuzzjoni ġudizzjarji f'każijiet kriminali transnazzjonali;

47. Iqis li, b'mod partikolari, il-Grupp ta' Ħidma bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar iċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċiberkriminalità għandu jservi bħala strument għall-UE u l-Istati Uniti biex jiskambjaw, kulfejn ikun possibbli, l-aħjar prattiki dwar politiki ta' ċibersigurtà; jinnota, f'dan il-kuntest, li l-oqsma marbuta maċ-ċibersigurtà, bħalma huma s-servizzi li jiddependu mill-funzjonament sigur tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni, se jiġu inklużi fin-negozjati li se jsiru dalwaqt tas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP);), li għandhom jiġu konklużi b'tali mod li jsalvagwardja s-sovranità tal-UE u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet tagħha;

48. Jinnota li l-ħiliet fiċ-ċibersigurtà, u l-kapaċità biex jiġu pprevenuti, skoperti, u miġġielda b'mod effikaċi t-theddidiet u l-attakki malizjużi, mhumiex żviluppati bl-istess mod madwar id-dinja; jenfasizza li l-isforzi li jsiru biex tiżdied iċ-ċiberreżiljenza u jiġu miġġielda ċ-ċibertheddidiet m'għandhomx ikunu limitati għas-sħab tal-istess mentalità, iżda għandhom jiġu indirizzati wkoll reġjuni li għandhom kapaċitajiet, infrastruttura teknika u oqfsa ġuridiċi anqas żviluppati; jemmen li l-koordinazzjoni tas-CERTs hija kruċjali f'din il-materja; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita – u, jekk ikun meħtieġ, tagħti għajnuna lil – l-isforzi li jsiru min-naħa ta' pajjiżi terzi biex jibnu kapaċitajiet ta' ċibersigurtà tagħhom proprji, bl-użu ta' mezzi xierqa;

*Implimentazzjoni*

49. Jitlob li jsiru valutazzjonijiet regolari tal-effikaċja tal-istrateġiji nazzjonali taċ-ċibersigurtà fil-livell politiku l-aktar għoli, bil-għan li jiġi żgurat l-adattament għat-theddidiet globali ġodda u biex jiġi ggarantit l-istess livell ta' ċibersigurtà fi Stati Membri differenti;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal pjan direzzjonali ċar li jiddetermina l-iskedi ta' żmien għall-objettivi li għandhom jitwettqu fil-livell ta' Unjoni taħt l-istrateġija taċ-ċibersigurtà, u għall-valutazzjonijiet tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jiftiehmu dwar pjan simili ta' twettiq għall-attivitajiet nazzjonali taħt din l-istrateġija;

51. Jitlob li jsiru rapporti regolari – mill-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-Europol u l-EC3 li għadu kif ġie stabbilit, il-Eurojust u l-ENISA – li jivvalutaw il-progress li jsir fuq l-objettivi spjegati fl-istrateġia taċ-ċibersigurtà, inklużi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jkejlu l-progress tal-implimentazzjoni;

o

o o

52. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Europol, lill-Eurojust u lill-Kunsill tal-Ewropa.

---

P7_TA(2013)0377

## L-aġenda diġitali għat-tkabbir, il-mobbiltà u l-impjieg

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar l-Aġenda Diġitali għat-Tkabbir, il-Mobbiltà u l-Impjieg: Wasal iż-żmien li nħaffu l-ħidma tagħna (2013/2593(RSP))**

(2016/C 093/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2012 bit-titolu "L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa – Nixprunaw it-tkabbir Ewropew b'mod diġitali"/COM(2012)0784),

— wara li kkunsidra l-mistoqsiji lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar "L-Aġenda Diġitali għat-Tkabbir, il-Mobbiltà u l-Impjieg: Wasal iż-żmien li nħaffu l-ħidma tagħna" (O-000085 – B7-0219/2013 and O-000086 – B7-0220/2013),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet mobbli fi ħdan l-Unjoni ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju ([2]).

— wara li kkunsidra n-negozjati li għaddejjin dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u b'mod partikolari l-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għan-networks tat-telekomunikazzjoniet trans-Ewropej u li jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (COM(2013)0329),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal- 5 ta' Mejju 2010 dwar "Aġenda Diġitali ġdida għall-Ewropa: 2015.eu" ([3])

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Settembru 2012 bit-titolu "L-isfruttar tal-potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa" (COM(2012)0529),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-25 ta' Jannar 2012 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali) (COM(2012)0011),

---

([1]) ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10.
([2]) ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7.
([3]) ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 45.

— wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2011 li tistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (COM(2011)0665),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2010 bit-titolu "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" (COM(2010)0245),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Kunsill Ewropew qed jippjana li jadotta l-konklużjonijiet dwar l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa fil-laqgħa tiegħu tal-24-25 ta' Ottubru 2013;

B. billi l-għan ewlieni tal-istrateġija diġitali għall-Ewropa adottata fl-2010 jeħtieġ li jkun li jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għal infrastruttura broadband fissa u mobbli veloċi u ultraveloċi;

C. billi t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs) jinsabu fil-qalba tas-soċjetà diġitali u llum jammontaw għal madwar 20 % tat-tkabbir fil-produttività annwali tal-Ewropa u 4,5 % tal-PGD tagħha u jiġġeneraw 25 % tal-investiment privat fir-Riċerka u l-Iżvilupp fl-UE, u jikkostitwixxu potenzjalment kontributur straordinarju għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

D. billi l-isfruttar tal-potenzjal tal-ekonomija diġitali fl-UE jkollha effett multiplikatur għoli fl-ekonomija u dan iwassal għal aktar tkabbir u għal aktar impjiegi. billi l-isfruttar tal-potenzjal huwa wieħed mill-aktar riformi importanti għat-tkabbir u l-kompetittività, sabiex l-UE tiġi megħjuna toħroġ mill-kriżi attwali.

E. billi huwa stmat li 50 biljun mezz ser jiġu konnessi mal-Internet sal-2020 u t-traffiku tad-dejta globali huwa mistenni li jikber 15-il darba sa tmiem l-2017; billi dan it-tkabbir esponenzjonali fit-traffiku tal-broadband jesiġi politiki ambizzjużi fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri sabiex tiżdied il-kapaċità tan-netwerks tal-broadband fissi u mobbli, jekk l-Ewropa tixtieq tikseb tkabbir, kompetittività u produttività akbar;

F. billi l-miri attwali tal-aġenda diġitali ġew issuperati mill-ħeffa tal-iżviluppi f'kontinenti oħra u għalhekk mhumiex ambizzjużi biżżejjed biex jiġi żgurat li sal-2020, l-UE tkun minn ta' quddiem fix-xena internazzjonali fir-rigward tat-telekomunikazzjoni;

G. billi l-Parlament u l-Kunsill għadhom jistennew proposti mill-Kummissjoni dwar in-newtralità netta u s-servizz universali;

1. Jenfasizza li l-aġenda diġitali u t-tlestija ta' suq uniku diġitali għandhom ikunu fil-qalba tal-isforzi tal-UE biex tiġġenera t-tkabbir u toħroġ mill-kriżi; jemmen li t-tmexxija politika tinħtieġ kemm fl-livell tal-UE u kemm fl-livell nazzjonali biex jiġu indirizzati ostakoli eżistenti għas-suq uniku diġitali u sabiex jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir fl-UE; ifakkar li l-ekonomija diġitali qiegħda tikber seba' darbiet aktar mir-rata tal-bqija tal-ekonomija u josserva li t-tlestija tas-suq uniku diġitali tal-UE tista' tagħti spinta ta' EUR 110 biljun fis-sena

2. Jirrimarka li l-UE qed tiffaċċja pressjonijiet multipli u simultanji fuq it-tkabbir tal-PGD fi żmien meta l-possibbiltà li jiġi stimulat it-tkabbir bil-fondi pubbliċi hija limitata minn livelli għolja ta' dejn u ta' defiċit, u jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri biex jimmobilizzaw kull lieva ta' tkabbir possibbli; Jinnota li l-ICTs huma teknoloġija trasformattiva essenzjali fis-setturi kollha tal-ekonomija b'rilevanza speċjali f'oqsma bħas-saħħa, l-enerġija, is-servizzi pubbliċi u l-edukazzjoni;

### *Ewropa b'roaming mingħajr ħlas fl-2015*

3. Jiddispjaċih mill-fatt li s-suq tat-telekomunikazzjonijiet għadu fframmentat fis-swieq nazzjonali minn konfini artifiċjali u ma jistax jitqies bħala suq ekonomiku wieħed li fih tkun inkoraġġita l-kompetizzjoni;

4. Jenfasizza li l-analisti industrijali indikaw li d-dħul tal-operaturi Ewropej mir-roaming f'bosta każijiet jammontaw għal madwar 10 % tal-introjtu tal-operaturi tal-UE, u josserva li l-aktar analiżijiet riċenti mill-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi urew li, fuq medja, l-industrija u l-konsumaturi jħallsu d-doppju tal-prezz għat-telefonati roaming li l-operaturi jħallsu fis-suq bl-imnut;

5. Jiddispjaċih mill-fatt li dawn il-marġini ta' profitt żbilanċjati fuq ir-roaming ikattru l-kostijiet tal-mobilità fl-EU. josserva li dan qed ixekkel it-tkabbir u l-prosperità, billi l-mobilità hija waħda mill-fatturi l-aktar importanti għat-tkabbir tal-UE;

6. Jenfasizza li l-eliminazzjoni tal-ispejjeż tar-roaming hija essenzjali biex tiġi stimulata l-innovazzjoni permezz tal-ħolqien ta' suq domestiku akbar għal prodotti u servizzi innovattivi;

7. Jemmen li suq tat-telekomunikazzjonijiet uniku bħalissa ma jeżistix, inter alia minħabba d-differenzi sinifikanti bejn il-prezzijiet nazzjonali u dawk għar-roaming; jemmen, għalhekk, li dawn il-miżuri strutturali għandhom jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' suq diġitali intern ġenwin li fih tiġi inkoraġġita l-kompetizzjoni u ma jkunx hemm differenza bejn it-tariffi nazzjonali u dawk għar-roaming, biex b'hekk jiġi stabbilit jitwaqqaf suq pan-Ewropew tal-komunikazzjonijiet mobbli;

8. Ifakkar il-Kunsill u l-Kummissjoni li skont l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa d-differenza bejn it-tariffi nazzjonali u dawk għar-roaming għandha toqrob lejn iż-żero sal-2015, u li l-objettiv tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 huwa li jinkiseb suq intern għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet bil-mowjal u fl-aħħar mill-aħħar li ma jkunx hemm differenza bejn it-tariffi nazzjonali u dawk għar-roaming;

9. Jemmen li l-miżurili jikkompletaw is-suq uniku diġitali għandhom għalhekk ineħħu d-differenza bejn it-tariffi għar-roaming u dawk nazzjonali sal-2015, u dan iwassal għal UE ħielsa mir-roaming (għal telefonati, messaġġi bil-mitlub (SMS) u dejta);

10. Iffakkar li offerti ġodda minn operaturi tat-telekomunikazzjoni għandhom ikunu faċli li jintużaw u trasparenti biex b'hekk jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakli moħbija ġodda fis-settur tat-telekomunikazzjoni;

11. Ifakkar li l-Kummissjoni biħsiebha tirrevedi l-funzjonament tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 u tevalwa l-kompetittività tas-suq tar-roaming, kif ukoll sa liema punt il-konsumaturi bbenefikaw mit-tnaqqis reali fil-prezzijiet tas-servizzi roaming, u d-differenza bejn tariffi għar-roaming u dawk nazzjonali, inkluża d-disponibbiltà ta' offerti li jipprovdu tariffa waħda għal servizzi roaming u dawk nazzjonali.

12. Jinnota li suq uniku diġitali ġenwin mhux se jinħoloq sempliċiment billi jiġu eliminati t-tariffi għar-roaming; jenfasizza li din il-miżura għandha titqies bħala parti minn strateġija diġitali Ewropea komprensiva mmirata b'mod partikolari lejn l-iżvilupp tal-infrastruttura u l-aċċessibbiltà, sabiex jiġu promossi ż-żamma u l-ħolqien tal-impjiegi f' dan is-settur;

13. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li se tipproponi pakkett leġiżlattiv sabiex jiġu indirizzati l-ostakoli li fadal għall-funzjonament tas-suq uniku diġitali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt tal-potenzjal tat-tkabbir tas-settur tat-telekomunikazzjoni permezz tal-ħolqien ta' suq uniku diġitali fl-UE;

***Infrastruttura u mobbiltà***

14. Jenfasizza l-bżonn li l-adozzjoni tal-broadband u l-aċċess għalih, il-kummerċ elettroniku, l-inklużjoni diġitali, servizzi pubbliċi transkonfinali u l-miri tar-riċerka u l-innovazzjoni stabbiliti fl-Aġenda Diġitali tal-Ewropa jibqgħu jikkostitwixxu prijorità ewlenija sabiex l-UE tkun tista' tgawdi bis-sħiħ il-benefiċċji tas-soċjetà diġitali;

15. Ifakkar li, b'mod parallel mal-ħtieġa li jitneħħew l-ostakoli għas-suq uniku diġitali tal-UE, hija prijorità assoluta għall-UE li tinvesti f'infrastruttura tal-internet broadband ottimali, ta' veloċità kbira, sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-ekonomija diġitali;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

16. Jenfasizza li jekk l-UE tixtieq toħloq il-kundizzjonijiet għar-revoluzzjoni diġitali u terġa' tkun minn ta' quddiem fix-xena internazzjonali, hija teħtieġ miri ambizzjużi u għat-tul għall-2020; jemmen li mira rieżaminata u diretta lejn il-futur tal-aġenda diġitali għall-2020 għandha tkun il-konnessjoni tal-familji tal-UE kollha permezz ta' konnessjonijiet broadband ta' veloċità ta' 100 megabit kull sekonda, u li 50 % tal-familji jkunu abbonnati għal servizz ta' gigabit kull sekonda u aktar; jieħu nota li l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija diġà indika l-appoġġ tiegħu għal tali miri ambizzjużi fir-rapport tiegħu dwar linji gwida għal networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej u għar-revoka tad-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE;

17. Jiddispjaċih ħafna dwar il-fatt li bosta Stati Membri ma rrispettawx l-iskadenza tal-1 ta' Jannar 2013 biex jallokaw id-'dividend diġitali' fil-medda ta' 800MHz lis-servizzi broadband mobbli, kif stipulat fil-programm tal-politika tal-ispettru tar-radju; jenfasizza li dan id-dewmien fixkel il-ħruġ ta' netwerks 4G fl-UE u għalhekk jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-medda 800 MHz issir disponibbli għas-servizzi tal-broadband mobbli, u jistieden lill-Kummissjoni tuża s-setgħat kollha tagħha biex tiżgura l-implimentazzjoni rapida tagħha;

18. Jinnota li l-fornitura tal-broadband mistennija li se tonqos milli tlaħħaq il-miri stabbiliti fl-Aġenda Diġitali; jinsab konvint, għalhekk, li mingħajr livelli akbar ta' investiment f'netwerks futuri, l-UE se ssir saħansitra anqas kompetittiva fix-xena globali. iqis li l-Kummissjoni, fil-kuntest tal-Att tas-Suq Uniku, għandha wkoll tippreżenta rieżami wiesa' tal-qafas legali għas-suq tat-telekomunikazzjonijiet, sabiex tagħti spinta lill-investiment fin-netwerks fissi u mobbli;

19. Iqis li l-irwol tal-kompetizzjoni fl-ixprunar tal-investiment f'infrastruttura diġitali ġodda sabiex jiġi promoss it-tkabbir ekonomiku ma għandux jiġi preġudikat. jemmen li huwa kruċjali li l-Kummissjoni tiggarantixxi qafas regolatorju li permezz tiegħu l-atturi kollha tas-suq ikunu jistgħu jinvestu f'infrastruttura diġitali innovattivi. iqis li, għal dan il-fini, regoli ġodda li jistabbilixxu prezzijiet ta' aċċess effiċjenti għan-netwerks ta' Aċċess għall-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGA) għandhom jirriflettu l-proċess kompetittiv fundamentali f'kull Stat Membru billi jirrispettaw il-prerogattivi tal-awtoritajiet nazzjonali ta' regolamentazzjoni (NRAs). jemmen li, għal dan il-fini, netwerks NRA għandhom jaħdmu biex isegwu objettivi komuni, eż dawk tal-Aġenda Diġitali, u jużaw l-għarfien aqwa u l-għarfien speċifiku tagħhom tas-swieq nazzjonali rispettivi tagħhom.

20. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għal rieżami fundamentali tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi.

21. Jenfasizza l-importanza tat-tlestija ta' azzjonijiet fundamentali ddikjarati fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, b'enfażi partikolari dwar l-infrastruttura u s-servizzi reżiljenti u affidabbli, u r-reġim tal-protezzjoni tad-dejta;

22. Ifakkar lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni u reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Soċjetà ta' Informazzjoni (2001/29/KE [1]) sabiex jiġu żgurati l-prevedibbiltà, il-mobbiltà u l-flessibbiltà fis-suq uniku diġitali tal-UE, hekk kif mitlub fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar Strateġija dwar il-libertà diġitali fil-politika barranija tal-UE [2];

### *ICTs għall-impjieg taż-żgħażagħ*

23. Jenfasizza li l-kisba ta' suq uniku diġitali kompletament operattiv jeħtieġ sforz ikkoordinat biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha, irrispettivament mil-lokalità tagħhom, ikollhom aċċess għall-internet u l-ħiliet meħtieġa biex jużawh;

24. Jilqa' it-tnedija f'Marzu 2013 tal-Gran Koalizzjoni għal Impjiegi Diġitali, miftuħa għall-partijiet interessati kollha; jistieden lill-Kummissjoni trendi l-Gran Koalizzjoni operattiva b'urġenza, b'mod li din l-inizjattiva tiġi rreplikata fil-livell tal-Istati Membri u tagħti aċċess preferenzjali lill-parteċipanti għall-fondi tal-UE għall-appoġġ tal-azzjonijiet tagħhom.

25. Jenfasizza li l-qgħad, inkluż taż-żgħażagħ u l-qgħad fit-tul, laħaq livelli għoljin iżżejjed fl-UE u li x'aktarx dawn se jibqgħu għoljin fil-futur qrib, u li azzjoni determinata u urġenti hija meħtieġa fil-livelli politiċi kollha.

---

(1) ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.
(2) Testi adottati, P7_TA(2012)0470.

26. Jinnota li attwalment, jeżistu aktar minn 4 miljun ħaddiem ICT fl-UE, numru qed jikber bi 3 % fis-sena, u li sas-sena 2015, skont il-Kummissjoni Ewropea, 700,000 sa miljun impjieg ICT ta' kwalità għolja se jibqgħu vakanti, u dan minkejja l-kriżi; jenfasizza li l-ħiliet elettroniċi u l-edukazzjoni diġitali jistgħu konsegwentement ikunu ta' importanza straordinarja sabiex jiġi indirizzat l-qgħad dejjem jikber, speċjalment fost iż-żgħażagħ;

27. Jilqa' l-adozzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea tal-iskemi "Garanzija għaż-Żgħażagħ" sabiex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ Ewropej kollha jirċievu offerti ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni jew taħriġ ulterjuri, apprendistat fi żmien erba' xhur minn meta jitilqu mill-iskola jew jispiċċaw qiegħda; jinnota madanakollu li huwa ċar li s-somma ta' EUR 6 biljun allokata għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss mhijiex biżżejjed biex tindirizza l-iskala tal-problema; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmassimizzaw l-effikaċa ta' tali azzjoni billi jipprijoritizzaw l-akkwist ta' ħiliet diġitali; jenfasizza li ħiliet diġitali għandhom ikunu l-komponent essenzjali ta' kull taħriġ professjonali, biex jiġi żgurat li ġenerazzjonijiet ġodda u dawk attwali fil-post tax-xogħol huma kapaċi jiksbu il-ħiliet li jinħtieġu;

### *L-ICTs għall-SMEs*

28. Ifakkar li r-rwol tal-internet bħala pjattaforma li tippermetti kwalunkwe ċittadin jniedi servizz jew prodott innovattiv immirat lejn kwalunkew ċittadin ieħor, biex b'hekk jinħolqu impjiegi u SMEs, flimkien mar-rwol tiegħu bħala pjattaforma għall-komunikazzjoni soċjali huwa prinċipju fundamentali tas-suq uniku diġitali;

29. Jenfasizza li l-SMEs huma l-qalba tal-ekonomija tal-UE u li hemm bżonn ta' aktar azzjoni sabiex tiġi promossa l-kompetittività globali tal-SMEs tal-UE u biex jiġi stabbilit l-aħjar ambjent possibbli għall-użu ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda promettenti b'impatt qawwi fuq il-kompetittività tal-UE, bħall-cloud computing;

30. Jinnota li bħala għażla ta' karriera alternattiva għal impjieg regolari, aktar Ewropej, speċjalment iż-żgħażagħ, issa qegħdin jagħżlu l-intraprenditorija, xprunati mill-opportunitajiet mingħajr preċedent maħluqa mill-internet, il-cloud, pjattaformi mobbli, netwerks soċjali u l-flussi enormi ta' dejta; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri joħolqu ambjent aktar favur in-negozju b'aċċess aktar faċli għall-finanzjament ("il-liċenzja li tfalli"), swieq, netwerks u ħiliet, li għandhom jiġu inkoraġġuti permezz ta' skemi tal-kondiviżjoni tar-riskji, il-kapital ta' riskju, trattament fiskali favorevoli u avvenimenti ta' netwerking;

### *Id-diġitizzazzjoni tas-settur pubbliku*

31. Jenfasizza li d-diġitizzazzjoni tas-settur pubbliku għandha titpoġġa fuq quddiem fil-passi li jmiss tal-Aġenda Diġitali peress li, flimkien mat-tnaqqis fl-ispejjeż għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-provvediment ta' servizzi aktar effiċjenti għaċ-ċittadini, l-effett ta' lieva diġitali għas-setturi kollha tal-ekonomija ikun ta' benefiċċju kbir ħafna;

32. Jiddispjaċih li strateġiji nazzjonali tal-cloud computing qegħdin jiġu segwiti a skapitu ta' strateġija Ewropea ambizzjuża u effikaċi; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-proposti tagħha u tidentifika riżorsi li jkunu effikaċi biżżejjed biex ipoġġu lill-UE f'pożizzjoni fuq quddiem fir-rigward tal-istandardizzazzjoni;

33. Jenfasizza li amministrazzjoni pubblika moderna hija fattur essenzjali li jsostni t-tfassil u l-applikazzjoni ta' politiki li jippromwovu l-impjiegi, it-tkabbir u l-kompetittività; jenfasizza li l-potenzjal tal-ICTs għandu jiġi sfruttat sabiex jinkiseb settur pubbliku bi prestazzjoni aħjar u aktar effiċjenti filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv; jinnota li l-ICTs jistgħu jixprunaw r-riforma ta' sistemi għall-ġbir tat-taxxa u tal-kura tas-saħħa, inaqqsu d-dewmien fil-pagamenti lill-fornituri, u jtejbu l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji; iqis, b'mod partikolari, li l-għoti tal-kura tas-saħħa wasslet biex tiġi revoluzzjonata, bl-għoti ta' servizz aktar effiċjenti u personalizzat lill-pazjenti u lill-professjonisti.

34. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iħaffu l-ħidma tas-Sħubija Ewropea tal-Cloud;

*Il-finanzjament tal-ICTs: il-QFP*

35. Jiddispjaċih li s-somma ta' EUR 9,2 biljun proposta mill-Kummissjoni għall-Investimenti ICT fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) għall-perjodu 2014-2020 se titnaqqas drastikament. jenfasizza li minħabba ċ-ċirkostanzi finanzjarji l-ġodda, investimenti f'netwerks tal-broadband taħt il-Fondi Strutturali u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali huma aktar sinifikanti minn qatt qabel u għandhom jiżdiedu b'mod sostanzjali fir-rigward tal-perjodu ta' programmar 2007-2013;

36. Jenfasizza li mmirar aħjar tal-fondi tal-UE għal-investimenti fl-ICT huwa meħtieġ u li l-finanzjament għall-ICT fil-QFP li jmiss għandu jikkorrispondi mal-piż u l-impatt ekonomiku ta' dan is-settur. jitlob li s-sehem tal-infiq relatat mal-ICT fil-QFP kollu għandu jingħata prijorità akbar, meta mqabbel mal-perjodu 2007-2013;

o

o o

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

P7_TA(2013)0378

## Is-sitwazzjoni fis-Sirja

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja (2013/2819(RSP))**

(2016/C 093/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar is-Sirja tat-23 ta' Jannar, tat-18 ta' Frar, tal-11 ta' Marzu, tat-2 ta' April, tas-27 ta' Mejju, tal-24 ta' Ġunju, u tad-9 u tat-22 ta' Lulju 2013; wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar is-Sirja tat-8 ta' Frar 2013,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) Catherine Ashton tal-21 ta' Awissu 2013 rigward l-aħħar rapporti dwar l-użu ta' armi kimiċi f'Damasku, tat-23 ta' Awissu 2013 dwar l-urġenza kbira ta' soluzzjoni politika għall-kunflitt Sirjan (li tirrifletti l-pożizzjoni maqbula tal-UE tas-7 ta' Settembru 2013 dwar is-Sirja), u tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta li l-armi kimiċi tas-Sirja jitqiegħdu taħt kontroll internazzjonali;

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 u l-protokolli addizzjonali għalihom, il-Protokoll ta' Ġinevra (għall-Konvenzjoni tal-Aja) dwar il-Projbizzjoni tal-Użu fil-Gwerra ta' Gassijiet Asfissjanti, Velenużi jew Gassijiet Oħra, u ta' Mezzi Batterjoloġiċi, iffirmat f'Ġinevra fis-17 ta' Ġunju 1925, u l-istandards imniżżla fil-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, skont in-Nazzjonijiet Uniti, mindu bdiet ir-repressjoni vjolenti kontra dimostranti paċifiċi fis-Sirja f'Marzu 2011 inqatlu aktar minn 100 000 ruħ, li l-biċċa l-kbira minnhom kienu ċivili; billi, skont l-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA), 4,25 miljun ruħ sfaw spustati internament u hemm aktar minn 2 miljun rifuġjat Sirjan, l-aktar fit-Turkija, il-Ġordan, il-Libanu, l-Eġittu u l-Iraq;

B. billi fil-21 ta' Awwissu 2013 twettaq attakk kimiku fuq skala kbira fis-subborgi ta' Damasku, li qatel mijiet ta' persuni, inklużi bosta nisa u tfal; billi dan l-attakk ikkostitwixxa vjolazzjoni sfaċċata tad-dritt internazzjonali, delitt tal-gwerra u delitt kontra l-umanità; billi tagħrif minn varjetà wiesgħa ta' sorsi tikkonferma l-eżistenza ta' tali attakk, u jidher li tindika evidenza qawwija li r-reġim Sirjan huwa responsabbli għal dawn l-attakki;

C. billi l-gvern tas-Sirja qabel fil-25 ta' Awwissu 2013, erbat ijiem wara l-attakk kimiku, li l-ispetturi tan-NU jżuru l-post; billi s-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon ħeġġeġ lit-tim ta' spezzjoni sabiex joħroġ ir-riżultati tiegħu mill-aktar fis possibbli; billi l-missjoni ta' spezzjoni tan-NU għandha mandat limitat li tiddetermina jekk intużawx jew le armi kimiċi, mingħajr ma tindirizza l-mistoqsija ta' min kien responsabbli għal din l-azzjoni;

D. billi fid-9 ta' Settembru 2013 is-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon, u fl-10 ta' Settembru 2013 il-VP/RGħ Catherine Ashton, laqgħu l-proposta li l-armi kimiċi tar-reġim Sirjan jiġu ttrasferiti lill-komunità internazzjonali għall-qerda, liema proposta ntlaqgħet fil-pront mir-Russja, l-Iran u r-reġim Sirjan; billi s-Sur Ban Ki-moon qal li kien qed jikkunsidra li jħeġġeġ lill-Kunsill tas-Sigurtà biex jitlob it-trasferiment immedjat ta' dawn l-armi u ħażniet ta' prekursuri kimiċi lejn postijiet fis-Sirja fejn jistgħu jinħażnu u jinqerdu b'mod sikur;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-qtil tal-massa ta' nies ċivili b'armi kimiċi fil-21 ta' Awissu 2013 li, skont l-intelligence tal-Punent, wassal għall-mewt ta' mill-anqas 1 400 ruħ, fosthom 400 tifel u tifla, filwaqt li jinnota li sorsi differenti jidher li jindikaw li r-reġim Sirjan huwa responsabbli għal dan l-attakk;

2. Jirrimarka li, quddiem dan l-użu terribbli ta' armi kimiċi, il-komunità internazzjonali ma tistax tibqa' inattiva; jenfasizza li l-użu ppruvat ta' armi kimiċi, b'mod partikolari kontra ċ-ċivili, huwa ksur sfaċċat tad-dritt internazzjonali, delitt tal-gwerra u delitt kontra l-umanità, li jirrikjedi risposta ċara, qawwija, immirata u magħquda, bla esklużjoni ta' miżuri ta' deterrent eventwali, biex isir ċar li delitti bħal dawn huma inaċċettabbli u biex jiġi evitat kull użu ulterjuri ta' armi kimiċi fis-Sirja, jew xi mkien ieħor;

3. Jilqa' l-pożizzjoni tal-UE dwar is-Sirja, maqbula fil-laqgħa informali tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UE tas-7 ta' Settembru 2013; jenfasizza li s-sitwazzjoni fis-Sirja tirrikjedi approċċ komuni u koerenti mill-Istati Membri; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jiddiskutu s-sitwazzjoni fis-Sirja fil-qafas tal-Kunsill Affarijiet Barranin u jivvalutaw x'miżuri l-UE tista' tadotta biex tappoġġa lill-forzi demokratiċi fl-oppożizzjoni Sirjana, tiffaċilita d-djalogu u approċċ komuni ma' membri oħra tal-komunità internazzjonali u tagħti aktar għajnuna umanitarja lill-popolazzjoni fis-Sirja u fil-pajjiżi ġirien; jenfasizza li l-UE għandha toqgħod partikolarment attenta li tavviċina lill-atturi rilevanti kollha u tippromwovi proċess li jreġġa' lura l-eskalazzjoni fir-reġjun kollu;

4. Jistieden lin-NU biex jikkompletaw bil-ħeffa l-investigazzjoni eżawrjenti tagħhom dwar l-użu tal-armi kimiċi fis-Sirja; jitlob li r-rapport tat-tim ta' spezzjoni jintbagħat mill-aktar fis possibbli lill-Kunsill tas-Sigurtà biex dan ikun jista' jiddiskuti l-qtil tal-massa fis-Sirja fuq il-bażi tal-konklużjonijiet milħuqa mit-tim ta' investigazzjoni tan-NU u jivvaluta l-miżuri li jeħtieġ li jiġu adottati bħala konsegwenza b'risposta għall-użu tal-armi kimiċi fis-Sirja u biex dawk responsabbli jagħtu kont ta' għemilhom;

5. Jilqa' l-proposta li l-ħażna ta' armi kimiċi tas-Sirja titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-komunità internazzjonali biex tinqered mill-aktar fis, wara l-ultimatum mogħti mill-komunità internazzjonali, flimkien ma' riżoluzzjoni vinkolanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li, jekk ma tiġix rispettata, tkun tista' tiġi imposta fuq il-bażi tal-istrumenti kollha provduti fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

6. Jemmen li l-komunità internazzjonali għandha tipproduċi soluzzjoni politika għas-Sirja li tkun kapaċi ttemm il-vjolenza, tipprevjeni l-użu ulterjuri ta' armi kimiċi u tippromwovi tranżizzjoni demokratika; jistieden, b'mod partikolari, lir-Russja u liċ-Ċina, bħala membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà, biex jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom u jiffaċilitaw l-ilħiq ta' pożizzjoni komuni u soluzzjoni diplomatika għall-kriżi Sirjana, bla ma jeskludu rwol għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti biex tieħu l-materja f'idejha fil-każ ta' mblukkar persistenti fil-Kunsill tas-Sigurtà; huwa konvint li soluzzjoni dejjiema għall-kriżi attwali fis-Sirja tista' tintlaħaq biss permezz ta' proċess politiku inklussiv immexxi mis-Sirjani u mirfud mill-komunità internazzjonali; ikompli jappoġġa, f'dan l-ispirtu, l-isforzi tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri

tagħha u tar-Rappreżentant Speċjali Konġunt tan-NU u l-Lega Għarbija Lakhdar Brahimi biex isir progress fil-proċess ta' Ġinevra II u fil-Kunsill tas-Sigurtà; itenni t-talbiet tiegħu biex il-Kunsill tas-Sigurtà jirreferi s-sitwazzjoni fis-Sirja lill-Qorti Kriminali Internazzjonali għal investigazzjoni formali; itenni t-talba tiegħu biex il-President Assad u r-reġim tiegħu jwarrbu u jwittu t-triq għal tranżizzjoni demokratika;

7. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-kriżi umanitarja li għaddejja fis-Sirja u l-implikazzjonijiet tagħha għall-pajjiżi ġirien; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jerfgħu r-responsabbiltajiet umanitarji tagħhom u jkattru l-għajnuna tagħhom lir-refuġjati Sirjani; itenni l-appell tiegħu biex il-pajjiżi kollha jwettqu l-wegħdiet li għamlu fil-konferenza tad-donaturi fil-Kuwajt tat-30 ta' Jannar 2013; jistieden lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt biex jiffaċilitaw l-għoti ta' għajnuna u assistenza umanitarja bil-mezzi kollha possibbli, inkluż minn naħa għall-oħra tal-fruntieri u l-linji tal-ġlied, u jiżguraw is-sikurezza tal-persunal mediku kollu u tal-ħaddiema umanitarji kollha;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt fis-Sirja.

---

P7_TA(2013)0379

# Is-sitwazzjoni fl-Eġittu

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu (2013/2820(RSP))**

(2016/C 093/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Eġittu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2013 dwar l-irkupru tal-assi mill-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fi tranżizzjoni ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar ir-Rebbiegħa Għarbija tat-8 ta' Frar 2013,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Awwissu u tat-22 ta' Lulju 2013 dwar l-Eġittu,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tat-18 ta' Awwissu 2013 dwar l-Eġittu tal-President tal-Kunsill Ewropew, Herman Van Rompuy, u tal-President tal-Kummissjoni, José Manuel Barroso,

— wara li kkunsidra l-kummenti tar-Rappreżentant Għoli, Catherine Ashton, wara l-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar l-Eġittu tal-21 ta' Awwissu 2013, id-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli dwar is-sitwazzjoni u l-iżviluppi fl-Eġittu ta' Awwissu u Lulju 2013, kif ukoll id-dikjarazzjoni konġunta tas-7 ta' Awwissu 2013 dwar l-Eġittu tar-Rappreżentant Għoli u tas-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti, John Kerry,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu tal-2001, li daħal fis-seħħ fl-2004, imsaħħaħ mill-Pjan ta' Azzjoni tal-2007, u r-rapport ta' progress tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2013 dwar l-implimentazzjoni tiegħu,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0224.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kopresidenti tal-laqgħa tat-Task Force UE-Eġittu tal-14 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kooperazzjoni tal-UE fl-Eġittu fil-qasam tal-governanza, ippubblikat fit-18 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li l-Eġittu huwa firmatarju tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Kostituzzjonali maħruġa mill-Eġittu fit-8 ta' Lulju 2013, fejn ġie propost pjan direzzjonali għal emendi kostituzzjonali u elezzjonijiet ġodda,

— wara li kkunsidra l-"Programm ta' Appoġġ għat-Triq Lejn id-Demokrazija" tal-Gvern interim tal-Eġittu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Eġittu huwa l-akbar pajjiż Għarbi, pajjiż ta' importanza kbira fin-Nofsinhar tal-Mediterran, sieħeb kummerċjali importanti tal-UE u benefiċjarju kbir ta' għajnuna mill-UE; billi l-iżviluppi politiċi, ekonomiċi u soċjali fl-Eġittu għandhom implikazzjonijiet kbar fir-reġjun kollu u lil hinn minnu;

B. billi n-nuqqas min-naħa tal-President Morsi u tal-gvern tiegħu li jwettqu l-wegħdiet ekonomiċi, biex iqis it-tħassib leġittimu tal-forzi demokratiċi kollha tas-soċjetà Eġizjana u biex jimplimenta trażizzjoni demokratika mitluba mill-popolazzjoni għal dawn l-aħħar sentejn wassal għal żieda fil-polarizzazzjoni politika, dimostrazzjonijiet tal-massa fejn il-President Morsi ntalab jirriżenja u kunflitti vjolenti;

C. billi fit-30 ta' Ġunju 2013, miljuni ta' avversarji tal-President Morsi nġabru fil-Kajr u fi bliet Eġizzjani oħrajn biex juruh li jriduh jirriżenja; billi, wara dawn il-protesti, fit-3 ta' Lulju 2013, il-kap tal-forzi armati, il-Ġeneral Abdul Fattah al-Sisi, mexxa kolp militari li ħeles mill-President Morsi u l-gvern tiegħu; billi fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 il-Kunsill Suprem tal-Forzi Armati ħabbar is-sospensjoni tal-Kostituzzjoni, it-trasferiment tal-poter lill-kap tal-Qorti Kostituzzjonali sakemm isiru elezzjonijiet presidenzjali bikrin, segwiti minn elezzjonijiet parlamentari, u l-iffurmar ta' gvern ta' koalizzjoni nazzjonali u kumitat biex jistudja emendi għall-Kostituzzjoni; billi s-Sur Adly Mansour ħa l-ġurament bħala President interim;

D. billi l-President interim xolja l-kamra għolja tal-Parlament, ħabbar pjan direzzjonali fuq perjodu ta' tranżizzjoni ta' disa' xhur, li matulu l-Kostituzzjoni tal-2012 tiġi emendata u adottata b'referendum, segwita minn elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali, u ħatar Prim Ministru interim; billi l-ogħla awtoritajiet Islamiċi u Kristjani Koptiċi tal-Eġittu, il-politiċi liberali prominenti, u l-Partit Nour Salafist laqgħu il-pjan direzzjonali ta' tranżizzjoni; billi kumitat kostituzzjonali ġdid magħmul minn 50 espert inħatar fl-1 ta' Settembru 2013 biex ifassal emendi kostituzzjonali;

E. billi l-ex President Morsi ilu detenut mit-3 ta' Lulju 2013 f'post mhux magħruf u għandu jittella' l-qorti mill-prosekutur pubbliku tal-pajjiż, flimkien ma' 14-il persuna oħra, inklużi esponenti ewlenin tal-Fratellanza Musulmana, fuq akkużi ta' inċitament għall-qtil u l-vjolenza; billi ħafna membri tal-Fratellanza Musulmana ġew arrestati, fosthom il-biċċa l-kbira tal-mexxejja tagħha li qed jistennew li jibdew il-proċessi; billi l-ex dittatur Hosni Mubarak inħeles mill-ħabs fit-22 ta' Awwissu 2013 u ilu taħt arrest domiċiljari minn dakinhar 'l hawn;

F. billi mill-intervent militari 'l hawn is-sostenituri tal-Fratellanza Musulmana organizzaw dimostrazzjonijiet kbar madwar l-Eġittu, filwaqt li talbu li l-eks President Morsi jinħeles u jerġa' jinħatar President; billi ħafna mill-protesti organizzati mill-Fratellanza Musulmana saru vjolenti u wasslu għal ġlied fatali bejn iċ-ċittadini, kif ukoll bejn sostenituri tal-Fratellanza Musulmana u l-forzi tal-armata u tas-sigurtà; billi fl-14 ta' Awwissu 2013 l-armata u l-pulizija Eġizzjani sfrattaw żewġ sit-ins ta' partitarji tal-ex President Morsi u tal-Fratellanza Musulmana fl-intersezzjoni ta' Rabaa u fi Pjazza Nahda fil-Kajr, u dan wassal għall-mewt ta' mijiet ta' dimostranti kif ukoll ta' għexieren ta' pulizija;

G. billi l-gvern interim iddikjara stat ta' emerġenza ta' xahar u ħabbar li kien se jitwaqqaf kumitat indipendenti magħmul minn figuri pubbliċi biex jinvestiga t-tixrid tas-sit-ins ta' Rabaa u ta' Misraħ Nahda; billi NGOs reġjonali u Eġizzjani talbu għal missjoni għas-sejba tal-fatti mil-Lega Għarbija ħalli jiġu investigati l-atti reċenti ta' vjolenza fil-pajjiż; billi l-medjazzjoni tal-UE u internazzjonali s'issa ma rnexxielhiex tistabbilixxi djalogu politiku inkluživ, u billi l-protesti, kunflitti u arresti komplew iseħħu;

H. billi t-tgerrix vjolenti tas-sit-ins ġie segwit minn vjolenza settarja traġika kontra l-Insara Eġizzjani, b'mod partikolari minn dawk li appoġġjaw il-Fratellanza Musulmana; billi l-forzi tas-sigurtà Eġizzjana ġew akkużati li ma pproteġewx il-knejjes u l-komunitajiet Koptiċi kontra attakki ta' tpattija prevedibbli;

I. billi l-atti ta' terroriżmu u l-attakki vjolenti kontra l-forzi tas-sigurtà fis-Sinai qegħdin jiżdiedu, fosthom il-qtil ta' 25 pulizija li ma kinux xogħol fit-Tramuntana tas-Sinai fid-19 ta' Awwissu 2013; billi l-Ministru tal-Intern Eġizzjan Mohammed Ibrahim kien il-mira ta' attakk ta' bomba fil-Kajr fil-5 ta' Settembru 2013;

J. billi l-gvern interim iddikjara li r-rikonċiljazzjoni nazzjonali u l-istat tad-dritt huma l-ogħla prijoritajiet tal-azzjoni tiegħu;

K. billi l-Eġittu qed jiffaċċja diffikultajiet ekonomiċi dejjem aktar serji; billi l-prosperità ekonomika fil-pajjiż teħtieġ stabbiltà politika, politiki ekonomiċi sodi, azzjoni biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni u appoġġ internazzjonali; billi l-ġustizzja soċjali u livell ta' għajxien ogħla għaċ-ċittadini huma dimensjonijiet kruċjali tat-tranżizzjoni lejn soċjetà Eġizzjana miftuħa, stabbli, demokratika, libera u prospera;

L. billi t-trade unions indipendenti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol kruċjali x'jiżvolġu f'dan il-perjodu kritiku ta' tranżizzjoni politika u soċjali fl-Eġittu; billi stampa u midja ħielsa u indipendenti jiffurmaw parti ewlenija ta' soċjetà fi kwalunkwe demokrazija vera; billi l-vjolenza fiżika u l-atti ta' fastidju fuq il-ġurnalisti żdiedu fl-Eġittu filwaqt li, fit-3 ta' Settembru 2013 qorti fil-Kajr ordnat l-għeluq ta' erba' stazzjonijiet tat-televiżjoni mmexxija mill-Fratellanza Musulmana jew minn persuni li jżommu magħhom, billi qalet li kienu qed joperaw illegalment; billi l-uffiċċji ta' ħafna stazzjonijiet televiżivi ġew f'dawn l-aħħar sitt ġimgħat irrejdjati mill-forzi tas-sigurtà;

M. billi n-nisa Eġizzjani huma f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli fil-perjodu attwali ta' kriżi politika mtawla; billi n-nisa li jipprotestaw huma soġġetti ta' sikwit għall-vjolenza, attakki sesswali u forom oħra ta' trattament degradanti, filwaqt li l-attivisti tad-drittijiet tan-nisa qed jaffaċċjaw theddid u fastidji;

N. billi bejn l-2007 u l-2012 l-Eġittu rċieva madwar EUR 1 biljun f'għajnuna mill-UE u billi l-UE impenjat EUR 5 biljuni oħra f'għajnuna, li jistgħu jsiru disponibbli kompletament biss ladarba jintlaħqu l-kundizzjonijiet marbutin magħhom stabbiliti mill-FMI;

O. billi fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-Eġittu tal-21 ta' Awwissu 2013 il-Kunsill Affarijiet Barranin inkariga lir-Rappreżentant Għoli, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, bir-rieżami tal-kwistjoni tal-għajnuna tal-UE lill-Eġittu permezz tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, abbażi tal-impenn tal-Eġittu favur il-prinċipji li jsejsuhom; billi l-Istati Membri ddeċidew li jissospendu l-liċenzji ta' esportazzjoni lejn l-Eġittu għal kwalunkwe tagħmir li jista' jintuża għat-trażżin intern, li jirrivalutaw il-liċenzji ta' esportazzjoni għal tagħmir militari ieħor, u li jirrieżaminaw l-għajnuna tagħhom lill-Eġittu fil-qasam tas-sigurtà;

P. billi f'konformità mal-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta, u b'mod partikolari l-approċċ "aktar għal aktar", il-livell u l-iskop tal-involviment tal-UE mal-Eġittu huwa bbażat fuq l-inċentivi u għalhekk dipendenti fuq il-progress fir-rigward tal-pajjiż li jirrispetta l-impenji tiegħu, inkluż għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

1. Jesprimi s-solidarjetà kbira tiegħu għall-poplu Eġizjan u l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-familji tal-vittmi ta' ġlied u vjolenza reċenti; jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani jistabbilixxu kumitat ġudizzjarju biex jinvestiga b'mod indipendenti d-delitti kollha, kif imwiegħed mill-presidenza Eġizzjana fit-8 ta' Lulju 2013;

2. Jikkundanna l-użu tal-forza sproporzjonat b'mod esagerat mill-forzi tas-sigurtà Eġizzjana u t-telf ta' ħajjiet traġiku waqt li kienu qed jiżżarmaw il-kampijiet ta' Rabaa u Nahda; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Eġittu jiżgura li l-forzi tas-sigurtà jistabbilixxu proċeduri ta' riezami intern adegwati, sabiex ir-responsabbiltajiet għall-użu eċċessiv tal-forza jistgħu jiġu żgurati u dawk responsabbli jinġiebu quddiem il-ġustizzja;

3. Jiddeplora fl-istess waqt il-fatt li t-tmexxija tal-Fratellanza Musulmana naqset milli tagħti istruzzjonijiet ċari lis-sostenituri tagħha biex iżommu lura minn kwalunkwe forma ta' vjolenza kontra ċittadini bħalhom, l-armata u l-pulizija; jiddeplora l-fatt li t-tmexxija tal-Fratellanza Musulmana m'għamlet xejn biex tipprevjeni u twaqqaf dawk l-attakki u kkundannathom tard wisq; jitlob lill-Fratellanza Musulmana biex ma titlobx jew tigglorifika ebda forma ta' vjolenza u biex tappoġġa proċedimenti ġuridiċi kontra dawk tal-mexxejja tagħha li talbu li tintuża l-vjolenza;

4. Jikkundanna l-atti kollha ta' terroriżmu, inċitament, vjolenza u diskors ta' mibegħda; iħeġġeġ lill-atturi politiċi u l-forzi tas-sigurtà kollha biex jeżerċitaw l-akbar moderazzjoni u jevitaw il-provokazzjoni, bl-għan li tiġi evitata aktar vjolenza fl-aħjar interessi tal-pajjiż; ifakkar lill-President interim, lill-Gvern interim u lill-armata Eġizzjana fl-obbligu tagħhom li jiżguraw is-sigurtà taċ-ċittadini kollha fil-pajjiż irrispettivament mill-affiljazzjoni u l-fehmiet politiċi tagħhom; jesprimi t-tħassib kbir għall-arrest irrapportat ta' tużżani ta' tfal fir-rigward tar-ripressjoni fuq il-partiġjani tal-Fratellanza Musulmana, u jitlob għar-rilaxx immedjat tagħhom;

5. Jesprimi l-preokkupazzjonijiet tiegħu dwar l-iżviluppi politiċi fl-Eġittu; jitlob lill-awtoritajiet Eġizjani, sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għal proċess politiku inklużiv, biex jintemm l-istat ta' emerġenza mill-iktar fis possibbli, biex jinħelsu l-priġuniera politiċi kollha, inkluż l-eks President Morsi, u d-detenuti kollha jiġu ttrattati b'rispett sħiħ tal-obbligi internazzjonali tagħhom;

6. Jenfasizza li l-poter għandu jiġi trasferit lil awtoritajiet ċivili eletti demokratikament kemm jista' jkun malajr; jesprimi s-solidarjetà fundamentali tiegħu ma' dawk l-Eġizzjani kollha li jħaddnu aspirazzjonijiet u valuri demokratiċi għal pajjiżhom u jitlob ritorn rapidu għall-proċess demokratiku, inkluża l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari ħielsa u ġusti fi proċess inklużiv b'mod sħiħ, bil-parteċipazzjoni tal-atturi demokratiċi kollha, u biex jitwettqu ir-riformi ekonomiċi u ta' governanza meħtieġa; iħeġġeġ lill-Fratellanza Musulmana tikkontribwixxi għall-isforzi ta' rikonċiljazzjoni; jemmen li kwalunkwe projbizzjoni, esklużjoni jew prosekuzzjoni kontra forza politika demokratika jew attur politiku demokratiku fl-Eġittu tkun qed tirrepeti żbalji li saru fl-imgħoddi u twassal biss għal żieda tar-radikaliżmu;

7. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-proċess ta' abbozzar u riforma kostituzzjonali, u jenfasizza li dan għandu jqiegħed il-pedamenti għal Eġittu ġdid verament demokratiku, filwaqt li jiggarantixxi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, inkluż il-libertà reliġjuża, għaċ-ċittadini kollha, nisa u rġiel, tal-Eġittu u jippromwovi t-tolleranza u l-koeżistenza interreliġjuża u jiggarantixxi l-protezzjoni tal-minoranzi kif ukoll il-libertà tal-assoċjazzjoni, tal-assemblea u tal-midja; jemmen bis-sħiħ li l-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-emendi kostituzzjonali għandu jinkludi l-komponenti kollha tal-ispettru politiku Eġizzjan, inklużi l-komponenti moderati tal-Fratellanza Musulmana, u rappreżentanza adegwata tan-nisa, u li għandu jiġi segwit minn referendum dwar kostituzzjoni ġdida u pluralistika u minn elezzjonijiet parlamentari ħielsa u ġusti;

8. Jitlob li jintemmu minnufih l-atti kollha ta' vjolenza, l-attakki sesswali u forom oħra ta' trattament degradanti kontra d-dimostranti nisa u l-attivisti għad-drittijiet tan-nisa, li jsiru investigazzjonijiet serji u imparzjali dwar il-każijiet kollha bħal dawn, u biex dawk responsabbli jiġu kkastigati;

9. Jikkundanna l-vjolenza reċenti kontra l-komunità Kopta, inkluża l-qerda ta' għadd kbir ta' knejjes, ċentri tal-komunità u negozji madwar il-pajjiż; jesprimi t-tħassib li l-awtoritajiet fallew milli jieħdu miżuri tas-sigurtà adegwati biex jipproteġu l-komunità Kopta minkejja l-ħafna twissijiet; jinnota l-pluraliżmu storiku tas-soċjetà Eġizzjana u t-tradizzjoni li ilha teżisti għal sekli sħaħ tal-komunità Kopta Eġizzjana; jitlob lill-Gvern Eġizzjan jappoġġa l-komunità Kopta b'kull mod possibbli, sabiex il-komunità Kopta Eġizzjana tista' tkompli tkun parti importanti importanti min-nisġa soċjali u ekonomika tal-Eġittu u li terġa' tiġi għal li kienet malajr il-koeżistenza paċifika mal-komunitajiet l-oħra tal-Eġittu;

10. Jisħaq darb'oħra fuq l-importanza tal-kontribut tas-soċjetà ċivili, tat-trade unions u tal-midja fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli fl-Eġittu; jistieden lill-Gvern interim jiggarantixxi li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili domestiċi u internazzjonali, it-trade unions u l-ġurnalisti indipendenti jistgħu joperaw liberament, mingħajr indħil mill-Gvern, fil-pajjiż; jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jiżguraw li l-kumitat inkarigat biex jikteb liġi ġdida tal-NGOs jipproduċi abbozz li jkun konformi mal-istandards internazzjonali; jappoġġa d-deċiżjoni tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-21 ta' Awwissu 2013 li, fid-dawl tal-impatt negattiv tas-sitwazzjoni ekonomika fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà Eġizzjana, l-għajnuna tal-UE fis-settur soċjoekonomiku u lis-soċjetà ċivili se tkompli;

11. Jilqa' r-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill Nazzjonali Eġizzjan għad-Drittijiet tal-Bniedem lill-gvern biex jiftaħ uffiċċju reġjonali tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Kajr, u jħeġġeġ lill-Gvern eġizzjan japprova l-ftuħ ta' dan l-uffiċċju;

12. Iħeġġeġ lill-Unjoni tqis kemm il-prinċipju ta' kundizzjonalità ("aktar għal aktar") u l-isfidi ekonomiċi serji li l-Eġittu qed jaffaċċja fir-relazzjonijiet bilaterali tagħha mal-pajjiż u fl-appoġġ finanzjarju lill-pajjiż; jitlob li jkun hemm standards ċari u miftiehma b'mod konġunt f'dan ir-rigward; jilqa' d-deċiżjoni reċenti tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin li jissospendi l-liċenzji ta' esportazzjoni lejn l-Eġittu għal kwalunkwe tagħmir li jista' jintuża għat-trażżin intern, li jirrivalutaw il-liċenzji ta' esportazzjoni għal tagħmir militari ieħor, u li jirrieżaminaw l-għajnuna lill-Eġittu fil-qasam tas-sigurtà;

13. Jikkonferma mill-ġdid l-impenn tiegħu biex jgħin lill-poplu Eġizzjan fil-proċes lejn riforma demokratika u ekonomika; jilqa' u jappoġġa l-isforzi ta' medjazzjoni bejn il-partijiet tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President, Catherine Ashton, u tar-Rappreżentant Speċjali, Bernardino León, bl-għan li tiġi nnegozjata soluzzjoni għall-kriżi politika attwali;

14. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat-18 ta' Ġunju 2013 dwar "Kooperazzjoni tal-UE mal-Eġittu fil-Qasam tal-Governanza", u jitlob li tittieħed azzjoni biex jiġu żgurati aktar trasparenza u responsabbiltà fir-rigward tal-mod li bih jintefqu l-fondi tal-UE fl-Eġittu, b'kunsiderazzjoni speċjali għal proġetti li jippromwovu s-soċjetà ċivili u li jipproteġu l-minoranzi u d-drittijiet tan-nisa;

15. Itenni t-talba tiegħu li jiġi stabbilit bla dewmien mekkaniżmu tal-UE biex tingħata għajnuna legali u teknika lill-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija fil-proċess ta' rkupru tal-assi, kif imsemmi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2013 iżda li ġie pospost minħabba l-inkwiet fl-Eġittu; jenfasizza darb'oħra li l-faċilitazzjoni tar-radd tal-assi misruqa mill-ex dittaturi u r-reġimi tagħhom hija obbligu morali għall-UE; jemmen li l-irkupru tal-assi huwa kwistjoni politika ferm minħabba l-valur simboliku tiegħu u jista' jagħti kontribut kbir biex terġa' tiddaħħal ir-responsabbiltà, tinħoloq l-istabbiltà u jinbnew istituzzjonijiet sodi fl-ispirtu tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi sħab ikkonċernati;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu.

---

P7_TA(2013)0380

## Id-dimensjoni marittima tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar id-Dimensjoni Marittima tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (2012/2318(INI))**

(2016/C 093/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 42, 43 u 45 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 194 tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà intitolata 'Ewropa sikura f'dinja aħjar', adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003, u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha intitolat "Nipprovdu s-Sigurtà f'Dinja li qed Tinbidel", approvat mill-Kunsill Ewropew tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra l-Politika Marittima Integrata tal-2007 (COM(2007)0575) u r-Rapport ta' Progress tal-2012 (COM (2012)0491),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Ministri Ewropej responsabbli għall-Politika Marittima Integrata u tal-Kummissjoni Ewropea tas-7 ta' Ottubru 2012, dwar Aġenda tal-Baħar u Marittima għat-tkabbir u l-impjiegi, id-"Dikjarazzjoni ta' Limassol",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Marittima tas-26 ta' April 2010,

— wara li kkunsidra ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Qarn tal-Afrika ([1]),

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) tal-10 ta' Diċembru 1982,

— wara li kkunsidra l-Proposta Konġunta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-Klawżola ta' Solidarjetà tal-21 ta' Diċembru 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2006 intitolata 'Lejn Politika Marittima tal-Unjoni għall-ġejjieni', Viżjoni Ewropea għall-Oċeani u l-Ibħra' (COM(2006)0275),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Jannar 2011 dwar il-politika sostenibbli tal-UE għat-Tramuntana Estrema ([3]) u l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2012 dwar l-Iżvilupp ta' Politika tal-Unjoni Ewropea rigward ir-Reġjun Artiku: il-progress mill-2008 u l-passi li jmiss ([4]),

— wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) dwar il-Ġbir flimkien u l-Qsim tal-2012,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-Alleanza Marittima adottata minn NATO fit-18 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsdira l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija 'l barra mix-xtut tas-Somalja (ATLANTA) tal-2008 ([5]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-missjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) tal-2012 ([6]),

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0006.
([2]) JOIN(2012)0039 – 2012/0370(NLE).
([3]) ĠU C 136 E, 11.5.2012, p. 71.
([4]) JOIN(2012)0019.
([5]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.
([6]) ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-Kooperazzjoni ċivili-militari u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili-militari ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qarn tal-Afrika tal-14 ta' Novembru 2011, u, b'mod partikolari, il-Qafas Strateġiku stabbilit fl-anness tagħhom,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 ([3]) dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2008 dwar il-piraterija fuq il-baħar ([4]) u tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-piraterija marittima ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0220/2013),

A. billi l-Istati Membri tal-UE jikkostitwixxu kosta ta' 'l fuq minn 90 000 kilometru fit-tul fil-fruntiera bejn żewġ oċeani u erba' ibħra, apparti mit-territorji extra-Ewropej u l-installazzjonijiet ta' sigurtà nazzjonali f'oċeani oħra; billi l-Istati Membri tal-UE huma responsabbli għall-kontroll, is-sigurtà u s-sikurezza tal-ilmijiet kostali u territorjali Ewropej, iż-Żoni Ekonomiċi Esklussivi (EEZs), il-blata kontinentali, l-infrastruttura marittima u r-riżorsi marittimi; billi l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jkunu l-fornituri prinċipali tas-sigurtà għall-baħħara abbord bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u għaċ-ċittadini tagħhom; billi n-nuqqas ta' kapaċità tal-Istati li jikkontrollaw l-ispazju marittimu għandu konsegwenzi li jmorru lil hinn sew miż-żoni kostali u marittimi tagħhom;

B. billi l-limiti marittimi tal-Istati Membri jiffurmaw l-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea;

C. billi l-ispazji marittimi huma miftuħa, vasti u mingħajr limiti, u huma limitati biss mill-ġurisdizzjonijiet marittimi; billi l-ispazji marittimi huma diffiċli biex jiġu kkontrollati, speċjalment peress li d-dritt marittimu internazzjonali għandu l-għan prinċipali li jiffaċilità l-kummerċ u jiggarantixxi l-moviment liberu;

D. billi 90 % tal-kummerċ estern tal-UE u 40 % tal-kummerċ intern tagħha hu trasportat permezz tal-baħar; billi l-UE hi l-attur ewlieni fid-dinja tat-trasport marittimu, u sidien ta' vapuri Ewropej imexxu 30 % tal-bastimenti u 35 % tat-tunnellaġġ tat-trasport dinji – inter alia 55 % tal-bastimenti tal-kontejners u 35 % tat-tankers, u dan jirrappreżenta 42 % tal-valur tal-kummerċ globali bil-baħar; billi l-Istati Membri tal-UE flimkien jikkostitwixxu l-ikbar EEZ (ta' madwar 25 miljun kilometru kwadru);

E. billi kwalunkwe strateġija marittima tal-UE għandha l-ewwel u qabel kollox tippromwovi l-prinċipji bażiċi stabbiliti l-Artikolu 21 tat-TFUE bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u tas-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali; billi l-Istati għandhom l-obbligu li jippruvaw isaħħu u jinfurzaw mill-ġdid id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-UNCLOS u li jiggarantixxu l-fluss tar-rotot marittimi u l-preservazzjoni tal-Beni Komuni Globali u tal-interessi kummerċjali u ambjentali;

([1]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 7.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0455.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2013)0097.
([4]) ĠU C 15 E, 21.1.2010, p. 61.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2012)0203.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

F. billi l-importanza tal-flussi marittimi globali għall-Unjoni żdiedet b'mod esponenzjali bħala konsegwenza tat-tkabbir ekonomiku, il-globalizzazzjoni u l-interdipendenza globali li dejjem qed tikber; billi l-bilanċ marittimu ġeostrateġiku qed jinbidel malajr, u l-poteri emerġenti qed jadottaw strateġiji u teknoloġiji ta' ċaħda għall-aċċess biex jistabbilixxu ruħhom fiż-żoni marittimi reġjonali u globali, filwaqt li jikkostringu l-aċċess tal-Istati Uniti u tal-Ewropea billi ambjent ta' sigurtà marittima aktar kumpless u vast b'applikazzjoni mhux stretta u varjata tat-trattati internazzjonali jagħmilha aktar diffiċli li jkun hemm multilateraliżmu u kooperazzjoni internazzjonali effettivi fir-regolamentazzjoni tal-affarijiet marittimi; billi huwa fl-interess tal-UE li tiżgura sigurtà marittima mhux biss fl-ilmijiet 'l barra mill-kosti iżda fl-oċeani u l-ibħra tad-dinja;

G. billi ħafna fatturi bħall-faqar, in-nuqqas ta' żvilupp, il-livelli baxxi tal-kontroll mill-istat u tal-infurzar tal-liġi u l-vulnerabbiltà tar-rotot jinkoraġġixxu l-proliferazzjoni ta' tipi differenti ta' theddid għas-sigurtà marittima; billi dak it-theddid jista' jitnissel kemm mill-atteġġamenti tal-istati li jistgħu jkunu interessati fit-tfixkil tal-flussi marittimi internazzjonali u mill-attivitajiet illegali ta' atturi mhux statali, bħal reati transnazzjonali (pereżempju t-traffikar tal-armi jew tad-drogi), it-terroriżmu internazzjonali jew il-piraterija li jesplojtjaw id-dgħufijiet ta' sistema frammentata ta' governanaza marittima lokali, reġjonali u globali; billi l-attivitajiet legali u illegali fuq il-baħar qed jiżdiedu fin-numru u fil-kumplessità b'riżultat ta' din il-multiplikazzjoni tal-atturi preżenti fuq il-baħar li jagħmluha aktar u aktar diffiċli li jkun hemm distinzjoni bejn l-attivitajiet legali u dawk illegali; billi dan jitfa' pressjoni fuq l-UE biex tinvesti f'approċċ olistiku sabiex tindirizza l-kumplessità tal-isfidi transnazzjonali, li l-ebda Stat Membru ma jista' jaffronta waħdu;

H. billi l-perspettiva globali dwar il-kapaċitajiet navali u l-projezzjoni tal-poter qed tinbidel malajr, filwaqt li l-poteri emerġenti u stabbiliti qed jesprimu dubju dwar il-prinċipji tal-UNCLOS, l-arbitraġġ u r-regolamentazzjoni internazzjonali; billi, l-aktar sinifikanti, iċ-Ċina ssegwi l-politika ta' "String of Pearls", billi tipprova żżid u testendi l-preżenza tagħha fuq il-baħar għal għadd kbir ta' raġunijiet iddikjarati u mhux, mis-sigurtà tal-kummerċ u r-rotot tal-enerġija sal-kontroll tar-riżorsi marittimi u l-infrastruttura marittima kritika, b'hekk tmur kontra l-interessi marittimi tal-ġirien kważi kollha tagħha fl-Ibħra tan-Nofsinhar u tal-Lvant taċ-Ċina;

I. billi l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha huma partijiet kontraenti għall-UNCLOS, għaldaqstant il-Konvenzjoni tikkostitwixxi parti mill-acquis communautaire;

J. billi, bħala attur globali, l-UE trid tikkunsidra l-isfidi ta' sigurtà u r-risposti awtonomi possibbli, b'mod partikolari fir-rigward taż-żoni viċini tal-Baħar Mediterran, il-Qarn tal-Afrika u l-Atlantiku tal-Punent, iżda wkoll il-Paċifiku, mil-Lvant sal-Punent, u mill-Artiku sal-Antartiku;

K. billi l-atturi mhux statali marittimi illegali jipproliferaw, filwaqt li jheddu r-rotot u l-infrastrutturi marittimi kritiċi u jesplojtaw id-dgħjufijiet tal-istati u l-ġurisdizzjonijiet tagħhom;

L. billi l-ġlieda kontra dan it-theddid mhux konvenzjonali ħafna drabi sseħħ f'ambjenti diffikultużi u perikolużi, u b'hekk tirrikjedi kemm mezzi ċivili kif ukoll militari; billi l-PSDK, b'dimensjoni kemm ċivili kif ukoll militari, hi qafas xieraq għall-ġlieda kontra t-theddid perikoluż fuq il-baħar u tul il-kosti;

M. billi l-UE waħida ma tistax tiżgura sigurtà marittima globali; billi għandha bżonn tikseb sħubiji b'saħħithom ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali, speċjalment f'żoni remoti – pereżempju fl-Asja, fejn pereżempju hu aktar diffiċli li l-UE tuża r-riżorsi propji;

N. billi l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ESS) ma tirreferix speċifikament għad-dimensjoni marittima, apparti billi tidentifika l-piraterija bħala theddida għall-UE; billi l-Politika Marittima Integrata Ewropea (PMI) tindirizza l-kwistjonjiet marittimi iżda bilkemm tmiss mad-dimensjoni tas-sigurtà u b'hekk tittraskura qasam li qed ikompli jhasseb l-UE; billi hemm ħtieġa imperattiva għal reviżjoni tal-approċċ tal-UE għas-sigurtà marittima, partikolarment bl-adozzjoni tal-

Istrateġija ta' Sigurtà Marittima Ewropea (EMSS) li tikkjarifika kif il-PMI għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-ESS; billi din l-EMSS għandha tiddefinixxi l-interessi ta' sigurtà u l-objettivi strateġiċi, u tidentifika l-objettivi, ir-riskji, il-mezzi disponibbli u neċessarji għal intervent, kif ukoll xenarji eventwali;

O. billi l-EMSS hi meħtieġa sabiex l-interessi, ir-riskji u l-opportunitajiet li l-Unjoni taffaċja fuq il-baħar jiġu integrati, inkluża l-protezzjoni għaċ-ċittadini Ewropej u l-assi tagħhom; billi dik l-istrateġija għandha tippromwovi l-valuri u l-prinċipji Ewropej, u jeħtieġ li jkollha miri fit-tul u tkun proattiva u timmobilizza l-istituzzjonijiet u l-atturi rilevanti kollha, kemm ċivili kif ukoll militari u tenfasizza, b'mod partikolari, li l-fatt li l-Istati Membri tal-UE ma jifilhux jiżviluppaw u jżommu l-kapaċitajiet navali bl-objettiv uniku li jużawhom esklussivament f'operazzjonijiet potenzjali ta' intensità għolja;

P. billi l-kunflitt u n-nuqqas ta' stabbiltà li jaffettwaw l-interess tal-UE fil-flussi marittimi miftuħin u l-aċċess sikur jirrikjedu eżami aktar profond tar-rabta bejn is-sigurtà tal-bniedem, il-governanza tal-istat u l-iżvilipp u billi l-istrateġija tal-UE għall-Qarn tal-Afrika għandha għalhekk tintuża bħala mudell għal approċċ komprensiv li jinvolvi l-istrumenti politiċi, diplomatiċi, soċjali, u ekonomiċi tal-UE; billi dan l-approċċ komprensiv għandu jkunfil-qalba tal-EMSS u għandu jinvolvi koordinazzjoni fost l-inizzjattivi, l-aġenziji u l-istrumenti differenti tal-UE, bl-għan li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tan-nuqqas ta'stabbiltà u jingħata kontribut sabiex jiġi riżolt il-kunflitt, tiġi rinforzata l-paċi u tingħata assistenza fil-bini tal-istat, il-governanza u l-iżvilupp, bl-inklużjoni tar-riforma tas-settur tas-sigurtà, il-provvista tal-enerġija, is-sigurtà marittima u ta' kummerċ ieħor u tat-trasport, il-protezzjoni tas-sajd u l-ambjent u l-impatt tat-tibdil fil-klima;

***Rimarki ġenerali dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Marittima futura***

1. Jemmen bis-sħiħ li l-UE għandha interess vitali f'ambjent marittimu sikur, miftuħ u nadif li jippermetti passaġġ liberu tal-kummerċ u tal-persuni u l-użu paċifiku, legali, ġust u sostenibbli tal-ġid tal-oċeani, li l-flussi marittimi jirrappreżentaw il-vitalità tal-kummerċ Ewropew u huma fil-bażi tal-prosperità u l-influwenza Ewropea; li s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej u l-promozzjoni tal-prinċipji tal-Artikolu 21 tat-TFUE huma responsabbiltà tal-UE u tal-Istati Membri; u li l-qafas istituzzjonali tal-UE, kemm ċivili kif ukoll militari, għandu, għaldaqstant, jiġi żviluppat aktar sabiex jipprovdi għall-objettivi, il-mezzi u l-kapaċitajiet neċessarji biex jassumi dik ir-responsabbiltà;

2. Ifakkar lill-Istati Membri li permezz ta' spirtu ta' impenn, fehim mutwali u solidarjetà ġenwina biss l-Unjoni tista' twettaq ir-rwol tagħha kif stabbilit fit-Trattat ta' Lisbona u la-mbizzjoni dikjarata tagħha li tkun fornitur ta' sigurtà fuq livell globali; ifakkar, b'rabta ma' dan, li l-Artikolu 42(7) tat-TUE ('il-klawżola ta' difiża reċiproka' jew 'il-klawżola ta' assistenza reċiproka'), l-Artikolu 222 tat-TFUE ('il-klawżola tas-solidarjetà'), u l-Artikolu 42(6)TUE (kooperazzjoni permanenti strutturata) introdotti mit-Trattat ta' Lisbona, jipprovdu l-qafas istituzzjonali għal solidarjetà effikaċi fost l-Istati Membri kollha fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni; ifakkar li dawk l-istrumenti għad għandhom jiġu implimetati; ifaħħar, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għall-Proposta Konġunta dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-klawżola tas-solidarjetà u jistedinhom jivvalutaw liema jkunu l-konsegwenzi kieku din il-klawżola tiġi attivata biex tindirizza kwalunkwe sfida fuq il-baħar jew li tinvolvu assi jew infrastrutturi marittimi; iħeġġeġ lill-Kunsill biex japprova din il-proposta malajr;

3. Jenfasizza l-fatt li l-UNCLOS tipprovdi l-qafas legali għat-tipi kollha ta' attivitajiet imwettqa fl-oċeani u l-ibħra u tista' sservi ta' gwida għar-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim marittimu; iħeġġeġ, għalhekk, lill-UE u l-Istati Membri tagħha jippromwovu l-universitalità tal-Konvenzjoni u jinsistu dwar il-bżonn ta' implimentazzjoni uniformi u konsistenti tad-dispożizzjonijiet tagħha;

4. Jirrikonoxxi l-fatt li l-Unjoni Ewropea diġà tiddisponi minn ftit mill-mezzi u l-istrumenti neċessarji biex tilqa' l-isfidi globali ta' sigurtà marittima u l-bżonn ta' ambjent sikur u stabbli, permezz tas-SEAE u l-Kummissjoni Ewropea, l-istrumenti finanzjarji, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja, il-ġestjoni tal-kriżi, il-kooperazzjoni kummerċjali, u għodda oħra rilevanti għal azzjoni; jinnota, madankollu, li l-biċċa l-kbira tal-assi tekniċi u dawk materjali huma responsabbiltà tal-Istati Membri ui r-rieda tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom hi ta' importanza kbira għall-futur tas-sigurtà marittima;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

5. Jinnota, madankollu, li l-Istrateġija ta' Sigurtà Marittima hi meħtieġa biex ikun żgurat approċċ integrat u komprensiv, li jiffoka speċifikament fuq it-theddid, ir-riskji, l-isfidi u l-opportunitajiet preżenti fuq il-baħar; li l-EMSS, filwaqt li hi msejsa fuq il-valuri u l-prinċipji Ewropej, trid tiżviluppa sinerġiji u risposti konġunti li jimmobilizzaw l-atturi u l-istituzzjonijiet rilevanti kollha, kemm ċivili kif ukoll militari; li l-EMSS għandha tidentifika t-theddid potenzjali kollu, minn theddid konvenzjonali ta' sigurtà għal dawk imposti minn diżastri naturali u mit-tibdil fil-klima, minn theddid li jaffettwa l-protezzjoni tar-riżorsi marittimi vitali għas-sigurtà tal-infrastruttura marittima u l-flussi kummerċjali; li trid tidentifika wkoll il-mezzi u l-kapaċitajiet speċifiċi meħtieġa biex tindirizza l-isfidi kollha, inklużi s-servizzi sigrieti, is-sorveljanza u l-pattulja, it-tfittix u s-salvataġġ, it-trasport bil-baħar, l-evakwazzjoni tal-UE u ċittadini oħrajn minn żoni ta' kriżi, l-infurzar tal-embargo, u l-assistenza għal kwalunkwe missjonijiet u interventi mmexxija mill-PSDK;

6. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni, u l-Kunsill biex ifasslu EMSS iffukata fuq, l-artikulazzjoni u l-koordinazzjoni fost l-atturi Ewropej kollha u l-Istati Membri rilevanti għas-sigurtà marittima; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lir-RGħ/VP, kif xieraq, jindirizzaw in-nuqqasijiet tal-PMI tal-2007 li ma tinkludix id-dimensjoni tas-sigurtà kif ukoll il-limiti tal-ESS li naqset milli tindirizza t-theddid u r-riskji għas-sikurezza marittimi; hu tal-fehma li l-livell ta' ambizzjoni kif ukoll il-mezzi u l-kapaċitajiet tal-EMSS għandhom jiġu mhaddna fl-ESS u l-PMI u għandhom jiġu determinati permezz tal-bżonn li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà globali, biex b'hekk tiżgura flussi marittimi u l-aċċess liberi fl-ibħra miftuħa mad-dinja kollha; jenfasizza l-fatt li s-sigurtà marittima, se jaffettwa fi żmien qasir, medju u fit-tul, basikament il-komponenti l-oħra kollha tas-sigurtà u l-prosperità Ewropea;

7. Jistieden lill-Istati Membri jassistu mill-qrib u jkunu involuti b'mod attiv mas-SEAE u mal-Kummissjoni fit-tfassil ta' EMSS ġdid, bl-għan li jsir użu effikaċi tal-assi varjati kollha tagħhom, kif ukoll jikkunsidraw l-identifikazzjoni u l-ħolqien ta' kapaċitajiet ġodda permezz tal-akkomunament u l-kondiviżjoni, barra minn hekk, jikkunsidra li l-istrateġija l-ġdida għandha tintegra inizjattivi ta' ħolqien ta' forzi bilaterali jew multilaterali konġunti bħad-Dikjarazzjoni tat-2 ta' Novembru 2010 bejn Franza u r-Renju Unit;

8. Jenfasizza l-fatt li approċċ integrat marittimu bħal dan, li jgħaqqad l-istrumenti ċivili u l-għodda militari u jinkludi kemm l-aspetti interni kif ukoll dawk esterni tas-sigurtà, diġa qed jifforma fil-livell nazzjonali f'xi Stati Membri filwaqt li qed tiġi applikata wkoll b'mod bilaterali bejn ċerti Stati Membri, u għaldaqstant għandu jiġi msaħħaħ fil-livell tal-Unjoni; jenfasizza r-rwol li jista' u li għandu jkollhom in-nazzjonijiet marittimi fit-trawwim pożittiv tal-integrazzjoni reġjonali marittima; jenfasizza li l-inizjattivi tal-integrazzjoni marittima reġjonali jistgħu u għandhom iwasslu għall-ġbir komuni u l-kondiviżjoni tal-assi navali kritiċi sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-kapaċità tal-UE;

***Riskji potenzjali***

9. Jirrikonoxxi l-fatt li ż-żieda fit-traffiku fuq il-baħar u l-iżvilupp tal-attivitajiet off-shore u dawk kostali qed joħolqu sfidi għas-sigurtà marittima billi jagħmluha aktar u aktar diffiċli li ssir distinzjoni bejn l-attivitajiet legali u dawk illegali fuq il-baħar;

10. Jinnota li l-UE qed tħabbat wiċċha ma' theddid konvenzjonali għas-sigurtà u b'mod partikolari l-ħolqien tal-poteri marittimi ġodda wasslu għal rivalitajiet potenzjali interstatali dwar is-sjieda taż-żoni marittimi (tilwim dwar il-ġurisdizzjoni, il-pretensjonijiet territorjali, il-liċenzji għall-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni fiż-Żoni tal-Baħar Fond); jinnota, barra minn hekk, li l-pajjiżi emerġenti żviluppaw il-kapaċitajiet marittimi tagħhom (tal-flotot navali, sottomarini) u, fl-istess ħin, għandhom tendenza jqiegħdu inkwistjoni l-prinċipji tad-dritt marittimu internazzjonali;

11. Iwissi kontra l-illeġittimà tar-riżorsi naturali u l-minerali importanti fl-ilmijiet tal-Istati Membri tal-UE jew fl-ibħra tal-viċinat; jinnota li t-tellieqa mhux ikkontrollata għar-riżorsi marittimi, naturali u minerali jkollha impatt dannuż fuq l-ekosistema marittima, u b'hekk jiżdied l-impatt ambjentali tal-attivitajiet fuq il-baħar; ifakkar li l-esplojtazzjoni tar-riżorsi marittimi tista' twassal ukoll għal militarizzazzjoni mhux mixtieqa taż-żoni marittimi; madankollu, jenfasizza d-dritt ta' kull Stat Membru li jipparteċipa fl-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tal-baħar, b'tali mod li jirrispetta d-dritt internazzjonali u r-regolamenti ambjentali;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

12. Jinnota li l-UE għandha bżonn tibni sħubiji b'saħħithom ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet reġjonali sabiex tiżgura s-sigurtà u l-istabilità tal-esplojtazzjoni tal-kummerċ u tar-riżorsi; jenfasizza l-fatt li dimensjoni marittima b'saħħitha tal-PSDK tipprovdi lill-UE l-kapaċità li taġixxi ta' arbitru effikaċi internazzjonali meta jkun hemm bżonn;

13. Iwissi li l-istati li mhumiex lesti li jikkooperaw mal-komunità internazzjonali u li jħarsu t-trattati u l-istandards internazzjonali u li jiddisponu mill-pożizzjoni ġeografika biex jostakolaw ir-rotot kummerċjali, kif ukoll li għandhom il-kapaċitajiet teknoloġiċi u militari li jagħmlu dan, huma wieħed mit-tħassib ewlieni tas-sigurtà marittima fil-preżent; jikkunsidra li għandhom isiru l-isforzi diplomatiċi kollha mis-SEAE u r-RGħ/VP biex jingħaqdu magħhom fi djagolu u f'kooperazzjoni;

14. Jinnota li, filwaqt li l-konfrontazzjoni militari bejn stati ma jistgħux jiġu kompletament esklużi, ir-riskji diretti u indiretti għas-sigurtà tal-UE huma fil-biċċa l-kbira maħluqa minn theddid mhux konvenzjonali li japprofittaw mid-diffikultajiet fl-infurzar tal-liġi fiż-żoni marittimi, fiż-żoni kostali u b'mod ġenerali mid-diffikultajiet li jirriżultaw mill-falliment tal-istat, il-fraġilità tal-istat u n-nuqqas ta' kontroll tal-istat;

15. Jinnota li waħda mit-theddid ewlenin għas-sigurtà marittima tal-UE hi ż-żieda tal-attivitajiet terroristiċi marittimi fid-dinja li jheddu b'mod dirett il-bastimenti ċivili u militari tal-UE, il-faċilitajiet tal-portijiet u l-installazzjoni tal-enerġija u li jieħdu vantaġġ mill-baħar biex jattakkaw u jinfiltraw miri bbażati fuq l-art; jinnota li dawn l-atturi jinteraġixxu man-netwerks ta' kriminalità transnazzjonali organizzata li huma involuti f'attivitajiet illegali fuq il-baħar, bħall-kuntrabandu, it-traffikar tal-bnedmin, l-immigrazzjoni illegali, it-traffikar tad-drogi u tal-armi, inkluż it-traffikar tal-armi żgħar u armi ta' kalibru żgħir u komponenti tal-AQM; jenfasizza l-fatt li tali attivitajiet illeċiti jaggravaw il-kriżi politika u umanitarja, jostakolaw l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, id-demokrazija u l-istat ta' dritt, id-depravazzjoni tal-fjuwil u joħolqu l-immigrazzjoni, l-ispustament intern tal-persuni u sofferenza umana kbir;

16. Jinsab allarmat bl-evidenza, li kulma tmur qed tiżdied, li n-netwerks terroristiċi u l-atturi mhux statali qed jiksbu kapaċitajiet marittimi sofistikati, inklużi kapaċitajiet sottomarini, teknoloġiji ta' radar u ta' ditekters, filwaqt li għandhom aċċess ukoll għal data loġistika relatata mal-industrija internazzjonali tat-trasport marittimu, kapaċitajiet fil-qasam tat-tqegħid ta' mini u Apparati Esplossivi Improvvisati Trażmessi mill-Ilma (WBIED), li b'hekk qed ikabbru l-potenzjal ta' theddid tagħhom u l-kapaċità li jaħarbu l-kontroll u li tindika espansjoni tal-attivitajiet tagħhom viċin tal-Ewropa, notevolment fiż-żewġ naħat tax-Xlokk tal-Oċean Atlantiku;

17. Jikkunsidra li l-kontinwazzjoni tal-kunflitti ffriżati viċin iż-żoni marittimi, bħalma huma l-Kawkasu tan-Nofsinhar, il-Mediterran tax-Xlokk jew il-Baħar tal-Ġappun, hija waħda mis-sorsi ewlenin tal-instabilità fid-dinja, u din tipperikola r-rotot ta' trasport u tal-enerġija, tippromwovi l-kummerċ tal-armi kif ukoll tiffaċilità l-attivitajiet ta' atturi mhux statali bħan-netwerks kriminali u ċ-ċelloli terroristiċi;

18. Għadu mħasseb dwar il-piraterija tul il-kosta Afrikana tal-Lvant u l-Punent Josserva li l-attakki mill-pirati (minn serq bl-użu tal-armi, ħtif ta' bastimenti u ekwipaġġi, u estorsjoni ta' flus) qed jostakolaw serjament il-libertà għall-aċċess u l-fluss f'dawk l-ibħra u għaldaqstant jirrappreżentaw theddida konsiderevoli għall-kummerċ internazzjonali u s-sigurtà marittima; josserva li l-piraterija ġeneralment hi problema li tinbet minn nuqqas ta' governanza u mill-iżvilupp tal-istati kostali kkonċernati; jittama li l-UE tibni fuq il-kisbiet tal-operazzjoni EUNAVFOR Atalanta tal-PSDK biex tniedi l-operazzjonijiet tal-PSDK għall-ġlieda kontra l-piraterija x'imkien ieħor;

19. Iwissi kontra l-problemi kkawżati mill-piraterija, it-terroriżmu internazzjonali u l-kriminalità organizzata b'mod ġenerali għas-sigurtà ta' navigazzjoni f'punti vitali ta' konġestjoni ta' tranżitu marittimu; jenfasizza li wħud mill-aktar passaġġi fuq l-ilma importanti li jiżguraw provvisti ta' enerġija globali ġeografikament huma pożizzjonati tul l-aktar żoni marittimi instabbli, bħal fil-każ tal-Kanal ta' Suez, l-Istrett ta' Hormuż u l-Istrett ta' Malacca;

20. Jinnota li l-ġlieda kontra l-attivitajiet mhux konvenzjonali hemm bżonn li tiddependi fuq il-firxa sħiħa tal-għodda tal-PSDK, inklużi l-militari, peress li l-interventi ħafna drabi jsiru f'pajsaġġi diffiċli ħafna, filwaqt li l-atturi jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom firxa wiesgħa ta' armi perikolużi; isostni li, skont il-mudell tal-azzjoni tal-UE fil-Qarn tal-Afrika fejn għaddejjin l-operazzjoni EUNAVFOR Atalanta u l-operazzjoni EUCAP NESTOR, l-operazzjonijiet tal-PSDK irid ikollhom l-għodda esterna l-oħra tal-UE bl-għan li jindirizzaw l-kawżi soċjali, ekonomiċi u politiċi fundamentali tal-kriżi u jiżguraw is-sigurtà sostenibbli tar-reġjuni kkonċernati;

**Il-Ħamis 12 ta’ Settembru 2013**

21. Jinnota li l-migrazzjoni irregolari hemm mnejn li tkompli tqiegħed pressjoni fuq il-fruntieri marittimi tal-UE, speċjalment fid-dawl tal-evoluzzjoni politika u ekonomika fil-viċinat tan-nofsinhar u l-prospettiva tal-instabbiltà kontinwa fl-Afrika ta’ Fuq, is-Saħel, il-Qarn tal-Afrika u fl-Afrika sub-Saħarjana; ifakkar, madankollu, li l-migrazzjoni ma għandhiex titqies bħala theddida għas-sigurtà, iżda aktar bħala fenomenu uman li jeħtieġ strateġija maniġerjali robusta li tgħaqqad il-kooperazzoni reġjonali, politika u diplomatika u l-politiki ta’ żvilupp u l-investiment fi sħubiji reġjonali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan l-isforz jirrikjedi l-iżvilupp ta’ kapaċitajiet marittimi u ta’ attivitajiet tal-għassiesa tal-kosta għall-pattulja u s-salvataġġ tal-migranti li jkunu qed jivvjaġġaw abbord bastimenti illegali;

22. Jirrikonoxxi l-fatt li ż-żieda fit-traffiku fuq il-baħar hemm mnejn li żżid il-potenzjal għal diżastri bħal tixrid ta’ żejt u inċidenti ta’ tniġġiż ambjentali oħrajn, ir-rimi ta’ skart tossiku u l-bankering illegali taż-żejt; jisħaq li l-UE trid tiżviluppa ulterjorment strateġija li tibni fuq l-esperjenzi tal-passat ta’ diżastri ambjentali serji fuq il-baħar billi tiżgura li l-atturi kollha, l-entitajiet u l-aġenziji tal-UE, flimkien mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, jintervjenu b’mod ikkoordinat, bil-għan li joħolqu s-sinerġiji xierqa, bi spirtu ta’ solidarjetà u azzjoni aktar effikaċi;

***Żoni marittimi kritiċi***

*Il-Mediterran*

23. Jenfasizza l-fatt li l-Baħar Mediterran jirrappreżenta firxa ta’ sfidi li potenzjalment jistgħu jheddu l-istabbiltà tal-UE u l-interessi diretti tal-UE, partikolarment minħabba t-taqlib politiku u t-tbatiji soċjali u ekonomiċi li x’aktarx se jibqgħu jippersistu f’uħud mill-istati kostali; jinnota li l-attivitajiet illegali li trawwmu b’konsegwenza ta’ dan, bħat-terroriżmu u t-tipi kollha ta’ traffikar illeċitu, għandhom impatt fuq is-sigurtà marittima tal-UE, inkluża s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija lejn in-nofsinhar; jemmen li l-investiment fil-kooperazzjoni reġjonali marittima huwa meħtieġ b’mod urġenti, u jrid jinvolvi l-kooperazzjoni Ewropea u reġonali, l-attivitajiet tas-servizzi sigrieti tas-sorveljanza, tal-pattulja u tal-għassiesa tal-kosta, li dawn kollha jeħtieġu mezzi adegwati ta’ projezzjoni ta’ qawwa navali;

24. Jenfasizza li fil-Mediterran hemm għadd ta’ kunflitti reġjonali li jinvolvu tilwim rigward il-fruntiera marittima u għalhekk iħeġġeġ lill-UE timpenja ruħha biex tiġi evitata żjieda ta’ kunflitt madwar il-Mediterran, li tista’ żżid it-theddid eżistenti, bħall-konsegwenzi tal-gwerra ċivili fis-Sirja u l-impatt fuq iż-żona marittima tagħha u fuq dik tal-pajjiżi ġirien, in-nuqqas ta’ stabbiltà politika u n-nuqqas ta’ kapaċitajiet ta’ governanza fil-Libja, fl-Eġittu, u fit-Tunesija, l-effett domino fil-pajjiżi ġirien tal-Marokk u l-Alġerija, li għadhom s’issa jittlewmu dwar il-kunflitt tas-Sahara tal-Punent u li huma direttament affettwati miż-żieda fil-kunflitt f’Mali u fir-reġjun ta’ Sahel; iwissi wkoll dwar il-periklu li jinbet mir-rabta interna tal-kriżijiet fil-Mediterran u n-nuqqas ta’ stabbiltà u l-kunflitt fil-Lvant Nofsani, fis-Sahel, fil-Qarn tal-Afrika, fl-Afrika tal-Punent u fl-Afrika Sub-Saħarjana;

25. Jinnota li l-iskoperti reċenti tal-gass naturali fil-Mediterran tal-Lvant ħolqu ambjent ġoepolitiku ġdid u żiedu b’mod sinifikanti l-potenzjal għal tilwim, li affettwa b’mod dirett l-interessi leġittimi u d-drittijiet sovrani għall-Istati Membri tal-UE; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li t-Turkija, ir-Russja, l-Istati Uniti u l-Iżrael diġà kabbru l-forza navali tagħhom fil-Mediterran; jinnota wkoll l-implikazzjonijiet tat-tilwim mhux solvut mat-Turkija fl-Eġew u ż-żieda tat-tensjoni li tirriżulta mill-intenzjoni li jiġu esplojtati r-riżervi tal-idrokarburi ’l barra mill-kosta tal-Greċju u ta’ Ċipru; iħeġġeġ, għalhekk, lill-UE biex taġixxi sabiex tasserixxi l-pożizzjoni tagħha biex tevita kunflitt dwar riżorsi naturali fil-Mediterran u theddid għas-sigurtà konsegwenzjali għall-Istati Membri tal-UE fiż-żona, li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jaffettwaw lill-UE b’mod ġenerali;

*Il-Baħar Baltiku*

26. Jinnota li ħlief iż-żoni ta’ baħar tar-Russja, il-Baħar Baltiku hu baħar intern tal-UE u hu rotta ta’ traffiku ewlenija għal bosta stati tal-kosta; jinnota li l-istabilità tar-reġjun tal-Baħar Baltiku u t-tħaddim bla xkiel tat-trasport marittimu jiddependu fuq ir-rikonċiljazzjoni tal-interessi politiċi, kemm tal-Istati Membri individwali tal-UE u wkoll bejn l-UE u r-Russja; jinnota li l-istabilità politika tal-Baltiku hi marbuta ma’ kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-pożizzjoni tal-minoranzi lingwistiċi fl-istati tal-kosta, l-attivatijiet ta’ trasportazzjoni tal-enerġija, it-traffiku attiv ħafna ta’ tbaħħir merkantili, il-possibilità ta’ inċidenti li jinvolvu tankers taż-żejt, u l-kontaminazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u tal-ambjent; jinnota li l-Baltiku qed jiffaċċja

aktar sfidi għas-sigurtà u s-sikurezza marittima, minn armi kimiċi li jinsabu f'qiegħ il-baħar, mormija wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-impjanti ta' enerġija nukleari qodma li jinsabu mal-kosta, il-possibilità ta' attakki terroristiċi fuq it-trasport ta' tagħbija enerġetika, u l-possibilità ta' trasport ta' tagħbija ta' armi illegali mill-portijiet Baltiċi;

*Il-Baħar l-Iswed*

27. Jemmen li llum il-Baħar l-Iswed, f'termini ġeostarteġiċi, hu wieħed mir-reġjuni marittimi li jikkonfinaw mal-UE l-aktar importanti, b'mod partikolari fid-dawl tal-bżonn li jiġu żgurati s-sigurtà enerġetika tal-UE u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija tagħha; jinnota li r-reġjun għandu potenzjal għoli għal riskju fuq il-perjodu ta' żmien medju u twil, fid-dawl tal-pożizzjoni starteġika tiegħu bħala rotta importanti għat-trasport ta' merkanzija u tal-enerġija, il-viċinanza ma' żoni mhux stabbli b'kunflitti mtawla, bħal ma huma t-territorji kontestati tal-Abkażja u tal-Ossezja tan-Nofsinhar u l-kunflitt relatat bejn Moska u Tbilisi; jenfasizza l-fatt li, peress li s-sigurtà tal-enerġija ta' diversi Stati Membri tal-UE tiddependi ħafna fuq is-sigurtà tar-rotot tal-gass u taż-żejt li jgħaddu minn u fil-qrib tal-Baħar l-Iswed, l-UE għandha interess strateġiku biex twaqqaf iż-żieda ta' kunflitti reġjonali mtawla u li tidentifika soluzzjonijiet dejjiema għalihom; josserva li, għal dak il-għan, l-UE tista' jkollha bżonn timmobilizza l-assi navali Ewropej;

28. Ifakkar li fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Jannar 2011 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Baħar l-Iswed ([1]), u jtenni l-bżonn li l-UE jkollha rwol aktar attiv fit-tiswir tas-sigurtà ambjentali għall-Baħar l-Iswed; jistieden għall-darb'oħra lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex ifasslu strateġija għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed, li tindirizza b'moid effikaċi s-sigurtà marittima u l-isfidi tas-sikurezza;

29. Jenfasizza l-bżonn ta' djalogu msaħħaħ mas-sħab strateġiċi dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitt iżda jenfasizza wkoll l-importanza ta' parteċipazzjoni f'inizjattivi reġjonali multilaterali bħas-Sinerġija għall-Baħar l-Iswed, sabiex jiġi indirizzat theddid bħan-netwerks kriminali involuti fit-traffikar tal-bnedmin, tad-drogi u tal-armi jew problemi bħas-sajd illegali u d-degradazzjoni ambjentali;

*L-Oċean Atlantiku u l-Afrika tal-Punent*

30. Jinnota li l-Ewropa hi kummerċjalment dipendenti fuq l-Oċean Atlantiku; jinsab imħasseb li l-Atlantiku, u b'mod partikolari ż-żona tal-Karibew, huma rotta użata għat-transitu tad-drogi li jiġu mill-Amerika t'Isfel; hu inkwetat bil-fatt li l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi fid-deċennji li ġejjin, b'mod partikolari bit-tkabbir tal-kanal ta' Panama, jista' jippromwovi ż-żieda tal-attività kriminali fiż-żona;

31. Jemmen li l-kosta Afrikana tal-Punent, u speċifikament il-Golf tal-Ginea, illum għandha wħud mill-aktar theddid sostanzjali imminenti kontra l-Ewropa; huwa mħasseb ħafna li tul il-kosta Afrikana tal-Punent qegħdin jiżviluppaw sfidi serji fir-rigward ta'attivitajiet kriminali, it-traffikar tad-droga, tal-bniedem u tal-armi tan-nar; fl-istess ħin, il-pajjiżi tal-Golf tal-Ginea qed ikunu dejjem l-aktar inħawi fejn joperaw netwerks terroristiċi reġonali, bħal Boko Haram fin-Niġerja, li l-azzjonijiet tagħhom jaffettwaw lill-pajjiżi ġirien u li huma marbuta ma' netwerks fuq livell globali, bħal Al-Qaeda fil-Maghreb Iżlamiku, kif qed turi b'mod ċar il-kriżi f'Mali;

32. Jinnota bi tħassib li pajjiżi fil-Golf tal-Ginea huma soġġetti għal nuqqas ta' stabbiltà politika kontinwa, xi wħud qed jaffaċċjaw falliment tal-istat, bħalma huwa l-każ fil-Ginea-Bissau, li saret pjattaforma għat-traffikar tad-droga li toriġina mill-Amerika Latina u li għandha l-Ewropa fil-mira tagħha;

33. Jinnota li r-reġjun huwa wkoll fornitur importanti tal-enerġija, peress li l-pajjiżi tal-Golf tal-Ginea bħalissa jammontaw għal 13 % tal-importazzjonijiet taż-żejt u 6 % tal-importazzjoni tal-gass lejn l-UE, bin-Niġerja tkun responsabbli għal 5,8 % tat-total tal-importazzjonijiet taż-żejt tal-UE; jistenna li l-importanza tar-reġjun tiżdied b'riżultat ta' skoperti reċenti ta' riżervi ta' żejt u gass 'il barra mill-kosta; jitħasseb, għalhekk, dwar il-fatt li l-kompetizzjoni għar-riżorsi naturali 'l barra mill-kosta tista' twassal għal aktar kunflitt u attività kriminali;

([1]) ĠU C 136 E, 11.5.2012, p. 81.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

34. Jenfasizza li n-nuqqas ta' stabbiltà, it-terroriżmu u l-kriminalità 'l barra mill-kosta Afrikana tal-Punent hija marbuta sew man-nuqqas ta' stabbiltà fir-reġjun tas-Sahel kollu; iħeġġeġ lill-UE, għalhekk, fil-kuntest tal-missjoni ċivili tal-PSDK EUCAP Sahel Niger, biex jiġu integrati sforzi kontra t-terroriżmu fir-reġjun tas-Sahel fi strateġija reġonali u komprensiva għall-ġlieda kontra t-theddid fuq il-baħar 'il barra mill-kosta Afrikana tal-Punent, partikolarment fil-Golf tal-Ginea; f'dan ir-rigward, jitlob lill-UE biex tiżgura koordinazzjoni bejn iż-żewġ missjonijiet tal-PSDK fir-reġjun – l-EUCAP Sahel Niger u l-EUTM Mali –, flimkien mal-isforzi fuq l-art u fuq il-baħar, għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u kriminalità organizzata oħra fir-reġjun;

35. Jilqa' t-tħabbir mill-Kummissjoni tar-Rotot Marittimi Kritiċi fil-Programm tal-Golf tal-Ginea (CRIMGO), li għandu l-għan li jtejjeb is-sigurtà tal-ilmijiet tal-Golf tal-Ginea billi jipprovdi taħriġ għall-għassiesa tal-kosta u jistabbilixxi netwerk ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet ta' seba' stati kostali tal-Afrika tal-Punent, li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Istrument għall-Istabbiltà; jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-CRIMGO 'l barra mill-kosta Afrikana tal-Punent; jappella ukoll għal mekkaniżmi speċifiċi għal kooperazzjoni li għandhom jiġu stabbiliti biex jorbtu dan il-programm iffinanzjat mill-Kummissjoni u l-missjonijiet tal-PSDK EUCAP Sahel Niger u l-EUTM Mali, li l-attivitajiet tagħhom huma marbuta intrisikament mal-kawżi ta' nuqqas ta' stabbiltà 'l barra mill-Golf tal-Ginea;

36. Jenfasizza li hemm ħtieġa li tissaħħaħ l-effikaċja tal-attivitajiet tal-UE fil-Golf tal-Ginea, jissuġġerixxi li jinħolqu sinerġiji speċifiċi sabiex jitnissel valur miżjud mill-artikolazzjoni tal-istrumenti u tal-istrutturi eżistenti tal-UE bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA);

37. Jistieden lill-RGħ/VP biex tindika fuq mappa l-faċilitajiet li jinsabu f'postijiet strateġiċi, tal-Istati Membri tal-UE u tas-sħab tal-PKA – bħal Lajes Air Base fl-Azores, il-Portugall, u l-gżejjer ta' Kap Verde – li jistgħu jintużaw biex jiġu żviluppati interventi navali u tal-ajru speċifiċi għal kontra l-proliferazzjoni, it-terroriżmu, il-piraterija u l-kriminalità organizzata fil-Golf tal-Ginea u fl-Oċean Atlantiku ta' Nofsinhar usa', fi sħubija ta' bi tlieta li tinvolvi kooperazzjoni transatlantika mal-Istati Uniti, il-Kanada, il-Brażil u oħra bejn il-pajjiżi tal-Amerika Latina kif ukoll kooperazzjoni bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana;

*Il-Golf ta' Aden u l-Oċean Indjan tal-Punent*

38. Jenfasizza li, minħabba l-piraterija, il-Golf ta' Aden illum huwa wieħed mill-aktar żoni marittimi perikolużi fid-dinja; ifakkar li l-piraterija hija forma speċjali ta' kriminalità organizzata li tirrikjedi approċċ speċjali, komprensiv u olistiku li jindirizza r-rabta kawżali bejn il-piraterija u l-governanza soċjali, politika u ekonomika, bħal ma juru b'mod partikolari l-kuntesti tal-Qarn tal-Afrika u s-Somalja; jinnota li l-intraċċar tal-fluss tal-flus minn pagamenti għal fidwa, it-tneħħija ta' netwerks kriminali u l-prosekuzzjoni tal-awturi tal-krimini huma wkoll komponenti kruċjali għall-ġlieda kontra l-piraterija u jistgħu jinkisbu biss permezz tat-tgawdija tal-benefiċċji tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istat Membtu u l-Europol u l-Interpol; jinnota li hawnhekk hawn rabta konkreta bejn il-politika ta' sigurtà esterna u l-infurzar intern tal-liġi;

39. Jilqa' l-ħolqien tal-missjoni ċivili EUCAP Nestor tal-PSDK, li hija mfassla biex issaħħaħ l-kapaċitajiet marittimi fil-Qarn tal-Afrika u fl-Oċean Indjan tal-Punent, u li għandha l-għan li tipprovdi kontribuzzjoni aktar sostenibbli u aktar lokali biex jinkisbu l-għanijiet tal-interventi tal-EUNAVFOR Atalanta;

40. Jenfasizza s-suċċess reċenti miksub mill-EUNAVFOR Atalanta – li għandha titkompla – fit-tnaqqis tal-okkorrenza tal-attakki mill-pirati fl-Oċean Indjan tal-Punent u fit-tisħiħ tal-kredibbiltà tal-PSDK; jinnota li l-Operazzjoni Atalanta hija l-ewwel missjoni navali tax-xorta tagħha tal-PSDK u li għandha tikkostitwixxi mudell għal aktar żvilupp u implimentazzjoni tad-dimensjoni marittima tal-PSDK, filwaqt li jqis is-suċċessi tagħha, in-nuqqasijiet tagħha u l-lezzjonijiet meħuda; jilqa' r-rwol pożittiv mwettaq mill-UE mal-EUNAVFOR Atalanta fil-mekkaniżmu SHADE (Għarfien Komuni u De-konfliġġenti) fil-promozzjoni tal-koordinament bejn il-forzi navali multinazzjonali, nazzjonali u reġjonali li joperaw fiż-żona u b'mod partikolari fl-operazzjoni Ocean Shield tan-NATO; jilqa' wkoll il-kooperazzjoni tajba bejn l-aġenziji tal-UE (bħaċ-Ċentru Satellitari tal-UE SatCen u l-EMSA) u terzi, partikolarment fil-qasam tal-interpretazzjoni tal-immaġini ta' bastimenti permezz tas-satellita, anke meta ma jkunx hemm arranġamenti formali li jippermettu tali kooperazzjoni; jitlob lill-UE

tifformalizza r-rabta bejn l-għodod u l-entitajiet eżistenti tal-UE, bħal dik żviluppata bejn l-Atalanta, l-EMSA u s-SatCen, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-kompiti, tar-riżorsi u tal-kompetenza u biex jitgawdew il-benefiċċji operazzjonial ċari ta' tali sinerġiji;

41. Jenfasizza li l-kunċett ta' approċċ komprensiv, li f'dan il-każ partikolari jinbet mill-Qafas Strateġiku għall-Qarn tal-Afrika, huwa evidenti li fil-kombinazzjoni tat-tliet missjonijiet tal-PSDK li għaddejjin bħalissa fir-reġjun (l-EUNAVFOR Atalanta, il-Missjoni ta' Taħriġ tal-UE fis- Somalja u l-EUCAP Nestor), akkumpanjati minn impenn politiku u politiki ta' żvilupp; jilqa' l-attivazzjoni taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE, bl-għan li tiġi faċilitata l-koordinazzjoni u jissaħħu s-sinerġiji fost dawn il-missjonijiet, li tirrappreżenta pass sinifikanti fl-iżvilupp tal-PSDK; jirrimarka li dan l-eżempju ta' komplimentarjetà u koordinazzjoni għandu jheġġeġ tali azzjonijiet oħrajn fejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK huma involuti b'reazzjoni għal problema b'diversi aspetti; jinnota li l-effett tal' ippjanar militari u kapaċità ta' kondotta permanenti se jkun biss it-tisħiħ ta' aktar l-integrazzjoni ta' kwalunkwe komponent navali fil-missjonijiet tal-operazzjonijiet tal-PSDK;

42. Jirrikonoxxi l-miżuri ta' protezzjoni abbord imfassla mill-kumpaniji ta' tbaħħir; jappoġġa t-talbiet reċenti mill-industrija marittima sabiex intrapriżi ta' sigurtà marittima privati jiġu regolati, u jtenni t-talba tiegħu, l-ewwel nett, fir-rigward tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, l-istati bandiera, u l-industrija marittima, sabiex dawn jaħdmu flimkien biex ifasslu kodiċi ta' kondotta li jistipula standards ċari, konsistenti u infurzabbli internazzjonalment li jirregolaw l-użu ta' gwardji ta' sigurtà armati li jingħataw kuntratt privat fuq il-vapuri, u t-tieni nett, dwar l-intrapriżi ta' sigurtà marittima privata biex dawn jaġixxu b'konformità ma' dawk l-istandards;

*L-Artiklu*

43. Jenfasizza li l-ftuħ tal-passaġġi tal-baħar Artiku huwa konsegwenza diretta tat-tibdil fil-klima, u jenfasizza l-fatt li, l-ewwel u qabel kollox, l-UE għandha tinvesti fil-preservazzjoni u l-konservazzjoni tar-reġjun u l-assi ambjentali kruċjali filwaqt li tiżgura li r-riżorsi Artiċi huma użati b'mod sostanibbli u b'rispett għall-popolazzjonijiet lokali; jenfasizza l-importanza tal-istabilità u l-paċi globali fir-reġjun; jenfasizza, għaldaqstant, il-ħtieġa ta' politika tal-UE unita u koordinata għar-reġjun, fejn il-prijoritajiet tal-UE, l-isfidi potenzjali u l-istrateġija huma definiti b'mod ċar; jenfasizza l-fatt li, flimkien mal-interessi Daniżi, Finlandiżi u Żvediżi fl-Artiku, adeżjoni futura tal-Islanda mal-UE tapprofondixxi t-trasformazzjoni tal-Unjoni f'entità kostali tal-Artiku, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa għal politika tal-Artiku dejjem aktar ikkoordinata fil-livell tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-imsemmija Komunikazzjoni Konġunta bit-titolu "L-Iżvilupp ta' Politika tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun Artiku: il-progress mwettaq sa mill-2008 u l-passi li jmiss", u jtenni l-ħtieġa ta' djalogu politiku mas-sħab kollha fir-reġjun, inkluża r-Russja;

44. Jenfasizza l-importanza tar-rotot kummerċjali globali l-ġodda mill-passaġġi tal-baħar tal-Artiku, anki għall-ekonomiji tal-UE u tal-Istati Membri tagħha; jenfasizza l-fatt li l-UE u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw b'mod attiv il-libertà tal-ibħra u tad-dritt ta' passaġġ mingħajr ħlas fuq l-ilma internazzjonali; jenfasizza li t-tilwim territorjali permanenti li ilu għaddej bejn l-istati tal-Artiku għandu jiġi riżolt b'mod paċifiku u jappella għal involviment akbar tal-UE fir-reġjun u valutazzjoni ta' liema għodda u kapaċitajiet jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi indirizzat il–kunflitt fiż-żona; jenfasizza, fi kwalunkwe każ, il-ħtieġa li tiġi evitata l-militarizzazzjoni tal-Artiku; isejjaħ lill-Kummissjoni tressaq proposti dwar kif il-Proġett Galileo jista' jkun ta' benefiċċju għall-politika tal-UE għall-Artiku u kif jista' jiġi żviluppat biex jippermetti navigazzjoni aktar sikura fl-ilmijiet tal-Artiku, u b'hekk tinvesti fis-sikurezza u l-aċċessibbiltà partikolarment tal-Passaġġ tal-Grigal;

*L-Oċean Paċifiku*

45. Jenfasizza l-importanza globali tal-Oċean Paċifiku u b'mod partikolari tal-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina, li minnu jgħaddi terz tal-kummerċ dinji; jinsab allarmat fir-rigward tat-tensjoni li qed tiżdied, u jappella b'urġenza lill-partijiet involuti kollha biex jevitaw azzjonijiet militari u politiċi unilaterali, itaffu l-istqarrijiet u jsolvu t-tilwim territorjali tagħhom fir-rigward tal-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina permezz tal-arbitraġġ internazzjonali fis-sens tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-UNCLOS, sabiex tkun żgurata l-istabbiltà reġjonali u l-libertà u s-sikurezza tan-navigazzjoni fil-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina;

46. Iqis li n-negozjati u l-implimentazzjoni konġunta tal-kodiċi ta' kondotta għall-esplojtazzjoni paċifika taż-żoni marittimi inkwistjoni, inkluż l-istabbiliment ta' rotot kummerċjali sikuri u ta' kwoti għas-sajd jew l-allokazzjoni ta' żoni għall-esplorazzjoni tar-riżorsi, jirrappreżentaw it-triq 'il quddiem għall-possibilità ta' soluzzjoni paċifika għat-tensjoni fiż-żoni tal-Ibħra tan-Nofsinhar u tal-Lvant taċ-Ċina;

47. Jistieden lill-RGħ/VP tidentifika r-riskji għall-paċi u s-sigurtà kieku t-tensjoni u l-kunflitt bl-armi kellhom jiżdiedu fl-Ibħra tal-Lvant u tan-Nofsinhar taċ-Ċina;

48. Jinnota li ċerti stati, b'mod partikolari, l-Awstralja, diġà huma politikament attivi ħafna fil-Paċifiku u li l-UE għandha tibbaża ruħha fuq il-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali sabiex tkun żgurata s-sigurtà u s-sikurezza fir-reġjun;

49. Jenfasizza l-importanza tat-tkabbir tal-Kanal ta' Panama, li għandu jitlesta fl-2014, għall-bidla tal-bilanċ marittimu ġeostrateġiku u l-opportunitajiet straordinarji li dan se joħloq għall-UE u lill-Istati Membri; iwissi li l-infrastrutturi tat-trasport marittimu u tal-portijiet tal-Istati Membri għandhom ikunu lesti biex jaffaċċjaw iż-żieda prevedibbli fil-flussi kummerċjali marittimi u r-riskji tas-sigurtà u s-sikurezza involuti, li jirriżulta inter alia minn stress ambjentali u attività kriminali addizzjonali; jenfasizza li din il-konnessjoni bejn l-Oċean Paċifiku u dak Atlantiku tista' ssir rotta alternattiva sinifikanti ta' trasport mill-Asja lejn l-Ewropa u vice-versa mill-Punent;

***Għodda eżistenti u kapaċità ta' żvilupp***

50. Jemmen bi sħiħ li l-kriżi finanzjarja u ekonomika għandha titqies bħala opportunità biex tiġi implimenta l-inizjattiva tal-'Ġbir u Qsim' fil-qasam tal-ġenerazzjoni tal-kapaċità marittima b'mod verament Ewropew, b'mod partikolari billi jittieħed vantaġġ tal-inizjattiva LeaderSHIP 2020 u billi jiġi promoss in-netwerking bejn l-operaturi fis settur tal-kostruzzjoni u tat-tiswija tal-vapuri u tal-industriji anċillari, li jista' jikkontribwixxi għaż-żamma ta' kapaċitajiet militari kredibbli u huwa l-unika mod li jiġi żgurat li l-Ewropa hi kapaċi li tilqa' l-isfidi ta' sigurtà globali li jaffettwaw kemm l-ibħra kif ukoll il-kapaċitajiet navali tagħha;

51. Jiddispjaċih għall-fatt, madankollu, li l-Istati Membri tal-UE qed jimponu tnaqqis kbir fil-baġits ta' difiża nazzjonali b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u għat tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, u li tali tnaqqis, li ħafna minnhu mhuwiex ikkoordinat fil-livell tal-UE u ma jieħux inkunsiderazzjoni l-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea, jista' jinvolvi konsegwenzi serji għall-kapaċità u t-tħejjija tal-Unjoni biex tilqa' l-isfidi marittimi u sfidi ta' sigurtà oħrajn u biex tissodisfa l-obbligi internazzjonali, u jostakola r-rwol tagħha bħala fornitur ta' sigurtà globali;

52. Jisħaq fuq il-fatt li l-prijorità tal-'Ġbir u Qsim' imressqa mill-UE biex toħloq aktar koordinazzjoni, infiq aktar intelliġenti fuq id-difiża u fuq ekonomiji ta' skala akbar fost l-Istati Membri, għadha trid tagħti riżultati, inkluż fil-qasam tal-kapaċitajiet tas-sigurtà marittima;

53. Ifaħħar il-ħidma tal-EDA fit-twaqqif ta' bażi għall-kisba tal-'Ġbir u Qsim' permezz tal-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti u tal-proġetti rigward it-taħriġ u l-loġistika navali; jilqa' l-istudju tal-2012 tat-tim Wise Pen dwar ir-rekwiżiti u l-kapaċitajiet marittimi; fid-dawl tal-mandat u l-kompetenza tal-EDA, iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jirreferu għall-parir u l-assistenza teknika tagħha meta jaffaċċjaw il-ħtieġa li jnaqqsu l-baġits dwar id-difiża, sabiex jevitaw li jikkompromettu l-iżvilupp ta' kapaċità strateġika madwar l-UE, li hemm bżonn li tindirizza l-lakuni u n-nuqqasijiet b'mod ikkoordinat; jinkuraġġixxi lill-Istati Membri biex jaħdmu mal-EDA biex jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' kapaċità, partikolarment il-kapaċitajiet ċivili, militari u l-użu doppju fid-dominju marittimu; iħeġġeġ lill-RGħ/VP, assistita mill-EDA u mid-DĠ għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, biex tidentifika l-assi navali u marittimi kollha li jissodisfaw il-kapaċitajiet u r-rekwiżiti marittimi tal-2012 u li huma f'riskju li jintilfu mill-Istati Membri tal-UE b'riżultat tal-limitazzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi, u biex tfittex mezzi biex jiġu ppreservati u jsiru disponibbli għall-Politika Marittima Integrata tal-UE u l-EMSS futur;

54. Ifakkar li l-kapaċitajiet b'użu doppju huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-PSDK, fid-dawl tal-isfidi kumplessi ta' sigurtà fid-dinja tal-lum; jenfasizza li l-kriżijiet attwali fis-Sahel u fil-Qarn tal-Afrika enfasizzaw il-ħtieġa għal approċċ komprensiv li jisfrutta, min-naħa, il-firxa sħiħa tal-impenn ċivili militari u, min-naħa l-oħra, it-tagħmir u l-kapaċitajiet ta' użu doppju, inklużi l-kapaċitajiet navali Ewropej u tal-kapaċitajiet ta' kostruzzjoni ta' vapuri ċivili u militari li jiżguraw is-sigurtà u r-reżiljenza tal-bastiment; jistieden lill-Istati Membri jaħdmu mal-entitajiet u l-aġenziji xierqa tal-UE, speċjalment il-

Kummissjoni, l-EDA u l-ESA, biex jinkisbu fondi mill-UE għall-iżvilupp ta' kapaċità b'użu doppju, li hija mezz biex jiġu solvuti l-lakuni ta' kapaċità fil-livell nazzjonali, reġonali u tal-Unjoni; ifakkar il-potenzjal ta' użu doppju tal-programm Galileo u l-valur tiegħu għall-implimentazzjoni u l-effikaċja tal-operazzjonijiet tal-PSDK, partikolarment fid-dominju marittimu; jenfasizza minkejja dan li għandha tingħata prijorità għal trasparenza, effikaċja u approċċi multilaterali akbar fil-qasam tal-iżvilupp ta' kapaċità;

55. Ifakkar il-ħtieġa għall-konsolidazzjoni ta' bażi teknoloġika li tkun ibbażata u ffinanzjata mill-UE fil-qasam tad-difiża, inklużi kapaċitajiet ta' kostruzzjoni navali u ta' produzzjoni ta' tagħmir navali; ifakkar, fid-dawl tal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali, li l-bidu ta', u l-appoġġ għal, industrji ta' difiża Ewropej li huma kapaċi li jsostnu lilhom infushom iwassal għall-ħolqien ta' impjiegi u tkabbir; jitlob djalogu aktar kwalitattiv mal-entitajiet industrijali interessati, peress li l-iżvilupp tal-kapaċitajiet navali jinkludi ħafna snin ta' impenn; jenfasizza il-ħtieġa li l-Istati Membri tal-UE u l-industrija jirrazzjonalizzaw u jarmonizzaw l-istandards biex jiżguraw kompatibbiltà operazzjonali Ewropea fil-qasam tal-kapaċitajiet marittimi u navali, inklużi sistemi u teknoloġija ta' komunikazzjoni;

56. Jemmen li n-Netwerking għas-Sorveljanza Marittima tal-EDA (MARSUR) jikkostitwixxi tali innovazzjoni, li toħloq valur miżjud għall-żvilupp tad-dimensjoni marittima tal-PSDK; iħeġġeġ bi sħiħ li jiġu stabbiliti oqsma xierqa ta' kooperazzjoni bejn MARSUR u proġetti oħra tal-UE bl-għan li tiġi żviluppata s-sorveljanza marittima, bħal Copernicus – Il-Programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja (li qabel kien magħruf bħala GMES – Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà) proġetti għal servizzi marittimi u ta' sigurtà jew il-ħidma tal-EMSA fis-sorveljanza marittima;

57. Hu tal-opinjoni li l-ħidma żviluppata mill-EMSA, l-ESA u l-programm Copernicus tista' sservi ulterjorment biex tkun implimentata d-dimensjoni marittima tal-PSDK, u għandha tiġi użata b'mod formali għal dak il-għan; jenfasizza li l-kompetenza tagħhom tqiegħedhom f'pożizzjoni eċċellenti biex jipprovdu servizzi u appoġġ għall-missjonijiet tal-PSDK li għaddejjin bħalissa fi kwistjonijiet ta' sorveljanza, attivitajiet ta' pattulja jew l-għbir, l-istudju u t-tixridi ta' informazzjoni permezz tas-satellita, ispirati mis-sħubija żviluppata, minkejja mhux b'mod formali, bejn l-EMSA u l-operazzjoni EUNAVFOR Atalanta;

58. Jitlob il-ħolqien ta' funzjoni ta' għassa tal-kosta verament Ewropea, abbażi tal-esperjenza li diġà inkisbet mill-Frontex u min-Netwerk Ewropew ta' Pattulji, li għaliha distinti korpi u entitajiet governattivi jipprovdu l-kapaċità, li taġixxi skont mandat ta' ġurisprudenza li joħroġ mill-kooperazzjoni tal-ĠAI, immirata għall-protezzjoni tal-fruntieri tal-UE, iċ-ċittadini Ewropej iżda wkoll tal-ħajjiet tal-popli fil-perikolu fl-ibħra kostali tal-Unjoni Ewropea;

59. Ifaħħar il-ħidma li saret fil-qafas tal-iżvilupp tal-Ambjent Komuni ta' Kondiviżjoni ta' Informazzjoni (CISE) biex tinkiseb kapaċità marittima ta' sorveljanza Ewropea effikaċi; jistieden għalhekk lill-UE biex tinvesti b'mod sinifikattiv għal aktar żvilupp tal-qafas tas-CISE, fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-proġetti bħall-MARSUNO, il-BluemassMed u l-EUROSUR, bil-għan li jkunu lesti biex jintraċċaw, jimmonitorjaw u jirreaġixxu għall-isfidi marittimi fl-ilmijiet tal-Istati Membri tal-UE jew fil-viċinanzi tal-EU;

60. Peress li l-membri tal-UE u tan-NATO għandhom sett wieħed biss ta' forzi navali, jitlob għal koordinazzjoni strateġika akbar bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet dwar is-sigurtà marittima; huwa tal-opinjoni li l-Istrateġija ta' Sigurtà Marittima tal-UE futura għandha tkun indipendenti minn, iżda fl-istess ħin komplimentari għal, dik tal-Allejanza sabiex tikkontribwixxi għall-indirizzar ta' numru massimu ta' sfidi msemmija hawn fuq filwaqt li jiġi żgurat l-aħjar użu tal-assi marittimi limitati; jilqa' r-riżultati pożittivi li nħolqu mill-koallokazzjoni taż-żewġ Kwartieri Ġenerali Operattivi tal-organizzazzjonijiet f'Northwood; jemmen li l-UE għandha tiffoka fuq il-valur miżjud ċar li jinbet mill-approċċ komprensiv tagħha biex tilqa' l-isfidi b'diversi aspetti, kif jidher fil-każ tas-segwitu diplomatiku, finanzjarju u ġudizzjarju għall-ġlieda effettiva ta' Atalanta kontra l-piraterija; jitlob titjib ulterjuri fil-qsim tal-informazzjoni bejn in-NATO u l-UE, kif ukoll għal kooperazzjoni msaħħa ma' atturi internazzjonali oħrajn;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

61. Jiddispjaċih għall-fatt li s-sitwazzjoni li tippersisti llum hija waħda ta' xogħol doppju, sovrapożizzjoni, ħela ta' riżorsi u ġlieda territorjali fost l-entitajiet u l-aġenziji tal-UE li jaħdmu fil-qasam tas-sigurtà marittima; iħeġġeġ lill-UE tanalizza aktar mezzi biex tnaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju li joriġina minn trikkib mhux meħtieġ ta' funzjonijiet, kompetenza, tagħmir u riżorsi fost għadd ta' entitajiet u atturi tal-UE, b'hekk tippermetti lir-RGħ/VP tasserixxi l-funzjoni ta' koordinazzjoni tagħha;

62. Fid-dawl ta' dan, jitlob biex l-isforzi ta' koordinazzjoni u ta' artikulazzjoni jiġu integrati fl-Istrateġija ta' Sigurtà Marittima tal-UE, fejn għandhom jiġu deskritti linji gwida ċari għal kooperazzjoni speċifika bejn id-Direttorati Ġenerali relevanti tal-Kummissjoni, inkluż l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, l-Affarijiet Interni, il-Ġustizzja, l-Intrapriża u l-Industrija, il-Mobilità u t-Trasport, it-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, u l-Iżvilupp, kif ukoll is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija; l-istess għandu jsir fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji bejn l-EDA, l-EMSA, is-SatCen, l-Europol, il-Frontex, il-Persunal Militari tal-UE, id-Direttorat għall-Immaniġġjar tal-Kriżijiet u l-Ippjanar, iċ-Ċentru tal-Analiżi tas-Servizzi Sigrieti tal-UE u l-awtoritajiet relevanti fl-Istati Membri;

63. Jilqa' l-attivitajiet tal-Kapijiet tal-Flotot Navali Ewropej (Chiefs of European Navies – CHENS) għall-promozzjoni tal-fehim bejn il-flotot navali Ewropej u l-eżami ta' kwistjonijiet ta' interess reċiproku; jitlob biex ir-riżultati tal-laqgħat annwali tal-CHENS u tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati tagħha jsaħħu l-Istrateġija ta' Sigurtà Marittima tal-UE u l-implimentazzjoni tagħha fil-livell tal-PSDK sabiex titrawwem aktar kooperazzjoni u biex jiġi żgurat approċċ integrat u effettiv;

64. Jistieden lill-Kunsill Ewropew dwar id-Difiża li jmiss f'Diċembru 2013, biex jadotta Strateġija ta' Sigurtà Marittima tal-UE li tinkludi l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew kif msemmi f'dan ir-rapport; ifakkar lill-Istati Membri li d-dinja tal-lum u, partikolarment, l-isfidi u t-theddid tagħha jirrikjedu azzjoni konsistenti, koerenti u konvinċenti biex jitħarsu l-500 miljun ċittadin tal-UE; ifakkar li dawn l-sfidi jitolbu wkoll politika barranija tal-UE li hija bbażata fuq il-ħtieġa għall-paċi u s-sigurtà, u fuq il-promozzjoni tagħhom madwar id-dinja;

o

o o

65. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Viċi-President tal-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-parlamenti tal-Istati Membri, is-Segretarju-Ġenerali tan-NATO u l-President tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO.

---

P7_TA(2013)0381

## L-istrutturi militari tal-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti futuri

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar l-istrutturi militari tal-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti futuri (2012/2319(INI))**

(2016/C 093/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Europea (it-Trattat UE),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2012 dwar l-iżvilupp ta' kapaċitajiet militari,

— wara li kkunsidra l-Objettiv Primarju 2010 approvat mill-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004,

— wara li kkunsidra l-klawsoli ta' difiża reċiproka u solidarjetà fit-Trattat ta' Lisbona, li jirrikjedu li l-Istati Membri jipprovdu għajnuna u assistenza jekk wieħed minnhom ikun vittma ta' diżastru, attakk terroristiku jew attakk armat,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003, u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha, li ġie approvat mill-Kunsill Ewropew tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/871/PESK tad-19 ta' Diċembru 2011 li tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex jiġi amministrat il-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża (ATHENA) ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/411/PESK tat-12 ta' Lulju 2011 li tiddefinixxi l-istatut, is-sede u r-regoli operattivi tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2004/551/PESK ([2]),

— wara li kkunsidra d-diskussjoni tal-ministri tad-difiża fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin tat-23 ta' April 2013 rigward il-preparamenti għall-Kunsill Ewropew dwar id-difiża f'Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni ([3]), tat-22 ta' Novembru 2012 dwar il-klawsoli ta' difiża reċiproka u solidarjetà tal-UE: dimensjonijiet politiċi u operattivi ([4]), tat-12 ta' Settembru 2012 dwar ir-Rapport Annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni ([5]) u tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq is-settur tad-difiża fl-Istati Membri tal-UE ([6]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0205/2013),

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jinnota b'urġenza dejjem tikber li l-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi għall-kriżijiet internazzjonali f'ħin utli u b'mod effiċjenti mhix biżżejjed, minkejja l-impenn li ilha li ħadet favur il-preżervazzjoni tal-paċi, is-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem, il-prevenzjoni ta' kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali bi qbil mal-prinċipji tal-Karta tan-NU; jisħaq fuq il-fatt li huwa fl-interess tal-UE u l-Istati Membri li jaġixxu b'mod koerenti bħala fornituri ta' sigurtà, mhux biss fl-Ewropa, iżda anke fil-bqija tad-dinja u b'mod speċjali fil-viċinat tagħha stess;

2. Ifakkar fl-impenn sod tiegħu favur approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-kriżijiet, bl-integrazzjoni ta' spettru estensiv ta' mezzi diplomatiċi, ekonomiċi, ta' żvilupp u, fl-aħħar meta jibqax għażla oħra, militari, kif esprima b'mod speċjali fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-rapporti annwali dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK); jisħaq fuq il-fatt li l-istrutturi u l-kapaċitajiet militari jiffurmaw parti integrali minn approċċ komprensiv ta' dan it-tip, peress li jirfdu l-ħila tal-UE li tirreaġixxi għal theddid, kunflitti u kriżijiet, inklużi kriżijiet umanitarji u diżastri naturali, fil-każ li l-mezzi l-oħrajn kollha jfallu;

([1]) ĠU L 343, 23.12.2011, p. 35.
([2]) ĠU L 183, 13.7.2011, p. 16.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2012)0455.
([4]) ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 9.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2012)0334.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2011)0574.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

3. Jinnota b'dispjaċir li l-operazzjonijiet militari riċenti kemm fil-Libja kif ukoll fil-Mali wrew in-nuqqas ta' progress lejn Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni ġenwina u jisħaq fuq il-ħtieġa għal iżjed koordinament u kooperazzjoni fil-livell Ewropew, jekk l-UE trid li tittieħed bis-serjetà fir-rwol tagħha ta' attur dinji effikaċi u kredibbli;

4. Ifakkar li, fit-Trattat, l-UE hi mitluba taħdem fuq it-tfassil progressiv ta' politika ta' difiża komuni għall-Unjoni, li tista' twassal għal difiża komuni; ifakkar ukoll fl-obbligi għall-Istati Membri skont il-klawsola ta' difiża reċiproka;

5. Itenni t-tħassib gravi tiegħu rigward it-tnaqqis kontinwu u mhux ikkoordinat fil-baġits ta' difiża nazzjonali, li qed ixekklu l-isforzi biex jitnaqqsu d-distakki fil-kapaċitajiet u jdgħajfu l-kredibilità tal-PSDK; iħeġġeġ lill-Istati Membri jwaqqfu u jreġġgħu lura din it-tendenza irresponsabbli, kif ukoll jintensifikaw l-isforzi tagħhom fil-livelli nazzjonali u tal-UE biex irażżnu l-konsegwenzi tagħha billi jżidu l-kooperazzjoni bejniethom u permezz tal-akkomunament u l-kondiviżjoni;

6. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq is-settur tad-difiża fl-Istati Membri tal-UE, u jafferma mill-ġdid ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu kontra l-effetti negattivi tal-kriżi fuq il-kapaċitajiet militari fil-livell tal-UE permezz ta' koordinament aħjar tal-ippjanar fil-qasam tad-difiża, l-akkomunament u l-kondiviżjoni tal-kapaċitajiet, appoġġ għar-riċerka fil-qasam tad-difiża u l-iżvilupp teknoloġiku, il-bini ta' bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea li tkun aktar integrata, sostenibbli, innovattiva u kompetittiva, it-twaqqif ta' suq Ewropew għat-tagħmir tad-difiża u l-identifikazzjoni ta' suriet ġodda ta' finanzjament fil-livell tal-UE;

7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE u lill-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw ir-ristrutturar u l-konsolidament tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża, b'mod li jnaqqsu l-kapaċitajiet żejda eżistenti li mhumiex sostenibbli;

8. Jilqa' pożittivament il-ħidma tat-Task Force tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Industrija u s-Swieq tad-Difiża, u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2013 intitolata 'Lejn settur tad-difiża u tas-sigurtà aktar kompetittiv u effiċjenti' (COM(2013)0542), u jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti dwar kif, b'approċċ flessibbli, il-politiki u l-għodda aktar estensivi tal-UE jistgħu jintużaw bħala appoġġ għall-objettivi tad-difiża u tas-sigurtà, speċjalment fl-oqsma ta' natura trasversali bħat-teknoloġiji b'użu doppju;

9. Jisħaq fuq il-fatt li l-istrutturi militari eżistenti fi ħdan l-UE, fil-livell tal-Unjoni, f'dak multinazzjonali u f'dak nazzjonali, iridu jkomplu fil-proċess ta' trasformazzjoni biex jinbnew forzi armati modulari, interoperabbli u skjerabbli u li jkunu adattati għal operazzjonijiet multinazzjonali;

10. Jilqa' pożittivament l-ispinta mġedda li ta l-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2012 bl-intenzjoni li tiżdied l-effikaċja u l-effiċjenza operattiva tal-operazzjonijiet fil-qasam tal-PSDK, tissaħħaħ il-kooperazzjoni Ewropea sabiex jiġu pprovduti kapaċitajiet orjentati lejn il-ġejjieni u jiġu eliminati d-distakki kritiċi, kif ukoll titqawwa l-industrija tad-difiża Ewropea;

11. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tippreżenta proposti, fil-prospettiva tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013, li jirriflettu r-rakkomandazzjonijiet ta' din ir-riżoluzzjoni, u li jinkludu l-alternattivi għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni Ewropea fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża fost l-Istati Membri li huma lesti jwettquha, abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-kooperazzjoni strutturata permanenti, fil-każ li ma jkun possibbli l-ebda qbil dwar aġenda ambizzjuża bejn l-Istati Membri kollha;

12. Jirriżolva li jħejji, bħala parti mill-aġenda tiegħu għall-Konvenzjoni kostituzzjonali li jmiss, proposti għat-tisħiħ tat-Trattati fir-rigward tal-iżvilupp tal-PSDK;

***Titjib tal-kapaċità tal-UE li tippjana u tmexxi operazzjonijiet militari***

13. Jinnota b'dispjaċir li, għaxar snin wara l-ewwel operazzjoni militari awtonoma mmexxija mill-UE, l-UE għad m'għandhiex kapaċità ta' ppjanar u tmexxija militari permanenti, u jiddeplora l-effett inibitorju li dan in-nuqqas qed ikollu fuq il-ħila tal-UE li tirreaġixxi għall-kriżijiet akuti; ifakkar li l-arranġamenti attwali, li jirrikjedu l-attivazzjoni *ad hoc* ta' kwartieri ġenerali nazzjonali, jikkostitwixxu approċċ purament reattiv u ma jipprovdux ir-riżorsi għall-ippjanar minn qabel meħtieġ;

14. Hu tal-fehma li ċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet attivat, għalkemm intlaqa' pożittivament għar-rwol tiegħu fil-koordinament tal-missjonijiet fil-Qarn tal-Afrika, jirrappreżenta pass, li fil-biċċa l-kbira tiegħu mhux biżżejjed, lejn kapaċità permanenti ta' dan it-tip, minħabba r-riżorsi limitati tiegħu u l-funzjonijiet tiegħu strettament relatati mal-appoġġ; jiddeplora l-fatt li l-inizjattiva tal-ħames pajjiżi "Weimar Plus" ma wasslet għall-ebda riżultat sinifikattiv ieħor; iħeġġeġ lill-Istati Membri jaqblu, bħala pass inizjali, li jinkarigaw liċ-Ċentru tal-Operazzjonijiet bl-ippjanar operattiv tal-missjonijiet mhux eżekuttivi, bħall-missjonijiet ta' taħriġ tal-UE għall-Mali u s-Somalja;

15. Jitlob għal darba oħra li, fi ħdan is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), jinħolqu Kwartieri Ġenerali Operattivi tal-UE bil-funzjonijiet u r-responsabilitajiet kollha relatati, jekk ikun hemm bżonn, permezz ta' kooperazzjoni strutturata permanenti; jisħaq fuq il-fatt li dawn għandhom ikunu struttura ċivili-militari, responsabbli għall-ippjanar u t-tmexxija kemm tal-missjonijiet ċivili tal-UE, kif ukoll tal-operazzjonijiet militari tagħha, bi ktajjen ta' kmand ċivili u militari mifrudin bejniethom;

16. Jindika li l-ħolqien ta' Kwartieri Ġenerali Operattivi tal-UE kieku jsaħħaħ ħafna l-memorja istituzzjonali tal-UE fil-ġestjoni tal-kriżijiet, jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kultura strateġika komuni permezz tas-sekondament ta' persunal nazzjonali, jimmassimizza l-benefiċċji ta' koordinament ċivili-militari, jippermetti l-akkomunament ta' ċerti funzjonijiet, inaqqas l-ispejjeż fuq żmien twil u jiffaċilita s-sorveljanza politika mill-Parlament u mill-Kunsill;

17. Jenfasizza l-ħtieġa għal kapaċità ta' ppjanar u tmexxija militari permanenti anke fir-rigward tal-obbligi li jirriżultaw mill-klawsola ta' difiża reċiproka u l-klawsola ta' solidarjetà, u jisħaq fuq il-bżonn li jiġi żgurat livell xieraq ta' tlestija u rapidità ta' reazzjoni fil-każ li tiġi invokata xi waħda minn dawn iż-żewġ klawsoli; jistieden lill-VP/RGħ tipproponi arranġamenti prattiċi għall-klawsola ta' difiża reċiproka biex tiġi ddefinita r-reazzjoni fil-livell tal-UE;

***Tisħiħ tal-gruppi tattiċi tal-UE: l-istrument ta' reazzjoni rapida u ta' stabilizzazzjoni tal-Unjoni***

18. Jirrikonoxxi l-kontribut li l-gruppi tattiċi tal-UE taw għat-trasformazzjoni tal-forzi armati tal-Istati Membri, biex xprunaw l-interoperabilità militari u ppromwovew il-kooperazzjoni multinazzjonali; jiddeplora l-fatt li għadha ma ġietx ippruvata l-utilità tal-kunċett bħala strument ta' reazzjoni rapida fl-operazzjonijiet, u li, mingħajr modifiki sostanzjali, jidher li hu improbabbli li jintlaħaq xi qbil dwar l-iskjerament; jikkunsidra li s-sitwazzjoni fil-Mali hija opportunità li ntilfet sabiex jintużaw għall-ewwel darba l-Gruppi Tattiċi tal-UE;

19. Jikkunsidra li, sabiex tiżdied l-effikaċja tal-gruppi tattiċi, għandha tingħata attenzjoni xierqa għall-kompożizzjoni tagħhom, waqt li jiġi kkunsidrat li, b'mod ġenerali, l-istati mill-istess reġjun jikkondividu perċezzjoni simili tat-theddid, biex b'hekk tiġi ffaċilitata r-reazzjoni meħtieġa għalih;

20. Hu tal-fehma li l-mekkaniżmu ATHENA rieżaminat għall-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet militari għadu ma jqisx b'mod xieraq l-ispeċifiċitajiet tal-kunċett tal-gruppi tattiċi, u jitlob li jkun hemm espansjoni sinifikattiva tal-ispejjeż komuni għall-operazzjonijiet ta' reazzjoni rapida, li tkun tilħaq kopertura sħiħa tal-ispejjeż meta jintużaw il-gruppi tattiċi; jikkunsidra li l-applikazzjoni tal-prinċipju "costs lie where they fall" (kulħadd iħallas l-ispejjeż tal-intervent proprju tiegħu) għall-gruppi tattiċi, li jridu jkunu lesti biex jiġu skjerati abbażi ta' sistema volontarja u rotattiva, tmur kontra l-prinċipju tal-kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet;

21. Jistieden lill-VP/RGħ tressaq proposti bil-għan li l-mekkaniżmu ATHENA jiġi aġġustat għall-ispeċifitajiet tal-gruppi tattiċi, jekk ikun hemm bżonn, permezz ta' kooperazzjoni strutturata permanenti, maħluqa b'mod parallel ma' Kwartieri Ġenerali Operattivi permanenti; iħeġġeġ, fl-istess ħin, lill-VP/RGħ tippreżenta proposta dwar it-twaqqif u l-finanzjament tal-fond ta' tnedija għall-attivitajiet preparatorji għall-operazzjonijiet militari tal-UE, kif rikjest mit-Trattat;

22. Jinnota l-isforzi li qed isiru fi ħdan il-Kunsill u s-SEAE biex jiżdiedu l-flessibilità u l-użabilità tal-gruppi tattiċi, imma li s'issa ma tantx ipproduċew riżultati tanġibbli; jindika li hemm bżonn ta' grad għoli ta' interoperabilità, mhux biss fil-livell tekniku imma anke fil-livelli proċedurali u kunċettwali, b'mod partikolari biex jiġu allinjati r-regoli tal-kumbattiment u u t-trasferiment tal-awtorità u sabiex jitneħħew ir-riżervi nazzjonali;

23. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jesplora modijiet kif jista' jiġi ssemplifikat il-proċess għat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, biex ir-reazzjoni rapida ssir realtà; jinsisti li tintwera r-rieda politika meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-isfidi; jinkoraġġixxi li ssir riflessjoni dwar il-proċeduri semplifikati possibbli fir-rigward tal-iskjerament tal-gruppi tattiċi għal perjodi limitati, sakemm ikunu ġew sodisfatti ċertu prekundizzjonijiet ddefiniti u miftehma b'mod ċar, bħal talba speċifika min-Nazzjonijiet Uniti;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

24. Jilqa' pożittivament l-impenn imġedded li ħadu l-Istati Membri favur il-livell ta' ambizzjoni tal-kunċett tal-gruppi tattiċi u l-wegħda li għamlu li se jippjanaw il-kontributi abbażi tal-impenji regolarment rikorrenti sabiex jiġu evitati d-distakki fir-roster tal-gruppi tattiċi fil-ġejjieni; jinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-gruppi tattiċi bħala sħubijiet fuq żmien itwal li jdumu oltre l-perjodu meta jkunu lesti biex jiġu skjerati, għall-massimizzazzjoni tal-benefiċċji militari u ekonomiċi li jirriżultaw mill-akkwist konġunt tat-tagħmir u s-servizzi, kif ukoll mill-akkomunament u l-kondiviżjoni; jinnota li l-kuntratt qafas rigward is-servizzi loġistiċi bażiċi għall-grupp tattiku tal-UE li kien lest biex jiġi skjerat fit-tieni semestru tal-2012, kuntratt li kkonkludiet l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), hu eżempju konkret lejn din id-direzzjoni;

25. Jindika li kwalunkwe spiża mhux marbuta ma' operazzjonijiet militari, bħall-ispejjeż tal-gruppi tattiċi għat-tħejjija u waqt il-perjodu meta jkunu lesti biex jiġu skjerati, jistgħu jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE;

26. Jisħaq fuq il-fatt li l-gruppi tattiċi jipprovdu strument speċifiku ta' daqs u sostenibilità limitati li hu adattat għal ċertu għadd ta' xenarji u ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala għodda universali għall-ġestjoni tal-kriżijiet; ifakkar li l-għan stabbilit mill-Objettiv Primarju inizjali ta' Ħelsinki tal-1999, li reġa' ġie kkonfermat mill-Kunsill Ewropew fl-2008, kien li l-UE tkun kapaċi tiskjera 60 000 persuna f'60 jum għal operazzjoni ewlenija; jinnota li, għalkemm ma ġiex formalment abbandunat, dan l-objettiv qatt ma nkiseb realistikament minħabba n-nuqqasijiet persistenti ta' kapaċitajiet; jindika li, aktar milli jiġu stabbiliti objettivi arbitrarji li hemm ir-riskju li jkunu ta' ħsara għall-kredibilità tal-UE, hemm ħtieġa urġenti għal sforz sostnut biex jitnaqqsu d-distakki fil-kapaċitajiet u jittejbu l-ġenerazzjoni u l-projezzjoni tal-forzi fir-rigward tal-operazzjonijiet militari tal-UE b'mod ġenerali;

***Bini ta' strutturi u kapaċitajiet biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' kapaċitajiet kruċjali***

27. Ifakkar fil-missjoni u l-karigi tal-EDA kif previsti fl-Artikoli 42(3) u 45 tat-Trattat UE, b'mod partikolari r-rwol essenzjali tagħha biex tiżviluppa u timplimenta politika tal-UE rigward il-kapaċitajiet u l-armamenti, tarmonizza l-ħtiġijiet operattivi, tipproponi proġetti multilaterali, tikkoordina l-programmi tal-Istati Membri, tqawwi l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea u ttejjeb l-effikaċja tal-infiq militari; iħeġġeġ lill-Istati Membri, minħabba l-fatt li l-EDA hi ffukata b'mod qawwi fuq il-kosteffikaċja, jipprovdulha l-finanzjament xieraq sabiex ikun jista' jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħha, u jtenni l-istedina tiegħu lill-VP/RGħ biex tippreżenta proposti għall-finanzjament tal-ispejjeż tal-Aġenzija rigward il-persunal u l-funzjonament tagħha mill-baġit tal-Unjoni;

28. Jiddeplora n-nuqqas ta' impenji sodi fir-rigward tal-kapaċitajiet min-naħa tal-Istati Membri u jistieden lill-Kunsill jipprevedi l-implimentazzjoni tar-rekwiżit relatat ta' valutazzjoni li hu stabbilit fl-Artikoli 42(3) u 45(1) tat-Trattat UE; jistieden lill-VP/RGħ tressaq il-proposti xierqa għal dan l-iskop; hu tal-fehma li l-Parlament għandu jiġi informat regolarment dwar il-progress li jkun sar fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari rilevanti għall-implimentazzjoni tal-PSDK;

29. Jinkoraġġixxi l-progress ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-EDA u jħeġġeġ, fil-kuntest tar-rieżami tiegħu fl-2013, biex jiġi integrat aħjar fl-ippjanar dwar id-difiża nazzjonali, li hemm bżonn ikompli jiġi armonizzat; itenni l-istedina tiegħu lill-Istati Membri biex iniedu proċess istituzzjonalizzat ta' aktar koordinament tal-ippjanar dwar id-difiża kemm bejniethom kif ukoll fi ħdan il-Kumitat Militari tal-UE, b'mod partikolari abbażi ta' pariri mill-EDA; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ġenerali li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni bejn l-EDA u l-Kumitat Militari tal-UE/l-Istat Maġġur tal-UE; jistenna li l-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern iniedu rieżami tad-difiża Ewropea waqt il-Kunsill Ewropew dwar id-difiża f'Diċembru 2013;

30. Jitlob li jkun hemm approċċ aktar strutturat biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' kapaċitajiet kruċjali fil-livell tal-UE u, b'mod partikolari fl-oqsma tal-faċilitaturi u l-multiplikaturi tal-forzi kruċjali – bħall-assi fl-oqsma tal-intelligence, is-sorveljanza u r-rikonjizzjoni, it-trasport bl-ajru strateġiku, il-ħelikopters, l-appoġġ mediku, ir-rifورniment ta' fjuwil fl-ajru u l-munizzjonijiet bi gwida ta' preċiżjoni – f'kooperazzjoni mill-qrib u komplementarjetà sħiħa man-NATO; jilqa' pożittivament ir-riżultati inizjali tal-inizjattivi ta' akkomunament u kondiviżjoni ġestiti mill-EDA imma jisħaq fuq il-fatt li hemm bżonn ta' progress ulterjuri f'dawn l-oqsma u oħrajn; jiddeplora l-fatt li, għalkemm il-forzi armati Ewropej ripetutament iffaċċjaw in-nuqqas tat-tali faċilitaturi u multiplikaturi tal-forzi fl-operazzjonijiet tal-PSDK u ta' tip ieħor, l-ebda mid-distakki fil-kapaċitajiet identifikati għadu ma ġie eliminat b'mod sodisfaċenti;

31. Jitlob għal valutazzjoni tat-twaqqif ta' maħżen permanenti għall-PSDK (b'funzjonijiet simili għall-Aġenzija ta' Appoġġ tan-NATO) li jkun jipprovdi appoġġ multinazzjonali integrat għall-istrutturi militari tal-UE u għall-Istati Membri, inkluż tagħmir essenzjali għall-missjonijiet kollha mingħajr proċeduri ta' akkwist ingombranti;

32. Jevidenzja l-ħtieġa li l-UE tiżviluppa l-kapaċitajiet u l-istrateġiji effiċjenti u proporzjonati, li teħtieġ sabiex tiffaċċja t-theddid ċibernetiku li dejjem qed jikber għall-interessi ta’ sigurtà u strateġiċi tagħha; jisħaq fuq il-ħtieġa ta’ kooperazzjoni ma’ atturi privati sabiex jinkiseb suċċess, jiġu rrispettati bis-sħiħ il-libertajiet diġitali u d-dritt internazzjonali u tiġi żgurata sorveljanza demokratika suffiċjenti;

33. Jevidenzja l-eżempju tal-Kmand Ewropew tat-Trasport bl-Ajru, li wera li jiffunzjona u li jipprovdi valur miżjud matul l-operazzjonijiet, bħala mudell partikolarment utli ta’ akkomunament u kondiviżjoni, abbażi tat-trasferiment ta’ ċerti kompetenzi lejn struttura komuni mingħajr ma tiġi ċeduta s-sjieda nazzjonali; jitlob biex dan il-mudell imsemmi hawn jiġi replikat f’oqsma oħra ta’ appoġġ operattiv u b’mod partikolari jistenna li r-riżultati tal-ħidma tal-EDA dwar il-possibilità ta’ Unità tal-Ħelikopters Multinazzjonali se jindirizzaw nuqqas ieħor ta’ kapaċitajiet kruċjali;

34. Itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri biex jikkunsidraw sjieda konġunta ta’ ċerti kapaċitajiet għaljin, b’mod partikolari l-kapaċitajiet spazjali, il-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ jew l-assi għat-trasport strateġiku; jilqa’ pożittivament il-ħidma tal-Kummissjoni li tesplora l-alternattivi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet li l-UE hi sidhom, waqt li jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn il-ħtiġijiet tad-difiża u tas-sigurtà ċivili, bħal fl-oqsma tal-protezzjoni ċivili jew is-sorveljanza tal-fruntieri;

35. Jissottolinja l-ħtieġa li jinħoloq approċċ komuni fl-Ewropa lejn l-iżvilupp ta’ sistema tal-ajru telepilotata b’reżistenza twila u ta’ altitudni medja (MALE RPAS) u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw approċċ innovattiv biex tinkiseb din l-ambizzjoni;

36. Jenfasizza l-importanza kruċjali tal-assi satellitari għall-operazzjonijiet tal-ġurnata tal-lum, b’mod partikolari fir-rigward tal-kapaċitajiet ta’ intelligence, sorveljanza u rikonjizzjoni, ta’ komunikazzjoni u ta’ navigazzjoni, u fir-rigward tal-ħtieġa li jiġi mmassimizzat l-użu tar-riżorsi skarsi abbażi ta’ approċċ komuni u tal-isfruttament tas-sinerġiji ċivili-militari kollha possibbli biex tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn; jinkoraġġixxi f’dan ir-rigward kooperazzjoni ulterjuri bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea, l-EDA u l-Kummissjoni, u jinsisti biex l-UE tkompli tiffinanzja l-programmi Copernicus (GMES) u Galileo;

37. Jinkoraġġixxi progress ulterjuri tal-programm MUSIS sabiex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-immaġini satellitari mill-ġenerazzjoni li jmiss ta’ satelliti għall-osservazzjoni tad-dinja, u jitlob li jkun hemm parteċipazzjoni finanzjarja diretta min-naħa tal-UE fil-programm u li jiġi assoċjat iċ-Ċentru Satellitari tal-UE, sabiex jiġi żgurat l-aċċess għal immaġini mfassla speċifikament għall-ħtiġijiet tal-UE, u b’mod partikolari tal-PSDK;

38. Jilqa’ pożittivament l-adozzjoni tal-kodiċi ta’ kondotta dwar l-akkomunament u l-kondiviżjoni bħala pass importanti biex ikun hemm aktar kooperazzjoni fl-Ewropa u jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi stabbilita valutazzjoni strateġika inizjali tal-implimentazzjoni tiegħu sa tmiem is-sena; jistenna li l-Kunsill Ewropew ta’ Diċembru 2013 se jkun stadju sinifikanti fil-proċess biex tingħata spinta politika favur l-akkomunament u l-kondiviżjoni u biex tingħata gwida ċara dwar l-implimentazzjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-UE tintensifika l-attivitajiet ta’ informazzjoni b’mod li tagħti spinta ulterjuri għar-rwol tal-akkomunament u l-kondiviżjoni;

39. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tat-tagħmir meħtieġ mill-forzi armati tal-Istati Membri sabiex iwettqu l-impenji tagħhom fi kriżijiet internazzjonali; jinsab serjament imħasseb dwar id-dipendenzi dejjem jiżdiedu fuq teknoloġiji u sorsi ta’ provvista mhux Ewropej u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-awtonomija Ewropea; jenfasizza l-importanza strateġika tal-industrija tad-difiża u jistieden lill-EDA u lill-Kummissjoni jmexxu ’l quddiem ħidmiethom dwar l-identifikazzjoni tal-kapaċitajiet industrijali kritiċi li għandhom jiġu ppreżervati jew żviluppati fl-Ewropea u dwar it-tnaqqis tad-dipendenza Ewropea fir-rigward tal-provvista;

40. Jiddeplora l-fatt li l-baġits nazzjonali għar-riċerka fil-qasam tad-difiża, kif ukoll il-fatt li, fil-biċċa l-kbira tagħha, din ir-riċerka hi frammentata skont demarkazzjonijiet nazzjonali; jindika l-potenzjal li għandha l-UE biex twassal valur miżjud sostanzjali permezz tal-qafas Ewropew ta’ kooperazzjoni u ta’ aktar sinerġiji bejn ir-riċerka fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà ċivili; jenfasizza b’mod partikolari l-ħtieġa li tingħata attenzjoni lill-investimenti fit-teknoloġiji faċilitanti kruċjali bħar-robotika, in-nanoelettronika u l-mikroelettronika, u li jiġi żgurat li l-fondi tal-UE li jintefqu f’dawn l-oqsma jkunu wkoll ta’ benefiċċju għall-bżonnijiet fil-qasam tad-difiża;

**Il-Ħamis 12 ta’ Settembru 2013**

***Żieda tal-koerenza fl-istrutturi multinazzjonali permanenti tal-Istati Membri tal-UE***

41. Jinnota l-eżistenza ta’ għadd ta’ inizjattivi ta’ sħubija bilaterali/reġjonali/multilaterali fl-Ewropa mmirati lejn l-akkomunament tar-riżorsi u t-trawwim tal-interoperabilità, u li huma kapaċi jipprovdu kontribut għall-operazzjonijiet tal-UE, in-NU, in-NATO jew ta’ koalizzjonijiet *ad hoc*; jinkoraġġixxi, waqt li jilqa’ pożittivament il-benefiċċji ta’ kooperazzjoni u ta’ appoġġ sħiħ għall-ħsieb li jiġġustifika l-akkomunament, xi forma ta’ razzjonalizzazzjoni tal-bosta strutturi b’dimensjoni multinazzjonali li kibru mingħajr ebda pjan globali jew koerenti, kif ukoll koordinament aħjar bejniethom;

42. Jitlob li jitqawwew ir-rabtiet bejn Eurocorps u l-Istat Maġġur tal-UE, u jistieden aktar Stati Membri jingħaqdu mal-istruttura multinazzjonali ta’ Eurocorps, li jista’ jifforma n-nukleu ta’ element kompletament integrat tal-forzi armati Ewropej;

43. Jinnota l-għeluq ta’ EUROFOR, waqt li jirrikonoxxi l-kontribut li tat fl-imgħoddi għall-operazzjonijiet tal-UE u r-roster tal-gruppi tattiċi; jinnota l-kontributi li taw EUROMARFOR, EUROGENDFOR, il-Kooperazzjoni għad-Difiża Baltika, il-Kooperazzjoni għad-Difiża Nordika, il-forza anfibja Brittannika-Olandiża, il-forza anfibja Hispano-Taljana, il-korpi Ġermano-Olandiżi, il-kooperazzjoni navali Belgo-Olandiża, l-inizjattivi Anglo-Franċiżi biex jinbnew forza spedizzjonarja konġunta magħquda, grupp ta’ attakk ta’ trasportaturi integrat u kwartieri ġenerali għall-forzi konġunti magħqudin u strutturi permanenti reġjonali u bilaterali oħrajn li diġà jeżistu jew li għadhom kemm nibtu;

44. Itenni l-ħtieġa li tiġi żgurata koerenza ġenerali fil-livell tal-UE u jistieden lill-Istati Membri jikkoordinaw l-inizjattivi tagħhom b’mod aktar strett fi ħdan il-Kumitat Militari tal-UE, abbażi tal-kontributi tal-EDA;

***Tqawwija tad-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fl-eżerċizzji***

45. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-istrutturi u l-proġetti Ewropej fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u jisħaq, b’mod partikolari, fuq il-kontribut tal-Kulleġġ Ewropew ta’ Sigurtà u ta’ Difiża (KESD) lejn il-promozzjoni ta’ kultura ta’ sigurtà komuni, kif ukoll il-potenzjal tiegħu li jidentifika u jiżviluppa proġetti kollaborattivi bejn istituzzjonijiet nazzjonali biex jiġu ffrankati l-ispejjeż; jilqa’ d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta’ April 2013 li jsaħħaħ il-Kulleġġ billi jipprovdilu l-kapaċità ġuridika u b’finanzjament mill-baġit tal-Unjoni; jikkunsidra li din tista’ jikkostitwixxi mudell għal appoġġ baġitarju mill-UE għal strutturi oħra tal-PDSK bħall-EDA u ċ-Ċentru Satellitari tal-UE; jinkoraġġixxi żvilupp ulterjuri tal-inizjattiva Ewropea għall-iskambju ta’ fizzjali żgħażagħ, ispirata mill-programm Erasmus, kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-istituti għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-fizzjali Ewropej fil-programm Erasmus;

46. Jappoġġa b’qawwa l-inizjattivi ta’ akkomunament u kondiviżjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ fejn jista’ jiġi ffrankant ammont sinifikattiv ta’ fondi mingħajr ma tintlaqat is-sovranità nazzjonali fir-rigward tal-iskjerament operattiv; jevidenzja s-suċċess tal-Programm tal-EDA għat-Taħriġ dwar il-Ħelikopters u jilqa’ pożittivament it-tnedija ta’ eżerċizzji tattiċi ta’ trasport bl-ajru mill-EDA, li għandha twassal biex jitwaqqaf kors permanenti Ewropew ta’ taħriġ dwar it-tattika tat-trasport bl-ajru; jistenna bil-ħerqa li jsir aktar progress fl-iżvilupp ta’ sistema ta’ taħriġ integrat komuni għat-taħriġ tal-bdoti futuri għall-ajruplani ġellieda; jilqa’ pożittivament il-ħidma tal-EDA dwar aktar taħriġ akkomunat u kondiviż fl-oqsma taċ-ċiberdifiża, tan-newtralizzazzjoni ta’ apparat splussiv improviżat u tal-operazzjonijiet navali; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-EDA tikkunsidra l-ħtiġijiet ta’ taħriġ tal-Istati Membri li l-inġenji tal-ajru tagħhom huma prodotti minn kumpaniji li mhumiex fl-UE;

47. Jisħaq fuq l-opportunità għal taħriġ u eżerċizzji komuni li jipprovdu l-gruppi tattiċi tal-UE; jinkoraġġixxi lin-nazzjonijiet qafas responsabbli għall-gruppi tattiċi jiftħu l-eżerċizzji tal-gruppi tattiċi għal parteċipanti addizzjonali, bħal faċilitaturi strateġiċi/operattivi potenzjali, kif ukoll għal organizzazzjonijiet sħab bħan-NU;

48. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtiega li tiġi evitata duplikazzjoni potenzjali man-NATO, eż. fil-qasam tat-taħriġ dwar iċ-ċibersigurtà;

***Żieda tal-benefiċċji tal-kooperazzjoni UE-NATO***

49. Jisħaq fuq il-fatt li t-tqawwija tal-kapaċitajiet militari Ewropej permezz ta’ strutturi tal-UE msaħħin tibbenefika wkoll lin-NATO u tikkontribwixxi għal kondiviżjoni tal-piżijiet aktar ġusta fi ħdan l-Alleanza; ifaħħar il-kooperazzjoni pragmatika mmirata lejn l-evitar ta’ duplikazzjonijiet bejn l-inizjattivi ta’ Akkomunament u Kondiviżjoni u ta’ Difiża Intelliġenti, speċifikament permezz tal-interazzjoni bejn l-EDA u l-Kmand Alleat tan-NATO għat-Trasformazzjoni (ACT);

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

50. Iħeġġeġ sabiex ikun hemm kollaborazzjoni ħafna iżjed mill-qrib u aktar regolari fil-livell politiku bejn il-VP/RGħ u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO għall-finijiet ta' valutazzjoni tar-riskji, ġestjoni tar-riżorsi, ippjanar fil-qasam tal-politiki u twettiq tal-operazzjonijiet, kemm ċivili kif ukoll militari; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati l-oqfsa ta' kooperazzjoni operattiva bejn l-UE u n-NATO, l-ewwel nett mill-ftehimiet "Berlin Plus", li l-implimentazzjoni tagħhom għadha qed tiġi mblukkata mit-Turkija;

51. Jindika li l-kapaċitajiet nazzjonali, kemm jekk żviluppati fil-qafas tal-UE u kemm jekk f'dak tan-NATO, jibqgħu taħt awtorità nazzjonali u għaldaqstant jistgħu jintużaw għal kwalunkwe operazzjoni li tkun ġiet deċiża fil-livell nazzjonali;

52. Jenfasizza l-importanza tal-istandards tan-NATO għall-kooperazzjoni Ewropea għad-difiża u jisħaq fuq il-ħtieġa għal kapaċitajiet żviluppati fi ħdan l-UE biex tiġi żgurata interoperabilità sħiħa man-NATO;

53. Jinnota li l-Forza ta' Reazzjoni tan-NATO u l-gruppi tattiċi tal-UE huma inizjattivi komplementari u li jsaħħu lil xulxin reċiprokament, iżda li jirrikjedu sforzi simili mill-Istati Membri, u jitlob li jsiru sforzi għall-massimizzazzjoni tas-sinerġiji bejniethom;

### *Livell ġdid għall-PSDK*

54. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu pass kwalitattiv 'il quddiem fid-difiża Ewropea billi jqawwu l-istrutturi militari tal-UE b'mod konformi ma' din ir-riżoluzzjoni; jinkoraġġixxi lil dawk l-Istati Membri li huma lesti li jagħmlu dan jipproċedu, jekk ikun hemm bżonn, bi qbil mal-Artikoli 42(6) u 46 tat-Trattat UE dwar il-kooperazzjoni strutturata permanenti, kif ukoll mal-Artikolu 44 TUE; hu tal-fehma li kieku kellhom jitniedu forom ta' kooperazzjoni ta' dan it-tip, għandhom ikunu bbażati fuq kollox fuq ir-rieda tal-Istati Membri parteċipanti li jassumu r-responsabilitajiet tagħhom fi ħdan il-komunità internazzjonali u li jpoġġu lill-Unjoni f'qagħda aktar preparata għall-operazzjonijiet għall-ġestjoni ta' kriżijiet;

55. Jikkunsidra, għalhekk, li l-kooperazzjoni strutturata permanenti għandha tinkludi, b'mod partikolari, dawn l-elementi mmirati lejn it-tisħiħ tal-effikaċja operattiva:

— it-twaqqif ta' Kwartieri Ġenerali Operattivi permanenti tal-UE;

— il-finanzjament komuni tal-operazzjonijiet ta' reazzjoni rapida bl-użu tal-gruppi tattiċi tal-UE;

— impenn li jingħata kontribut għar-roster tal-gruppi tattiċi, b'regoli tal-kumbattiment allinjati u proċeduri deċiżjonali semplifikati;

56. Jindika li hemm bżonn ukoll li l-Istati Membri jqawwu l-impenji tagħhom fir-rigward tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, b'mod partikolari permezz tal-akkomunament u l-kondiviżjoni, iżda li jeħtieġ li jinżammu l-flessibilità u l-inklużività massimi sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tad-diversi sinerġiji bilaterali, reġjonali jew multilaterali; jikkunsidra, madankollu, li ftehim dwar il-kooperazzjoni strutturata permanenti għandu tal-anqas jinkludi impenji favur:

— koordinament strutturat tal-ippjanar fil-qasam tad-difiża

— valutazzjoni u rieżami komuni tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet

— aktar finanzjament għall-EDA;

57. Jinnota li t-Trattat jiddikjara b'mod ċar li l-kooperazzjoni strutturata permanenti għandha tiġi stabbilita fi ħdan il-qafas tal-Unjoni, filwaqt li josserva li l-maġġoranza vasta tal-attivitajiet żviluppati taħtu tista' għalhekk tibbenefika minn aċċess għall-baġit tal-UE bl-istess kundizzjonijiet bħall-attivitajiet l-oħra tal-UE, b'mod konformi mal-Artikolu 41 tat-Trattat UE;

58. Jikkunsidra li l-kooperazzjoni strutturata permanenti għandha tiffaċilita wkoll iż-żieda tal-koerenza bejn l-inizjattivi kollaborattivi Ewropej, fl-ispirtu tal-inklużività u flessibilità, billi jitqawwew ir-rabtiet bejn id-diversi gruppi iżolati ta' kooperazzjoni li jfeġġu fi ħdan qafas imsaħħaħ għall-PSDK;

o

o o

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

59. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lill-Assemblea Parlamentari tan-NATO, kif ukoll lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO.

---

P7_TA(2013)0383

## Pressjoni mir-Russja fuq il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (fil-kuntest tas-Samit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss f'Vilinius)

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-pressjoni mir-Russja fuq il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (fil-kuntest tas-Samit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss f'Vilnius) (2013/2826(RSP))**

(2016/C 093/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra s-Samit tas-Sħubija tal-Lvant li se jsir f'Vilnius f'Novembru 2013,

— wara li kkunsidra l-fatt li l-Ukraina, il-Ġeorġja u l-Moldova għandhom il-prospett li jiffirmaw u jinizjalaw, skont il-każ, Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Unjoni Ewropea; wara li kkunsidra b'mod partikolari l-karattru ta' assoċjazzjoni ġdid u arrikkit inkwistjoni, li joffri relazzjoni wiesgħa u profonda mas-sħab Ewropej, u għalhekk imur ħafna lil hinn minn sempliċi benefiċċji ekonomiċi lejn relazzjonijiet politiċi u soċjali b'saħħithom,

— billi jfakkar li l-Memorandum ta' Budapest tal-1994 dwar id-diżarm nukleari fl-Ukraina jagħti lill-Ukraina garanziji kontra l-użu jew it-theddid ta' forza u jipprevedi appoġġ għall-pajjiż kemm-il darba jsir attentat ta' pressjoni fuqu permezz ta' koerċizzjoni ekonomika;

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi impenn kontinwu fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant offra lill-pajjiżi sħab aġenda komprensiva għall-ksib ta' riformi li jibbenefikaw minnhom iċ-ċittadini tagħhom, filwaqt li l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles Profondi u Komprensivi (DCFTAs) bejn l-UE u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jirrappreżentaw impenn ta' dawk li għandhom ir-rieda u li huma kapaċi jsaħħu u jwettqu b'suċċess il-kooperazzjoni bejn il-partijiet f'ħafna oqsma;

B. billi l-pressjoni reċenti ferm min-naħa tar-Russja li kienu soġġetti għaliha l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li qed jagħmlu progress fit-triq lejn Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, inklużi sanzjonijiet immirati kontra l-esportazzjonijiet tal-Ukraina, projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tal-industrija tal-inbidta' Moldova, ostakli addizzjonali biex ixekklu l-progress lejn ir-riżoluzzjoni tal-kunflitt Transnistrijan, u theddid relatat mas-sigurtà fil-konfront tal-Armenja, atti maħsubin biex iġiegħlu lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant ma jiffirmawx jew ma jinizjalawx il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni jew id-DCFTAs uminflok jingħaqdu mal-Unjoni Doganali mmexxija mir-Russja, li r-Russja beħsiebha tittrasforma f'Unjoni Ewro-Asjatika, poġġiet lil dawn il-pajjiżi f'pożizzjoni prekarja li tirriżulta minn restrizzjonijiet ġeografiċi li m'għandhomx ikunu soġġetti għalihom;

C. billi t-tip ta' pressjoni eżerċitata fuq pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, li tvarja minn aspetti ekonomiċi u politiċi attwali għat-theddid ta' restrizzjonijiet ekonomiċi futuri, turi l-intenzjoni tar-Russja li tkompli tikkunsidra r-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant bħala l-isfera ta' influwenza esklużiva tagħha u li topponi l-prospett li dawn il-pajjiżi jintegraw aktar mill-qrib mal-UE permezz tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, liema approċċ imur kontra l-prinċipji tas-sovranità nazzjonali, il-fiduċja reċiproka u r-relazzjonijiet tajbin mal-pajjiżi ġirien;

D. billi l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant għandhom id-dritt sovran sħiħ u l-libertà li jibnu relazzjonijiet, bħala sħab ugwali, ma' sħab tal-għażla tagħhom, skont il-Ftehimiet ta' Ħelsinki;

E. billi, issa aktar minn qatt qabel, jeħtieġ li tingħata attenzjoni lill-pressjoni allarmanti fil-Viċinat tal-Lvant tal-UE u lill-proġett tas-Sħubija tal-Lvant innifsu, li qed jiġi sfidat u qed jitpoġġa f'dubju mir-Russja;

F. billi ftehim ta' assoċjazzjoni mal-UE jġib miegħu riformi politiċi u legali li jwasslu għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt, inaqqsu l-korruzzjoni u jiżguraw rispett akbar għad-drittijiet tal-bniedem; billi s-sħubija fl-Unjoni Doganali, għall-kuntrarju, ma tinvolvi l-ebda benchmark jew kundizzjonalità bbażati fuq il-valuri, u għalhekk ma tistax titqies bħala inċentiv għal riformi domestiċi;

G. billi l-kunflitti ffriżati qed jintużaw b'mod ripetut biex idgħajfu jew jimminimizzaw is-sovranità sħiħa ta' xi pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, skont l-interessi ġeopolitiċi u ekonomiċi tar-Russja;

1. Ifakkar li l-prinċipji tal-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet inerenti fis-sovranità, in-nuqqas ta' intervenzjoni f'affarijiet interni, il-kooperazzjoni tajba bejn l-istati u l-issodisfar *bona fide* tal-obbligi skont id-dritt internazzjonali, kif miftiehem fil-qafas tal-Ftehimiet ta' Ħelsinki, huma prinċipji fundamentali li jirregolaw ir-relazzjonijiet internazzjonali fost stati indipendenti, u bħala tali, bl-ebda mod m'għandhom jiġu miksura;

2. Jiddeplora l-fatt li, hekk kif qed joqrob is-Samit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnius, qed jiżdiedu t-tipi differenti ta' pressjoni fuq il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li laħqu l-aħħar stadju ta' negozjar tal-iffirmar jew l-inizjalar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni tagħhom; jikkunsidra din il-pressjoni bħala inaċċettabbli; jemmen, barra minn hekk, li l-integrazzjoni progressiva ta' pajjiżi sħab mal-UE hija konsistenti mal-intenzjoni tagħhom li jżommu relazzjonijiet tajbin ta' viċinat mar-Russja, u jistieden lir-Russja żżomm lura milli tieħu kwalunkwe azzjoni li tkun f'kontradizzjoni ċara mal-prinċipji ta' Ħelsinki msemmija hawn fuq; jistieden lill-Federazzjoni Russa żżomm lura milli teżerċita aktar pressjoni fuq is-sħab tal-Lvant u tirrispetta bis-sħiħ id-dritt sovran tagħhom li jwettqu l-għażliet politiċi tagħhom;

3. Jenfasizza bil-qawwa l-fatt li l-għażliet ħielsa tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, li bl-ebda mod ma jħallu impatt negattiv fuq il-kummerċ mar-Russja, m'għandhomx iġegħluhom ibatu konsegwenzi bħal miżuri kummerċjali, restrizzjonijiet tal-viża, restrizzjonijiet fuq il-mobbiltà tal-ħaddiema u interferenza f'kunflitti ffriżati; barra minn hekk, jirribatti bil-qawwa din il-logħba fejn il-gwadann ta' naħa jissarraf f'telf għan-naħa l-oħra, bħala mudell għar-relazzjonijiet tal-UE u r-Russja mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;

4. Huwa konvint li aktar riformi politiċi u ekonomiċi f'dawn il-pajjiżi, abbażi ta' valuri u standards tal-UE, huma, fl-aħħar mill-aħħar, fl-interess tar-Russja stess, peress li hija tkun tista' tespandi ż-żona ta' stabbiltà, prosperità u kooperazzjoni matul il-fruntieri tagħha; ifakkar fl-istedina permanenti tal-UE sabiex ir-Russja tikkontribwixxi għal dan il-proċess permezz ta' impenn kostruttiv mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex iqisu dawn l-iżviluppi bħala żviluppi li jmorru lil hinn mid-dimensjoni purament kummerċjali, li hija sempliċement skuża għal pressjoni politika sfaċċata, u biex jieħdu azzjoni sabiex jiddefendu s-sħab tal-Unjoni, billi jibagħtu messaġġ qawwi ta' appoġġ lill-pajjiżi kollha tas-Sħubija tal-Lvant favur l-aspirazzjonijiet u l-għażliet Ewropej tagħhom;

6. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tiegħu għall-inizjalar jew l-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni fis-Samit ta' Vilnius ma' dawk il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li huma lesti u disposti jagħmlu dan, dment li r-rekwiżiti rilevanti jiġu ssodisfati; jemmen li dan se jagħti impetu mġedded lill-integrazzjoni gradwali u lill-approfondiment sostanzjali tar-relazzjonijiet, u b'hekk joffri risposta għall-aspirazzjonijiet Ewropej ta' dawk il-pajjiżi; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant biex jissoktaw u jżidu l-isforzi tagħhom sabiex itemmu l-ħidma attwali tagħhom hekk kif qed joqrob is-Samit, u sabiex ma jċedux għall-pressjoni li tiġi eżerċitata fuqhom;

7. Jisħaq fuq il-bżonn li l-UE tassumi r-responsabbiltà tagħha li timpenja ruħha u tiddefendi fl-ispirtu tas-solidarjetà lil dawk il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li ġew esposti għal pressjoni miftuħa, allarmanti u dejjem aktar intensiva min-naħa tar-Russja, maħsuba biex ittellifhom milli jidħlu f'assoċjazzjoni mal-UE, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu miżuri konkreti u efikaċi biex jappoġġaw lill-pajjiżi sħab;

8. Ifakkar li l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u d-DCFTAs għandhom l-għan li jagħtu spinta lill-kompetittività, lill-output ekonomiku u lill-prestazzjoni tal-pajjiżi sħab u tal-UE, filwaqt li fl-istess ħin jirrispettaw il-kooperazzjoni ekonomika tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant mar-Russja b'mod li jkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha; jindika li, *per se*, il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u d-DCFTAs ma jdgħajfux ir-relazzjonijiet kummerċjali li l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant ilhom żmien twil irawmu fir-reġjun; jemmen, għall-kuntrarju, li m'għandhomx jitqiesu bħala inkompatibbli ma' dawn ir-relazzjonijiet kummerċjali u li, bla ħsara għall-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u mid-DCFTAs, kwalunkwe tilwima kummerċjali għandha tiġi riżolta f'konformità mar-regoli u l-obbligi stabbiliti fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; isostni, barra minn hekk, li l-UE hija lesta tgħin lill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant fl-isforzi ta' integrazzjoni tagħhom billi tappoġġa l-applikazzjoni provviżorja tas-sanzjonijiet rilevanti tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni jew DCFTAs wara li jiġu ffirmati, billi s-self sospiż u l-programmi ta' għajnuna ma tħallihomx iffriżati jekk il-kondizzjonijiet meħtieġa huma sodisfatti billi tissokta l-miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw il-viżi u l-prospett ta' vjaġġar bla bżonn ta' viża;

9. Jindika li l-integrazzjoni Ewropea tgawdi l-appoġġ tal-maġġoranza tal-popolazzjoni fil-pajjiżi li qed jistennew l-inizjalar jew l-iffirmar ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni; iħeġġeġ, madankollu, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu l-viżibbiltà tas-Sħubija tal-Lvant u l-benefiċċji tagħha fost il-pubbliku ġenerali fil-pajjiżi sħab bħala mod ta' konsolidazzjoni tal-kunsens politiku rigward l-għażliet Ewropej tagħhom; jitlob li fuq perjodu qasir tiġi żviluppata u titnieda kampanja wiesgħa ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni fil-pajjiżi sħab ikkonċernati dwar in-natura, il-benefiċċji u r-rekwiżiti tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Istati Membri, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-pajiżi tas-Sħubija tal-Lvant u tal-Federazzjoni Russa, lill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.

---

P7_TA(2013)0384

## L-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-UE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar it-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-UE (2013/2636(RSP))**

(2016/C 093/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' April 2013 bl-isem "It-Tieni Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE" (COM(2013)0179),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea (1),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu (rapport intermedju)' (2),

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni li jimplimentah (COM(2010)0171),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea, kif adottata mill-Kunsill fil-25 ta' Frar 2010,

---

(1) Testi adottati, P7_TA(2012)0207.
(2) Testi adottati, P7_TA(2013)0245.

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata bejn l-2014 u l-2017,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Europol dwar is-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu fl-UE (TE-SAT) 2013,

— wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Europol dwar it-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata fl-UE (SOCTA) 2013,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni taċ-ċiklu tal-politika tal-UE dwar il-kriminalità serja u organizzata (SWD(2013)0017) 2011-2013,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u t-Titolu V, il-Kapitoli 1, 2, 4 u 5, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 7, 8, 10(1), 11, 12, 21, 47-50, 52 u 53 tagħha,

— wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u dik kostituzzjonali nazzjonali rilevanti li tittratta l-kriterju ta' proporzjonalità u l-ħtieġa li dan jiġi applikat mill-awtoritajiet pubbliċi f'soċjetà demokratika,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, François Crépeau, ippreżentat fl-istudju tal-24 ta' April 2013 bl-isem "Management of the external borders of the European Union and its impact on the human rights of migrants" (Il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti);

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar it-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-UE (O-000068/2013 – B7-0213/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi t-Trattat ta' Lisbona jkompli fuq it-Trattat ta' Maastricht u jipprevedi żona ta' sigurtà, libertà u ġustizzja, u jippermetti li jitqiegħdu l-pedamenti għall-iżvilupp ta' politika ta' sigurtà għall-UE u ta' aġenda ta' sigurtà kondiviża mill-UE u mill-Istati Membri, li għandhom ikunu ankrati fl-istat tad-dritt u r-rispett tal-valuri demokratiċi, il-libertajiet pubbliċi, id-drittijiet fundamentali u s-solidarjetà, u soġġetti għall-kontroll demokratiku fil-livell Ewropew u nazzjonali; billi dawn il-prerekwiżiti jirriflettu l-obbligi internazzjonali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, partikolarment dawk li jirriżultaw mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u mill-ftehimiet tan-NU li huma partijiet kontraenti tagħhom;

B. billi l-politiki ta' sigurtà ma jistgħux jirrigwardaw biss ir-ripressjoni, iżda għandhom jindirizzaw ukoll il-prevenzjoni, li huwa partikolarment kruċjali fi żmien meta l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali li qed jiżdiedu jpoġġu fid-dubju l-patt soċjali u l-eżistenza tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet pubbliċi;

C. billi s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE hija fundamentali;

D. billi l-Istati Membri u l-Kummissjoni ma indirizzawx verament l-implikazzjonijiet kollha tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u billi konsegwentement il-Parlament ikompli jassumi rwol relattivament marġinali, hekk kif il-pożizzjonijiet li jieħu, partikolarment dwar il-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mhumiex integrati fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet [1];

[1] Ara r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar "il-qagħda tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2009) – implimentazzjoni effikaċi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona" (ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 49).

E. billi l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna (ISS) għall-perjodu 2010-2014 identifikat ħames oqsma ta' prijorità li fihom l-UE tista' tipprovdi valur miżjud: il-waqfien tal-attivitajiet tan-netwerks tal-kriminalità internazzjonali u l-kontribut biex dawn jiġu eliminati, il-prevenzjoni ta' attakki terroristiċi, it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà, l-iżgurar tas-sigurtà mal-fruntieri, u ż-żieda tar-reżiljenza għad-diżastri naturali; billi din l-istrateġija tista' tiġi implimentata biss jekk tissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni, id-drittijiet tal-migranti u tal-persuni li jftixxu asil u l-konformità mal-obbligi internazzjonali kollha tal-UE u l-Istati Membri tagħha;

F. billi t-tieni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-ISS irrikonoxxa li l-ħames objettivi kollha għadhom validi, u spjega s-sitwazzjoni attwali, il-progress li sar s'issa u t-triq 'il quddiem;

1. Jiddispjaċih li t-tieni komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-ISS, tal-10 ta' April 2013, ftit tikkritika l-attivitajiet li twettqu fil-qafas tal-ISS, filwaqt li ddikjarat għal darb'oħra l-istess prijoritajiet bħal fil-komunikazzjoni inizjali tagħha ta' Novembru 2010 u filwaqt li naqset, partikolarment, milli tikkunsidra l-konsegwenzi tal-inkorporazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li l-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet tagħha japplikaw mhux biss għaċ-ċittadini tal-UE iżda għal kull persuna li tinsab fit-territorju tal-UE;

2. Jinnota l-ħidma mwettqa sabiex titwaqqaf l-ISS u l-prinċipji ewlenin li jirregolaw l-istrateġija, li hija maħsuba biex tippermetti lill-istituzzjonijiet u l-Istati Membri kollha tal-UE jaħdmu għall-kisba tal-istess objettivi; jenfasizza li l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja huma objettivi li għandhom jiġu mfittxija b'mod parallel u jfakkar li, sabiex jinkisbu l-libertà u l-ġustizzja, is-sigurtà trid dejjem tiġi segwita skont il-prinċipji tat-Trattati, l-istat tad-dritt u l-obbligi tal-Unjoni fir-rigward tad-drittijiet fundamentali; jemmen li l-miżuri ta' sigurtà tal-UE għandhom jiffukaw fuq attivitajiet li wrew il-kapaċità li jbaxxu r-rati tal-kriminalità u jipprevjenu attakki terroristiċi, imwettqa skont il-prinċipji ta' neċessità, proporzjonalità u rispett għad-drittijiet fundamentali u abbażi ta' kontroll u responsabilità xierqa;

3. Jissottolinja l-fatt li s-sigurtà interna mhijiex eżenti mill-obbligi tad-drittijiet fundamentali tal-UE u nazzjonali, u jesprimi tħassib serju dwar il-fatt li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet u ċ-ċittadini tal-Istati Membri kienu soġġetti għal sorveljanza sigrieta mill-Istati Membri, pajjiżi terzi u partijiet terzi, bil-kollaborazzjoni ta' kumpaniji privati; jistieden lill-UE u lill-istituzzjonijiet tal-Istati Membri biex jinvestigaw il-kwistjoni u jieħdu azzjonijiet ta' segwitu dwarha; jenfasizza li kull strateġija tas-sigurtà interna tal-UE teħtieġ tkun ibbażata fuq fehim komuni ta' x'inhu "intern" u "estern" u teħtieġ tkun immirata biex tiddefendi lill-Istati Membri tal-UE u ċ-ċittadini tagħhom mis-sorveljanza barranija illegali u influwenza u manipulazzjoni mhux xierqa; jitlob tisħiħ tas-sigurtà u l-kunfidenzjalità tas-sistemi ta' komunikazzjoni u loġistika tal-UE kontra sorveljanza tal-partijiet terzi jew barranija; jissottolinja l-fatt li d-dritt taċ-ċittadini għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data u d-dritt tal-aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni huma valuri u drittijiet fundamentali Ewropej, li jeħtieġu jiġu sostnuti fil-livelli kollha u fil-fora kollha;

4. Ifakkar li l-Parlament issa huwa attur istituzzjonali sħiħ fil-qasam tal-politiki ta' sigurtà, u għaldaqstant huwa intitolat li jieħu sehem b'mod attiv fid-determinazzjoni tal-karatteristiċi u l-prijoritajiet tal-ISS u fl-evalwazzjoni tal-istrumenti rilevanti, inkluż permezz ta' eżerċizzji regolari ta' monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni tal-ISS, li għandhom jitwettqu b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, il-parlamenti nazzjonali u l-Kunsill, skont l-Artikoli 70 u 71 tat-TFUE;

5. Jemmen li analiżi xierqa tat-theddidiet ta' sigurtà li jridu jiġu indirizzati hija prerekwiżit essenzjali sabiex tkun ISS effettiva; ifakkar lill-Kummissjoni fl-impenn tagħha li tipproduċi ħarsa ġenerali transsettorjali tat-theddidiet naturali u dawk ġejjin mill-bniedem (intenzjonali u mhux intenzjonali) fl-UE; ifakkar lill-Kunsill Ewropew fl-obbligu tiegħu skont l-Artikolu 222 TFUE li jwettaq valutazzjoni regolari tat-theddid għall-UE u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti konkreti dwar kif l-aħjar li timplimenta l-obbligi msemmija hawn fuq, billi ġġib flimkien, fil-livell tal-UE u nazzjonali, il-valutazzjonijiet dwar it-theddid u r-riskji, li attwalment huma frammentati u b'fokus limitat wisq;

6. Jinnota li l-effikaċja tal-Europol biex tivvaluta u tanalizza theddidiet terroristiċi u attivitajiet kriminali oħra tiddependi ħafna minn kemm is-servizzi fl-Istati Membri jkunu lesti jipprovdulha informazzjoni; jissuġġerixxi li tissaħħaħ il-provvista ta' informazzjoni mill-Istati Membri lill-Europol billi jiġi rinfurzat id-dmir tal-Istati Membri li jikkooperaw mal-Europol;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

7. Ifakkar li waħda mit-theddidiet ewlenin għas-sigurtà interna tal-UE hija l-kriminalità organizzata, inklużi l-mafji; jinnota b'sodisfazzjon il-progress li sar mill-Istati Membri u l-Kummissjoni bħala parti miċ-ċiklu tal-politika tal-UE dwar il-kriminalità internazzjonali serja u organizzata, u jitlob lill-Istati Membri jwettqu impenn imġedded u jużaw riżorsi xierqa; huwa tal-fehma li għandhom jiġu promossi standards ġuridiċi u strumenti operattivi komuni, bħas-sekwestri, l-Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej u l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti; iqis li huwa neċessarju li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija bejn l-Istati Membri u l-UE, kif ukoll ma' pajjiżi mhux tal-UE, fir-rispett tal-leġiżlazzjonijiet u l-obbligi internazzjonali tal-UE fil-qasam tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali, l-Istat tad-Dritt u l-protezzjoni tad-data personali u l-ħajja privata taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE, u jitlob li l-Parlament Ewropew ikollu rwol kruċjali fl-evalwazzjoni u d-definizzjoni tal-politiki ta' sigurtà interna li għandhom impatt kbir fuq id-drittijiet fundamentali tal-persuni kollha li jgħixu fl-UE, b'hekk jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li dawk il-politiki jaqgħu taħt il-kompetenza tal-unika istituzzjoni Ewropea li hija eletta b'vott dirett għall-iskrutinju u l-kontroll demokratiku tal-politiki tal-UE fil-qafas tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

8. Itenni, abbażi tal-kooperazzjoni eżistenti bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, l-idea tiegħu ta' "ċiklu ta' politika parlamentari" – sinkronizzat bir-reqqa mar-rappurtar annwali tal-Kummissjoni f'dan il-qasam – li jikkonkludi b'rapport parlamentari annwali dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-ISS;

9. Huwa tal-fehma li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal u n-nisa;

10. Jilqa' l-fatt li l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi tan-nar ġiet inkluża fost il-prijoritajiet tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; jistenna, madankollu, l-orjentazzjoni strateġika globali li se tiġi żviluppata mill-Kummissjoni fir-rigward tal-armi tan-nar, inkluż l-użu tagħhom għal skopijiet ta' traffikar, kriminalità organizzata u terroriżmu;

11. Jiddispjaċih li l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ma ġietx inkluża bħala prijorità separata tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, kif kien rakkomandat mill-Europol; jemmen bil-qawwa li tipi differenti ta' kriminalità organizzata bħall-ħasil tal-flus, ir-reati ambjentali u r-reati u l-korruzzjoni korporattivi huma elementi marbuta flimkien u li jsaħħu lil xulxin u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex, mingħajr dewmien, jagħtu prijorità lill-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus;

12. Jenfasizza li l-ġlieda kontra t-terroriżmu hija prijorità ewlenija fl-ISS; jirrimarka li skont il-Europol it-theddida terroristika hija realtà fl-UE, għalkemm tieħu forom differenti ħafna, iżda għandu dubji dwar il-prijoritajiet tal-Unjoni f'dan il-qasam fir-rigward tal-oriġini reali tal-attentati terroristiċi; jinsisti fuq il-ħtieġa li tingħata prijorità akbar lill-politiki ta' prevenzjoni minbarra miżuri repressivi; jinnota n-neċessità li wieħed jiffoka hawnhekk fuq miżuri mmirati ta' pulizija u s-servizzi ta' informazzjoni, u li dawn jiġu allokati r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa, sabiex tassew tkun tista' ssir prevenzjoni ta' attakki terroristiċi; ifakkar fl-importanza tal-prevenzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu u jistenna l-proposta għal qafas għal miżuri ġudizzjarji u amministrattivi, bħall-iffriżar tal-fondi ta' persuni li jkunu suspettati b'terroriżmu skont l-Artikolu 75 TFUE; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jevalwaw kif jixraq in-natura u l-kobor tat-theddida maħluqa minn qawmien mill-ġdid ta' radikalizzazzjoni politika vjolenti; iqis li huwa kruċjali li jiġu żviluppati mekkaniżmi li jippermettu l-individwazzjoni bikrija ta' sinjali ta' radikalizzazzjoni bħal din, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu fuq dan, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni, fl-oqsma ta' attività rispettivi tagħhom; huwa mħasseb dwar l-attività dejjem tikber minn dawk li ġeneralment jissejħu "persuni li joperaw waħedhom", ta' ċittadinanza tal-UE jew ta' pajjiżi terzi, li jivvjaġġaw lejn inħawi ta' kunflitt qabel ma jiġu lura fit-territorju tal-UE, għax jippreżentaw riskji ġodda li ma jistgħux jiġu indirizzati b'metodi normali tal-ġlieda kontra t-terroriżmu; jinkoraġġixxi l-iskambju ta' prattiki tajba għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fost iż-żgħażagħ u jappoġġa l-proposta ta' "kaxxa tal-għodda" Ewropea dwar is-suġġett; jistenna li l-evalwazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu tqis dawn il-parametri kollha u jenfasizza l-ħtieġa li l-istrumenti kontra t-terroriżmu eżistenti jiġu interkonnessi aħjar;

13. Jitlob lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE jwettqu investigazzjoni bir-reqqa dwar il-movimenti vjolenti tal-estrem fi ħdan l-Unjoni u jieħdu miżuri prattiċi biex jikkumbattu attivitajiet vjolenti ta' dan it-tip;

14. Jenfasizza li s-settur privat, partikolarment l-industrija finanzjarja, għandu rwol kruċjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-finanzjament tat-terroriżmu billi jidentifika u jirrapporta każijiet ta' frodi, ħasil tal-flus u tranżazzjonijiet suspettużi oħra; jirrimarka li s-settur finanzjarju għandu jaħdem aktar mill-qrib mal-aġenziji governattivi biex jiġu identifikati lakuni fir-regolamenti attwali u jiġu implimentati tekniki innovattivi biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet; jenfasizza li huwa tal-akbar importanza li wieħed jifhem li kwalunkwe ġlieda effettiva kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu tiddependi fuq approċċ integrat li jinvolvi l-partijiet interessati kollha fil-livell nazzjonali u tal-UE;

15. Iqis li għandha tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem; jiddispjaċih li d-Direttiva attwali dwar il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika Ewropea (2008/114/KE ([1])) mhix qed tiffunzjona sewwa u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi li tiġi emendata din id-direttiva sabiex tissaħħaħ;

16. Jemmen li jeħtieġ jitwettaq studju statistiku dwar ir-riskji naturali, li jelenka l-oqsma l-aktar kritiċi, u li dan għandu jkun il-bażi li fuqu tiġi żviluppata sistema awtomatika ta' salvataġġ u rispons li tkun effettiva biex tirreaġixxi fil-pront għall-emerġenzi;

17. Iqisha bħala ħaġa ta' importanza kbira li jiġu miġġielda b'mod deċiż ir-reati ambjentali u ekonomiċi, tkun xi tkun l-oriġini tagħhom, peress li għandhom impatt ta' ħsara partikolari fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien taċ-ċittadini tal-UE, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi;

18. Jilqa' l-aħbar mill-Kummissjoni ta' inizjattiva kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti u jesprimi fiduċja kbira fiha;

19. Jinnota l-prijorità li l-ISS tagħti lill-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità; iqis li ċ-ċiberkriminalità hija theddida li qed tikber għall-UE u fattur importanti li jippermetti t-twettiq ta' attivitajiet kriminali oħrajn; jistieden lill-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni biżżejjed fondi għaċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u jħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iċ-Ċiberkriminalità; ifakkar li l-ipproċessar u l-ġbir tad-data personali bħala parti mill-ISS dejjem għandhom ikunu konformi mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk ta' neċessità, proporzjonalità u legalità, kif ukoll mal-leġiżlazzjoni tal-UE u mal-konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa rilevanti f'dan il-qasam; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lit-tfal fid-dinja diġitali, u l-importanza tal-ġlieda kontra l-pornografija tat-tfal; jappoġġa l-espansjoni tal-Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal Onlajn;

20. Itenni li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja tal-UE, anke permezz tal-Europol, il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u l-Eurojust, flimkien mal-għoti ta' taħriġ adegwat, huwa kritiku għal ISS xierqa u għandu jinvolvi lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE; iqis li din il-kooperazzjoni ma għandhiex tkun limitata għall-identifikazzjoni u l-arrest ta' persuni suspettati li kkommettew atti kriminali, iżda għandha tiffoka wkoll fuq il-prevenzjoni tal-kriminalità u tar-ripetizzjoni tar-reati; jinnota l-proposti rilevanti tal-Kummissjoni, inklużi dawk għar-riforma tal-Eurojust u għal abbozz ta' leġiżlazzjoni dwar il-ħolqien ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew; jirrimarka l-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rispett tas-separazzjoni tal-poteri bejn is-setturi ġudizzjarji u tal-pulizija, kif ukoll tal-awtonomija rispettiva tagħhom;

21. Jappoġġa l-istabbiliment ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, b'mod partikolari biex jissalvagwardja l-baġit tal-Unjoni b'mod aktar effettiv, u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta malajr kemm jista' jkun;

22. Jiddispjaċih li l-ISS għad m'għandhiex "dimensjoni tal-ġustizzja" xierqa; ifakkar, skont il-programm ta' Stokkolma, li l-fiduċja reċiproka jeħtieġ li tissaħħaħ billi tiġi żviluppata progressivament kultura ġudizzjarja Ewropea bbażata fuq id-diversità tas-sistemi legali u fuq l-unità permezz tal-liġi Ewropea, u li dan għandu jinkludi r-rispett tal-istat tad-dritt, il-valuri demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, u mhux biss jillimita ruħu għall-insegwiment ta' persuni ssuspettati li kkommettew atti kriminali jew terroristiċi; jenfasizza l-importanza kbira tal-fiduċja reċiproka bħala prerekwiżit biex titrawwem il-kooperazzjoni ġudizzjarja, u jemmen li din il-fiduċja reċiproka ma tistax isseħħ jekk mhux permezz tal-istabbiliment u r-rispett ta' standards ugwali fir-rigward tal-libertajiet ċivili u s-salvagwardji proċedurali;

([1]) ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75.

23. Jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata ġestjoni integrata tal-fruntieri li għandha tiżgura kontroll tal-fruntieri esterni li jkun uniformi, sikur u ta' kwalità għolja, filwaqt li jiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu bejn il-fruntieri esterni u jippromwovi l-mobilità fi ħdan iż-żona Schengen; jilqa' l-bidu tal-operat reċenti tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II u jistieden lil eu-LISA tiżgura ġestjoni operazzjonali ta' kwalità għolja tas-sistema l-ġdida; jistenna li s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) ġdida tkun qed tiffunzjona kompletament sa tmiem l-2014 u jemmen li se tkun strument effiċjenti li se jikkontribwixxi għall-individwazzjoni u l-prevenzjoni tal-kriminalità transkonfinali u l-immigrazzjoni irregolari, u għall-għlieda kontrihom, kif ukoll għall-protezzjoni tal-migranti u biex isalvalhom ħajjithom; jenfasizza li l-iżvilupp possibbli ta' sistemi ġodda tal-IT fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, bħall-inizjattivi "Fruntieri Intelliġenti", għandhom jiġu analizzati b'attenzjoni speċjalment fil-konfront tal-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità u eventwalment għandhom jiġu żviluppati biss wara li l-istrumenti legali jkunu ġew adottati; jilqa' b'mod partikolari l-ftehim reċenti li ntlaħaq dwar il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen u jistieden lill-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltajiet il-ġodda tagħha sabiex tiżgura livell għoli ta' konformità mal-acquis ta' Schengen maż-żona Schengen kollha; jenfasizza li l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni għandha tkun miżura eċċezzjonali li tista' tintuża biss f'każ estrem, filwaqt li jitqiesu mhux biss l-aspetti ta' sigurtà iżda wkoll l-impatt fuq il-mobilità u l-libertà ta' moviment; jenfasizza l-fatt li l-migrazzjoni u l-qsim ta' fruntieri esterni minn ammont kbir ħafna ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ma għandux, per se, jitqies bħala theddida għall-politika pubblika jew għas-sigurtà interna; itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għall-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija maż-żona Schengen u jistieden lill-Kunsill jaqbel ukoll dwar l-adeżjoni tagħhom, peress li dan jagħti spinta qawwija favur il-fiduċja reċiproka u s-solidarjetà li huma prekundizzjonijet meħtieġa biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fi ħdan l-UE;

24. Jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka bejn il-forzi tal-pulizija sabiex jiġu promossi l-kooperazzjoni, l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti u l-iskambju ta' informazzjoni; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li t-taħriġ tal-forzi tal-pulizija mill-perspettiva Ewropea huwa kruċjali;

25. Jemmen li d-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-ISS għandhom iqisu aktar bis-sħiħ l-interazzjoni eżistenti bejn id-dimensjoni interna u dik esterna tal-politika ta' sigurtà u li, f'dawn iż-żewġ dimensjonijiet, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni li huma attivi fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom f'konformità sħiħa mal-valuri u l-prinċipji tad-dritt tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw ukoll l-impatt tal-ISS fuq l-Istrateġija ta' Sigurtà Esterna tal-UE, inkluż fir-rigward tal-obbligi li jikkonċernaw l-osservanza u l-promozzjoni tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali u tal-valuri u l-prinċipji demokratiċi kif jidhru fit-testi, fil-konvenzjonijiet u l-ftehimiet internazzjonali li huma firmatarji tagħhom; jiddispjaċih li l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-2011 immirat lejn it-Tisħiħ tar-Rabtiet bejn il-PSDK u l-FSJ qiegħda lura u jħeġġeġ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jħaffef ix-xogħol fuqha;

26. Jirrimarka li l-ISS attwali se tiġi fi tmiemha fl-2014; jistieden lill-Kummissjoni tibda tħejji ISS ġdida għall-perjodu 2015-2019, li tikkunsidra d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u l-integrazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fid-dritt tal-Unjoni; huwa tal-fehma li din il-politika l-ġdida għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni esterna fil-fond u indipendenti tal-istrateġija u l-istrumenti attwali, filwaqt li jitqiesu l-isfidi tal-ġejjieni, u li għandha titwettaq wara konsultazzjoni wiesgħa fost il-partijiet interessati; jistieden lill-Kunsill iqis kif xieraq il-kontribut tal-Parlament fir-rigward tal-ISS il-ġdida qabel jadotta l-istrateġija l-ġdida;

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

P7_TA(2013)0385

## L-Istrateġija Ewropea 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar l-Istrateġija Ewropea dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (2013/2685(RSP))**

(2016/C 093/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-preambolu u l-Artikoli 3 u 6 tiegħu,

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 9, 145, 151, 152, 153, 154, 156 u 168 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 3, 27, 31, 32 u 33 tagħha,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar evalwazzjoni tal-Istrateġija Ewropea 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (O-000073/2013 – B7-0214/2013),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2002 bit-titolu "Adapting to change in work and society: a new Community strategy on health and safety at work 2002-2006" ("Nadattaw għat-tibdiliet tax-xogħol u tas-soċjetà: strateġija Komunitarja ġdida dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol") (COM(2002)0118),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2007 bit-titolu "Intejbu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol: strateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol" (COM(2007)0062),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu 'EWROPA 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2011 bit-titolu "Rieżami ta' nofs il-perjodu tal-istrateġija Ewropea 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol" (SEC(2011)0547),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-31 ta' Mejju 2013 bit-titolu "Valutazzjoni tal-istrateġija Ewropea 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol" (SWD(2013)0202),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar il-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2008 dwar l-istrateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rieżami ta' nofs il-perjodu tal-istrateġija Ewropea 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Istrateġija Ewropa 2020 għandha l-għan li, sal-2020, tilħaq rata ta' okkupazzjoni ta' 75 % għas-sezzjoni tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena;

B. billi l-progress teknoloġiku, l-iżviluppi ekonomiċi u l-kriżi ekonomika u soċjali kontinwament qed ikollhom impatt fuq l-ambjent tax-xogħol u jirrikjedu reazzjonijiet rapidi bil-għan li jiġi pprovdut livell għoli ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

C. billi l-kriżi ekonomika m'għandhiex tintuża bħala skuża biex jiġu mdgħajfa l-politiki tal-prevenzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol;

D. billi, sabiex jiġu appoġġjati miżuri leġiżlattivi, il-materja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ilha tiġi indirizzata f'dokumenti ta' politika u fi programmi ta' azzjoni fuq livell ta' UE sa mill-1978;

E. billi l-istrateġija Komunitarja 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol skadiet fl-2012 u għadha ma ġiet segwita mill-ebda dokument ta' politika fil-livell ta' UE;

F. billi l-Kummissjoni tammetti li l-istrateġija Komunitarja 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol kellha impatt pożittiv madwar l-UE kollha u li fis-snin li ġejjin għad iridu jiġu indirizzati għadd ta' sfidi fil-qasam tas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali;

([1]) ĠU C 304 E, 01.12.2005, p. 400.
([2]) ĠU C 41 E, 19.2.2009, p. 14.
([3]) ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 102.

1. Jinsab imħasseb li l-Kummissjoni sal-ġurnata tal-lum għadha ma adottatx strateġija Ewropea ġdida dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

2. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija Ewropea ġdida dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol għas-snin ta' bejn issa u l-2020; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel dan finalment qabel tmiem l-2013;

3. Jiddeplora l-fatt li sal-ġurnata tal-lum il-Kummissjoni għadha ma varatx proposta għal direttiva jew dwar diżordnijiet muskoloskeletali relatati max-xogħol jew dwar ir-rieżami tad-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esposizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, għalkemm dawn kienu diġà tħabbru fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2011;

4. Itenni l-messaġġi li jinsabu fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rieżami ta' nofs il-perjodu tal-istrateġija Ewropea 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

P7_TA(2013)0386

## In-negozjar kollettiv transfrunterjali u d-djalogu soċjali transnazzjonali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar in-negozjar kollettiv transkonfinali u d-djalogu soċjali transnazzjonali (2012/2292(INI))**

(2016/C 093/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3(3) u 6(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 151, 152, 154, 155 u 156 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 12, 28, 52(3) u 53 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Preambolu tagħha u l-ispjegazzjonijiet rilevanti,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5 u 6 tal-Karta Soċjali Ewropea (Riveduta),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE tal-20 ta' Mejju 1998 dwar l-istabbiliment ta' Kumitati ta' Djalogu Settorjali biex iġibu 'l quddiem id-djalogu bejn l-imsieħba soċjali fuq livell Ewropew,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal kumpanija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill (EPSCO) 17423/11, adottati fl-1 ta' Diċembru 2011,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-10 ta' Settembru 2012 bit-titolu "Transnational company agreements: realising the potential of social dialogue", (SWD(2012)0264),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bit-titolu 'Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi' (COM(2012)0173),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-31 ta' Jannar 2012 tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma Rivedut tal-31 ta' Jannar 2012 tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2012 bit-titolu 'Ristrutturazzjoni u antiċipazzjoni tal-bidla: X'tgħallimna mill-esperjenza reċenti?' (COM(2012)0007) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tas-17 ta' Jannar 2012 li jakkumpanjaha bit-titolu "Restructuring in Europe 2011" (SEC(2012)0059),

— wara li kkunsidra l-kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2010 bit-titolu 'Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni – Il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-Xena Prinċipali' (COM(2010)0614),

— wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 bit-titolu "Mapping of transnational texts negotiated at corporate level" (EMPL F2 EP/bp 2008 (D) 14511),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2008 bit-titolu "The role of transnational company agreements in the context of increasing international integration" (SEC(2008)2155),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' Frar 2006 bit-titolu "Transnational collective bargaining: Past, present and future",

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Frar 2005 dwar l-Aġenda Soċjali (COM(2005)0033),

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet tal-ILO dwar il-klawsoli tax-xogħol (il-kuntratti pubbliċi) (Nru 94) u n-negozjar kollettiv (Nru 154),

— wara li kkunsidra l-ġurisprudenza żviluppata mill-korpi superviżorji tal-ILO,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tripartitika tal-ILO dwar il-prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali (id-Dikjarazzjoni MNE) (1977),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-ILO tal-10 ta' Ġunju 2008 dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-ILO tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol,

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet tal-ILO li jistabbilixxu standards universali fundamentali tax-xogħol fir-rigward ta' (fost l-oħrajn): il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għan-negozjar kollettiv (Nru 87, 1948 u Nru 98, 1949); u n-nondiskriminazzjoni fl-impjiegi (Nru 100, 1951 u Nru 111, 1958),

— wara li kkunsidra l-istudju tiegħu dwar l-infurzar tad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema, ikkummissjonat mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (Settembru 2012),

— wara li kkunsidra l-istudju tiegħu dwar in-negozjar kollettiv transkonfinali u d-djalogu soċjali transnazzjonali, ikkummissjonat mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (Ġunju 2011),

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar informazzjoni lill-ħaddiema u konsultazzjoni tal-ħaddiema, antiċipazzjoni u ġestjoni tar-ristrutturazzjoni ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0258/2013),

A. billi skont il-Kummissjoni ([2]) kien hemm 244 ftehim imprenditorjali transnazzjonali Ewropew fl-2012; billi dan jindika li r-relazzjonijiet tax-xogħol fil-kumpaniji transnazzjonali fl-Ewropa qed isiru dejjem aktar integrati;

B. billi aktar u aktar ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali ġodda qed jinkludu ftehimiet dwar proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim, kif jirrakkomandaw kemm l-organizzazzjonijiet tal-impjegati, kif ukoll dawk ta' min iħaddem;

C. billi ma jeżisti l-ebda qafas ġuridiku għal dawn il-ftehimiet, la fil-livell internazzjonali u lanqas fil-livell Ewropew; billi għandu jiġi kkunsidrat jekk din hijiex raġuni għalfejn qed jiġu konklużi anqas ftehimiet ta' dan it-tip;

D. billi kull Stat Membru tal-UE għandu s-sistema proprja tiegħu tar-relazzjonijiet industrijali, ibbażata fuq żviluppi storiċi u tradizzjonijiet differenti, li għandha tiġi rrispettata u ma teħtieġ l-ebda armonizzazzjoni;

E. billi ntwera li s-sħubijiet transkonfinali bejn is-sħab soċjali huma prattiki tajba għall-promozzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema u tad-drittijiet tagħhom bejn il-fruntieri; billi l-appoġġ tal-UE għal sħubijiet transkonfinali ta' dan it-tip hu essenzjali;

F. billi d-djalogu Ewropew jippromwovi ż-żamma u ż-żieda fl-impjiegi, it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u b'hekk iż-żieda fil-prosperità tal-ħaddiema tal-impriżi transnazzjonali permezz ta' modi innovattivi, filwaqt li tiġi ppreservata l-awtonomija fin-negozjar kollettiv;

G. billi l-UE tirrikonoxxi l-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv bħala drittijiet fundamentali;

H. billi n-negozji qegħdin joperaw dejjem aktar fuq livell Ewropew, waqt li r-rappreżentanza tal-ħaddiema b'mod predominanti hi organizzata skont linji nazzjonali;

1. Jinnota li din ir-riżoluzzjoni tikkonċerna l-ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali; jinnota li l-ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali jiġu konklużi bejn federazzjonijiet tat-trejdjunjins Ewropej min-naħa, u mill-kumpaniji individwali u/jew federazzjonijiet ta' min iħaddem min-naħa l-oħra, normalment fil-livell settorjali, u jiddikjara li din ir-riżoluzzjoni ma tirrigwardax ftehimiet qafas internazzjonali li jiġu ffirmati minn federazzjonijiet tat-trejdjunjins internazzjonali ma' impriżi; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ id-djalogu soċjali Ewropew u transnazzjonali u n-negozjar kollettiv transnazzjonali;

2. Jipproponi li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra jekk qafas ġuridiku Ewropew mhux obbligatorju għal dawn il-ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali Ewropej ikunx neċessarju u utli bil-ħsieb li jiġu pprovduti sigurtà ġuridika akbar, aktar trasparenza, u effetti ġuridiċi prevedibbli u infurzabbli għall-ftehimiet skont id-dispożizzjonijiet ta' qafas; jipproponi li għandhom jiġu promossi prattiki relatati mal-ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali Ewropej li jirrikonoxxu l-awtonomija kuntrattwali tal-partijiet kontraenti, u jirrakkomanda li jiġu inkorporati dispożizzjonijiet fil-ftehimiet dwar ir-soluzzjoni tat-tilwim;

### *Qafas ġuridiku mhux obbligatorju għall-ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali Ewropej*

3. Jenfasizza l-awtonomija tas-sħab soċjali, li permezz tagħha dawn jistgħu jibdew negozjati u jilħqu ftehimiet fil-livelli kollha;

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0005.

([2]) Ftehim ta' kumpaniji transnazzjonali: realizzazzjoni tal-potenzjal tad-djalogu soċjali, Dokument ta' Ħidma tal- Kummissjoni 10.9.2012 SWD(2012)0264, p. 2

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

4. Jenfasizza li l-ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali jvarjaw bejniethom, pereżempju fir-rigward ta' kemm testendi l-applikabilità, il-kamp ta' applikazzjoni u l-firmatarji, skont il-finijiet, il-punti ta' tluq, il-ħtiġijiet u l-objettivi ta' dawk il-partijiet, li n-negozji u l-kulturi korporattivi jvarjaw sostanzjalment bejniethom u li l-awtonomija tal-partijiet kontraenti fir-rigward tal-ħolqien ta' tipi differenti ta' ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali għandha tiġi rispettata;

5. Jissuġġerixxi li s-sħab soċjali jiskambjaw l-esperjenzi fil-qasam tal-ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali;

6. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tibbaża l-kunsiderazzjoni tagħha ta' qafas ġuridiku mhux obbligatorju fuq użu volontarju, li għandu jkun mhux obbligatorju għas-sħab soċjali u kumpaniji u grupp ta' kumpaniji involuti kif ukoll abbażi tal-flessibilità u r-riferiment fil-livell nazzjonali b'mod li l-ftehim imprenditorjali transnazzjonali jingħata effett ġuridiku; jenfasizza b'mod espliċitu l-awtonomija tas-sħab soċjali u tal-partijiet għal ftehimiet kollettivi;

7. Iqis li l-kunsilli tax-xogħlijiet Ewropej għandhom ikunu involuti kompletament fin-negozjati mal-federazzjonijiet trejdjunjonistiċi Ewropej fejn applikabbli, partikolarment billi dawn huma kapaċi jidentifikaw il-ħtieġa/opportunità għal ftehim imprenditorjali transnazzjonali, iniedu l-proċess u jwittu t-triq għan-negozjati, u jgħinu jiżguraw it-trasparenza u t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-ftehimiet għall-ħaddiema involuti; jilqa' l-fatt li xi federazzjonijiet trejdjunjonistiċi Ewropej fasslu regoli proċedurali biex jiġu involuti l-kunsilli tax-xogħlijiet Ewropej;

8. Jinsab konvint li l-inklużjoni tal-klawsola l-aktar favorevoli u l-klawsola tan-nonrigressjoni hi meħtieġa sabiex jiġi evitat ir-riskju li ftehim imprenditorjali transnazzjonali Ewropew jirriżulta f'evażjoni ta' ftehimiet kollettivi nazzjonali u ftehimiet imprenditorjali nazzjonali, jew li jgħarraqhom;

9. Jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim; iqis li għandu jintlaħaq ftehim dwar l-ewwel mekkaniżmu konġunt ad hoc fil-livell ta' impriżi, pereżempju l-inkoraġġiment biex il-partijiet firmatarji, fuq bażi volontarja, jaqblu dwar klawsoli għas-soluzzjoni tat-tilwim għas-sejbien ta' soluzzjoni għall-kunflitti bejn il-partijiet kontraenti; jissuġġerixxi li dawn il-klawsoli jistgħu jiġu bbażati fuq mudelli ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim miftiehma u pprovduti mis-sħab soċjali tal-UE fil-livell settorjali; jirrikonoxxi li ħafna mill-ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali li diġà ġew konklużi fil-livell Ewropew diġà jinkludu proċeduri ta' ħidma għas-soluzzjoni extraġudizzjarja tat-tilwim, u jinkoraġġixxi lis-sħab soċjali jiskambjaw il-fehmiet dwar dan is-suġġett b'mod aktar intensiv u jidentifikaw metodi għall-iżvilupp u/jew l-ottimizzazzjoni ulterjuri tagħhom;

10. Jipproponi lill-Kummissjoni tirrakkomanda lis-sħab soċjali jqisu l-kriterji li ġejjin fir-rigward tal-ftehimiet imprenditorjali transnazzjonali Ewropej: il-proċedura ta' mandat, jiġifieri l-kjarifika tal-leġittimità u r-rappreżentanza tal-partijiet li qed jinnegozjaw li jiġu konklużi ftehimiet bejniethom; il-post u d-data tal-konklużjoni tal-ftehim; il-kamp ta' applikazzjoni sostantiv u ġeografiku tiegħu; il-klawsola l-aktar favorevoli u l-klawsola tan-nonrigressjoni; il-perjodu ta' validità; il-prekundizzjonijiet għall-kanċellazzjoni tal-ftehim u l-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim; is-suġġetti koperti mill-ftehim; u rekwiżiti formali oħrajn;

11. Jilqa' l-attivitajiet li l-Kummissjoni qed tagħmel għad-dispożizzjoni għall-iskambju ta' esperjenzi għas-sħab soċjali u l-esperti bil-ħsieb li tappoġġahom, pereżempju l-ġbir ta' eżempji, il-formazzjoni ta' bażijiet ta' data u t-twettiq ta' studji;

12. Ifakkar f'dan il-kuntest l-esperjenzi tajbin li saru fir-rigward tas-sħubijiet transkonfinali bejn sħab soċjali, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-appoġġ tal-UE għal tali sħubijiet fil-ġejjieni;

13. Jinkoraġġixxi lis-sħab soċjali Ewropej jisfruttaw kompletament il-possibilità ta' ftehimiet fil-livell tal-UE kif previst fl-Artikolu 155 TFUE, abbażi tar-rispett sħiħ tal-awtonomija tagħhom;

14. Jappella biex is-sħab soċjali Ewropej ikollhom rwol imsaħħaħ fit-tiswir tal-politiki Ewropej; jappella b'mod partikolari lis-sħab soċjali jieħdu sehem fit-tfassil tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u jiżvolġu rwol aktar b'saħħtu fil-monitoraġġ tal-progress li jkun sar mill-Istati Membri;

15. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi mħeġġa, appoġġata u miżjuda r-rappreżentazzjoni u l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-livelli differenti ta' djalogu soċjali u ta' strutturi ta' negozjar kollettiv u li d-dimensjoni tal-ġeneru tiġi integrata fil-forums relevanti, bil-ħsieb li jintalbu l-opinjonijiet tan-nisa u jiġu integrati kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza tal-ġeneru fin-negozjar kollettiv; jirrimarka li d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv għandhom bla dubju potenzjal kbir bħala muturi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneru fuq il-post tax-xogħol;

o

o o

16. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lis-sħab soċjali tal-UE, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali

P7_TA(2013)0387

## Is-sitwazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fl-UE

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fl-UE (2012/2263(INI))

(2016/C 093/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 67 u 79 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-protokolli tagħha,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, tas-6 ta' Mejju 2010, dwar il-"Pjan ta' Azzjoni dwar Minorenni mhux Akkumpanjati (2010 – 2014)" (COM(2010)0213),

— wara li kkunsidra r-rapport tat-28 ta' Settembru 2012 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bit-titlu "Rapport intermedju dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar Minorenni mhux Akkumpanjati" (COM(2012) 0554),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2010 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-"Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma" (COM(2010)0171),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill "Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini – il-programm ta' Stokkolma" ([1]),

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-3 ta' Ġunju 2010 dwar minorenni mhux akkumpanjati, adottati waqt it-3018-il laqgħa tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI ([2]),

([1]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 12.
([2]) ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI ([1]), u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, intitolata 'L-istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012–2016',

— wara li kkunsidra d-direttivi dwar l-asil, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija ([2]), id-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-asil ([3]) u d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ([4]),

— wara li kkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni għal riforma tal-istrumenti tas-Sistema Komuni Ewropea tal-Asil (SEKA), b'mod partikolari l-proposta emendata għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-asil (tfassil mill-ġdid) (COM(2011)0320), il-proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' protezzjoni internazzjonali (tfassil mill-ġdid) (COM(2011)0319), u l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat (tfassil mill-ġdid) (COM(2008)0820),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali ([6]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 779/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkunu f'riskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" ([7]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-23 ta' Frar 2011 bl-isem 'Evalwazzjoni tal-Ftehimiet ta' Riammissjoni tal-UE' (COM(2011)0076),

— wara li kkunsidra l-kontributi tal-Kunsill tal-Ewropa, u b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni 1810 (2011) tal-Assemblea Parlamentari tiegħu bit-titlu "Il-problemi relatati mal-wasla, is-soġġorn u r-ritorn ta' tfal mhux akkumpanjati fl-Ewropa", ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tiegħu lill-Istati Membri dwar proġetti tal-ħajja favur minorenni migranti mhux akkumpanjati (CM/Rec(2007)9) u "l-Għoxrin Linja Gwida dwar ir-Ritorn Sfurzat" tal-Kumitat tal-Ministri tiegħu (CM(2005)40),

— wara li kkunsidra l-istrumenti internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u speċjalment l-Artikolu 3 tagħha, u l-Kummenti Ġenerali tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, b'mod partikolari l-Kumment Ġenerali Nru 6 (2005) dwar it-trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u separati barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom,

---

([1]) ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.
([2]) ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9.
([3]) ĠU L 31, 6.2.2003, p. 18.
([4]) ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.
([5]) ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12.
([6]) ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23.
([7]) ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19.

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida dwar il-Politiki u l-Proċeduri fit-Trattament tal-Minorenni Mhux Akkumpanjati li jfittxu Asil, ippubblikati mill-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tan-NU fl-1997,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 19 tal-Kumitat tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, adottata fl-1992,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU ta' Diċembru 1993 dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa, l-ewwel strument internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem marbut esklussivament mal-vjolenza kontra n-nisa,

— wara li kkunsidra l-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, speċjalment ta' Nisa u Tfal, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0251/2013),

A. billi kull sena, eluf ta' tfal taħt it-tmintax-il sena li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi jew li huma apolidi, jaslu waħedhom fit-territorju tal-Unjoni Ewropea jew isibu ruħhom waħedhom wara l-wasla tagħhom;

B. billi l-kunflitti li għadhom għaddejjin f'diversi partijiet tad-dinja u l-kriżi ekonomika globali attwali wasslu għal żieda fl-għadd ta' minorenni mhux akkumpanjati;

C. billi r-raġunijiet għalfejn dawn it-tfal jaslu mhux akkumpanjati huma diversi: gwerer, vjolenza, ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, xewqa ta' riunifikazzjoni ma' membri tal-familja tagħhom, diżastri naturali, faqar, traffikar, sfruttament, eċċ.;

D. billi għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tfal mhux akkumpanjati li jkunu vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, peress li dawn jeħtieġu assistenza u appoġġ speċifiċi minħabba s-sitwazzjoni tagħhom ta' vulnerabilità partikolari;

E. billi ħafna minorenni jaslu fl-UE għax qed jaħarbu żwiġijiet sfurzati, u billi l-UE trid taħdem iktar biex tikkumbatti dan il-fenomenu;

F. billi dawn il-minorenni min-natura tagħhom huma vulnerabbli ħafna u jeħtieġ jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom;

G. billi skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom obbligu li jħarsu d-drittijiet tat-tfal;

H. billi l-Programm ta' Stokkolma poġġa l-ħarsien tal-minorenni mhux akkumpanjati f'livell prijoritarju;

I. billi l-akkoljenza u l-indukrar tal-minorenni mhux akkumpanjati jvarja ħafna bejn pajjiż u ieħor, u ma jeżisti ebda livell ekwivalenti jew effettiv ta' protezzjoni;

J. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-protezzjoni ugwali tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti mhux akkumpanjati bniet u subien iridu jiġu żgurati, u billi trid tingħata attenzjoni speċjali lill-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tal-bniet u l-provvediment ta' appoġġ adegwat u rimedji xierqa;

K. billi jeżistu diversi każijiet ta' tfal li jisparixxu miċ-ċentri ta' akkomodazzjoni jew akkoljenza għal dawk li jfittxu l-asil;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

***Rakkomandazzjonijiet ġenerali***

1. Ifakkar li l-minorenni mhux akkumpanjati huma l-ewwel u qabel kollox tfal li potenzjalment jinsabu fil-periklu, u li l-protezzjoni tat-tfal, u mhux il-politiki tal-immigrazzjoni, trid tkun il-prinċipju ewlieni għall-Istati Membri u l-UE meta jitrattaw ma' dawn it-tfal. B'hekk ikunu qed jirrispettaw il-prinċipju fundamentali tal-aħjar interessi tat-tfal; ifakkar li kwalunkwe persuna taħt l-età ta' 18-il sena, bla eċċezzjoni, għandha titqies bħala tifel jew tifla, u għalhekk bħala minorenni; jindika li l-minorenni mhux akkumpanjati, u b'mod partikolari l-bniet, huma doppjament suxxettibbli għall-problemi u d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom minorenni oħra; josserva li huma aktar u aktar vulnerabbli billi l-ħtiġijiet tagħhom huma l-istess bħal dawk ta' minorenni oħrajn u ta' rifuġjati oħra, li għandhom esperjenzi simili bħal tagħhom; jenfasizza li l-bniet u n-nisa huma partikolarment vulnerabbli għall-ksur tad-drittijiet tagħhom matul il-proċess ta' migrazzjoni, u li l-bniet mhux akkumpanjati huma f'riskju partikolari peress li spiss ikunu l-miri prinċipali tal-isfruttament sesswali, l-abbuż u l-vjolenza; jirrimarka li l-awtoritajiet spiss jitrattaw lill-minorenni mhux akkumpanjati fl-UE bħala delinkwenti li jkunu kisru l-liġijiet tal-immigrazzjoni, u mhux bħala individwi li għandhom drittijiet minħabba l-età u ċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom;

2. Ifakkar ukoll li l-aħjar interessi tat-tfal, kif imħaddna fit-testi legali u fil-ġurisprudenza, għandhom jiġu qabel kull kunsiderazzjoni oħra, f'kull azzjoni meħuda fir-rigward tagħhom, kemm min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll mill-istituzzjonijiet privati; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-implimentazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi tal-UE dwar l-aħjar interessi tat-tfal u li tipproponi linji gwida strateġiċi, imsejsa fuq l-aħjar prassi, il-ġurisprudenza u l-Kumment Ġenerali Nru 6 (2005) tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal li jirrigwarda t-trattament ta' tfal mhux akkumpanjati u separati barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u biex tivvaluta, abbażi ta' sensiela ta' indiċijiet u kriterji, x'jikkostitwixxi l-aħjar interessi ta' tifel jew tifla; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta miżuri leġiżlattivi u mhumiex biex tkun żgurata l-protezzjoni adegwata tat-tfal u tal-minorenni mhux akkumpanjati, b'mod partikolari bl-għan li ttejjeb il-metodi ta' tfittxija ta' soluzzjonijiet dejjiema;

3. Jikkundanna bil-qawwi l-lakuni eżistenti fil-qasam tal-protezzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fi ħdan l-UE, u jiddenunzja l-fatt li l-minorenni sikwit jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza deplorabbli, u l-ħafna ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom f'ċerti Stati Membri;

4. Jenfasizza l-bżonn urġenti li l-UE u l-Istati Membri jfasslu rispons koerenti għall-protezzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tagħhom; jilqa' lil dawk l-Istati Membri li għażlu li japplikaw il-Protokoll Fakultattiv tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar il-provvediment ta' protezzjoni legali għat-tfal kontra l-agħar forom ta' sfruttament;

5. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni Ewropea ta' pjan ta' azzjoni dwar il-minorenni mhux akkumpanjati 2010–2014; jiddispjaċih, madankollu, li l-approċċ tal-Kummissjoni mhux aktar imsejjes fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' dawn il-minorenni, u jinnota li l-miżuri eżistenti mhumiex biżżejjed u li l-protezzjoni komprensiva tal-minorenni mhux akkumpanjati tirrikjedi aktar miżuri; ifakkar li wieħed mill-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Minorenni mhux Akkumpanjati kien li l-UE u l-Istati Membri tagħha jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u jintegraw il-kwistjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjenti sikuri biex it-tfal ikun jistgħu jikbru fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa ta' żvilupp ulterjuri tad-dimensjoni preventiva tal-politiki tal-UE fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjati billi ssir enfasi akbar fuq l-isforzi relatati mal-eliminazzjoni tal-faqar, il-politiki tas-saħħa u x-xogħol, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni u r-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitti; iqis li l-UE trid tmur lil hinn mill-Pjan ta' Azzjoni propost mill-Kummissjoni sabiex id-drittijiet fundamentali tal-minorenni mhux akkumpanjati jissaħħu verament; jenfasizza, b'mod partikolari, il-bżonn li jissaħħaħ l-istatus ta' 'kustodju legali' fl-UE u l-pajjiżi sħab, u jemmen li huwa importanti ħafna li jitfassal pjan ta' monitoraġġ b'kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-oriġini u ma' kwalunkwe pajjiż ta' tranżitu sabiex jiżgura li t-tfal jiġu protetti b'mod xieraq wara li jirritornaw u wara li jiġu integrati mill-ġdid fil-pajjiż tal-oriġini;

6. Jiddispjaċih dwar il-frammentazzjoni tad-dispożizzjonijiet Ewropej dwar il-minorenni mhux akkumpanjati u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal manwal – indirizzat lill-Istati Membri u l-prattikanti kollha – li jiġbor fih dawn id-diversi bażijiet ġuridiċi, biex tkun faċilitata l-implimentazzjoni xierqa mill-Istati Membri u biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati;

7. Jiddeplora n-nuqqas ta' statistiki uffiċjali affidabbli dwar il-minorenni mhux akkumpanjati; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-ġbir ta' statistiki dwar il-minorenni mhux akkumpanjati, fosthom l-istatistiki dwar l-età u l-ġeneru, itejbu l-komparabilità tal-ġbir tad-data fl-Istati Membri kollha, ifasslu metodu koordinat għall-ġbir u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni f'kull Stat Membru, filwaqt li jiżguraw li d-data personali tiġi protetta, permezz ta' pjattaformi li jiġbru

flimkien lill-atturi kollha involuti fil-kwistjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati u lista ta' punti ta' kuntatt nazzjonali u biex jagħmlu użu aħjar tal-għodod li huma disponibbli diġà għall-ġbir tal-istatistiki fil-livell tal-UE, bħall-Eurostat, Frontex, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) u n-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni; jenfasizza li l-iskop tal-ġbir ta' data ta' dan it-tip hu li s-sitwazzjoni tkun mifhuma aħjar, filwaqt li jittejbu l-protezzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati u r-rispons għall-ħtiġijiet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u nongovernattivi biex jagħmlu sforzi addizzjonali fil-ġbir, il-monitoraġġ u l-iskambju ta' data preċiża u mqassma skont il-ġeneru, biex ikollhom vista ġenerali komprensiva tal-għadd ta' bniet minorenni mhux akkumpanjati u biex ikun jistgħu jiġu studjati l-bżonnijiet speċifiċi ta' dan il-grupp, bil-ħsieb li jingħatalhom appoġġ u li jiġu implimentati miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati dawk il-ħtiġijiet, u biex jiskambjaw l-aħjar prassi bl-għan li jsir titjib;

8. Ifakkar li l-UE u l-Istati Membri għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom mal-pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjati, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom u kwistjonijiet bħall-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet dejjiema, l-ittraċċar tal-familja, ir-ritorn u r-riammissjoni monitorjati meta dan ikun fl-aħjar interessi tat-tifel jew tifla, ir-restorazzjoni tar-rabtiet tal-familja u r-riintegrazzjoni; jitlob ukoll li titjieb il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terżi ta' oriġini u ta' tranżitu fir-rigward tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari t-traffikar tat-tfal u l-isfruttament tal-minorenni, il-prevenzjoni tal-immigrazzjoni irregolari u forom oħra ta' vjolenza kontra n-nisa bħaż-żwieġ furzat, fosthom fil-kuntest tad-djalogi regolari li jsiru bejn l-UE u dawn l-istati u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw il-protezzjoni tat-tfal u l-kwistjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fil-politiki tal-iżvilupp u tal-kooperazzjoni; jenfasizza l-importanza ta' żvilupp koerenti tal-politiki tal-UE dwar l-immigrazzjoni, l-asil u d-drittijiet tat-tfal – fir-rigward tal-minorenni kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi – b'kunsiderazzjoni xierqa tal-impatt tagħhom fuq il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; ifakkar l-obbligu tal-Koerenza tal-Politiki (PCD) minqux fit-Trattat ta' Lisbona; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi jtejbu l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku fil-pajjiżi ta' oriġini, ta' trasferiment u ta' destinazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati dwar ir-riskji relatati mal-migrazzjoni tat-tfal, partikolarment dwar l-isfruttament tal-minorenni u l-kriminalità organizzata; jenfasizza li l-investigazzjonijiet tal-istorja personali u familjari huma importanti ħafna sabiex ikun aċċertat l-isfond tal-minorenni u sabiex jitfasslu pjanijiet speċifiċi għall-integrazzjoni tagħhom fil-pajjiż tal-wasla jew ir-riintegrazzjoni tagħhom fil-pajjiż ta' oriġini;

9. Ifakkar li l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin hi pass neċessarju u kruċjali, għax il-minorenni, speċjalment il-bniet, huma partikolarment konfrontati u vulnerabbli għal dan it-traffikar, il-vjolenza speċifika għall-ġeneru u l-isfruttament, b'mod partikolari l-isfruttament u l-abbużi tax-xogħol u sesswali; jenfasizza l-fatt li jridu jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, ir-rappurtar, ir-riferiment, l-investigazzjoni, it-trattament u s-segwitu ta' inċidenti relatati ma' traffikar u l-sfruttament u l-abbuż tax-xogħol u sesswali, u li għandha tittieħed azzjoni fil-pajjiżi terzi biex jiġu trattati l-kawżi prinċipali tat-traffikar; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikunu viġilanti ħafna u jimplimentaw b'mod effettiv id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija u d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità; jistieden ukoll lill-Istati Membru u l-UE biex isaħħu l-kooperazzjoni pulizjeska u ġudizzjarja u biex jikkooperaw mal-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin biex jidentifikaw vittmi potenzjali, jissensibilizzaw lill-pubbliku u jiġġieldu kontra t-traffikar tal-bnedmin; jilqa', finalment, l-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin (2012-2016), b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament tat-tfassil ta' linji gwida dwar is-sistemi tal-protezzjoni tat-tfal u l-iskambju tal-aħjar prassi; ifakkar lill-Istati Membri fl-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li jitlob lill-istati jieħdu miżuri biex jikkumbattu t-trasferiment illeċitu tat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jaħdmu b'mod kollaborattiv ma' pajjiżi terzi biex jindirizzaw il-problema dejjem tikber tal-kuntrabandu illegali tat-tfal; iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu passi legali kontra l-kuntrabandisti, u meta jkun possibbli b'sanzjonijiet xierqa u kommensurabbli; jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni ta' ħafna minorenni mhux akkumpanjati li jgħixu bil-moħbi fl-UE u huma partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament u l-abbuż; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaħdmu flimkien u jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni u d-dinjità tagħhom;

10. Iqis li hija ħasra li l-protezzjoni tat-tfal hi sottofinanzjata b'mod sinifikanti u konsistenti meta din titqabbel ma' setturi umanitarji oħrajn; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċifika lill-minorenni mhux akkumpanjati fil-Fond Ewropew għall-Migrazzjoni u l-Asil sabiex jingħataw garanziji fit-tul f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tat-tfal, u fosthom it-taqsimiet relatati mar-refuġjati, dawk li jfittxu l-asil, il-fruntieri esterni u r-ritorn, u fil-Fond Soċjali Ewropew, b'mod

partikolari bil-għan li jiġu appoġġjati l-aktar reġjuni milquta; iqis li għandu jkun żgurat finanzjament adegwat fit-tul, b'mod partikolari għall-programmi mmirati lejn l-identifikazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati, l-akkoljenza adegwata, il-protezzjoni, il-ħatra ta' kustodju legali, l-ittraċċar tal-familja, ir-risistemazzjoni u r-riintegrazzjoni, u t-taħriġ tal-gwardji u l-awtoritajiet tal-fruntieri;

### *Linji gwida strateġiċi*

11. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal linji gwidi strateġiċi għall-Istati Membri li għandhom, abbażi tal-aħjar prassi, ikollhom il-forma ta' standards minimi komuni u li jindirizzaw kull stadju tal-proċess, mill-wasla tal-minorenni fit-territorju Ewropew sakemm tinstab soluzzjoni dejjiema għalih/a, biex tkun żgurata protezzjoni adegwata għalih/a; jistieden lill-Istati Membri jadottaw strateġiji nazzjonali għall-minorenni mhux akkumpanjati, li jkunu msejsa fuq dawn il-linji gwida strateġiċi, u jaħtru punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri u l-azzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja s-sitwazzjoni u l-azzjonijiet meħuda fl-Istati Membri b'kooperazzjoni mal-grupp ta' esperti eżistenti u tissottometti rapport annwali lill-Parlament u l-Kunsill;

12. Ifakkar li l-ebda tifel jew tifla ma jistgħu jiġu miċħuda aċċess għat-territorju tal-UE u jinsisti li l-Istati Membri jridu josservaw l-obbligi internazzjonali u Ewropej li japplikaw meta t-tfal ikunu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, mingħajr ebda restrizzjoni arbitrarja; ifakkar ukoll li l-ebda tifel jew tifla ma jistgħu jiġu mibgħuta lura permezz ta' proċedura aċċellerata fil-fruntiera ta' Stat Membru;

13. Jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw b'mod strett u mingħajr eċċezzjonijiet mal-obbligu fundamentali li minorenni ma jista' qatt jiġi detenut; jiddeplora l-fatt li l-proposta emendata għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-asil ma projbixxietx id-detenzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati li jfittxu l-asil, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jirrispettaw il-parametru referenzjarju ta' ċirkostanzi eċċezzjonali stabbilit mid-Direttiva; jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti, toqgħod attenta ħafna meta tapplika d-dispożizzjoijiet tad-dritt tal-UE dwar id-detenzjoni tal-minorenni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jqiegħdu lill-minorenni fi djar maħsuba speċifikament għat-tfal, filwaqt li jqisu l-età u l-ġeneru tagħhom;

14. Iqis li hija r-responsabilità ta' kull Stat Membru li jidentifika l-minorenni mhux akkumpanjati; jistieden lill-Istati Membri jidderieġu lil dawn il-minorenni, immedjatament malli jaslu, lejn servizzi speċjalizzati bħas-servizzi soċjali u edukattivi, li jridu, min-naħa l-waħda, jivvalutaw iċ-ċirkostanzi individwali u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi ta' kull minorenni, b'mod partikolari n-nazzjonalità, l-edukazzjoni, l-isfond etniku, kulturali u lingwistiku u l-grad ta' vulnerabilità u, min-naħa l-oħra, jipprovdulhom immedjatament, b'lingwa u b'mezz li huma jifhmu, fejn meħtieġ permezz ta' interpreti, l-informazzjoni kollha li jeħtieġu dwar id-drittijiet tagħhom, protezzjoni, opportunitajiet legal u ta' assistenza, u l-proċeduri u l-implikazzjonijiet tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jikkondividu l-aħjar prassi dwar għodod adattati għat-tfal biex jagħtuhom idea ċara tal-proċeduri relevanti u d-drittijiet tagħhom; jistieden lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, biex jagħtu attenzjoni partikolari u jipprovdu arranġamenti speċjali f'termini ta' identifikazzjoni, akkoljenza u protezzjoni lill-minorenni mhux akkumpanjati bi bżonnijiet speċifiċi ta' protezzjoni, u b'mod partikolari lill-minorenni mhux akkumpanjati li jkunu vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, filwaqt li jipprovdulhom l-assistenza u l-protezzjoni meħtieġa skont id-Direttiva 2011/36/UE;

15. Jiddeplora n-natura intrużiva u mhux adatta tat-tekniki mediċi utilizzati f'ċerti Stati Membri biex tiġi determinata l-età tal-minorenni, lijistgħu jikkawża trawma, u n-natura kontroversjali u l-marġnijiet kbar ta' żbalji ta' wħud mill-metodi li huma bbażati fuq il-maturità tal-għadam jew il-mineralizzazzjoni tas-snien; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fil-linji gwida strateġiċi, standards komuni msejsa fuq l-aħjar prassi, fir-rigward tal-metodu biex tiġi vvalutata l-età, li għandu jikkonsisti f'valutazzjoni multidimensjonali u multidixxiplinarja, imwettqa b'mod xjentifiku, sikur, sensittiv għat-tfal, sensittiv għall-ġeneru u ġust, b'attenzjoni partikolari għall-bniet, u għandha ssir minn prattikanti u esperti indipendenti u kwalifikati; ifakkar li d-determinazzjoni tal-età għandha ssir bir-rispett dovut tad-drittijiet u tal-integrità fiżika tat-tfal, u tad-dinjità tal-bniedem, u li l-minorenni għandhom dejjem jingħataw il-benefiċċju tad-dubju; ifakkar ukoll li l-eżamijiet mediċi għandhom isiru biss wara li jkun intużaw metodi oħra ta' valutazzjoni tal-età, u li għandu jkun possibbli li jsir appell kontra r-riżultati ta' din il-valutazzjoni; jilqa' l-ħidma tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil f'dan ir-rigward, li għandha tintuża bħala bażi ta' kif għandhom jiġu trattati l-minorenni kollha;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

16. Jistieden lill-Istati Membri, malli minorenni mhux akkumpanjat jasal jew tasal fit-territorju tagħhom u sakemm tinstab soluzzjoni dejjiema, biex jiżguraw li jinħatar kustodju jew persuna responsabbli li takkumpanja, tassisti u tirrappreżenta lill-minorenni fil-proċeduri kollha u li tippermetti lilu jew lilha jgawdi jew tgawdi d-drittijiet kollha tiegħu jew tagħha fil-proċeduri kollha, u jitlob li l-minorenni jiġu informati dwar il-ħatra tal-persuna responsabbli għalihom mingħajr ebda dewmien; jitlob, barra minn hekk, li din il-persuna jkollha taħriġ speċifiku fl-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-minorenni mhux akkumpanjati, il-protezzjoni tat-tfal u d-drittijiet tat-tfal, u l-liġi tal-asil u tal-migrazzjoni, u biex taġixxi b'indipendenza totali; jemmen li dawn il-persuni għandhom jirċievu taħriġ regolari u jkunu monitorjati b'mod regolari u indipendenti; jistieden lill-Kummissjoni biex fil-linji gwida strateġiċi tinkludi standards komuni, abbażi tal-l-aħjar prassi, fir-rigward tal-mandat, il-funzjonijiet, il-kwalifiki, il-ħiliet u t-taħriġ ta' dawn il-persuni;

17. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-uffiċjali u l-persunal li jaħdmu għall-awtoritajiet li aktarx ikollhom kuntatt mal-minorenni mhux akkumpanjati, inklużi minorenni li jkunu sfaw vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, ikunu kwalifikati u mħarrġa, biex ikun jistgħu jidentifikaw każijiet ta' dan it-tip u jitrattawhom kif jixraq, u li jipprovdulhom taħriġ adegwat dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni mhux akkumpanjati u dwar id-drittijiet tat-tfal, l-imġiba u l-psikoloġija tat-tfal, u l-liġi tal-asil u tal-migrazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu taħriġ obbligatorju speċifiku għall-ġeneru għall-persunal li jilqgħu minorenni mhux akkumpanjati fid-djar ta' kenn, dawk li jagħmlu l-intervisti, dawk li jieħdu deċiżjonijiet u r-rappreżentanti legali ta' minorenni mhux akkumpanjati, u jiżguraw li l-pulizija u l-awtoritajiet legali fl-Istati Membri jattendu regolarment taħriġ speċifiku għall-ġeneru; jenfasizza li l-persuna inkarigata mill-minorenni għandha tinformahom u tagħtihom pariri, iżda din tista' biss tissupplimenta l-parir legali u ma tistax tissostitwih; jindika li indipendentement min-nazzjonalità tat-tfal, u jekk din in-nazzjonalità tkunx rikonoxxuta jew le, l-Istat Membru li jsibu ruħhom fih it-tfal mhux akkumpanjati jrid jaġixxi bħala l-kustodju tat-tfal u jipprovdilhom l-ogħla grad ta' protezzjoni;

18. Sabiex ikunu żgurati l-konsistenza u standards ugwali fil-protezzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fl-UE, iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni adegwata lill-minorenni mhux akkumpanjati, independentement mill-istatus tagħhom u bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu tat-tfal li jkollhom in-nazzjonalità tal-pajjiż ta' akkoljenza:

— aċċess għal akkomodazzjoni xierqa: l-akkomodazzjoni għandha dejjem tinkludi kundizzjonijiet sanitarji adegwati, l-akkomodazzjoni "f'ċentru" m'għandha qatt tkun f'ċentru magħluq, u fl-ewwel jiem, għandha tkun f'ċentru speċjalizzat tal-akkoljenza ta' minorenni mhux akkumpanjati; wara din l-ewwel fażi, il-minorenni għandhom jiġu provduti b'akkomodazzjoni aktar stabbli; il-minorenni mhux akkumpanjati għandhom ikunu dejjem separati mill-adulti; iċ-ċentru għandu jissodisfa l-ħtiġijiet tal-minorenni u jkollu faċilitajiet xierqa; l-akkomodazzjoni f'familji ta' akkoljenza u "f'unitajiet tal-għajxien", u l-kondiviżjoni ta' akkomodazzjoni ma' minorenni oħra li jkunu qraba jew ħbieb tal-minorenni mhux akkumpanjati għandha titħeġġeġ meta tkun xierqa u mixtieqa mill-minorenni;

— irid ikun provdut lilhom appoġġ materjali, legali u psikoloġiku adegwat mill-mument li fih jiġu identifikati bħala minorenni mhux akkumpanjati;

— id-dritt għall-edukazzjoni, taħriġ professjonali u pariri soċjoedukattivi, u aċċess immedjat għalih; il-possibilità li jattendu l-iskola fil-pajjiż ta' akkoljenza għandha tiġi żgurata mingħajr dewmien; barra minn hekk, il-minorenni mhux akkumpanjati għandhom meta jkun possibbli jingħataw aċċess effettiv għall-korsijiet tal-lingwa, fil-lingwa relevanti tal-pajjiż ta' akkoljenza, immedjatament wara l-wasla tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru; L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw ir-rikonoxximent tal-istudji preċedenti tat-tfal sabiex jippermettulhom aċċess għal edukazzjoni ulterjuri fl-Ewropa;

— id-dritt għas-saħħa u aċċess effettiv għal kura medika bażika adegwata; barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kura medika u psikoloġika adegwata għall-minorenni li jkunu sfaw vittmi ta' tortura, abbuż sesswali jew forom oħra ta' vjolenza; L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll trattamenti speċjali skont il-ħtieġa (i.e. aċċess għas-servizzi ta' riabilitazzjoni) għall-minorenni li jkunu sfaw vittmi ta' xi forma ta' abbuż, sfruttament, tortura jew trattament krudili, inuman u degradanti, jew li jkunu milquta minn kunflitti armati;

— aċċess għall-informazzjoni u użu tal-midja (ir-radju, it-televiżjoni, l-internet) sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom ta' komunikazzjoni;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

— id-dritt li jiddevertu, fosthom id-dritt li jilagħbu u li jieħdu sehem f'attivitajiet rikreattivi;

— id-dritt tal-minorenni mhux akkumpanjati kollha ta' użu u żvilupp kontinwi tal-identità u l-valuri tagħhom stess, inkluża l-lingwa materna tagħhom;

— id-dritt li jimmanifestaw u jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom;

19. Ifakkar li l-proċeduri kollha għandhom ikunu adattati għall-minorenni, billi jitqiesu l-età, il-grad ta' maturità u l-livell safejn jifhmu, u għandhom ikunu sensittivi għall-bżonnijiet tat-tfal, b'konformità mal-Linji Gwida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Ġustizzja Adattata għat-Tfal, u jilqa' l-attivitajiet tal-Kummissjoni għall-promozzjoni ta' dawn il-linji gwida; il-fehmiet tal-minorenni għandhom jinstemgħu u jitqiesu f'kull pass tal-proċeduri, b'kooperazzjoni ma' persuni kompetenti u imħarrġa bħal psikologi, assistenti soċjali u medjaturi kulturali;

20. Jilqa' l-progress li sar fil-leġiżlazzjoni dwar l-asil u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu r-riformi leġiżlattivi u amministrattivi neċessarji sabiex jimplimentawh tali dispożizzjonijiet b'mod effettiv; ifakkar, madankollu, li l-politiki tal-UE dwar l-asil iridu jitrattaw lill-minorenni mhux akkumpanjati l-ewwel u qabel kollox bħala tfal, u jħeġġeġ lill-Istati Membri, għaldaqstant, biex safejn ikun possibbli jeżentaw lill-minorenni mhux akkumpanjati minn proċeduri aċċellerati u minn proċeduri fil-fruntieri; ifakkar ukoll li l-Istat Membru responsabbli għal applikazzjoni għall-asil magħmula f'aktar minn Stat Membru wieħed minn minorenni mhux akkumpanjat, bla membri tal-familja tiegħu jew tagħha legalment preżenti fit-territorju tal-Istati Membr, hu l-Istat li fih il-minorenni jkun preżenti wara li jkun għamel applikazzjoni hemmhekk, u jistieden lill-Istati Membri jsegwu d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja; jenfasizza l-fatt li hu kruċjali, minħabba l-bżonnijiet speċifiċi tal-minorenni mhux akkumpanjati, li l-applikazzjonijiet għall-asil tagħhom jingħataw prijorità biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni ġusta malajr kemm jista' jkun; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw is-sistemi tagħhom ta' asil bil-għan li jistabbilixxu qafas istituzzjonali armonizzat u sensittiv għat-tfal li jqis il-bżonnijiet speċjali u d-diffikultajiet differenti tal-minorenni mhux akkumpanjati, u speċjalment tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin;

21. Jisħaq li kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċerna l-minorenni mhux akkumpanjati għandha tittieħed abbażi ta' valutazzjoni individwali u bir-rispett dovut tal-aħjar interessi tat-tifel jew tifla;

22. Jikkundanna s-sitwazzjonijiet prekarji ħafna li dawn il-minorenni jħabbtu wiċċhom magħhom, f'daqqa waħda, ġaladarba jkollhom l-età legali; jistieden lill-Istati Membri jikkondividu l-aħjar prassi u jipprevedu proċeduri ta' assistenza għal dawn il-minorenni fit-tranżizzjoni tagħhom għall-ħajja adulta; ifaħħar il-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa f'dan ir-rigward, u jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fil-linji gwida strateġiċi tagħha l-aħjar prassi għat-tfassil ta' "proġetti tal-ħajja individwalizzati" mħejjija għall-minorenni, u magħhom;

23. Jistieden lill-Istati Membri jiddefinixxu r-responsabilitajiet ta' kull sieħeb, b'mod partikolari l-awtoritajiet nazzjonali u lokali, is-servizzi ta' assistenza soċjali, il-ħaddiema maż-żgħażagħ, il-familji u r-rappreżentanti legali, fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' proġetti tal-ħajja u biex jiżguraw il-koordinazzjoni tagħhom;

24. Jenfasizza bil-qawwi li l-għan aħħari, ġaladarba minorenni mhux akkumpanjat jasal jew tasal fit-territorju tal-UE, irid ikun li tinstab soluzzjoni dejjiema għalih jew għaliha, li tirrispetta l-aħjar interessi tiegħu jew tagħha; ifakkar li din it-tiftixa għal soluzzjoni għandha tibda billi jiġu studjati l-possibilitajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, fl-UE u barra minnha, sakemm dan ikun fl-aħjar interessi tat-tifel jew tifla; jenfasizza li bħala prinċipju l-minorenni jista' jintalab jgħin fit-tfittxija għall-membri tal-familja tiegħu imma li m'għandu jkun hemm ebda obbligu li dan jikkoopera bħala fattur determinanti fil-kunsiderazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali; ifakkar li, f'każijiet fejn ikun hemm riskju għall-ħajja tal-minorenni jew tal-membri tal-familja, b'mod partikolari meta l-membri tal-familja jibqgħu fil-pajjiż ta' oriġini, il-ġbir, l-ipproċessar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar dawn il-persuni jridu jsiru fuq bażi kunfidenzjali sabiex ikun żgurat li ma tiġix ipperikolata l-ħajja ta' dawk ikkonċernati; jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom kollha jtejbu l-kooperazzjoni, b'mod partikolari billi jneħħu l-ostakli burokratiċi kollha fil-qasam tal-ittraċċar u/jew riunifikazzjoni tal-familja u jikkondividu l-aħjar prassi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, u b'mod speċjali l-Artikolu 10(3) tagħha;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, fil-linji gwida strateġiċi tagħha, standards komuni, imsejsa fuq l-aħjar prassi, dwar il-kundizzjonijiet li jridu jintlaħqu biex minorenni jkun jista' jiġi ritornat, b'mod konsistenti, b'rispett tal-aqwa interessi tat-tifel jew tifla u bbażati fuq l-Istudju Komparattiv dwar Prattiki fil-Qasam tar-Ritorn tal-Minorenni, ippubblikat mill-Kummissjoni fl-2011, li jinkludi lista' ta' kontroll u ġabra tal-aħjar prassi; itenni b'qawwa li l-ebda deċiżjoni ta' ritorn ta' minorenni ma tista' tittieħed jekk ma tkunx fl-aħjar interessi tat-tifel jew tifla jew jekk din tipperikola l-ħajja, is-saħħa fiżika

u mentali, il-benessri, is-sigurtà jew id-drittijiet fundamentali tal-minorenni jew tal-familja tiegħu, u li jridu jitqiesu u jiġu valutati għalkollox iċ-ċirkostanzi individwali ta' kull minorenni (u tal-membri tal-familja tiegħu jew tagħha fil-każ ta' riunifikazzjoni tal-familja); ifakkar li deċiżjoni ta' ritorn tista' tittieħed biss wara li jkunu ġie aċċertat li l-minorenni, se jgawdi, fil-pajjiż ta' ritorn, dispożizzjoni sikuri, konkretti u adatti li jirrispettaw id-drittijiet tiegħu jew tagħha u assoċjati ma' miżuri ta' riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn; iħeġġeġ lill-Istati Membri, għall-iżgurar ta' ritorn sikur tat-tifel jew tifla, biex jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni u monitoraġġ mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu u b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet nongovernattivi lokali u internazzjonali, u biex jiżguraw il-protezzjoni u r-riintegrazzjoni tal-minorenni wara r-ritorn tagħhom; jinnota li tali arranġamenti huma element vitali tar-ritorn; jistieden lill-Kummissjoni biex fl-evalwazzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE tinsisti fuq l-impatt tagħha fuq il-minorenni mhux akkumpanjati, u b'mod partikolari l-Artikolu 10, l-Artikolu 14(1)(c) u l-Artikolu 17 tagħha; jistieden lill-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li ttejjeb ir-reazzjoni tagħha bl-għan li jintemmu l-fatturi potenzjali li jħeġġu l-migrazzjoni, inkluż iż-żwieġ bikri u sfurzat, prattiki tradizzjonali dannużi bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili, u l-vjolenza sesswali fid-dinja kollha;

26. Jenfasizza l-fatt li l-integrazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjat fil-pajjiż ta' akkoljenza trid tkun iċċentrata fuq proġett tal-ħajja individwali, imfassal għall-minorenni u miegħu, b'rispett sħiħ tal-isfond etniku, reliġjuż, kulturali u lingwistiku tiegħu jew tagħha;

27. Jistieden lill-Istati Membri jdaħħlu obbligu li l-awtoritajiet pubbliċi jieħdu azzjoni fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjati li jisfgħu vittmi tat-talb ta' flus fit-toroq; iqis li l-isfruttament tal-minorenni b'rabta mat-talb għall-flus fit-toroq għandu jiġi evitat akkost ta' kollox.

o

o o

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Kunsill tal-Ewropa.

P7_TA(2013)0388

## Is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (2013/2822(RSP))**

(2016/C 093/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli tal-UE Catherine Ashton tat-30 ta' Awwissu 2013 dwar is-sitwazzjoni f'Kivu tat-Tramuntana, u tas-7 ta' Ġunju 2012 u tal-10 ta' Lulju 2012 dwar is-sitwazzjoni fil-Kongo tal-Lvant,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-AKP-UE dwar is-sitwazzjoni ta' instabilità u nuqqas ta' sigurtà fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar u, b'mod partikolari, fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), adottata fil-laqgħa tagħha f'Paramaribo (is-Surinam) mis-27 sad-29 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2013 dwar ir-reġjun tal-Lagi l-Kbar, u tal-10 ta' Diċembru 2012, tad-19 ta' Novembru 2012 u tal-25 ta' Ġunju 2012 dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant tar-RDK,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti nri 2053 (2012) dwar is-sitwazzjoni fir-RDK, 1925(2010), 1856 (2008) li tispeċifika l-mandat tal-missjoni tan-NU fir-RDK (Monusco) u 2098 (2013) li ġeddedt il-mandat tal-Monusco,

— wara li kkunsidra r-Rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar il-Missjoni tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabbilizzazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

— wara li kkunsidra l-Istqarrija tal-President tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-25 ta' Lulju 2013 dwar il-qagħda fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Africana (UA) dwar is-sitwazzjoni fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar, b'mod partikolari fil-parti tal-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) waqt it-393 laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Awwissu 2013,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kapijiet ta' Stat u Gvern tal-istati membri tal-Konferenza Internazzjonali dwar ir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar (ICGRL) tas-6 ta' Awwissu 2013 u tal-24 ta' Novembru 2012 dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-RDK,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Pajjiżi Frankofoni (OIF) li ttieħdet waqt l-XIV-il Samit tal-Frankofonija tat-13 u l-14 ta' Ottubru 2012 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Congo,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou ffirmat f'Ġunju 2000,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet 1325 (2000), 1820 (2008), 1888 (2009) u 1960 (2010) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3, u l-Protokoll II, tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1949, li jipprojbixxu l-eżekuzzjoniijet sommarji, l-istupru, ir-reklutaġġ furzat u atroċitajiet oħra;

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989, li b'mod partikolari tipprojbixxi l-involviment tat-tfal fil-kunflitti armati,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tat-Tfal rigward l-involviment tat-tfal fil-kunflitti armati, li ġie ratifikat mill-pajjiżi tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948 u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, li ġiet ratifikata mir-RDK fl-1982,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi minn Lulju li għadda sal-lum il-vjolenza fil-Lvant tal-Kongo qiegħda tiżdiet, fejn reġgħu bdew l-ostilitajiet bejn l-M23 u t-truppi tal-gvern, li rriżulta fit-telf ta' eluf ta' ħajjiet, ferimenti bla għadd inklużi attakki fuq il-persuni ċivili u fuq il-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti għaż-żamma tal-paċi; billi s-sitwazzjoni umanitarja għadha waħda kritika;

B. billi minħabba l-konflitt armat rikorrenti, ir-reġjun ta' Kivu sofra atroċitajiet u vjolenza, inklużi s-sakkeġġ, il-vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru, ħtib, u reklutaġġ furzat tat-tfal minn gruppi armati, u vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, li għadhom ikunu kastig li jdgħajjef l-isforzi li qed jagħmlu l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-korpi reġjonali biex itemmu l-konflitt;

C. billi nqatel membru tal-persunal tan-NU għaż-żamma tal-paċi u 10 oħra ndarbu fit-28 ta' Awwissu 2013 waqt attakk fuq il-grupp ta' ribelli M23 fil-għoljiet ta' Kibati fit-Tramuntana ta' Kivu waqt li Monusco appoġġjat il-Forzi Armati Kongoliżi (FARDC) fil-protezzjoni taż-żoni ta' Goma popolati bin-nies ċivili;

D. billi aktar minn 2,7 miljun ruħ spustati internament (internally displaced people – IDPs) ġew imġiegħla jaħarbu minn darhom, inklużi aktar minn 1 miljun ruħ fl-2012 biss, u aktar minn 440 000 rifuġjat Kongoliż ħarbu lejn pajjiżi Afrikani oħra, fejn hemm madwar 6,4 miljun ruħ li jeħtieġu l-ikel u l-għajnuna ta' emerġenza li issa bil-kemm qed iżommu ħajjin f'kundizzjonijiet prekarji bħala riżultat tal-għlied u l-vjolazzjonijiet rikorrenti kemm tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom kif ukoll tal-liġi umanitarja internazzjonali fil-Lvant tar-RDK;

E. billi n-nuqqas ta' taħrik il-qorti mir-RDK ta' dawk responsabbli għall-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u delitti tal-gwerra jippromwovi l-klima ta' impunità u jinkoraġġixxi t-twettiq ta' delitti ġodda;

F. billi n-negozjati bejn il-gruppi ribelli u l-Istat tar-RDK ilhom interrotti minn Mejju 2013; filwaqt li jfakkar li r-ribelli tal-M23 li ġew integrati fl-armata wara ftehim ta' paċi tal-2 000 irribellaw f'April 2012 u li l-M23 jikkostitwixxi wieħed mit-tużżana gruppi armati li qed jiġġieldu f'dan ir-reġjun għani fir-riżorsi;

G. billi s-7 samit tal-ICGLR beda fil-5 ta' Settembru 2013 u talab li n-negozjati tal-paċi jinfetħu mill-ġdid u jiġu konklużi malajr;

H. billi r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2098 (2013) tat-28 ta' Marzu 2013 estendiet sal-31 ta' Marzu 2014 il-mandat tal-Monusco u ħolqot, fuq bażi eċċezzjonali, "brigata ta' intervent" speċjalizzata fi ħdan il-forza eżistenti ta' 19 815-il ruħ tal-operazzjoni;

I. billi fl-2012 l-istati membri tal-ICGLR varaw mekkaniżmu ta' verifika konġunta (MVK), immirat biex jimmonitorja l-movimenti tat-truppi fil-Lvant tar-RDK u jiskjera l-Forza Internazzjonali Newtrali prevista;

J. billi l-grupp ta' esperti tan-NU ppubblika evidenza li torbot ir-Rwanda mar-ribelli, u l-Istati Uniti stieden lill-Kigali iwaqqaf l-appoġġ tiegħu; billi r-Rwanda ripetutement ċaħdet li kellha xi rabta mal-M23;

K. billi r-rikors għall-vjolenza sesswali u l-użu aktar mifrux tal-istupru bħala arma tal-gwerra għandhom konsegwenzi enormi, bħalma huma l-qerda fiżika u psikoloġika tal-vittmi, u għandhom jitqiesu bħala delitti tal-gwerra; billi l-awtoritajiet nazzjonali u l-komunità internazzjonali fil-biċċa l-kbira investew fit-tisħiħ tas-sistema ġudizzjarja, speċjalment fuq in-naħa militari, u fuq l-inkoraġġiment tal-ftuħ ta' inkjesti u prosekuzzjonijiet dwar il-vjolenza sesswali; billi l-proċessi tal-qorti saru iżda b'nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenzi, u f'ħafna każijiet dawk li jinstabu ħatja jkunu kapaċi jaħarbu u ftit li xejn isir biex il-vittmi jiġu kkumpensati;

L. billi huwa neċessarju li jiġu ttrattati l-konsegwenzi tal-kunflitt, b'mod partikolari permezz tad-demilitarizzazzjoni, ir-rieżami tal-governanza lokali, id-demobilizzazzjoni u r-reintegrazzjoni tal-ex ġellieda, ir-ripatrijazzjoni tar-rifuġjati, ir-risistemazzjoni ta' persuni li ġew spustati f'pajjiżhom stess, u l-implimentazzjoni ta' programmi vijabbli ta' żvilupp;

M. billi l-Unjoni Ewropea qed tikkontribwixxi għar-restawrazzjoni tas-setturi tal-ġustizzja u s-sigurtà (il-pulizija u l-armata) u qed tipprova ġġibhom jiffunzjonaw sew permezz tal-assistenza finanzjarja u teknika tagħha u billi tħarreġ il-persunal fi ħdan il-qafas tal-missjonijiet tal-EUSEC RD u tal-EUPOL RD;

N. billi l-kwistjoni tal-isfruttament illegali tar-riżorsi naturali tal-pajjiż, li wħud minnhom irnexxielhom jaslu f'pajjiżi oħra, hija waħda mill-fatturi li qed trewwaħ u tiggrava l-konflitt fir-RDK u tibqa' għajn ta' nuqqas ta' sigurtà għar-reġjun kollu kemm hu;

O. billi l-qgħad li qed jiżdied, il-kriżi soċjali, il-kriżi tal-ikel, l-inadegwatezza tas-servizzi bażiċi, il-ftaqir tal-popolazzjoni u d-degradazzjoni ambjentali fir-RDK ukoll huma parzjalment responsabbli għall-instabilità tal-pajjiż u r-reġjun tal-Lagi l-Kbar;

P. billi fix-xhur riċenti ma kien hemm l-ebda progress fir-rigward tal-abbozz ta' liġi dwar il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ir-ripressjoni tal-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti fir-RDK żdiedet u ġew arrestati b'mod arbitrarju u intimidati; billi ma ttieħdu l-ebda passi sabiex dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja;

Q. billi wara li fid-9 ta' April 2013 reġa' ssokta l-proċess tal-appell quddiem il-qorti militari suprema rigward il-qtil f'Ġunju 2010 ta' Floribert Chebeya, direttur eżekuttiv tal-Vuċi ta' dawk Mingħajr Vuċi (VSV) u membru tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija Kontra t-Tortura (OMCT), u Fidèle Bazana, membru tal-VSV, l-avukati tad-difiża Peter Ngomo Milambo, Emmanuel Ilunga Kabengele u Regine Sesepe irċevew theddidiet;

R. billi fis-7 ta' Awwissu 2013, fir-raħal ta' Kawakolo fit-Territorju ta' Pweto, Provinċja ta' Katanga, Godfrey Mutombo, membru tal-organizzazzjoni mhux governattiva Libertas, inqatel brutalment minn membri ta' gruppi ribelli li kienu ilhom qed ixerrdu t-terrur f'xi villaġġi fit-tramuntana tal-provinċja sa mill-2011;

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-eskalazzjoni riċenti tal-vjolenza fil-Lvant tar-RDK, li għandha konsegwenzi politiċi, ekonomiċi, soċjali, umanitarji u ta' sigurtà serji fir-RDK u fir-reġjun kollu li diġà huwa fraġli u volatili;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-aħħar tfaqqigħa tal-vjolenza fil-Lvant tar-RDK, speċjalment l-isparar indiskriminat mill-grupp armat M23, u gruppi armati oħra, b'mod partikolari l-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tar-Rwanda (FDLR) li kkawżat imwiet, feriti u ħsara fost il-popolazzjoni ċivili; jikkundanna l-attakki mmirati mir-ribelli kontra l-MONUSCO, li qatlu għadd ta' persuni, inkluża persuna mit-Tanzanija involuta fiż-żamma tal-paċi, u darbu għadd ta' oħrajn; iħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati kollha jagħtu aċċess u protezzjoni lill-aġenziji umanitarji li qed jiġu jassistu lill-popolazzjoni ċivili li qed issofri;

3. Jitlob bi dritt il-waqfien immedjat tal-abbużi kollha li jsiru tad-drittijiet tal-bniedem inkluża l-vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneri mifruxa ma' kullimkien (riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1820 (2008) tad-19 ta' Ġunju 2008), u r-reklutaġġ u l-użu sfortunat tat-tfal mill-forzi armati; jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu tar-RDK li qed isofri minħabba l-gwerra;

4. Jistieden b'enfasi lill-awtoritajiet rilevanti kollha jieħdu azzjoni immedjata biex imexxu investigazzjoni imparzjali u profonda tal-każijiet kollha imgħoddija u preżenti ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, u jikkooperaw bis-sħiħ mal-Qorti Kriminali Internazzjonali; iħeġġeġ li tittieħed azzjoni biex jiġi żgurat li dawk li huma ħatja ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità, vjolenza sesswali kontra n-nisa u lieva ta' suldati tfal jiġu rappurtati, identifikati, imħarrka u kkastigati skont id-dritt kriminali nazzjonali u internazzjonali;

5. Jikkundanna bil-qawwa s-suriet kollha ta' appoġġ estern għall-grupp M23 u forzi oħra ta' sfrattar fir-RDK u jitlob b'insistenza l-waqfien immedjat u permanenti ta' tali appoġġ;

6. Jappoġġja l-missjoni tal-brigata ta' intervent tal-Monusco li intalbet tieħu azzjoni offensiva kontra l-gruppi armati, inkluż l-M23, ifaħħar il-passi attivi meħuda mill-Monusco biex timplimenta l-mandat tagħha, b'mod partikolari l-protezzjoni tan-nies ċivili, u jinkoraġġixxi l-kontinwazzjoni ta' dawn l-isforzi; iħeġġeġ b'mod partikolari lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jieħdu l-azzjoni meħtieġa kollha skont ir-riżoluzzjoi 2098 (2013) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jipproteġi lill-persuni ċivili fil-Lvant tar-RDK;

7. Jitlob li ssir investigazzjoni bir-reqqa mill-Mekkaniżmu ta' Verifika Konġunta Mwessgħa (MVKM) tas-sorsi tal-balal sparati u l-bombi mit-territorju tar-RDK li spiċċaw fir-Rwanda li hi l-pajjiż ġar; jitlob li jkun hemm trasparenza u regolarità akbar tar-rapporti tal-MVKM;

8. Jenfasizza li kwalunkwe intervent dirett mill-pajjiżi ġirien tar-RDK jista' biss jaggrava s-sitwazzjoni; jistieden lill-atturi reġjonali kkonċernati kollha jeżerċitaw l-akbar trażżin possibbli u joqogħdu lura minn kwalunkwe atti jew dikjarazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni; jistieden lill-pajjiżi ġirien jiżguraw rispett sħiħ għas-sovranità tar-RDK u l-integrità territorjali tagħha;

9. jilqa' l-isforzi tal-istati membri tal-ICGRL, l-UA u n-NU fil-passi u l-inizjattivi tagħhom immirati biex tinstab soluzzjoni politika dejjiema, strutturali u paċifika għall-kriżi; jitlob li jiġu rrispettati d-dispożizzjonijiet kollha li jinsabu fil-ftehim ta' qafas għall-paċi, is-sigurtà u l-kooperazzjoni (PSK);

10. Jistieden lill-pajjiżi tal-Lagi l-Kbar, b'mod partikolari wara l-impenji li saru fi Frar 2013 fil-qafas tal-ftehimiet ta' Addis Ababa, biex jidħlu għall-promozzjoni tal-paċi, tal-istabilità u tas-sigurtà b'mod konġunt biex isaħħu l-iżvilupp ekonomiku reġjonali, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lir-rikonċiljazzjoni, lir-rispett għad-drittijet tal-bniedem, lill-ġlieda kontra l-impunità, lis-stabbiliment ta' sistema ġudizzjarja imparzjali u biex l-obbligu tal-għoti ta' rendikont mill-gvern ikun aħjar;

11. Jilqa' t-taħditied ta' Kampala għall-paċi fir-reġjun li saru fil-5 ta' Settembru 2013 taħt l-awspiċi tal-President tal-ICGLR, il-President tal-Uganda Yoweri Museveni, jinkoraġġixxi lill-atturi kollha kkonċernati jipparteċipaw u jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Kongoliżi jappoġġjaw id-djalogu bejn il-komunitajiet, b'mod partikolari dawk li huma milquta mill-konflitt;

12. Jistieden lill-UA u lill-pajjiżi tal-Lagi l-Kbar ikomplu jieħdu aktar passi sabiex jiġġieldu l-isfruttament illeċitu tar-riżorsi naturali u l-kummerċ tagħhom – waħda mir-raġunijiet għall-proliferazzjoni u t-traffikar tal-armi, li imbagħad hija waħda mill-fatturi maġġuri li qed irewħu u jaggravaw il-kunflitti fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar;

13. Jistieden lill-komunità internazzjonali, inklużi l-UE, l-UA u n-NU, tkompli tagħmel minn kollox sabiex tipprovdi għajnuna aktar ikkoordinata u effikaċi għan-nies fil-Lvant tar-RDK u tikkontribwixxi għall-isforzi sabiex tingħata reazzjoni għad-diżastru umanitarju;

14. Jilqa' l-mobilizzazzjoni ta' EUR 10 miljun addizzjonali mill-Kummissjoni biex titwassal l-għajnuna umanitarja li hi meħtieġa b'urġenza lil 2.5miljun ruħ fir-RDK, li jġib l-għajnuna ta' emerġenza tal-UE lir-RDK u lir-reġjun tal-Lagi l-Kbar għas-somma ta' EUR 71 miljun fl-2013, li jagħmel lill-UE l-akbar donatur umanitarju tal-pajjiż;

15. Jinsisti li l-Gvern tar-RDK ilesti għalkollox riformi tas-settur tas-sigurtà u jitlob li jsiru sforzi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali sabiex tiżdied l-awtorità tal-Istat u l-Istat tad-dritt fir-RDK, b'mod partikolari fl-oqsma tal-governanza u s-sigurtà, anki f'kooperazzjoni mill-qrib mal-missjoni għall-assistenza militari tal-Unjoni Ewropea (EUSEC) u l-missjoni ta' assistenza tal-pulizija tal-Unjoni (EUPOL), li għandhom jitkomplu sabiex jiġu kkonsolidati l-paċi u s-sigurtà kemm fil-pajjiż kif ukoll fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar;

16. Jinkoraġġixxi lill-Parlament, lis-Senat u lill-President tar-RDK, Joseph Kabila, jimplimentaw il-miżuri meħtieġa kollha biex jikkonsolidaw id-demokrazija u jiżguraw parteċipazzjoni ġenwina mill-forzi politiċi kollha li jesprimu r-rieda tan-nazzjon Kongoliż fil-governanza tal-pajjiż, abbażi ta' regoli kostituzzjonali u ġuridiċi kif ukoll elezzjonijiet ħielsa u ġusti; u jfakkar li għandhom jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE tal-2011, jiġu implimentati r-riformi indispensabbli għaċ-ċiklu elettorali, inkluż billi jiggarantixxu li jsiru elezzjonijiet lokali;

17. Jistieden lill-awtoritajiet Kongoliżi jiggarantixxu fiċ-ċirkostanzi kollha l-integrità fiżika u psikoloġika tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jmexxu investigazzjoni fil-pront, bir-reqqa, imparzjali u trasparenti bil-għan li jiġu identifikati dawk kollha li huma responsabbli tat-theddid, l-attakki u l-qtil ta' għadd minn dawn id-difensuri;

18. Jenfasizza l-importanza tal-adozzjoni ta' biċċiet ta' leġiżlazzjoni li ilhom żmien mistennija, inkluża l-liġi dwar il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi dwar il-konformità tad-dritt nazzjonali mal-Istatut ta' Ruma;

19. Jirrakkomanda li waqt l-24 sessjoni tiegħu il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti jadotta riżoluzzjoni qawwija li tistabbilixxi mill-ġdid xi sura ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ li jikkonċerna s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK, u li titlob lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem iressaq rapport dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK;

20. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kongoliżi jiżguraw il-ħolqien effettiv ta' qorti mħallta speċjalizzata biex tgħin fil-ġlieda kontra l-impunità u tiġġudika lill-awturi tal-vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi umanitarja internazzjonali fir-RDK, inkluża l-vjolenza sesswali kontra n-nisa;

21. Iqis li l-aċċess u l-kontroll trasparenti fuq ir-riżorsi naturali tar-RDK u d-distribuzzjoni ekwa tar-riżorsi permezz tal-baġit tal-Istat huma indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż; jistieden, għaldaqstant, lill-Unjoni Afrikana u lill-pajjiżi tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar jieħdu miżuri ulterjuri biex jiġġieldu l-isfruttament illeċitu tar-riżorsi naturali u n-negozju tagħhom, u lill-Unjoni Ewropea u l-komunità internazzjonali sħiħa biex isaħħu l-kooperazzjoni mar-RDK f'dan il-qasam;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Unjoni Afrikana, lill-gvernijiet tal-pajjiżi tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar, lill-President, il-Prim Ministru u l-Parlament tar-RDK, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lir-Rappreżentant Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Vjolenza Sesswali fil-Kunflitti, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u lill-Assemblea Parlementari Konġunta AKP/UE.

---

P7_TA(2013)0389

## Is-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (2013/2823 (RSP))**

(2016/C 093/28)

*Il-Parlament Ewropew*

— wara li kkunsidra l-ftehim ta' Libreville (Gabon) tal-11 ta' Jannar 2013 dwar ir-riżoluzzjoni tal-kriżi politika militari fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA), iffirmat taħt il-patroċinju tal-kapijiet ta' stat u gvern tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali (ECCAS), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-tmien il-kriżi fir-RĊA,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-14 ta' Awwissu 2013 dwar is-sitwazzjoni fir-RĊA, kif ukoll ir-rapporti tad-Direttur tal-Uffiċċju Integrat tan-Nazzjonijiet Uniti għall-konsolidazzjoni tal-paċi fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (Binuca), tas-Sottosegretarju Ġenerali għall-affarijiet umanitarji u tas-Sottosegretarju Ġnerelai għad-drittijiet tal-bniedem;

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2088 (2013) tal-24 ta' Jannar 2013, id-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà fuq ir-RĊA, u wara li talab il-Kunsill tas-Sigurtà jappoġġa l-operazzjoni l-ġdida mmexxija mill-Afrika,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill għall-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana tad-19 ta' Lulju 2013 li tawtorizza t-tnedija tal-operazzjoni ta' appoġġ tal-paċi mmexxija mill-Afrika mill-1 ta' Awwissu 2013;

— wara li kkunsidra s-samits straordinarji tal-Kapijiet ta' Stat u Gvern tal-ECCAS li saru f'N'Djamena (Chad) fil-21 ta' Diċembru 2012, fit-3 ta' April 2013 u fit-18 ta' April 2013, u d-deċiżjonijiet tagħhom li jistabbilixxu Kunsill Nazzjonali Tranżitorju (NTC) b'setgħat leġiżlattivi u kostitwenti u jadottaw pjan direzzjonali għall-proċess tranżitorju fir-RĊA,

— wara li kkunsidra l-laqgħa tal-Grupp Internazzjonali ta' Kuntatt tat-3 ta' Mejju 2013 f'Brazzaville (il-Kongo), li vvalida l-pjan direzzjonali għat-tranżizzjoni u stabilixxa Fond Speċjali sabiex tiġi megħjuna r-RĊA,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-21 ta' Diċembru 2012, tal-1 u l-11 ta' Jannar 2013, tal-25 ta' Marzu 2013, tal-21 ta' April 2013 u tas-27 ta' Awwissu 2013 mill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar ir-RĊA,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-21 ta' Diċembru 2012 tal-Kummissarju għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili dwar it-tifqigħa ġdida ta' kunflitt fir-RĊA,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE tad-19 ta' Ġunju 2013 dwar ir-RĊA,

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-istqarrijiet għall-istampa tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tas-27 ta' Diċembru 2012 u tal-4 u l-11 ta' Jannar 2013 dwar ir-RĊA,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon tas-26 ta' Diċembru 2012 fejn kkundanna l-attakki tar-ribelli u ħeġġeġ lill-partijiet kollha jimxu mad-deċiżjonijiet meħuda mill-ECCAS f'N'Djamena fl-21 ta' Diċembru 2012, u tal-5 ta' Awwissu 2013 fejn talab it-tmiem tal-impunità għall-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RĊA, inkluża l-kunsiderazzjoni ta' sanzjonijiet,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-16 ta' April 2013 mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Navanethem Pillay, fejn talbet għat-tmiem tal-vjolenza u għall-istabbiliment mill-ġdid tal-istat ta' dritt fil-pajjiż,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tat-12. tad-19 u tal-31 ta Diċembru 2012 tal-President tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, Nkosazana Dlamini-Zuma, dwar is-sitwazzjoni fir-RĊA,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Cotonou rivedut,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2013 dwar is-sitwazzjoni fir-RĊA ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi wara r-rebħa militari tal-koalizzjoni Séléka fl-24 ta' Marzu 2013 u t-teħid tal-poter minnha, ċerti elementi fiha wettqu għadd ta' atroċitajiet, stupri, delitti, vjolenzi fiżiċi, serq, sakkeġġi u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem, kemm fil-belt kif ukoll fil-provinċji, u evitaw kull kontroll;

B. billi fl-20 ta' Awwissu 2013, operazzjoni ta' diżarm immexxija mis-Séléka f'Boy-Rabé, żona dominata mis-segwaċi tal-eks President François Bozizé, waslet għall-qtil ta' 11-il persuna, u tużżani ġew feriti u kien hemm ukoll sakkeġġi;

C. billi fit-28 ta' Awwissu 2013 aktar minn 5,000 abitanti ta' Bangui ħarbu lejn l-arjuport internazzjonali principali tar-Repubblika Centru-Afrikana sabiex jaħarbu minn eks ġellieda ribelli li kienu qed jagħmlu rajds u okkupaw it-tarmak għal madwar 18-il siegħa;

D. billi għad hemm ir-riskju ta' repetizzjoni tal-ostilitajiet bl-armi min-naħa ta' dawk li kienu l-Forzi Armati Ċentru Afrikani li jiffavorixxu l-president mejjet François Bozizé u billi l-istrumentalizzazzjoni tat-tensjonijiet interreliġjużi ġġib tagħha riskji;

E. billi fl-4 ta' Settembru 2013, il-prosekutur tal-Bangui Tribunal talab għal sentenza ta' 10 snin priġunerija għall-24 eks ribelli Séléka li tressqu quddiem il-qrati fl-ewwel proċess li ttratta l-abbużi mwettqa fir-RĊA;

F. billi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jirrappreżenta element essenzjali tal-Ftehim ta' Cotonou;

G. billi n-nuqqas ta' proċedimenti kontra dawk responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u delitti tal-gwerra quddiem il-qrati jippromwovi klima ta' impunità u jinkoraġġixxi t-twettiq ta' delitti ġodda;

H. billi fis-7 ta' Awwissu 2013 l-prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) tat it-tieni twissija tagħha li d-delitti mwettqa fir-Repubblika Ċentru-Afrikana jistgħu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-QKI u li l-uffiċċju tagħha se jipproċedi jekk dan ikun neċessarju;

I. billi dawn il-vjolenzi jwasslu għal spustamenti ġodda tal-popolazzjoni u li, skont l-istima tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Għajnuna Umanitarja, terz tal-popolazzjoni telaq minn daru u qed isofri minn malnutrizzjoni, li 1,6 miljun persuna għandhom bżonn kbir ta' għajnuna, u 200 000 minnhom għandhom bżonn kura tas-saħħa, 484 000 jinsabu f'sitwazzjoni ta' nuqqas enormi ta' ikel, 206 000 persuna huma spustati u 60 000 sabu refuġju fil-pajjiżi viċini; barra minn hekk, 650 000 tifel/tifla mhux qed imorru l-iskola minħabba l-fatt li l-iskejjel qed jiġu okkupati minn gruppi armati u billi 3 500 tifel/tifla ġew reklutati mill-forzi u l-gruppi armati;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0033.

**Il-Ħamis 12 ta’ Settembru 2013**

J. billi fi-21 ta’ Awwissu 2013, l-awtoritajiet tal-Kamerun għalqu temporanjament il-fruntiera mar-RĊA u wara li ddikkjaraw li r-ribelli Séléka attakkaw belt mal-fruntiera Toktoyo u qatlu uffiċjal mill-Kamerun responsbbli mill-fruntiera billi minkejja l-fatt li l-fruntiera reġgħat infetħet, sewwieqa tat-trakkijiet jibqgħu eżitanti dwar id-dħul fir-RĊA minħabba d-deterjorament tal-kundizzjonijiet ta’ sigurtà,

K. Billi r-RĊA hija kkonfrontata bi sfidi soċjali u ekonomiċi peress li ġew sakkeġġati u distrutti s-setturi pubbliċi u privati, u dan ippreġudika b’mod serju l-amministrazzjoni u l-fibra ekonomika tal-pajjiż u ħoloq taqbil soċjali; billi sar serq fuq skala massiva fl-isptarijiet ukoll, u dan ħoloq sitwazzjoni tas-saħħa diżastruża fil-pajjiż;

L. billi il-Ftehim Libreville jibqa’ l-bażi għal ftehim tranżitorju; billi mat-tmiem tat-tranżizzjoni ta’ 18-il xhar, elezzjonijiet ħielsa, demokratiċi, trasparenti u regolari għandhom jiġu organizzati, iżda il-Kap ta’ Stat, il-Prim Ministru, il-Membri tal-Gvern Tranżitorju u l-Membri tal-Uffiċċju tal-NTC ma jistgħux jipparteċipaw;

M. billi s-samit tal-ECCAS tat-3 ta’ April 2013 stabbilixxiet il-NTC u billi fit-18 ta’ April 2013 adottat pjan direzzjonali għall-kompożizzjoni u l-funzjonament tiegħu;

N. billi ġie stabbilit Grupp Internazzjonali ta’ Kuntatt dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana f’Mejju 2013 sabiex jikkoordina l-azzjoni reġjonali, l-azzjoni mifruxa mal-kontinent u l-azzjoni internazzjonali sabiex tinsab soluzzjoni dejjiema għall-problemi rikurrenti tal-pajjiż;

O. billi l-Unjoni Ewropea hija involuta f’djalogu politiku regolari mar-RĊA, taħt il-Ftehim ta’ Cotonou, u tibqa’ d-donatur prinċipali tal-fondi tal-pajjiż u li hija ddeċidiet fit-8 ta’ Lulju 2013 li żżid bi EUR 8 miljun l-għajnuna umanitarja tagħha, u b’hekk issa din tammonta għal EUR 20 miljun; billi din l-għajnuna tal-UE mhux se tkun biżżejjed u sħab oħra internazzjonali għandhom jinvolvu ruħhom;

P. billi r-RĊA iffaċċjat deċennji ta’ instabbiltà u inkwiet politiku mindu saret indipendenti fl-1960; billi, minkejja l-fatt li l-pajjiż fih ħafna riżorsi naturali (injam, deheb, djamanti, uranju, eċċ.), ir-RĊA hija kklassifikata biss fil-179 post minn 187 pajjiż fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-NU u, billi madwar 70 % tal-popolajzzoni tagħha jgħixu taħt il-linja tal-faqar, għadha wieħed mill-ifqar pajjiżi fid-dinja;

1. Jikkundanna t-teħid ta’ poter mhux kostituzzjonali mill-forza armata tal-Koalizzjoni Séléka fl-24 ta’ Marzu 2013;

2. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar is-sitwazzjoni fir-RĊA li hija kkaratterizzata minn nuqqas komplet tal-osservanzzjoni tal-liġi u nuqqas komplet tal-ordni u l-assenza tal-istat ta’ dritt; jikkundanna l-vjolenza riċenti li kompliet telimina anki l-aktar servizzi bażiċi fil-pajjiż u gharrqet sitwazzjoni umanitarja diġà ħażina li qed taffettwa l-popolazzjoni kollha;

3. Jappella lill-awtoritajiet tar-RĊA sabiex jieħdu miżuri konkreti sabiex jipproteġu l-popolazzjoni ċivili, iwaqqfu r-reklutaġġ u l-użu tat-tfal minn gruppi armati, u jerġgħu jistabbilixxu s-sigurtà u l-ordni pubblika kif ukoll is-servizzi bażiċi tal-elettriku u l-ilma;

4. Jikkundanna bis-sħiħ il-ksur serju tad-dritt umanitarju u l-ksur enormi tad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem, b’mod partikolari minn elementi tas-Séléka, inklużi l-qtil extraġudizzjarju, l-eżekuzzjonijiet sommarji, l-għajbien infurzat, l-arresti u d-detenzjoni arbitrarji, it-tortura, il-vjolenza sesswali u l-vjolenza sessista u r-reklutaġġ ta’ suldati tfal;

5. Jappella lill-awtoritajiet tar-RĊA u l-partijiet interessati kollha jindirizzaw il-kawżi strutturali tal-kriżijiet rikurrenti tal-pajjiż u jaħdmu flimkien sabiex jimplimentaw il-Ftehim Libreville, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tat-trażizzjoni fil-pajjiż sabiex jerġa’ jkun hemm ordni kostituzzjonali bl-għan li jkun hemm paċi dejjiema u jinkisbu soluzzjonijiet demokratiċi;

6. Jappella lis-sħab internazzjonali sabiex isostnu bis-sħiħ l-isforzi komuni tagħhom, fl-oqsma tas-sigurtà, tal-għajuna umanitarja u tal-bini tal-istat ta’ dritt; iħeġġeġ lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jeżamina b’mod urġenti t-talba ta’ appoġġ mill-Unjoni Afrikana sabiex jiġu ffinanzjati 3 600 membri tal-persunal ċivili u militari tal-missjoni taż-żamma tal-paċi fir-RĊA;

7. Jappoġġa t-tranżizzjoni kurrenti mill-Missjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi fir-RĊA (Micopax) għall-Missjoni ta’ Appoġġ Internazzjonali Mmexxija mill-Afrika fir-RĊA (AFISM-CAR), li l-mandat tagħha għandu jiġi eżerċitat taħt l-awspiċju tan-NU;

8. ilqa' d-deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat tal-ECCAS li jżiedu b'mod sinifikanti d-daqs tal-Forza Multinazzjonali Ċentru-Afrikana (FOMAC) u li jadottaw mandat ta' missjoni adattat li jikkontribwixxi għas-sigurtà tar-RĊA; jinsab imħasseb fl-istess ħin dwar il-fatt li għakemm 1 300 truppi tal-ECCAS intbagħtu lejn ir-R, dawn ma kinux kapaċi jipprevjenu l-pajjiż milli jidħol fi stat ta' anarkija; jirrimarka li s-sitwazzjoni li dejjem qed tmur għall-agħar fir-RĊA tista' twassal għal instabbiltà reġjonali;

9. Jappella sabiex l-atturi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, delitti tal-gwerra, delitti kontra l-umanità, vjolenza sesswali kontra n-nisa u r-reklutaġġ ta' suldati tfal jiġu rappurtati, identifikati, imħarrka u puniti skont id-dritt kriminali nazzjonali u internazzjonali; jirrimarka f'dan ir-rigward li s-sitwazzjoni fir-RĊA diġà tressqet quddiem il-QKI u li, skont l-istatut tal-Qorti, ma hemmx perjodu ta' preskrizzjoni għall-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra;

10. Jilqa' d-deċiżjoni tar-RĊA li tniedi programm sabiex jinġarbu l-armi mhux awtorizzati bħala rispons għall-vjolenza u d-delitti żgħar fin-nazzjon li huwa kronikament instabbli; iħeġġeġ lill-gvern jagħmel din il-miżuri obbligatorja;

11. Jieħu nota tal-istabbiliment ta' kumitat konġunt ta' inkjesta fuq l-atroċitajiet imwettqa mit-teħid ta' poter mis-Séléka u jappella lill-partijiet li huma parti minn din l-entità biex jaħdmu flimkien sabiex tiġi promossa r-rikonċilazzjoni nazzjonali;

12. Jikkunsidra neċessarju, barra minn hekk, li jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kunflitti, b'mod partikolari permezz ta' riforma tal-forzi armati u l-forzi ta' sigurtà, id-dimilitarizzazzjoni, id-demobilizzazzjoni u r-riintegrazzjoni tal-eks ġellieda, ir-ripatrijazzjoni tar-refuġjati, ir-ritorn ta' persuni spustati internament lejn djarhom u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' żvilupp vjabbli;

13. Jinsisti li soluzzjoni politika komprensiva, inkluża d-distribuzzjoni ekwa ta' dħul mill-baġit tal-istat hija vitali sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-kriżi u titwettaq it-triq għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun; jappella lis-Segretarju Ġenerali tan-NU sabiex jistabbilixxi panel ta' esperti ħalli jiġi eżaminat l-isfruttar tar-riżorsi agrikoli u minerali tar-RĊA bl-għan li jiġi stabbilit qafas legali li jippermetti li r-riżorsi tal-pajjiż tgawdi minnhom il-popolazzjoni tiegħu;

14. Jilqa l-appoġġ akbar tal-UE għall-indirizzar tal-kriżi umanitarja fir-RĊA u jappella lill-UE u l-Istati Membri tagħha, bħala donaturi prinċipali lill-pajjiż, sabiex isaħħu l-koordinazzjoni tagħhom mad-donaturi u l-istituzzjonijiet internazzjonali l-oħra sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet umanitarji urġenti b'mod xieraq u tittaffa s-sofferenza tal-poplu tar-RĊA; jitlob li ssir laqgħa internazzjonali dwar ir-RĊA fil-marġni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fi New York f'Settembru 2013;

15. Jitlob l-intensifikazzjoni tal-operazzjonijiet internazzjonali, bil-kunsens tar-RĊA, sabiex jiġu arrestati membri tal-Lord's Resistance Army, sabiex tintemm il-qerda mwettqa minn dan il-grupp kriminali;

16. Jitlob lill-awtoritajiet tar-RĊA jissodisfaw l-obbligi stabbilit fl-Istatut ta' Ruma tal-QKI, li l-pajjiż tagħhom iffirmat;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-ECCAS, lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE u lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

P7_TA(2013)0390

## Il-qagħda fil-Baħrajn

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn (2013/2830(RSP))**

(2016/C 093/29)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Baħrejn tas-27 ta' Ottubru 2011 ([1]), tal-15 ta' Marzu 2012 ([2]) u tas-17 ta' Jannar 2013 ([3]),

— wara li kkunsidra ż-żjara ta' delegazzjoni tas-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Baħrejn fid-19 u l-20 ta' Diċembru 2012 u l-istqarrija għall-istampa maħruġa minn dik id-delegazzjoni, u wara li kkunsidra ż-żjara tad-delegazzjoni fil-Peniżola Gharbija bejn is-27 u t-30 ta' April 2013 u l-istqarrija għall-istampa tagħha,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Baħrejn, b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet tas-7 ta' Jannar, il-11 ta' Frar u l-1 ta' Lulju 2013,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, b'mod partikolari dik tat-8 ta' Jannar 2013, u d-dikjarazzjoni tal-kelliem tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tas-6 ta' Awwissu 2013,

— wara li kkunsidra t-23 Kunsill Konġunt u Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, li saru f'Manama, fil-Baħrejn, fit-30 ta' Ġunju 2013,

— wara li kkunsidra l-laqgħa straordinarja tal-Assemblea Ġenerali tal-Baħrejn, li saret fit-28 ta' Lulju 2013 u rriżultat fid-digrieti ta' emerġenzi maħruġa mir-Re tal-Baħrejn, Hamad bin Isa Al Khalifah,

— wara li kkunsidra l-leġiżlazzjoni tal-Baħrejn "Nipproteġu lis-Soċjetà minn Atti Terroristiċi" tal-2006,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ministerjali tal-Lega Għarbija, li ltaqa' fil-Kajr fl-1 ta' Settembru 2013, biex jistabbilixxi qorti pan-Gharbija tad-drittijiet tal-Bniedem f'Manama, il-kapitali tal-Baħrejn,

— wara li kkunsidra r-rapport maħruġ f'Novembru 2011 mill-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn u r-rapport ta' segwitu tiegħu tal-21 ta' Novembru 2012,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, il-Konvenzjoni Konta t-Tortura u Trattamenti jew Pieni oħra Krudili, Inumani jew Degradanti, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Karta Għarbija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li l-Baħrejn huwa pajjiż firmatarju tagħhom,

— wara li kkunsidra l-linji gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-2004, kif aġġornati fl-2008,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 125.
([2]) ĠU C 251 E, 31.8.2013, p. 111.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2013)0032.

A. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn għadha toħloq tħassib wara t-trażżin ta' dawk li pprotestaw favur id-demokrazija fl-2011; billi ħafna azzjonijiet riċenti tal-Gvern tal-Baħrejn għadhom qed jiksru u jirrestrinġu d-drittijiet u l-libertajiet ta' taqsimiet tal-poplu tal-Baħrejn, b'mod partikolari d-dritt tal-individwi għall-protesta paċifika, għal-libertà tal-espressjoni u l-libertà diġitali; billi l-awtoritajiet tal-Baħrejn qed ikomplu jrażżnu lil dawk lid-dimostranti politiċi paċifiċi, fosthom permezz tal-użu sproporzjonat ta' vjolenza u tortura mill-forzi tas-sigurtà u tal-pulizija;

B. billi l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem qed iħabbtu wiċċhom ma' attakki, intimidazzjoni u detenzjoni sistematiċi u kontinwi, filwaqt li wħud minnhom ngħataw sentenzi ta' ħabs għal għomorhom;

C. billi fl-1 ta' Awwissu 2013, qabel il-protesta paċifika ppjanata f'Manama fl-14 ta' Awwissu 2013, ir-Re tal-Baħrejn ordna li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Parlament, li jinkludu l-projbizzjoni ta' kwalunkwe "sit-in", ġemgħa u protesta fil-kapitali Manama, limitazzjonijiet ulterjuri fuq l-attivitajiet tal-midja soċjali, żieda fil-perjodu ta' dentenzjoni u l-irtirar taċ-ċittadinanza ta' kull min jinstab ħati li wettaq jew xewwex att ta' terroriżmu;

D. billi l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem iddikjara li, minkejja li jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali li "l-libertajiet bażiċi, b'mod partikolari l-libertà tal-opinjoni, m'għandhomx jintlaqtu biex jinżamm bilanċ bejn l-infurzar tal-liġi u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem", itenni t-tħassib tiegħu dwar ir-restrizzjonijiet fuq demostrazzjonijiet pubbliċi u avvenimenti pubbliċi oħra;

E. billi wara r-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn, l-awtoritajiet tal-Baħrejn impenjaw ruħhom li jwettqu riformi; billi sar progress fir-riforma ġenerali tas-sistemi legali u tal-infurzar tal-liġi, impjegati li kienu tkeċċew inġustament reġgħu ngħataw xogħolhom lura, u l-ħolqien ta' unit tal-prosekuzzjoni speċjali biex tinvestiga allegazzjonijiet ta' abbuż, kif ukoll it-twettiq ta' riformi tal-pulizija; billi, b'mod ġenerali, ir-ritmu tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn għadu baxx;

F. billi delegazzjoni uffiċjali mmexxija mill-Ministru tad-Drittijiet tal-Bniedem, Dott. Salah bin Ali Abdulrahman, se tattendi l-24 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU bejn is-7 u s-27 ta' Settembru 2013, u se tagħmel rieżami, waqt il-laqgħat tagħha, tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali, li l-Gvern tal-Baħrejn wiegħed li se jimplimenta b'kalendarju u bi programm ta' azzjoni.

G. billi fil-Baħrejn anke tfal ġew arrestati u miżmuma f'detenzjoni adulta mhix adattata għall-minorenni, fejn hu rappurtat li ġew torturati u trattat b'mod mhux xieraq;

H. billi fl-24 ta' April 2013 il-gvern ippospona għat-tieni darba – u din id-darba b'mod indefinit – iż-żjara tar-Rapporteur Speċjali dwar it-tortura u trattamenti jew pieni oħra krudili, inumani jew degradanti;

I. billi fit-2 ta' Settembru 2013 il-Baħrejn ħabbar li kien se jospita l-kwartieri ġenerali permanenti tal-Qorti Għarbija tad-Drittijiet tal-Bniedem wara l-approvazzjoni f'laqgħa tal-Lega Għarbija fil-Kajr;

J. billi r-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, Stavros Lambrinidis, żar il-Baħrejn waqt il-laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf f'Ġunju 2013;

1. Jappella lill-awtoritajiet tal-Baħrejn biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà tal-espressjoni, fuq l-internet u barra minnu, u l-libertà tal-għaqda; jiddispjaċih ħafna dwar l-ordnijiet ristrettivi riċenti tal-Parlament u r-Re tal-Baħrejn, u jitlob li titneħħa l-projbizzjoni fuq id-dritt ta' demostrazzjonijiet paċifiċi u għaqda libera fil-kapitali, Manama, u revoka tal-ordnijiet tal-Ministru tal-Ġustizzja tat-3 ta' Settembru 2013, li mhumiex riċonċiljabbli mal-impenn tal-gvern li jniedi riformi u mhux se jgħinu l-progress ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali jew il-fiduċja bejn il-partijiet kollha;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

2. Iħeġġeġ ir-rispett tad-dritt leġittmu taċ-ċittadini tal-Baħrejn li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament u li li jorganizzaw avvenimenti u jipparteċipaw f'dimostrazzjonijiet paċifiċi; jenfasizza l-importanza ta' midja libera u pluralistika; jitlob li l-NGOs internazzjonali u l-ġurnalisti jingħataw aċċess sħiħ għall-pajjiż;

3. Jilqa' l-passi meħuda mill-awtoritajiet tal-Baħrejn biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn; jirrikonoxxi li f'dan ir-rigward diġà saru xi sforzi, madankollu jisħaq li għad baqa' x'isir biex titjieb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż; jistieden lill-Gvern tal-Baħrejn jimplimenta għalkollox u b'ħeffa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn u tal-Eżami Perjodiku Universali; jirrakkomanda li l-24 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ b'mandat li jsegwi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn u sejba ta' soluzzjoni ġenerali għas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn;

4. Jistieden lill-Gvern tal-Baħrejn biex jimplimenta r-riformi demokratiċi meħtieġa u biex jinkoraġġixxi djalogu nazzjonali inklużiv u kostruttiv u rikonċiljazzjoni, inkluż il-ħelsien tad-dissidenti;

5. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Baħrejn itemmu immedjatament kwalunkwe att ta' ripressjoni, inkluża l-intimidazzjoni ġudizzjarja, u jitlob il-ħelsien immedjat u inkondizzjonat tal-priġunieri ta' kuxjenza, attivisti politiċi, ġurnalisti, bloggers, tobba u paramediċi, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u dawk li jipprotestaw paċifikament, fosthom Abdulhadi Al-Khawaja, Nabeel Rajab, Ibrahim Sharif, Naji Fateel, Zainab Al-Khawaja, Mahdi'Issa Mahdi Abu Deeb u Jalila Al-Salman;

6. Jilqa' l-fatt li r-Re Hamad Bin Isa al-Khalifa waqqaf kummissjoni indipendenti għad-drittijiet tal-priġunieri u d-detenuti, u jitlob lil din il-kummissjoni timmonitorja u ttejjeb b'mod effettiv il-kundizzjonijiet u t-trattament tal-priġunieri u d-detenuti;

7. Jilqa' l-fatt li r-Re Hamad Bin Isa al-Khalifa waqqaf Ministeru għad-Drittijiet tal-Bniedem l-Iżvilupp Soċjali, u jitlob lil dak il-ministeru jaġixxi skont l-istandards u l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; jinnota b'mod partikolari l-pożizzjoni progressiva tal-Baħrejn lejn in-nisa fis-soċjetà;

8. Jinnota t-twaqqif formali ta' Ombudsman tal-Pulizija mill-Ministeru tal-Intern f'Lulju 2013, u jesprimi t-tama li din il-mossa se tfisser li l-ilmenti taċ-ċittadini tal-Baħrejn jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv;

9. Jinnota li l-Gvern tal-Baħrejn qed jagħmel sforzi li għadhom għaddejjin biex jirriforma l-kodiċi penali u l-proċeduri legali, u jħeġġeġ biex dan il-proċess jitkompla; jistieden lill-Gvern tal-Baħrejn jieħu l-passi meħtieġa kollha biex jiggarantixxi l-proċess ġust, u l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura fil-Baħrejn, u biex jiżgura li din taġixxi f'konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

10. Iħeġġeġ li jsiru investigazzjonijiet indipendenti dwar l-allegazzjonijiet kollha ta' tortura u maltrattament ieħor, u li r-riżultati tagħhom ikunu magħmula pubbliċi; hu tal-fehma li l-obbligu ta' rendikont għal ksur fil-passat huwa element ewlieni fit-triq lejn il-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni ġenwina, li huma meħtieġa għall-istabilità soċjali;

11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Baħrejn jirrispettaw id-drittijiet tal-minorenni, li ma jżommuhomx detenuti f'faċilitajiet għall-adulti, u li jitrattawhom skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li l-Baħrejn huwa pajjiż firmatarju tagħha,

12. Jemmen li l-privazzjoni arbitrarja tan-nazzjonalità tista' twassal għal sitwazzjoni ta' apolidità, b'konsegwenzi serji għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem tal-individwi konċernati; jinnota li l-irtirar taċ-ċittadinanza ta' avversarji politiċi mill-awtoritajiet tal-Baħrejn imur kontra d-dritt internazzjonali;

13. Jiddispjaċih dwar ir-reazzjoni dgħajfa min-naħa tal-UE għas-sitwazzjoni li għaddejja bħalissa fil-Baħrejn, u jistieden lill-VP/RGħ tikkundanna l-ksur li għadu għaddej bħalissa tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u timponi miżuri restrittivi mmirati (projbizzjoni tal-ħruġ ta' viżi u ffriżar tal-assi) kontra l-individwi responsabbli għal abbużi tad-drittijiet tal-bniedem jew involuti fihom (kif dokumentat fir-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn);

14. Jistieden lill-VP/RGħ u l-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw strateġija ċara dwar kif l-UE se taħdem attivament, pubblikament u privatament, għall-ħelsien tal-priġunieri ta’ kuxjenza, u jistieden lill-VP/RGħ taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn, li għandha tinkludi talba speċifika għall-ħelsien immedjat u inkondizzjonat ta’ dawk il-priġunieri;

15. Jesprimi dispjaċir li ż-żjara tar-Rapporteur Speċjali dwar it-Tortura reġgħet ġiet posposta, u jistieden lill-awtoritajiet tal-Baħrejn jiffaċilitaw żjarat tar-Rapporteurs Speċjali dwar il-libertà ta’ għaqda u ta’ assoċjazzjoni u dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

16. Jilqa’ d-deċiżjoni tal-Lega Għarbija li twaqqaf Qorti Għarbija tad-Drittijiet tal-Bniedem f’Manama u jesprimi t-tama tiegħu li din taf isservi ta’ katalist għad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun kollu; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Baħrejn, kif ukoll lis-sħab tiegħu fil-Lega Għarbija, jiżguraw l-integrità, l-imparzjalità, l-effiċjenza u l-kredibilità ta’ din il-Qorti;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Renju tal-Baħrejn.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0382

## Il-politika tal-UE fir-rigward tal-Bjelorussja

**Rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 għall-Azzjoni Esterna dwar il-politika tal-UE fir-rigward tal-Bjelorussja(2013/2036(INI))**

(2016/C 093/30)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2012 dwar il-qagħda fil-Bjelorussja wara l-elezzjonijiet parlamentari tat-23 ta' Settembru 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-29 ta' Marzu 2012 dwar is-sitwazzjoni fil-Bjelorussja ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar il-Bjelorussja ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Jannar 2011 dwar is-sitwazzjoni fil-Bjelorussja ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2012 dwar ir-Rapport Annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ([6]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Konferenza tal-Pjattaforma Nazzjonali tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant tal-1 ta' Ġunju 2013;

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' April 2011 dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat – Dimensjoni tal-Lvant ([7]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Praga tas-samit tas-Sħubija tal-Lvant tal-2009;

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-15 ta' Ottubru 2012 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1014/2012 tas-6 ta' Novembru 2012 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja ([8]),

— wara li kkunsidra r-Regola 97 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0261/2013),

A. billi, mill-1994, ma saret l-ebda elezzjoni ħielsa u ġusta fil-Bjelorussja skont leġiżlazzjoni elettorali konformi mal-istandards internazzjonali;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0410.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0112.
([3]) ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 162.
([4]) ĠU C 136 E, 11.5.2012, p. 57.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2012)0334.
([6]) ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 26.
([7]) ĠU C 296 E, 2.10.2012, p. 105.
([8]) ĠU L 307, 7.11.2012, p. 1

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

B. billi l-prinċipju tas-separazzjoni tas-setgħat ġie virtwalment abolit mir-riforma kostituzzjonali tal-1996, u l-oppożizzjoni politika ilha minn dakinhar mhux irrappreżentata fl-istituzzjonijiet politiċi u ma setgħetx tipparteċipa fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tad-direzzjoni politika tal-pajjiż;

C. billi fl-istess perjodu, sar ksur sistematiku u massiv tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rigward, b'mod partikolari, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' għaqda;

D. billi fl-1997 il-Kunsill Ewropew issospenda r-ratifika tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni u ffriża l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ, u għalhekk ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Bjelorussja għadhom regolati bil-Ftehim ta' Kummerċ u ta' Kooperazzjoni tal-1989;

E. billi, fil-perjodu 2008-2010, ir-relazzjonijiet UE-Bjelorussja kienu kisbu ftit momentum meta l-Bjelorussja wriet ir-rieda li tiżviluppa relazzjonijiet kostruttivi mal-UE, u ġie osservat ċertu ċaqliq lejn kundizzjonijiet imtejba għall-attivitajiet tas-soċjetà ċivili, l-oppożizzjoni u l-istampa ħielsa; madankollu, it-trażżin brutali li segwa l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2010 u l-intensifikazzjoni tal-politika ripressiva, bħall-arrest tal-kandidati presidenzjali li ġie segwit minn arresti tal-massa, kawżi kriminali b'motivazzjoni politika kontra r-rappreżentanti tal-oppożizzjoni u mewġa ta' ripressjoni kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-midja indipendenti, wasslu għal deterjorament sinifikanti ta' dawn ir-relazzjonijiet;

F. billi l-awtoritajiet tal-Bjelorussja, meta jirrifjutaw it-talbiet mill-UE biex jikkonformaw mal-istandards demokratiċi aċċettati fuq livell internazzjonali, qegħdin imexxu l-politika ta' awtoiżolament u jimponuha fuq il-poplu tal-Bjelorussja;

G. billi l-Parlament Ewropew ma jirrikonoxxix il-leġittimità tal-parlament tal-Bjelorussja; f'dan l-aħħar deċennju, delegazzjoni uffiċjali waħda biss tal-Parlament Ewropew żaret il-Bjelorussja fl-2010;

H. billi 70 % tal-popolazzjoni Bjelorussa jixtiequ bidla fil-pajjiż; madankollu, parti minnha tipperċepixxi l-fatt li inizjalment bidliet sostanzjali kieku jwasslu għal deterjorament fl-istandards tal-għajxien ([1]);

I. billi jkun iżjed probabbli li sseħħ trasformazzjoni demokratika jekk jiġu involuti l-partijiet riformisti tal-klassijiet eliti li attwalment qed jiggvernaw; madankollu, il-katalizzaturi ewlenin għandhom jiġu mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u n-negozju privat;

J. billi l-istabbiliment ta' djalogu politiku konsistenti mal-awtoritajiet Bjelorussi taħt il-kundizzjoni msemmija hawn fuq għandu jirriżulta fl-involviment tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni fid-djalogu bejn diversi partijiet interessati u l-implimentazzjoni tar-riformi;

K. billi s-Samit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnius jista' jirriżulta f'opportunità importanti oħra għat-titjib kundizzjonali u gradwali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Bjelorussja sakemm il-priġunieri politiċi kollha jinħelsu u jiġu riabilitati politikament;

L. billi, bħala konsegwenza, il-miżuri restrittivi tal-UE ġew rieżaminati u estiżi (attwalment, huma imposti fuq 242 persuna u 30 entità), waqt li l-awtoritajiet Bjelorussi għadhom qed jipprojbixxu lil xi politiċi, uffiċjali, inklużi r-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, ġurnalisti u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili milli jidħlu fil-pajjiż;

M. billi jista' jkun li l-isforzi ulterjuri lejn strateġija u pjan ta' azzjoni unifikati jistgħu jkunu ta' għajnuna biex jinkisbu l-għanijiet tal-opożizzjoni politika; billi miżuri konkreti bħal-listi konġunti għall-elezzjonijiet lokali fl-2014, l-abbozzar ta' programm politiku komuni, jew il-preżentazzjoni ta' kandidat uniku għall-elezzjoni presidenzjali fl-2015, huma żviluppi pożittivi f'dak ir-rigward;

---

([1]) Data mill-Istitut Indipendenti tal-Istudji Soċjoekonomiċi, April 2013.

N. billi d-Djalogu Ewropew dwar il-Modernizzazzjoni mas-soċjetà Bjelorussa li tnieda fl-2012 kellu impatt pożittiv fuq il-bidu ta’ dibattitu kostruttiv fis-soċjetà tal-Bjelorussja dwar ir-riformi meħtieġa fil-pajjiż u dwar il-kuxjenza rigward l-UE; madankollu hemm bżonn ta’ żvilupp ulterjuri tal-kunċett, l-iskop, l-istrateġija, il-finanzjament xieraq u l-istruttura ġestjonali ta’ dan id-Djalogu, kif ukoll ta’ koordinament aħjar tiegħu mal-inizjattivi tas-Sħubija tal-Lvant;

O. billi l-Pjattaforma Nazzjonali tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant hija sieħba importanti u affidabbli u kanal ta’ komunikazzjoni uniku lejn il-poplu tal-Bjelorussu għall-UE;

P. billi għad fadal priġunieri politiċi fil-Bjelorussja ([1]), inkluż Ales Bialatski, difensur tad-drittijiet tal-bniedem li ġie nnominat għal Premju Sakharov, li ġarrbu tortura psikoloġika u fiżika serja, inkluż theddid ta’ mewt, trasferimenti inġustifikati, provvista ta’ kura tas-saħħa mhux sodisfaċenti u ċ-ċaħda tad dritt li jiltaqgħu ma’ qrabathom; il-ħelsien u r-riabilitazzjoni politika tal-priġunieri politiċi kollha, kif ukoll il-progress tal-Bjelorussja fit-twettiq tal-impenji internazzjonali tagħha u fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fundamentali, l-istat tad-dritt u l-libertajiet demokratiċi, jibqgħu l-kundizzjonijiet prinċipali għan-normalizzazzjoni tar-relazzjoni bejn l-UE u l-Bjelorussja;

Q. billi t-tnaqqis fl-għadd assolut ta’ arresti b’motivazzjoni politika (li minn 868 fl-2011 naqas għal 235 fl-2012, kif ġie rrapportat miċ-Ċentru għad-Drittijiet tal-Bniedem ta’ Viasna) jista’ jiġi attribwit għall-atmosfera ta’ ripressjonijiet u intimidazzjoni;

R. billi l-emendi leġiżlattivi restrittivi ta’ dan l-aħħar wasslu għal ripressjoni ulterjuri tas-soċjetà ċivili, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-midja indipendenti u l-avukati difensuri; billi l-qagħda ġenerali fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali hi waħda deplorabbli u tibqa’ ta’ tħassib kbir, kif inhu evidenzjat fir-rapport tal-2013 mir-Rapporteur Speċjali tan-NU għall-Bjelorussja; billi l-indifferenza murija mill-awtoritajiet tal-Bjelorussja għall-appelli magħmula mill-komunità internazzjonali tikkontribwixxi għad-deterjorament ulterjuri tar-relazzjonijiet mal-UE u tikkontribwixxi għall-awtoiżolament progressiv tal-Bjelorussja;

S. billi fl-2012 l-awtoritajiet Bjelorussi introduċew bidliet leġiżlattivi li jagħtu lill-KGB poteri estensivi biex jużaw miżuri koerċettivi b’mod liberu; billi taħt il-liġi l-ġdida, is-servizzi tas-sigurtà jistgħu jidħlu fl-appartamenti u jarrestaw u jżommu kemm liċ-ċittadini u d-diplomati Bjelorussi, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet internazzjonali protetti mill-immunità mingħajr restrizzjoni; billi din il-liġi tinkludi wkoll dispożizzjoni li teħles lill-aġenti tal-KGB minn kull responsabilità ġuridika għat-tibdrib li jiġġarrab taħt idejhom; billi l-forzi speċjali Bjelorussi ngħataw poteri estensivi biex ikissru d-dimostrazzjonijiet;

T. billi fl-aħħar tal-2011 ġew introdotti bidliet għal-Liġi dwar l-Azzjonijiet tal-Massa, skont liema l-organizzazzjoni ta’ protesti tal-massa tista’ tirriżulta f’responsabbiltà kriminali għal diżordni pubbliku; billi l-organizzaturi tal-protesti tal-massa huma obbligati li jipprovdu lill-awtoritajiet b’informazzjoni dwar is-sorsi tal-finanzjament tagħhom;

U. billi, fl-2011, sar att kriminali li dak li jkun jirċievi għotjiet minn barra u twessgħet id-definizzjoni ta’ tradiment, biex b’hekk sar possibbli għall-awtoritajiet li jużaw id-dritt kriminali biex irażżnu drastikament lill-organizzazzjonijiet u l-individwi li jirċievu finanzjament minn barra jew jieħdu sehem f’avvenimenti internazzjonali;

V. billi fl-2012, il-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Bjelorussja ċaħad ir-reġistrazzjoni lil 19-il organizzazzjoni mhux governattiva u 2 partiti politiċi waqt li l-membri ta’ organizzazzjonijiet mhux irreġistrati qegħdin jiġu soġġetti kontinwament għal intimidazzjoni, molestja, u persekuzzjoni fil-Bjelorussja;

W. billi l-Bjelorussja hija l-uniku pajjiż Ewropew li japplika l-piena tal-mewt; id-dati tal-eżekuzzjonijiet ma jkunux magħrufa lill-familji tal-kundannati u l-pubbliku, il-ġisem ma jingħatax għad-dfin lill-qraba u ma tingħata l-ebda komunikazzjoni dwar il-post tad-dfin;

X. billi, fl-2012, żewġ persuni ngħataw il-mewt minkejja l-fatt li l-proċess ġudizzjarju ma ssodisfax il-kriterji ta’ proċess ġust; billi fl-2012 wara perjodu twil ma tħabbret l-ebda sentenza tal-piena tal-mewt, iżda fl-2013 ġew iddikjarati sentenzi ġodda;

([1]) Il-lista ta’ priġunieri politiċi tinkludi wkoll lil Mikalai Statkevich, Pavel Seviarynets, Eduard Lobau, Mikalay Antukhovich, Mikalay Dziadok, u Ihar Alienevich..

Y. billi s-sitwazzjoni fil-Bjelorussja tista' tiġi kkaratterizzata b'nuqqas ta' fiduċja fil-ġudikatura minħabba l-indipendenza insuffiċjenti u d-deċiżjonijiet politikament motivati tagħha;

Z. billi l-Bjelorussja hija l-unika pajjiż fost il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant fejn għadha ma ġietx stabbilita istituzzjoni uffiċjali tad-drittijiet tal-bniedem;

AA. billi ċ-ċensura hija kwistjoni politika serja fil-Bjelorussja;

AB. billi, skont l-Indiċi dwar il-Libertà tal-Istampa fid-Dinja tal-2013 mill-organizzazzjoni Ġurnalisti Mingħajr Fruntieri, il-Bjelorussja telgħet sal-pożizzjoni numru 157 mill-168 post minn 179 pajjiż, imma madankollu għadha fl-iżjed pożizzjoni baxxa fost il-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (l-Azerbajġan (156), l-Ukraina (126), il-Ġeorġja (100), l-Armenja (74), il-Moldova (55));

AC. billi l-aċċess għal stazzjonijiet tat-televiżjoni u r-radju indipendenti, kif ukoll għall-midja stampata, huwa attwalment fqir u l-midja tal-istat tiddomina l-aċċess għall-informazzjoni;

AD. billi s-sitwazzjoni tal-libertà medjatika fil-Bjelorussja hi inaċċettabbli, b'mod partikolari minħabba l-immolestjar tal-ġurnalisti pprojbiti milli jħallu l-pajjiż, il-liġijiet restrittivi dwar ix-xandir u l-libertà tal-internet u l-ġustizzja selettiva lejn il-ġurnalisti indipendenti, kif jixhdu t-tliet każi kriminali li nfetħu matul is-sajf tal-2012;

AE. billi fl-2012 mill-inqas 15-il attivist u ġurnalist kienu pprojbiti milli jħallu l-Bjelorussja abbażi ta' affermazzjonijiet foloz;

AF. billi iżjed minn nofs iċ-ċittadini tal-Bjelorussja għandhom aċċess għall-internet; il-midja elettronika tippreżenta possibilitajiet ġodda ta' aċċess usa' għall-midja indipendenti, minkejja li jeżistu xi websajts tal-oppożizzjoni li ġew ibblukkati fl-istituzzjonijiet governattivi u edukattivi;

AG. billi l-Bjelorussja tinsab fil-50 post skont l-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-NU l-iżjed riċenti tal-2012, meta mqabbla mar-Russja (55) u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (il-Ġeorġja (72), l-Ukraina (78), l-Azerbajġan (82), l-Armenja (87), il-Moldova (113));

AH. billi waħda mir-raġunijiet ewlenin għal ċerta stabilità soċjali fil-pajjiż hija s-sistema tal-benefiċċji soċjali, li permezz tagħha jgawdi l-poplu u, bi bdil, jagħżel li jkun politikament inattiv; 65 % tal-poplu tal-Bjelorussja jirċievu appoġġ statali f'diversi suriet, bħal pensjonijiet, boroż ta' studju, benefiċċji għall-qgħad, eċċ.;

AI. billi rata ta' qgħad baxxa tista' tinkiseb b'mod artifiċjali permezz ta' sussidji għall-kumpaniji b'sjieda statali li jiġġeneraw madwar 70 % tal-PDG u jimpjegaw 50 % tal-forza tax-xogħol;

AJ. billi l-gvern tal-Bjelorussja qed jipprova jattira investiment barrani – il-pajjiż għandu forza tax-xogħol imħarrġa, programm ta' privatizzazzjoni, sitt Żoni Ekonomiċi Ħielsa u park għat-teknoloġiji avvanzati – imma, madankollu, l-intervenzjoni sistematika tal-Istat fis-settur privat hi evidenti;

AK. billi sa issa l-awtoritajiet tal-Bjelorussja esprimew l-interess ġeopolitiku tagħhom f'integrazzjoni ekonomika ulterjuri mar-Russja, b'mod li tinħoloq l-unjoni doganali u ekonomika Ewro-Asjatika; fl-istess ħin il-maġġoranza l-kbira tal-investiment diretti barranin kollu fil-Bjelorussja fis-snin reċenti hi ta' oriġini Russa (78.4 %); f'dawn l-aħħar deċennji, skont l-esperti, madwar 700 000 Bjelorussu emigraw lejn ir-Russja biex jaħdmu, l-iżjed lejn Moska u St Petersburg;

AL. billi qed jiġu osservati sinjali, kemm mill-UE u kemm mill-Bjelorussja, rigward it-tnedija mill-ġdid tan-negozjati tal-Bjelorussja għal adeżjoni mad-WTO, speċjalment fil-kuntest tal-adeżjoni tar-Russja mad-WTO;

AM. billi l-istħarriġ reċenti mwettaq fil-qafas tal-proġett "Barometru dwar il-Viċinat tal-UE" jissuġġerixxi li iżjed minn 50 % tal-popolazzjoni tal-Bjelorussja temmen li l-UE għandha tkabbar ir-rwol tagħha fl-oqsma tal-iżvilupp ekonomiku, il-kummerċ u l-kooperazzjoni reġjonali mal-Bjelorussja;

AN. billi l-programm ta' modernizzazzjoni li ġie ddikjarat dan l-aħħar mill-awtoritajiet tal-Bjelorussja, skont l-esperti, huwa indirizzat prinċipalment lejn l-immodernizzar tal-infrastruttura industrijali bażika waqt li fil-pajjiż hemm bżonn ta'riformi ekonomiċi iżjed sostanzjali u ambjent kummerċjali trasparenti, flimkien ma' inqas kontroll governattiv fis-setturi kummerċjali kollha;

AO. billi, skont l-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2012 ta' Transparency International, il-Bjelorussja hija kklassifikata fil-123 post minn 176 pajjiż u territorju meta mqabbla mal-Ukraina (144), l-Azerbajġan (139), ir-Russja (133), l-Armenja (105), il-Moldova (94), u l-Ġeorġja (51);

AP. billi dan l-aħħar il-Bjelorussja aċċediet għall-mekkaniżmu antikorruzzjoni Greco tal-Kunsill Ewropew u saret membru ta' Greta, il-mekkaniżmu għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin;

AQ. billi l-Bjelorussja hija koperta bil-Politika Ewropea tal-Viċinat iżda, fid-dawl tas-sitwazzjoni politika, għadu ma ġie stabbilit l-ebda pjan ta' azzjoni;

AR. billi l-assistenza lill-Bjelorussja attwalment tingħata taħt id-Dokument ta' Strateġija għall-Pajjiż 2007-2013;

AS. billi ġew allokati EUR 33,4 miljun fil-perspettiva finanzjarja 2007-2013 għall-proġetti ta' kooperazzjoni transkonfinali tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) bejn il-Bjelorussja u l-pajjiżi ġirien tagħha, waqt li madwar 60 muniċipalità attwalment qed jipparteċipaw f'50 proġett ta' kooperazzjoni transkonfinali konġunta bejn il-Latvja, il-Litwanja u l-Bjelorussja;

AT. billi attwalment 20 espert biss mill-Bjelorussja jipparteċipaw fi proġetti varji tal-ENPI meta mqabbla mal-120 tal-2008;

AU. billi l-awtoritajiet tal-Bjelorussja jieħdu sehem b'mod attiv fil-laqgħat tal-esperti fil-qafas tal-binarju multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari fil-proġetti ta' kooperazzjoni transkonfinali;

AV. billi 58 belt u muniċipalità fil-Polonja, 47 fil-Litwanja u 30 fil-Latvja iżommu kooperazzjoni produttiva mal-bliet u l-muniċipalitajiet sħabhom fil-Bjelorussja waqt li l-Ewroreġjun "Nemunas-Neman-Niemen" li jgħaqqad il-Litwanja, il-Polonja, Kaliningrad mal-Bjelorussja fl-implimentazzjoni ta' proġetti komuni jista' jitqies bħala eżempju ta' prattika tajba;

AW. billi il-Bjelorussi f'dawn l-aħħar snin kisbu l-ikbar għadd ta' viżi Schengen *per capita* fid-dinja; madankollu, iridu jonfqu ħafna iżjed flus, u f'bosta każijiet anke jimpjegaw iktar ħin u sforzi sabiex jiksbu viża, meta mqabbla maċ-ċittadini ta' pajjiżi oħra tas-Sħubija tal-Lvant jew ir-Russja;

1. Jindirizza lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ/VP), lis-SEAE, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

(a) li għandhom iħeġġu lill-awtoritajiet tal-Bjelorussja sabiex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u jaħdmu biex ikun hemm tranżizzjoni demokratika b'mod li jintemm l-iżolament awtoimpost tal-pajjiż mill-bqija tal-Ewropa;

(b) li għandhom itennu li prerekwiżit assolut biex isir xi progress fir-relazzjonijiet bilaterali, li jistgħu jwasslu għat-tneħħija gradwali tal-miżuri restrittivi tal-UE u jiżbolokkaw ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Bjelorussja, hu l-ħelsien immedjat u r-rijabilitazzjoni tad-drittijiet politiċi u ċiviċi tal-priġunieri politiċi li fadal;

***Rigward id-djalogu politiku***

c. li għandhom jisfruttaw il-Presidenza Litwana u s-Samit tas-Sħubija tal-Lvant f'Vilnjus bħala opportunità importanti ulterjuri għat-titjib tar-relazzjonijiet mal-Bjelorussja, hekk kif ikunu nħelsu l-priġunieri politiċi kollha, b'mod li jerġa' jitnieda d-djalogu politiku rigward, *inter alia,* riformi demokratiċi, elezzjonijiet ħielsa u ġusti, ir-rispett għall-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u involviment mal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili, dejjem sakemm l-awtoritajiet Bjelorussi juru rispett għal dawn il-valuri fundamentali;

d. jieħdu nota tal-ħelsien mill-ħabs ta' Dzmitry Dashkevich u Aliaksandr Franskevich, f'Awwissu u f'Settembru 2013 rispettivament, iżda jikkundannaw il-fatt li dawn il-priġunieri politiċi kisbu lura l-libertà tagħhom biss ladarba kienu skontaw is-sentenza tagħhom;

e. li għandhom jagħmlu l-aħjar użu mis-sospensjoni temporanja u kundizzjonali tal-ministru tal-affarijiet barranin fil-kariga mil-lista tal-UE ta' persuni pprojbiti milli jingħata viża bil-ħsieb li jitwessa' l-kanal ta' komunikazzjoni diplomatika prinċipali u essenzjali mal-Bjelorussja, b'mod partikolari fil-prospettiva li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tiegħu fis-Samit tas-Sħubija tal-Lvant; l-ewwel u qabel kollox għal djalogu sinifikanti rigward il-ħelsien tal-priġunieri politiċi; li, minkejja dan, għandhom iżommu sod fir-rigward tal-projbizzjonijiet tal-viżi u l-iffriżar tal-assi immirati lejn min hu involut b'mod dirett fil-ksur tal-istandards ta' elezzjonijiet demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem;

f. li għandhom iwettqu evalwazzjoni fil-fond tal-miżuri restrittivi attwali tal-UE kontra uffiċjali u entitajiet Bjelorussi bl-intenzjoni li, jekk ikun hemm bżonn, itejbu l-effikaċja tagħhom u jadattaw il-kamp ta' applikazzjoni, in-natura u l-validità tagħhom b'reazzjoni għall-iżviluppi fil-pajjiż u fir-relazzjonijiet tiegħu mal-UE;

g. li għandhom iħejju "pjan direzzjonali" strateġiku, ispirat mill-Pjan Interim Konġunt u bbażat fuq il-prinċipju "iktar għal iktar", inklużi l-oqsma prijoritarji għar-riformi fil-Bjelorussja għat-titjib tar-relazzjonijiet u kooperazzjoni effikaċi fi ħdan il-qafas tal-PEV, dejjek sakemm jittieħdu passi konkreti lejn riformi demokratiċi;

h. li għandhom, hekk kif ikun ġie rikonoxxut minn organizzazzjonijiet internazzjonali li l-elezzjonjiet saru b'mod ħieles u ġust, jikkonsultaw lill-Parlament Ewropew dwar l-inklużjoni ta' proposti ġodda rigward ir-relazzjonijiet interparlamentari, kemm b'mod bilaterali u kemm fi ħdan l-Assemblea Parlamentari Euronest, waqt li jinżamm l-appoġġ tal-UE għall-forzi demokratiċi u s-soċjetà ċivili tal-Bjelorussja;

i. li għandhom jiżguraw, bi qbil mal-Artikolu 24 TUE, l-appoġġ tal-Istati Membri għall-pożizzjoni tal-UE dwar il-Bjelorussja u l-konformità tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom mal-azzjonijiet tal-UE; li għandhom jenfasizzaw li impenn sod min-naħa tal-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll mill-pajjiżi demokratiċi l-oħra li jaġixxu b'mod magħqud jista' jkattar il-promozzjoni ta' suċċess tal-valuri demokratiċi universali u r-riformi fil-Bjelorussja;

j. li għandhom jinkoraġġixxu djalogu mal-uffiċjali li ma kinux personalment involuti fir-ripressjoni, b'mod li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Bjelorussja; li għandhom jikkontribwixxu għall-interazzjoni tagħhom mas-soċjetà ċivili Bjelorussa, bl-intenzjoni li, fl-aħħar mill-aħħar, jiffaċilitaw ir-riformi;

k. li għandhom jinkoraġġixxu lis-soċjetà ċivili fis-sens wiesa' tagħha, inklużi t-trejdunjins u r-rappreżentanti tan-negozji, sabiex iżżid l-involviment tagħha fid-Djalogu dwar il-Modernizzazzjoni; li, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet imfassla mill-Pjattaforma Nazzjonali tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili, għandhom jorganizzaw konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa rigward il-kunċett, l-iskop, l-istrateġija u l-istruttura ġestjonali tiegħu; li għandhom jappoġġaw ulterjorment lid-Djalogu permezz tal-assistenza finanzjarja u l-ħila esperta meħtieġa u jsaħħu l-kampanja ta' komunikazzjoni rigward il-kontenut u l-eżitu mistenni tiegħu;

l. li għandhom jiżguraw li kwalunkwe parteċipazzjoni mill-awtoritajiet fid-Djalogu dwar il-Modernizzazzjoni, id f'id u fuq livell indaqs mal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili, titwettaq bir-rispett sħiħ tal-prinċipji demokratiċi, bil-ħsieb li tiġi żviluppata ekonomija kompetittiva u jitrawmu r-riformi domestiċi, kif ukoll soċjetà pluralistika u l-istat tad-dritt;

m. li għandhom jasserixxu li s-soċjetà ċivili għadha attur kruċjali fid-djalogu politiku mal-UE fit-tħeġġiġ ta' bidla demokratika fil-Bjelorussja u għaldaqstant jappoġġa l-idea li tinħoloq konferenza tas-soċjetà ċivili f'Vilnjus b'antiċipazzjoni tat-tielet Samit tas-Sħubija tal-Lvant;

n. li għandhom jisfruttaw kompletament il-Fond Ewropew għad-Demokrazija bil-għan li jappoġġaw lill-atturi ewlenin li qegħdin jaħdmu fuq kwistjonijiet relatati mad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fil-Bjelorussja, waqt li jiffokaw fuq dawk li kellhom diffikultà jaċċedu għall-appoġġ tradizzjonali tal-UE;

o. li għandhom iħeġġu lir-Russja u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant sabiex jistiednu lill-Bjelorussja teħles minnufih u mingħajr kundizzjonijiet u tirriabilita politikament lill-priġunieri politiċi kollha u toqgħod lura minn kwalunkwe molestja ulterjuri b'motivazzjoni politika;

p. li għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-UE u tal-Istati Membri li jżuru l-Bjelorussja jżommu kuntatti regolari mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni, b'mod li tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni bbilanċjata tal-partijiet kollha fil-proċessi rigward ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Bjelorussja;

q. li għandhom jipprevedu kull alternattiva politika disponibbli bil-ħsieb li jinkoraġġixxu lill-Bjelorussja:

— timplimenta kompletament ir-riformi tal-Kodiċi Elettorali abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa/l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (OSKE/ODIHR) b'mod li tistabbilixxi sistema politika pluralista bbażata fuq elezzjonijiet liberi u ġusti, fejn l-ideat politiki jkunu jfeġġu minn kompetizzjoni politika ġusta fost il-partiti politiċi bħala element kostituttiv tad-demokrazija;

— tippermetti l-ftuħ mill-ġdid tal-uffiċċju tal-OSKE f'Minsk;

— tenħħi kull ostaklu u restrizzjoni għall-eżerċizzju tal-libertajiet ta' assoċjazzjoni, ta' espressjoni, ta' moviment, ta' għaqda paċifika u ta' ħsieb għall-oppożizzjoni demokratika, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, inkluż li kwalunkwe ostaklu għar-reġistrazzjoni jitneħħa u li l-assistenza teknika għall-iżvilupp internazzjonali tiffunzjona u tintlaqa' b'mod komplut; tirriforma d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali tagħha fir-rigward tal-parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet mhux reġistrati;

— tintroduċi l-bidliet istituzzjonali meħtieġa biex tiżgura l-indipendenza tal-ġudikatura, bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-indipendenza tal-imħallfin u l-avukati, kif ukoll l-indipendenza tal-avukati billi l-Liġi dwar il-Professjoni Ġuridika tiġi emendata u applikata b'mod effikaċi;

— ma timplimentax l-eżekuzzjoni ta' dawk li ngħataw il-piena tal-mewt fl-2013, u tintroduċi moratorju fuq il-piena tal-mewt segwit mill-abolizzjoni tagħha;

— timplimenta d-deċiżjonijiet dwar il-każijiet individwali tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u l-Grupp ta' Ħidma dwar id-Detenzjoni Arbitrarja tan-NU u r-rakkomandazzjonijiet magħmula fl-2011 mill-Kumitat kontra t-Tortura tan-NU bil-għan li jitwaqqaf it-trattament inuman u degradanti;

— tikkoopera bis-sħiħ mar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Bjelorussja sabiex tindirizza t-tħassib serju espress fir-rapport tiegħu ta' April 2013 u, bħala l-ewwel pass, tagħtih permess jidħol fil-pajjiż;

— timmodernizza bis-sħiħ is-sistema penitenzjarja u tintensifika l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, l-ewwel nett billi tiffirma l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Prevenzjoni tat-Tortura u Trattament jew Pieni Inumani jew Degradanti, tagħti lill-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura aċċess regolari għall-postijiet ta' detenzjoni, b'mod partikolari dawk tal-priġunieri politiċi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; tippermetti li r-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali rilevanti oħra, id-diplomati, il-gruppi tas-soċjetà ċivili, kif ukoll il-membri tal-familji tal-priġunieri politiċi jkollhom aċċess għall-ħabsijiet Bjelorussi

— tistabbilixxi istituzzjoni nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem indipendenti u kompletament funzjonanti li tista' tieħu l-forma ta' ombudsman;

— tiggarantixxi opportunitajiet indaqs u drittijiet indaqs għall-minoranzi nazzjonali kollha, kif ukoll l-inklużjoni tagħhom u n-nondiskriminazzjoni fil-konfront tagħhom, u tiżgura n-normalizzazzjoni tas-sitwazzjoni tal-Unjoni tal-Pollakki fil-Bjelorussja; ittemm il-marġinalizzazzjoni tal-minoranza Roma, tagħmel progress fir-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet reliġjużi, kif ukoll fin-nondiskriminazzjoni fil-konfront taċ-ċittadini leżbjani, gay, bisesswali u transġeneru;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

r. li għandhom jieħdu dawn l-azzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-libertà effettiva tal-midja u l-aċċess għaliha: iħeġġu lill-Bjelorussja tneħħi r-restrizzjonijiet ta' akkreditament għall-ġurnalisti u r-restrizzjonijiet fuq l-użu tal-televiżjoni satellitari, jintensifikaw l-assistenza finanzjarja u teknnika tal-UE għal kull tip ta' midja indipendenti (kemm fil-pajjiż, kif ukoll barra) b'mod li jiġu żgurati l-funzjonament sostenibbli tagħhom u l-aċċess potenzjalment aktar estensiv għalihom; jipprovdu assistenza mmirata lejn it-tlestija tal-applikazzjoni tal-programmi ta' għajnuna Ewropej, l-iżvilupp ta' proġetti konġunti u ta' konsorzji mal-aġenziji tal-istampa internazzjonali u l-midja barranija;

***Rigward il-kooperazzjoni ekonomika u fil-qasam tal-enerġija***

s. li għandhom jipprovaw jistabbilixxu djalogu tekniku bejn l-UE u l-Bjelorussja dwar l-iżviluppi makroekonomiċi u l-kwistjonijiet finanzjarji biex jinkiseb impenn kredibbli mill-Bjelorussja fir-rigward tar-riformi markoekonomiċi u strutturali, inklużi l-privatizzazzjoni tal-impriżi b'sjieda statali, il-liberalizzazzjoni tas-sistema bankarja, l-iżvilupp ta' xibka tas-sikurezza soċjali adegwata, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

t. li għandhom jenfasizzaw ulterjorment li r-riformi msemmijin hawn fuq, dejjem sakemm jitwettqu l-prerekwiżiti politiċi fundamentali, huma vitali għall-iżvilupp ekonomiku tal-Bjelorussja, jiffaċilitaw kieku l-investiment Ewropew u s-self internazzjonali, jistgħu jibagħtu sinjal pożittiv għat-tneħħija tal-ostakli eżistenti għan-negozjati mad-WTO u għaldaqstant kieku jippermettu integrazzjoni ulterjuri fl-ekonomija dinjija;

u. li għandhom joffru assistenza teknika għall-ħolqien ta' ambjent kummerċjali favorevoli bil-ħsieb li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, sigurtà għall-investimenti u opportunitajiet indaqs għall-kumpaniji kollha, u speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

v. li għandhom jinvolvu ruħhom ulterjorment mal-Bjelorussja fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' impjieg, inklużi l-iżvilupp tal-kapital uman u tal-ħiliet b'mod li jikkorrispondu mad-domanda tas-suq tax-xogħol;

w. li għandhom jinkoraġġixxu lill-Bjelorussja timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-libertà ta' assoċjazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-attivitajiet ta' trejdunjins indipendenti; li għandhom iħeġġu lill-Bjelorussja temenda l-leġiżlazzjoni tagħha bil-ħsieb li jkun garanti li l-ħaddiema jkunu jistgħu jitilqu minn xogħolhom liberament u mingħajr l-ebda restrizzjoni kemm fis-settur pubbliku, kif ukoll f'dak privat;

x. li għandhom jistiednu lill-Bjelorussja tinforza l-istandards ta' sikurezza internazzjonali l-aktar stretti u valutazzjoni tal-impatt ambjentali għall-bini u t-tħaddim tal-impjanti kollha tal-enerġija, waqt li tottimizza l-ħila esperta u l-finanzjament mill-istrumenti internazzjonali kollha disponibbli b'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni internazzjonali eżistenti bħall-Konvenzjoni ta' Espoo u l-Konvenzjoni ta' Aarhus u timxi mal-impenn tat-23 ta' Ġunju 2011 li twettaq valutazzjonijiet komprensivi tar-riskji u s-sikurezza (simulazzjonijiet ta' kriżi), waqt li tikkunsidra l-ispeċifikazzjonijiet miftiehma mill-Kummissjoni Ewropea u l-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari;

y. li għandhom jassistu fl-iżvilupp tad-diversifikazzjoni tar-riżorsi enerġetiċi u r-rotot ta' provvista fil-Bjelorussja u jikkondividu l-aħjar prattiċi tal-UE għat-twettiq tal-proġetti internazzjonali u reġjonali dwar "l-ekonomija ekoloġika", b'appoġġ għall-effiċjenza enerġetika u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

z. li għandhom jippromwovu kooperazzjoni reġjonali ulterjuri mal-Bjelorussja, anke permezz tal-inizjattiva settorjali tas-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ, l-enerġija, l-ambjent u t-trasport; li għandhom jinkoraġġixxu l-aħjar prattika ta' forums ekonomiċi bilaterali, waqt li jimmiraw ukoll lejn aktar tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi mhux statali, kif ukoll lejn il-promozzjoni tal-governanza tajba u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika;

aa. li għandhom ikomplu jipprovdu assistenza teknika u tas-saħħa lill-popolazzjoni milquta mid-diżastru nukleari ta' Chernobyl;

ab. li għandhom iħeġġu lill-Bjelorussja tesplora u tiżviluppa s-sorsi ta' enerġija mhux konvenzjonali;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

***Rigward il-ġestjoni tal-fruntieri***

ac. li għandhom isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Bjelorussja rigward il-ġestjoni tal-fruntieri u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali u, b'mod partikolari, għandhom jassistu lill-Bjelorussja tiżviluppa s-sistema ta' tranżitu tagħha, timmodernizza l-proċeduri ta' kontroll fid-dwana u fil-fruntieri u timplimenta kompletament il-kunċett ta' Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri tal-UE;

ad. li għandhom jiżguraw li d-diplomati u l-politiċi tal-UE jkunu jistgħu jidħlu fil-Bjelorussja u jivvjaġġaw madwarha mingħajr restrizzjonijiet;

ae . li għandhom jipprovdu, b'interess reċiproku, taħriġ ulterjuri għall-aġenzija Bjelorussa għall-ġestjoni tal-fruntieri bi qbil mal-acquis ta' Schengen;

af. li għandhom jikkunsidraw li jipprovdu l-assistenza teknika xierqa li għandha tintuża sabiex jiġu introdotti sistemi aġġornati għall-kontroll tal-fruntieri u infrastruttura moderna fuq in-naħa tal-UE;

ag. li għandhom jipprovdu lis-servizzi Bjelorussi rilevanti t-taħriġ adegwat dwar l-aħjar prattiki tal-UE fl-introduzzjoni tal-passaporti bijometriċi;

ah. li għandhom iniedu Sħubija għall-Mobilità UE-Bjelorussja u jinkoraġġixxu lill-Bjelorussja tiżvolġi rwol attiv fil-Panel dwar il-Migrazzjoni u l-Asil tas-Sħubija tal-Lvant;

ai. li għandhom jinkoraġġixxu l-kollaborazzjoni bejn il-Bjelorussja u l-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) u l-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni tat-Tfal (UNICEF) sabiex jingħata sostenn għall-programmi intenzjonali biex jiġġieldu kontra t-traffikar ta' bnedmin;

***Rigward is-soċjetà ċivili u l-kuntatti bejn persuna u oħra***

aj. li għandhom iżidu s-sehem tal-proġetti li joffru aktar benefiċċji u viżibilità għall-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni, żieda li kieku tkattar il-fehim tal-valuri, tal-istandards u tal-politiki tal-UE min-naħa taċ-ċittadini, u għandhom jisħqu fuq il-vantaġġi tal-mudell u l-ħila esperta tagħha; li għandhom jippromwovu, f'dan ir-rigward, l-opportunità offruta mill-Forum tas-Soċjetà Ċivili, b'mod partikolari fid-dawl tal-laqgħa li jmiss tiegħu f'Chisinau f'Ottubru ta' din is-sena;

ak. li għandhom jopponu b'mod sistematiku u mingħajr kompromessi kwalunkwe diżinformazzjoni u informazzjoni qarrieqa mill-awtoritajiet Bjelorussi dwar il-politiki u l-proġetti tal-UE billi joħorġu u jxerrdu l-informazzjoni meħtieġa kollha (data, ċifri, leġiżlazzjoni);

al. li għandhom jintensifikaw l-appoġġ tekniku u finanzjarju, anke permezz tad-Fond Ewropew il-ġdid għad-Demokrazija, għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi indipendenti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u t-trejdunjins ibbażati fil-Bjelorussja, jew dawk fl-Istati Membri li għandhom impatt kruċjali fil-Bjelorussja; li għandhom jinvolvu b'mod iżjed attiv lis-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-UE; li għandhom ukoll jimmodernizzaw b'mod sinifikanti l-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni tal-UE b'mod li jiġi żviluppat il-fehim taċ-ċittadini dwar l-approċċ tal-UE għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u l-ħtieġa għal progress soċjali u ekonomiku;

am. li għandhom jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet li jaħdmu biex jippromwovu d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, mhux biss dawk ibbażati fil-Bjelorussja, imma anke dawk ibbażati barra, ġaladarba li l-awtoritajiet Bjelorussi jiċħdu b'mod konsistenti l-possibilità li t-tali organizzazzjonijiet jirreġistraw irwieħhom; li għandhom jirrivedu b'urġenza r-regoli ġodda l-iktar reċenti dwar l-applikazzjoni għall-finanzjament tal-UE taħt l-istrument EIDHR/NSLA, li fil-prattika jeskludi lill-NGOs magħrufin u rrispettati tal-Bjelorussja mill-proċess ta' applikazzjoni;

an. li għandhom jitolbu lill-awtoritajiet tal-Bjelorussja jimplimentaw id-Deċiżjoni A/HRC/WGAD/2012/39 tal-Grupp ta' Ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Detenzjoni Arbitrarja rigward il-każ tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Ales Bialiatski, fejn b'mod partikolari nstab li d-detenzjoni tas-Sur Bialiatski, il-President taċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem 'Viasna' u Viċi President tal-Federazzjoni Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (FIDH), kienet arbitrarja, "billi kienet b'kontravenzjoni tal-Artikolu 20, paragrafu 1, tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR) u l-Artikolu 22 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR)";

ao. li għandhom iħeġġu lill-Bjelorussja testendi stedina permanenti għall-Proċeduri Speċjali kollha tan-NU u tistieden lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem iżur il-pajjiż;

ap. li għandhom jobbligaw lill-awtoritajiet Bjelorussi jneħħu r-responsabbiltà kriminali għal min jirċievi għotjiet barranin u jħallu l-organizzazzjonijiet iżommu l-fondi f'kontijiet bankarji barranin;

aq. li għandhom jikkunsidraw li, b'mod unilaterali, jiffaċilitaw il-ħruġ tal-viżi u jnaqqsu kemm jiswew, minn EUR 60 għal livell affordabbli għaċ-ċittadini Bjelorussi, u għandhom jisfruttaw kompletament il-flessibilitajiet eżistenti li joffri l-Kodiċi dwar il-Viżi, inklużi r-rinunzja jew it-tnaqqis tal-miżati għall-viżi għal żjara qasira, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, biex jiffaċilitaw u jintensifikaw l-interazzjoni bejn in-nies u jgħinu biex jipprevjenu l-iżolament ulterjuri taċ-ċittadini Bjelorussi; li għandhom ukoll jikkunsidraw, b'mod unilaterali, inaqqsu jew jirrinunzjaw għall-miżati għall-viżi għal żjara twila bl-objettiv fit-tul li tiġi stabbilita sistema mingħajr il-ħtieġa ta' viżi;

ar. li għandhom jistiednu lill-awtoritajiet Bjelorussi jifthu n-negozjati mal-UE rigward il-faċilitazzjoni tal-viżi u l-ftehimiet ta' riammissjoni bil-prospettiva fit-tul ta' sistema mingħajr il-ħtieġa ta' viżi għall-promozzjoni tal-kuntatti bejn in-nies u għandhom jieħdu miżuri urġenti rigward l-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar it-traffiku konfinali lokali mal-Polonja u l-Litwanja;

as. li għandhom jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn il-bliet u l-muniċipalitajiet fl-UE u l-Bjelorussja bl-użu ta' eżempji ta' prattika tajba ta' ċertu pajjiżi tal-UE, b'mod speċjali l-Polonja, il-Litwanja u l-Latvja;

at. li għandhom ifittxu li jipprovdu aktar opportunitajiet ta' edukazzjoni u riċerka fl-UE għall-Bjelorussi fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, informali u adulta; li għandhom iniedu u jappoġġaw programm li joffri perjodi ta' prattika għall-professjonisti żgħażagħ Bjelorussi fl-istituzzjonijiet tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra; li għandhom jipprovdu appoġġ ulterjuri għall-Università Ewropea għall-Istudji Umanistiċi, kif ukoll jiżviluppaw u jappoġġaw il-programmi edukattivi u vokazzjonali fil-Bjelorussja li għandhom jiggarantixxu finanzjament xieraq u dejjiemi għall-programm Erasmus Mundus għall-istudenti Bjelorussi;

au. li għandhom ifittxu b'mod attiv opportunitajiet biex jinvolvu ruħhom mal-Bjelorussja fi djalogu dwar l-implimentazzjoni ta' riformi profondi fis-sistema tagħha ta' edukazzjoni għolja b'mod li jiġu żviluppati, b'mod partikolari, il-libertà akkademika, l-awtonomija istituzzjonali u l-parteċipazzjoni tal-istudenti bil-għan li eventwalment tingħaqad maż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (il-Proċess ta' Bolonja);

av. jitlob lill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ħoki fuq is-Silġ terġa' tikkunsidra serjament id-deċiżjoni tagħha li tippermetti lill-Bjelorussja tospita l-Kampjonat Dinji tal-Ħoki fuq is-Silġ tal-2014;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ/VP), lis-SEAE, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(Atti preparatorji)

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P7_TA(2013)0336

## Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni taż-żgħar tal-organiżmi tal-baħar ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (COM(2012)0432 – C7-0211/2012 – 2012/0208(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/31)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0432),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0211/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Novembru 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0256/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 11, 15.01.2013, p. 86.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0448.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

## P7_TC1-COD(2012)0208

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 ([2]) jagħti setgħat lill-Kummissjoni sabiex timplimenta xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

(2) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, ċerti setgħat mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 850/98 jeħtieġu jkunu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(3) Sabiex ~~jiġu applikati~~ ċerti dispożizzjonijiet ~~tar-Regolament (KE) Nru 850/98~~ ***ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu aġġornati b'mod effikaċi biex jirriflettu l-progress tekniku u xjentifiku***, is-setgħa biex jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' dan li ġej:

- id-diviżjoni tar-reġjuni f'żoni ġeografiċi;
- ~~l-emendar~~ ***l-emenda*** tar-regoli li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet għall-użu ta' ċerti kumbinazzjonijiet ta' daqsijiet tal-malji;
- l-adozzjoni ta' regoli dettaljati sabiex tinkiseb il-perċentwali ta' speċijiet fil-mira meħuda minn iktar minn bastiment tas-sajd wieħed, sabiex ikun żgurat li dawn il-perċentwali jiġu rrispettati mill-bastimenti kollha involuti fl-operazzjoni tas-sajd;
- l-adozzjoni ta' regoli dwar id-deskrizzjonijiet tekniċi u l-metodu tal-użu ta' mezzi awtorizzati li jistgħu jitwaħħlu max-xibka tas-sajd, u li ma jfixklux jew inaqqsu l-fetħa effettiva tal-malja tax-xibka;
- il-kundizzjonijiet li l-bastimenti li jaqbżu t-tul totali ta' tmien metri għandhom jissodisfaw sabiex jingħatalhom il-permess li jużaw xbieki tat-tkaxkir bit-travu f'ċerti ilmijiet tal-Unjoni;
- miżuri mfassla sabiex jindirizzaw reklutaġġi żgħar jew kbar mhux mistennija ta' ħut li għadu qed jikber, bidliet fil-mudelli ta' migrazzjoni jew kwalunkwe bidla oħra fl-istatus tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut, b'effett immedjat;
- ***atti li jeskludu sajd speċifiku ta' Stat Membru, fis-subżoni VIII, IX u X tal-ICES, mill-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet għall-għeżula, għall-għeżula tat-tħabbil u għall-pariti, b'livell baxx ħafna ta' qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar u ta' rimi.*** **[Em. 1]**

---

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1).

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(4) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha ~~għall-adozzjoni tal-atti ddelegati, inkluż f'livell~~ ***speċjalment fil-livell*** ta' esperti, ***sabiex tinkiseb informazzjoni oġġettiva, rigoruża, kompluta u aġġornata.*** **[Em. 2]**.

(5) Il-Kummissjoni, fil-preparazzjoni u t-tfassil tal-atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(6) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 850/98 għandhom jingħataw setgħat implimentattivi lill-Kummissjoni dwar li ġej:

— ir-regoli tekniċi għall-kejl tad-daqsijiet tal-malji;

— ix-xbieki bil-malji kwadri u l-ħxuna tal-ispag;

— ir-regoli tekniċi relatati mal-manifattura tal-materjali tax-xbieki;

— l-elenkar ta' mezzi li jistgħu jostakolaw jew inkella jnaqqsu l-fetħa effettiva tal-malja f'xibka tas-sajd;

— it-trażmissjoni tal-listi ta' bastimenti li jkun inħarġilhom permess speċjali tas-sajd għall-użu tax-xbieki tat-tkarkir bit-travu;

— ir-regoli tekniċi relatati mal-kejl tas-saħħa tal-magna u d-dimensjonijiet tal-irkaptu;

— l-obbligu tal-Istati Membri biex ikun żgurat li l-livelli tal-isforzi tas-sajd ma jinqabżux f'ċerti żoni tad-Diviżjoni IXa tal-ICES, u

— miżuri temporanji fejn il-konservazzjoni ta stokkijiet ta' organiżmi tal-baħar titlob azzjoni immedjata.

(7) Is-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, minbarra dawk dwar l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-livelli tal-isforzi tas-sajd ma jinqabżux f'ċerti żoni tad-Diviżjoni IXa tal-ICES, għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(8) Ir-Regolment (KE) Nru 850/98 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 850/98 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Ir-reġjuni msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinqasmu f'żoni ġeografiċi, b'mod partikolari fuq il-bażi tad-definizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 48a dwar id-diviżjoni tar-reġjuni ~~f'żoni ġeografiċi~~ għall-iskop li jiġu identifikati żoni ġeografiċi fejn japplikaw miżuri ta' konservazzjoni tekniċi speċifiċi." **[Em. 3]**

(2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 4, jiżdied il-punt li ġej:

"(c) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 48a biex temenda l-Anness X u l-Anness XI, sabiex tiżdied il-protezzjoni tal-ħut li għadu qed jikber fil-kuntest tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut."

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(b) Fil-paragrafu 5, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 48a dwar il-metodu ta' kalkolu tal-perċentwali tal-ispeċijiet fil-mira u ta' speċijiet oħrajn li jinżammu abbord, meta dawn jinqabdu b'xibka jew bi xbieki rmunkati simultanjament minn iktar minn bastiment tas-sajd wieħed, u l-metodu ta' verifika biex ikun żgurat li kwalunkwe bastiment tas-sajd involut fl-operazzjoni tas-sajd konġunta li jżomm il-ħut abbord ikun konformi mal-perċentwali tal-ispeċijiet kif stabbiliti fl-Annessi I sa V."

(c) Il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Ir-regoli tekniċi għall-kejl tad-daqsijiet tal-malji, inkluż għal skopijiet ta' kontroll, għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2)."

(3) Fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. Ir-regoli tekniċi għall-kejl tax-xbieki b'malji kwadri, inkluż għal skopijiet ta' kontroll, għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2)."

(4) Fl-Artikolu 8, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Ir-regoli tekniċi dwar il-kejl tal-ħxuna tal-ispag u l-manifattura tal-materjal tax-xbieki, inkluż għal skopijiet ta' kontroll, għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2)."

(5) L-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 16

1. Ma għandu jintuża l-ebda mezz li permezz tiegħu l-malja fi kwalunkwe parti tax-xibka tas-sajd tiġi ostakolata jew inkella titnaqqas b'mod effettiv.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jeskludi l-użu ta' ċerti mezzi li jistgħu jostakolaw jew b'xi mod ieħor effettivament inaqqsu l-malja fi kwalunkwe parti tax-xibka tas-sajd iżda li jistgħu jservu biex jipproteġu jew isaħħu x-xibka. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 48a dwar id-deskrizzjonijiet tekniċi u l-metodu tal-użu u tat-twaħħil ta' dawn il-mezzi.

3. Għandha tiġi ddeterminata lista eżawrjenti ta' mezzi li jikkonformaw mad-deskrizzjonijiet tekniċi stabbiliti skont il-paragrafu 2, u li jistgħu jitwaħħlu max-xibka tas-sajd, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2)."

(6) L-Artikolu 29 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 48a dwar kundizzjonijiet dettaljati għall-applikazzjoni tal-kriterji stipulati fil-paragrafu 2 li l-bastimenti li jaqbżu t-tul totali ta' tmien metri għandhom jissodisfaw sabiex jingħatalhom il-permess li jużaw xbieki tat-tkaxkir bit-travu fiż-żoni stipulati fil-paragrafu 1."

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rekwiżiti operazzjonali għat-trasmissjoni tal-listi biex ikunu pprovduti lill-Kummissjoni mill-Istati Membri kif imsemmi fil-paragrafu 2(c), l-ewwel inċiż, permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2)."

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(7) Fl-Artikolu 29b, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri tagħhom biex jissodisfaw l-obbligu stabbilit fil-paragrafu 5. Jekk il-Kummissjoni ssib li l-miżuri tal-Istat Membru ma jissodisfawx dak l-obbligu, hi tista' tipproponi emendi għal dawk il-miżuri. Fejn ma jintlaħaq ebda ftehim dwar l-miżuri meħtieġa bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi miżuri bħal dawn permezz ta' atti ta' implimentazzjoni."

(8) Fl-Artikolu 34, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Ir-regoli tekniċi għall-kejl tas-saħħa tal-magna u d-dimensjonijiet tal-irkaptu għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2)."

***(8a) Fl-Artikolu 34b, il-paragrafu 11 jinbidel b'dan li ġej:***

***"11. Wara konsultazzjoni mal-STECF, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati li jeskludu sajd speċifiku ta' Stat Membru, fis-subżoni VIII, IX, X tal-ICES, mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 9, meta l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri turi li dak is-sajd jirriżulta f'livell baxx ħafna ta' qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar u ta' rimi.*"** **[Em. 4]**

(9) L-Artikolu 45 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 45

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tistabbilixxi, permezz ta' atti ddelegati adottati skont l-Artikolu 48a, miżuri tekniċi ta' konservazzjoni dwar l-użu ta' rkaptu fiss jew irmunkat jew dwar attivitajiet tas-sajd f'ċerti żoni jew matul ċerti perjodi flimkien mar-Regolament jew b'deroga għalih. Dawk il-miżuri għandhom jitfasslu sabiex jindirizzaw reklutaġġi żgħar jew kbar mhux mistennija ta' ħut li għadu qed jikber, bidliet fil-mudelli ta' migrazzjoni jew kwalunkwe bidla oħra fl-istatus tal-konservazzjoni tal-istokkijiet ~~tal-ħut~~ ***ta' organiżmi tal-baħar***, b'effett immedjat. **[Em. 5]**

2. Fejn il-konservazzjoni tal-istokkijiet ta' organiżmi tal-baħar titlob azzjoni immedjata, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi dwar miżuri temporanji permezz ta' atti ta' implimentazzjoni biex tirrimedja s-sitwazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(3).

3. Fejn il-konservazzjoni ta' ċerti speċijiet jew inħawi ta' sajd tkun mhedda serjament, u fejn kull dewmien ikun se jirriżulta fi ħsara li tkun diffiċli li tissewwa, Stat Membru jista' jieħu miżuri xierqa ta' konservazzjoni mhux diskriminatorji f'dak li għandu x'jaqsam mal-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

4. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 3, flimkien ma' memorandum ta' spjegazzjoni, għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra malli jiġu adottati.

Fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mill-wasla ta' komunikazzjoni bħal din, il-Kummissjoni għandha tikkonferma l-adegwatezza u n-natura mhux diskriminatorja ta' tali miżuri, jew titlob il-kanċellazzjoni jew l-emendar tagħhom permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tkun notifikata immedjatament lill-Istati Membri."

(10) Fl-Artikolu 46, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, jew fuq talba minn xi Stat Membru, il-kwistjoni jekk miżura teknika nazzjonali applikata minn Stat Membru tkunx konformi mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tkun is-suġġett ta' deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2). Jekk tittieħed tali deċiżjoni, għandhom japplikaw it-tielet u r-raba' sottoparagrafi tal-paragrafu 2."

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(11) L-Artikolu 48 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 48

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għas-sajd u l-akkwakultura stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu."

(*) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal- eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)."

(12) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 48a

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. ~~Id-delega tas-setgħat hija~~***Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati*** msemmija ~~fl-Artikoli 2(3), 4(4)c, 4(5)b, 16(2), 29(6) u 45(1), u~~ ***fl-Artikolu 2(3)(c)***, ***fil-punt (c) tal-Artikolu 4(4)***, ***fil-punt (b) tal-Artikolu 4(5)***, ***fl-Artikolu 16(2)***, ***fl-Artikolu 29(6), fl-Artikolu 29d(7), fl-Artikolu 34b(11) u fl-Artikolu 45(1)*** għandha tingħata ***lill-Kummissjoni*** għal perjodu ta' ~~żmien indeterminat.~~***tliet snin mill-…*** (*) . ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** **[Em. 6]**

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija ~~fl-Artikoli 2(3), 4(4)c, 4(5)b, 16(2), 29(6)~~ ***fl-Artikolu 2(3)***, ***fil-punt (c) tal-Artikolu 4(4)***, ***fil-punt (b) tal-Artikolu 4(5)***, ***fl-Artikolu 16(2)***, ***fl-Artikolu 29(6), fl-Artikolu 29d(7), fl-Artikolu 34b(11)*** u ***fl-Artikolu 45(1)*** ~~45(1)~~ tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ. **[Em. 7]**

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont ~~l-Artikoli 2(3), 4(4)c, 4(5)b, 16(2), 29(6) u 45(1)~~ ***l-Artikolu 2(3)***, ***il-punt (c) tal-Artikolu 4(4)c***, ***il-punt (b) tal-Artikolu 4(5)***, ***l-Artikolu 16(2)***, ***l-Artikolu 29(6), l-Artikolu 29d(7), l-Artikolu 34b (11) jew l-Artikolu 45(1)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni għalih mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn meta dak l-att jiġi nnotifikat lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(*) ***Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**[Em. 8]**

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il–Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

P7_TA(2013)0337

## L-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati (COM(2011)0127 – C7-0094/2011 – 2011/0060(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2016/C 093/32)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0127),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0094/2011),

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, mis-Senat Taljan, mis-Sejm Pollakk, mis-Senat Pollakk, u mis-Senat Rumen, li tasserixxi li l-abbozzi tal-atti leġiżlattivi ma jimxux mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-31 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0254/2013),

1. japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. jistieden lill-Kunsill jinnotifika lill-Parlament jekk ikun beħsiebu jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsulta lill-Parlament jekk beħsiebu jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(8)* ***Il-karatteristiċi speċifiċi rispettivi taż-żewġ tipi ta' unjoni – iż-żwieġ u s-sħubija reġistrata – u d-differenzi li jirriżultaw fil-prinċipji li huma applikabbli għalihom, huma fil-bażi tas-separazzjoni f'żewġ strumenti distinti tad-dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jirregolaw l-aspetti patrimonjali taż-żwiġijiet u dawk iddedikati għall-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet irreġistrati, li għalihom japplika dan ir-Regolament.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(8a)* ***Rikonoxximent fi Stat Membru ta' deċiżjoni marbuta mal-konsegwenzi patrimonjali ta' sħubija reġistrata għandha bħala l-uniku skop tagħha li tippermetti l-eżekuzzjoni tal-konsegwenzi patrimonjali stabbiliti f'dik id-deċiżjoni. Ma jimplikax rikonoxximent minn dak l-Istat Membru tas-sħubija li fuqha jissejsu l-konsegwenzi patrimonjali li jwasslu għal dik id-deċiżjoni. L-Istati Membri fejn ma tkun teżisti l-istituzzjoni ta' sħubija reġistrata ma humiex obbligati minn dan ir-Regolament joħolqu istituzzjoni bħal din.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Dan ir-Regolament jirrigwarda l-kwistjonijiet marbuta mal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. Il-kunċett ta' "sħubija reġistrata" huwa biss definit għall-finijiet tar-Regolament. Il-kontenut speċifiku ta' dan il-kunċett huwa definit mid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri. | (10) Dan ir-Regolament jirrigwarda l-kwistjonijiet marbuta mal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. Il-kunċett ta' "sħubija reġistrata" huwa biss definit għall-finijiet tar-Regolament. ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, sħubija reġistrata hija forma ta' unjoni għajr iż-żwieġ.*** Il-kontenut speċifiku ta' dan il-kunċett ***ta' sħubija reġistrata*** huwa definit mid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(11a)* ***Dan ir-Regolament ma għandux, iżda, japplika għal oqsma tad-dritt ċivili li jikkonċernaw materji oħrajn li ma jkunux ir-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata. Għal raġunijiet ta' ċarezza, għalhekk, għandhom jiġu espliċitament esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament għadd ta' mistoqsijiet li jistgħu jidhru bħala marbutin ma' materji ta' dak ir-reġim.*** |

*(Jaqbel mal-Premessa 11 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 3 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) ***Minħabba li l-obbligi*** ta' manteniment bejn is-sħab reġistrati huma previsti mir-Regolament (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, dawn ***għandhom*** għaldaqstant jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-istess bħall-kwistjonijiet ***li jirrigwardaw il-validità u l-effetti tad-donazzjonijiet,*** li huma koperti mir-Regolament (KE) Nru ***593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali***. | (12) ***L-obbligi*** ta' manteniment bejn is-sħab reġistrati***, li*** huma previsti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, ***għandhom*** jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-istess bħall-kwistjonijiet ***ta' suċċessjoni*** li huma koperti mir-Regolament (UE) Nru ***650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta'deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-eżekuzzjoni ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni*** [1]***.*** <br><br>[1] ***ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107.*** |

*(Jaqbel ma' AM 4 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) ***Issues relating to the nature*** of rights in rem ***that may exist under*** the national law of Member States***, and those linked to the disclosure of such rights, should also be excluded from the scope of this Regulation, as they are in Regulation (EU) No … [of the European Parliament and of the Council on jurisdiction, applicable law, recognition and enforcement of decisions and authentic instruments in matters of succession and the creation of a European Certificate of Succession]. B'hekk, il-qrati tal-Istat Membru li fih tkun tinstab proprjetà ta' wieħed mis-sħab jew tat-tnejn li huma, jistgħu jieħdu miżuri li jagħmlu parti mid-dritt in rem u li jirrigwardaw, b'mod partikolari, ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment ta' din il-proprjetà fir-reġistru pubbliku, meta dan ikun previst mil-liġi ta' dan l-Istat Membru.*** | (13) ***Dan ir-Regolament – bħar-Regolament (UE) Nru 650/2012 – ma għandux jolqot il-għadd limitat ("numerus clausus") ta' jeddijiet in rem magħrufin fid-dritt nazzjonali ta' xi Stati Membri.*** Stat Membru ma għandux jintalab jirrikonoxxi dritt in rem relatat ma' proprjetà li tinsab f'dak l-Istat Membru jekk id-dritt in rem ikkonċernat ma jkunx magħruf fil-liġi tiegħu. |

*(Jaqbel ma' AM 5 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) B'danakollu, biex il-benefiċjarji jitħallew igawdu fi Stat Membru ieħor il-jeddijiet li jkunu nħolqu jew ġew trasferiti lilhom mil-likwidazzjoni ta' reġim patrimonjali ta' sħubija reġistrata, dan ir-Regolament għandu jiddisponi dwar l-adattament ta' jedd in rem skonoxxut għall-eqreb jedd in rem ekwivalenti fid-dritt ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Fil-kuntest ta' tali adattament għandu jittieħed kont tal-għanijiet u l-interessi mwettqin bid-dritt in rem speċifiku u l-effetti marbutin miegħu. Għall-finijiet li jiġi ddeterminat l-eqreb dritt in rem nazzjonali ekwivalenti, jistgħu jiġu kkuntattjati l-awtoritajiet jew il-persuni kompetenti tal-Istat li l-liġi tiegħu tkun applikata għall-effett patrimonjali tas-sħubija reġistrata, biex tinkiseb aktar informazzjoni dwar in-natura u l-effetti tad-dritt. Għal dak il-fini, jistgħu jintużaw in-netwerks eżistenti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali kif ukoll kwalunkwe mezz ieħor disponibbli li jiffaċilita l-fehim tad-dritt barrani.*** |

*(Jaqbel mal-premessa 16 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 6 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(13b)* ***Ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni f'reġistru ta' dritt fi proprjetà immobbli jew mobbli għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, għandha tkun il-liġi tal-Istat Membru li fih jiġi ġestit ir-reġistru (għal proprjetà immobbli, il-lex rei sitae) li tiddetermina taħt liema kundizzjonijiet legali u kif għandha ssir ir-reġistrazzjoni u liema awtoritajiet, bħal reġistri tal-artijiet jew in-nutara, huma responsabbli li jivverifikaw li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha u li d-dokumentazzjoni ppreżentata jew stabbilita tkun biżżejjed jew li jkun fiha l-informazzjoni neċessarja.*** |

*(Jaqbel parzjalment mal-premessa 18 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 7 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(13c)* ***L-effetti tar-reġistrar ta' dritt f'reġistru għandhom wkoll jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk għandha tkun il-liġi tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru li tiddetermina jekk fil-fatt ir-reġistrar huwiex, pereżempju, dikjaratorju jew kostituttiv. B'hekk, fejn bħala eżempju, l-akkwist ta' dritt reali jeħtieġ li jiġi rreġistrat f'reġistru skont id-dritt tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru sabiex jiġi żgurat l-effett erga omnes tar-reġistri jew biex jiġu protetti t-tranżazzjonijiet legali, il-mument ta' tali akkwist għandu jiġi rregolat mid-dritt ta' dak l-Istat Membru.*** |

*(Jaqbel mal-premessa 19 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 8 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(13d)* ***Bħar-Regolament (UE) Nru 650/2012, dan ir-Regolament għandu josserva s-sistemi differenti ta' trattament ta' kwestjoni ta' reġim patrimonjali applikati fl-Istati Membri. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament it-terminu "qorti" għandu għalhekk jingħata tifsira wiesgħa sabiex ikopri mhux biss il-qrati fil-veru sens tal-kelma, li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji, iżda wkoll in-nutara jew l-uffiċċji tar-reġistru f'xi Stati Membri li, f'ċerti materji ta' reġimi patrimonjali, jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji bħal qrati, u n-nutara u l-professjonisti legali li, f'xi Stati Membri, jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji f'reġim patrimonjali speċifiku permezz tad-delega tas-setgħa minn qorti. Il-qrati kollha skont dan ir-Regolament għandhom ikunu marbutin bir-regoli tal-ġuriżdizzjoni msemmijin f'dan ir-Regolament. Bil-kontra, it-terminu "qorti" ma għandux ikopri l-awtoritajiet mhux ġudizzjarji ta' Stat Membru bis-setgħa skont id-dritt nazzjonali li jittrattaw kwistjonijiet ta' reġimi patrimonjali, bħan-nutara fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fejn, bħal ma s-soltu jkun il-każ, ma jkunux qed jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji.*** |

*(Jaqbel mal-premessa 20 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 10 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Bl-istess mod, dan ir-Regolament għandu jippermetti li l-ġuriżdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru li jkunu qed jisimgħu talba ta' xoljiment jew annullament ta' sħubija reġistrata, tiġi estiża għall-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-aspetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata li jirriżultaw minn din it-talba, jekk ***is-sħab jaqblu***. | (15) Bl-istess mod, dan ir-Regolament għandu jippermetti li l-ġuriżdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru li jkunu qed jisimgħu talba ta' xoljiment jew annullament ta' sħubija reġistrata, tiġi estiża għall-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-aspetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata li jirriżultaw minn din it-talba, meta ***l-ġuriżdizzjoni tal-qrati kkonċernati tkun rikonoxxuta espressament jew impliċitament mis-sħab***. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(15a)* ***Fir-rigward ta' kwistjonijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu max-xoljiment jew l-annullament ta' sħubija jew mal-mewt ta' wieħed mis-sħab, is-sħab jistgħu jiddeċiedu li jressqu l-mistoqsijiet marbutin mar-reġim patrimonjali lill-qrati tal-Istat Membru li d-dritt jkunu għażlu bħala d-dritt applikabbli għar-reġim patrimonjali tagħhom. Dan ikun jirrikjedi akkordju bejn is-sħab, li jista' jiġi konkluż mhux aktar tard minn meta l-kwestjoni titqiegħed quddiem il-qorti u sussegwentement skont id-dispożizzjonijiet tal-lex fori.*** |

*(Jaqbel ma' AM 12 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (16) ***Fis-sitwazzjonijiet l-oħrajn, dan*** ir-Regolament għandu jippermetti li l-qrati ta' Stat Membru jżommu l-ġuriżdizzjoni territorjali tagħhom biex jisimgħu talbiet li jirrigwardaw l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati skont ***lista*** ta' kriterji ta' konnessjoni f'ordni ta' preċedenza li jiżguraw li jkun hemm rabta mill-qrib bejn is-sħab u l-Istat Membru tal-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni. Dawn il-qrati, bl-eċċezzjoni ta' dawk tal-Istat Membru fejn is-sħubija tkun ġiet reġistrata, ***għandhom il-possibbiltà*** li jirrifjutaw il-ġuriżdizzjoni jekk il-liġi nazzjonali tagħhom ma tkunx tipprovdi għas-sħubija reġistrata. ***Fl-aħħarnett, fil-każ li l-ebda qorti ma jkollha l-ġuriżdizzjoni biex tisma' l-kwistjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament, ġiet inkluża regola ta' ġuriżdizzjoni sussidjarja, sabiex jiġi evitat kull riskju li tinċaħad il-ġustizzja.*** | (16) Dan ir-Regolament għandu jippermetti li l-qrati ta' Stat Membru jżommu l-ġuriżdizzjoni territorjali tagħhom biex jisimgħu talbiet li jirrigwardaw l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati li għandhom ikunu determinati f'każijiet li ma jkunux ta' separazzjoni tas-sħab jew il-mewt ta' wieħed mis-sħab skont ***ġabra*** ta' kriterji ta' konnessjoni f'ordni ta' preċedenza li jiżguraw li jkun hemm rabta mill-qrib bejn is-sħab u l-Istat Membru tal-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni. Dawn il-qrati, bl-eċċezzjoni ta' dawk tal-Istat Membru fejn is-sħubija tkun ġiet reġistrata, ***għandha tingħatalhom l-opportunità*** li jirrifjutaw il-ġuriżdizzjoni jekk il-liġi nazzjonali tagħhom ma tkunx tipprovdi għas-sħubija reġistrata. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | *(16a)* ***Sabiex ikun hemm rimedju, partikolarment għal sitwazzjonijiet ta' ċaħda ta' ġustizzja, dan ir-Regolament għandu jipprevedi forum necessitatis li jippermetti qorti ta' Stat Membru, f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, li tieħu deċiżjonijiet dwar reġim patrimonjali li jkun konness mill-qrib ma' Stat terz. Tali bażi eċċezzjonali tista' titqies li teżisti meta l-proċedimenti jkunu impossibbli fl-Istat terz ikkonċernat, pereżempju minħabba fi gwerra ċivili, jew meta ma jistax ikun raġonevolment mistenni li benefiċjarju jibda jew imexxi proċedimenti f'dak l-Istat. Madankollu, il-ġuriżdizzjoni bbażata fuq il-forum necessitatis għandha tiġi eżerċitata biss jekk il-kawża ta' reġim patrimonjali tkun konnessa biżżejjed mal-Istat Membru tal-qorti invokata.*** |

*(Jaqbel mal-premessa 31 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 14 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 18**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (18) Sabiex tithaffef il-ġestjoni tal-proprjetà tas-sħab***, il-liġi tal-Istat li fih tkun ġiet irreġistrata s-sħubija se tapplika għall-proprjetà kollha tas-sħab, anki jekk din il-liġi ma tkunx il-liġi ta' Stat Membru***. | (18) Sabiex tithaffef il-ġestjoni tal-proprjetà tas-sħab ***reġistarti, dan ir-Regolament għandu jawtorizzahom jagħżlu d-dritt applikabbli għall-partrimonju tagħhom minn fost is-sistemi legali li jkollhom rabta mill-qrib, irrispettivament min-natura jew is-sitwazzjoni tal-beni, abbażi tar-residenza jew tan-nazzjonalità tagħhom. M'hemm l-ebda raġuni għaliex is-sħubijiet reġistrati għandhom jiġu mċaħħda din l-għażla. Jekk l-imsieħba jagħżlu liġi li ma tkunx tirrikonoxxi sħubija reġistrata, l-għażla tal-liġi "ma tkunx effettiva". F'dak il-każ għandha tinżamm konnessjoni oġġettiva. Minkejja li l-grupp ta' persuni kkonċernat normalment jista' jkun infurmat sew dwar id-drittijiet tiegħu, il-ħtieġa għal protezzjoni legali speċjali għandha tiġi indirizzata billi jiġu speċifikati pariri legali dwar l-effetti tal-għażla. Dan ir-rekwiżit jiġi sodisfatt b'mod partikolari meta l-parir ikun iggarantit b'regoli formali addizzjonali dwar l-għażla tad-dritt, l-aktar dwar in-notarizzazzjoni.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

## Emenda 16

## Proposta għal regolament

## Premessa 18a (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(18a)* ***Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza u ċ-ċarezza ġuridiċi, ir-regolament għandu jinkludi wkoll regola dwar reġistrazzjoni multipla ta' sħubija reġistrata, li għandu jkollha x'taqsam mar-reġistrazzjoni l-aktar reċenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda reġistrazzjonijiet multipli ta' sħubijiet reġistrati.*** |

## Emenda 17

## Proposta għal regolament

## Premessa 18b (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(18b)* ***Fil-każ li ma tkunx saret għażla tal-liġi, sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit taċ-ċertezza legali u prevedibbiltà, u sabiex jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi tal-ħajja tal-imsieħba, ir-Regolament irid jintroduċi regoli ta' dritt internazzjonali privat li jkunu li jippermettu d-determinazzjoni tad-dritt applikabbli għall-proprjetà kollha tas-sħab fuq il-bażi ta' skala ta' fatturi ta' ness. B'hekk ir-residenza abitwali komuni ta' meta tiġi stabbilita sħubija jew l-ewwel residenza abitwali komuni tas-sħab wara li tiġi stabbilita s-sħubija għandha tkun il-fattur tal-konnessjoni saħansitra qabel in-nazzjonalità komuni tas-sħab ta' meta tiġi stabbilita s-sħubija. Jekk ma jkun japplika l-ebda wieħed minn dawk il-kriterji, jew fin-nuqqas ta' residenza abitwali komuni fejn is-sħab ikollhom nazzjonalità doppja komuni meta ssir is-sħubija reġistrata, it-tielet kriterju għandu jkun l-Istat li miegħu s-sħab għandhom l-eqreb rabtiet b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha u billi jkun magħmul ċar li dawk ir-rabtiet jitqiesu bħalma kienu fil-mument li tkun saret is-sħubija. Il-liġijiet definiti b'dawk il-kriterji ma għandhomx ikunu applikata li ma jkunux jirrikonoxxu s-sħubijiet reġistrati. Bħala regola bażi, id-dritt tal-Istat li fih is-sħubija tkun ġiet reġistrata għandu japplika għall-beni tas-sħab.*** |

*(Jaqbel ma' AM 15 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 18c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(18c)* ***Meta tintuża n-nazzjonalità biex jiġi stabbilit id-dritt applikabbli, għandu jitqies il-fatt li xi Stati li għandhom is-sistema ġuridika tagħhom ibbażata fuq il-common law jużaw id-domiċilju u mhux in-nazzjonalità bħala kriterju ta' ness.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 18d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(18d)* ***Biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali tat-tranżazzjonijiet u biex tkun evitata kwalunkwe bidla fil-liġi applikabbli dwar l-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati li tista' ssir mingħajr ma jkunu notifikati s-sħab, l-ebda bidla ma tista' ssir jekk mhux wara talba speċifika tal-partijiet. Din il-bidla deċiża mis-sħab ma jistax ikollha effett retroattiv, sakemm is-sħab ma jkunux stipulaw dan b'mod espliċitu. Ikun x'ikun il-każ, il-bidla ma tkunx tista' tolqot b'mod negattiv id-drittijiet ta' terzi persuni u l-validità tal-atti li jkunu saħħew qabel.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(19a)* ***It-tagħrif kollu neċessarju għandu jkun magħmul disponibbli b'mod sempliċi u b'mezzi xierqa, b'mod partikolari permezz ta' sit tal-Kummissjoni fuq l-internet li jkun multilingwi.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(19b)* ***L-iskambji tal-prattiki tajbin fost dawk li jeżerċitaw il-professjonijiet legali għandhom ikunu inkoraġġiti.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(19c)* ***Il-Kummissjoni għandha ddaħħal għodda ta' informazzjoni u taħriġ għall-persunal rilevanti tal-qrati, għall-avukati fil-prattika billi jitwaqqfu portal interattiv fuq l-internet bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u sistema għall-iskambju tal-għarfien professjonali u l-prattiki.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Minħabba li r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri huwa wieħed mill-għanijiet ta' dan ir-Regolament, dan għandu jipprevedi regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fuq il-bażi ***tar-Regolament (KE) Nru 44/2001*** u adattati, jekk ikun meħtieġ, għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-qasam kopert minn dan ir-Regolament. B'hekk ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li tkun tirrigwarda, parzjalment jew kompletament, l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, ma jkunux jistgħu jiġu miċħuda fi Stat Membru jekk il-liġi nazzjonali tiegħu ma tkunx tirrikonoxxi tali sħubijiet jew tkun tipprevedi effetti patrimonjali differenti. | (23) Minħabba li r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ***dwar kwestjonijiet ta' reġimi patrimonjali li jikkonċernaw is-sħubijiet reġistrati*** mogħtija fl-Istati Membri f'reġim patrimonjali li jikkonċerna sħubijiet reġistrati huwa wieħed mill-għanijiet ta' dan ir-Regolament, dan għandu jipprevedi regoli dwar ir-rikonoxximent, ***l-eżegwibilità*** u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' ***strumenti legali oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili*** u adattati, jekk ikun meħtieġ, għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-qasam kopert minn dan ir-Regolament. B'hekk ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li tkun tirrigwarda, parzjalment jew kompletament, l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, ma jkunux jistgħu jiġu miċħuda fi Stat Membru jekk il-liġi nazzjonali tiegħu ma tkunx tirrikonoxxi tali sħubijiet jew tkun tipprevedi effetti patrimonjali differenti. |

*(Jaqbel ma' AM 19 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Sabiex jitqiesu ***l-modi*** differenti li bihom jiġu ttrattati l-kwistjonijiet dwar l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati fl-Istati Membri, dan ir-Regolament għandu jiżgura r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-atti awtentiċi. ***Għalhekk l-atti awtentiċi ma jistgħux jiġu assimilati ma' deċiżjonijiet tal-qrati f'dak li jirrigwarda r-rikonoxximent tagħhom. Ir-rikonoxximent tal-atti awtentiċi jfisser li dawn igawdu mill-istess valur probatorju fir-rigward tal-kontenut tal-att u mill-istess effetti bħal fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom, kif ukoll minn preżunzjoni ta' validità li tista' taqa' fil-każ ta' kontestazzjoni.*** | (24) Sabiex jitqiesu ***s-sistemi*** differenti li bihom jiġu indirizzati l-kwistjonijiet dwar l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati fl-Istati Membri, dan ir-Regolament għandu jiżgura ***l-aċċettazzjoni*** u ***l-eżegwibilità fl-Istati Membri kollha*** tal-istrumenti pubbliċi ***fil-materji kollha marbutin mar-reġimi patrimonjali li jikkonċernaw is-sħubijiet reġistrati***. |

*(Jaqbel mal-premessa 60 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 20 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) F'termini ta' rikonoxximent, l-eżegwibilità u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, u tal-aċċettazzjoni u l-eżegwibilità ta' atti awtentiċi u l-eżegwibilità ta' riżoluzzjonijiet ġudizzjarji, dan ir-Regolament għandu għalhekk jistabbilixxi regoli fuq il-bażi b'mod partikolari tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.*** |

*(Jaqbel ma' AM 21 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

### Emenda 26
### Proposta għal regolament
### Premessa 25

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) ***Jekk*** il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata trid tirregola r-relazzjonijiet legali bejn wieħed mis-sħab u terza persuna***, jeħtieġ li l-kundizzjonijiet dwar l-effetti ta' din il-liġi fil-konfront ta' din it-terza persuna jkunu regolati mil-liġi tal-Istat Membru fejn tkun tinsab ir-residenza abitwali tas-sieħeb/sieħba jew tat-terza persuna,*** sabiex jitħarsu l-interessi ta' dan tal-aħħar. ***Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tista' għaldaqstant tipprevedi li dan is-sieħeb/sieħba jkun jista' biss jinvoka l-liġi tar-reġim patrimonjali tiegħu kontra din it-terza persuni sakemm il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni jew ta' pubbliċità previsti minn dan l-Istat Membru jkunu ġew rispettati, sakemm it-terza persuna ma tkunx taf jew kellha tkun taf il-liġi applikabbli għall-aspetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata***. | (25) Il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata ***taħt dan ir-Regolament***, kif previst minn dan ir-Regolament, trid tirregola r-relazzjonijiet legali bejn wieħed mis-sħab ***reġistrati*** u terza persuna. ***Madankollu,*** sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-parti terza***, l-ebda wieħed mis-sħab ma għandu jkun jista' jinvoka dik il-liġi jew dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti f'rapport ġuridiku bejn wieħed mis-sħab u terz jekk kemm-il darba s-sieħeb li jkollu r-rapport ġuridiku mat-terz, u t-terz, ikunu abitwalment residenti fl-istess Stat, li ma jkunx l-Istat li d-dritt tiegħu jkun applikabbli għar-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata***. ***Għandhom japplikaw l-eċċezzjonijiet meta t-terz ma jkunx eliġibbli għall-protezzjoni, fi kliem ieħor meta kien konxju, jew imissu kien konxju, mid-dritt applikabbli, jew jekk ir-rekwiżiti applikabbli għar-reġistrazzjoni jew il-pubbliċità fl-Istat jkunu ġew ottemperati.*** |

*(Jaqbel ma' AM 22 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

### Emenda 27
### Proposta għal regolament
### Premessa 26a (ġdida)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni b'rabta mal-ħruġ u l-bidla sussegwenti tal-attestazzjonijiet u l-formoli li għandhom x'jaqsmu mad-dikjarazzjoni tal-eżegwibbiltà ta' deċiżjonijiet ta' tranżazzjonijiet ġudizzjarji u strumenti awtentiċi. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni*** [1]. <br><br>[1] ***ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*** |

*(Jaqbel mal-premessa 78 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 23 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 26b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(26b)*** ***Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu u sussegwentement jemendaw l-attestazzjonijiet u l-formoli previsti f'dan ir-Regolament f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |

*(Jaqbel mal-premessa 79 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 24 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (28) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 7, 9, 17, 21 u 47 rispettivament dwar ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għaż-żwieġ u t-twaqqif ta' familja skont il-liġijiet nazzjonali, id-dritt ta' proprjetà, il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni u d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mill-qrati tal-Istati Membri b'mod li jkun konsistenti ma' dawn id-drittijiet u l-prinċipji. | (28) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, l-Artikoli 7, 9, 17, 21 u 47 dwar, rispettivament, ir-rispett lejn il-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, id-dritt għaż-żwieġ u t-twaqqif ta' familja skont il-liġijiet nazzjonali, il-jedd għall-proprjetà, ***l-ekwità quddiem il-liġi,*** il-projbizzjoni ta' kull tip ta' diskriminazzjoni u d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mill-qrati tal-Istati Membri b'mod li jkun konsistenti ma' dawn id-drittijiet u l-prinċipji. |

*(Jaqbel parzjalment mal-premessa 81 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 25 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(a) il-proprjetà personali tas-sħubija reġistrata,*** | ***imħassar*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-kapaċità ***legali*** tas-sħab, | (b) il-kapaċità ***ġenerali*** tas-sħab, |

*(Jaqbel ma' AM 26 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-eżistenza, il-validità jew ir-rikonoxximent tas-sħubija,*** |

*(Jaqbel ma' AM 27 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) id-donazzjonijiet bejn is-sħab,*** | ***imħassar*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***id-drittijiet ta' suċċessjoni tas-sieħeb/sieħba*** superstiti, | (e) ***kwestjonijiet ta' suċċessjoni li jirrigwardjaw lis-sieħeb*** superstiti, |

*(Jaqbel ma' AM 29 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (f) ***is-soċjetajiet bejn is-sħab,*** | (f) ***kwestjonijiet regolati mid-dritt soċjetarju u korpi oħrajn, korporattivi jew le,*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 1(h) fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 30 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (g) in-natura tad-drittijiet in rem ***li jirrigwardaw proprjetà u l-pubbliċità ta' dawn id-drittijiet.*** | (g) in-natura tad-drittijiet in rem, |

*(Jaqbel mal-Artikolu 1(k) fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 31 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ga) kwalunkwe reġistrazzjoni f'reġistru ta' jeddijiet reali immobbiljari jew mobbiljari, inklużi r-rekwiżiti ġuridiċi għal tali reġistrazzjoni, u l-effetti ta' reġistrazzjoni jew in-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-jeddijiet, u*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 1(l) fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 32 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt gb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(gb) kwestjonijiet ta' intitolament għat-trasferiment jew aġġustament, fil-każ ta' xoljiment ta' sħubija reġistrata, bejn is-sħab jew sħab preċedenti, ta' jeddijiet ta' pensjonijiet tal-irtirar jew tad-diżabilità akkumulati matul is-sħubija reġistrata.*** |

*(Jaqbel ma' AM 33 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "sħubija reġistrata": Sistema li tirregola l-ħajja komuni bejn żewġ persuni***, prevista mil-liġi u li tagħti lok għal reġistrazzjoni minn awtorità pubblika***; | (b) "sħubija reġistrata": "sħubija reġistrata": sistema li tirregola l-unjoni bejn żewġ persuni***, li ġiet stabbilita fil-forma kif previst mil-liġi fl-Istat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata***; |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) "sħubija reġistrata": kwalunkwe ftehim li permezz tiegħu s-sħab jew is-sħab futuri jirregolaw l-effetti patrimonjali tas-sħubija tagħhom;*** |

*(Jaqbel ma' AM 35 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) "Att awtentiku": ***dokument*** imħejji jew irreġistrat uffiċjalment bħala att awtentiku ***fl-Istat*** Membru ***ta' oriġini*** u li l-awtentiċità tiegħu: | (c) "Att awtentiku": ***dokument f'materja li għandha x'taqsam mar-reġim patrimonjali fi sħubija reġistrata*** li jkun tfassal ***formalment*** jew ġie rreġistrat formalment bħala strument awtentiku ***fi Stat*** Membru u li l-awtentiċità tiegħu: |

*(Jaqbel mal-Artikolu 3(l)(i) fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 36 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) "deċiżjoni": kull deċiżjoni mogħtija fil-qasam tar-reġim patrimonjali ta' sħubija reġistrata minn qorti ta' Stat Membru, ikun xi jkun l-isem li jingħatalha, bħal ***sentenza, ġudizzju, ordni jew mandat ta' eżekuzzzjoni, kif ukoll*** id-determinazzjoni tal-ispejjeż tal-kawża mir-reġistratur; | (d) "deċiżjoni": "deċiżjoni": kull deċiżjoni mogħtija fil-qasam tar-reġim patrimonjali ta' sħubija reġistrata minn qorti ta' Stat Membru, ikun xi jkun l-isem li jingħatalha, bħal ***deċiżjoni dwar*** id-determinazzjoni tal-ispejjeż tal-kawża mir-reġistratur; |

*(Jaqbel mal-Artikolu 31(l)(g) fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 37 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) "Stat Membru ta' oriġini": l-Istat Membru li fih***, skont il-każ, tingħata d-deċiżjoni, jiġi konkluż il-kuntratt ta' sħubija, jitħejja l-att*** awtentiku ***jew l-att ta' likwidazzjoni tal-patrimonju komuni jew kull att ieħor li jsir minn awtorità ġudizzjarja jew quddiemha jew li jiġi ddelegat minnha***; | (e) "Stat Membru ta' oriġini": l-Istat Membru li fih ***id-deċiżjoni tkun ingħatat lill-att*** awtentiku ***stabbilit jew ir-riżoluzzjoni ġudizzjarja tkun ġiet approvata jew konkluża***; |

*(Jaqbel mal-Artikolu 3(l)(e) fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 38 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) "Stat Membru ***li ssirlu t-talba***": l-Istat Membru li fih, ***skont il-każ, jintalab ir-rikonoxximent u/jew*** l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni***, tal-kuntratt ta' sħubija, tal-att awtentiku jew l-att ta' likwidazzjoni tal-patrimonju komuni jew kull att ieħor li jsir minn awtorità ġudizzjarja jew quddiemha jew li jiġi ddelegat minnha***; | (f) "L-Istat Membru ***ta' Eżekuzzjoni***": l-Istat Membru li fih ***jitfittxew id-dikjarazzjoni tal-eżegwibbiltà jew*** l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni***, ir-riżoluzzjoni ġudizzjarja jew l-istrument awtentiku***; |

*(Jaqbel mal-Artikolu 3(l)(f) fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 39 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) "qorti": kull awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istati Membri li twettaq funzjoni ta' qorti fil-qasam tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati kif ukoll kull awtorità oħra li ma tkunx ġudizzjarja jew kull persuna li twettaq, b'delega jew b'nomina minn awtorità ġudizzjarja tal-Istati Membri, il-funzjonijiet li jagħmlu parti mill-kompetenzi tal-qrati, kif previsti minn dan ir-Regolament;*** | ***imħassar*** |

*(Jaqbel ma' AM 40 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament it-terminu "qorti" jfisser kull qorti u l-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħrajn kollha bħal dawn b'ġurisdizzjoni f'reġimi patrimonjali li jikkonċernaw sħubijiet reġistrati li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji jew jaġixxu wara li ssir delega ta' setgħa minn xi awtorità ġudizzjarja jew jaġixxu taħt il-kontroll ta' xi awtorità ġudizzjarja dment li dawn l-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħrajn joffru garanziji fir-rigward tal-imparzjalità u d-dritt tal-partijiet kollha li jinstemgħu u dment li d-deċiżjonijiet tagħhom jittieħdu skont id-dritt tal-Istat Membru li fih joperaw:*** |
| | ***(a) jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell jew reviżjoni minn awtorità ġudizzjarja; kif ukoll*** |
| | ***(b) għandhom forza u effett simili għal deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja fl-istess kwistjoni.*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħrajn imsemmija fl-ewwel subparagrafu b'konformità mal-Artikolu 33a.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu - 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu - 3*** |
| | ***Ġurisdizzjoni f'reġimi patrimonjali fl-Istati Membri*** |
| | ***Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-ġurisdizzjoni nazzjonali fl-Istati Membri b'reġimi patrimonjali li jikkonċernaw sħubijiet reġistrati.*** |

*(Jaqbel ma' AM 42 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-qrati ta' Stat Membru li quddiemhom ***titressaq talba dwar is-suċċessjoni*** ta' wieħed mis-sħab skont ir-Regolament (UE) Nru…/… ***[tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni],*** għandhom ukoll ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubija relatati ***mat-talba***. | 1. Il-qrati ta' Stat Membru li quddiemhom ***jitressqu kwestjonijiet ta' suċċessjoni*** ta' wieħed mis-sħab skont ir-Regolament (UE) Nru ***650/2012*** għandhom ukoll ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar l-effetti patrimonjali b'rabta ***mal-każ ta' suċċessjoni***. |

*(Jaqbel ma' AM 43 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ġuriżdizzjoni fil-każ tas-separazzjoni tas-sħab | Ġurisdizzjoni f'każijiet ta' xoljiment jew annullament |
| Il-qrati ta' Stat Membru li quddiemhom titressaq talba ta' xoljiment jew annullament ta' sħubija reġistrata, għandhom ukoll ġuriżdizzjoni***, fil-każ ta' ftehim bejn is-sħab***, biex jiddeċiedu dwar l-effetti patrimonjali marbuta mat-talba. | Il-qrati ta' Stat Membru li quddiemhom titressaq talba ta' xoljiment jew annullament ta' sħubija reġistrata, għandhom ukoll ġuriżdizzjoni, biex jiddeċiedu dwar l-effetti patrimonjali marbuta mat-talba ***jekk il-ġuriżdizzjoni tal-qrati kkonċernati tkun ġiet espressament rikonoxxuta mis-sħab jew b'mod ieħor inekwivoku***. |
| ***Dan il-ftehim jista' jiġi konkluż f'kull ħin, anki matul il-proċedimenti. Meta jiġi konkluż qabel il-proċedimenti, huwa għandu jiġi fformulat bil-miktub, jiġi datat u jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet.*** | |
| Fin-nuqqas ta' ftehim bejn is-sħab, il-ġuriżdizzjoni hija rregolata mill-Artikolu 5. | Fin-nuqqas ***ta' rikonoxximent tal-ġuriżdizzjoni tal-qrati msemmija fil-paragrafu 1***, il-ġuriżdizzjoni hija rregolata skont l-Artikolu 5. |

*(Jaqbel ma' AM 44 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***Ftehim dwar l-għażla tal-qorti*** |
| | ***1. Is-sħab jistgħu jaqblu li l-qrati tal-Istat Membru li d-dritt tiegħu jkunu għażlu b'mod konformi mal-Artikolu 15b bħala d-dritt applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija tagħhom għandu jkollhom ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-reġim patrimonjali. Ġuriżdizzjoni bħal din tkun esklużiva.*** |
| | ***Bla ħsara għat-tielet subparagrafu, ftehim ekstraġudizzjarju jista' jiġi konkluż jew emendat fi kwalunkwe ħin, basta mhux iżjed tard minn meta l-qorti tiġi adita.*** |
| | ***Jekk il-liġi tal-forum tkun hekk tiddisponi, is-sħab jistgħu jagħżlu wkoll il-ġuriżdizzjoni kompetenti wara li l-qorti tkun ġiet adita. F'dan il-każ, l-għażla dwar ir-reġim matrimonjali tiġi reġistrata fil-qorti f'konformità mal-liġi tal-forum tal-forum.*** |
| | ***Meta l-ftehim jiġi konkluż qabel il-proċedura, dan għandu jsir bil-miktub u għandha tinkiteb id-data u jiġi ffirmat mill-imsieħba. Kull komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi li tipprovdi rekord permanenti tal-ftehim għandha tkun ekwivalenti għall-forma bil-miktub.*** |
| | ***2. Is-sħab jistgħu wkoll jaqblu li, jekk ma tkun intgħażlet l-ebda qorti, il-qrati tal-Istat Membru li d-dritt tiegħu jkun applikabbli skont it-termini tal-Artikolu 15 għar-reġim patrimonjali tas-sħubija tagħhom, ikollhom ġuriżdizzjoni.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4b*** |
| | ***Ġurisdizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-konvenut*** |
| | ***1. Barra mill-ġuriżdizzjoni derivanti minn dispożizzjonijiet oħrajn ta' dan ir-Regolament, il-qorti ta' Stat Membru li d-dritt tiegħu jkun intgħażel skont it-termini tal-Artikou - 15b, jew li d-dritt tiegħu jkun applikabbli skont it-termini tal-Artikolu 15, u li quddiemha l-konvenut jkun deher, ikollha l-ġuriżdizzjoni. Din ir-regola ma tapplikax meta d-dehra tkun saret biex tiġi kkontestata l-ġurisdizzjoni, jew meta qorti oħra jkollha ġuriżdizzjoni skont l-Artikolu 3, l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 4a.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2. Qabel ma tassumi l-ġuriżdizzjoni skont il-paragrafu 1, il-qorti tiżgura li l-konvenut jiġi mgħarraf dwar jeddu li jikkontesta l-ġurisdizzjoni u dwar il-konsegwenzi jekk jidher jew jekk ma jidhirx.*** |

*(Jaqbel ma' AM 46 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. ***Minbarra l-każijiet previsti fl-Artikoli*** 3 ***u*** 4, għandhom il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar proċedimenti li jirrigwardaw l-effetti patrimonjali ***ta' sħubija reġistrata*** il-qrati tal-Istat Membru: | 1. ***Jekk l-ebda qorti ma jkollha l-ġuriżdizzjoni abbażi tal-Artikoli*** 3, 4 ***u 4a***, il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar proċedimenti li jirrigwardaw l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata tkun tal-qrati tal-Istat Membru: |
| (a) ***tar-residenza abitwali komuni tas-sħab,*** jew fin-nuqqas ta' dan | (a) ***li fit-territorju tagħhom is-sħab*** i***kollhom ir-residenza abitwali tagħhom meta tiġi adita l-qorti*** jew fin-nuqqas ta' dan |
| (b) ***tal-aħħar residenza abitwali komuni tas-sħab***, jekk wieħed minnhom ikun għadu residenti hemm, jew fin-nuqqas ta' dan | (b) ***li fit-territorju tagħhom is-sħab ikollhom l-aħħar residenza abitwali tagħhom***, jekk wieħed minnhom ikun għadu residenti hemm ***meta tiġi adita l-qorti***, jew fin-nuqqas ta' dan |
| (c) ***tar-residenza abitwali komuni tal-konvenut***, jew fin-nuqqas ta' dan | (c) ***li fit-territorju tagħhom il-konvenut ikollu r-residenza abitwali meta tiġi adita l-qorti***, jew fin-nuqqas ta' dan |
| | ***(ca) li ż-żewġ sħab ikollhom in-nazzjonalità tagħhom meta tiġi adita l-qorti, jew, fil-każ tar-Renju Unit u tal-Irlanda, li fihom ikollhom id-domiċilju komuni tagħhom jew fin-nuqqas ta' dan,*** |
| (d) tar-reġistrazzjoni tas-sħubija. | (d) tar-reġistrazzjoni tas-sħubija. |
| 2. Il-qrati msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) ***u*** (c) jistgħu jirrifjutaw il-ġuriżdizzjoni jekk il-liġi tagħhom ma tkunx tirrikonoxxi l-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata. | 2. Il-qrati msemmija fil-paragrafu 1(a), (b), (c) ***u (ca)*** jistgħu jirrifjutaw il-ġuriżdizzjoni jekk il-liġi tagħhom ma tkunx tirrikonoxxi l-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata |

*(B'referenza għall-Artikolu 5(ca) (ġdid) ara l-emenda għall-Artikolu 6(1)(b)). Jaqbel għal AM 47 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta ma jkun hemm l-ebda qorti li jkollha ġuriżdizzjoni ***bis-saħħa*** tal-Artikoli 3, 4 jew 5 jew il-qorti tkun rrifjutat il-ġuriżdizzjoni, il-qrati ta' Stat Membru għandhom ġuriżdizzjoni safejn: | Meta ma jkun hemm l-ebda qorti ***ta' Stat Membru*** li jkollha ġuriżdizzjoni ***skont it-termini*** tal-Artikoli 3, 4***, 4a*** jew 5 jew il-qorti tkun rrifjutat il-ġuriżdizzjoni, il-qrati ta' Stat Membru għandhom ġuriżdizzjoni safejn il-proprjetà ***immobbli jew il-beni rreġistrati*** ta' wieħed mill-partijiet jew tat-tnejn li huma tkun tinsab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru***; f'dak*** il-każ, il-qorti invokata tintalab tiddeċiedi fuq il-proprjetà ***immobbi*** jew dawn ***il-beni rreġistrati*** biss. |
| *(a)* il-proprjetà ta' wieħed mill-partijiet jew tat-tnejn li huma tkun tinsab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru***; f'liema*** każ il-qorti li jitressqu l-proċedimenti quddiemha għandha tintalab biex tiddeċiedi biss dwar din il-proprjetà, jew | |
| *(b)* ***iż-żewġ sħab ikollhom in-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru jew, fil-każ tar-Renju Unit u tal-Irlanda, ikollhom id-domiċilju komuni tagħhom.*** | ***Il-qrati ta' Stat Membru jkollhom ġuriżdizzjoni biss għad-deċiżjonijiet dwar il-proprjetà immobbli jew il-beni rreġistrati, li jinsabu f'dan l-Istat Membru.*** |

*(Jaqbel ma' AM 48 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni ***bis-saħħa tal-Artikoli*** 3, 4, 5 jew 6, ***jew il-qorti tkun ċaħdet il-ġuriżdizzjoni tagħha,*** il-qrati ta' Stat Membru jistgħu, b'mod ***eċċezzjonali u sakemm il-kawża jkollha konnessjoni biżżejjed ma' dak l-Istat Membru***, jiddeċiedu ***fuq l-effetti*** patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati jekk jirriżulta li l-proċedura ***tkun impossibbli jew*** ma tkunx tista' raġonevolment tiġi ppreżentata jew titmexxa fi Stat terz. | Jekk l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni ***skont it-termini tal-Artikoli*** 3, 4, ***4a,*** 5 u 6, il-qrati ta' Stat Membru jistgħu, ***f'każijiet eċċezzjonali***, jiddeċiedu dwar kawża ***dwar l-aspetti patrimonjali*** tas-sħubijiet reġistrati jekk jirriżulta li l-proċedura ma tkunx tista'***, jew ikun impossibbli li,*** raġonevolment tiġi ppreżentata jew titmexxa fi Stat terz ***li jkollu konnessjoni mill-qrib mal-kawża***. |
| | ***Il-kawża jrid ikollha rabta biżżejjed mal-Istat Membru tal-qorti adita.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 11 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 49 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-qorti li jitressqu proċedimenti quddiemha bis-saħħa tal-Artikoli 3, 4, 5, 6 jew 7 u li jkunu pendenti quddiemha tali proċedimenti għandha wkoll il-ġuriżdizzjoni biex teżamina l-kontrotalba, safejn din tkun taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. | Il-qorti invokata f'konformità mal-Artikoli 3, 4, 4a, 5, 6, jew 7, li quddiemha l-proċeduri jkunu għadhom pendenti, ikollha ġuriżdizzjoni wkoll biex teżamina l-kontrotalba, f'każ li din tal-aħħar tkun tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. |
| | ***Jekk il-qorti tiġi adita skont it-termini tal-Artikolu 6, l-ġuriżdizzjoni tagħha li tiddeċiedi dwar kontrotalba tkun limitata għall-proprjetà immobbli jew il-beni rreġistrati li dwar ikunu l-proċedimenti ewlenin.*** |

*(Jaqbel ma' AM 50 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kawża titqies li tkun tressqet quddiem qorti: | Għall-finijiet ta' dan il-kapitolu kawża titqies li tkun tressqet quddiem qorti |
| (a) fil-mument meta(…) d-dokument li beda l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti jiġi ppreżentat lill-qorti, dment li l-attur(…) ma jonqosx sussegwentement milli jieħu l-passi li (…)kien meħtieġ jieħu biex id-dokument ikun notifikat lill-konvenut***, jew*** | (a) fid-data meta l-att promotur jew dokument ekwivalenti jiġi ppreżentat lill-qorti, sakemm ir-rikorrent ma jkunx sussegwentement naqas milli jieħu l-miżuri li kien meħtieġ jieħu sabiex l-att jiġi notifikat lill-konvenut; |
| (b) jekk l-att għandu jiġi notifikat qabel ma jiġi ppreżentat lill-qorti, fid-data li fiha l-awtorità responsabbli għan-notifika tirċevih, sakemm ir-rikorrent ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-miżuri li kien meħtieġ jieħu sabiex l-att jiġi ppreżentat lill-qorti. | (b) jekk l-att għandu jiġi notifikat qabel ma jiġi ppreżentat lill-qorti, fid-data li fiha l-awtorità responsabbli għan-notifika tirċevih, sakemm ir-rikorrent ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-miżuri li kien meħtieġ jieħu sabiex l-att jiġi ppreżentat lill-qorti, jew |
| | ***(ba)*** jekk il-proċedimenti jinfetħu ex officio, fil-mument meta d-deċiżjoni li jinfetħu l-proċedimenti tittieħed mill-qorti, jew, meta deċiżjoni bħal din ma tkunx meħtieġa, fil-mument meta l-każ jiġi rreġistrat mill-qorti. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 14 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 51 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

## Emenda 57

## Proposta għal regolament

## Artikolu 12 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jitressqu proċeduri li jkunu jinvolvu l-istess suġġett u l-istess kawża u li jkunu ġew ippreżentati bejn is-sħab quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, il-qorti li titressaq quddiemha t-tieni talba għandha tissospendi l-proċedimenti quddiemha ex officio sakemm tiġi determinata l-ġuriżdizzjoni tal-qorti li quddiemha tkun tressqet l-ewwel talba. | 1. Meta jitressqu proċeduri li jkunu jinvolvu l-istess suġġett u bejn is-sħab quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, il-qorti li titressaq quddiemha t-tieni talba għandha tissospendi l-proċedimenti quddiemha ex officio sakemm tiġi determinata l-ġuriżdizzjoni tal-qorti li quddiemha tkun tressqet l-ewwel talba. |

*(Jaqbel ma' AM 52 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

## Emenda 59

## Proposta għal regolament

## Artikolu 13 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta dawn it-talbiet ikunu pendenti quddiem qrati tal-ewwel istanza, il-qorti li titressaq it-tieni talba quddiemha tista' wkoll iċċedi l-ġuriżdizzjoni, fuq it-talba ta' wieħed mis-sħab, sakemm il-qorti li tkun tressqet l-ewwel talba quddiemha jkollha ġuriżdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet kkonċernati u sakemm il-liġi tagħha tkun tippermetti li jingħaqdu. | 2. Meta dawn it-talbiet ikunu pendenti quddiem qrati tal-ewwel istanza, il-qorti li titressaq it-tieni talba quddiemha tista' wkoll iċċedi l-ġuriżdizzjoni, fuq it-talba ta' wieħed mis-sħab, sakemm il-qorti li tkun tressqet l-ewwel talba quddiemha jkollha ġuriżdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet kkonċernati u sakemm il-liġi tagħha tkun tippermetti li jingħaqdu. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 18 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 54 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

## Emenda 60

## Proposta għal regolament

## Artikolu 14

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-qrati ta' Stat Membru jistgħu jintalbu jagħtu dawk il-miżuri proviżorji jew kawtelatorji previsti mil-liġi tal-istess Stat*** Membru minkejja li, bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, ikunu l-qrati ta' Stat Membru ieħor li jkollhom ġuriżdizzjoni fuq il-mertu. | ***Jista' jsir rikors fil-qrati ta'*** Stat Membru ***għal tali provvedimenti provviżorji, inklużi dawk protettivi, li jistgħu jkunu disponibbli skont il-liġi ta' dak l-Istat*** Membru, anke jekk, skont dan ir-Regolament, il-qrati ta' Stat Membru ieħor ikollhom il-ġuriżdizzjoni dwar il-mertu tal-każ. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 19 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 56 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu - 15 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu - 15*** |
| | ***L-unità u l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli*** |
| | ***1. Il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata għandha tapplika għall-assi kollha li huma soġġetti għal dawk il-konsegwenzi, indipendentement minn fejn jinsabu l-assi.*** |
| | ***2. Id-dritt applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet irreġistrati jiddetermina, bla ħsara għall-punti (g) u (ga) tal-Artikolu 1(3), inter alia:*** |
| | ***(a) id-diviżjoni tal-beni tas-sħab f'diversi kategoriji qabel u wara s-sħubija reġistrata;*** |
| | ***(b) it-trasferiment tal-proprjetà minn kategorija għal oħra;*** |
| | ***(c) fejn ikun meħtieġ, ir-responsabbiltà għal dejn tas-sħab l-ieħor,*** |
| | ***(d) il-jeddijiet tas-sħab illi jbiegħu waqt is-sħubija,*** |
| | ***(e) il-likwidazzjoni u x-xoljiment tal-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata u d-diviżjoni tal-beni fil-każ ta' xoljiment tas-sħubija reġistrata;*** |
| | ***(f) l-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata fuq ir-rapport ġuridiku bejn wieħed mis-sħab u partijiet terzi fuq il-bażi tal-Artikolu 31.*** |

*(Jaqbel ma' AM 57 u ma' AM 58 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu - 15 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu - 15a*** |
| | ***Applikazzjoni universali*** |
| | ***Kwalunkwe liġi speċifikata minn dan ir-Regolament għandha tiġi applikata kemm jekk tkun il-liġi ta' Stat Membru kif ukoll jekk ma tkunx.*** |

*(Ara l-emenda għall-Artikolu 16; it-test inbidel. Jaqbel mal-Artikolu 20 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 59 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu - 15 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu - 15b*** |
| | ***Għażla tal-liġi*** |
| | ***1. Is-sħab jew is-sħab futuri jistgħu jaqblu li jinnominaw jew jibdlu l-liġi applikabbli għar-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata tagħhom, bil-kondizzjoni li dik il-liġi tkun tirrikonoxxi l-istitut ta' sħubija reġistrata u torbot l-effetti patrimonjali miegħu, u bil-kondizzjoni li tkun waħda minn dawn li ġejjin:*** |
| | ***(a) il-liġi tal-Istat li fih is-sħab jew is-sħab futuri, jew wieħed minnhom, huwa abitwalment residenti fiż-żmien li ġie konkluż il-ftehim, jew*** |
| | ***(b) il-liġi tal-Istat li fih wieħed mis-sħab jew sħab futuri jkun nazzjonal meta jiġi konkluż il-ftehim, jew*** |
| | ***(c) il-liġi tal-Istat li fih is-sħubija kienet reġistrata.*** |
| | ***2. Jekk il-liġi magħżula ma tkunx tirrikonoxxi l-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata u ma tkunx torbot konsegwenzi patrimonjali mal-istess, id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli ssir skont l-Artikolu 15.*** |
| | ***3. Għażla tal-liġi skont il-paragrafu 1 hija valida biss, jekk is-sħab jew is-sħab futuri jkunu jistgħu jippruvaw, li qabel l-għażla tal-liġi jkunu ngħataw pariri fir-rigward tal-konsegwenzi legali ta' din l-għażla tal-liġi.*** |
| | ***B'hekk, dan ir-rekwiżit jitqies bħala sodisfatt, meta r-rekwiżiti proċedurali nazzjonali addizzjonalment applikabbli jkunu diġà jiżguraw dawn il-pariri.*** |
| | ***4. Sakemm is-sħab ma jaqblux xort' oħra, bidla fil-liġi applikabbli għar-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata tagħhom li ssir matul is-sħubija toħloq biss effetti prospettivi.*** |
| | ***5. Jekk is-sħab jagħżlu li jagħmlu dik il-bidla retroattiva, l-effett retroattiv tagħha ma jolqotx il-validità tat-tranżazzjonijiet preċedenti konklużi skont il-liġi applikabbli sa dakinhar jew il-jeddijiet ta' terzi skont il-liġi applikabbli preċedentement.*** |

*(Jaqbel parzjalment ma' AM 60 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Determinazzjoni tal-liġi*** applikabbli | ***Id-determinazzjoni tal-liġi*** applikabbli ***fin-nuqqas tal-għażla tal-liġi*** |
| ***Il-liġi applikabbli*** għall-effetti patrimonjali tas-sħubija ***hija l-liġi*** tal-Istat ***li fih tkun ġiet irreġistrata***. | ***1. Fin-nuqqas tal-għażla tal-liġi skont l-Artikolu - 15b,*** l-effetti patrimonjali tas-sħubija ***reġistrata huma soġġetti għal-liġi tal-Istat:*** |
| | ***(a) li fih is-sħab fiż-żmien tal-istabbiliment tas-sħubija tagħhom ikollhom ir-residenza abitwali komuni tagħhom jew wara l-istabbiliment tas-sħubija tagħhom jagħżlu bħala l-ewwel residenza abitwali komuni tagħhom, jew inkella*** |
| | ***(b) li fih, fiż-żmien tal-istabbiliment tas-sħubija, iż-żewġ sħab ikollhom in-nazzjonalità tagħhom, jew inkella*** |
| | ***(c) li miegħu konġuntament is-sħab ikollhom l-aktar rabta mill-qrib b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha taż-żmien tal-istabbiliment tas-sħubija jew inkella*** |
| | ***(d) li fih tkun ġiet irreġistrata s-sħubija.*** |
| | ***2. Il-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 ma japplikawx jekk il-liġi applikabbli ma tkunx tirrikonoxxi l-istitut tas-sħubija reġistrata.*** |
| | ***3. il-paragrafu 1(b) ma japplikawx jekk is-sħab ikollhom aktar minn nazzjonalità waħda komuni.*** |

*(Jaqbel parzjalment ma' AM 61et seq. tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 15a*** |
| | ***Reġistrazzjoni multipli*** |
| | ***Jekk ikunu jeżistu sħubijiet reġistrati bejn l-istess persuni fi Stati differenti, is-sħubija li tkun ġiet reġistrata l-aħħar, li tkun tibda mill-jum li fih twaqqfet, hi deċiżiva għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dritt applikabbli skont il-punt (d) tal-Artikolu 15(1).*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 16*** | ***imħassar*** |
| ***In-natura universali tar-regola ta' kunflitt tal-liġijiet*** | |
| ***Il-liġi indikata mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu tapplika anki jekk din il-liġi ma tkunx dik ta' Stat Membru.*** | |

*(Jaqbel ma' AM 68 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 16a*** |
| | ***Rekwiżiti proċedurali għall-għażla tal-liġi*** |
| | ***1. Il-ftehim tal-għażla tad-dritt li hemm riferiment għalih fl-Artikolu - 15b ikun espress bil-miktub, iddatat u iffirmat miż-żewġ sħab. Komunikazzjonijiet elettroniċi li jippermettu reġistrazzjoni permanenti jitqiesu ekwivalenti għall-komunikazzjonijiet bil-miktub.*** |
| | ***2. Dan il-fehim jikkonforma mar-rekwiżiti formali mad-dritt applikabbli għar-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata jew tad-dritt tal-Istat li fih ikun ġie konkluż il-ftehim.*** |
| | ***3. Madankollu, jekk id-dritt tal-Istat li fih iż-żewġ sħab ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fiż-żmien tal-ftehim tagħhom dwar l-għażla tad-dritt, ikun jiddisponi għal rekwiżiti formali addizzjonali għal ftehimiet ta' dak it-tip jew, fin-nuqqas, għal dak il-ftehim ta' sħubija, japplikaw dawk ir-rekwiżiti.*** |
| | ***4. Jekk fiż-żmien tal-konklużjoni tal-ftehim is-sħab ikunu abitwalment residenti fi Stati differenti u d-drittijiet ta' dawk l-Istati jkunu jiddisponu rekwiżiti proċedurali differenti, il-ftehim ikun formalment validu jekk ikun jissodisfa r-rekwiżiti ta' xi wieħed minn dawk id-drittijiet.*** |

*(Jaqbel parzjalment mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012. Ara wkoll AM 65 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 16b*** |
| | ***Rekwiżiti proċedurali għal ftehim ta' sħubija*** |
| | ***L-aspetti formali ta' ftehim ta' sħubija huma rregolati mutatis mutandis mill-Artikolu 16a. Kull rekwiżiti formali addizzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 16a(3) hu, għal finijiet ta' dan l-Artikolu, dak marbut mal-ftehim ta' sħubija.*** |

*(Jaqbel ma' AM 66 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 16c*** |
| | ***Adattament ta' drittijiet in rem*** |
| | ***Meta persuna tinvoka dritt in rem li tkun intitolata għalih skont id-dritt applikabbli għar-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata, u d-dritt tal-Istat Membru fejn dak il-jedd ikun ġie invokat ma jirrikonoxxix il-jedd in rem inkwestjoni, dak il-jedd, jekk hekk ikun neċessarju u safejn ikun possibbli, jiġi adattat għall-eqreb jedd in rem ekwivalenti skont id-dritt ta' dak l-Istat filwaqt li jittieħed kont tal-għanijiet u tal-interessi li jfittex il-jedd in rem speċifiku u l-effetti marbutin miegħu.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 31 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 67 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jippreġudikaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imperattivi li r-rispett tagħhom jitqies li huwa kruċjali minn Stat Membru għas-salvagwardja tal-interessi pubbliċi tiegħu, bħall-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tiegħu, sal-punt li jkun jeħtieġ l-applikazzjoni tagħhom għal kwalunkwe sitwazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-sħubija reġistrata bis-saħħa ta' dan ir-Regolament.*** | ***1. Id-dispożizzjonijiet obbligatorji li jirbħu fuq l-oħrajn kollha huma dispożizzjonijiet manifestament inkompatibbli mal-politika pubblika (ordre public) tal-Istat Membru kkonċernat. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jinterpretaw l-eċċezzjoni tal-politika pubblika b'mod li jkun kontra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tal-istess, li jipprojbixxi l-forom kollha ta' diskriminazzjoni.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. Dan ir-Regolament ma jirrestrinġix l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji tal-liġi tal-forum li jirbħu fuq l-oħrajn kollha, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li jipproteġu l-kompromessi skont it-termini tal-Artikolu 31.*** |

*(Jaqbel ma' AM 69 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi indikata minn dan ir-Regolament tista' titwarrab biss jekk ***din*** l-applikazzjoni tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-forum.. | 1. L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi ***ta' kull Stat*** indikata minn dan ir-Regolament ta' Stat tista' titwarrab biss jekk l-applikazzjoni ***tagħha*** tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-qorti li jitressqu l-proċedimenti quddiemha. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 35 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 70 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta*** dan ir-Regolament ***ikun jeħtieġ*** l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat, ***huwa jfisser l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni*** fis-seħħ f'dak ***il-pajjiż bl-esklużjoni tar-regoli*** tad-dritt internazzjonali privat ***tiegħu***. | ***Fejn*** dan ir-Regolament ***jipprevedi*** l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat, ***dan jirreferi għar-regoli tad-dritt*** fis-seħħ f'dak ***l-Istat għajr għar-regoli*** tad-dritt internazzjonali privat. |

*(Jaqbel ma' AM 71 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Stati ***li jkollhom żewġ sistemi tad-dritt jew aktar*** – kunflitti tal-liġijiet territorjali | Stati ***b'aktar minn ordinament ġuridiku wieħed*** – konflitti tal-liġijiet interlokali |
| | ***1. Fejn id-dritt speċifikat minn dan ir-Regolament ikun dak ta' Stat li jinkludi diversi unitajiet territorjali, fejn kull waħda minnhom ikollha r-regoli tad-dritt proprji tagħha rigward ir-reġimi patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, ir-regoli interni dwar il-konflitt tal-liġijiet ta' dak l-Istat jiddeterminaw l-unità territorjali rilevanti li r-regoli tal-liġi proprji tagħha jiġu japplikaw.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta Stat ikun jinkludi diversi unitajiet territorjali li kollha jkollhom is-sistema tad-dritt proprja tagħhom jew il-ġabra ta' regoli proprja tagħhom li jkunu jirrigwardaw il-kwistjonijiet irregolati minn dan ir-Regolament**:* | ***1a. Fin-nuqqas ta' tali regoli interni dwar il-konflitt tal-liġijiet:*** |
| (a) kull riferiment għal-liġi ta' dan l-Istat ***għandha tiġi interpretata***, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli ***bis-saħħa ta' dan ir-Regolament***, bħala riferiment għal-liġi fis-seħħ fl-unità territorjali ***kkonċernata***; | (a) kull referenza għal-liġi tal-Istat ***li hemm riferiment għalih fil-paragrafu 1*** tiġi interpretata, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli ***abbażi tad-dispożizzjonijiet dwar ir-residenza abitwali tas-sħab***, bħala riferiment għal-liġi tal-unità territorjali ***li fiha s-sħab ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom***; |
| (b) kull riferiment ***għar-residenza abitwali*** f'dan l-Istat ***għandha*** tiġi interpretata bħala ***riferiment għar-residenza abitwali f'unità*** territorjali; | (b) kwalunkwe referenza ***għal-liġi tal-Istat imsemmi fil-paragrafu 1*** tiġi interpretata***, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dritt applikabbli skont id-dispożizzjonijiet li jirreferu għan-nazzjonalità tas-sħab***, bħala ***li tirreferi għal-liġi tal-unità*** territorjali ***li magħha s-sħab għandhom l-eqreb rabta***; |
| (c) kull riferiment ***għan-nazzjonalità għandha tirrigwarda l-unità territorjali stabbilita mil-liġi ta' dan l-Istat jew, fin-nuqqas ta' regoli applikabbli, l-unità*** territorjali ***magħżula mill-partijiet jew, fin-nuqqas ta' għażla, l-unità territorjali li magħha jkollu l-aktar rabtiet mill-qrib wieħed mis-sħab jew ikollhom l-aktar rabtiet mill-qrib is-sħab***. | (c) kull referenza ***għal-liġi tal-Istat imsemmi fil-paragrafu 1 titqies, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli skont kwalunkwe dispożizzjoni oħra li tirreferi għall-fatturi ta' konnessjoni oħrajn, bħala li tirreferi għal-liġi tal-unità*** territorjali ***fejn ikun jinsab il-fattur ta' konnessjoni rilevanti***. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 36 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 72 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 20a*** |
| | ***Stati b'aktar minn ordinament ġuridiku wieħed – dispożizzjonijiet ta' konflitti ta' liġijiet interpersonali*** |
| | ***Fir-rigward ta' Stat li jkollu żewġ sistemi legali jew aktar jew ġabra ta' regoli applikabbli għal gruppi differenti ta' persuni fir-rigward tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati, kwalunkwe referenza għal-liġi ta' dan l-Istat għandha titqies bħala li tirreferi għas-sistema legali jew ġabra ta' regoli determinati mir-regoli fis-seħħ f'dak l-Istat. Fin-nuqqas ta' regoli bħal dawn, għandhom japplikaw is-sistema legali jew il-ġabra ta' regoli li magħhom is-sħab ikollhom l-aktar rabta mill-qrib.*** |

*(Jaqbel ma' AM 73 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 20b*** |
| | ***Meta dan ir-Regolament mhuwiex applikabbli għal konflitti ta' liġijiet interni*** |
| | ***Stat Membru li jkollu diversi unitajiet territorjali, li kull waħda minnhom jkollha l-leġiżlazzjoni proprja tagħha fir-rigward tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati, ma jkunx obbligat li japplika dan ir-Regolament għall-konflitt tal-liġijiet li jkun jirriżulta bejn dawn l-unitajiet territorjali biss.*** |

*(Jaqbel ma' AM 74 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Id-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa xi proċedura speċjali. | 1. Id-deċi ¿jonijiet mogħtija fi Stat Membru għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa xi proċedura speċjali. ***Ir-rikonoxximent ta' dawn id-deċiżjonijiet ma jimplikax madankollu li l-Istati Membri jirrikonoxxu s-sħubijiet reġistrati bħala istituzzjoni ġuridika fil-liġi nazzjonali tagħhom.*** |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-każ ta' kontestazzjoni, kull parti interessata li tinvoka r-rikonoxximent bħala talba prinċipali, tista' titlob li jiġi kkonstatat, skont il-proċedimenti previsti fl-Artikoli ***[38** sa **56]** **tar-Regolament (KE) Nru 44/2001***, li ***d-deċiżjoni*** għandha tiġi rikonoxxuta. | 2. Fil-każ ta' kontestazzjoni, kull parti interessata li tinvoka r-rikonoxximent bħala talba prinċipali, tista' titlob li jiġi kkonstatat, skont il-proċedimenti previsti fl-Artikoli ***27b*** sa ***27o***, li ***dik id-deċiżjoni*** għandha tiġi rikonoxxuta. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 39 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 75 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru li ***ssirlu t-talba***; | (a) ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru li ***fih jintalab ir-rikonoxximent***; |

*(Jaqbel mal-Artikolu 40 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 76 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-att promotur jew att ekwivalenti ma jkunx ġie notifikat lill-konvenut kontumaċi fi żmien biżżejjed u b'tali mod li dan ikun jista' jiddefendi ruħu, sakemm huwa ma jkunx ***ikkontesta d-deċiżjoni*** meta kellu l-possibbiltà li jagħmel dan; | (b) l-att promotur jew att ekwivalenti ma jkunx ġie notifikat lill-konvenut kontumaċi fi żmien biżżejjed u b'tali mod li dan ikun jista' jiddefendi ruħu, sakemm huwa ma jkunx ***appella mid-deċiżjoni*** meta kellu l-possibbiltà li jagħmel dan; |

*(Jaqbel parzjalment mal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tkun inkonċiljabbli ma' deċiżjoni oħra mogħtija bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru ***li ssirlu t-talba***; | (c) ma tkunx kompatibbli ma' deċiżjoni oħra mogħtija ***fi proċediment*** bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru ***li fih ir-rikonoxximent ikun ingħata***; |

*(Jaqbel mal-Artikolu 40 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 78 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tkun inkonċiljabbli ma' deċiżjoni mogħtija preċedentement fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz bejn l-istess partijiet f'tilwima bl-istess suġġett u l-istess kawża, meta d-deċiżjoni li tkun ingħatat qabel tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru ***li ssirlu t-talba***. | (d) ma tkunx kompatibbli ma' deċiżjoni mogħtija preċedentement fi proċediment fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz ***waqt il-proċedimenti*** bejn l-istess partijiet f'tilwima bl-istess suġġett u l-istess kawża, meta d-deċiżjoni li tkun ingħatat qabel tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru ***li fih ir-rikonoxximent qed jiġi mfittex***. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 40 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 79 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-deċiżjoni ***barranija*** ma tista', fl-ebda ċirkustanza, tkun is-suġġett ta' rieżami fil-mertu. | Id-deċiżjoni ***mogħtija fi Stat Membru*** ma tista', fl-ebda ċirkustanza, tiġi riveduta fil-mertu tagħha. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 41 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 80 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-qorti ta' Stat Membru li quddiemha ***titressaq*** talba għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor tista' tissospendi l-proċedimenti quddiemha jekk din id-deċiżjoni tkun ġiet appellata. | Il-qorti ta' Stat Membru li quddiemha ***ssir*** talba għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor tista' tissospendi l-proċedimenti quddiemha jekk din id-deċiżjoni tkun ġiet appellata ***fl-Istat Membru tal-oriġini***. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 42 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 81 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru u li ***huma*** eżegwibbli ***fih*** u t-tranżazzjonijiet ġudizzjarji, ***jiġu eżegwiti fl-Istati Membri l-oħra***, skont l-Artikoli ***[38 sa 56 u 58] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001***. | Id-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru u li ***jkunu*** eżegwibbli ***f'dak l-Istat*** u t-tranżazzjonijiet ġudizzjarji ***jkunu eżegwibbli fi Stat Membru ieħor meta, wara rikors ta' kwalunkwe parti interessata, ikunu ġew iddikjarati eżegwibbli fi Stati Membri oħrajn*** skont l-Artikoli ***27b sa 27o***. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 43 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 82 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 27a*** |
| | ***Determinazzjoni ta' domiċilju*** |
| | ***Sabiex jiġi ddeterminat jekk, għall-finijiet tal-proċedura prevista fl-Artikoli 27b sa 27o, parti hijiex domiċiljata fl-Istat Membru tal-infurzar, il-qorti li jitressqu l-proċedimenti quddiemha għandha tapplika l-liġi interna ta' dak l-Istat Membru.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 44 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 83 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 27b*** |
| | ***Ġuriżdizzjoni tal-qrati lokali*** |
| | ***1. L-applikazzjoni għal dikjarazzjoni tal-eżegwibbiltà għandha tiġi ppreżentata lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni notifikata minn dak l-Istat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 33.*** |
| | ***2. Il-ġuriżdizzjoni lokali għandha tiġi determinata b'referenza għal post tad-domiċilju tal-parti li kontra tagħha tkun qed titfittex l-eżekuzzjoni, jew fil-post tal-infurzar.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 45 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 84 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 27c*** |
| | ***Proċeduri*** |
| | ***1. Il-proċedura ta' applikazzjoni għandha tkun irregolata mil-liġi tal-Istat Membru ta' infurzar.*** |
| | ***2. L-applikant ma għandux ikun meħtieġ li jkollu indirizz postali jew rappreżentant awtorizzat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin:*** |
| | ***(a) kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha;*** |
| | ***(b) l-attestazzjoni maħruġa mill-qorti jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini bl-użu tal-formola stabbilita f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 33c(2), mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 27d.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 46 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 85 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 27d*** |
| | ***Nuqqas ta' preżentazzjoni tal-attestazzjoni*** |
| | ***1. Jekk l-attestazzjoni li hemm riferiment għaliha fil-punt (b) tal-Artikolu 27c(3) ma tiġix ippreżentata, il-qorti jew l-awtorità kompetenti tista' tispeċifika terminu għall-preżentata tagħha jew taċċetta dokument ekwivalenti jew, jekk tikkunsidra li jkollha informazzjoni biżżejjed quddiemha, tgħaddi mingħajrha.*** |
| | ***2. Jekk il-qorti jew awtorità kompetenti tkun hekk tirrikjedi, tiġi ppreżentata traduzzjoni tad-dokumenti. It-traduzzjoni ssir minn persuna kkwalifikata biex tittraduċi f'wieħed mill-Istati Membri.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 47 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 86 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 27e*** |
| | ***Dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà*** |
| | ***Id-deċiżjoni għandha tiġi ddikjarata eżegwibbli immedjatament wara li jitlestew il-formalitajiet fl-Artikolu 27c mingħajr ebda reviżjoni skont l-Artikolu 22. Il-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni m'għandhiex f'dan l-istadju tal-proċedimenti tkun intitolata tipprovdi spjegazzjonijiet dwar l-applikazzjoni.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 48 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 87 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27f (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 27f*** |
| | ***Notifika tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà*** |
| | ***1. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà għandha tinġieb immedjatament għall-attenzjoni tal-applikant skont il-proċedura stabbilita bil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar.*** |
| | ***2. Id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà għandha tiġi notifikata lill-parti li kontriha qed jintalab l-infurzar, akkumpanjata mid-deċiżjoni, jekk din ma tkunx diġà ġiet notifikata lil dik il-parti.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 49 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 88 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 g (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Article 27 g*** |
| | ***Appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà*** |
| | ***1. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà tista' tiġi appellata minn kwalunkwe waħda mill-partijiet.*** |
| | ***2. L-appell għandu jiġi ppreżentat quddiem il-qorti kkomunikata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 33.*** |
| | ***3. L-appell għandu jiġi trattat skont ir-regoli li jirregolaw il-proċedura f'materji kontradittorji.*** |
| | ***4. Jekk il-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni tonqos milli tidher quddiem il-qorti tal-appell fi proċedimenti dwar appell imressaq mir-rikorrent, għandu japplika l-Artikolu 11, anki meta l-parti li kontriha tintalab l-eżeluzzjoni ma tkun domiċiljata fit-territorju ta' ebda Stat Membru.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5. L-appell kontra d-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jiġi ppreżentat fi żmien 30 jum minn dakinhar li jiġi notifikat. Jekk il-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni tkun domiċiljata fi Stat Membru li ma jkunx dak dak li fih tkun ingħatat id-dikjarazzjoni ta' eżegwibilità, it-terminu għall-appell ikun ta' 60 jum u jibda jiddekorri mill-jum tan-notifika, kemm jekk tali notifika tkun saret personalment kemm jekk fir-residenza tagħha. L-ebda proroga ma tista' tingħata minħabba d-distanza.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 50 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 89 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27h (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 27h*** |
| | ***Proċedura biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fl-appell*** |
| | ***Id-deċiżjoni mogħtija fl-appell tista' tiġi kkontestata biss permezz tal-proċedura kkomunikata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 33.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 51 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 90 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27i (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 27i*** |
| | ***Rifjut jew revoka ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà*** |
| | ***Il-qorti li quddiemha jkun ġie ppreżentat appell skont l-Artikolu 27 g jew l-Artikolu 27h għandha tirrifjuta jew tirrevoka dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà unikament għal xi waħda mir-raġunijiet speċifikati fl-Artikolu 22. Hija għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha mingħajr dewmien.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 52 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 91 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27j (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 27j*** |
| | ***Sospensjoni tal-proċedimenti*** |
| | ***Il-qorti ppreżentata b'appell skont l-Artikolu 27 g jew l-Artikolu 27h għandha, mal-applikazzjoni tal-parti li kontriha jintalab l-infurzar, tissospendi l-proċedimenti jekk l-eżegwibbiltà tad-deċiżjoni tiġi sospiża fl-Istat Membru tal-oriġini minħabba appell.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 92 tar-rapport f2011/0059(CNS).)*

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27k (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 27k*** |
| | ***Miżuri proviżorji, inklużi dawk protettivi*** |
| | ***1. Meta deċiżjoni għandha tiġi rikonoxxuta skont din it-Taqsima, xejn ma jimpedixxi lir-rikorrent milli jinqeda bil-provvedimenti provviżorji, inklużi provvedimenti protettivi, skont il-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni mingħajr ma tkun meħtieġa dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà skont it-termini tal-Artikolu 27e.*** |
| | ***2. Id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ġġib magħha bl-applikazzjoni tal-liġi l-poter li wieħed jipproċedi għal kwalunkwe provvediment protettiv.*** |
| | ***3. Matul it-terminu speċifikat għall-appell a tenur tal-Artikolu 27(5) kwantu għad-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà u sakemm ma jkun ġie deċiż kwalunkwe appell bħal dak, l-ebda provvediment ta' eżekuzzjoni ma jista' jittieħed ħlief bi provvedimenti protettivi kontra l-beni tal-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 93 tar-rapport f2011/0059(CNS).)*

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27l (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 27l*** |
| | ***Eżegwibbiltà parzjali*** |
| | ***1. Meta tkun ingħatat deċiżjoni rigward diversi materji u d-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ma tkunx tista' tingħata għalihom kollha, il-qorti jew l-awtorità kompetenti għandha tagħtiha għal waħda minnhom jew aktar.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. Applikant jista' jitlob dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà limitata għal partijiet minn deċiżjoni.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 94 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 m (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 27m*** |
| | ***Għajnuna legali*** |
| | ***Rikorrent li, fl-Istat Membru tal-oriġini, ikun ibbenefika bis-sħiħ jew parzjalment mill-għajnuna legali jew minn eżenzjoni mill-kostijiet jew mill-ispejjeż, ikun intitolat, fi kwalunkwe proċediment għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, li jibbenefika mill-għajnuna legali l-aktar favorevoli jew mill-usa' eżenzjoni mill-kostijiet jew mill-ispejjeż kif ikun hemm dispost fil-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 95 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 n (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 27 n*** |
| | ***Ebda garanzija, bond jew depożitu*** |
| | ***L-ebda garanzija, bond jew depożitu, irrispettivament mid-deskrizzjoni, ma għandhom ikunu meħtieġa minn parti li fi Stat Membru tapplika għal rikonoxximent, id-dikjarazzjoni tal-eżegwibbiltà jew l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor minħabba li tkun ċittadin barrani jew li ma tkunx domiċiljata jew residenti fl-Istat Membru tal-infurzar.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 57 fir-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 96 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 o (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 27o*** |
| | ***Ebda imposta jew tariffa*** |
| | ***Fil-proċedimenti għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, m'għandhom jiġu imposti l-ebda imposta jew tariffa kkalkulati b'referenza għall-valur tal-materja inkwistjoni fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 97 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Rikonoxximent tal-atti awtentiċi | Aċċettazzjoni tal-istrumenti awtentiċi |
| 1. L-atti awtentiċi ***rċevuti*** fi Stat Membru ***għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati*** Membri ***l-oħra ħlief jekk ikun hemm kontestazzjoni dwar il-validità tagħhom skont il-liġi applikabbli u*** bil-kundizzjoni li ***rikonoxximent bħal dan*** ma jkunx kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru ***li ssirlu t-talba***. | 1. L-atti awtentiċi ***stabbiliti*** fi Stat Membru ***jkollu l-istess effetti probatorji fi Stat*** Membru ***ieħor bħal ma jkollhom fl-Istat Membru tal-oriġini jew l-aktar effetti komparabbli***, bil-kondizzjoni li ***dan*** ma jkunx manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku (ordre public) fl-Istat Membru ***kkonċernat***. |
| | ***Il-persuna li tixtieq tagħmel użu minn strument awtentiku fi Stat Membru ieħor tista' titlob lill-awtorità li tistabbilixxi l-istrument awtentiku fl-Istat Membru tal-oriġini biex timla l-formula li għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 33c(2) li tiddeskrivi l-effetti evidenzjarji li l-istrument awtentiku jipproduċi fl-Istat Membru tal-oriġini.*** |
| | ***1a. Kwalunkwe kontestazzjoni marbuta mal-awtentiċità ta' strument awtentiku għandha ssir quddiem il-qrati tal-Istat Membru ta' oriġini u għandha tittieħed deċiżjoni dwarha skont il-liġi ta' dak l-Istat. L-istrument awtentiku kkontestat ma għandu jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru ieħor sakemm il-kontestazzjoni tkun għadha pendenti quddiem il-qorti kompetenti.*** |
| | ***1b. Kwalunkwe impunjazzjoni marbuta mal-atti ġuridiċi jew mar-rapporti ġuridiċi rreġistrati fi strument awtentiku ssir quddiem il-qrati li jkollhom ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament u tiġi deċiża skont id-dritt applikabbli taħt il-Kapitolu III jew skont id-dritt li hemm riferiment għalih fl-Artikolu 32. L-istrument awtentiku li jkun ġie kkontestat ma għandu jipproduċi l-ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru ħlief l-Istat Membru tal-oriġini fir-rigward tal-materja li tkun qed tiġi kkontestata sakemm il-kontestazzjoni tkun għadha pendenti quddiem il-qorti kompetenti.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1c.*** ***Jekk l-eżitu tal-proċedimenti f'qorti ta' Stat Membru jiddependi fuq id-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali relatata mat-tranżazzjonijiet legali jew ir-relazzjonijiet legali rreġistrati fi strument awtentiku fi kwistjonijiet ta' reġim patrimonjali, dik il-qorti għandu jkollha ġuriżdizzjoni fuq dik il-kwistjoni.*** |
| ***2.*** ***Ir-rikonoxximent tal-atti awtentiċi għandu l-effett li jagħti lil dawn l-atti valur probatorju fir-rigward tal-kontenut tagħhom kif ukoll preżunzjoni sempliċi ta' validità.*** | |

*(Jaqbel mal-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 98 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 29 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. ***L-atti awtentiċi mħejjija u*** eżegwibbli fi ***Stat*** Membru għandhom***, fuq rikors, jiġu ddikjarati*** eżegwibbli fi Stat Membru ieħor, skont il-proċedura prevista fl-Artikoli ***[38 sa 57] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001***. | 1. ***Strument awtentiku li jkun*** eżegwibbli ***fl-Istat*** Membru ***tal-oriġini jiġi ddikjarat*** eżegwibbli fi Stat Membru ieħor ***meta jsir rikors minn kwalunkwe parti interessata*** skont il-proċedura prevista fl-Artikoli ***27b*** sa ***27o***. |
| | ***1a.*** ***Għall-finijiet tal-Artikolu 27c(3)(b), l-awtorità li tkun stabbilit l-istrument awtentiku toħroġ, meta jsir rikors f'dan is-sens minn kwalunkwe parti interessata, attestazzjoni bl-użu tal-forma li tiġi stabbilita skont il-proċedura konsultattiva li hemm riferiment għaliha fl-Artikolu 33(2).*** |
| 2. Il-qorti li quddiemha jiġi ppreżentat rikors bis-saħħa ***tal-Artikolu [43 u 44] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 la tista'*** tiċħad ***u lanqas*** tirrevoka dikjarazzjoni li tikkonstata l-eżegwibbiltà ħlief jekk l-eżekuzzjoni tal-att awtentiku tkun kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru ***li ssirlu t-talba***. | 2. Il-qorti li quddiemha jkun ġie ppreżentat rikors bis-saħħa ***tal-Artikolu 27 g jew l-Artikolu 27h*** tiċħad ***jew*** tirrevoka dikjarazzjoni li tikkonstata l-eżegwibbiltà ħlief jekk l-eżekuzzjoni tal-istrument awtentiku tkun manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru ***tal-eżekuzzjoni***. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 99 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Rikonoxximent u eżegwibbiltà ta' tranżazzjonijiet ġudizzjarji | Eżegwibbiltà ta' tranżazzjonijiet ġudizzjarji |
| It-tranżazzjonijiet ġudizzjarji li huma eżegwibbli fl-Istat Membru ta' oriġini huma ***rikonoxxuti u*** ddikjarati eżegwibbli fi Stat Membru ieħor ***fuq it-talba*** ta' kwalunkwe parti interessata***, taħt l-istess kundizzjonijiet tal-atti awtentiċi***. Il-qorti li quddiemha jiġi ppreżentat rikors bis-saħħa tal-Artikolu [42 jew 44] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 la għandha tiċħad u lanqas tirrevoka dikjarazzjoni li tikkonstata l-eżegwibbiltà ħlief jekk l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ġudizzjarja tkun kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru ***ta' eżekuzzjoni***. | ***1.*** It-tranżazzjonijiet ġudizzjarji li huma eżegwibbli fl-Istat Membru ta' oriġini huma ddikjarati eżegwibbli fi Stat Membru ieħor ***meta jsir rikors min-naħa*** ta' kwalunkwe parti interessata skont il-proċedura kif hemm dispost fl-Artikoli 27b sa 27o. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a.*** ***Għall-finijiet tal-Artikolu 27c(3)(b), il-qorti li tkun approvat is-soluzzjoni jew li quddiemha tkun ġiet konkluża toħroġ, meta jsir rikors appositu mill-parti interessata, attestazzjoni bl-użu tal-formola li tuża l-forma li tkun stabbilita skont il-proċedura konsultattiva li hemm riferiment għaliha fl-Artikolu 33c(2).*** |
| | ***1b.*** Il-qorti li quddiemha jkun ġie ppreżentat rikors skont ***l-Artikolu 27 g jew l-Artikolu 27h*** ma tistax tiċħad jew tirrevoka dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ħlief jekk l-eżekuzzjoni tal-att awtentiku tkun tmur manifestament kontra l-ordni pubbliku ***(ordre publique)*** tal-Istat Membru ***tal-eżekuzzjoni***. |

*(Jaqbel mal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 100 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Effetti fil-konfront ta' terzi persuni | Protezzjoni ta' partijiet terzi |

*(Jaqbel ma' AM 101 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata fuq relazzjoni legali bejn wieħed mis-sħab u terza persuni huma rregolati ***mil-liġi tal-Istat tar-reġistrazzjoni tas-sħubija reġistrata msemmi fl-Artikolu 15***. | 1. L-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata fuq relazzjoni legali bejn wieħed mis-sħab u parti terza huma rregolati ***mid-dritt applikabbli għar-reġimi patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati skont dan ir-Regolament***. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Madankollu, ***id-dritt ta' Stat Membru jista' jipprevedi li l-liġi*** applikabbli ***ma tistax tintuża minn wieħed mis-sħab kontra terza persuna meta wieħed mis-sħab jew terza persuna jkollhom*** ir-residenza abitwali tagħhom ***fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u l-kundizzjonijiet dwar il-pubbliċità jew ir-reġistrazzjoni previsti minn dan id-dritt ma jkunux twettqu, sakemm it-terza persuna ma kinitx taf jew kellha tkun taf bil-liġi*** applikabbli ***għall-effetti*** patrimonjali tas-sħubija reġistrata. | 2. Madankollu, ***f'rapport ġuridiku bejn sieħeb u terz, l-ebda wieħed mis-sħab ma jista' jistrieħ fuq id-dritt*** applikabbli ***għar-reġim patrimonjali f'rapport ġuridiku mat-terz u t-terz ikollhom*** r-residenza abitwali tagħhom ***fl-istess Stat li ma jkunx l-Istat li d-dritt tiegħu huwa*** applikabbli ***għar-reġim*** patrimonjali ta' sħubija reġistrata. ***F'każijiet ta' din ix-xeħta, id-dritt tal-Istat Membru fejn is-sieħeb ikkonċernat u t-terz ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom japplika għall-effetti tar-reġim patrimonjali fuq it-terz.*** |

*(Jaqbel ma' AM 102 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Bl-istess mod, id-dritt tal-Istat Membru fejn tkun tinstab proprjetà immobbli jista' jipprevedi regola analoga għal dik prevista fil-paragrafu 2 għar-relazzjonijiet legali bejn wieħed mis-sħab u terza persuna dwar tali proprjetà immobbli.*** | 3. ***Il-paragrafu 2 ma għandux japplika jekk:*** |
| | ***(a) it-terz kien jkaf jew kien imissu kien jaf dwar d-dritt applikabbli għar-reġim patrimonjali ta' sħubija reġistrata;*** |
| | ***(b) ir-rekwiżiti dwar ir-reġistrazzjoni jew il-pubbliċità tar-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Istat tar-residenza abitwali tat-terz u s-sieħeb f'rapport ġuridiku mat-terz ikun ġew sodisfatti, jew*** |
| | ***(c) fi tranżazzjonijiet dwar immobbli, ir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni jew pubbliċità tar-reġim patrimonjali tas-sħubija reġistrata fir-rigward tal-immobbli skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Istat fejn ikun jinsab l-immobbli kienu ġew sodisfatti.*** |

*(Jaqbel ma' AM 103 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu - 32 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu - 32*** |
| | ***Residenza abitwali*** |
| | ***1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-residenza abitwali ta' kumpanniji, assoċjazzjonijiet u persuni ġuridiċi, għandha tkun il-post tal-amministrazzjoni ċentrali. Ir-residenza abitwali ta' persuna fiżika fil-kors tal-eżerċizzju tal-attività professjonali tagħha għandha tkun is-sede prinċipali tagħha.*** |
| | ***2. Fejn il-kuntratt jiġi konkluż fil-kors tal-operazzjoni ta' fergħa, aġenzija jew ta' kwalunkwe stabbiliment ieħor, jew jekk, skont il-kuntratt, il-prestazzjoni tkun ir-responsabbiltà ta' tali fergħa, aġenzija jew stabbiliment, il-post fejn il-fergħa, l-aġenzija jew kwalunkwe stabbiliment ieħor ikunu jinsabu jitqies bħala l-post ta' residenza abitwali.*** |
| | ***3. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-residenza abitwali, il-mument relevanti jkun il-waqt tal-konklużjoni tar-rapport ġuridiku.*** |

*(Jaqbel ma' AM 104 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti b'ġuriżdizzjoni biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà skont l-Artikolu 27b(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 27 g(2);*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 78(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 105 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) il-proċeduri biex tiġi kontestata d-deċiżjoni mogħtija f'appell li hemm riferiment għaliha fl-Artikolu 27h.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri ***għandhom jgħarrfu*** lill-Kummissjoni b'kull emenda sussegwenti għal dawn id-dispożizzjonijiet. | 2. L-Istati Membri ***jinfurmaw*** lill-Kummissjoni dwar l-emendi sussegwenti għal din l-informazzjoni. |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tpoġġi l-informazzjoni kkomunikata skont il-paragrafi 1 u 2 għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz ta' mezzi approprjati, b'mod partikolari permezz tas-sit tal-internet multilingwi tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali. | 3. Il-Kummissjoni għandha tpoġġi l-informazzjoni kkomunikata, f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, disponibbli għall-pubbliku ***b'mod sempliċi*** permezz ta' mezzi adattati, b'mod partikolari permezz tas-sit tal-internet multilingwu tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fl-oqsma ċivili u kummerċjali. |
| | ***L-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni f'dik il-websajt multilingwi tkun aċċessibbli wkoll permezz ta' kull websajt uffiċjali oħrajn li jkunu tellgħu, b'mod partikolari billi jagħtu link għall-websajt tal-Kummissjoni.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 78(3) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 108 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni ddaħħal għodda ta' informazzjoni u taħriġ għall-uffiċjali rilevanti tal-qrati u għal dawk li jeżerċitaw l-professjonijiet legali billi jitwaqqaf portal interattiv bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluża sistema għall-iskambju tal-għarfien u l-prattiki professjonali.*** |

*(Jaqbel ma' AM 109 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 33a*** |
| | ***Stabbiliment u emendar sussegwenti tal-lista li fiha l-informazzjoni li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 2(1a)*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni, abbażi tan-notifiki mill-Istati Membri, tistabbilixxi l-lista ta' awtoritajiet u professjonisti legali oħrajn li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 2(1a).*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla sussegwenti għall-informazzjoni li tinsab f'dik il-lista. Il-Kummissjoni għandha temenda l-lista skont dan.*** |
| | ***3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista u kwalunkwe emenda sussegwenti f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*** |
| | ***4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblikament disponibbli l-informazzjoni kollha nnotifikata f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor li jkun adatt, b'mod partikolari permezz tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 110 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 33b*** |
| | ***Stabbiliment u emendar sussegwenti tal-attestazzjonijiet u l-formoli li hemm riferiment għalihom fl-Artikoli 27c, 28, 29 u 30*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu u sussegwentement jemendaw l-attestazzjonijiet u l-formoli li hemm riferiment fl-Artikoli 27c, 28, 29 und 30. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 33c(2).*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 111 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33 c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 33c*** |
| | ***Proċedura tal-Kumitat*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |
| | ***2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |

*(Jaqbel mal-Artikolu 81 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 u AM 112 tar-rapport f'2011/0059(CNS).)*

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fir-rapporti tagħha l-Kummissjoni teżamina b'mod partikolari l-kwestjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***— l-użu tal-possibbiltajiet għall-ftehim tal-għażla tad-dritt u tal-għażla tal-ġuriżdizzjoni permezz tas-sħubijiet reġistrati u l-effetti fil-prattika,*** |
| | ***— l-effikaċja tar-rekwiżiti konsultattivi fl-għażla tad-dritt,*** |
| | ***— l-użu tal-possibbiltajiet għad-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ġuriżdizzjoni mill-qrati ta' dawk l-Istati Membri li ma jirrikonoxxux l-istituzzjonijiet tas-sħubija reġistrata, u l-effetti fil-prattika, u*** |
| | ***— il-potenzjal għal aktar konverġenza tar-regoli f'dan ir-Regolament ma' dawk [tar-Regolament dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-qasam tar-reġim matrimonjali tas-sħubijiet reġistrati], bl-objettiv li jkun hemm aktar ugwaljanza.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 35 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu*** III ***huma*** biss ***applikabbli*** għas-sħab ***li jkunu rreġistraw is-sħubija tagħhom***. | 3. ***Il-Kapitolu*** III ***japplika*** biss għas-sħab r***eġistrati li wara l-bidu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***<br><br>***(a) ikunu daħlu fi sħubija reġistrata, jew***<br><br>***(b) ikunu għażlu d-dritt f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt applikabbli għar-reġim patrimonjali tagħhom.***<br><br>***Ftehim dwar l-għażla tad-dritt magħmula qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], ukoll ikun validu jekk kemm-il darba jkun jissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitolu III jew jekk ikun validu skont id-dritt applikabbli skont ir-regoli relevanti tad-dritt internazzjonali privat fiż-żmien tal-għażla tal-liġi.***<br><br>***Meta ftehim dwar l-għażla tad-dritt li ġie konkluż qabel [iż-żmien tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] bi stennija tal-possibbiltà tal-għażla tad-dritt li hemm dispost dwarha f'dan ir-Regolament, iżda dak il-ftheim ma jkunx validu skont id-dritt applikabbli skont ir-regoli rilevanti tad-dritt internazzjonali privat fiż-żmien meta l-ftehim dwar l-għażla tad-dritt applikabbli jkun ġie konkluż billi ma jkunx hemm il-possibilità li ssir għażla tad-dritt għas-sħubijiet reġistrati skont id-dritt applikabbli, dak il-ftehim ikun validu fiż-[żmien tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].*** |

---

P7_TA(2013)0338

## Il-reġimi patrimonjali matrimonjali *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġimi matrimonjali (COM(2011)0126 – C7-0093/2011 – 2011/0059(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2016/C 093/33)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0126),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0093/2011),

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mis-Senat Taljan, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0253/2013),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Dan ir-Regolament jikkonċerna l-kwistjonijiet marbuta mar-reġimi matrimonjali. Huwa ma *jkoprix* il-kunċett ta' "żwieġ"; definit mil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri. | (10) Dan ir-Regolament jikkonċerna l-kwistjonijiet marbuta mar-reġimi matrimonjali. Huwa ma *jiddefinixxix* il-kunċett ta' "żwieġ"; definit mil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri. ***Huwa pjuttost jadotta attitudini newtrali għal dan il-kunċett. Ir-Regolament ma jaffettwax id-definizzjoni tal-kunċett taż-żwieġ fid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jiġi estiż fuq il-kwistjonijiet ċivili kollha relatati mar-reġimi matrimonjali, li jikkonċernaw kemm il-ġestjoni ta' kuljum tal-beni tal-miżżewġin kif ukoll ix-xoljiment tar-reġim, li jkun jirriżulta b'mod partikolari mis-separazzjoni tal-koppja jew mill-mewt ta' wieħed mill-membri tagħha. | (11) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jiġi estiż fuq il-kwistjonijiet ċivili kollha relatati mar-reġimi matrimonjali, li jikkonċernaw kemm il-ġestjoni ta' kuljum tal-beni tal-miżżewġin kif ukoll ix-xoljiment tar-reġim, li jkun jirriżulta b'mod partikolari mis-separazzjoni jew divorzju tal-koppja***, jew mid-divorzju*** jew mill-mewt ta' wieħed mill-membri tagħha. |

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 9 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(11a)*** ***Madankolu, dan ir-Regolament m'għandux japplika għal oqsma tad-dritt ċivili, li ma jikkonċernawx ir-reġim dwar ir-reġim matrimonjali. Minħabba raġunijiet ta' ċarezza, numru ta' kwistjonijiet li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala relatati mar-reġim matrimonjali għandhom jiġu esklużi espliċitament mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 11 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (12) L-obbligi ta' manteniment bejn il-miżżewġin ***irregolati*** mir-Regolament (KE) Nru 4/2009 tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment, kif ukoll il-kwistjonijiet ***relatati mal-validità u l-effetti tad-donazzjonijiet***, koperti mir-Regolament ***(KE)*** Nru ***593/2008*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (Ruma I), ikollhom konsegwentement jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***. | (12) L-obbligi ta' manteniment bejn il-miżżewġin***, li huma regolati*** mir-Regolament (KE) Nru 4/2009 tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment, ***għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,*** kif ukoll il-kwistjonijiet ***ta' suċċessjoni legali fil-każ ta' mewt***, koperti mir-Regolament ***(UE)*** Nru ***650/2012*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni*** [1]. |

[1] ***ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) ***Il-kwistjonijiet li jirrigwardaw in-natura*** tad-drittijiet in rem ***li jistgħu jeżistu*** fid-dritt nazzjonali ***tal-Istati*** Membri***, bħal dawk marbuta mal-pubbliċità ta' dawn id-drittijiet, għandhom ukoll jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif inhuma esklużi mir-Regolament (UE) Nru…/… [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni]. Għaldaqstant, il-qrati tal-Istat Membru tal-post fejn ikunu jinsabu l-beni ta' wieħed/waħda mill-miżżewġin jew tat-tnejn li huma, jistgħu jieħdu xi miżuri li jikkonċernaw id-drittijiet in rem relatati, b'mod partikolari, mar-reġistrazzjoni tat-trasferiment ta' dawn il-beni fir-reġistru pubbliku, meta l-liġi ta' dan l-Istat Membru tkun tistipulah.*** | (13) ***Dan ir-Regolament, bħar-Regolament (UE) Nru 650/2012, ma għandux jaffettwa n-numru limitat ("numerus clausus")*** tad-drittijiet in rem ***magħrufa*** fid-dritt nazzjonali ***ta' wħud mill-Istati*** Membri. ***Stat Membru ma għandux jintalab jirrikonoxxi dritt in rem relatat ma' proprjetà li tinsab f'dak l-Istat Membru jekk id-dritt in rem ikkonċernat ma jkunx magħruf fil-liġi tiegħu.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 15 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Madankollu, biex il-benefiċjarji jitħallew igawdu fi Stat Membru ieħor id-drittijiet li nħolqu jew li ġew trasferiti lilhom, pereżempju fil-kuntest ta' tilwima li tikkonċerna reġim matrimonjali, dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-adattament ta' dritt in rem mhux rikonoxxut għall-eqreb dritt in rem ekwivalenti skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Fil-kuntest ta' tali adattament għandu jittieħed kont tal-għanijiet u l-interessi segwiti bid-dritt in rem speċifiku u l-effetti marbutin miegħu. Għall-finijiet li jiġi ddeterminat l-eqreb dritt in rem nazzjonali ekwivalenti, l-awtoritajiet jew il-persuni kompetenti tal-Istat, li l-liġi tiegħu tkun applikata għar-reġim matrimonjali, jistgħu jiġu kkuntattjati biex tinkiseb aktar informazzjoni dwar in-natura u l-effetti tad-dritt. Għal dak l-għan, jistgħu jintużaw in-netwerks eżistenti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali kif ukoll kwalunkwe mezz disponibbli ieħor li jiffaċilita l-komprensjoni tal-liġi barranija.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 16 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(13b)* ***Ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni f'reġistru ta' dritt fi propjetà immobbli jew mobbli għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk għandha tkun il-liġi tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru (għal proprjetà immobbli, il-lex rei sitae) li tiddetermina taħt liema kundizzjonijiet legali u kif għandha ssir ir-reġistrazzjoni u liema awtoritajiet, bħal reġistri tal-artijiet jew in-nutara, huma responsabbli li jivverifikaw li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha u li d-dokumentazzjoni ppreżentata jew stabbilita tkun biżżejjed jew li jkun fiha l-informazzjoni neċessarja.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 18 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(13c)* ***L-effetti tar-reġistrar ta' dritt f'reġistru għandhom ukoll jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk għandha tkun il-liġi tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru li tiddetermina jekk fil-fatt ir-reġistrar huwiex, pereżempju, dikjaratorju jew kostituttiv. B'hekk, fejn pereżempju, l-akkwist ta' dritt fi proprjetà immobbli jeħtieġ li jiġi rreġistrat f'reġistru skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jinżamm ir-reġistru sabiex jiġi żgurat l-effett erga omnes tar-reġistri jew biex jiġu protetti t-tranżazzjonijiet legali, il-mument ta' tali akkwist għandu jiġi rregolat mil-liġi ta' dak l-Istat Membru.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 19 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(13d)* ***Il-kunċett ta' "reġim matrimonjali", li jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jkopri r-regoli kollha relatati mal-patrimonju, li japplikaw bejn il-miżżewġin u fir-rispett ta' terza persuna, b'riżultat taż-żwieġ u wara li dan jintemm. Dawn jinkludu mhux biss id-dispożizzjonijiet obbligatorji tal-liġi applikabbli, iżda wkoll kwalunkwe arranġament fakultattiv, li l-miżżewġin jistgħu jkunu ftiehmu dwaru skont il-liġi applikabbli.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(13e)* ***Bħal fil-każ tar-Regolament (UE) Nru 650/2012, dan ir-Regolament għandu jirrispetta s-sistemi differenti għat-trattament tal-kwistjonijiet dwar ir-reġim matrimonjali, li huma applikati fl-Istati Membri. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "qorti" għandu għalhekk jingħata tifsira wiesgħa sabiex ikopri mhux biss il-qrati fil-veru sens tal-kelma, li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji, iżda wkoll in-nutara jew l-uffiċċji tar-reġistru f'xi Stati Membri li, f'ċerti kwistjonijiet ta' reġim matrimonjali, jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji bħall-qrati, u n-nutara u l-professjonisti legali li, f'xi Stati Membri, jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji fi kwistjoni speċifika dwar reġim matrimonjali permezz tad-delega tas-setgħa minn qorti. Il-qrati kollha kif definiti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu marbutin bir-regoli tal-ġurisdizzjoni msemmija f'dan ir-Regolament. Konsegwentement, it-terminu "qorti" m'għandux ikopri l-awtoritajiet mhux ġudizzjarji ta' Stat Membru bis-setgħa skont il-liġi nazzjonali li jittrattaw kwistjonijiet ta' reġim matrimonjali, bħan-nutara fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fejn, bħalma s-soltu jkun il-każ, huma ma jkunux qed jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 20 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Sabiex titqies iż-żieda fil-mobilità tal-koppji matul il-ħajja tagħhom bħala miżżewġin u biex tkun appoġġjata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni f'dan ir-Regolament jistipulaw li l-kwistjonijiet relatati mar-reġim matrimonjali, inkluż ix-xoljiment tiegħu, marbuta ma' proċeduri ta' divorzju, separazzjoni legali u annullament taż-żwieġ, se jiġu ttrattati mill-qrati tal-Istat Membru li skont ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri, li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, għandhom jittrattaw tali proċeduri ta' divorzju, separazzjoni legali u annullament taż-żwieġ. | (14) Sabiex titqies iż-żieda fil-mobilità tal-koppji matul il-ħajja tagħhom bħala miżżewġin u biex tkun appoġġjata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni f'dan ir-Regolament jistipulaw li l-kwistjonijiet relatati mar-reġim matrimonjali, inkluż ix-xoljiment tiegħu, marbuta ma' proċeduri ta' divorzju, separazzjoni legali u annullament taż-żwieġ, se jiġu ttrattati mill-qrati tal-Istat Membru li skont ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri, li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, għandhom jittrattaw tali proċeduri ta' divorzju, separazzjoni legali u annullament taż-żwieġ***, jekk il-ġuriżdizzjoni tal-qrati kkonċernati hija rikonoxxuta mill-konjuġi espressament jew b'mod ieħor***. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Meta l-kwistjonijiet relatati mar-reġim matrimonjali la jkunu marbuta ma' proċedura ta' divorzju, separazzjoni legali, u annullament ta' żwieġ, u lanqas mal-mewt ta' wieħed mill-konjuġi; il-miżżewġin jistgħu jiddeċiedu li jissottomettu l-kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-reġim matrimonjali tagħhom quddiem il-qrati tal-Istat Membru li jkunu għażlu l-liġi applikabbli tiegħu bħala l-liġi li għandha tapplika għar-reġim matrimonjali tagħhom. ***Din id-deċiżjoni għandha tiġi espressa permezz ta'*** ftehim ***bejniethom*** li jista' jiġi konkluż ***f'mument kwalunkwe, anke matul il-proċedura nnifisha***. | (16) Meta l-kwistjonijiet relatati mar-reġim matrimonjali la jkunu marbuta ma' proċedura ta' divorzju, separazzjoni legali, u annullament ta' żwieġ, u lanqas mal-mewt ta' wieħed mill-konjuġi; il-miżżewġin jistgħu jiddeċiedu li jissottomettu l-kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-reġim matrimonjali tagħhom quddiem il-qrati tal-Istat Membru li jkunu għażlu l-liġi applikabbli tiegħu bħala l-liġi li għandha tapplika għar-reġim matrimonjali tagħhom. ***Dan jeħtieġ*** ftehim ***bejn il-miżżewġin*** li jista' jiġi konkluż***, l-aktar tard, sakemm il-kwistjoni titpoġġa quddiem il-qrati u sussegwentement kif previst mill-lex fori***. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Dan ir-Regolament għandu jippermetti li tinżamm il-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qrati ta' Stat Membru li jittrattaw it-talbiet relatati mar-reġim matrimonjali minbarra l-każijiet ta' separazzjoni tal-koppji jew ta' mewt ta' wieħed mill-konjuġi***, u b'mod partikolari jipprevedi forum necessitatis, bil-għan li jevita li jinħolqu sitwazzjonijiet fejn il-ġustizzja tiġi miċħuda***. | (17) Dan ir-Regolament għandu jippermetti li tinżamm il-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qrati ta' Stat Membru li jittrattaw it-talbiet relatati mar-reġim matrimonjali minbarra l-każijiet ta' separazzjoni tal-koppji jew ta' mewt ta' wieħed mill-konjuġi ***skont sett ta' kriterji, elenkati f'ordni ta' preċedenza, imfassla biex jiżguraw l-eżistenza ta' rabta mill-qrib bejn il-konjuġi u l-Istat Membru li l-qrati tiegħu jkollhom ġuriżdizzjoni***. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(17a)* ***Sabiex ikun hemm rimedju, partikolarment għal sitwazzjonijiet ta' ċaħda ta' ġustizzja, dan ir-Regolament għandu jipprevedi forum necessitatis li jippermetti li qorti ta' Stat Membru, fuq bażi eċċezzjonali, tieħu deċiżjonijiet dwar każ ta' reġim matrimonjali li jkun konness mill-qrib ma' Stat terz. Tali bażi eċċezzjonali tista' titqies li teżisti meta l-proċedimenti jkunu impossibbli fi Stat terz ikkonċernat, pereżempju minħabba gwerra ċivili, jew meta ma jistax ikun raġonevolment mistenni li benefiċjarju jibda jew iwettaq proċedimenti f'dak l-Istat. Madankollu, il-ġurisdizzjoni bbażata fuq forum necessitatis għandha tiġi eżerċitata biss jekk il-każ ta' reġim matrimonjali tkun konnessa biżżejjed mal-Istat Membru tal-qorti invokata.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 31 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Fin-nuqqas ta' għażla tal-liġi applikabbli u *sabiex tlaqqa' flimkien il-prevedibbiltà u l-eżiġenza taċ-ċertezza legali, filwaqt li tingħata prijorità lill-kunsiderazzjoni tar-realtà tal-ħajja tal-koppja*, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-kunflitti tal-liġijiet imsejsa fuq serje ta' kriterji ta' konnessjoni suċċessivi, li jippermettu t-tfassil tal-liġi applikabbli għall-beni kollha tal-miżżewġin. Għaldaqstant, l-ewwel residenza abitwali komuni tal-miżżewġin wara ż-żwieġ ikollha tikkostitwixxi l-ewwel kriterju, li jkollu preċedenza fuq il-liġi taċ-ċittadinanza komuni tal-miżżewġin fil-mument taż-żwieġ. Jekk, l-ebda minn dawn il-kriterji ma *jiġi sodisfatt*, jew fin-nuqqas tal-ewwel residenza abitwali komuni f'każijiet ta' ċittadinanza doppja komuni tal-miżżewġin fil-mument taż-żwieġ, għandha tiġi applikata, bħala t-tielet kriterju, il-liġi tal-Istat li t-tnejn li huma l-aktar li għandhom rabta mill-qrib miegħu, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha, ***b'mod partikolari, il-post fejn ikun sar iż-żwieġ,*** minħabba li jkun ġie speċifikat li dawn ir-rabtiet mill-qrib għandhom ikunu kkunsidrati fil-mument taż-żwieġ. | (21) Fin-nuqqas ta' għażla tal-liġi applikabbli u *bil-ħsieb li jiġu rrikonċiljati l-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali mal-kunsiderazzjoni tal-ħajja li koppja tgħix fir-realtà*, dan ir-Regolament għandu *jintroduċi* regoli armonizzati dwar il-kunflitti tal-liġijiet *biex tiġi stabbilita l-liġi applikabbli tal-proprjetà kollha tal-miżżewġin fuq il-bażi ta' skala ta' fatturi ta' konnessjoni*. ***Ir-residenza abitwali komuni tal-miżżewġin fil-mument taż-żwieġ jew*** l-ewwel residenza abitwali komuni tal-miżżewġin wara ż-żwieġ *għandha* tikkostitwixxi l-ewwel kriterju, li jkollu preċedenza fuq il-liġi taċ-ċittadinanza komuni tal-miżżewġin fil-mument taż-żwieġ. Jekk, l-ebda minn dawn il-kriterji ma *tapplika*, jew fin-nuqqas tal-ewwel residenza abitwali komuni f'każijiet ta' ċittadinanza doppja komuni tal-miżżewġin fil-mument taż-żwieġ, għandha tiġi applikata, bħala t-tielet kriterju, il-liġi tal-Istat li t-tnejn li huma l-aktar li għandhom rabta mill-qrib miegħu, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha, minħabba li jkun ġie speċifikat li dawn ir-rabtiet mill-qrib għandhom ikunu kkunsidrati fil-mument taż-żwieġ. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(22a)* ***Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jiġifieri fejn dan jirreferi għan-nazzjonalità bħala kriterju għall-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat, il-kwistjoni dwar kif wieħed jitratta każijiet ta' aktar minn nazzjonalità waħda u jekk persuna għandhiex titqies ċittadina ta' Stat għandha titħalla għal-liġi nazzjonali, jew fejn xieraq għal ftehimiet internazzjonali, b'osservanza sħiħa tal-prinċipji ġenerali tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (24) Fid-dawl tal-importanza tal-għażla tal-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali, ir-Regolament għandu jintroduċi ċerti garanziji li jiżguraw li l-miżżewġin jew il-koppja li tkun se tiżżewweġ jkunu konxji mill-konsegwenzi tal-għażla tagħhom. Din l-għażla ***għandha tieħu l-forma preskritta għall-kuntratt taż-żwieġ mil-liġi tal-Istat magħżul jew mil-liġi tal-Istat li fih ikun ġie abbozzat l-att, u għandha ssir*** mill-inqas bil-miktub u ***tiġi ddatata*** u ***ffirmata*** miż-żewġ miżżewġin. ***Barra minn hekk, għandhom jiġu rrispettati l-eżiġenzi formali addizzjonali li eventwalment ikunu imposti mil-liġi tal-Istat magħżul jew mil-liġi tal-Istat li fih ikun ġie abbozzat l-att rigward il-validità, il-pubbliċità jew ir-reġistrazzjoni ta' tali kuntratti.*** | (24) Fid-dawl tal-importanza tal-għażla tal-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali, ir-Regolament għandu jintroduċi ċerti garanziji li jiżguraw li l-miżżewġin jew il-koppja li tkun se tiżżewweġ ikunu konxji mill-konsegwenzi tal-għażla tagħhom. ***Il-ftehim li jistabbilixxi*** din l-għażla ***għandu jsir*** mill-inqas bil-miktub u ***jiġi ddatat*** u ***ffirmat*** miż-żewġ miżżewġin. ***L-għażla għandha ssir fil-forma preskritta mil-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali jew il-liġi tal-Istat li fih ikun ġie konkluż il-ftehim.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(24a)* ***Sabiex jiġu kkunsidrati ċerti regoli tal-Istati Membri, b'mod partikolari għall-ħarsien tad-dar taż-żwieġ u għall-għoti ta' drittijiet ta' użu f'relazzjoni bejn il-konjuġi, dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni l-applikazzjoni ta' regoli obbligatorji prevalenti mill-qorti li tiġi invokata għal każ partikolari, u għalhekk għandu jippermetti lil Stat Membru li jinjora liġi barranija u jiffavorixxi liġi tiegħu stess. Għal dan l-iskop, ir-"regoli obbligatorji prevalenti" għandhom jirreferu għal dispożizzjonijiet imperattivi, fejn ikun meqjus kruċjali li Stat Membru josservahom, sabiex jissalvagwardja l-interessi pubbliċi tiegħu, partikolarment l-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tiegħu. Pereżempju, sabiex jipproteġi l-ħarsien tad-dar taż-żwieġ, l-Istat Membru, li fit-territorju tiegħu tkun tinsab din id-dar, għandu jkun jista' japplika l-liġi tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' tranżazzjoni applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, li l-preċedenza tiegħu hija ggarantita mill-Artikolu 35.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (27) Minħabba li r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri huwa wieħed mill-għanijiet ta' dan ir-Regolament, dan tal-aħħar *irid* jistipula xi regoli relatati mar-rikonoxximent u mal-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet, ibbażati fuq ***ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 u adattati, fejn meħtieġ, għall-eżiġenzi speċifiċi tal-oqsma koperti minn dan ir-Regolament***. | (27) Minħabba li r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ***fil-każijiet tar-reġim matrimonjali*** mogħtija fl-Istati Membri huwa wieħed mill-għanijiet ta' dan ir-Regolament, dan tal-aħħar *għandu* jistipula xi regoli relatati mar-rikonoxximent***, mal-eżegwibbiltà*** u mal-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet, ibbażati fuq ***strumenti legali oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili***. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Sabiex jitqiesu ***l-metodi*** differenti li bihom jiġu ttrattati ***l-kwistjonijiet relatati mar-reġimi*** matrimonjali fl-Istati Membri, dan ir-Regolament għandu jiżgura ***r-rikonoxximent*** u ***l-eżekuzzjoni*** tal-atti awtentiċi. ***Madanakollu, l-atti awtentiċi ma jistgħux jitqiesu bħala deċiżjonijiet tal-qrati f'dak li jirrigwarda r-rikonoxximent tagħhom. Ir-rikonoxximent tal-atti awtentiċi jfisser li dawn igawdu mill-istess valur probatorju fir-rigward tal-kontenut tal-att u mill-istess effetti li jkollhom fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, kif ukoll minn preżunzjoni ta' validità li tista' taqa' f'każ ta' kontestazzjoni.*** | (28) Sabiex jitqiesu ***s-sistemi*** differenti li bihom jiġu ttrattati ***każijiet dwar ir-reġim*** matrimonjali fl-Istati Membri, dan ir-Regolament għandu jiżgura ***l-aċċettazzjoni*** u ***l-eżegwibbiltà*** tal-atti awtentiċi ***fl-Istati Membri kollha fi kwistjonijiet ta' reġim matrimonjali***. |

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 60 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 28a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(28a) Fir-rigward tar-rikonoxximent, l-eżegwibbiltà u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, u fir-rigward tal-aċċettazzjoni u l-eżegwibbiltà ta' atti awtentiċi u l-eżegwibbiltà ta' soluzzjonijiet bil-qorti, dan ir-Regolament għandu għalhekk jistipula regoli, partikolarment fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) ***Madanakollu, jekk*** il-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali għandha tirregola ***r-relazzjoni*** legali bejn wieħed mill-konjuġi u xi terza persuna***, jeħtieġ li l-kundizzjonijiet tal-effetti tagħha fil-konfront ta' terzi persuni jkunu jistgħu jiġu stipulati mil-liġi tal-Istat Membru fejn tkun tinsab ir-residenza abitwali tal-konjuġi jew tat-terza persuna,*** fl-interess tal-ħarsien tal-istess terza persuna. ***Għaldaqstant, il-liġi ta' dan l-Istat Membru tkun tista' tipprevedi li l-konjuġi jista' jinvoka biss il-liġi tar-reġim matrimonjali tiegħu/tagħha kontra din it-terza persuna meta l-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni jew ta' pubbliċità stipulati fl-Istat Membru inkwistjoni jkunu ġew irrispettati, ħlief jekk it-terza persuna*** kienet taf jew kellha tkun taf bil-liġi applikabbli ***għar-reġim matrimonjali***. | (29) Il-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali għandha tirregola ***skont dan ir-Regolament***, ***ir-relazzjoni*** legali bejn wieħed mill-konjuġi u xi terza persuna. ***Madankollu,*** fl-interess tal-ħarsien tal-istess terza persuna, ***l-ebda wieħed mill-miżżewġin ma għandu jkun permess jinvoka dik il-liġi f'relazzjoni legali bejn wieħed mill-miżżewġin u terza persuna jekk il-kunjuġi li għandu relazzjoni legali mat-terza persuna, u t-terza persuna, għandhom residenza abitwali fl-istess Stat, li ma jkunx l-Istat li l-liġi tiegħu tkun applikabbli għall-proprjetà matrimonjali. Eċċezzjonijiet għandhom japplikaw jekk it-terza persuna ma tkunx eliġibbli għall-protezzjoni, fi kliem ieħor, jekk hija*** kienet taf jew kellha tkun taf bil-liġi applikabbli ***jew jekk ir-rekwiżiti applikkabli għar-reġistrazzjoni jew il-pubbliċità fl-Istat ikunu ġew rispettati***. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 30a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(30a)* ***Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw lill-Kummissjoni setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment u l-emendar sussegwenti tal-attestazzjonijiet u l-forom relatati mad-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ta' deċiżjonijiet, soluzzjonijiet bil-qorti u atti awtentiċi. Dawn is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni*** [1]. |

[1] ***ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 78 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 30b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(30b)* ***Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu u sussegwentement jemendaw l-attestazzjonijiet u l-formoli previsti f'dan ir-Regolament f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 79 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (32) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, l-Artikoli 7, 9, 17, 21 u 47 dwar, rispettivament, ir-rispett lejn il-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, id-dritt għaż-żwieġ u t-twaqqif ta' familja skont il-liġijiet nazzjonali, id-dritt għall-proprjetà, il-projbizzjoni ta' kull tip ta' diskriminazzjoni u d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mill-qrati tal-Istati Membri bir-rispett ta' dawn id-drittijiet u l-prinċipji. | (32) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, l-Artikoli 7, 9, 17, ***20,*** 21***, 23*** u 47 dwar, rispettivament, ir-rispett lejn il-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, id-dritt għaż-żwieġ u t-twaqqif ta' familja skont il-liġijiet nazzjonali, id-dritt għall-proprjetà, ***l-ugwaljanza quddiem il-liġi,*** il-projbizzjoni ta' kull tip ta' diskriminazzjoni u d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mill-qrati tal-Istati Membri bir-rispett ta' dawn id-drittijiet u l-prinċipji. |

*(Dan jikkorrispondi mal-premessa 81 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-kapaċità tal-miżżewġin, | (a) il-kapaċità ***ġenerali*** tal-miżżewġin, |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) l-eżistenza, il-validità jew ir-rikonoxximent ta' żwieġ,*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) id-donazzjonijiet bejn il-miżżewġin,*** | ***imħassar*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***id-drittijiet ta'*** suċċessjoni ***tal-konjuġi*** superstiti, | (d) ***Kwistjonijiet relatati ma'*** suċċessjoni ***minħabba mewt b'referenza għall-konjuġi*** superstiti, |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) ***il-kumpaniji mwaqqfa bejn il-miżżewġin,*** | (e) ***Kwistjonijiet regolati mil-liġi tal-kumpaniji u assoċjazzjonijiet oħra, korporati u mhux inkorporati,*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 1, punt (h) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) in-natura tad-drittijiet in rem ***li jirrigwardaw il-beni u l-pubbliċità dwar dawn id-drittijiet.*** | (f) in-natura tad-drittijiet in rem, |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 1, punt (k) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) kwalunkwe reġistrazzjoni f'reġistru ta' drittijiet fi proprjetà immobbli jew mobbli, inklużi r-rekwiżiti legali għal reġistrazzjoni ta' dan it-tip, u l-effetti ta' reġistrazzjoni jew in-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' dawn id-drittijiet f'reġistru, u*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 1, punt (l) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt fb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fb) kwistjonijiet ta' intitolament għal trasferiment jew aġġustament, fil-każ ta' divorzju, bejn miżżewġin jew ex miżżewġin, ta' drittijiet ta' rtirar jew pensjonijiet ta' diżabilità akkumulati waqt iż-żwieġ.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "reġim matrimonjali": il-ġabra ta' regoli ***relatati mar-relazzjonijiet*** patrimonjali ***ta'*** bejn il-miżżewġin u fil-konfront ta' terzi persuni; | (a) "reġim matrimonjali": il-ġabra ta' regoli ***applikabbli għar-relazzjonijiet*** patrimonjali *tal-miżżewġin*, bejn il-miżżewġin u fil-konfront ta' terzi persuni***, bħala riżultat taż-żwieġ***; |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "kuntratt taż-żwieġ": kwalunkwe ftehim li permezz tiegħu l-miżżewġin jorganizzaw ir-relazzjonijiet patrimonjali ***ta' bejniethom u fil-konfront ta' terzi persuni***; | (b) "kuntratt taż-żwieġ": kwalunkwe ftehim li permezz tiegħu l-miżżewġin ***jew il-koppji li għadhom se jiżżewġu*** jorganizzaw ir-relazzjonijiet patrimonjali ***tagħhom***; |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) "att awtentiku": att li jkun tfassal jew li jkun ġie rreġistrat ***uffiċjalment*** bħala att awtentiku ***fl-Istat*** Membru ***ta' oriġini*** u li l-awtentiċità tiegħu: | (c) "att awtentiku": att ***f'reġim matrimonjali*** li jkun tfassal ***formalment*** jew li jkun ġie rreġistrat bħala att awtentiku ***fi Stat*** Membru u li l-awtentiċità tiegħu: |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 3(1), punt (i) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) "deċiżjoni": kwalunkwe deċiżjoni mogħtija fil-qasam tar-reġim matrimonjali minn qorti ta' Stat Membru, indipendentament minn kif tista' tissejjaħ id-deċiżjoni, ***inklużi t-termini "sentenza", "ġudizzju", "digriet" jew "mandat ta' eżekuzzjoni",*** kif ukoll id-determinazzjoni tal-ispejjeż tal-proċess minn uffiċjal tal-qorti; | (d) "deċiżjoni": kwalunkwe deċiżjoni mogħtija fil-qasam tar-reġim matrimonjali minn qorti ta' Stat Membru, indipendentament minn kif tista' tissejjaħ id-deċiżjoni, kif ukoll id-determinazzjoni tal-ispejjeż tal-proċess minn uffiċjal tal-qorti; |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 3(1), punt (g) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) "Stat Membru tal-oriġini": l-Istat Membru fejn***, skont xi jkun il-każ,*** tkun ingħatat id-deċiżjoni, ikun ġie ***konkluż il-kuntratt taż-żwieġ, ikun ġie*** stabbilit l-att awtentiku, tkun ġiet approvata t-tranżazzjoni ġudizzjarja ***jew ikun twettaq l-att tax-xoljiment tal-patrimonju komuni jew kwalunkwe att ieħor imwettaq mill-awtorità ġudizzjarja jew quddiemha jew minn awtorità li teżerċita s-setgħa tagħha b'delega jew nomina***; | (e) "Stat Membru tal-oriġini": l-Istat Membru fejn tkun ingħatat id-deċiżjoni, ikun ġie stabbilit l-att awtentiku ***jew*** tkun ġiet approvata ***jew konkluża*** t-tranżazzjoni ġudizzjarja; |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 3(1), punt (e) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) "Stat Membru rikjest": l-Istat Membru fejn ***jintalab ir-rikonoxximent u/jew*** l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni***, tal-kuntratt taż-żwieġ, tal-att*** awtentiku***, tat-tranżazzjoni ġudizzjarja, tal-att tax-xoljiment tal-patrimonju komuni jew ta' kwalunkwe att ieħor imwettaq mill-awtorità ġudizzjarja jew quddiemha jew minn awtorità li teżerċita s-setgħa tagħha b'delega jew nomina***; | (f) "Stat Membru ***ta' eżekuzzjoni***": l-Istat Membru fejn ***tkun mitluba d-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà jew*** l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni, ***is-soluzzjoni bil-qorti jew l-att*** awtentiku; |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 3(1), punt (f) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) kwalunkwe awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istati Membri li teżerċita funzjoni ġudizzjarja fir-rigward tar-reġim matrimonjali kif ukoll kwalunkwe awtorità oħra mhux ġudizzjarja jew persuna li teżerċita, b'delega jew nomina ta' awtorità ġudizzjarja tal-Istati Membri, funzjonijiet rilevanti għall-ġuriżdizzjonijiet tal-qrati, hekk kif previsti f'dan ir-Regolament;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "qorti" jfisser kull awtorità ġudizzjarja u l-awtoritajiet u professjonisti legali l-oħra kollha b'kompetenza f'materji ta' reġimi ta' patrimonju matrimonjali li jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji jew jaġixxu taħt delega ta' setgħa minn xi awtorità ġudizzjarja jew jaġixxu taħt il-kontroll ta' awtorità ġudizzjarja dment li dawn l-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħra joffru garanziji fir-rigward tal-imparzjalità u d-dritt tal-partijiet kollha li jinstemgħu u dment li d-deċiżjonijiet tagħhom skont il-liġi tal-Istat Membru li fih joperaw:***<br><br>***(a) jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell jew rieżami minn awtorità ġudizzjarja; u***<br><br>***(b) ikollhom forza u effett simili għal deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja fl-istess kwistjoni.***<br><br>***L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħrajn imsemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 37a.*** |

*(Din id-dispożizzjoni tikkorrispondi mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu - 3 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu - 3*** |
| | ***Ġuriżdizzjoni fi kwistjonijiet ta' reġimi matrimonjali fl-Istati Membri*** |
| | ***Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-ġuriżdizzjoni nazzjonali dwar każijiet ta' reġim matrimonjali fl-Istati Membri.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-qrati ta' Stat Membru ***li quddiemhom tkun ġiet ippreżentata talba ta' suċċessjoni ta' wieħed mill-konjuġi*** b'applikazzjoni tar-Regolament (UE) ***Nru …/… [tal-Parlament u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet u tal-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni]*** għandhom ukoll il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu fuq kwistjonijiet ta' reġim matrimonjali relatati ***mat-talba inkwistjoni***. | Il-qrati ta' Stat Membru ***invokati fi kwistjonijiet tas-suċċessjoni ta' konjuġi*** b'applikazzjoni tar-Regolament (UE) ***Nru 650/2012*** għandhom ukoll il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu fuq kwistjonijiet ta' reġim matrimonjali relatati ***mal-każ ta' suċċessjoni***. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-qrati ta' Stat Membru li quddiemhom tkun ġiet ippreżentata talba għad-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ tal-koppja, b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003, għandhom ukoll il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu fuq kwistjonijiet ta' reġim matrimonjali relatati mat-talba inkwistjoni, f'każ ta' ftehim f'dan is-sens bejn il-miżżewġin. | Il-qrati ta' Stat Membru li quddiemhom tkun ġiet ippreżentata talba għad-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ tal-koppja, b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003, għandhom ukoll il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu fuq kwistjonijiet ta' reġim matrimonjali relatati mat-talba inkwistjoni***, jekk il-ġuriżdizzjoni tal-qrati kkonċernati tiġi espressament rikonoxxuta mill-konjuġi jew b'mod espliċitu ieħor***. |
| ***Dan il-ftehim jista' jiġi konkluż fi kwalunkwe mument, anke matul il-proċedura nnifisha. Meta l-ftehim jiġi konkluż qabel il-proċedura, dan għandu jsir bil-miktub u għandu jiġi ddatat u ffirmat miż-żewġ partijiet.*** | |
| Fin-nuqqas ***ta' ftehim bejn il-miżżewġin***, il-ġuriżdizzjoni għandha tiġi rregolata mill-Artikolu 5 et seq. | Fin-nuqqas ***ta' rikonoxximent ta' ġuriżdizzjoni tal-qorti msemmija fil-paragrafu 1***, il-ġuriżdizzjoni għandha tiġi rregolata mill-Artikolu 5 et seq. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Article 4a*** |
| | ***Ftehim dwar l-għażla tal-qorti*** |
| | ***1. Il-konjuġi jistgħu jaqblu li l-qrati tal-Istat Membru li jkunu għażlu l-liġi tiegħu bħala l-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 16, għandhom ikollhom ġuriżdizzjoni fi kwistjonijiet relatati mar-reġim matrimonjali tagħhom. Ġuriżdizzjoni bħal din għandha tkun esklużiva.*** |
| | ***Mingħajr preġudizzju għat-tielet subparagrafu, ftehim dwar l-għażla tal-qorti jista' jiġi konkluż jew emendat fi kwalunkwe mument iżda mhux aktar tard minn meta l-każ ikun inġieb quddiem il-qorti.*** |
| | ***Jekk il-liġi tal-Istat tal-qorti invokata tipprevedi hekk, il-konjuġi jistgħu jagħżlu wkoll il-qorti wara li l-qorti tkun ġiet invokata. F'dan il-każ, tali għażla għandha tiġi rreġistrata fil-qorti f'konformità mal-liġi tal-qorti.*** |
| | ***Jekk il-ftehim jiġi konkluż qabel il-proċedimenti, huwa għandu jiġi fformulat bil-miktub u ddatat u ffirmat mill-konjuġi Kull komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi li tipprovdi rekord permanenti tal-ftehim għandha tkun ekwivalenti għal "kitba".*** |
| | ***2. Il-konjuġi jistgħu jaqblu wkoll li, jekk ma tintgħażel ebda qorti, il-qrati tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu hija applikabbli skont l-Artikolu 17 għandu jkollhom ġuriżdizzjoni.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4b*** |
| | ***Ġuriżdizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-konvenut*** |
| | ***1. Apparti l-ġuriżdizzjoni ġejja minn dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, qorti ta' Stat Membru li l-liġi tiegħu tkun intgħażlet skont l-Artikolu 16, jew li l-liġi tiegħu hija applikabbli skont l-Artikolu 17, u li quddiemha l-konvenut jirreġistra preżenza għandu jkollha ġuriżdizzjoni. Din ir-regola m'għandiex tapplika meta l-preżenza tkun ġiet irreġistrata biex tiġi kkontestata l-ġuriżdizzjoni, jew meta qorti oħra jkollha ġuriżdizzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 3, l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 4a.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. Qabel ma tassumi ġuriżdizzjoni skont il-paragrafu 1, il-qorti għandha tiżgura li l-konvenut jiġi infurmat bid-dritt tiegħu li jikkontesta l-ġuriżdizzjoni u bil-konsegwenzi ta' reġistrazzjoni ta' preżenza jew in-nuqqas tagħha.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(1) Minbarra fil-każijiet previsti fl-Artikoli*** 3 u 4, *il-qrati li jkollhom ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar proċedura relatata mar-reġim matrimonjali tal-miżżewġin, huma dawk tal-Istat Membru fejn tkun tinsab*: | ***Fejn ebda qorti ma jkollha ġuriżdizzjoni skont l-Artikoli*** 3, 4 ***u 4a***, *il-ġuriżdizzjoni biex tittieħed deċiżjoni dwar proċedimenti fi kwistjoni relatata mar-reġim matrimonjali għandha tinsab fil-qrati tal-Istat Membru*: |
| (a) ***ir-residenza abitwali komuni tal-miżżewġin***, jew fin-nuqqas ta' din | (a) ***li fit-territorju tiegħu l-konjuġi huma abitwalment residenti fil-mument meta tiġi invokata l-qorti***, jew fin-nuqqas ta' din, |
| (b) ***l-aħħar residenza abitwali komuni tal-miżżewġin***, f'każ li wieħed mill-konjuġi jkun għadu joqgħod ***fiha***, jew fin-nuqqas ta' din | (b) ***li fit-territorju tiegħu l-konjuġi kienu abitwalment residenti***, f'każ li wieħed mill-konjuġi jkun għadu joqgħod ***hemmhekk fil-mument meta l-qorti tiġi invokata***, jew fin-nuqqas ta' din, |
| (c) ***ir-residenza abitwali tal-konvenut***, jew fin-nuqqas ta' din | (c) ***li fit-territorju tiegħu l-konvenut ikun abitwalment residenti fil-mument meta tiġi invokata l-qorti***, jew fin-nuqqas ta' din |
| (d) ***in-nazzjonalità*** taż-żewġ miżżewġin jew, fil-każ tar-Renju Unit u tal-Irlanda, tad-domiċilju komuni tagħhom. | (d) ***tan-nazzjonalità*** taż-żewġ miżżewġin ***fil-mument meta tiġi invokata l-qorti***, jew, fil-każ tar-Renju Unit u tal-Irlanda, li fihom ikollhom id-domiċilju komuni tagħhom ***jew fin-nuqqas ta' din,*** |
| ***(2) Iż-żewġ partijiet jistgħu wkoll jaqblu li l-qrati tal-Istat Membru tal-liġi li huma jkunu għażlu bħala l-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali tagħhom, f'konformità mal-Artikoli 16 u 18 tar-Regolament, ikollhom il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-reġim matrimonjali tagħhom.*** | ***(da) tan-nazzjonalità tal-konvenut jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, tad-domiċilju tiegħu.*** |
| ***Dan il-ftehim jista' jiġi konkluż fi kwalunkwe mument, anke matul il-proċedura nnifisha. Meta l-ftehim jiġi konkluż qabel il-proċedura, dan għandu jsir bil-miktub u għandu jiġi ddatat u ffirmat miż-żewġ partijiet.*** | |

*(Fir-rigward tal-paragrafu 2, ara l-emenda tal-Artikolu 4a (ġdid); it-test ġie emendat)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-ebda qorti ma jkollha ġuriżdizzjoni f'konformità mal-Artikoli 3, 4 u 5, ikollhom il-ġuriżdizzjoni l-qrati ta' Stat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu jinsabu xi beni ta' wieħed mill-konjuġi jew tat-tnejn li huma***, u*** f'dan il-każ, il-qorti invokata *tintalab* tiddeċiedi fuq ***dawn*** *il-beni* ***biss***. | Meta l-ebda qorti ***ta' Stat Membru*** ma jkollha ġuriżdizzjoni f'konformità mal-Artikoli 3, 4***, 4a*** u 5, ikollhom il-ġuriżdizzjoni l-qrati ta' Stat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu jinsabu xi beni ***immobbli jew assi rreġistrati*** ta' wieħed mill-konjuġi jew tat-tnejn li huma. f'dan il-każ, il-qorti invokata *għandu jkollha ġuriżdizzjoni biex* tiddeċiedi biss fuq *il-proprjetà* ***immobbi jew il-beni rreġistrati*** *inkwistjoni*. |
| | ***F'tali każijiet il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġuriżdizzjoni biex jieħdu deċiżjoni biss dwar il-proprjetà immobbli jew assi rreġistrati li jinsabu f'dan l-Istat Membru.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni f'konformità mal-Artikoli 3, 4, 5 u 6, il-qrati ta' Stat Membru jistgħu jiddeċiedu fuq ir-reġim matrimonjali ***f'ċirkostanzi eċċezzjonali u sakemm il-kwistjoni jkollha rabta suffiċjenti ma' dak l-Istat Membru***, jekk il-proċeduri ma jkunux jistgħu jiġu introdotti b'mod raġonevoli ***jew jekk ikun impossibbli li jitwettqu*** fi Stat terz. | Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni f'konformità mal-Artikoli 3, 4, ***4a,*** 5 u 6, il-qrati ta' Stat Membru jistgħu***, fuq bażi eċċezzjonali,*** jiddeċiedu fuq ir-reġim matrimonjali, jekk il-proċeduri ma jkunux jistgħu jiġu introdotti ***jew jiġu kondotti*** b'mod raġonevoli***, jew ikunu impossibbli,*** fi Stat terz ***li miegħu l-każ ikun konness mill-qrib***. |
| | ***Il-każ għandu jkollu rabta suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti li tiġi invokata.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-qorti invokata f'konformità mal-Artikoli 3, 4, 5, 6, jew 7, li quddiemha l-proċeduri jkunu għadhom pendenti, ikollha ġuriżdizzjoni wkoll biex teżamina l-kontrotalba, f'każ li din tal-aħħar tkun tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. | Il-qorti invokata f'konformità mal-Artikoli 3, 4, ***4a,*** 5, 6, jew 7, li quddiemha l-proċeduri jkunu għadhom pendenti, ikollha ġuriżdizzjoni wkoll biex teżamina l-kontrotalba, f'każ li din tal-aħħar tkun tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. |
| | ***Jekk il-qorti tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 6, il-ġuriżdizzjoni tagħha li tiddeċiedi dwar kontrotalba għandha tkun limitata għall-proprjetà immobbli jew il-beni rreġistrati, li jiffurmaw il-materja tal-proċedimenti ewlenin.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Qorti għandha tkun ikkunsidrata bħala invokata: | ***Għall-finijiet ta' dan il-kapitolu,*** qorti għandha tkun ikkunsidrata bħala invokata: |
| (a) fid-data meta l-att promotur jew att ieħor ekwivalenti, ikun ġie ppreżentat quddiem il-qorti, sakemm ***ir-rikorrent*** ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex l-att jiġi nnotifikat jew ikkomunikat lill-konvenut, ***jew*** | (a) fid-data meta l-att promotur jew att ieħor ekwivalenti, ikun ġie ppreżentat quddiem il-qorti, sakemm ***l-applikant*** ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex l-att jiġi nnotifikat jew ikkomunikat lill-konvenut, |
| (b) jekk l-att ikollu jiġi nnotifikat jew ikkomunikat qabel ma jiġi ppreżentat quddiem il-qorti, fid-data meta tirċevih l-awtorità responsabbli min-notifika jew mill-komunikazzjoni tiegħu, sakemm ir-rikorrent ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-miżuri meħtieġa biex l-att ikun ġie ppreżentat quddiem il-qorti. | (b) jekk l-att ikollu jiġi nnotifikat jew ikkomunikat qabel ma jiġi ppreżentat quddiem il-qorti, fid-data meta tirċevih l-awtorità responsabbli min-notifika jew mill-komunikazzjoni tiegħu, sakemm ir-rikorrent ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-miżuri meħtieġa biex l-att ikun ġie ppreżentat quddiem il-qorti***, jew*** |
| | ***(ba) jekk il-proċedimenti jinfetħu fuq mozzjoni proprja tal-qorti, fil-mument meta d-deċiżjoni li jinfetħu l-proċedimenti tittieħed mill-qorti, jew, meta deċiżjoni bħal din ma tkunx meħtieġa, fil-mument meta l-każ jiġi rreġistrat mill-qorti.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta *t-talbiet* li jkollhom l-istess suġġett u l-istess kawża u li jkunu bejn l-istess partijiet jitressqu quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, it-tieni qorti li tkun ġiet invokata għandha fuq l-inizjattiva tagħha stess tissospendi l-proċedimenti tagħha sakemm tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni tal-qorti li tkun ġiet invokata l-ewwel. | 1. Meta *l-proċedimenti* li jkollhom l-istess suġġett u l-istess kawża u li jkunu bejn ***il-konjuġi*** jitressqu quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, it-tieni qorti li tkun ġiet invokata għandha fuq l-inizjattiva tagħha stess tissospendi l-proċedimenti tagħha sakemm tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni tal-qorti li tkun ġiet invokata l-ewwel. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta dawn it-talbiet jibqgħu pendenti quddiem il-qrati tal-prim'istanza, il-qorti invokata suċċessivament tista' wkoll iċċedi l-ġuriżdizzjoni tagħha, fuq it-talba ta' ***waħda mill-partijiet***, sakemm il-qorti li tkun ġiet invokata l-ewwel ikollha ġuriżdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet ikkonċernati u sakemm il-liġi tagħha tkun tippermetti l-konsolidazzjoni tagħhom. | 2. Meta dawn it-talbiet jibqgħu pendenti quddiem il-qrati tal-prim'istanza, il-qorti invokata suċċessivament tista' wkoll iċċedi l-ġuriżdizzjoni tagħha, fuq it-talba ta' ***wieħed mill-konjuġi***, sakemm il-qorti li tkun ġiet invokata l-ewwel ikollha ġuriżdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet ikkonċernati u sakemm il-liġi tagħha tkun tippermetti l-konsolidazzjoni tagħhom. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 13a*** |
| | ***L-għoti ta' informazzjoni lill-konjuġi*** |
| | ***L-awtorità kompetenti għandu jkollha l-obbligu li tinforma lill-konjuġi, fi żmien raġonevoli, dwar kwalunkwe proċediment ta' reġimi matrimonjali li jkun nbeda kontrihom.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-qrati ta' Stat Membru ***jistgħu jintalbu li jagħtu dawk il-provvedimenti proviżorji jew kawtelatorji stabbiliti mil-liġi*** tal-istess Stat ***Membru***, anke ***f'każ fejn***, f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-qrati ta' Stat Membru ieħor ikollhom ġuriżdizzjoni fir-rigward tas-sustanza tal-kwistjoni. | ***Tista' ssir applikazzjoni quddiem*** il-qrati ta' Stat Membru ***għal miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi skont kif disponibbli skont il-liġi*** tal-istess Stat, anke ***jekk***, f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-qrati ta' Stat Membru ieħor ikollhom ġuriżdizzjoni fir-rigward tas-sustanza tal-kwistjoni. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-liġi applikabbli *għar-reġim* matrimonjali, skont ***l-Artikoli*** 16, 17 ***u 18,*** għandha tapplika ***għall-beni kollha tal-miżżewġin***. | ***1.*** Il-liġi applikabbli *għal reġim* matrimonjali, skont ***l-Artikoli*** 16 ***u*** 17 għandha tapplika ***għall-assi kollha li jaqgħu taħt dak ir-reġim, irrispettivament minn fejn jinsabu***. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-liġi applikabbli għal reġim matrimonjali għandha tiddetermina, mingħajr preġudizzju għall-punti (f) u (fa) tal-Artikolu 1(3), inter alia:*** |
| | ***(a) id-diviżjoni tal-beni tal-konjuġi f'kategoriji differenti qabel u wara ż-żwieġ;*** |
| | ***(b) it-trasferiment ta' beni minn kategorija għal oħra;*** |
| | ***(c) responsabbiltà għad-djun tal-konjuġi, fejn meħtieġ;*** |
| | ***(d) it-trasferiment tas-setgħat tal-konjuġi matul iż-żwieġ;*** |
| | ***(e) ix-xoljiment u s-soluzzjoni tar-reġim matrimonjali u d-diviżjoni ta' beni fl-eventwalità tax-xoljiment taż-żwieġ;*** |
| | ***(f) l-impatt tar-reġim matrimonjali fuq relazzjoni legali bejn wieħed mill-konjuġi u parti terza, fuq il-bażi tal-Artikolu 35.*** |
| | ***(g) il-validità materjali ta' ftehim dwar reġim matrimonjali.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 15a*** |
| | ***Applikazzjoni universali*** |
| | ***Kwalunkwe liġi speċifikata minn dan ir-Regolament għandha tiġi applikata, irrispettivament minn jekk hijiex il-liġi ta' Stat Membru, jew le.*** |

*(Ara l-emenda tal-Artikolu 21; it-test huwa emendat)*

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-miżżewġin jew il-koppja li tkun se tiżżewweġ jistgħu/tista' ***jagħżlu/tagħżel*** il-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali tagħhom/tagħha, sakemm tkun waħda mil-liġijiet li ġejjin: | ***1.*** Il-miżżewġin jew il-koppja li tkun se tiżżewweġ jistgħu/tista' ***jiddeterminaw/tiddetermina jew jemendaw/temenda bi ftehim,*** il-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali tagħhom/tagħha, sakemm tkun waħda mil-liġijiet li ġejjin: |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a)*** ***il-liġi tal-Istat fejn tkun tinsab ir-residenza abitwali komuni tal-miżżewġin jew tal-koppja li tkun se tiżżewweġ, jew*** | |
| ***(b)*** il-liġi tal-Istat fejn ***tkun tinsab ir-residenza abitwali ta' wieħed mill-konjuġi jew ta' wieħed/waħda mill-koppja li tkun se tiżżewweġ meta tkun se ssir din l-għażla***, jew | ***(a)*** il-liġi tal-Istat fejn ***il-konjuġi jew il-koppja li tkun se tiżżewweġ, jew wieħed minnhom, huma/hija abitwalment residenti fil-mument meta l-ftehim ikun ġie konkluż***, jew |
| ***(c)*** il-liġi ***tal-Istat*** li wieħed mill-konjuġi jew wieħed/waħda mill-koppja li tkun se tiżżewweġ ikollu/ikollha ċ-ċittadinanza *tiegħu* meta ***tkun se ssir din l-għażla***. | ***(b)*** il-liġi ***ta' Stat*** li wieħed mill-konjuġi jew wieħed/waħda mill-koppja li tkun se tiżżewweġ ikollu/ikollha ċ-ċittadinanza *tiegħu/tagħha* meta ***jiġi konkluż il-ftehim***. |
| | ***2. Dment li l-konjuġi ma jaqblux mod ieħor, bidla tal-liġi applikabbli għar-reġim ta' proprjetà matrimonjali li ssir matul iż-żwieġ għandu jkollha biss effett prospettiv.*** |
| | ***3. Jekk il-konjuġi jagħżlu li din il-bidla tal-liġi applikabbli tkun waħda retroattiva, l-effett retroattiv tagħha la għandu jolqot b'mod negattiv il-validità tal-atti konklużi qabel skont il-liġi li sa dakinhar kienet għadha applikabbli, u lanqas id-drittijiet ta' partijiet terzi li jirriżultaw mil-liġi li kienet applikabbli preċedentement.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Fin-nuqqas ta' għażla min-naħa tal-miżżewġin***, il-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali għandha tkun: | 1. ***Jekk ma ssir l-ebda għażla tal-liġi skont l-Artikolu 16***, il-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali għandha tkun: |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-liġi tal-Istat ***fejn tkun tinsab*** l-ewwel residenza abitwali komuni ***tal-miżżewġin*** wara ż-żwieġ, jew fin-nuqqas ta' din, | (a) il-liġi tal-Istat ***tar-residenza abitwali komuni tal-konjuġi fil-mument taż-żwieġ jew*** l-ewwel residenza abitwali komuni ***tagħhom*** wara ż-żwieġ ***tagħhom***, jew fin-nuqqas ta' din, |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-liġi ta' dak l-Istat li l-miżżewġin flimkien ikollhom l-aktar rabtiet mill-qrib miegħu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha***, u b'mod partikolari, il-post ta'*** fejn ikun sar iż-żwieġ. | (c) il-liġi ta' dak l-Istat li l-miżżewġin flimkien ikollhom l-aktar rabtiet mill-qrib miegħu ***fil-mument taż-żwieġ***, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha matul iż-żwieġ***, indipendentement mill-post*** fejn ikun sar iż-żwieġ. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 18*** | ***imħassar*** |
| ***Il-bidla tal-liġi applikabbli*** | |
| ***Fi kwalunkwe mument matul iż-żwieġ tagħhom, il-miżżewġin jistgħu jissottomettu r-reġim matrimonjali tagħhom għal liġi differenti minn dik li, sa dakinhar, tkun applikabbli. Huma jistgħu jagħżlu waħda biss minn dawn il-liġijiet li ġejjin:*** | |
| ***(a) il-liġi tal-Istat fejn tkun tinsab ir-residenza abitwali ta' wieħed mill-konjuġi meta tkun se ssir din l-għażla,*** | |
| ***(b) il-liġi tal-Istat li wieħed mill-konjuġi jkollu ċ-ċittadinanza tiegħu meta tkun se ssir din l-għażla.*** | |
| ***Sakemm il-miżżewġin ma jkunux jixtiequ mod ieħor, il-bidla tal-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali matul iż-żwieġ għandha tkun effettiva biss fil-futur.*** | |
| ***Jekk il-miżżewġin jagħżlu li din il-bidla tal-liġi applikabbli tkun waħda retroattiva, l-effett retroattiv la għandu jolqot b'mod negattiv il-validità tal-atti konklużi qabel skont il-liġi li sa dakinhar kienet għadha applikabbli, u lanqas id-drittijiet ta' terzi persuni li jirriżultaw mil-liġi li kienet applikabbli preċedentement.*** | |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-għażla tal-liġi applikabbli għandha ssir fil-forma preskritta għall-kuntratt taż-żwieġ mil-liġi applikabbli tal-Istat magħżul jew mil-liġi tal-Istat li fih ikun ġie abbozzat l-att. | 1. ***Il-ftehim dwar*** l-għażla tal-liġi applikabbli ***msemmi fl-Artikolu 16 għandu jiġi espress bil-miktub, datat u ffirmat miż-żewġ konjuġi****. **Kwalunkwe komunikazzjoni b'mezz elettroniku li tipprovdi reġistrazzjoni permanenti tal-ftehim għandha titqies ekwivalenti għall-komunikazzjonijiet bil-miktub.*** |
| 2. ***Minkejja l-paragrafu 1, l-għażla trid tkun mill-inqas espressa, u għandha ssir bil-miktub u tiġi ddatata u ffirmata miż-żewġ miżżewġin.*** | 2. ***Dan il-ftehim għandu jkun konformi mar-rekwiżiti formali tal-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali jew tal-liġi tal-Istat fejn ikun ġie konkluż il-ftehim.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Barra minn dan***, jekk il-liġi tal-Istat ***Membru*** fejn ***tkun tinsab*** ir-residenza abitwali ***komuni taż-żewġ miżżewġin*** fil-mument ***tal-għażla msemmija fil-paragrafu 1, tkun tistipula*** rekwiżiti formali addizzjonali għall-kuntratt taż-żwieġ, dawn ir-rekwiżiti għandhom ***jiġu rrispettati***. | 3. ***Madankollu***, jekk il-liġi tal-Istat fejn ***iż-żewġ konjuġi għandhom*** ir-residenza abitwali ***tagħhom*** fil-mument ***tal-ftehim tagħhom dwar l-għażla tal-liġi applikabbli tipprovdi*** rekwiżiti formali addizzjonali ***għal ftehimiet ta' dak it-tip jew, fin-nuqqas ta' dan,*** għall-kuntratt taż-żwieġ, dawn ir-rekwiżiti għandhom ***japplikaw***. |
| | ***4. Jekk il-konjuġi jkunu abitwalment residenti fi Stati differenti fiż-żmien tal-ftehim tagħhom dwar l-għażla tal-liġi applikabbli u l-liġijiet ta' dawk l-Istati jipprevedu rekwiżiti formali differenti, il-ftehim għandu jkun formalment validu jekk jissodisfa r-rekwiżiti ta' waħda minn dawk il-liġijiet.*** |
| | ***5. Jekk wieħed biss mill-konjuġi jkollu residenza abitwali fi Stat Membru fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim u jekk dak l-Istat jistipula rekwiżiti formali addizzjonali għal ftehimiet ta' dan it-tip, dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw.*** |

*(Simili għall-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-liġi applikabbli għall-forma tal-kuntratt taż-żwieġ | Rekwiżiti formali għal kuntratt taż-żwieġ |
| ***1. Il-forma tal-kuntratt*** taż-żwieġ ***għandha tkun dik preskritta mil-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali, jiġifieri mil-liġi tal-Istat li fih ikun ġie abbozzat il-kuntratt***. | ***L-aspetti formali ta' kuntratt*** taż-żwieġ ***għandhom jiġu regolati mutatis mutandis mill-Artikolu 19. Kull rekwiżit formali addizzjonali fis-sens tal-Artikolu 19(3) għandu, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, jirrelata biss mal-kuntratt taż-żwieġ.*** |
| ***2. Minkejja l-paragrafu 1, il-kuntratt taż-żwieġ għandu jsir mill-inqas bil-miktub u għandu jiġi ddatat u ffirmat miż-żewġ miżżewġin.*** | |
| ***3. Barra minn dan, jekk il-liġi tal-Istat Membru fejn tkun tinsab ir-residenza abitwali komuni taż-żewġ miżżewġin fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt taż-żwieġ, tkun tistipula għal dan il-kuntratt rekwiżiti formali addizzjonali, dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu rrispettati.*** | |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 20a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 20a*** |
| | ***Adattament ta' drittijiet in rem*** |
| | ***Meta persuna tinvoka dritt in rem li hija tkun intitolata għalih skont il-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali, u l-liġi tal-Istat Membru fejn id-dritt huwa invokat ma jirrikonoxxix id-dritt in rem inkwistjoni, dak id-dritt għandu, jekk meħtieġ u safejn possibbli, jiġi adattat għall-eqreb dritt in rem ekwivalenti skont il-liġi ta' dak l-Istat waqt li jittieħed kont tal-għanijiet u l-interessi li jfittex id-dritt in rem speċifiku u l-effetti marbutin miegħu.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 21*** | ***imħassar*** |
| ***In-natura universali tar-regola tal-kunflitt tal-liġijiet*** | |
| ***Il-liġi stabbilita f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, għandha tapplika anke jekk ma tkunx il-liġi ta' Stat Membru.*** | |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mhux se jkunu ta' ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli obbligatorji li r-rispett tagħhom tant huwa meqjus bħala kruċjali mill-Istati Membri, minħabba s-salvagwardja tal-interessi pubbliċi tagħhom bħall-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tagħhom, li dawn ikunu applikabbli fi kwalunkwe sitwazzjoni li tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, irrispettivament mil-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali skont dan ir-Regolament.*** | ***1. Dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti huma dispożizzjonijiet li jekk jiġu injorati tkun xi ħaġa manifestament inkompatibbli mal-politika pubblika (ordre public) tal-Istat Membru kkonċernat. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jinterpretaw l-eċċezzjoni tal-politika pubblika b'mod li huwa kuntrarju għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi kull forma ta' diskriminazzjoni.*** |
| | ***2. Dan ir-Regolament ma għandux jirristrinġi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti tal-liġi tal-liġi tal-istanza ġudizzjarja, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni tat-tranżazzjoni applikabbli skont l-Artikolu 35.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi magħżula permezz ta' dan ir-Regolament ma tistax titwarrab ħlief jekk din l-applikazzjoni tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-forum. | L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi ***ta' kwalunkwe Stat*** magħżula permezz ta' dan ir-Regolament ma tistax titwarrab ħlief jekk l-applikazzjoni tagħha tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-forum. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta dan ir-Regolament jippreskrivi l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat, dan ikun qed jirreferi għar-regoli tad-dritt ***sostantiv*** li jkunu fis-seħħ f'dak l-Istat, bl-esklużjoni tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat. | Meta dan ir-Regolament jippreskrivi l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat, dan ikun qed jirreferi għar-regoli tad-dritt li jkunu fis-seħħ f'dak l-Istat, bl-esklużjoni tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat. |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Stati ***li għandhom żewġ sistemi jew diversi sistemi*** legali – kunflitti tal-liġijiet territorjali | Stati ***b'aktar minn sistema*** legali ***waħda*** – kunflitti tal-liġijiet territorjali |
| | ***1.*** Meta ***l-liġi speċifikata minn dan ir-Regolament hija dik ta'*** Stat ***li*** jinkludi diversi unitajiet territorjali, ***u*** kull waħda minnhom ***ikollha r-regoli tal-liġi*** tagħha stess ***fir-rigward tal-reġim matrimonjali, ir-regoli interni dwar il-kunflitt tal-liġijiet ta' dak l-Istat għandhom jiddeterminaw l-unità territorjali relevanti li r-regoli tagħha għandhom japplikaw.*** |
| Meta Stat ***ikun*** jinkludi diversi unitajiet territorjali, kull waħda minnhom ***b'sistema legali jew b'sett ta' regoli*** tagħha stess ***li jittrattaw il-kwistjonijiet irregolati minn dan ir-Regolament:*** | ***1a. Fin-nuqqas ta' tali regoli interni dwar il-kunflitt tal-liġijiet:*** |
| (a) għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli ***f'konformità ma' dan ir-Regolament, kull referenza*** għal-liġi ***ta' dak l-Istat għandha tiġi interpretata bħala referenza għal-liġi li tkun fis-seħħ fl-unità*** territorjali ***kkonċernata***; | (a) ***kwalunkwe referenza għal-liġi tal-Istat imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi interpretata,*** għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli ***skont dispożizzjonijiet li jirreferu għar-residenza abitwali tal-konjuġi, bħala li tirreferi*** għal-liġi ***tal-unità*** territorjali ***fejn il-konjuġi għandhom ir-residenza abitwali tagħhom***; |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kull referenza ***għar-residenza abitwali f'dak l-Istat Membru*** għandha tiġi interpretata bħala referenza ***għar-residenza abitwali ġewwa unità*** territorjali; | (b) kull referenza ***għal-liġi tal-Istat imsemmija fil-paragrafu 1*** għandha tiġi interpretata***, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli skont dispożizzjonijiet li jirreferu għaċ-ċittadinanza tal-konjuġi,*** bħala referenza ***għal-liġi tal-unità*** territorjali ***li l-konjuġi għandhom l-eqreb rabta magħha***; |
| (c) kull referenza ***għaċ-ċittadinanza*** għandha ***tirreferi għall-unità territorjali stabbilita mil-liġi ta' dak l-Istat jew, fin-nuqqas ta' regoli applikabbli, għall-unità*** territorjali ***magħżula mill-partijiet, jew fin-nuqqas ta' għażla, għal dik l-unità territorjali li wieħed mill-konjuġi jew li l-koppja miżżewġa jkollu/jkollha l-aktar rabtiet mill-qrib magħha***. | (c) kull referenza ***għal-liġi tal-Istat imsemmija fil-paragrafu 1*** għandha ***tiġi interpretata, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli skont kwalunkwe dispożizzjoni oħra li tirreferi għal elementi oħrajn bħala fatturi ta' konnessjoni, bħala li qed tirreferi għal-liġi tal-unità*** territorjali ***fejn jinsab l-element relevanti***. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 25a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 25a*** |
| | ***Stati b'aktar minn sistema legali waħda – konflitti ta' liġijiet interpersonali*** |
| | ***Fir-rigward ta' Stat li jkollu żewġ sistemi jew aktar ta' liġijiet jew ġabriet ta' regoli applikabbli għal kategoriji differenti ta' persuni fir-rigward ta' reġimi matrimonjali, kwalunkwe referenza għal-liġi ta' dak l-Istat għandha tiġi interpretata bħala li tirriferi għas-sistema ta' liġijiet jew ġabra ta' regoli ddeterminati mir-regoli fis-seħħ f'dak l-Istat. Fin-nuqqas ta' regoli bħal dawn, għandhom japplikaw is-sistema ta' liġijiet jew il-ġabra ta' regoli li l-konjuġi għandhom l-eqreb rabta magħhom.*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 25b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 25b*** |
| | ***Meta dan ir-Regolament mhuwiex applikabbli għal konflitti ta' liġijiet interni*** |
| | ***Stat Membru li jinkludi diversi unitajiet territorjali li kull waħda minnhom għandha r-regoli ta' liġi proprji tagħha fir-rigward tar-reġimi matrimonjali ma għandux ikun obbligat japplika dan ir-Regolament għal konflitti tal-liġijiet li jirriżultaw bejn dawk l-unitajiet biss.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 26 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-każ ta' kontestazzjoni, kull parti interessata li tinvoka r-rikonoxximent bħala talba prinċipali, tista' titlob li jiġi kkonstatat, skont il-proċeduri previsti ***fl-Artikoli [38 sa 56] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001***, li d-deċiżjoni għandha tiġi rikonoxxuta. | 2. Fil-każ ta' kontestazzjoni, kull parti interessata li tinvoka r-rikonoxximent bħala talba prinċipali, tista' titlob li jiġi kkonstatat, skont il-proċeduri previsti ***fl-Artikoli 31b sa 31o***, li d-deċiżjoni għandha tiġi rikonoxxuta. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru ***li ssirlu it-talba***; | (a) ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru ***fejn qed jintalab rikonoxximent***; |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) hi tkun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni mogħtija bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru ***li ssirlu t-talba***; | (c) hi tkun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni mogħtija ***fil-proċedimenti*** bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru ***fejn qed jintalab rikonoxximent***; |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 27 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tkun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni mogħtija preċedentement fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz bejn l-istess partijiet f'tilwima li jkollha l-istess suġġett u l-istess kawża, meta d-deċiżjoni li tkun ingħatat qabel tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru ***li ssirlu t-talba***. | (d) tkun irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni mogħtija preċedentement fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz bejn l-istess partijiet ***fi proċedimenti*** f'tilwima li jkollha l-istess suġġett u l-istess kawża, meta d-deċiżjoni li tkun ingħatat qabel tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru ***fejn ikun qed jintalab rikonoxximent***. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-deċiżjoni ***barranija*** ma tistax, fl-ebda ċirkustanza, tkun soġġetta għal rieżami tal-mertu. | Id-deċiżjoni ***mogħtija fi Stat Membru partikolari*** ma tistax, fl-ebda ċirkustanza, tkun soġġetta għal rieżami tal-mertu. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-qorti ta' Stat Membru li tiġi invokata għal talba ta' rikonoxximent ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor tista' tissospendi l-proċedimenti tagħha jekk din id-deċiżjoni tkun soġġetta għal appell. | Il-qorti ta' Stat Membru li tiġi invokata għal talba ta' rikonoxximent ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor tista' tissospendi l-proċedimenti tagħha jekk din id-deċiżjoni tkun soġġetta għal appell ***fl-Istat Membru ta' oriġini***. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru u li huma eżegwibbli ***ġo fih huma eżegwiti fl-Istati Membri l-oħra, f'konformità mal-Artikoli [38 sa 56 u 58] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001***. | Id-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru u li huma eżegwibbli ***f'dak l-Istat għandhom ikunu eżegwibbli fi Stat Membru ieħor meta, bl-applikazzjoni ta' kwalunkwe parti interessata, ikunu ġew iddikjarati eżegwibbli hemmhekk f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikoli 31b sa 31o***. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31a*** <br> ***Determinazzjoni ta' domiċilju*** <br> ***Sabiex jiġi ddeterminat jekk, għall-finijiet tal-proċedura prevista fl-Artikoli 31b sa 31o, parti hijiex domiċiljata fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni, il-qorti invokata għandha tapplika l-liġi interna ta' dak l-Istat Membru.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 31b*** |
| | ***Ġuriżdizzjoni tal-qrati lokali*** |
| | ***1. L-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà għandha tiġi ppreżentata lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni kkomunikata minn dak l-Istat Membru lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 37.*** |
| | ***2. Il-ġuriżdizzjoni lokali għandha tiġi ddeterminata b'referenza għall-post tad-domiċilju tal-parti li kontra tagħha tkun qed tintalab l-eżekuzzjoni, jew għall-post tal-eżekuzzjoni.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 31c*** |
| | ***Proċedura*** |
| | ***1. Il-proċedura ta' applikazzjoni għandha tkun irregolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.*** |
| | ***2. L-applikant ma għandux ikun obbligat li jkollu indirizz postali jew rappreżentant awtorizzat fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.*** |
| | ***3. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-atti li ġejjin:*** |
| | ***(a) kopja tad-deċiżjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha;*** |
| | ***(b) l-attestazzjoni maħruġa mill-qorti jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini bl-użu tal-formola stabbilita f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37c(2), mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31d.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31d(ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 31d*** |
| | ***Nuqqas ta' preżentazzjoni tal-attestazzjoni*** |
| | ***1. Jekk l-attestazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 31c(3) ma tiġix ippreżentata, il-qorti jew l-awtorità kompetenti tista' tispeċifika żmien għall-preżentazzjoni tagħha jew taċċetta dokument ekwivalenti jew, jekk tikkunsidra li jkollha informazzjoni suffiċjenti quddiemha, tirrinunċja għall-preżentazzjoni tagħha.*** |
| | ***2. Jekk il-qorti jew awtorità kompetenti titlob dan, għandha tiġi ppreżentata traduzzjoni tal-atti. It-traduzzjoni għandha ssir minn persuna kkwalifikata biex tittraduċi f'wieħed mill-Istati Membri.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31e (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 31e*** |
| | ***Dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà*** |
| | ***Id-deċiżjoni għandha tiġi ddikjarata eżegwibbli immedjatament wara li jitlestew il-formalitajiet fl-Artikolu 31c mingħajr ebda rieżami skont l-Artikolu 27. Il-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni m'għandhiex f'dan l-istadju tal-proċedimenti tkun intitolata tagħmel sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31f (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 31f*** |
| | ***Notifika tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà*** |
| | ***1. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà għandha tinġieb immedjatament għall-attenzjoni tal-applikant skont il-proċedura stabbilita bil-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. Id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà għandha tiġi nnotifikata lill-parti li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni, akkumpanjata mid-deċiżjoni, jekk din ma tkunx diġà ġiet innotifikata lil dik il-parti.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31 g (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31 g*** <br><br> ***Appell kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà*** <br><br> ***1. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà tista' tiġi appellata minn kwalunkwe waħda mill-partijiet.*** <br><br> ***2. L-appell għandu jiġi ppreżentat quddiem il-qorti b'komunikazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 37.*** <br><br> ***3. L-appell għandu jkun ittrattat f'konformità mar-regoli li jirregolaw il-proċedura fi kwistjonijiet kontradittorji.*** <br><br> ***4. Jekk il-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni tonqos milli tidher quddiem il-qorti tal-appell fi proċedimenti dwar appell imressaq mill-applikant, għandu japplika l-Artikolu 11, anki meta l-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni ma hija domiċiljata f'ebda wieħed mill-Istati Membri.*** <br><br> ***5. L-appell kontra d-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà għandu jiġi ppreżentat fi żmien 30 jum min-notifika tiegħu. Jekk il-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni hi domiċiljata fi Stat Membru differenti minn dak li fih tkun ingħatat id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, iż-żmien għal appell għandu jkun ta' 60 jum u għandu jibda jgħodd mill-jum tan-notifika, lilha personalment jew fir-residenza tagħha. L-ebda estensjoni ma tista' tingħata minħabba distanza.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31h (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31h*** <br><br> ***Proċedura biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fl-appell*** <br><br> ***Id-deċiżjoni mogħtija fl-appell tista' tiġi kkontestata biss permezz tal-proċedura kkomunikata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 37.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31i (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31i*** |
| | ***Rifjut jew revoka ta' dikjarazzjoni ta' eliġibbiltà*** |
| | ***Il-qorti li quddiemha jkun ġie ppreżentat appell skont l-Artikolu 31 g jew l-Artikolu 31h għandha tirrifjuta jew tirrevoka dikjarazzjoni ta' eliġibbiltà biss għal waħda mir-raġunijiet speċifikati fl-Artikolu 27. Hija għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha mingħajr dewmien.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31j (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31j*** |
| | ***Sospensjoni tal-proċedimenti*** |
| | ***Il-qorti ppreżentata b'appell skont l-Artikolu 31 g jew l-Artikolu 31h għandha, mal-applikazzjoni tal-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni, tissospendi l-proċedimenti jekk l-eżegwibbiltà tad-deċiżjoni tiġi sospiża fl-Istat Membru ta' oriġini minħabba appell.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31k (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31k*** |
| | ***Miżuri proviżorji, inklużi dawk protettivi*** |
| | ***1. Meta deċiżjoni għandha tiġi rikonoxxuta skont din it-Taqsima, xejn m'għandu jimpedixxi lill-applikant milli jagħmel użu minn miżuri provviżorji, inklużi miżuri protettivi, skont il-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà skont l-Artikolu 31e.*** |
| | ***2. Id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà għandha ġġib magħha, skont l-applikazzjoni tal-liġi, il-poter li wieħed jipproċedi għal kwalunkwe miżura protettiva.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3. Matul iż-żmien speċifikat għal appell skont l-Artikolu 31 g(5) kontra d-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà u sakemm kwalunkwe appell bħal dak ikun ġie determinat, ebda miżura ta' eżekuzzjoni ħlief miżuri protettivi ma tista' tittieħed kontra l-proprjetà tal-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31l (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 31l*** |
| | ***Infurzabbiltà parzjali*** |
| | ***1. Meta tkun ingħatat deċiżjoni rigward diversi kwistjonijiet, u d-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ma tkunx tista tingħata għalihom kollha, il-qorti jew l-awtorità kompetenti għandha tagħtiha għal waħda minnhom jew aktar.*** |
| | ***2. Applikant jista' jitlob dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà limitata għal partijiet minn deċiżjoni.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31m (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 31m*** |
| | ***Għajnuna legali*** |
| | ***Applikant li fl-Istat Membru ta' oriġini jkun ibbenefika bis-sħiħ jew parzjalment mill-għajnuna legali jew minn eżenzjoni mill-ispejjeż jew l-infiq, għandu jkun intitolat, fi kwalunkwe proċediment għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, li jibbenefika mill-għajnuna legali l-aktar favorevoli jew mill-eżenzjoni l-aktar estiża mill-ispejjeż jew l-infiq kif previst mil-liġi tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31n (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31n*** |
| | ***Ebda garanzija, bond jew depożitu*** |
| | ***L-ebda garanzija, bond jew depożitu, irrispettivament mid-deskrizzjoni, ma għandhom ikunu meħtieġa minn parti li fi Stat Membru tapplika għal rikonoxximent, eżegwibbiltà jew eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor minħabba li tkun ċittadin barrani jew li ma tkunx domiċiljata jew residenti fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 31o (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 31o*** |
| | ***Ebda imposta, dazju jew miżata*** |
| | ***Fil-proċedimenti għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, m'għandhom jiġu imposti l-ebda imposta, dazju jew miżata kkalkulati b'referenza għall-valur tal-materja inkwistjoni fl-Istat Membru tal-eżekuzzjoni.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Rikonoxximent*** tal-atti awtentiċi | ***L-aċċettazzjoni*** tal-atti awtentiċi |
| 1. ***L-atti awtentiċi stabbiliti*** fi Stat Membru ***għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri l-oħra, ħlief jekk ikun hemm kontestazzjoni dwar il-validità ta' dawn l-atti skont il-liġi applikabbli, u bil-kundizzjoni li tali rikonoxximent ma jkunx imur manifestament kontra l-ordni*** pubbliku tal-Istat Membru ***li tkun saritlu t-talba***. | 1. ***Att awtentiku stabbilit*** fi Stat Membru ***għandu jkollu l-istess effetti evidenzjarji fi Stat Membru ieħor bħal ma għandu fl-Istat Membru ta' oriġini, jew l-aktar effetti komparabbli, dment li dan ma jkunx manifestament kuntrarju għall-ordni*** pubbliku ***(ordre public)*** tal-Istat Membru ***kkonċernat***. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Persuna li tixtieq tagħmel użu minn att awtentiku fi Stat Membru ieħor tista' titlob lill-awtorità li tistabbilixxi l-att awtentiku fl-Istat Membru ta' oriġini biex timla l-formola li għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37c(2) li tiddeskrivi l-effetti evidenzjarji li l-att awtentiku jipproduċi fl-Istat Membru ta' oriġini.*** |
| | ***1a. Kwalunkwe kontestazzjoni marbuta mal-awtentiċità ta' att awtentiku għandha ssir quddiem il-qrati tal-Istat Membru ta' oriġini u għandha tittieħed deċiżjoni dwarha skont il-liġi ta' dak l-Istat. L-att awtentiku kkontestat m'għandu jipproduċi ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru ieħor sakemm il-kontestazzjoni tkun għadha pendenti quddiem il-qorti kompetenti.*** |
| | ***1b. Kwalunkwe kontestazzjoni marbuta mal-atti legali jew ir-relazzjonijiet legali rreġistrati f'att awtentiku għandha ssir quddiem il-qrati li għandhom ġuriżdizzjoni skont dan ir-Regolament u għandha tittieħed deċiżjoni dwarha skont il-liġi applikabbli taħt il-Kapitolu III jew il-liġi msemmija fl-Artikolu 36. L-att awtentiku li jkun ġie kkontestat ma għandu jipproduċi ebda effett evidenzjarju fi Stat Membru ieħor ħlief l-Istat Membru ta' oriġini fir-rigward tal-materja li tkun qed tiġi kkontestata sakemm il-kontestazzjoni tkun għadha pendenti quddiem il-qorti kompetenti.*** |
| | ***1c. Jekk l-eżitu tal-proċedimenti f'qorti ta' Stat Membru jiddependi mid-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali relatata mal-atti legali jew ir-relazzjonijiet legali rreġistrati f'att awtentiku fi kwistjonijiet ta' reġim matrimonjali, dik il-qorti għandu jkollha ġuriżdizzjoni fuq dik il-kwistjoni.*** |
| ***2. Ir-rikonoxximent tal-atti awtentiċi għandu l-effett li jagħti lil dawn l-atti valur probatorju fir-rigward tal-kontenut tagħhom, kif ukoll preżunzjoni sempliċi ta' validità.*** | |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 33**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. ***L-atti awtentiċi li jiġu stabbiliti u li jkunu*** eżegwibbli ***fi Stat*** Membru ***għandhom, fuq rikors, jiġu ddikjarati*** eżegwibbli fi Stat Membru ieħor, f'konformità mal-proċedura prevista ***fl-Artikoli [38 sa 57] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001***. | 1. Att awtentiku li huwa eżegwibbli ***fl-Istat*** Membru ***ta' oriġini għandu jiġi ddikjarat bħala*** eżegwibbli fi Stat Membru ieħor ***mal-applikazzjoni ta' kwalunkwe parti interessata*** f'konformità mal-proċedura prevista ***fl-Artikoli 31b sa 31o***. |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 31c(3), l-awtorita' li stabilixxiet l-att awtentiku għandha, mal-applikazzjoni ta' kwalunkwe parti interessata, toħroġ attestazzjoni bl-użu tal-formola stabbilita skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37b(2).*** |
| 2. Il-qorti li quddiemha jiġi ppreżentat rikors skont ***l-Artikoli [43 u 44] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001,*** ma tistax tiċħad jew tirrevoka dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ħlief jekk l-eżekuzzjoni tal-att awtentiku tkun tmur manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru ***li tkun saritlu t-talba***. | 2. Il-qorti li quddiemha jiġi ppreżentat rikors skont ***l-Artikolu 31 g jew l-Artikolu 31h,*** ma tistax tiċħad jew tirrevoka dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà ħlief jekk l-eżekuzzjoni tal-att awtentiku tkun tmur manifestament kontra l-ordni pubbliku ***(ordre public)*** tal-Istat Membru ***tal-eżekuzzjoni***. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Rikonoxximent u*** eżegwibbiltà ta' tranżazzjonijiet ġudizzjarji | Eżegwibbiltà ta' tranżazzjonijiet ġudizzjarji |
| ***It-tranżazzjonijiet*** ġudizzjarji li huma eżegwibbli fl-Istat Membru ta' oriġini ***huma rikonoxxuti u*** ddikjarati eżegwibbli fi Stat Membru ieħor ***fuq it-talba*** ta' kwalunkwe parti interessata***, taħt l-istess kundizzjonijiet tal-atti awtentiċi***. Il-qorti li quddiemha jiġi ppreżentat rikors skont ***l-Artikolu [42 jew 44] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, m'għandhiex*** tiċħad ***u lanqas*** tirrevoka dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, *ħlief* jekk l-eżegwibbiltà tat-tranżazzjoni ġudizzjarja tkun tmur manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru ***li tkun saritlu t-talba***. | ***1. Tranżazzjonijiet*** ġudizzjarji li huma eżegwibbli fl-Istat Membru ta' oriġini ***għandhom jiġu*** ddikjarati eżegwibbli fi Stat Membru ieħor ***bl-applikazzjoni*** ta' kwalunkwe parti interessata ***skont il-proċedura li jipprevedu l-Artikoli 31b to 31o***. |
| | ***1a. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 31c(3), il-qorti li tkun approvat it-tranżazzjoni jew li quddiemha tkun ġiet konkluża t-tranżazzjoni, għandha, mal-applikazzjoni ta' kwalunkwe parti interessata, toħroġ attestazzjoni bl-użu tal-formola stabbilita skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37c(2).*** |
| | ***1b.*** Il-qorti li quddiemha jiġi ppreżentat rikors skont ***l-Artikolu 31 g jew 31h għandha*** tiċħad ***jew*** tirrevoka dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà *biss* jekk l-eżegwibbiltà tat-tranżazzjoni ġudizzjarja tkun tmur manifestament kontra l-ordni pubbliku ***(ordre public)*** tal-Istat Membru ***ta' eżegwibbiltà***. |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 35 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Effetti fil-konfront*** ta' terzi persuni | ***Protezzjoni*** ta' terzi persuni |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 35 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Madanakollu, ***il-liġi ta' Stat Membru tista' tipprevedi li l-liġi*** applikabbli għar-reġim matrimonjali ***ma tkunx tista' tintuża minn wieħed mill-konjuġi kontra terza*** persuna ***meta wieħed mill-konjuġi jew it-terza persuna jkollu/jkollha r-residenza*** abitwali ***tiegħu/tagħha fuq it-territorju ta' dak l-Istat Membru u meta l-kundizzjonijiet dwar il-pubbliċità jew ir-reġistrazzjoni previsti minn dan l-istess dritt ma jkunux ġew irrispettati, sakemm it-terza persuna kienet taf jew kellha tkun taf bil-liġi*** applikabbli għar-reġim matrimonjali. | 2. Madankollu, ***f'relazzjoni legali bejn konjuġi u terza persuna, l-ebda wieħed mill-konjuġi ma jista' jorbot fuq il-liġi*** applikabbli għar-reġim matrimonjali ***jekk il-konjuġi f'relazzjoni legali mat-terza persuna u t-terza*** persuna ***jkollhom ir-residenza*** abitwali ***tagħhom fl-istess Stat, li mhuwiex l-Istat li l-liġi tiegħu hija*** applikabbli għar-reġim matrimonjali. ***F'każijiet bħal dawn, il-liġi tal-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' dak il-konjuġi u t-terza persuna għandha tapplika għall-effetti fuq it-terza persuna tar-reġim matrimonjali.*** |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 35 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-liġi tal-Istat Membru ta' fejn tkun tinsab xi proprjetà immobbli tista' tipprevedi regola simili għal dik prevista fil-paragrafu 2 dwar ir-relazzjonijiet legali bejn wieħed mill-konjuġi u t-terza persuna fir-rigward ta' tali proprjetà immobbli.*** | 3. ***Il-paragrafu 2 ma għandux japplika jekk:*** |
| | ***(a) it-terza persuna kienet konxja, jew suppost kienet konxja, mil-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali, jew*** |
| | ***(b) ir-rekwiżiti li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni jew il-pubbliċità tar-reġim matrimonjali f'konformità mal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tat-terza persuna u l-konjuġi li jittratta mat-terza persuna, ġew sodisfatti, jew*** |
| | ***(c) fi trattamenti li jikkonċernaw proprjetà immobbli, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni jew il-pubbliċità tar-reġim matrimonjali fir-rigward tal-proprjetà immobbli f'konformità mal-liġi tal-Istat fejn tinsab il-proprjetà immobbli, ġew sodisfatti.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu - 36 (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu - 36*** |
| | ***Residenza abitwali*** |
| | ***1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-residenza abitwali ta' kumpaniji u entitajiet oħra, inkorporati jew mhux inkorporati, għandha tkun il-post tal-amministrazzjoni ċentrali.*** |
| | ***Ir-residenza abitwali ta' persuna fiżika li taġixxi matul l-attività ta' negozju tagħha għandha tkun il-post prinċipali tan-negozju tagħha.*** |
| | ***2. Fejn ir-relazzjoni legali tiġi konkluża matul l-operazzjoni ta' fergħa, aġenzija jew kwalunkwe stabbiliment ieħor, jew jekk, skont il-kuntratt, il-prestazzjoni tkun fir-responsabbiltà ta' tali fergħa, aġenzija jew stabbiliment, il-post fejn il-fergħa, l-aġenzija jew kwalunkwe stabbiliment ieħor ikunu jinsabu għandu jitqies bħala l-post ta' residenza abitwali.*** |
| | ***3. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-residenza abitwali, il-mument rilevanti għandu jkun il-mument meta jiġi konkluż il-kuntratt.*** |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ba) l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti bil-kompetenza biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà f'konformità mal-Artikolu 31b(1) u appelli kontra deċiżjonijiet dwar tali applikazzjonijiet skont l-Artikolu 31 g(2);*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 78(1), punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(bb) il-proċeduri biex tiġi kkontestata d-deċiżjoni mogħtija fl-appell kif imsemmi fl-Artikolu 31h;*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tpoġġi l-informazzjoni kkomunikata, f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, disponibbli għall-pubbliku permezz ta' mezzi adattati, b'mod partikolari permezz tas-sit tal-internet multilingwu tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fl-oqsma ċivili u kummerċjali. | 3. Il-Kummissjoni għandha tpoġġi l-informazzjoni kkomunikata, f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, disponibbli għall-pubbliku ***b'manjiera sempliċi*** permezz ta' mezzi adattati, b'mod partikolari permezz tas-sit tal-internet multilingwu tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fl-oqsma ċivili u kummerċjali. |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar din il-websajt multingwi tkun aċċessibbli wkoll permezz ta' kull websajt uffiċjali li joħolqu, b'mod partikolari billi jipprovdu link għall-websajt tal-Kummissjoni.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 78(3) tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Kummissjoni għandha tintroduċi għodda ta' informazzjoni u taħriġ għall-uffiċjali rilevanti tal-qrati u l-professjonisti legali billi twaqqaf portal interattiv bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluża sistema għall-iskambju tal-għarfien espert u l-prattiki professjonali.*** |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 37a*** |
| | ***Stabbiliment u emendar sussegwenti tal-lista li tinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1a)*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni, abbażi ta' notifiki mill-Istati Membri, għandha tistabbilixxi l-lista tal-awtoritajiet u l-professjonisti legali l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 2(1a).*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla sussegwenti fl-informazzjoni li tinsab f'dik il-lista. Il-Kummissjoni għandha temenda l-lista b'mod korrispondenti.*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista u kwalunkwe emenda sussegwenti f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*** |
| | ***4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblikament disponibbli l-informazzjoni kollha nnotifikata f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor li jkun xieraq, b'mod partikolari permezz tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 37b*** |
| | ***Stabbiliment u emendar sussegwenti tal-attestazzjonijiet u l-formoli msemmija fl-Artikoli 31c, 32, 33 u 34*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu u sussegwentement jemendaw l-attestazzjonijiet u l-formoli msemmija fl-Artikoli 31c, 32, 33 u 34. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 37c(2).*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 37c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 37c*** |
| | ***Proċedura tal-Kumitat*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |
| | ***2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |

*(Dan jikkorrispondi mal-Artikolu 81 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012.)*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 39 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III huma biss applikabbli għall-koppji li ***jkunu żżewġu jew li jkunu speċifikaw il-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali tagħhom,*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. | 3. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III huma biss applikabbli għall-koppji li wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament: |
| | ***(a) jiżżewġu, jew*** |
| | ***(b) jispeċifikaw il-liġi applikabbli għar-reġim matrimonjali.*** |
| | ***Ftehim dwar l-għażla tal-liġi applikabbli konkluż qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], ikun validu ugwalment jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu III jew jekk ikun validu fl-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat li jkunu fis-seħħ fil-mument meta l-ftehim dwar l-għażla tal-liġi jiġi konkluż.*** |

P7_TA(2013)0340

# Id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali u d-dritt ta' komunikazzjoni mal-arrest ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali u d-dritt ta' komunikazzjoni mal-arrest (COM(2011)0326 – C7-0157/2011 – 2011/0154(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/34)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0326),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 82(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0157/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-kontributi mressqa mill-Parlament Bulgaru, mis-Senat Taljan u mill-Parlament Portugiż dwar l-abbozz ta' att leġiżlattiv,

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-7 ta' Diċembru 2011 (1),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn tar-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tal-4 ta' Ġunju 2013 biex tiġi approvata l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0228/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi/tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2011)0154

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2013/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att finali, d-Direttiva 2013/48/UE.)*

P7_TA(2013)0341

## Ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà residenzjali ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà reżidenzjali (COM(2011)0142 – C7-0085/2011 – 2011/0062(COD)) (1)**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/35)

**[Emenda Nru 117]**

**EMENDI MRESSQA MILL-PARLAMENT** (*)

għall-proposta tal-Kummissjoni

(1) ĠU C 43, 15.2.2012, p. 51.

(1) Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa' jiġi eżaminat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0202/2012).

(*) Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

DIRETTIVA 2011/…/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar kuntratti ta' kreditu *għall-konsumaturi* marbutin ma' proprjetà *immobbli* residenzjali *u li temenda d-Direttiva 2008/48/KE*

*Test b'relevanza għaż-ŻEE*

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2],

▌

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) F'Marzu 2003, il-Kummissjoni nediet proċess ta' identifikazzjoni u valutazzjoni tal-impatt tal-ostakli għas-suq intern għall-kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali. Fit-18 ta' Diċembru 2007, adottat White Paper dwar l-Integrazzjoni tas-Swieq ta' Kreditu b'Ipoteka tal-UE. Il-White Paper ħabbret l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tivvaluta l-impatt ta', fost oħrajn, l-alternattivi politiċi għall-informazzjoni prekuntrattwali, il-bażijiet ta' data tal-krediti, l-affidabbiltà kreditizja, ir-rata perċentwali annwali tal-imposti (RPAI) u l-konsulenza dwar il-***kuntratti ta' kreditu***. Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll Grupp ta' Esperti dwar il-Każijiet ta' Kreditu sabiex jgħin lill-Kummissjoni tħejji miżuri biex ittejjeb l-aċċessibbiltà, il-paragunabbiltà u l-kompletezza tad-data dwar il-kreditu. Ġew imnedija wkoll studji dwar ir-rwol u l-operat tal-intermedjarji tal-kreditu u l-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu li jipprovdu kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali.

(2) Skont it-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***, is-suq intern jikkonsisti f'żona mingħajr fruntieri interni fejn jiġi żgurat il-moviment liberu ta' oġġetti u servizzi u l-libertà tal-istabbiliment. L-iżvilupp ta' suq tal-kreditu iktar trasparenti u effiċjenti f'dik iż-żona huwa vitali għall-promozzjoni tal-iżvilupp tal-attività transkonfinali u l-ħolqien ta' suq intern ***għall-***kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali. Jeżistu differenzi sostanzjali fil-liġijiet tad-diversi Stati Membri fir-rigward ***tal-***kondotta tan-negozju fl-għoti ta' kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u fir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tal-intermedjarji tal-kreditu u l-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu li jipprovdu kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali. Dawn id-differenzi joħolqu ostakli li jirrestrinġu l-livell ta' attività transkonfinali min-naħat tal-forniment u d-domanda, li b'hekk inaqqsu l-kompetizzjoni u l-għażla fis-suq, jgħollu l-kost tal-għoti ta' self għall-fornituri u saħansitra jipprevenuhom milli jwettqu negozju.

(3) Il-kriżi finanzjarja wriet li mġieba irresponsabbli mill-parteċipanti fis-suq tista' thedded is-sisien tas-sistema finanzjarja, twassal għal nuqqas ta' fiduċja fost il-partijiet kollha, partikolarment il-konsumaturi u potenzjalment għal konsegwenzi soċjali u ekonomiċi gravi. Ħafna konsumaturi tilfu l-fiduċja fis-settur finanzjarju u l-mutwatarji bdew isibuha dejjem aktar diffiċli biex isostnu s-self tagħhom, li ***jirriżulta f'***żieda fl-inadempjenzi u l-bejgħ sfurzat. ***B'riżultat ta' dan, il-G20 kkummisjonaw lill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja biex iwettaq il-ħidma meħtieġa biex jiġu stabbiliti prinċipji ta' standards ta' sottoskrizzjoni sodi fir-rigward ta' proprjetà immobbli residenzjali. Minkejja li wħud mill-akbar problemi fil-kriżi finanzjarja seħħew barra mill-Unjoni, il-konsumaturi fl-Unjoni għandhom dejn ta' livell konsiderevoli, li ħafna minnu hu kkonċentrat fi kreditu relatat ma' proprjetà immobbli residenzjali. Għaldaqstant huwa xieraq li jkun żgurat li l-qafas regolatorju tal-Unjoni f'dan il-qasam ikun robust,***

[1] ĠU C 240, 18.8.2011, p. 3.
[2] ĠU C 318, 29.10.2011, p. 133.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***konsistenti ma' prinċipji internazzjonali u jagħmel użu kif jixraq mill-firxa ta' għodod disponibbli, li jistgħu jinkludu l-użu tal-korrelazzjonijiet bejn is-self u l-valur, bejn is-self u d-dħul, bejn id-dejn u d-dħul u korrelazzjonijiet simili, livelli minimi li taħthom l-ebda kreditu ma jitqies aċċettabbli jew miżuri kompensatorji oħrajn għas-sitwazzjonijiet fejn ir-riskji sottostanti huma akbar għall-konsumatur jew fejn meħtieġa biex jiġi evitat dejn żejjed ta' unitajiet domestiċi.*** Fid-dawl tal-problemi li nkixfu waqt il-kriżi finanzjarja u ***bil-ħsieb li jiġi żgurat*** suq intern effiċjenti u kompetittiv ***li jikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja***, il-Kummissjoni ppproponiet, ***fil-Komunikazzjoni tagħha tal-4 ta' Marzu 2009 intitolata 'Nixprunaw l-Irkupru Ewropew',*** miżuri fir-rigward tal-kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali, fosthom qafas affidabbli għall-intermedjazzjoni kreditizja fil-kuntest li jwasslu għal swieq responsabbli u affidabbli għall-futur u li l-konsumaturi jerġgħu jiksbu l-fiduċja. ***Il-Kummissjoni affermat mill-ġdid l-impenn tagħha għal suq intern effiċjenti u kompetittiv fil-Komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' April 2011 intitolata 'L-Att dwar is-Suq Uniku: Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja'.***

(4) ***Ġew identifikati*** serje ta' problemi ▌fis-swieq ipotekarji ***fi ħdan l-Unjoni assoċjati ma'*** għoti u teħid ta' krediti irresponsabbli ▌u lok potenzjali għal imġiba irresponsabbli min-naħa tal-***parteċipanti tas-suq inklużi*** l-intermedjarji tal-kreditu u l-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu ▌. Xi problemi kienu jikkonċernaw krediti iddenominati f'munita barranija li konsumaturi ħadu f'dik il-munita sabiex igawdu mir-rata ta' self offruta iżda mingħajr ma ▌kellhom ***informazzjoni*** adegwata ***dwar, jew*** jifhmu biżżejjed ir-riskji tar-rata tal-kambju involuti. ***Dawk*** il-problemi huma stimulati mill-fallimenti tas-suq u dawk regolatorji kif ukoll minn fatturi oħra bħall-klima ekonomika ġenerali u livelli baxxi ta' kompetenza finanzjarja. Problemi oħrajn jinkludu l-ineffikaċja, l-inkonsistenza jew l-ineżistenza ▌ta' sistemi għall-intermedjarji tal-kreditu u l-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu li jipprovdu krediti għal proprjetà immobbli residenzjali. Il-problemi identifikati għandhom potenzjalment effetti makroekonomiċi sekondarji sinifikanti, jistgħu jwasslu għall-ħsara lill-konsumatur, jaġixxu ta' ostakli ekonomiċi jew legali għall-attività transkonfinali u joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi bejn l-atturi.

(5) Sabiex ikun iffaċilitat l-iżvilupp ta' suq intern li jiffunzjona bla intoppi b'livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi fil-qasam tal-kuntratti tal-kreditu għal ▌proprjetà immobbli ▌***u*** sabiex ikun żgurat li konsumaturi li jkunu qed ifittxu ***tali*** kuntratti ▌ jkunu jistgħu jagħmlu dan fiduċjużi li l-istituzzjonijiet li magħhom ikollhom x'jaqsmu, jaġixxu b'mod professjonali u responsabbli, ***jeħtieġ li jiġi stabbilit qafas tal-Unjoni armonizzat kif jixraq f'għadd ta' oqsma, filwaqt li jitqiesu d-differenzi fil-kuntratti ta' kreditu li jirriżultaw b'mod partikolari minħabba d-differenzi fis-swieq nazzjonali u reġjonali tal-proprjetà immobbli.***

***(6) Din id-Direttiva għandha għaldaqstant tiżviluppa suq intern iktar trasparenti, effiċjenti u kompetittiv permezz ta' kuntratti ta' kreditu koerenti, flessibbli u ġusti relatati mal-proprjetà immobbli, filwaqt li tippromwovi s-self sostenibbli (min-naħa ta' min isellef u min-naħa ta' min jissellef) u b'hekk tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni lill-konsumaturi.***

***(7) Sabiex jinħoloq suq intern ġenwin b'livell għoli u ekwivalenti ta' protezzjoni għall-konsumatur, din id-Direttiva tistabbilixxi dispożizzjonijiet li għandhom ikunu soġġetti għal armonizzazzjoni massima fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni prekuntrattwali permezz tal-format standardizzat tal-FEIS (Fuljett Ewropew ta' Informazzjoni Standardizzata) u l-kalkolu tar-RPAI. Madankollu, meta titqies l-ispeċifiċità tal-kuntratti ta' kreditu marbutin mal-proprjetà immobbli u tad-differenzi fl-iżviluppi tas-suq u l-kundizzjonijiet fl-Istati Membri, partikolarment rigward l-istruttura tas-suq u l-parteċipanti tas-suq, il-kategoriji ta' prodotti disponibbli u l-proċeduri involuti fil-proċess tal-għoti tal-kreditu, l-Istati Membri għandhom jitħallew iżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet aktar rigorużi minn dawk stipulati f'din id-Direttiva f'dawk l-oqsma li mhumiex speċifikati b'mod ċar bħala li huma soġġetti għal armonizzazzjoni massima. Dan l-approċċ immirat huwa meħtieġ sabiex jiġi evitat effett negattiv fuq il-livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi marbutin ma' ftehimiet ta' kreditu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Pereżempju, l-Istati Membri għandhom jitħallew iżommu jew idaħħlu dispożizzjonijiet aktar rigorużi fir-rigward tar-rekwiżiti ta' konoxxenza u kompetenza għall-persunal u struzzjonijiet biex jikkompletaw l-FEIS.***

(8) Din id-Direttiva għandha ttejjeb il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u l-funzjonament ta' suq intern permezz tal-approssimizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri u l-istabbiliment ta' standards ta' kwalità għal ċerti servizzi, b'mod partikolari fir-rigward tad-distribuzzjoni u forniment tal-kreditu permezz ta' kredituri u intermedjarji tal-kreditu ***u l-promozzjoni ta' prattika tajba.*** L-istabbiliment ta' standards ta' kwalità għas-servizzi tal-forniment ta' kreditu neċessarjament jinvolvi l-introduzzjoni ta' ***ċerti*** dispożizzjonijiet dwar ***l-ammissjoni, is-superviżjoni*** u r-rekwiżiti prudenzjali.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(9) Għal dawk l-oqsma mhux koperti minn din id-Direttiva l-Istati Membri huma ħielsa li jżommu jew jintroduċu liġijiet nazzjonali. ***B'mod partikolari***, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali f'oqsma bħal liġi tal-kuntratti marbuta mal-validità tal-ftehimiet ta' kreditu, il-***liġi*** tal-proprjetà, reġistrazzjoni tal-art, informazzjoni kuntrattwali ***u, sal-punt li mhumiex regolati f'din id-Direttiva,*** kwistjonijiet postkuntrattwali. ***L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-evalwatur jew il-kumpanija li tevalwa jew in-nutara jistgħu jintgħażlu bi ftehim reċiproku tal-partijiet. Minħabba d-differenzi bejn il-proċessi għax-xiri jew il-bejgħ ta' proprjetà immobbli residenzjali fl-Istati Membri, hemm lok għall-kredituri jew jew l-intermedjarji tal-kreditu li jfittxu li jirċievu pagamenti bil-quddiem mill-konsumaturi bl-intendiment li dawn il-pagamenti jistgħu jgħinu biex jiżguraw il-konklużjoni ta' kuntratt tal-kreditu jew ix-xiri jew il-bejgħ ta' proprjetà immobbli, u biex ma jsirx abbuż minn tali prattiki partikolarment fejn il-konsumatur ma jkunx midħla tar-rekwiżiti u l-prattika normali f'dak l-Istat Membru. Hu għalhekk xieraq li l-Istati Membri jkunu jistgħu jimponu restrizzjonijiet fuq tali pagamenti.***

***(10) Din id-Direttiva għandha tapplika irrispettivament minn jekk il-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu tkunx persuna ġuridika jew persuna fiżika. Madankollu, din-id-Direttiva m'għandhiex taffettwa d-dritt tal-Istati Membri li, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jillimitaw ir-rwol tal-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu taħt din id-Direttiva għal persuni ġuridiċi biss jew għal ċerti tipi ta' persuni ġuridiċi.***

(11) ***Peress*** li l-konsumaturi u l-impriżi mhumiex fl-istess pożizzjoni, m'għandhomx bżonn l-istess livell ta' protezzjoni. Filwaqt li huwa importanti li ***d-drittijiet tal***-konsumatur ikunu garantiti ▌ ***permezz ta'*** dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu dderogati b'kuntratt, huwa raġonevoli li l-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet jitħallew jidħlu fi ftehimiet oħrajn. ▌

***(12) Id-definizzjoni ta' konsumatur għandha tkopri l-persuni fiżiċi li jkunu joperaw barra mill-attività kummerċjali, imprenditorjali jew professjonali tagħhom. Madankollu, fil-każ ta' kuntratti bi skop doppju, fejn il-kuntratt ikun konkluż għal skopijiet parzjalment fl-ambitu jew parzjalment barra mill-ambitu tal-attività kummerċjali, in-negozju jew il-professjoni tal-persuna u l-attività kummerċjali, tan-negozju jew professjonali huwa tant limitat li ma jkunx predominanti fil-kuntest globali tal-kuntratt, dik il-presuna għandha titqies ukoll bħala konsumatur.***

***(13) Waqt li din id-Direttiva tirregola l-kuntratti ta' kreditu li unikament jew b'mod predominanti jirrigwardaw proprjetà immobbli residenzjali, din ma żżommx lill-Istati Membri milli jestendu l-miżuri meħuda skont din id-Direttiva għall-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward tal-kuntratti ta' kreditu relatati ma' forom oħra ta' proprjetà immobbli, jew milli jirregolaw xort' oħra ta' kuntratti ta' kreditu bħal dawn.***

***(14) Id-definizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva jiddeterminaw l-ambitu tal-armonizzazzjoni.*** *Għaldaqstant*, ***l-obbligi tal-Istati Membri li jittrasponu din id-****Direttiva għandhom* ***ikunu limitati għall-ambitu ta' dawk id-definizzjonijiet. Pereżempju, l-obbligi fuq l-Istati Membri li jittrasponu din id-Direttiva huma limitati għall-kuntratti ta' kreditu konklużi mal-konsumaturi, jiġifieri ma' persuni fiżiċi li, fi transazzjonijiet koperti b'din id-Direttiva, ikunu joperaw barra mill-attività kummerċjali, imprenditorjali jew professjonali tagħhom. Bl-istess mod, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jittrasponu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jirregolaw l-attività ta' persuni li joperaw bħala intermedjarju tal-kreditu kif iddefinit fid-Direttiva. Madankollu, din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni mill-Istati Membri, skont il-liġi tal-Unjoni, ta' din id-Direttiva għal oqsma li mhumiex koperti mill-ambitu tagħha. Barra minn hekk, id-definizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jadottaw sottodefinizzjonijiet taħt il-liġi nazzjonali għal skopijiet speċifiċi, sakemm dawn jibqgħu konformi mad-definizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Per eżempju, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeterminaw skont il-liġi nazzjonali s-sottokategoriji ta' intermedjarji tal-kreditu li mhumiex identifikati f'din id-Direttiva, fejn tali sottokategoriji huma neċessarji fil-livell nazzjonali pereżempju biex issir differenzjazzjoni fil-livell ta' rekwiżiti ta' konoxxenza u kompetenza li għandhom ikunu ssodisfati mid-diversi intermedjarji tal-kreditu.***

(15) L-objettiv ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li l-konsumaturi li jidħlu f'***kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli*** jibbenefikaw minn livell għoli ta' protezzjoni. Għaldaqstant, għandha tapplika għall-krediti ggarantiti bi proprjetà immobbli, ***irrispettivament mill-iskop tal-kreditu, kuntratti ta' finanzjament mill-ġdid jew kuntratti ta' kreditu oħrajn li jgħinu lill-proprjetarju jew semiproprjetarju biex jibqa' jżomm id-drittijiet fuq il-proprjetà immobbli jew l-art u*** krediti li jintużaw sabiex tinxtara proprjetà immobbli f'xi Stati Membri, ***inklużi krediti li ma jirrikjedux ir-rimbors tal-kapital jew, sakemm l-Istati Membri m'għandhomx qafas alternattiv adegwat fis-seħħ, dawk li l-iskop tagħhom hu li jipprovdu finanzjament temporanju bejn il-bejgħ ta' proprjetà immobbli u x-xiri ta' oħra, u għall***-krediti ***ggarantiti*** għar-rinovazzjoni ta' proprjetà immobbli ▌.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(16) Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal ċertu kuntratti ta' kreditu ***fejn il-kreditur jikkontribwixxi somma unika, pagamenti perjodiċi jew forom oħra ta' żborż ta' kreditu bi tpattija għal somma li tirriżulta mill-bejgħ*** ta' proprjetà immobbli u li l-għan primarju jkun li jiffaċilita l-konsum, bħal prodotti ta' rilaxx ta' ekwità jew prodotti speċjalizzati ekwivalenti oħra. Dawn il-kuntratti ta' kreditu għandhom karatteristiċi speċifiċi li huma lil hinn mill-ambitu ta' din id-Direttiva. Valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur, pereżempju, hija irrilevanti peress li l-pagamenti jsiru mill-kreditur lill-konsumatur minflok bil-kontra. Tranżazzjoni bħal din tkun teħtieġ, fost l-oħrajn, informazzjoni prekuntrattwali sostanzjalment differenti. Barra minn dan, prodotti oħra bħal bejgħ tan-nuda properjetà (home reversions), li għandhom funzjonijiet paragunabbli għall-annwalità ipotekarja (reverse mortgages) jew l-annwalità minn self ipotekarju (lifetime mortgages), ma jinvolvux il-forniment ta' kreditu u għalhekk jibqgħu barra mill-ambitu ta' din id-Direttiva. ▌

*(17)* ***Din id-Direttiva m'għandhiex tkopri tipi oħra ta' kuntratti ta' kreditu speċjalizzati elenkati espliċitament, li huma differenti fin-natura u r-riskji involuti tagħhom mill-krediti ipotekarji standard u li għalhekk jeħtieġu approċċ imfassal apposta, b'mod partikolari kuntratti ta' kreditu li jkunu r-riżultat ta'*** ftehim ***milħuq quddiem il-qorti jew quddiem awtorità statutorja oħra, u ċerti tipi ta' kuntratti ta' kreditu fejn il-kreditu jingħata minn min iħaddem lill-impjegati tiegħu taħt ċertu ċirkostanzi, kif diġà previst fid-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar kuntratti ta' kreditu għal konsumaturi*** [1]***. Huwa xieraq li l-Istati Membri jingħataw lok li taħt ċerti kundizzjonijiet jeskludu ċerti kuntratti ta' kreditu, bħal dawk li jingħataw lill-pubbliku ristrett b'termini vantaġġużi jew li huma provduti minn għaqdiet tal-kreditu, kemm-il darba jkun hemm fis-seħħ arranġamenti alternattivi adegwati biex ikun żgurat li l-objettivi tal-politika marbuta mal-istabbiltà finanzjarja u s-suq intern jistgħu jintlaħqu mingħajr ostaklu għall-inklużjoni finanzjarja u l-aċċess għall-kreditu. Il-kuntratti ta' kreditu fejn il-proprjetà immobbli ma tkunx ser tiġi okkupata bħala dar, appartament jew post ieħor ta' residenza mill-konsumatur jew membru tal-familja tal-konsumatur u li tkun okkupata bħala dar, appartament jew post ieħor ta' residenza abbażi ta' kuntratt ta' kiri, għandhom riskji u karatteristiċi li huma differenti mill-kuntratti standard ta' kreditu u għalhekk jistgħu jirrikjedu qafas iktar adattat. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeskludu kuntratti ta' kreditu bħal dawn mid-Direttiva meta jkun hemm fis-seħħ qafas nazzjonali adatt għalihom.***

*(18)* ***Kuntratti ta' kreditu mhux garantiti li jkollhom bħala skop ir-rinovazzjoni ta' proprjetà immobbli residenzjali li tinvolvi ammont totali ta' kreditu 'l fuq minn EUR 75 000 għandhom jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE sabiex jiġi żgurat livell ekwivalenti ta' protezzjoni għal dawk il-konsumaturi u sabiex jiġi evitat vojt regolatorju bejn dik id-Direttiva u din id-Direttiva. Id-Direttiva 2008/48/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata kif meħtieġ.***

(19) Minħabba raġunijiet ta' ċertezza legali, il-qafas ***legali*** tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali għandu jkun konsistenti ma' atti oħra tal-Unjoni u kumplimentari għalihom, partikolarment fl-oqsma tal-protezzjoni tal-konsumatur u s-superviżjoni prudenzjali. ***Ċerti*** definizzjonijiet ***essenzjali inkluża d-definizzjoni*** ta' ▌'konsumatur', ▌u 'mezz durabbli', kif ukoll kunċetti prinċipali użati fl-informazzjoni standard biex jindikaw il-karatteristiċi finanzjarji tal-kreditu, ***inkluż*** l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur' u ▌'ir-rata tal-imgħax tas-self ▌' għandhom ikunu konformi ma' dawk stipulati fid-Direttiva 2008/48/KE sabiex l-istess terminoloġija tkun tirreferi għall-istess tip ta' fatti rrispettivament minn jekk il-kreditu huwiex kreditu lill-konsumatur marbut ma' proprjetà immobbli residenzjali. Għalhekk, fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm ▌konsistenza fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ***fir-rigward ta' dawk id-definizzjonijiet essenzjali u l-kunċetti ewlenin.***

(20) Sabiex jiġi żgurat qafas konsistenti għall-konsumaturi fil-qasam tal-kreditu kif ukoll biex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-kredituri u l-intermedjarji tal-kreditu, il-qafas ċentrali ta' din id-Direttiva għandu jsegwi l-istruttura tad-Direttiva 2008/48/KE ***fejn possibbli***, l-aktar il-kunċetti li l-informazzjoni inkluża fir-riklamar li jikkonċerna kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali ▌għandha tingħata lill-konsumatur permezz ta' eżempji rappreżentattivi, li għandha tingħata lill-konsumatur ▌informazzjoni prekuntrattwali dettaljata permezz ta' fuljett ta' informazzjoni standardizzata, li l-konsumatur ***jirċievi*** spjegazzjonijiet adegwati qabel ma

---

[1] ***ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***jidħol*** f'kuntratt ta' kreditu, ***tiġi stabbilita bażi komuni għall-kalkolu tal-APRC esklużi l-ispejjeż tan-nutar***, u li l-kredituri ▌għandhom jivvalutaw l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur qabel ma ***jagħtu*** kreditu. Bl-istess mod, għandu jkun żgurat li l-kredituri jkollhom aċċess nondiskriminatorju għall-bażijiet ta' data releventi sabiex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd permezz tad-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 2008/48/KE. L-istess bħad-Direttiva 2008/48/KE, din id-Direttiva għandha tiżgura ***proċess ta' ammissjoni*** u superviżjoni adatta tal-kredituri kollha li jipprovdu kuntratti ta' kreditu marbutin ma' ▌proprjetà immobbli u għandha tistipula rekwiżiti għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni extraġudizzjarja tat-tilwim u aċċess għalihom.

(21) Din id-Direttiva għandha tissupplimenta d-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi ([1]) li tesiġi li ***f'każijiet ta' bejgħ b'distanza***, il-konsumatur ikun infurmat bl-eżistenza ta' dritt ta' irtirar jew in-nuqqas tiegħu u tipprevedi dritt ta' rtirar. Madankollu, filwaqt li d-Direttiva 2002/65/KE tipprevedi l-possibbiltà li l-fornitur jikkomunika informazzjoni prekuntrattwali wara l-konklużjoni tal-kuntratt, dan ma jkunx adatt għal kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali minħabba s-sinifikat tal-impenn finanzjarju għall-konsumatur. ***Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-liġi kuntrattwali nazzjonali ġenerali bħar-regoli dwar il-validità, il-formazzjoni jew l-effett ta' kuntratt, sa fejn aspetti ta' dritt kuntrattwali ġenerali mhumiex regolati f'din id-Direttiva.*** ▌

(22) Fl-istess ħin, huwa importanti ***li*** jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali li jiġġustifikaw approċċ differenzjat. Minħabba n-natura u l-konsegwenzi possibbli ta' kuntratt ta' kreditu marbuta ma' proprjetà immobbli residenzjali għall-konsumatur, materjal ta' riklamar u informazzjoni prekuntrattwali personalizzata għandhom jinkludu twissijiet speċifiċi ***adatti*** dwar ir-riskji, pereżempju dwar l-***impatt potenzjali ta' varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju fuq dak li jkollu jħallas lura l-konsumatur u, fejn ivvalutat kif xieraq mill-Istati Membri, in-***natura u l-implikazzjonijiet ta' sottoskrizzjoni ta' garanzija. Skont dak li diġà jeżisti bħala approċċ voluntarju mill-industrija dwar is-self fuq id-djar, minbarra l-informazzjoni prekuntrattwali personalizzata, għandha tkun disponibbli f'kull ħin informazzjoni ġenerali prekuntrattwali. Barra minn dan, approċċ differenzjat huwa ***ġġustifikat*** sabiex jitqiesu l-lezzjonijiet li ħarġu mill-kriżi finanzjarja u sabiex jiġi żgurat li l-kreditu joriġina b'mod validu. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet dwar l-affidabbiltà kreditizja għandhom ikunu msaħħa fil-konfront tal-kreditu lill-konsumatur, informazzjoni aktar preċiża għandha tingħata mill-intermedjarji tal-kreditu dwar l-istatus tagħhom u r-relazzjoni mal-kredituri sabiex jiġu ddivulgati konflitti ta' interess potenzjali, u l-atturi kollha involuti fl-organizzazzjoni tal-kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli għandhom ikunu ammessi u sorveljati b'mod adatt.

***(23) Jeħtieġ li jiġu regolati xi oqsma addizzjonali sabiex tiġi riflessa l-ispeċifiċità tal-krediti relatat ma' proprjetà immobbli residenzjali. Minħabba s-sinjifikat tat-tranżazzjoni jeħtieġ jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom ħin biżżejjed ta' mill-inqas sebat ijiem biex jikkunsidraw l-implikazzjonijiet. L-Istati Membri għandu jkollhom il-flessibbiltà li jipprevedu dan il-ħin suffiċjenti jew bħala ħin ta' riflessjoni qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt ta' kreditu, jew perijodu ta' rexissjoni wara li jiġi konkluż il-kuntratt ta' kreditu jew kombinazzjoni tat-tnejn. Huwa xieraq li l-Istati Membri jkollhom il-flessibbiltà li jagħmlu l-perijodu ta' riflessjoni vinkolanti fuq il-konsumatur għal perijodu li ma jaqbiżx l-għaxart ijiem iżda li f'każijiet oħrajn, il-konsumaturi li jixtiequ jipproċedu matul il-perijodu ta' riflessjoni jkunu jistgħu jagħmlu dan u li, fl-interess taċ-ċertezza legali fil-kuntest ta' transazzjonijiet rigward proprjetà, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprevedu li l-perijodu ta' riflessjoni jew id-dritt ta' rexissjoni għandu jieqaf f'każ li l-konsumatur iwettaq kwalunkwe azzjoni li, skont il-liġi nazzjonali, tirriżulta fil-ħolqien jew trasferiment ta' dritt fuq proprjetà konness ma' fondi miksuba permezz tal-kuntratt ta' kreditu jew bl-użu tagħhom jew, fejn applikabbli, trasferimenti tal-fondi lil parti terza.***

([1]) ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(24) Minħabba l-karatteristiċi partikolari tal-kuntratti ta' kreditu relatati ma' proprjetà immobbli residenzjali hi prattika komuni li l-kredituri joffru lill-konsumatur għadd ta' prodotti jew servizzi li jistgħu jinxtraw flimkien mal-kuntratt ta' kreditu. Għaldaqstant, minħabba s-sinifikat ta' tali kuntratti għall-konsumaturi, hu xieraq li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi fuq prattiki ta' rbit. L-ikkombinar ta' kuntratt ta' kreditu ma' wieħed jew aktar mis-servizzi jew prodotti finanzjarji f'pakketti hu mezz għall-kredituri biex jiddiversifikaw l-offerta tagħhom u jikkompetu kontra xulxin, sakemm li l-komponenti tal-pakkett jistgħu wkoll jinxtraw separatament. Filwaqt li l-ikkombinar ta' kuntratti ta' kreditu ma' servizz jew prodott finanzjarju wieħed jew aktar f'pakketti jista' jibbenefika lill-konsumatur, dan jista' jaffettwa b'mod negattiv il-mobbiltà tal-konsumatur u l-kapaċità tiegħu li jagħmel għażliet infurmati, sakemm il-komponenti tal-pakkett ma jistgħux jinxtraw separatament. Hu importanti li jiġu impeduti prattiċi bħal dawn bħal pereżempju l-irbit ta' ċerti prodotti li jista' jħajjar lill-konsumatur biex jidħol f'kuntratti ta' kreditu li mhumiex fl-aħjar interess tiegħu, madankollu, mingħajr ma jillimitaw l-abbinar ta' prodotti li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-konsumatur. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikomplu jissorveljaw mill-qrib is-swieq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur biex ikun żgurat li l-prattiċi ta' abbinar ta' prodotti ma joħolqux distorsjoni fl-għażla għall-konsumatur u l-kompetizzjoni fis-suq.*

*(25) Bħala regola ġenerali, m'għandhomx ikunu permessi prattiċi ta' rbit sakemm is-servizz jew prodott finanzjarju offruti flimkien mal-kuntratt ta' kreditu ma jistgħux jiġu offruti separatament peress li jkunu parti integrata bis-sħiħ tal-kreditu, pereżempju fil-każ ta' ipoteka ggarantita. F'każijiet oħra, jista' jkun madankollu ġustifikat għall-kredituri li joffru jew ibigħu kuntratt ta' kreditu f'pakkett flimkien ma' kont ta' pagamenti, kont tat-tfaddil, prodott ta' investiment jew prodott ta' pensjoni, pereżempju fejn il-kapital fil-kont jintuża għall-ħlas lura tal-kreditu jew hu prerekwiżit għall-akkomunament tar-riżorsi biex jinkiseb il-kreditu, jew f'sitwazzjonijiet fejn, pereżempju, prodott ta' investiment jew prodott ta' pensjoni privata jservi bħala garanzija addizzjonali għall-kreditu. Filwaqt li hu ġustifikat għall-kredituri li jkunu jistgħu jesiġu mill-konsumatur li jkollu polza tal-assigurazzjoni rilevanti sabiex jiggarantixxi l-ħlas lura tal-kreditu jew jassigura l-valur tal-garanzija, il-konsumatur għandu jkollu l-opportunità li jagħżel l-assiguratur tiegħu, dment li l-polza tal-assigurazzjoni tiegħu jkollha livell ekwivalenti ta' garanzija bħal dak tal-polza tal-assigurazzjoni proposta jew offruta mill-kreditur. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jistandardizzaw, kompletament jew parzjalment, il-kopertura provduta mill-kuntratti tal-assigurazzjoni sabiex jiffaċilitaw it-tqabbil bejn offerti differenti lill-konsumaturi li jixtiequ jagħmlu dan it-tqabbil.*

*(26) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-proprjetà immobbli residenzjali tiġi vvalutata kif jixraq qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu, u, b'mod partikolari fejn il-valutazzjoni taffettwa l-obbligu residwu tal-konsumatur, fil-każ ta' inadempjenza. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ standards affidabbli ta' valutazzjoni. Biex l-istandards ta' valutazzjoni jitqiesu affidabbli, dawn iridu jieħdu kont tal-istandards ta' valutazzjoni rikonoxxuti internazzjonalment, partikolarment dawk żviluppati mill-International Valuation Standards Committee, l-Assoċjazzjonijiet tal-European Group of Valuers jew ir-Royal Institution of Chartered Surveyors. Dawn l-istandards ta' valutazzjoni rikonoxxuti internazzjonalment fihom prinċipji ta' livell għoli li jirrikjedu li l-kredituri, fost oħrajn, jadottaw u jaderixxu ma' proċessi adegwati ta' ġestjoni interna tar-riskju u ta' ġestjoni tal-garanziji, li jinkludu proċessi ta' valutazzjoni tajbin, li jadottwa standards u metodi ta' valutazzjoni li jwasslu għal valutazzjoni realistika u sostanzjata tal-proprjetà sabiex ikun żgurat li r-rapporti kollha ta' valutazzjoni jitħejjew b'ħila u diliġenza professjonali xierqa u li min jivvaluta jkollu ċerti rekwiżiti ta' kwalifiki u li jżomm dokumentazzjoni adegwata tal-valutazzjoni dwar il-garanziji li tkun komprensiva u plawsibbli. F'dan ir-rigward huwa wkoll mixtieq li jkun żgurat monitoraġġ adatt tas-swieq tal-proprjetà immobbli residenzjali u li l-mekkaniżmi f'tali dispożizzjonijiet jikkonformaw mad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment* [1] *. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar standards ta' valutazzjoni ta' proprjeta jistgħu jiġu osservati per eżempju permezz ta' liġi jew awtoregolamentazzjoni.*

*(27) Minħabba konsegwenzi sinifikanti għall-kredituri, il-konsumaturi u potenzjalment l-istabbiltà finanzjarja ta' bejgħ furzat, huwa xieraq li l-kredituri jiġu inkoraġġuti jittrattaw b'mod proattiv ir-riskju ta' kreditu emerġenti fi stadju bikri u li jkunu fis-seħħ il-miżuri neċessarji biex jiġi żgurat li l-kredituri jdumu biex jaslu għall-bejgħ furzat u jagħmlu tentattivi raġonevoli biex jirriżolvu s-sitwazzjoni permezz ta' mezzi oħra qabel ma jibdew il-*

(1) *ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***proċedimenti ta' bejgħ furzat. Fejn possibbli, għandhom jinstabu soluzzjonijiet li jqisu ċ-ċirkustanzi prattiċi u l-bżonn raġonevoli tal-ispejjeż għall-għajxien tal-konsumatur. Fejn wara l-proċedimenti ta' bejgħ furzat jibqa' dejn pendenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-protezzjoni ta' kundizzjonijiet minimi ta' għajxien u jadottaw miżuri biex jiffaċilitaw il-ħlas lura waqt li jevitaw dejn eċċessiv fit-tul. Tal-inqas, meta s-somma miksuba għall-proprjetà immobbli taffettwa l-ammont dovut mill-konsumatur, l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-kredituri jieħdu passi raġonevoli biex jiksbu l-aħjar somma possibbli għall-proprjetà immobbli soġġetta għall-bejgħ furzat fil-kuntest tal-kundizzjonijiet tas-suq. L-Istati Membri m'għandhomx jimpedixxu lill-partijiet għal kuntratt ta' kreditu milli jiftiehmu b'mod espress li t-trasferiment tal-garanzija lill-kreditur ikun biżżejjed biex jitħallas lura l-kreditu.***

(28) L-intermedjarji ta' spiss jinvolvu ruħhom f'attivitajiet oħrajn ***minbarra*** sempliċiment l-intermedjazzjoni kreditizja, partikolarment intermedjazzjoni assigurattiva jew forniment ta' servizzi tal-investiment. Għaldaqstant, din id-Direttiva għandha wkoll tiżgura livell ta' koerenza mad-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni [1] u d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fi strumenti finanzjarji [2]. ***B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet tal-kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn soġġetti għal reġim ekwivalenti ta' ammissjoni skont il-liġi nazzjonali m'għandhomx jesiġu ammissjoni separata biex joperaw bħala intermedjarju kreditizju*** sabiex jissimplifikaw il-proċess ta' stabbiliment bħala intermedjarju tal-kreditu u joperaw b'mod transkonfinali. ***Ir-responsabbiltà sħiħa u mingħajr kundizzjonijiet imposta fuq il-kredituri u l-intermedjarji tal-kreditu għall-attivitajiet ta' intermedjarji tal-kreditu vinkolati jew rappreżentanti maħturin għandha testendi biss għal attivitajiet fl-ambitu tad-Direttiva sakemm l-Istati Membri ma jagħżlux li jestendu dik ir-responsabbiltà għal oqsma oħrajn.***

***(29) Sabiex tiżdied il-ħila tal-konsumaturi li jagħmlu deċiżjonijiet informati huma stess dwar is-self u dwar il-ġestjoni responsabbli tad-dejn, l-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri biex jappoġġaw l-edukazzjoni tal-konsumaturi rigward self responsabbli u ġestjoni tad-dejn partikolarment fir-rigward ta' kuntratti ta' kreditu ipotekarji. Hu partikolarment importanti li tingħata gwida lill-konsumaturi li jidħlu għal kreditu ipotekarju għall-ewwel darba. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tidentifika eżempji tal-aħjar prattika biex tiffaċilita l-iżvilupp ulterjuri ta' miżuri biex titjieb is-sensibilizzazzjoni finanzjarja tal-konsumaturi.***

***(30) Minħabba r-riskji sinifikanti marbutin ma' self f'munita barranija, hu meħtieġ li jiġu previsti miżuri biex ikun żgurat li l-konsumaturi jkunu konxji tar-riskju li qed jassumu u li l-konsumaturi għandhom il-possibbiltà li jillimitaw l-iskopertura tagħhom għar-riskju tar-rata tal-kambju tul kemm idum il-kreditu. Ir-riskju jista' jiġi limitat jew billi l-konsumatur jingħata d-dritt li jikkonverti l-munita tal-kreditu, jew b'arranġamenti oħrajn bħal limiti massimi jew, fejn dawn ikunu biżżejjed biex jillimitaw ir-riskju tar-rata ta' kambju, twissijiet.***

(31) Il-qafas legali applikabbli għandu jagħti lill-konsumaturi l-fiduċja li l-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u ***r-rappreżentanti maħtura jieħdu kont tal-***interessi tal-konsumatur, ***fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli lill-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu u r-rappreżentant maħtur f'dak il-ħin u abbażi ta' preżunzjonijiet raġonevoli dwar ir-riskji għas-sitwazzjoni tal-konsumatur matul il-perijodu tal-kuntratt ta' kreditu propost. Huwa jista' jimplika, fost affarijiet oħrajn, li l-kredituri ma jkunux jistgħu jikkummerċjalizzaw il-kreditu b'mod li l-kummerċjalizzazzjoni tnaqqas b'mod sinifikanti jew x'aktarx tnaqqas il-kapaċità tal-konsumatur li jikkunsidra sew jekk għandux jieħdu kreditu, jew li l-kreditur m'għandux juża l-għoti tal-kreditu bħala metodu prinċipali għall-kummerċjalizzazzjoni meta jkun qed jikkummerċjalizza oġġetti, servizzi jew proprjetà immobbli lill-konsumaturi.*** Aspett ewlieni fl-iżgurar tal-fiduċja tal-konsumatur huwa r-rekwiżit li jkun żgurat grad għoli ta' ġustizzja, onestà u professjonaliżmu fl-industrija, ***ġestjoni adegwata tal-kunflitti ta' interess inklużi dawk relatati ma' rimunerazzjoni, u li jkun rekwiżit li parir jingħata fl-aħjar interess tal-konsumatur.*** ▌

***(32) Huwa xieraq li jkun żgurat li l-persunal rilevanti tal-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u r-rappreżentanti maħtura jkollhom livell xieraq ta' għarfien u kompetenza sabiex jintlaħaq livell għoli ta' professjonaliżmu. Din id-Direttiva għandha, għalhekk***, tesiġi l-prova tal-għarfien u l-kompetenza rilevanti fil-livell tal-kumpannija, ***abbażi tar-rekwiżiti minimi ta' għarfien u kompetenza stabbiliti f'din id-Direttiva.*** L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jintroduċu jew iżommu tali rekwiżiti li japplikaw għal persuni fiżiċi individwali. ***L-Istati Membri għandhom***

[1] ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3.
[2] ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

***ikunu jistgħu jippermettu lill-kredituri, lill-intermedjarji tal-kreditu u lir-rappreżentanti maħturin li jiddifferenzjaw bejn il-livelli ta' rekwiżiti minimi ta' għarfien skont l-involviment fit-twettiq ta' servizzi jew proċessi partikolari. F'dan il-kuntest, persunal jinkludi persunal esternalizzat, li jaħdem għall-kreditur u fi ħdanu, l-intermedjarju tal-kreditu jew ir-rappreżentanti maħtura kif ukoll l-impjegati tagħhom. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-persunal direttament involut fl-attivitajiet taħt din id-Direttiva għandu jinkludi kemm persunal li jkollu kuntatt mal-klijent kif ukoll dak amministrattiv, inkluż id-diriġenza, li jwettqu rwol importanti fil-proċess li jwassal għall-kuntratt ta' kreditu. Il-persuni b'funzjonijiet ta' sostenn li mhumiex relatati mal-proċess tal-kuntratt ta' kreditu (per eżempju riżorsi umani u persunal tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni) m'għandux jitqies bħala persunal taħt din id-Direttiva.***

(33) ***Fejn kreditur jew intermedjarju tal-kreditu jipprovdi s-servizzi tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-Istat Membru tad-domiċilju għandu jkollu r-responsabbiltà li jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi ta' konoxxenza u kompetenza applikabbli għall-persunal. Madankollu, l-Istati Membri ospitanti li jqisu li dan huwa meħtieġ għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti proprji ta' kompetenza f'ċerti oqsma speċifikati applikabbli għall-kredituri u l-intermedjarji tal-kreditu li jipprovdu s-servizzi fit-territorju ta' dak l-Istat Membru taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.***

(34) ***Minħabba l-importanza li jkun żgurat li r-rekwiżiti ta' għarfien u ta' kompetenza jiġu applikati u osservati fil-prattika, l-Istati Membri għandhom jesiġu li l-awtoritajiet kompetenti jissorveljaw lill-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u r-rappreżentanti maħtura u jagħtuhom is-setgħa li jiksbu dik l-evidenza li jeħtieġu biex ikunu jistgħu jivvalutaw il-konformità b'mod affidabbli.***

(35) ***Il-mod kif il-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u r-rappreżentanti maħtura jiġu remunerati għandu jikkostitwixxi wieħed mill-aspetti prinċipali sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tal-konsumaturi fis-settur finanzjarju. Din id-Direttiva tipprevdi regoli għar-rimunerazzjoni tal-persunal, bl-għan li prattiki ta' bejgħ abbużiv jiġu limitati u biex jiġi żgurat li l-mod kif il-persunal jiġi remunerat ma jostakolax il-konformità mal-obbligu li l-interessi tal-konsumaturi jiġu kkunsidrati. B'mod partikolari, il-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u r-rappreżentanti maħtura ma' għandhomx ifasslu l-politiki ta' rimunerazzjoni tagħhom b'mod li jagħtu inċentiv lill-persunal tagħom biex jikkonkludi numru jew tip stabbilit ta' kuntratti ta' kreditu jew biex joffri servizzi partikolari anċillari lill-konsumaturi mingħajr kunsiderazzjoni espliċita tal-interessi u l-ħtiġijiet tagħhom. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu isibu neċessarju li jiddeċiedu li prattika partikolari, pereżempju, il-ġbir ta' ħlasijiet minn intermedjarji vonkolati, tmur kontra l-interessi ta' konsumatur. L-Istati Membri għandhom ukoll ikunu jistgħu jispeċifikaw li r-rimunerazzjoni rċevuta mill-persunal ma tiddependix fuq ir-rata jew it-tip ta' kuntratt ta' kreditu konkluż mal-konsumatur.***

(36) ***Din id-Direttiva tipprevedi regoli armonizzati rigward l-oqsma ta' għarfien u kompetenza li l-persunal tal-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu r-rappreżentanti maħturin għandu jkollhom fir-rigward tat-tfassil, l-offerta, l-għoti u l-intermedjazzjoni ta' kuntratt ta' kreditu. Din id-Direttiva ma tipprevedix arranġamenti speċifiċi relatati direttament mar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali miksuba minn individwu fi Stat Membru wieħed sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' konoxxenza u kompetenza fi Stat Membru ieħor. Għaldaqstant, id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (***[1]***) għandha tibqa' tapplika fir-rigward tal-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent u l-miżuri ta' kumpens li Stat Membru ospitanti jista' jirrikjedi minn individwu li l-kwalifika tiegħu ma tkunx inħarġet fil-ġurisdizzjoni tiegħu.***

(37) Il-kredituri u l-intermedjarji tal-kreditu ta' spiss jużaw riklamar, li ħafna drabi jinkludi termini u kundizzjonijiet speċjali, sabiex jattiraw lill-konsumaturi lejn prodott partikolari. Għaldaqstant, il-konsumaturi għandhom ikunu protetti minn prassi ta' riklamar inġusti jew qarrieqa u għandhom ikunu jistgħu jqabblu r-riklami. Huma neċessarji dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-riklamar ta' kuntratti ta' kreditu ▌ u lista ta' elementi li għandha tkun inkluża fil-materjal tar-riklamar u tal-kummerċjalizzazzjoni indirizzati lill-konsumaturi ***fejn tali riklamar jispeċifika r-rati ta'***

(1) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***imgħax jew kwalunkwe figuri relatati mal-kost tal-kreditu,*** huma neċessarji sabiex jippermettilhom iqabblu l-offerti differenti. ▌L-Istati Membri għandhom jibqgħu fil-libertà li jintroduċu jew iżommu rekwiżiti ta' divulgazzjoni fil-liġijiet nazzjonali tagħhom fir-rigward tar-reklamar li ma ***jindikax rata tal-imgħax jew li ma jinkludix ċifri dwar il-kost tal-kreditu. Kwalunkwe tali dispożizzjoni għandha tqis l-ispeċifiċitajiet tal-kuntratti tal-kreditu marbuta ma' proprjetà immobbli residenzjali. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi żgurat f'konformità mad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali inġusti fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern*** (1) ***li r-riklamar ta' kuntratti ta' kreditu m'għandux joħloq impressjoni qarrieqa tal-prodott.***

(38) Ir-reklamar għandu t-tendenza li jiffoka fuq prodott jew diversi prodotti partikolari, filwaqt li l-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom bl-għarfien sħiħ tal-firxa ta' prodotti offruti. F'***dak*** ir-rigward, l-informazzjoni ġenerali għandha rwol importanti fl-edukazzjoni tal-konsumatur ***fir-rigward tal-***firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi disponibbli ▌u l-karatteristiċi prinċipali tagħhom. Għaldaqstant, il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jkollhom fi kwalunkwe ħin aċċess għall-informazzjoni ġenerali dwar ▌il-prodotti ta' kreditu disponibbli. ***Fejn dan ir-rekwiżit ma jkunx applikabbli għal intermedjarji tal-kreditu mhux vinkolati, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tagħhom li jipprovdu lill-konsumatur informazzjoni prekuntrattwali personalizzata.***

(39) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet ekwi u sabiex id-deċiżjoni tal-konsumatur tkun ibbażata fuq id-dettalji tal-prodotti tal-kreditu offruti pjuttost milli fuq il-kanal ta' distribuzzjoni li jipprovdi aċċess għal dawn il-prodotti tal-kreditu, il-konsumaturi għandhom jirċievu informazzjoni dwar il-kreditu irrispettivament minn jekk ikunux qegħdin jinnegozjaw direttament ma' kreditur jew intermedjarju tal-kreditu.

(40) ***Il-konsumaturi għandhom jirċievu wkoll informazzjoni personalizzata fi żmien biżżejjed qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu sabiex ikunu jistgħu jqabblu u jirriflettu dwar il-karatteristiċi tal-prodotti tal-kreditu. F'konformità mar-***Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/193/KE tal-1 ta' Marzu 2001 dwar l-informazzjoni prekuntrattwali li trid tingħata lill-konsumaturi minn mutwanti li joffru self għad-djar (2), ***il-Kummissjoni impenjat ruħha li tissorvelja l-konformità mal-***Kodiċi ta' Kondotta Volontarju dwar informazzjoni prekuntrattwali għal self għad-djar, li fih ***il-*** FEIS ***li*** jipprovdi informazzjoni personalizzata għall-konsumatur, dwar il-kuntratt ta' kreditu li jkun qed jiġi provdut. ▌L-evidenza miġbura mill-Kummissjoni ▌enfasizzat il-ħtieġa li l-kontenut u l-preżentazzjoni tal-FEIS jiġu riveduti biex jiġi żgurat li huwa ċar, jinftiehem u fih l-informazzjoni kollha li rriżulta li hija rilevanti għall-konsumaturi. Il-kontenut u l-preżentazzjoni tal-FEIS għandhom jinkorporaw it-titjib neċessarju identifikat matul l-ittestjar fuq il-konsumaturi fl-Istati Membri kollha. L-istruttura tal-FEIS, ▌b'mod partikolari, l-ordni tal-punti ta' informazzjoni ▌, għandha tiġi riveduta, il-formulazzjoni tkun iktar faċli għall-utent, filwaqt li taqsimiet bħal 'rata nominali' u 'rata perċentwali annwali tal-imposti' għandhom jingħaqdu flimkien u jiżdiedu taqsimiet ġodda, bħal ***'karatteristiċi flessibbli'. Tabella illustrattiva tal-amortizzament għandha tingħata lill-konsumatur bħala parti mill-FEIS fejn il-kreditu hu kreditu bl-imgħax differit, fejn ir-ripagament tal-prinċipal hu differit għal perijodu inizjali jew fejn ir-rata tal-imgħax ta' self hi fissa għat-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' kreditu. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprevedu li tali tabella illustrattiva tal-amortizzament fl-FEIS ma tkunx obbligatorja għal kuntratti oħra ta' kreditu.***

***(41) Ir-riċerka fost il-konsumaturi enfasizzat l-importantza li jintuża lingwaġġ sempliċi u komprensibbli fid-divulgazzjonijiet li jingħataw lill-konsumaturi. Għal din ir-raġuni, it-termini użati fil-FEIS mhumiex neċessarjament ugwali għat-termini legali ddefiniti f'din id-Direttiva iżda għandhom l-istess tifsira.***

***(42) Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni rigward kuntratti ta' kreditu li jinsabu fl-FEIS għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-Unjoni jew dawk nazzjonali għal prodotti jew servizzi oħrajn li jistgħu jiġu offruti mal-kuntratt ta' kreditu, bħal kundizzjonijiet għall-ksib tal-kuntratt ta' kreditu marbut ma' proprjetà immobbli, jew offruti sabiex dak il-kuntratt jinkiseb b'rata ta' self aktar baxxa, bħal assigurazzjoni kontra n-nirien jew dik tal-ħajja jew prodotti ta' investiment. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jżommu jew jintroduċu liġi nazzjonali fejn ma jeżistux dispożizzjonijiet armonizzati, pereżempju rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-livell tar-rati tal-użura fl-istadju prekuntrattwali jew informazzjoni li tista' tkun utli għal skopijiet ta' edukazzjoni finanzjarja jew għal riżoluzzjonijiet extraġudizzjarji. Madankollu, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali għandha tingħata f'dokument separat li jista' jiġi anness mal-FEIS. L-Istati Membri***

(1) ***ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.***
(2) ĠU L 69, 10.3.2001, p. 25.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***għandhom ikunu jistgħu, fil-lingwi nazzjonali tagħhom, jużaw vokabolarju differenti fl-FEIS, mingħajr ma jbiddlu l-kontenut tiegħu u l-ordni ta' kif tkun mogħtija l-informazzjoni, meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġi użat lingwaġġ li jista' jkun aktar faċilment komprensibbli għall-konsumaturi.***

*(43)* ***Sabiex jiġi żgurat li l-FEIS jipprovdi lill-konsumatur l-informazzjoni kollha rilevanti li tippermettilu jagħmel għażla infurmata, il-kreditur għandu jsegwi l-istruzzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva meta jimla dan l-FEIS. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jelaboraw jew jispeċifikaw aktar l-istruzzjonijiet għat-tkomplija tal-FEIS abbażi tal-istruzzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Pereżempju, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jispeċifikaw aktar l-informazzjoni li għandha tingħata għad-deskrizzjoni ta' 'tip tar-rata tal-imgħax tas-self' sabiex jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet tal-prodotti u s-suq nazzjonali. Madankollu, dawn l-ispeċifikazzjonijiet ulterjuri m'għandhomx imorru kontra l-istruzzjonijiet f'din id-Direttiva u lanqas għandhom implikaw xi bidla fil-mudell tal-FEIS, li għandu jiġi riprodott bħala tali mill-kreditur. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jispeċifikaw twissijiet ulterjuri dwar kuntratti ta' kreditu, adattati għas-suq u l-prattiki nazzjonali tagħhom, fejn dawn it-twissijiet ma jkunux diġà inklużi speċifikament fl-FEIS. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistipulaw li l-kreditur ikun marbut bl-informazzjoni mogħtija fl-FEIS, sakemm il-kreditur jiddeċiedi li jagħti l-kreditu.***

*(44)* ***Il-konsumatur għandu jirċievi l-informazzjoni permezz tal-FEIS mingħajr dewmien żejjed wara li l-konsumatur ikun ta l-informazzjoni neċessarja dwar il-ħtiġijiet, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-preferenzi tiegħu u kmieni biżżejjed qabel ma l-konsumatur ikun vinkolat b'xi kuntratt jew offerta ta' kreditu, sabiex jippermettilu jqabbel u jirrifletti dwar il-karatteristiċi tal-prodotti ta' kreditu u jieħu parir minn parti terza fejn meħtieġ. B'mod partikolari, meta ssir offerta vinkolanti lill-konsumatur, din għandha tkun akkumpanjata bl-FEIS, sakemm il-FEIS ma jkunx diġà ngħata lill-konsumatur u l-karatteristiċi tal-offerta ma jkunux konsistenti mal-informazzjoni mogħtija preċedentement. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprevdu il-forniment obbligatorju tal-FEIS kemm qabel tingħata xi offerta vinkolanti kif ukoll flimkien mal-offerta vinkolanti, fejn ma jkunx preċedentement ingħata FEIS li jkun fih l-istess informazzjoni. Filwaqt li l-FEIS għandu jkun personalizzat u jirrifletti l-preferenzi espressi mill-konsumatur, il-provvediment ta' informazzjoni personalizzata bħal din m'għandux jimplika obbligu li jingħata parir. Il-kuntratti ta' kreditu għandhom jiġu konklużi biss meta il-konsumatur ikollu żmien biżżejjed biex iqabbel l-offerti, jivvaluta l-implikazzjonijiet tagħhom, jieħu parir minn parti terza jekk meħtieġ u jkun ħa deċiżjoni infurmata dwar jekk jaċċettax l-offerta.***

*(45)* ***Fejn il-konsumatur ikollu kuntratt ta' kreditu ipotekarju għax-xiri ta' proprjetà immobbli jew art u t-tul ta' żmien tal-ipoteka ikun itwal minn dak tal-kuntratt ta' kreditu, u fejn il-konsumatur jiddeċiedi li jerġa' joħroġ il-kapital li diġà ħallas lura soġġett għall-iffirmar ta' kuntratt ta' kreditu ġdid, FEIS ġdid li jiddivulga ir-RPAI l-ġdida u li jkun ibbażat fuq il-karatteristiċi partikolari tal-kuntratt ta' kreditu l-ġdid għandu jingħata lill-konsumatur qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' kreditu l-ġdid.***

*(46)* ***Tal-inqas fejn ma jeżistix dritt ta' rexissjoni, il-kreditu jew, fejn applikabbli l-intermedjarju tal-kreditu jew rappreżentant maħtur għandu jipprovdi lill-konsumatur kopja tal-abbozz tal-kuntratt ta' kreditu, fil-ħin li tingħata l-offerta li torbot lill-kreditur. F'każijiet oħrajn, il-konsumatur għandu tal-inqas jingħata kopja tal-abbozz tal-kuntratt ta' kreditu fil-ħin li ssir l-offerta vinkolanti.***

(47) Sabiex tkun żgurata l-akbar trasparenza possibbli u jkunu pprevenuti abbużi li jirriżultaw minn konflitti ta' interess possibbli meta l-konsumaturi jużaw is-servizzi tal-intermedjarji tal-kreditu, dawn tal-aħħar għandhom ikunu soġġetti għal ċerti obbligi ta' divulgar ta' informazzjoni qabel ma jwettqu s-servizzi tagħhom. Tali divulgazzjonijiet jinkludu informazzjoni dwar l-identità tagħhom u relazzjonijiet tagħhom mal-kredituri, pereżempju jekk humiex qed jikkunsidraw prodotti minn firxa wiesgħa ta' kredituri jew minn għadd aktar limitat ta' kredituri. ***L-eżistenza ta' kwalunkwe kummissjoni jew inċentiv ieħor pagabbli lill-intermedjarju tal-kreditu mill-kreditur jew minn partijiet terzi fir-rigward tal-kuntratt ta' kreditu għandha tiġi divulgata lill-konsumatur qabel ma jitwettqu xi attivitajiet ta' intermedjazzjoni għall-kreditu u l-konsumatur għandu jiġi infurmat f'dak l-istadju bl-ammont ta' dawn il-pagamenti, meta dak ikun magħruf, jew bil-fatt li l-ammont ikun ser jiġi divulgat fi stadju prekuntrattwali aktar tard fl-FEIS u bid-dritt tagħhom li jingħataw informazzjoni dwar il-livell ta' tali***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***pagamenti f'dak l-istadju. Il-konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni dwar kwalunkwe tariffi li għandhom iħallsu lill-intermedjarji tal-kreditu fir-rigward tas-servizzi tagħhom. Mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet li jipprojbixxu l-ħlas ta' tariffi minn konsumaturi lil xi kategoriji jew il-kategoriji kollha ta' intermedjaru tal-kreditu.***

(48) Konsumatur jista' xorta jkollu bżonn ta' assistenza addizzjonali biex jiddeċiedi liema kuntratt ta' kreditu, mill-firxa ta' prodotti proposti, huwa l-iktar adattat għall-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Il-kredituri u, fejn applikabbli l-intermedjarji tal-kreditu għandhom jipprovdu din l-assistenza b'rabta mal-prodotti ta' kreditu li jkunu qed joffru lill-konsumatur ***billi jispjegaw*** l-informazzjoni rilevanti, ***inklużi b'mod partikolari*** l-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti proposti ▌ lill-konsumatur b'mod personalizzat sabiex il-konsumatur ikun jista' jifhem l-effetti li dawn jistgħu jkollhom fuq is-sitwazzjoni ekonomika tiegħu. ***Il-kredituri u, fejn applikabbli, l-intermedjarji ta' kreditu għandhom jadattaw il-mod li bih*** ▌ jingħataw dawn l-ispjegazzjonijiet ▌ għaċ-ċirkostanzi li fihom jiġi offrut il-kreditu ***u*** l-bżonn ***tal-konsumatur*** għal assistenza, ***b'kont meħud tal-għarfien u l-esperjenza tal-konsumatur dwar il-kreditu*** u n-natura tal-prodotti ta' kreditu individwali. ***Dawn l-ispjegazzjonijiet m'għandhomx fihom infushom jikkostitwixxu rakkomandazzjonijiet personali.***

(49) Sabiex jiġu promossi l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi fl-Unjoni kollha, huwa meħtieġ li tiġi żgurata ***b'mod uniformi*** l-paragunabbiltà tal-informazzjoni relatata mar-RPAI fl-Unjoni kollha.

***(50)*** Il-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur għandu jinkludi l-kostijiet kollha li l-konsumatur ikollu jħallas b'konnessjoni mal-kuntratt ta' kreditu ***u li l-kreditur ikun jaf bihom***. Għalhekk għandu jinkludi l-imgħax, il-kummissjonijiet, it-taxxi u t-tariffi tal-intermedjarji tal-kreditu, ***il-kosti tal-valutazzjoni tal-proprjetà għall-fini ta' ipoteka u kwalunkwe tariffa oħra, ħlief għat-tariffi notarili meħtieġa*** sabiex jinkiseb kreditu, ***pereżempju assigurazzjoni fuq il-ħajja, jew sabiex dan jinkiseb*** bit-termini u l-kundizzjonijiet kummerċjalizzati, ***pereżempju assigurazzjoni kontra n-nirien. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jirrigwardaw prodotti u servizzi anċillari (pereżempju dwar il-kost tal-ftuħ u ż-żamma ta' kont bankarju) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/29/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur*** ([1]). ***Il-kost totali tal-kreditu lill-konsumatur għandu jeskludi l-ispejjeż li l-konsumatur iħallas fir-rigward tax-xiri tal-proprjetà immobbli jew l-art, bħal taxxi assoċjati u drittijiet notarili jew l-ispejjeż tar-reġistrazzjoni tal-art. Il-konoxxenza effettiva tal-kreditur tal-ispejjeż għandha tkun ivvalutata b'mod oġġettiv, u tieħu kont tar-rekwiżiti tad-diliġenza professjonali. F'dak ir-rigward, għandu jiġi preżunt li l-kreditur għandu għarfien tal-ispejjeż tas-servizzi anċillari li huwa stess, jew f'isem parti terza, joffri lill-konsumatur, sakemm il-prezz tagħhom ma jkunx jiddependi fuq il-karatteristiċi jew is-sitwazzjoni partikolari tal-konsumatur.***

***(51) Jekk l-informazzjoni stmata tiġi użata, il-konsumatur għandu jkun infurmat b'dan u bil-fatt li l-informazzjoni hija mistennija li tkun rappreżentattiva tat-tip ta' kuntratt jew prattiċi li qed jiġu kkunsidrati. Il-preżunzjonijiet addizzjonali għall-kalkolu tar-RPAI għandhom l-għan li jiżguraw li r-RPAI tiġi kkalkulata b'mod konsistenti u li jiżguraw il-paragunabbiltà. Preżunzjonijiet addizzjonali huma neċessarji għal tipi partikolari ta' kuntratt ta' kreditu, bħal fejn l-ammont, it-tul ta' żmien jew il-kost tal-kreditu huma inċerti jew ivarjaw skont kif il-kuntratt jiġi operat. Fejn id-dispożizzjonijiet fihom infishom mhumiex biżżejjed biex tiġi kkalkulata r-RPAI, il-kreditur għandu juża l-preżunzjonijiet addizzjonali stipulati fl-Anness I. Madankollu, minħabba l-fatt li l-kalkolu tar-RPAI ser jiddependi fuq il-klawżoli tal-kuntratt ta' kreditu individwali, għandhom jintużaw biss dawk il-preżunzjonijiet li huma neċessarji u rilevanti għal kreditu partikolari.***

***(52) Sabiex jiġi żgurat ulterjorment grad għoli ta' paragunabbiltà tar-RPAI fost l-offerti minn kredituri differenti, l-intervalli bejn id-dati użati fil-kalkolu m'għandhomx ikunu indikati fi ġranet meta jistgħu jkunu espressi fi snin, xhur jew ġimgħat. F'dak il-kuntest huwa impliċitu li jekk ċerti intervalli ta' żmien jiġu użati fil-formula tar-RPAI, dawk l-intervalli għandhom ukoll jintużaw sabiex jiġu aċċertati l-ammont ta' imgħax u imposti oħrajn użati fil-formula. Għal din ir-raġuni, il-kredituri għandhom jużaw il-metodu ta' kalkolu ta' intervalli ta' żmien***

([1]) ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***deskritt fl-Anness I sabiex jiksbu ċ-ċifri għall-ħlas ta' imposti. Madankollu, dak japplika biss għall-finijiet tal-kalkolu tar-RPAI u m'għandux impatt fuq l-ammont effettivament imposti mill-kreditur taħt il-kuntratt ta' kreditu. Fejn dawn l-ammonti jkunu differenti jista' jkun neċessarju li jiġu spjegati lill-konsumatur sabiex jiġi evitat li l-konsumatur jiġi mqarraq. Dak jimplika li fin-nuqqas ta' imposti mhux ta' imgħax, u bil-preżunzjoni ta' metodu ta' kalkolu identiku, l-RPAI jkun ugwali għar-rata tal-imgħax tas-self effettiva tal-kreditu.***

*(53)* Billi fl-istadju tar-***reklamar*** ir-***RPAI*** tista' tiġi indikata biss permezz ta' eżempju, tali eżempju għandu jkun rappreżentattiv. Għalhekk, dan għandu jikkorrispondi, pereżempju, għall-medja tad-duratura u l-ammont totali ta' kreditu mogħti għat-tip ta' kuntratt ta' kreditu kkunsidrat. ***Meta jkun qed jiġi ddeterminat l-eżempju rappreżentattiv, għandha tiġi kkunsidrata l-prevalenza ta' ċerti tipi ta' kuntratti ta' kreditu f'suq partikolari. Jista' jkun preferibbli li kull kreditur jibbaża l-eżempju rappreżentattiv fuq ammont ta' kreditu li huwa rappreżentattiv tal-firxa ta' prodotti tal-kreditur stess u tal-bażi ta' klijenti prevista, għaliex dawn jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli fost il-kredituri. Fir-rigward tar-RPAI divulgata fl-FEIS, il-preferenzi tal-konsumatur u l-informazzjoni pprovduta lilu għandhom, fejn possibbli, jiġu kkunsidrati u l-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu għandu jagħmilha ċara jekk l-informazzjoni pprovduta hijiex illustrattiva jew jekk tirriflettix il-preferenzi u l-informazzjoni mogħtija. Fi kwalunkwe każ, l-eżempji rappreżentattivi m'għandhomx imorru kontra r-rekwiżiti tad-Direttiva 2005/29/KE. Huwa importanti li l-FEIS ikun ċar għall-konsumatur, fejn applikabbli, li r-RPAI tkun ibbażata fuq preżunzjonijiet u tista' tinbidel sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu kont ta' dan fit-tqabbil tal-prodotti. Huwa importanti li r-RPAI tieħu kont tal-prelevamenti kollha taħt il-kuntratt ta' kreditu, sew jekk imħallsa direttament lill-konsumatur kemm jekk lil parti terza f'isem il-konsumatur.***

*(54)* ***Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-kalkolu tar-RPAI għat-tipi differenti ta' kreditu, il-preżunzjonijiet użati fil-kalkolu ta' forom simili ta' kuntratti ta' kreditu għandhom ikunu ġeneralment konsistenti. F'dan ir-rigward, il-preżunzjonijiet mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/90/UE tal-14 ta' Novembru 2011 li temenda l-Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jipprovdi preżunzjonijiet addizzjonali għall-kalkolu tar-RPAI*** (1)***, li timmodifika l-preżunzjonijiet għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposti għandhom jiġu inkorporati. Waqt li mhux il-preżunzjonijiet kollha neċessarjament ser japplikaw għall-kuntratti ta' kreditu disponibbli issa, l-innovazzjoni tal-prodotti f'dan is-settur hija attiva u għalhekk huwa neċessajru li jkun hemm fis-seħħ il-preżunzjonijiet. Barra minn hekk, għall-finijiet tal-kalkolu tar-RPAI, l-identifikazzjoni tal-mekkaniżmu għall-prelevament l-aktar komuni għandu jkun ibbażat fuq aspettattivi raġonevoli dwar il-mekkaniżmu għall-prelevament użat l-aktar ta' spiss mill-konsumaturi għat-tip ta' prodott offrut minn dan il-kreditur partikolari. Għall-prodotti eżistenti, l-aspettattiva għandha tkun ibbażata fuq it-tnax-il xahar preċedenti.***

(55) ***Huwa essenzjali li tiġi valutata u verifikata l-kapaċità u l-propensità tal-konsumatur li jħallas lura d-dejn qabel ma jiġi konkluż kuntratt ta' kreditu. Dik*** il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għandha tieħu kont tal-fatturi kollha neċessarji ***u rilevanti*** li jistgħu jinfluwenzaw il-kapaċità tal-konsumatur li jħallas lura l-***kreditu*** matul ***ħajtu***. ***B'mod partikolari, il-ħila tal-konsumatur għall-manutenzjoni tal-kreditu u li jħallsu lura kollu għandha tinkludi kunsiderazzjoni tal-pagamenti ġejjiena jew żidiet fil-pagamenti meħtieġa minħabba amortizzament negattiv jew pagamenti differiti tal-prinċipal jew tal-imgħax, u għandha titqies fid-dawl ta' infiq regolari, dejn u impenji finanzjarji oħrajn kif ukoll d-dħul, it-tfaddil u l-assi. Għandu jkun hemm flessibilità raġonevoli għal avvenimenti futuri tul it-terminu tal-kuntratt ta' kreditu propost bħal tnaqqis fid-dħul meta t-terminu tal-kreditu jmur lil hinn mill-irtirar tal-persuna, jew fejn ikun il-każ, żieda fir-rata tal-imgħax tas-self jew bidla negattiva fir-rata tal-kambju. Filwaqt li l-valur tal-proprjetà immobbli huwa element importanti fl-aċċertament tal-ammont ta' kreditu li jista' jingħata lil konsumatur taħt kuntratt ta' kreditu ipotekarju, il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għandha tiffoka fuq il-kapaċità tal-konsumatur li jissodisfa l-obbligi stipulati skont il-kuntratt ta' kreditu. Konsegwentement, il-possibbiltà li l-valur tal-proprjetà immobbli jista' jaqbeż l-ammont ta' kreditu jew jista' jiżdied fil-futur m'għandhiex ġeneralment tkun kundizzjoni suffiċjenti biex jingħata l-kreditu inkwistjoni. Madankollu, fejn l-iskop tal-kuntratt ta' kreditu huwa li proprjetà immobbli eżistenti tinbena jew tiġi rinnovata, il-kreditur għandu jkun jista' jqis din il-possibbiltà.*** L-Istati Membri ***għandhom ikunu*** jistgħu joħorġu gwida

---

(1) ***ĠU L 296, 15.11.2011, p. 35.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***addizzjonali*** dwar ***dawk*** il-kriterji ***jew*** kriterji ***addizzjonali u dwar metodi*** għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' konsumatur, pereżempju billi jistipulaw limiti fuq il-korrelazzjonijiet bejn is-self u l-valur u bejn is-self u d-dħul ***u għandhom jiġu mħeġġa għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja rigward il-Prattika Tajba għas-Sottoskrizzjonijiet Ipotekarji Residenzjali.***

*(56)* ***Jistgħu jkunu meħtieġa dispożizzjonijiet speċifiċi għall-elementi differenti li jistgħu jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' ċerti tipi ta' kuntratti ta' kreditu.Pereżempju, għal kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli li jiddikjaraw b'mod espliċitu li l-proprjetà immobbli mhix ser tkun okkupata bħala dar, appartament jew post ieħor ta' residenza mill-konsumatur jew membru tal-familja tal-konsumatur (kuntratti ta' xiri bi skop ta' kiri (buy-to-let)), l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu li jispeċifikaw li dħul futur mill-kiri jiġi kkunsidrat fil-valutazzjoni tal-kapaċità tal-konsumatur li jħallas lura l-kreditu. F'dawk l-Istati Membri fejn tali speċifikazzjoni mhijiex stipulata fid-dispożizzjonijiet nazzjonali, il-kredituri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu valutazzjoni prudenti ta' dħul futur mill-kiri. Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja m'għandhiex timplika t-trasferiment tar-responsabblità lill-kreditur għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità sussegwenti mill-konsumatur mal-obbligi tiegħu taħt il-kuntratt ta' kreditu.***

(57) ***Id-deċiżjoni tal-kreditur dwar jekk jipprovdix il-kreditu għandha tkun konsistenti mal-eżitu tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Pereżempju, il-fatt li l-kreditur ikun jista' jittrasferixxi parti mir-riskju tal-kreditu lil parti terza m'għandux iwassal biex ma jiħux kont tal-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja billi joffri kuntratt ta' kreditu lil konsumatur li x'aktarx ma jkunx jista' jħallsu lura. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jittrasponu dan il-prinċipju billi jirrikjedu li awtoritajiet kompetenti jieħdu azzjonijiet rilevanti bħala parti mill-attivitajiet ta' sorveljanza u li jsegwu mill-qrib il-konformità tal-proċeduri tal-kredituri rigward il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Madankollu***, valutazzjoni pożittiva tal-affidabbiltà kreditizja m'għandhiex tikkostitwixxi obbligu għall-kreditur li jipprovdi l-kreditu.

(58) ***F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja, il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika, inklużi d-dħul u l-ispejjeż, tal-konsumatur. Dik l-informazzjoni tista' tinkiseb minn diversi sorsi inkluż mill-konsumatur, u l-kreditur għandu jivverifika b'mod adatt din l-informazzjoni qabel ma jagħti kreditu. F'dak ir-rigward, il-konsumatur għandu jipprovdi informazzjoni*** sabiex jiffaċilita l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, ***għax jekk jonqos milli jagħmel dan x'aktarx ma jingħatax il-kreditu li qed ifittex sakemm l-informazzjoni ma tistax tinkiseb mod ieħor. Mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kuntratti privati, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kredituri ma jkunux jistgħu jitterminaw kuntratt ta' kreditu għax jirrealizzaw, wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' kreditu, li l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ma tkunx saret b'mod korrett minħabba informazzjoni insuffiċjenti fil-ħin tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Madankollu, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jippermettu lil kredituri jitterminaw il-kuntratt ta' kreditu meta jista' jiġi stabbilit li l-konsumatur deliberatament ipprovda informazzjoni mhux eżatta jew falsifikata fil-ħin tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jew b'mod intenzjonat ma pprovdiex l-informazzjoni li kienet twassal għal valutazzjoni negattiva tal-affidabbiltà kreditizja jew fejn ikun hemm raġunijiet oħrajn validi kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni. Filwaqt li ma jkunx xieraq li jiġu applikati sanzjonijiet fuq il-konsumatur għax ma jkunx*** f'pożizzjoni li jipprovdi informazzjoni jew valutazzjonijiet ***jew għax jiddeċiedi li ma jkomplix bil-proċess tal-applikazzjoni biex jikseb kreditu, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprevedu sanzjonijiet*** f'każijiet fejn il-konsumaturi konxjament jipprovdu *informazzjoni* mhux sħiha jew ***mhux korretta sabiex jiksbu valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja pożittiva, b'mod partikolari fejn l-informazzjoni sħiħa u korretta kienet tirriżulta f'valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja negattiva, u sussegwntement il-konsumatur ma jkunux f'pożizzjoni li jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-ftehim.***

(59) Konsultazzjoni ma' bażi ta' data hija element utli fil-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Xi Stati Membri jirrikjedu li l-kredituri jivvalutaw l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumaturi fuq il-bażi ta' konsultazzjoni tal-bażi ta' data rilevanti. Il-kredituri għandhom ikunu jistgħu jikkonsultaw il-bażi ta' data tal-krediti matul il-ħajja tal-kreditu ***unikament*** sabiex jidentifikaw u jivvalutaw il-potenzjal ta' inadempjenza. ***Tali konsultazzjoni mal-bażi ta' data għandu jkun soġġett għal salvagwardji adatti biex ikun żgurat li dan jintuża għall-identifikazzjoni u r-riżoluzzjoni bikrija tar-riskju ta' kreditu fl-interess tal-konsumatur u mhux biex jiġu infurmati negozjazzjonijiet kummerċjali.*** Skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]), il-konsumaturi għandhom jiġi infurmati mill-kredituti dwar il-konsultazzjoni mal-bażi ta' data tal-kreditu qabel ma tiġi kkonsultata u għandu ikollhom id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni li jkun hemm dwarhom f'din il-bażi ta' data sabiex, fejn ikun neċessarju, jikkoreġu, iħassru jew jimblokkaw data personali dwarhom li tkun ipproċessata hemmhekk meta ma tkunx preċiża jew tkun ġiet ipproċessata illegalment.

(60) Bi prevenzjoni ta' kwalukwe distorzjoni tal-kompetizzjoni fost il-kredituri, għandu jkun żgurat li l-kredituri kollha ▌ inklużi l-istituzzjonijiet tal-kreditu jew l-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu li jipprovdu kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali jkollhom aċċess għall-bażijiet ta' data tal-kreditu pubbliċi u privati kollha rigward il-konsumatur b'kondizzjonjiet nondiskriminatorji. Għaldaqstant, dawn il-kundizzjonijiet m'għandhomx jinkludu rekwiżit ***li l-kredituri*** jkunu stabbiliti bħala istituzzjoni tal-kreditu. Il-kundizzjonijiet tal-aċċess, bħall-ispejjeż tal-***aċċess għall-bażi ta' data*** jew ir-rekwiżiti ***li tingħata*** informazzjoni lill-***bażi ta' data abbażi tar-reċiproċità*** jibqgħu japplikaw. L-Istati Membri ***għandhom ikunu*** jistgħu jiddeterminaw jekk, fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom, l-intermedjarji tal-kreditu jistgħux ikollhom aċċess għal dawn il-bażijiet ta' data.

(61) Fejn deċiżjoni li applikazzjoni għal kreditu tiġi rifjutata tkun ibbażata fuq data miksuba mill-konsultazzjoni ta' bażi ta' data jew min-nuqqas ta' data ġo fiha, il-kreditur għandu jinforma lill-konsumatur dwar dan, ***u jipprovdi*** l-isem tal-bażi ta' data kkonsultata u kwalunkwe element ieħor rikjest mid-Direttiva 95/46/KE sabiex il-konsumatur ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu ta' aċċess u, fejn ***iġġustifikat***, jikkoreġi, iħassar jew jimblokka data personali dwaru u li tkun ipproċessata fiha. Fejn deċiżjoni li applikazzjoni għal kreditu tiġi rifjutata ***tirriżulta minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja negattiva***, il-kreditur għandu jinforma lill-konsumatur ***dwar ir-rifjut mingħajr dewmien żejjed. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu liberament jiddeċiedu jekk jirrikjedux li l-kredituri jagħtux aktar spjegazzjonijiet dwar ir-raġunijiet tar-rifjut.*** Madankollu, il-kreditur m'għandux ikun obbligat jagħti tali informazzjoni meta dan ikun ipprojbit minn liġi oħra tal-Unjoni, pereżempju dispożizzjonijiet dwar il-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu. ***Tali*** informazzjoni ***m'għandhiex*** tingħata meta dan imur kontra l-objettivi ta' ordni pubbliku jew sigurtà pubblika bħall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-aċċertament jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

(62) Din id-Direttiva tindirizza l-użu tad-data personali fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ***ta'*** konsumatur. Sabiex il-protezzjoni tad-data personali tiġi żgurata, id-Direttiva 95/46/KE għandha tapplika għall-attivitajiet tal-ipproċessar tad-data mwettqa fil-kuntest ta' dawn il-valutazzjonijiet. ▌

(63) ***L-għoti ta' pariri fil-forma ta' rakkomandazzjoni personalizzata hi attività distinta li tista' tkun abbinata, iżda mhux bilfors, ma' aspetti oħra tal-għoti jew l-intermedjazzjoni tal-kreditu. Għaldaqstant***, sabiex ikunu f'pożizzjoni li jifhmu n-natura tas-***servizzi mogħtija lilhom***, il-konsumaturi għandhom jiġu mgħarrfa ***jekk is-servizzi ta' konsulenza humiex jew jisgħux jiġu pprovduti u meta dan ma jsirx u dwar x'jikkostitwixxi servizzi ta' konsulenza. Minħabba l-importanza li jagħtu l-konsumaturi għall-użu tat-termini "konsulenza" u "konsulenti", hu xieraq li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprojbixxu l-użu ta' dawk it-termini, jew ta' termini simili, meta servizzi ta' konsulenza jkunu qed jingħataw lill-konsumaturi. Hu xieraq li jkun żgurat li l-Istati Membri jimponu salvagwardji meta konsulenza tiġi deskritta bħala indipendenti sabiex ikun żgurat li l-firxa ta' prodotti kkunsidrati u l-arranġamenti dwar ir-rimunerazzjoni huma proporzjonati mal-aspettattivi tal-konsumaturi rigward tali konsulenza.***

***(64)*** Dawk li jipprovdu ***servizzi ta' konsulenza*** għandhom jikkonformaw ma' ***ċerti*** standards sabiex jiżguraw li l-konsumatur jiġi ppreżentat bi ▌ prodotti adatti għall-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi tiegħu. ***Is-servizzi ta' konsulenza*** għandhom ikunu bbażati fuq analiżi ekwa u mifruxa biżżejjed tal-prodotti ***offruti, fejn is-servizzi ta' konsulenza huma pprovduti minn kredituri u intermedjarji tal-kreditu vinkolati, jew tal-prodotti disponibbli fis-suq, f'każ li***

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***s-servizzi ta' konsulenza huma pprovduti minn intermedjarji tal-kreditu mhux vinkolati. Dawk li jagħtu servizzi ta' konsulenza għandhom ikunu kapaċi jispeċjalizzaw f'ċerti prodotti "speċjalizzati" bħall-finanzjament tranżitorju, dment li jikkunsidraw firxa ta' prodotti fi ħdan dik l-'ispeċjalizzazzjoni' u l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom f'dawk il-prodotti 'speċjalizzati' tkun magħmula ċara lill-konsumatur. Fi kwalunkwe każ, il-kredituri u l-intermedjarji tal-kreditu għandhom jiddivulgaw lill-konsumatur jekk humiex jagħtu konsulenza dwar il-firxa ta' prodotti tagħhom biss jew dwar firxa wiesgħa li hemm fis-suq biex ikun żgurat li l-konsumatur jifhem il-bażi għal rakkomandazzjoni.***

*(65)* ***Is-servizzi ta' konsulenza għandhom ikunu bbażati fuq fehim xieraq*** tas-sitwazzjoni finanzjarja, il-preferenzi u l-għanijiet ***tal-konsumatur*** ▌abbażi tal-informazzjoni aġġornata ***neċessarja*** u preżunzjonijiet raġonevoli ***dwar ir-riskji*** għaċ-ċirkustanzi tal-konsumaturi tul il-kuntratt ta' kreditu. L-Istati Membri ***għandhom ikunu*** jistgħu jiċċaraw kif il-konvenjenza ta' prodott speċifiku għandha tiġi vvalutata fil-kuntest tal-għoti ta' ***servizzi ta' konsulenza***.

(66) Il-kapaċità ta' konsumatur li jħallas lura ***l***-kreditu qabel l-iskadenza ***tal***-kuntratt ta' kreditu jista' jkollha rwol importanti fil-promozzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern u l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni ***kif ukoll tgħin biex tipprovdi l-flessibbiltà matul il-ħajja tal-kuntratt ta' kreditu neċessarja għall-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja.*** Madankollu, jeżistu differenzi sostanzjali bejn il-prinċipji nazzjonali u l-kundizzjonijiet li taħthom il-konsumaturi għandhom il-kapaċità li jħallsu lura l-***kreditu tagħhom*** u l-kundizzjonijiet li taħthom jista' jsir dan il-ħlas lura antiċipat. Filwaqt li tiġi rikonoxxuta d-diversità fil-mekkaniżmi tal-finanzjament ipotekarju u l-firxa tal-prodotti disponibbli, ċerti standards fir-rigward tal-ħlas lura antiċipat tal-kreditu huma essenzjali fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom il-possibbiltà li jeżegwixxu l-obbligi tagħhom qabel id-data mifthema fil-kuntratt ta' kreditu u l-fiduċja li jqabblu offerti sabiex isibu l-aħjar prodotti biex jissodifa ħtiġijiethom. L-Istati Membri għalhekk għandhom jiżguraw, ***kemm jekk permezz*** tal-liġi kif ukoll permezz ta' mezzi ***oħrajn bħal*** klawsoli kuntrattwali, li l-konsumaturi għandhom id-dritt għal ħlas lura antiċipat. ***Madankollu***, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt. Dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu limitazzjonijiet ta' żmien għall-eżerċizzju tad-dritt, trattament differenti skont it-tip tar-rata tal-imgħax tas-self ▌ jew ▌restrizzjonijiet fir-rigward taċ-ċirkustanzi li taħthom jista' jiġi eżerċitat id-dritt. ***Fejn*** il-ħlas lura bikri jsir f'perijodu meta r-rata tat-teħid tas-self tkun fissa, l-eżerċizzju tad-dritt jista' jiġi soġġett għall-eżistenza ta' interess ***leġittimu*** min-naħa tal-konsumatur ***speċifikat mill-Istat Membru.*** Dan l-interess ***leġittimu*** jista' pereżempju jseħħ f'każ ta' divorzju jew qgħad. ***Il-kundizzjonijiet stipulati mill-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-kreditur ikun intitolat għal kumpens ekwu u oġġettivament iġġustifikat għall-ispejjeż potenzjali direttament marbutin mall-ħlas lura antiċipat tal-kreditu. F'każijiet fejn Stati Membri jipprevedu li l-kreditur ikun intitolat għal kumpens, tali kumpens għandu jkun kumpens ekwu u oġġettivament iġġustifikat għall-ispejjeż potenzjali direttament marbutin mal-ħlas lura antiċipat tal-kreditu f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar il-kumpens. Il-kumpens m'għandux jeċċedi t-telf finanzjarju tal-kreditur.***

*(67)* ***Huwa importanti li jkun żgurat li jkun hemm trasparenza biżżejjed għal ċarezza lill-konsumaturi dwar in-natura tal-impenji magħmula fl-interess tal-preservazzjoni tal-istabilità finanzjarja u fejn ikun hemm flessibbiltà matul it-terminu tal-kuntratt ta' kreditu. Il-konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni dwar ir-rata tal-imgħax tas-self matul ir-relazzjoni kuntrattwali kif ukoll fl-istadju prekuntrattwali. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jżommu jew jintroduċu restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq bidliet unilaterali mill-kreditur fir-rata tal-imgħax tas-self. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistipulaw li meta tinbidel ir-rata tal-imgħax tas-self il-konsumatur għandu jkun intitolat li jirċievi tabella aġġornata tal-amortizzament.***

(68) Għalkemm l-intermedjarji tal-kreditu għandhom rwol ċentrali fid-distribuzzjoni tal-kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali fl-Unjoni, baqa' differenzi sostanzjali bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar it-tmexxija tan-negozju u s-superviżjoni tal-intermedjarji tal-kreditu li joħolqu ostakli għall-bidu u l-eżerċizzju tal-attivitajiet tal-intermedjarji tal-kreditu fis-suq intern. In-nuqqas ta' kapaċità li intermedjarji tal-kreditu joperaw liberament fl-Unjoni kollha tfixkel il-funzjonament tajjeb tas-suq intern fil-kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali. Filwaqt li tiġi rikonoxxuta d-diversità fit-tipi ta' atturi involuti fl-intermedjazzjoni kreditizja, ċerti standards fil-livell tal-Unjoni huma essenzjali sabiex ikun żgurat livell għoli ta' professjonalità u servizz.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(69) ***Qabel ma jkunu jistgħu jiżvolġu l-attivitajiet tagħhom***, l-intermedjarji ***tal-kreditu*** għandhom ikunu ***soġġetti għal proċess ta' ammissjoni mill***-awtorità kompetenti tal-***Istat Membru tagħhom ta' domiċilju u soġġetti għal superviżjoni kontinwa biex ikun żgurat li jissodisfaw*** rekwiżiti professjonali stretti ***tal-inqas*** fir-rigward tal-kompetenza, ir-reputazzjoni tajba ▌ u l-kopertura tal-indennizz professjonali tagħhom. ▌ Tali rekwiżiti għandhom japplikaw mill-inqas fil-livell tal-istituzzjoni. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiċċaraw jekk dawn ir-rekwiżiti għall-***ammissjoni*** japplikawx għall-impjegati individwali ***ta***l-intermedjarju tal-kreditu. ***L-Istat Membru tad-domiċilju jista' jistipula rekwiżiti addizzjonali, pereżempju li l-azzjonisti tal-intermedjarju tal-kreditu jkunu ta' reputazzjoni tajba jew li intermedjarju tal-kreditu vinkolat jista' jkun vinkolat ma' kreditur wieħed biss, fejn dawk ikunu proporzjonati u kompatibbli ma' liġijiet oħrajn tal-Unjoni. L-informazzjoni rilevanti dwar l-intermedjarji tal-kreditu ammessi għandha tiddaħħal f'reġistru pubbliku. Intermedjarju tal-kreditu vinkolati li jaħdmu esklużivament ma' kreditur wieħed taħt ir-responsabbiltà sħiħa u bla kundizzjoni tiegħu għandu jkollhom il-possibbiltà li ikunu ammessi mill-awtorità kompetenti taħt l-awspiċju tal-kreditur li f'ismu huma jaġixxu. L-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jżommu jew li jimponu restrizzjonijiet rigward il-forma legali ta' ċerti intermedjarji tal-kreditu, jekk għandhomx il-permess li joperaw esklużivament bħala persuni ġuridiċi jew persuni fiżiċi. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk l-intermedjarji tal-kreditu kollha jitniżżlux f'reġistru wieħed jew jekk humiex meħtieġa reġistri differenti skont jekk l-intermedjarju tal-kreditu jkunx vinkolat jew joperax bħala intermedjarju tal-kreditu indipendenti. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jżommu jew li jimponu restrizzjonijiet rigward il-possibbiltà li jiġu imposti tariffi fuq il-konsumaturi mill-intermedjarji tal-kreditu vinkolati ma' kreditur wieħed jew aktar.***

***(70) F'xi Stati Membri, intermedjarji tal-kreditu jistgħu jiddeċiedu li jużaw is-servizzi ta' rappreżentanti maħturin biex jiżvolġu l-attivitajiet tagħhom f'isimhom. L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li japplikaw ir-reġim partikolari stipulat b'din id-Direttiva għar-rappreżentanti maħturin. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li ma jintroduċux tali reġim jew li jippermettu entitajiet oħrajn li jiżvolġu rwol li huwa paragunabbli ma' dak ta' rappreżentanti maħturin, sakemm dawk l-entitajiet ikunu soġġetti għall-istess reġim bħall-intermedjarji tal-kreditu. Ir-regoli dwar ir-rappreżentanti maħturin stabbiliti f'din id-Direttiva ma jobbligawx lill-Istati Membri li jippermettu rappreżentanti maħturin joperaw fil-ġurisdizzjoni tagħhom sakemm dawn ir-rappreżentanti maħturin ma jkunux ikkunsidrati bħala intermedjarji tal-kreditu skont din id-Direttiva.***

***(71) Sabiex tkun żgurata superviżjoni effettiva tal-intermedjarji tal-kreditu mill-awtoritajiet kompetenti, intermedjarju tal-kreditu li jkun persuna ġuridika għandu jiġi ammess fl-Istat Membru li fih ikollu l-uffiċċju reġistrat tiegħu. Intermedjarju tal-kreditu li mhuwiex persuna ġuridika għandu jkun ammess fl-Istat Membru li fih ikollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu. Minbarra dan, l-Istati Membri għandhom jesiġu li l-uffiċċju prinċipali tal-intermedjarju tal-kreditu ikun dejjem jinsab fl-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu u li din fil-fatt ikun jopera fih.***

(72) ***Ir***-rekwiżiti ***għall-ammissjoni*** għandhom jippermettu lill-intermedjarji tal-kreditu joperaw fi Stati Membri oħrajn, skont il-prinċipji tal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, sakemm tkun saret proċedura xierqa ta' notifika bejn l-awtoritajiet kompetenti. Anki f'każijiet fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li ***jammettu*** l-persunal individwali kollu tal-intermedjarji tal-kreditu, in-notifika tal-intenzjoni li jipprovdi servizzi għandha tkun magħmula fuq il-bażi tal-intermedjarju tal-kreditu u mhux tal-impjegat individwali. ***Madankollu, filwaqt li din id-Direttiva tipprovdi qafas għall-intermedjarji tal-kreditu ammessi kollha, inkluż intermedjarji tal-kreditu vinkolati ma' kreditur wieħed biss, li joperaw fl-Unjoni kollha, din id-Direttiva ma tipprovdix tali qafas għar-rappreżentanti maħturin. F'dawn il-każijiet, dawk ir-rappreżentanti maħturin li jixtiequ joperaw fi Stat Membru ieħor għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-ammissjoni tal-intermedjarji tal-kreditu stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

***(73) F'xi Stati Membri, l-intermedjarji tal-kreditu jistgħu jiżvolġu l-attivitajiet tagħhom fir-rigward ta' kuntratti ta' kreditu offruti minn istituzzjonijiet mhux tal-kreditu u minn istituzzjonijiet tal-kreditu. Bħala prinċipju, intermedjarji tal-kreditu ammessi għandhom ikollhom il-permess li joperaw fit-territorju kollu tal-Unjoni. Madankollu, l-ammissjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju m'għandhiex tippermetti lill-intermedjarji tal-kreditu li jipprovdu s-servizzi tagħhom fir-rigward ta' kuntratti ta' kreditu offruti minn istituzzjonijiet mhux tal-kreditu lill-konsumaturi fi Stat Membru fejn tali istituzzjonijiet mhux tal-kreditu ma jkollhomx permess joperaw.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(74)* ***L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprevedu li persuni li jiżvolġu attivitajiet ta' intermedjazzjoni kreditizja biss fuq bażi inċidentali fil-kors tal-attività professjonali, pereżempju avukati jew nutara, ma jkunux soġġetti għall-proċedura ta' ammissjoni stabbilita f'din id-Direttiva sakemm tali attività professjonali ma tkunx irregolata u r-regoli rilevanti ma jipprojbixxux it-twettiq, fuq bażi inċidentali, ta' attivitajiet ta' intermedjazzjoni kreditizja. Madankollu, tali eżenzjoni mill-proċedura ta' ammissjoni stabbilita f'din id-Direttiva għandha tfisser li tali persuni ma jistgħux jibbenefikaw mir-reġim tal-passaport previst f'din id-Direttiva. Persuni li sempliċement jintroduċu jew jirreferu konsumatur lil kreditur jew lil intermedjarju tal-kreditu fuq bażi inċidentali fil-kors tal-attività professjonali tagħhom, pereżempju billi jindikaw l-eżistenza ta' kreditur jew intermedjarju tal-kreditu partikolari lill-konsumatur jew tip ta' prodott ma' dan il-kreditur jew intermedjarju tal-kreditu partikolari lill-konsumatur mingħajr ma jagħmlu ebda reklamar ieħor jew jipparteċipaw fil-preżentazzjoni, l-offerta, ix-xogħol preparatorju jew il-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu, m'għandhomx jitqiesu bħala intermedjarji tal-kreditu għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Lanqas m'għandhom dawk li jissellfu, li sempliċiment jittrasferixxu kuntratt ta' kreditu lil konsumatur permezz ta' proċess ta' surroga mingħajr ma jwettqu ebda attività kreditizja oħra ta' intermedjazzjoni, jitqiesu bħala intermedjarji tal-kreditu għall-finijiet ta' din id-Direttiva.***

(75) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-kredituri u tkun promossa l-istabbiltà finazjarja u sakemm ikun hemm aktar armonizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm miżuri adatti għall-***ammissjoni*** u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu li jipprovdu kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali. ***F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, din id-Direttiva m'għandhiex tistipula kundizzjonijiet dettaljati għall-ammissjoni*** jew is-superviżjoni tal-kredituri li jipprovdu tali kuntratti ta' kreditu u li mhumiex istituzzjonijiet tal-kreditu kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment ([1]). L-għadd ta' dawn l-istituzzjonijiet li joperaw fl-***Unjoni*** fil-preżent huwa limitat kif inhu wkoll is-sehem tagħhom fis-suq u l-għadd ta' Stati Membri li huma attivi fihom, partikolarment mill-kriżi finanzjarja 'l hawn. Għall-istess raġuni, f'din id-Direttiva lanqas m'għandha tiġi disposta l-introduzzjoni ta' 'passaport' għal dawn l-istituzzjonijiet.

(76) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar ***sanzjonijiet*** applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Filwaqt li l-għażla tas-***sanzjonijiet*** tibqa' fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri, is-***sanzjonijiet*** previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(77) Il-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għal proċeduri ta' rikorsi u rimedji extraġudizzjarji għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet li jirriżultaw mid-drittijiet u l-obbligi stipulati f'din id-Direttiva bejn il-kredituri u l-konsumaturi kif ukoll bejn l-intermedjarji tal-kreditu u l-konsumaturi. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parteċipazzjoni f'dawn il-proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet ma tkunx fakultattiva għall-kredituri u l-intermedjarji tal-kreditu. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti ta' proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet f'każijiet ta' attività transkonfinali, l-Istati Membri għandhom jesiġu u jħeġġu l-kooperazzjoni tal-korpi responsabbli għar-riżoluzzjoni ta' rikorsi u rimedji extraġudizzjarji. F'dak il-kuntest il-korpi tal-Istati Membri responsabbli għar-rikorsi u rimedji extraġudizzjarji għandhom ikunu mħeġġa jipparteċipaw fil-FIN-NET, netwerk ta' skemi nazzjonali extraġudizzjarji għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet finanzjarji li għandhom ir-responsabbiltà li jittrattaw kwistjonijiet bejn il-konsumaturi u l-fornituri ta' servizzi finanzjarji.***

(78) Sabiex tkun ***żgurata armonizzazzjoni konsistenti u sabiex*** jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq tal-***kuntratti*** ta' kreditu jew fl-evoluzzjoni tal-prodotti ta' kreditu ***jew f'kundizzjonijiet*** ekonomiċi, u sabiex ***jiġu speċifikati aktar ċerti rekwiżiti f'din id-Direttiva, is-setgħa għall-adozzjoni*** ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 ***TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-kliem standard jew l-istruzzjonijiet għall-mili tal-FEIS u l-emendar tal-kummenti jew l-aġġornar tas-suppożizzjonijiet użati biex tiġi kkalkulata r- RPAI. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, fil-pront u adatta tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(79) Sabiex tiġi ffaċilitata l-kapaċità tal-intermedjarji tal-kreditu li jipprovdu s-servizzi tagħhom fuq bażi transkonfinali, għal***l***-finijiet ta' kooperazzjoni, l-iskambju tal-informazzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kwsitjonijiet bejn awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet kompetenti responsibbli għall-***ammissjoni*** tal-intermedjarji tal-kreditu għandhom ikunu dawk li jaġixxu taħt l-awspiċi tal-***Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (ABE)***, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) ([1]) ***jew awtoritajiet nazzjonali oħrajn sakemm dawn jikkooperaw mal-awtoritajiet li jaġixxu taħt l-awspiċi tal-ABE sabiex iwettqu dmirijiethom taħt din id-Direttiva.***

***(80) L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti li jkollhom is-setgħa jiżguraw l-infurzar ta' din id-Direttiva u jiżguraw li jingħatawlhom setgħat ta' investigazzjoni u ta' infurzar u riżorsi adegwati neċessarji għat-twettiq ta' dmirijiethom. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaġixxu rigward ċerti aspetti ta' din id-Direttiva permezz ta' applikazzjoni lill-qrati kompetenti għal deċiżjoni legali, inkluż, fejn adatt, permezz ta' appell. Dan jista' jippermetti lil Stati Membri, partikolarment dawk fejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ġew trasposti fil-liġi ċivili, li jħallu l-infurzar ta' dawn id-dispożizzjonijiet f'idejn il-korpi u l-qrati imsemmijin hawn fuq. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jinnominaw awtoritajiet kompetenti differenti għall-infurzar tal-firxa wiesgħa ta' obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva. Pereżempju, għal xi dispożizzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-infurzar tal-protezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li għal oħrajn, jistgħu jiddeċiedu li jinnominaw superviżuri prudenzjali. L-għażla li jiġu nominati awtoritajiet kompetenti differenti m'għandhiex taffettwa l-obbligi għal sorveljanza kontinwa u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, kif stipulat f'din id-Direttiva.***

(81) Il-funzjonament effiċjenti ta' din id-Direttiva ser jeħtieġ li jiġi rivedut, kif ukoll il-progress dwar l-istabbiliment ta' suq intern b'livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur għall-kuntratti ta' kreditu marbut ma' proprjetà immobbli residenzjali. Ir-reviżjoni għandha tinkludi, fost l-oħrajn, ***valutazzjoni tal-konformità ma' din id-Direttiva u l-impatt tagħha, valutazzjoni dwar jekk l-ambitu ta' din id-Direttiva jibqax xieraq, analiżi tal-provvediment ta' kuntratti ta' kreditu minn istituzzjonijiet mhux tal-kreditu,*** valutazzjoni tal-ħtieġa għal aktar miżuri, fosthom passaport għal istituzzjonijiet mhux tal-kreditu ***u*** eżami tan-neċessità li jiġu introdotti drittijiet u obbligi ***ulterjuri*** fir-rigward tal-istadju postkuntrattwali tal-kuntratti ta' kreditu ▌.

(82) Azzjoni mill-Istati Membri biss x'aktarx li twassal għal settijiet ta' regoli differenti, li jista' jdgħajjef jew joħloq ostakli ġodda għall-funzjonament tas-suq intern. Peress li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-ħolqien ta' suq intern effikaċi u kompetittiv tal-kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk, abbażi tal-effikaċja tal-azzjoni, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat ***dwar l-Unjoni Ewropea.*** Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

***(83) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jittrasponu ċerti aspetti koperti b'din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali permezz tal-liġi prudenzjali, pereżempju l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur, filwaqt li oħrajn jiġu trasposti permezz tal-liġi ċivili jew kriminali, pereżempju l-obbligi rigward il-mutwatarji responsabbli.***

***(84) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat- 28 ta' Settembru 2011 ([2]), l-Istati Membri ntrabtu sabiex jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis it-trażmissjoni ta' tali dokumenti bħala waħda ġustifikata.***

---

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.
([2]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(85)* ***Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta opinjoni fil-25 ta' Lulju 2011*** (1) ***imsejjsa fuq l-Artikolu 28 (2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data*** (2),

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Kapitolu 1

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni, definizzjonijiet u awtoritajiet kompetenti

Artikolu 1

Suġġett

***Din*** id-Direttiva ***tistipula*** qafas ***komuni*** għal ċerti aspetti ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar ▌ kuntratti ***li jkopru l-kreditu għal konsumaturi ggarantit b'ipoteka jew b'mod ieħor*** rigward proprjetà immobbli residenzjali, ***inkluż obbligu li ssir valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur qabel ma jingħata kreditu, bħala bażi għall-iżvilupp ta' standards ta' sottoskrizzjoni effettivi b'rabta ma' proprjetà residenzjali immobbli fl-Istati Membri, u għal ċerti*** rekwiżiti prudenzjali u superviżorji, ***inkluż għall-istabbiliment u s-superviżjoni ta***l-intermedjarji tal-kreditu, ***rappreżentanti maħtura u istituzzjonijiet mhux tal-kreditu.***

***Artikolu 1a***

***Livell ta' Armonizzazzjoni***

***1. Din id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi lill-Istati Membri milli jżommu jew idaħħlu dispożizzjonijiet aktar rigorużi biex jipproteġu lill-konsumaturi, sakem dawn id-dispożizzjonijiet ikunu konsistenti mal-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni.***

***2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri m'għandhomx iżommu jew jintroduċu fil-liġi nazzjonali tagħhom dispożizzjonijiet diverġenti minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 14(2) u l-Anness II Parti A fir-rigward ta' informazzjoni prekuntrattwali standard permezz ta' Fuljett Ewropew ta' Informazzjoni Standardizzata ('FEIS') u l-Artikolu 17(1) sa (5), (7) u (8) u l-Anness I fir-rigward ta' standard komuni u konsistenti tal-Unjoni għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali tal-imposta (RPAI).***

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-***Direttiva*** għandha tapplika għal ▌:

(a) kuntratti ta' kreditu li huma ggarantiti b'ipoteka jew b'garanzija paragunabbli oħra normalment użata fi Stat Membru fuq proprjetà immobbli residenzjali jew iggarantiti bi dritt relatat ma' proprjetà immobbli residenzjali; u

(b) kuntratti ta' kreditu li l-fini tagħhom huwa l-akkwist jew iż-żamma tad-drittijiet ta' proprjetà f'art jew f'bini ▌ eżistenti jew ipproġettat.

▌

(1) ***ĠU C 377, 23.12.2011, p. 5.***
(2) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**2.** Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal:

(a) Kuntratti ta' kreditu ta' rilaxx ta' kapital ***fejn il-kreditur:***

***i) jikkontribwixxi somma f'daqqa, pagamenti perjodiċi jew forom oħra ta' żborż ta' kreditu bi skambju għal somma derivata mill-bejgħ futur ta' proprjetà immobbli residenzjali jew dritt marbut ma' proprjetà immobbli residenzjali; u***

***ii) ma jippretendix il-ħlas lura tal-kreditu sakemm iseħħ avveniment speċifiku jew aktar rigward il-ħajja tal-konsumatur, kif iddefinit mill-Istati Membri (rilaxx ta' kapital), ħlief jekk konsumatur jikser l-obbligi kuntrattwali li jippermettu lill-kreditur itemm il-kuntratt ta' kreditu;***

(b) kuntratti ta' ***kreditu*** fejn il-kreditu jingħata minn min iħaddem lill-impjegati tiegħu bħala attività sekondarja fejn dan il-kuntratt ta' kreditu jingħata mingħajr imgħax jew b'***RPAI*** aktar baxxi minn dawk prevalenti fis-suq u li mhumiex offruti lill-pubbliku ġenerali;

***(c) kuntratti ta' kreditu fejn il-kreditu jingħata mingħajr imgħax u mingħajr xi imposti oħrajn ħlief dawk li jkopru l-ispejjeż relatati direttament mal-otteniment tal-kreditu.***

***(d) kuntratti ta' kreditu fil-forma ta' faċilità ipotekarja u fejn il-kreditu jrid jitħallas lura fi żmien xahar;***

***(e) kuntratti ta' kreditu li huma r-riżultat ta' ftehim milħuq quddiem il-qorti jew quddiem awtorità statutorja oħra;***

***(f) kuntratti ta' kreditu relatati mal-pagament differit, mingħajr ħlas, ta' dejn eżistenti u li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (a) tal-paragrafu 1.***

***3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx:***

***(a) l-Artikoli 11 u 14 u l-Anness II għal kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi, iggarantiti b'ipoteka jew b'garanzija oħra paragunabbli normalment użata fi Stat Membru fuq proprjetà immobbli residenzjali jew iggarantiti bi dritt relatat ma' proprjetà immobbli residenzjali, li l-iskop tiegħu mhuwiex li jiġi akkwistat jew jinżamm id-dritt għal proprjetà immobbli residenzjali, dment li l-Istati Membri japplikaw għal tali kuntratti ta' kreditu skont l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2008/48/KE u l-Annessi II u III tagħha;***

***(b) din id-Direttiva għal kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli fejn il-kuntratt ta' kreditu jipprevedi li l-proprjetà immobbli ma tista' fl-ebda żmien tkun okkupata bħala dar, appartament jew post ieħor ta' residenza mill-konsumatur jew membru tal-familja tal-konsumatur u li ser tkun okkupata bħala dar, appartament jew post ieħor ta' residenza abbażi ta' kuntratt ta' kiri;***

***(c) din id-Direttiva għal kuntratti ta' kreditu li jirrigwardaw kreditu mogħti lil pubbliku ristrett taħt dispożizzjoni statutorja b'fini ta' interess ġenerali, mingħajr imgħax jew b'rati ta' self aktar baxxi minn dawk prevalenti fis-suq jew b'termini oħrajn li jkunu aktar favorevoli għall-konsumatur minn dawk prevalenti fis-suq u b'rati ta' self li mhumiex ogħla minn dawk prevalenti fis-suq;***

***(d) din id-Direttiva għal self intermedjarju;***

***(e) din id-Direttiva għal kuntratti ta' kreditu fejn il-kreditur hu organizzazzjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2008/48/KE.***

***4. L-Istati Membri li jużaw l-opzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2a għandhom jiżguraw l-applikazzjoni ta' qafas xieraq f'livell nazzjonali għal dan it-tip ta' kreditu.***

***5. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-opzjoni msemmija fil-punt (c) jew (e) tal-paragrafu 2a għandhom jiżguraw l-applikazzjoni ta' arranġamenti alternattivi adegwati sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jirċievu informazzjoni fil-ħin dwar il-karatteristiċi prinċipali, ir-riskji u l-ispejjeż rigward tali kuntratti ta' kreditu fl-istadju prekuntrattwali u li r-reklamar ta' tali kuntratti ta' kreditu jkun ġust, ċar u mhux qarrieqi.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***Artikolu 3***

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'Konsumatur' tfisser konsumatur kif iddefinit fil-punt (a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/48/KE.

(2) 'Kreditur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tagħti jew twiegħed li tagħti kreditu ***li jaqa'*** fil-***kamp ta' applikazzjoni*** tal-Artikolu 2 fl-eżerċizzju tal-attività kummerċjali, imprenditorjali jew professjonali tagħha.

(3) 'Kuntratt ta' kreditu' tfisser kuntratt li bih kreditur ▌ jagħti jew iwiegħed li jagħti, lill- konsumatur, kreditu li jaqa' fil-***kamp ta' applikazzjoni*** tal-Artikolu 3 fil-forma ta' pagament differit, self jew faċilità finanzjarja simili oħra.

(4) 'Servizz anċillari' tfisser ▌ servizz offrut lill-konsumatur ▌ b'rabta ma' kuntratt ta' kreditu.

(5) 'Intermedjarju tal-kreditu' tfisser persuna fiżika jew ġuridika li ma tkunx qed taġixxi bħala kreditur ***jew nutar u li ma tkunx sempliċement tintroduċi, direttament jew indirettament, konsumatur lill-kreditur jew lil intermedjarju tal-kreditu***, u li fl-eżerċizzju tal-attività kummerċjali, imprenditorjali jew professjonali tagħha, għal ***rimunerazzjoni*** li tista' tkun ta' forma pekunarja jew fi kwalunkwe forma oħra miftiehma ta' ħlas finanzjarju:

(a) ***tippreżenta jew*** toffri kuntratti ta' kreditu ▌ lill-konsumaturi;

(b) tassisti lill-konsumaturi billi tagħmel ħidma preparatorja ***jew amministrazzjoni prekuntrattwali oħra*** fir-rigward tal-kuntratti ta' kreditu ▌ minbarra kif imsemmi fil-punt (a); ***jew***

(c) tikkonkludi kuntratti ta' kreditu ▌ mal-konsumaturi f'isem il-kreditur.

(6) 'Grupp' tfisser ***grupp ta'*** kredituri li ser ikunu ***konsolidati*** għall-finijiet tat-***tfassil ta'*** kontijiet konsolidati, kif iddefinit fid-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi ([1]).

(7) 'Intermedjarju tal-kreditu vinkolat' tfisser kwalunkwe intermedjarju tal-kreditu li jaġixxi f'isem u taħt ir-responsabbiltà sħiħa ***u mingħajr kundizzjonijiet*** ta'

***(a)*** kreditur wieħed biss;

***(b)*** grupp wieħed ***biss; jew***

***(c) numru ta' kredituri jew gruppi li ma jirrappreżentawx il-maġġoranza tas-suq.***

***(8) 'Rappreżentant maħtur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tiżvolġi attivitajiet imsemmijin fil-punt 5 li qed taġixxi f'isem u taħt ir-responsabbiltà sħiħa u mingħajr kundizzjonijiet ta' intermedjarju tal-kreditu wieħed biss.***

(9) 'Istituzzjoni tal-kreditu' tfisser istituzzjoni kif iddefinit fil-punt 1 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament ***(UE) Nru 575/2013.***

(10) "Istituzzjoni mhux tal-kreditu" tfisser kwalunkwe ***kreditur li*** mhuwiex istituzzjoni tal-kreditu.

(11) 'Persunal' tfisser:

***(a) kwalunkwe persuna fiżika li taħdem għall-***kreditur, jew l-intermedjarju tal-kreditu ***li tkun direttament*** involuta fl-attivitajiet koperti minn din id-Direttiva ***jew li għandha kuntatti mal-konsumaturi matul l-attivitajiet koperti minn din id-Direttiva;***

***(b) kwalunkwe persuna fiżika li taħdem għal rappreżentant maħtur li għandha kuntatti ma' konsumaturi matul l-attivitajiet koperti minn din id-Direttiva;***

([1]) ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(c)* ***kwalunkwe persuna fiżika li b'mod dirett tiġġestixxi jew timmonitorja l-persuni fiżiċi li hemm referenza għalihom fil-punti (a) u (b).***

***(12) 'Ammont totali ta' kreditu' tfisser l-ammont totali ta' kreditu kif iddefinit*** fil-punt (l) tal-***Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/48/KE.***

(13) 'Kost totali tal-kreditu għall-konsumatur' tfisser il-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur kif iddefinit f'punt (g) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/48/KE ***inkluż il-kost tal-evalwazzjoni tal-proprjetà fejn din l-evalwazzjoni hija meħtieġa biex jinkiseb il-kreditu iżda esklużi t-tariffi ta' reġistrazzjoni għat-trasferiment tas-sjieda tal-proprjetà immobbli. Dan jeskludi kwalunwe imposta pagabbli mill-konsumatur għan-nuqqas ta' konformità mal-impenji stabbiliti fil-kuntratt tal-kreditu.***

(14) 'Ammont totali pagabbli mill-konsumatur' tfisser l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur kif iddefinit f'***punt*** (h) tal-***Artikolu 3 tad-***Direttiva 2008/48/KE.

(15) 'Rata perċentwali annwali tal-imposti' (***RPAI***) tfisser il-kost totali tal-kreditu lill-konsumatur, indikata bħala perċentwal annwali tal-kost totali tal-kreditu, fejn applikabbli, inkluż l-ispejjes imsemmijin fl-Artikolu 12(2) ***u li, fuq bażi annwali, hija ekwivalenti għall-valur preżenti tal-impenji kollha futuri u eżistenti (prelevamenti, ħlas lura u imposti) miftehmin bejn il-kreditur u l-konsumatur.***

(16) 'Rata tal-imgħax tas-self' tfisser ir-rata tal-imgħax tas-self kif iddefinit f***'punt (j) ta***l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/48/KE.

(17) 'Valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja' tfisser l-evalwazzjoni tal-prospetti li l-obbligu tad-dejn li jirriżulta mill-kuntratt ta' kreditu jiġi ssodisfat.

(18) 'Mezz durabbli' tfisser mezz durabbli kif iddefinit f***'punt (m) ta***l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/48/KE.

(19) 'Stat Membru tad-domiċilju' tfisser:

(a) fejn il-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu huwa persuna fiżika, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-***uffiċċju prinċipali*** tiegħu;

(b) fejn il-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu jkun persuna ġuridika, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju reġistrat tiegħu jew, jekk taħt il-liġi nazzjonali tiegħu ma jkollux uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tiegħu.

(20) 'Stat Membru ospitanti' tfisser l-Istat Membru, ***li ma jkunx l-Istat Membru tad-domiċilju***, li fih il-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu jkollu fergħa jew jipprovdi servizzi.

***(21) 'Servizzi ta' konsulenza' tfisser il-forniment ta' rakkomandazzjonijiet personali lil konsumatur rigward tranżazzjoni waħda jew aktar relatati ma' kuntratti ta' kreditu u tikkostittwixxi attività separata mill-għoti ta' kreditu u mill-attivitajiet ta' intermedjazzjoni ta' kreditu stipulati fil-punt 5.***

***(22) 'Awtorità kompetenti' tfisser awtorità nnominata bħala kompetenti minn Stat Membru skont l-Artikolu 4.***

***(23) 'Self intermedjarju' tfisser kuntratt ta' kreditu li m'għandux tul ta' żmien fiss jew li għandu jitħallas lura fi żmien 12-il xahar, li huwa użat mill-konsumatur bħala soluzzjoni ta' finanzjament temporanju waqt it-transizzjoni għal arranġament finanzjarju ieħor fir-rigward tal-proprjetà immobbli.***

***(24) 'Responsabbiltà jew garanzija kontinġenti' tfisser kuntratt ta' kreditu li jaġixxi ta' garanzija għal tranżazzjoni oħra separata iżda anċillari, u fejn il-kapital iggarantit permezz ta' proprjetà immobbli jinġibed biss jekk iseħħ avveniment jew avvenimenti speċifikati fil-kuntratt.***

***(25) 'Kuntratt ta' kreditu b'ekwità kondiviża' tfisser kuntratt ta' kreditu fejn il-kapital ripagabbli jkun ibbażat fuq perċentwal iffissat kuntrattwalment tal-valur tal-proprjetà immobbli fil-mument tal-ħlas lura tal-kapital.***

***(26) "Prattika ta' rbit" tfisser l-offerta jew il-bejgħ ta' kuntratt ta' kreditu f'pakkett ma' prodotti jew servizzi distinti finanzjarji oħra fejn il-kuntratt ta' kreditu ma jkunx disponibbli għall-konsumatur b'mod separat.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(27)* ***'Prattika ta' abbinar (bundling)' tfisser l-offerta jew il-bejgħ ta' kuntratt ta' kreditu f'pakkett ma' prodotti jew servizzi finanzjarji distinti oħrajn fejn il-kuntratt ta' kreditu ikun disponibbli għall-konsumatur b'mod separat ukoll, iżda mhux neċessarjament bl-istess termini jew kundizzjonijiet bħal dawk ta' meta jiġi offrut flimkien mas-servizzi anċillari.***

*(28)* ***'Self f'munita barranija' tfisser kuntratt ta' kreditu fejn il-kreditu huwa:***

*(a)* ***denominat f'munita li mhux dik li fiha l-konsumatur jirċievi d-dħul jew li fiha għandu l-assi li minnhom ser jitħallas il-kreditu; jew***

*(b)* ***denominat f'munita li mhux dik tal-Istat Membru ta' residenza tal-konsumatur.***

Artikolu 4

Awtoritajiet kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti ***nazzjonali*** li jkollhom is-setgħa jiżguraw ***l-applikazzjoni u l-infurzar*** ta' din id-Direttiva u għandhom jiżguraw li jingħatawlhom setgħat ***ta' investigazzjoni u ta' infurzar u riżorsi adegwati*** neċessarji għat-twettiq ***effiċjenti u effettiv*** ta' dmirijiethom.

***L-awtoritajiet imsemmijin fl-ewwel paragrafu għandhom ikunu jew awtoritajiet pubbliċi jew korpi rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali jew minn awtoritajiet pubbliċi espressament mogħtija s-setgħa għal dak il-għan bil-liġi nazzjonali. Dawn ma jistgħux ikunu kredituri, intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentanti maħturin.***

***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, il-persuni kollha li jaħdmu jew li kienu ħadmu għall-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll l-awdituri u l-esperti li jirċievu istruzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti, ikunu marbutin bl-obbligu tas-segretezza professjonali. L-ebda informazzjoni kunfidenzjali li jafu jirċievu waqt il-qadi ta' dmirijiethom ma tista' tiġi żvelata lil kwalunkwe persuna jew awtorità jiġri x'jiġri, ħlief f'forma ta' taqsira jew ġabra, mingħajr ma jiġu preġudikati każijiet koperti mil-liġi kriminali jew minn din id-Direttiva. Madankollu, dan m'għandux jipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw jew jittrażmettu informazzjoni kunfidenzjali skont il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni.***

***3.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet innominati bħala kompetenti biex jiżguraw l-***applikazzjoni u l-infurzar*** tal-Artikoli ***9, 29, 32, 33, 34 u 35*** ta' din id-Direttiva huma wieħed mis-segwenti jew is-segwenti kollha:

***(a)*** awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010;

*(b)* ***awtoritajiet għajr dawk l-awtoritajiet kompetenti msemmija f'punt (a) sakemm il-liġi, r-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali jirrikjedu li dawk l-awtoritajiet jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti msemmijin f'punt (a) fejn neċessarju sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom taħt din id-Direttiva, inkluż għall-finijiet ta' kooperazzjoni mal- Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (ABE) kif meħtieġ skont din id-Direttiva.***

***4.*** L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni ***u lill-ABE*** bil-ħatra tal-awtoritajiet kompetenti ***u kwalunkwe bidliet għalihom***, u jindikaw kwalunkwe diviżjoni tad-dmirijiet rispettivi bejn awtoritajiet kompetenti differenti. ***L-ewwel notifika ta' dan it-tip għandha ssir malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn …*** (*).

***5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom f'konformità mal-liġi nazzjonali jew:***

*(a)* ***b'mod dirett taħt l-awtorità tagħhom jew taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet ġudizzjarji; jew***

(*) ***Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(b)* ***b'applikazzjoni lill-qrati li huma kompetenti biex jagħtu d-deċiżjoni meħtieġa, inkluż, fejn xieraq, b'appell, jekk l-applikazzjoni biex tingħata d-deċiżjoni neċessarja ma tintlaqax, ħlief għall-Artikoli 9, 29, 32, 33, 34 u 35.***

6. Fejn ikun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fit-territorju tagħhom, Stat Membru għandu jiżgura li ***d-dmirijiet rispettivi tagħhom ikunu ddefiniti b'mod ċar u li*** dawk l-awtoritajiet jikkollaboraw mill-qrib sabiex ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet rispettivi tagħhom b'mod effikaċi.

***7. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-awtoritajiet kompetenti f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mill-inqas darba fis-sena u taġġornaha b'mod kontinwu fuq il-website tagħha.***

## *Kapitolu 2*

## *Edukazzjoni finanzjarja*

### *Artikolu 6*

### *Edukazzjoni finanzjarja tal-konsumaturi*

***1. L-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri li jappoġġjaw l-edukazzjoni tal-konsumaturi b'rabta ma' self u ġestjoni tad-dejn responsabbli, b'mod partikolari b'rabta ma' kuntratti ta' kreditu ipotekarju. Hija meħtieġa informazzjoni ċara u ġenerali dwar il-proċess tal-għoti ta' kreditu sabiex tiggwida lill-konsumaturi speċjalment dawk li jieħdu kreditu ipotekarju għall-ewwel darba. Hija wkoll neċessarja informazzjoni dwar il-gwida li l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jagħtu lill-konsumaturi.***

***2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika valutazzjoni tal-edukazzjoni finanzjarja disponibbli għall-konsumaturi fl-Istati Membri u tidentifika eżempji tal-aħjar prattika li jistgħu jiġu żviluppati aktar sabiex jiżdied l-għarfien finanzjarju tal-konsumaturi.***

## *Kapitolu 3*

## Kundizzjonijiet applikabbli għal kredituri, intermedjarji tal-kreditu ***u rappreżentanti maħturin***

### Artikolu 7

### Obbligi tal-kondotta ta' negozju meta jiġi pprovdut kreditu lill-konsumaturi

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li meta ***jiġu manifatturati prodotti ta' kreditu jew meta jingħataw, jiġu intermedjati jew jiġu provduti servizzi konsultattivi*** dwar il-kreditu u, fejn ikun il-każ, servizzi anċillari lill-konsumaturi ***jew meta jiġi implimentat kuntratt ta' kreditu***, il-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu ***jew ir-rappreżentant maħtur*** jaġixxu onestament, b'ġustizzja, ***bi trasparenza*** u professjonalment, ***filwaqt li jqisu d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi. B'rabta mal-għoti, l-intermedjar jew l-għoti ta' servizzi konsultattivi dwar il-kreditu u fejn opportun, ta' servizzi anċillari, l-attivitajiet għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-konsumatur u kwalunkwe ħtieġa speċifika li jsemmi konsumatur u fuq suppożizzjonijiet raġonevoli dwar ir-riskji għas-sitwazzjoni tal-konsumatur minħabba t-terminu tal-kuntratt ta' kreditu. B'rabta ma' dan l-għoti ta' servizzi konsultattivi, l-attività għandha barra minn hekk tkun ibbażata fuq l-informazzjoni meħtieġa skont punt (a) tal-Artikolu 22(3).***

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mod li bih il-kredituri jirremuneraw lill-persunal tagħhom u intermedjarji tal-kreditu u l-mod li bih l-intermedjarji tal-kreditu jirremuneraw lill-persunal ***u lir-rappreżentanti maħturin*** tagħhom ma jfixkilx il-konformità mal-obbligu ***stipulat fil-paragrafu 1***.

***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jistabbilixxu u japplikaw politika ta' remunerazzjoni għal persunal responsabbli mill-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, il-kredituri jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin b'mod u safejn huwa xieraq għad-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-għanu l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom:***

*(a)* ***il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun konsistenti ma' u tippromwovi ġestjoni tajba u effettiva tar-riskji u ma tinkoraġġix teħid ta' riskju li jaqbeż il-livell ta' riskju ttollerat tal-kreditur;***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(b) il-politika ta' rimunerazzjoni hija konformi mal-istrateġija ta' negozju, l-objettivi, il-valuri u l-interessi dejjiema tal-kreditur, u tinkorpora miżuri biex jiġu evitati kunflitti ta' interess, b'mod partikolari billi tipprevedi li r-rimunerazzjoni mhijiex kontinġenti fuq l-għadd u l-proporzjoni tal-applikazzjonijiet aċċettati.*

*4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn il-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentanti maħtura jagħtu servizzi konsultattivi l-istruttura tar-rimunerazzjoni tal-persunal involut ma tippreġudikax il-kapaċità tagħhom li jieħdu azzjoni fl-aħjar interess tal-konsumatur u b'mod partikolari mhix kontinġenti fuq l-objettivi ta' bejgħ. Sabiex tinkiseb dik il-mira, l-Istati Membri jistgħu addizzjonalment jipprojbixxu kummissjonijiet imħallsa mill-kreditur lill-intermedjarju tal-kreditu.*

*5. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu jew jimponu restrizzjonijiet fuq pagamenti minn konsumatur lil kreditur jew intermedjarju tal-kreditu qabel il-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu.*

### *Artikolu 8*

### *Obbligu li tingħata informazzjoni mingħajr ħlas lill-konsumaturi*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta informazzjoni tingħata lill-konsumaturi f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, din l-informazzjoni tingħata mingħajr ħlas għall-konsumatur.*

### Artikolu 9

### *Rekwiżiti ta' għarfien u ta' kompetenza għall-persunal*

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li* l-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu ***u r-rappreżentanti maħturin jitolbu l-persunal tagħhom*** ikollhom ***u jżommu aġġornat*** livell xieraq ta' għarfien u kompetenza b'rabta mat-tfassil***, l-***offerta u l-għoti ta' ftehimiet ta' kreditu, ***it-twettiq*** ta' attivitajiet ta' intermedjazzjoni ta' kreditu stipulati fil-punt 5 tal-Artikolu 4 ***jew l-għoti ta' servizzi konsultattivi***. Fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu tinkludi servizz anċillari marbut miegħu, ***għandhom ikunu meħtieġa*** għarfien u kompetenza adatta b'rabta ma' dak is-servizz anċillari.

*2. Minbarra fiċ-ċirkostanzi msemmijin fil-paragrafu 3, l-Istati Membri tad-domiċilju għandhom jistabbilixxu rekwiżiti minimi ta' għarfien u kompetenza għall-persunal tal-kredituri, tal-intermedjarji tal-kreditu u tar-rappreżentanti maħturin skont il-prinċipji stipulati f'Anness III.*

*3. Fejn kreditur jew intermedjarju tal-kreditu jipprovdi s-servizzi tiegħu fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar:*

*(i) permezz ta' fergħa, l-Istat Membru ospitanti għandu jkun responsabbli li jistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' konoxxenza u kompetenza applikabbli għall-persunal ta' fergħa;*

*(ii) skont il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-Istat Membru tad-domiċilju għandu jkun responsabbli li jistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' konoxxenza u kompetenza applikabbli għall-persunal skont l-Anness IIa, madankollu, l-Istat Membru ospitanti jista' jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi ta' konoxxenza u kompetenza għall dawk ir-rekwiżiti msemmijin fil-punti (b), (c), (e) u (f) tal-paragrafu 1 tal-Anness IIa.*

*4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konformità mar-rekwiżiti ta' paragrafu 1 tiġi sorveljata mill-awtoritajiet kompetenti, u li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat li jitolbu lill-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u rappreżentanti maħturin jipprovdu dik l-evidenza li l-awtorità kompetenti tqis meħtieġa biex tkun tista' ssir din is-superviżjoni.*

*5. Sabiex issir sorveljanza effettiva tal-kredituri u l-intermedjarji tal-kreditu li jipprovdu s-servizzi tagħhom fit-territorji ta' Stati Membri oħrajn skont il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitani u tad-domiċilju għandhom jikkooperaw mill-qrib għas-superviżjoni u infurzar effikaċi tar-rekwiżiti minimi ta' konoxxenza u kompetenza tal-Istat Membru ospitanti. Għal dak l-iskop, huma jistgħu jiddelegaw il-kompiti u r-responsabbiltajiet lil xulxin.*

**It-Tlieta 10 ta’ Settembru 2013**

Kapitolu 4

Informazzjoni u prattiki qabel il-konklużjonijiet tal-kuntratt ta’ kreditu

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għar-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni

***Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/29/KE,*** l-Istati Membri għandhom jesiġu li kwalunkwe komunikazzjijiet ta’ reklamar u kummerċjalizzazzjoni rigward kuntratti ta’ kreditu jkunu ekwi, ċari u mhux qarrieqa . B’mod partikolari, għandha tkun ipprojbita kitba li tista’ toħloq aspettativi żbaljati fil-konsumaturi dwar id-disponibbiltà jew il-kost ta’ kreditu.

Artikolu 11

Informazzjoni standard li għandha tiġi inkluża fir-reklamar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe reklamar dwar il-kuntratti ta’ kreditu li jindika rata ta’ imgħax jew kwalunkwe ċifra relatata mal-kost ta’ kreditu għall-konsumatur jinkludi informazzjoni standard konformi ma’ dan l-Artikolu.

***L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-ewwel subparagrafu m’għandux japplika fejn il-liġi nazzjonali tirrikjedi l-indikazzjoni tar-RPAI fir-reklamar ta’ kuntratt ta’ kreditu li ma jindikax rata ta’ imgħax jew kwalunkwe ċifra relatata ma’ kwalunkwe spiża tal-kreditu għall-konsumatur fi ħdan it-tifsira tal-ewwel subparagrafu.***

2. L-informazzjoni standard għandha tispeċifika b’mod ċar, konċiż u prominenti:

(a) l-identità tal-kreditur jew, fejn applikabbli, tal-intermedjarju tal-kreditu ***jew tar-rappreżentant maħtur;***

(b) ***fejn applikabbli,*** li l- kuntratt ta’ kreditu ***jkun*** ggarantit b’ipoteka jew b’garanzija paragunabbli oħra komunament użata fi Stat Membru fuq il-proprjetà immobbli reżidenzjali jew bi dritt relatat ma’ proprjetà immobbli reżidenzjali;

(c) ir-rata tal-imgħax tas-self, b’indikazzjoni jekk hijiex fissa jew varjabbli jew kombinazzjoni tat-tnejn, flimkien mad-dettalji ta’ kwalunkwe imposta inkluża fil-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur;

(d) l-ammont totali tal-kreditu;

(e) ir-***RPAI li għandha tiġi inkluża fir-reklam tal-anqas bl-istess prominenza daqs kwalunkwe rata ta’ imgħax;***

(f) ***fejn applikabbli,*** it-tul ta’ żmien tal-kuntratt ta’ kreditu;

(g) ***fejn applikabbli,*** l-ammont tal-pagamenti rateali;

(h) ***fejn applikabbli***, l-ammont totali pagabbli mill-konsumatur;

***(i) fejn applikabbli, in-numru tal-pagamenti rateali;***

***(j) fejn applikabbli, twissija dwar il-fatt li ċaqliq possibbli fir-rata tal-imgħax jista’ jaffettwa l-ammont pagabbli mill-konsumatur.***

***3. L-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2, minbarra dik elenkata fil-punti (a) , (b) jew (hb) tiegħu, għandha tiġi speċifikata permezz ta’ eżempju rappreżentattiv u għandha timxi ma’ dak l-eżempju rappreżentattiv dejjem. L-Istati Membri għandhom jadottaw kriterji biex jiġi determinat eżempju rappreżentattiv.***

4. Meta il-konklużjoni ta’ kuntratt dwar servizz anċillari, b’mod partikolari l-assigurazzjoni, tkun obbligatorja sabiex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu bit-termini u l-kundizzjonijiet irreklamati, u l-ispiża ta’ dak is-servizz ma jkunx jista’ jiġi ddeterminata minn qabel, l-obbligu li wieħed jidħol għal dak il-kuntratt għandu wkoll ikun indikat b’mod ċar, konċiż u prominenti, flimkien mar-***RPAI***.

▌

***5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandha tkun tista’ tinqara b’mod faċli jew tista’ tinstema ċar skont il-każ, skont il-mezz użat għar-reklamar.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***6. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-inklużjoni ta' twissija konċiża u proprzjonata dwar ir-riskji speċifiċi assoċjati mal-kuntratti ta' kreditu. Huma għandhom jinnotifikaw dawk ir-rekwiżiti lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.***

7. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/29/KE.

*Artikolu 12*

***Prattiki ta' rbit u abbinament***

***1. L-Istati Membri għandhom jippermettu prattiki ta' abbinament (bundling) iżda għandhom jipprojbixxu prattiki ta' rbit.***

***2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-kredituri jistgħu jitolbu lill-konsumatur jew membru tal-familja jew qarib viċin tal-konsumatur:***

***(a) jiftaħ jew iżomm kont ta' pagament jew ta' tfaddil, fejn l-unika raġuni ta' kont bħal dan hija li jiġi akkumulat il-kapital biex jitħallas lura l-kreditu, jew issir manutenzjoni tal-kreditu, biex jinġabru riżorsi biex jinkiseb il-kreditu, jew biex tingħata garanzija addizzjonali għall-kreditur f'każ ta' inadempjenza;***

***(b) jixtri jew iżomm prodott ta' investiment jew prodott ta' pensjoni privata, fejn tali prodott primarjament joffri lill-investitur dħul matul l-irtirar iservi wkoll biex jipprovdi garanzija addizzjonali għall-kreditur f'każ ta' inadempjenza jew biex jiġi akkumulat il-kapital biex jitħallas lura il-kreditu, issir manutenzjoni tal-kreditu, jew biex jinġabru riżorsi biex jinkiseb il-kreditu***

***(c) jikkonkludi kuntratt ta' kreditu separat flimkien ma' kuntratt ta' kreditu ta' ekwità kondiviża biex jinkiseb il-kreditu.***

***3. Minkejja paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jħallu li jsiru prattiki ta' rbit meta l-kreditur jista' juri lill-awtorità kompetenti tiegħu li l-prodotti jew il-kategoriji ta' prodotti marbuta offruti, fuq termini u kundizzjonijiet simili għal xulxin, li ma jsirux disponibbli separatament iwasslu għal benefiċċju ċar għall-konsumaturi meta jitqiesu kif xieraq id-disponibbiltà u l-prezzijiet tal-prodotti rilevanti offruti fis-suq. Dan il-paragrafu għandu japplika biss għal prodotti li jitqiegħdu fis-suq wara …*** (*).

***4. L-Istati Membri jistgħu jħallu lill-kredituri jitolbu lill-konsumatur ikollu polza ta' assigurazzjoni rilevanti relatata mal-kuntratt ta' kreditu. F'każijiet bħal dawn l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jaċċetta l-polza ta' assigurazzjoni minn fornitur differenti mill-fornitur preferut tiegħu fejn polza bħal din ikollha livell ta' garanzija ekwivalenti għal dik li jkun ippropona l-kreditur.***

Artikolu 13

Informazzjoni ***ġenerali***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni ġenerali ***ċara u li tinftiehem*** dwar kuntratti ta' kreditu tiġi pprovduta mill-kredituri jew, fejn applikabbli, minn intermedjarji tal-kreditu ***marbuta jew ir-rappreżentanti maħturin tagħhom*** il-ħin kollu ***bil-miktub jew f'***mezz dejjiemi ***ieħor*** jew f'forma elettronika. ***Minbarra dan l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li informazzjoni ġenerali għandha tiġi pprovduta minn intermedjarji tal-kreditu mhux vinkolat.***

***Din*** l-informazzjoni ġenerali għandha tinkludi mill-inqas dan li ġej:

(a) ***l-***identità u l-indirizz ġeografiku tal-***emittent tal-informazzjoni***;

(b) l-iskopijiet li għalihom il-kreditu jista' jintuża;

***(c) il-forom ta' garanzija, inkluża fejn applikabbli, il-possibilità li tkun tinsab fi Stat Membru differenti;***

(*) ***Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(d) ***it***-tul ta' żmien ***possibbli*** tal-kuntratti ta' kreditu;

(e) ***rata tal-imgħax tas-self*** disponibbli***, b'indikazzjoni jekk tkunx fissa jew varajabbli jew it-tnejn,*** b'deskrizzjoni fil-qosor tal-karatteristiċi ta' rata fissa u varjabbli, inkluż implikazzjonijiet relatati għall-konsumatur;

(f) ***fejn ikunu disponibbli self f'munità barranija***, ***indikazzjoni tal-munita jew muniti barranija***, inkluża spjegazzjoni tal-implikazzjonijiet għall-konsumatur fejn il-kreditu jkun denominat f'munita barranija;

(g) eżempju ***rappreżentattiv*** tal-***ammont*** totali ***ta' kreditu***, l-ispiża ***totali*** tal-kreditu għall-***konsumatur, l-ammont totali pagabbli mill***-konsumatur u r-***RPAI***;

***(h) indikazzjoni ta' aktar spejjeż possibbli, mhux inklużi fl-ispiża totali tal-kreditu għall-konsumatur, li għandhom jitħallsu b'rabta ma' kuntratt ta' kreditu;***

(i) il-***firxa ta'*** għażliet differenti disponibbli għar-rimborż tal-kreditu lill-kreditur, inklużi l-għadd, il-frekwenza u l-ammont ta' pagamenti ta' ħlas lura regolari;

***(j) fejn applikabbli, stqarrija ċara u konċiża li l-osservanza mat-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' kreditu ma jagħtux garanzija ta' ħlas lura tal-ammont totali ta' kreditu fil-kuntratt ta' kreditu;***

(k) deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet ***direttament marbuta*** mall-ħlas lura antiċipat;

(l) jekk evalwazzjoni tal-proprjetà hijiex meħtieġa u, fejn applikabbli, ***min huwa responsabbli milli jiżgura li l-evalwazzjoni titwettaq, u jekk tinħoloqx kwalunkwe spiża relatata oħra għall-konsumatur;***

***(m) indikazzjoni tas-servizzi anċillari li l-konsumatur huwa obbligat li jixtri biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb bit-termini u l-kundizzjonijiet irreklamati, u, fejn applikabbli, kjarifika li s-servizzi anċillari jistgħu jinxtraw minn fornitur li mhuwiex il-kreditur; u***

***(n) twissija ġenerali dwar konsegwenzji possibbli ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji marbutin mal-kuntratt ta' kreditu.***

***2. L-Istati Membri jistgħu jobbligaw lill-kredituri biex jinkludu tipi oħrajn ta' avviżi li huma rilevanti fi Stat Membru. Huma għandhom jinnotifikaw dawk ir-rekwiżiti lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.***

### *Artikolu 14*

### *Informazzjoni prekuntrattwali*

*1.* L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu ***jew rappreżentanti maħturin***, iforni lill-konsumatur l-informazzjoni personalizzata meħtieġa sabiex ikun jista' jqabbel il-krediti disponibbli fuq is-suq, jivvaluta l-implikazzjonijiet tagħhom u jieħu deċiżjoni infurmata dwar jekk jikkonkludix kuntratt ta' kreditu:

***(a) mingħajr dewmien żejjed wara li l-konsumatur ikun ta l-informazzjoni neċessarja dwar il-ħtiġijiet, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-preferenzi tiegħu, skont l-Artikolu 20; u***

***(b) kmieni biżżejjed qabel ma l-konsumatur ikun vinkolat b'xi kuntratt jew offerta ta' kreditu***.

*2.* L-informazzjoni personalizzata msemmija fil-paragrafu 1, bil-miktub jew b'mezz durabbli ieħor, għandha tingħata permezz tal- FEIS kif stipulat fl-Anness II.

*3.* L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta offerta li torbot lill-kreditur tingħata lill-konsumatur, din għandha tiġi ***pprovduta bil-miktub jew b'mezz dejjiemi ieħor u*** tkun akkumpanjata minn FEIS ***fejn:***

***(a) l-ebda FEIS ma jkun ingħata lill-konsumatur qabel, jew***

***(b) il-karatteristiċi tal-offerta huma differenti mill-informazzjoni li tinsab fil-FEIS mogħti qabel.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***4. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw l-għoti obbligatorju tal-FEIS qabel l-għoti ta' offerta li torbot lill-kreditur. Fejn Stat Membru jistipula dan għandu jitlob li l-FEIS ikun jeħtieġ li jerġa' jingħata biss fejn jiġi sodisfatt il-punt (b) ta' paragrafu 3.***

*5*. ***L-Istati Membri li qabel*** … (*). ***ikunu implimentaw fuljett ta' informazzjoni li jissodisfa rekwiżiti ta' informazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Anness II jistgħu jkomplu jużawh għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu sa*** … (**).

***6. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw perijodu ta' żmien ta' mill-inqas sebat ijiem li matulhom il-konsumatur ikollu*** biżżejjed żmien biex iqabbel l-offerti, jevalwa l-implikazzjonijiet tagħhom u ***jieħu*** deċiżjoni infurmata .

***L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw li l-perijodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun perijodu ta' riflessjoni qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu jew perijodu għall-eżerċizzju ta' dritt ta' rexissjoni wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu jew kombinazzjoni tat-tnejn.***

***Fejn Stat Membru jispeċifika perijodu ta' riflessjoni qabel il-konklużjoni ta' kuntratt ta' kreditu:***

***(a) l-offerta għandha tkun torbot lill-kreditur għat-tul tal-perijodu ta' riflessjoni; u***

***(b) il-konsumatur jista' jaċċetta l-offertà fi kwalunkwe ħin matul il-perijodu ta' riflessjoni.***

***L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-konsumaturi ma jistgħux jaċċettaw l-offerta għal perijodu li ma jaqbiżx l-ewwel għaxart ijiem tal-perijodu ta' riflessjoni.***

***Fejn ir-rata tal-imgħax tas-self jew spejjeż oħra applikabbli għall-offerta jiġu determinati fuq il-bażi tal-bejgħ ta' bonds sottostantijew strumenti oħrajn ta' finanzjament fit-tul, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li r-rata tal-imgħax tas-self jew spejjeż oħra jistgħu jvarjaw minn dak iddikjarat fl-offerta skont il-valur tal-bond sottostanti jew strumenti oħrajn ta' finanzjament fit-tul.***

***Fejn il-konsumatur għandu dritt ta' rexissjoni skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/65/KE m'għandux japplika.***

*7.* Il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu ***jew ir-rappreżentant maħtur li jkun ta l-FEIS lill-konsumatur*** għandu jiġi kkunsidrat li ssodisfa r-rekwiżiti ***rigward*** l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumatur qabel il-konklużjoni ta' kuntratt b'distanza kif ***stipulat*** fl-Artikolu 3***(1)*** tad-Direttiva 2002/65/KE ***u għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva biss*** fejn ikunu mill-inqas fornew il-FEIS ***qabel il-konklużjoni tal-kuntratt.***

***8. L-Istati Membri m'għandhomx jimmodifikaw il-mudell tal-FEIS minbarra kif stipulat fl-Anness II.*** Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-kreditur jew, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu ***jew rappreżentant maħtur***, jista' jagħti lill-konsumatur ***jew li huwa obbligat li jagħti lill-konsumatur skont il-liġi nazzjonali*** għandha tingħata f'dokument separat li jista' jiġi anness mal-FEIS.

9. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 40 biex temenda l-formulazzjoni standard fil-Parti A tal-Anness II jew l-istruzzjonijiet fil-Parti B tiegħu biex tindirizza l-ħtieġa għal informazzjoni jew twissijiet dwar prodotti ġodda li ma ġewx ikkummerċjalizzati qabel …*** (***)***. Atti delegati bħal dawn madankollu m'għandhomx ibiddlu l-istruttura jew il-format tal-FEIS***.

10. Fil-każ ta' komunikazzjonijiet telefoniċi bil-vuċi, kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2002/65/KE, id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali tas-servizz finanzjarju li ser jingħata skont it-tieni inċiż ta' ***punt (b)*** tal-Artikolu 3(3) ta' dik id-Direttiva għandha tinkludi mill-inqas l-oġġetti msemmijin fit-taqsimiet ***2 sa 5*** tal-Parti A tal-Anness II ta' din id-Direttiva.

---

(*) ***Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***
(**) ***Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***
(***) ***Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***tal-inqas fejn ma jeżistix dritt tar-rexissjoni*** l-kreditur jew, ***fejn applikabbli***, l-intermedjarju tal-kreditu ***jew rappreżentant maħtur*** għandu jipprovdi lill-konsumatur kopja tal-abbozz tal-kuntratt ta' kreditu, ***fil-ħin li tingħata l-offerta li torbot lill-kreditur. Fejn jeżisti dritt ta' rexissjoni l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jew, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu jew rappreżentant maħtur joffri li jipprovdi lill-konsumatur kopja tal-abbozz tal-kuntratt ta' kreditu fil-ħin li tingħata offerta li torbot lill-kreditur.***

Artikolu 15

Rekwiżiti ta' informazzjoni fir-rigward ta' intermedjarji tal-kreditu ***u rappreżentant maħturin***

1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'biżżejjed żmien qabel it-twettiq*** ta' kwalunkwe attività ta' intermedjazzjoni tal-kreditu stipulat f'***punt 5 tal-***Artikolu ***4***, ***l-***intermedjarju tal-kreditu ***jew ir-rappreżentant maħtur*** għandu jipprovdi lill-konsumatur b'tal-anqas l-informazzjoni li ġejja ***bil-miktub jew b'mezz dejjiemi ieħor:***

(a) ***l-***identità u l-indirizz ġeografiku tal-intermedjarju tal-kreditu;

(b) ir-reġistru li jkun ġie inkluż fih, ***in-numru ta' reġistrazzjoni, fejn applikabbli,*** u l-mezz biex jivverifika ***din ir-reġistrazzjoni;***

(c) ***fejn l-intermedjarju tal-kreditu huwa vinkolat jew jaħdem esklużivament għal kreditur wieħed jew aktar. Fejn l-intermedjarju tal-kreditu huwa vinkolat jew jaħdem esklużivament għal kreditur wieħed jew aktar, huwa għandu*** jagħti l-ismijiet tal-kredituri li f'isimhom ***qed jaġixxi. L-intermedjarju tal-kreditu jista' jiddivulga li huwa indipendenti fejn jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati skont l-Artikolu 22(4);***

***(d) fejn l-intermedjarju tal-kreditu joffri servizzi konsultattivi;***

***(e)*** fejn applikabbli, it-tariffa pagabbli mill-konsumatur lill-intermedjarju tal-kreditu għas-servizzi ***tiegħu jew fejn dan mhux possibbli, il-metodu għal kif tiġi kkalkulata t-tariffa;***

(f) il-proċeduri li jippermettu lill-konsumaturi ***jew*** lil partijiet interessati oħrajn jirreġistraw ilmenti ***internament*** dwar intermedjarji tal-kreditu u, fejn adatt, il-mezzi li bihom tista' ssir talba għal proċeduri ta' rikorsi u rimedji extraġudizzjarji;

(g) ***fejn applikabbli,*** l-eżistenza ***u fejn magħruf l-ammont*** ta' kummissjonijiet jew inċentivi oħra, pagabbli mill-kreditur ***jew partijiet terzi*** lill-intermedjarju tal-kreditu għas-***servizzi tagħhom b'rabta mal-kuntratt ta' kreditu. Fejn l-ammont mhux magħruf fiż-żmien tad-divulgazzjoni l-intermedjarju tal-kreditu għandu jgħarraf lill-konsumatur li l-ammont attwali jiġi ddivulgat fi stadju aktar tard fil-FEIS.***

2. L-intermedjarji tal-kreditu li mhumiex vinkolati ***iżda li jirċievu kummissjoni minn kreditur wieħed jew aktar*** għandhom, fuq talba tal-konsumatur, jipprovdu l-informazzjoni dwar il-varjazzjoni fil-livelli ta' kummissjoni pagabbli mill-kredituri differenti li jipprovdu l-kuntratti ta' kreditu li jkunu qed jiġu offruti lill-konsumatur. Il-konsumatur għandu jiġi infurmat li għandu d-dritt jitlob din l-informazzjoni.

***3. Fejn l-intermedjarju tal-kreditu jimponi tariffa fuq il-konsumatur u jirċievi wkoll kummissjoni mill-kreditur jew parti terza, l-intermedjarju tal-kreditu għandu jispjega lill-konsumatur jekk l-ammont tal-kummissjoni huwiex ser jitnaqqas mit-tariffa jew le, parzjalment jew inkella kompletament.***

***4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk ikun hemm tariffa pagabbli mill-konsumatur lill-intermedjarju tal-kreditu għas-servizzi tiegħu, din tiġi komunikata lill-kreditur mill-intermedjarju tal-kreditu, għall-fini tal-kalkolu tar-RPAI.***

***5. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-intermedjarji tal-kreditu jiżguraw li minbarra d-divulgazzjoniet rikjesti b'dan l-Artikolu, ir-rappreżentant maħtur tagħhom jiżvela lill-konsumatur f'liema kapaċità jkun qed jaġixxi u lil-liema intermedjarju tal-kreditu jkun qed jirrappreżenta meta jagħmel kuntatt ma' xi konsumatur jew qabel ma jinnegozja miegħu.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

Artikolu 16

Spjegazzjonijiet adegwati

***1.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kredituri u, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu ***jew ir-rappreżentanti maħturin*** jagħtu spjegazzjonijiet adegwati lill-konsumatur dwar il-kuntratti ta' kreditu proposti u kwalunkwe servizzi anċillari, sabiex il-konsumatur ikun f'pożizzjoni li jista' jivvaluta jekk il-kuntratti ta' kreditu ***u servizzi anċillari*** humiex adatti għall-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu.

***Fejn applikabbli, l-***ispjegazzjonijiet għandhom ***jinkludu b'mod partikolari:***

***(a)*** l-informazzjoni prekuntrattwali li għandha tingħata skont:

***(i) l-Artikolu 14 fil-każ ta' kredituri;***

***(ii) l-Artikoli 14 u 15 fil-każ ta' intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentanti maħturin;***

***(b) il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti proposti;***

***(c) l-effetti speċifiċi li l-prodotti proposti jista' jkollhom fuq*** il-konsumatur, inkluż ▌ il-***konsegwenzi*** ta' inadempjenza fil-ħlas mill-kosumatur; ***u***

***(d) fejn servizzi anċillari jiġu abbinati ma' kuntratt ta' kreditu, jekk kull komponent tal-grupp jistax jiġi terminat separatament u l-implikazzjonijiet għall-konsumatur jekk dan isir.***

***2. L-Istati Membri jistgħu jadattaw il-mod li bih u sa fejn iridu jingħataw l-ispjegazzjonijiet imsemmija f'paragrafu 1, kif ukoll minn għandu jipprovdi tali assistenza, għaċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni li fiha jiġi offrut il-kuntratt ta' kreditu, il-persuna li lilha qed jiġi offrut u t-tip ta' kreditu offrut.***

Kapitolu 45

Rata perċentwali annwali tal-imposti

Artikolu 17

Kalkolu tar-***RPAI***

1. Ir-***RPAI***għandha tiġi kkalkolata skont il-formola matematika stipulata fl-Anness I.

2. ***L-ispejjeż biex jinfetaħ u jinżamm kont speċifiku,*** biex jintuża mezz ta' pagament kemm għal tranżazzjonijiet kif ukoll għal prelevamenti minn dak il-kont u ***ta'*** spejjeż oħrajn relatati ma' transazzjonijiet ta' pagamenti għandhom jiġu inklużi fil-kost totali tal-kreditu lill-konsumatur ***kull meta jkun obbligatorju li jinfetaħ jew jinżamm kont biex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb bit-termini u l-kundizzjonijiet irreklamati.***

3. Il-kalkolu tar-***RPAI***għandha tkun ibbażata fuq il-preżunzjoni li l-kuntratt ta' kreditu ser jibqa' validu għall-perjodu miftiehem u l-kreditur u l-konsumatur ser jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt it-termini u sad-dati speċifikati fil-kuntratt ta' kreditu.

4. Fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu li jkollhom klawżoli li jippermettu varjazzjonijiet fir-rata tal-imgħax tas-self u, fejn applikabbli, fl-imposti inklużi fir-***RPAI*** iżda li ma jistgħux jiġu kkwantifikati fil-mument tal-kalkolu, ir-***RPAI*** għandha tiġi kkalkolata fuq il-preżunzjoni li r-rata tal-imgħax tas-self u imposti oħrajn ser ***jibqgħu fissi b'rabta mal-***livell stabbilit mal-***konklużjoni*** tal-kuntratt.

▌

***5. Għal kuntratti ta' kreditu li għalihom jintlaħaq qbil dwar rata tal-imgħax ta' self fissa b'rabta mal-perijodu inizjali ta' mill-inqas ħames snin, li fi tmiemhom isiru negozjati dwar ir-rata tal-imgħax ta' self biex tiġi maqbula rata tal-imgħax fissa ġdida għal perijodu materjali ieħor, il-kalkolu tar-RPAI addizzjonali illustrattiva żvelata fil-FEIS għandu jkopri biss il-perijodu inizjali ta' rata fissa u għandu jkun ibbażat fuq is-suppożizzjoni li, fi tmiem il-perijodu ta' rata tal-imgħax tas-self fissa, il-kapital pendenti jitħallas lura.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***6. Fejn il-kuntratt ta' kreditu jippermetti varjazzjonijiet fir-rata tal-imgħax ta' self, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur ikun mgħarraf dwar l-impatti possibbli tal-varjazzjonijiet fuq l-ammonti pagabbli u dwar ir-RPAI għall-inqas permezz tal-FEIS. Dan għandu jsir billi l-konsumatur jiġi pprovdut b'RPAI addizzjonali li jispjega r-riskji possibbli marbuta ma' żieda sinifikanti fir-rata tal-imgħax ta' self. Fejn ma jkunx hemm limitu fuq ir-rata ta' self, din l-informazzjoni għandha tiġi akkumpanjata minn twissija li tenfasizza l-fatt li l-ispiża totali tal-kreditu għall-konsumatur, muri mir-RPAI, jista' jinbidel. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal kuntratti ta' kreditu fejn ir-rata ta' self hija ffissata għal perijodu inizjali ta' mill-inqas ħames snin, li fi tmiemhom isiru negozjati dwar ir-rata ta' self biex tinqabel rata fissa ġdida għal perijodu materjali ieħor, li għalija hija prevista RPAI addizzjonali illustrattiva fil-FEIS.***

***7. Fejn applikabbli, is-suppożizzjonijiet addizzjonali stipulati fl-Anness I għandhom jintużaw fil-kalkolu tar-RPAI.***

***8.*** Il-Kummissjoni għandha ***jkollha s-setgħa li tadotta*** atti delegati ***skont l-Artikolu 40 sabiex*** temenda r-***rimarki*** jew ***taġġorna s-***suppożizzjonijiet ***użati biex tiġi kkalkulata r-RPAI kif stipulata*** fl-Anness I, partikolament jekk ir-***rimarki jew*** is-suppożizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu u fl-Anness I ma jkunux biżżejjed biex tiġi kkalkolata r-***RPAI*** b'mod uniformi jew ma jkunux ***għadhom*** adatti għas-sitwazzjoni kummerċjali ***fis-***suq.

▌

Kapitolu 6

Valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja

Artikolu 18

Obbligu li tiġi vvalutata l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur

1. L-Istati Membru għandhom jiżguraw li, qabel ma ***jiġi konkluż*** kuntratt ta' kreditu, ***il-kreditur jagħmel*** valutazzjoni bir-reqqa tal-***affidabbiltà kreditizja tal-***konsumatur. ***Dik il-valutazzjoni għandha tqis kif xieraq il-fatturi rilevanit għall-verifika tal-prospett tal-konsumatur li jissodisfa l-obbligi tiegħu fil-kuntrat ta' kreditu.***

***2.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-proċeduri u l-informazzjoni li fuqhom tiġi bbażata l-valutazzjoni ikunu stabbiliti, dokumentati u*** aġġornati.

***3. Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja m'għandhiex tiddependi b'mod predominanti fuq il-fatt li l-proprjetà immobbli residenzjali taqbeż l-ammont tal-kreditu jew il-preżunzjoni li l-valur tal-proprjetà immobbli residenzjali ser jogħla, sakemm l-iskop tal-kuntratt ta' kreditu mhuwiex li proprjetà immobbli residenjali tinbena jew tiġi rinnovata***

***4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn kreditur jikkonkludi kuntratt ta' kreditu ma' konsumatur il-kreditur m'għandux wara jħassar jew jibdel il-kuntratt ta' kreditu bi ħsara għall-konsumatur għar-raġuni li l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ma tkunx saret b'mod korrett. Dan il-paragrafu m'għandux japplika fejn jintwera li l-konsumatur konxjament żamm jew iffalsifika l-informazzjoni fis-sens tal-Artikolu 20.***

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***li:***

▌

***(a) il-kreditur joffri l-kreditu lill-konsumatur biss meta r-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jindika li l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' kreditu x'aktarx li jiġu mħarsa skont kif meħtieġ skont dak il-kuntratt;***

(b) skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 95/46/KE, il-kreditur jinforma minn qabel lill-konsumatur li ser tiġi kkonsultata bażi ta' data;

**It-Tlieta 10 ta’ Settembru 2013**

(c) fejn l-applikazzjoni għal kreditu tiġi miċħuda ▌ l-kreditur jinforma lill-konsumatur dwar iċ-ċaħda mingħajr dewmien u, fejn applikabbli, li d-deċiżjoni hija ***bbażata fuq ipproċessar awtomatizzat ta’ data. Fejn iċ-ċaħda hija bbażata fuq ir-riżultat tal-konsultazzjoni tal-bażi ta’ data, il-kreditur għandu jgħarraf lill-konsumatur dwar ir-riżultat ta’ din il-konsultazzjoni u tad-dettalji tal-bażi ta’ data kkonsultata.***

▌

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur ***tiġi*** valutata mill-ġdid ***abbażi ta’ informazzjoni aġġornata*** qabel tingħata kwalunkwe żieda sinifikanti fl-ammont totali ta’ kreditu ***wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta’ kreditu sakemm tali kreditu addizzjonali ma jkunx ġie previst u inkluż fil-valutazzjoni oriġinali tal-affidabbiltà kreditizja.***

***7. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46/KE.***

***Artikolu 19***

***Evalwazzjoni tal-proprjetà***

***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu żviluppati standards affidabbli għall-evalwazzjoni ta’ proprjetà immobbli residenzjali għall-finijiet tas-self ipotekarju fi ħdan it-territorju tagħhom. L-Istati Membri għandhom jitolbu li l-krondituri jiżguraw li dawk l-istandards jintużaw fejn jagħmlu evalwazzjoni ta’ proprjetà jew jieħdu passi raġonevoli biex jiżguraw li dawk l-istandards jiġu applikati fejn issir evalwazzjoni minn parti terza. Fejn l-awtoritajiet nazzjonali huma responsabbli mir-regolamentazzjoni ta’ evalwaturi indipendenti li jagħmlu evalwazzjonijiet tal-proprjetà huma għandhom jiżguraw li dawn jikkonformaw mar-regoli nazzjonali li qegħdin fis-seħħ.***

***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-evalwaturi interni u esterni li jagħmlu evalwazzjonijiet tal-proprjetà jkunu kompetenti professjonalment u indipendenti biżżejjed mill-proċess tas-sottoskrizzjoni tal-kreditu sabiex ikunu jistgħu joffru evalwazzjoni imparzjali u oġġettiva, li għandha tiġi dokumentata f’’mezz dejjiemi u li tagħha jinżamm rekord mill-kreditur.***

Artikolu 20

Żvelar ***u verifika tal-informazzjoni*** dwar il-konsumatur

▌

***1. Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja msemmija fl-Artikolu 18 għandha ssir abbażi ta’ informazzjoni dwar id-dħul u l-ispejjeż tal-konsumatur u ċirkostanzi finanzjarji u ekonomiċi oħra li hija meħtieġa, suffiċjenti u proporzjonata. L-informazzjoni għandha tinkiseb mill-kreditur minn sorsi rilevanti interni u esterni, fosthom il-konsumatur, u inkluża informazzjoni mogħtija lill-intermedjarju tal-kreditu jew rappreżentat maħtur matul il-proċess tal-applikazzjoni tal-kreditu. L-informazzjoni għandha tiġi verifikata kif xieraq, fost l-oħrajn permezz ta’ referenza għal dokumentazzjoni verifikabbli independentement meta meħtieġ.***

***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intermedjarji tal-kreditu jew ir-rappreżentanti maħturin jippreżentaw b’mod preċiż l-informazzjoni neċessarja miksuba mill-konsumatur lill-kreditur rilevanti sabiex il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tkun tista’ titwettaq.***

3. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-krondituri jispeċifikaw b’mod ċar u dirett*** fil-fażi prekuntrattwali l-informazzjoni ***meħtieġa*** u evidenza indipendentement verifikabbli li l-konsumatur jeħtieġlu jipprovdi ***u ż-żmien li fih il-konsumatur jeħtieġ li jipprovdi l-informazzjoni. Din it-talba għall-informazzjoni għandha tkun proporzjonata u limitata għal dak li huwa neċessarju għat-twettiq ta’ valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tajba. L-Istati Membri għandhom jippermettu l-krondituri jfittxu kjarifika tal-informazzjoni rċevuta bi tweġiba għal dik it-talba fejn meħtieġ biex tkun tista’ ssir il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja.***

***L-Istati Membri m’għandhomx iħallu kreditur jittermina l-kuntratt ta’ kreditu għar-raġuni li l-informazzjoni mogħtija mill-konsumatur qabel il-konklużjoni tal-kuntratt ta’ kreditu ma kinitx kompluta.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***It-tieni subparagrafu m'għandux iwaqqaf lill-Istati Membri milli jippermetti li jiġi terminat kuntratt ta' kreditu mill-kreditur fejn jintwera li l-konsumatur konxjament żamm jew iffalsifika l-informazzjoni.***

***4. L-Istati Membri għandu jkollhom miżuri fis-seħħ biex jiżguraw li l-konsumaturi huma konxji mill-ħtieġa li tingħata informazzjoni korretta bi tweġiba għat-talba msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 u li tali informazzjoni tkun kompluta kemm meħtieġ biex issir valutazzjoni xierqa tal-affidabbiltà kreditizja. Il-kreditut, l-intermedjarju tal-kreditu jew rappreżentant maħtur għandu jwissi lill-konsumatur li fejn il-kreditur ma jkunx jista' jwettaq valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għax*** il-konsumatur jagħżel li ma jagħtix l-informazzjoni ***jew il-verifika*** meħtieġa għal valutazzjoni tal-***affidabbiltà kreditizja l-kreditu ma jistax*** jingħata. Dik it-twissija tista' tingħata f'format standardizzat.

5. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46/KE, b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha.

Kapitolu 7

Aċċess għal bażijiet ta' data

Artikolu 21

Aċċess għal bażijiet ta' data

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura aċċess għall-kredituri kollha ***mill-Istati Membri kollha*** għal bażijiet ta' data użati f'dak l-Istat Membru biex jivvalutaw l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumaturi u għa***r-raġuni waħdanija tal-***monitoraġġ tal-konformità tal-konsumaturi mal-obbligi ta' kreditu matul il-ħajja tal-kuntratt ta' kreditu. ***Il-kundizzjonijiet għal aċċess bħal dan m'għandhomx ikunu diskriminatorji.***

***2. Paragrafu 1a għandu japplika kemm għal bażijiet ta' data li*** jitħaddmu minn uffiċċji privati tal-kreditu jew aġenziji ta' referenza tal-kreditu u ***għal*** reġistri pubbliċi tal-kreditu.

▌

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46/KE.

Kapitolu 8

***Servizzi ta' konsulenza***

Artikolu 22

***Standards għal servizzi ta' konsulenza***

▌

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu jew ***ir-rappreżentant maħtur*** jinforma lill-konsumatur, fil-kuntest ta' transazzjoni partikolari, jekk ***humiex qed jingħataw jew jistgħux jingħataw servizzi ta' konsulenza lill-konsumatur.***

***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li qabel ma jingħataw servizzi ta' konsulenza jew, fejn applikabbli, il-konklużjoni ta' kuntratt għall-għoti ta' servizzi ta' konsulenza, il-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu jew ir-rappreżentant maħtur jagħti lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja bil-miktub jew b'mezz dejjiemi ieħor:***

***(a) jekk ir-rakkomandazzjoni hijiex ser tkun ibbażata fuq konsiderazzjoni tal-firxa ta' prodotti tagħhom biss skont punt (b) ta' paragrafu 2b jew firxa wiesgħa ta' prodotti mis-suq kollu skont punt (c) ta' paragrafu 2b sabiex il-konsumatur ikun jista' jifhem il-bażi li fuqha ssir ir-rakkomandazzjoni;***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(b)* ***fejn applikabbli, it-tariffa pagabbli mill-konsumatur għas-servizzi ta' konsulenza jew, fejn l-ammont ma jistax jiġi aċċertat fil-mument tad-divulgazzjoni, il-metodu użat għall-kalkolu tiegħu.***

***L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tista' tingħata lill-konsumatur f'għamla ta'*** informazzjoni prekuntrattwali addizzjonali.

***3.*** Meta jingħataw ***servizzi ta' konsulenza*** lill-konsumaturi, ***l-Istati Membri għandhom jiżguraw,*** minbarra r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 7 u ***9, li:***

(a) ***il-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu jew ir-rappreżentanti maħturin jiksbu*** l-informazzjoni neċessarja dwar is-sitwazzjoni personali u finanzjarja tal-konsumatur, il-preferenzi u l-objettivi tiegħu sabiex tkun tista' ssir rakkomandazzjoni dwar kuntratti ta' kreditu adatti. Din il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni li tkun aġġornata f'dak il-mument u ***għandha tqis*** suppożizzjonijiet raġonevoli dwar ***ir-riskji*** għas-sitwazzjoni tal-konsumatur matul it-terminu tal-kuntratt ta' kreditu propost;

*(b)* ***il-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu vinkolati jew ir-rappreżentanti maħturin ta' intermedjarji tal-kreditu vinkolati jikkunsidraw numru biżżejjed kbir ta' kuntratti ta' kreditu fis-sett ta' prodotti tagħhom u jirrakkomandaw kuntratt ta' kreditu adatt jew diversi kuntratti ta' kreditu minn fost il-firxa ta' prodotti tagħhom adatti għall-ħtiġijiet, is-sitwazzjoni finanzjarja u ċ-ċirkostanzi personali tal-konsumatur,***

*(c)* ***l-intermedjarji tal-kreditu mhux vinkolati jew ir-rappreżentanti maħturin ta' intermedjarji tal-kreditu mhux vinkolati jikkunsidraw numru biżżejjed kbir ta' kuntratti ta' kreditu disponibbli fis-suq u jirrakkomandaw kuntratt ta' kreditu adatt jew diversi kuntratti ta' kreditu disponibbli fis-suq adatti għall-ħtiġijiet, is-sitwazzjoni finanzjarja u ċ-ċirkostanzi personali tal-konsumatur;***

*(d)* ***il-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu jew ir-rappreżentanti maħturin jaġixxu fl-aħjar interessi tal-konsumatur billi:***

*(i)* ***jinfurmaw ruħhom dwar il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tal-konsumatur; u***

*(ii)* ***jirrakkomandaw kuntratti ta' kreditu adatti skont punti (a), (b) u (c); u***

*(e)* ***il-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu jew ir-rappreżentanti maħturin jagħtu lill-konsumatur dokumentazzjoni fuq karta jew b'mezz ieħor dejjiemi tar-rakkomandazzjoni pprovduta.***

***4. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu l-użu tat-terminu "konsulenza" u "konsulent" jew termini simili meta s-servizzi ta' konsulenza jingħataw lill-konsumaturi minn kredituri, intermedjarji tal-kreditu vinkolati jew rappreżentanti maħturin tal-intermedjarji tal-kreditu vinkolat.***

***Fejn l-Istati Membri ma jipprojbixxux l-użu tat-terminu 'konsulenza' u 'konsulent', huma għandhom jimponu l-kundizzjonijiet li ġejjin dwar l-użu tat-terminu "konsulenza indipendenti" jew "konsulent indipendenti" minn kredituri, intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentanti maħturin li jagħtu servizzi ta' konsulenza:***

*(a)* ***kredituri, intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentanti maħturin għandhom iqisu għadd kbir biżżejjed ta' kuntratti ta' kreditu disponibbli fis-suq; u***

*(b)* ***kredituri, intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentanti maħturin m'għandhomx jiġu rinumerati għal dawk is-servizzi ta' konsulenza minn kreditur wieħed jew aktar.***

***Il-punt (b) tat-tieni subparagrafu għandu japplika biss meta l-għadd ta' kredituri meqjusa jkun inqas minn maġġoranza tas-suq,***

***L-Istati Membri jistgħu jimponu rekwiżiti aktar strinġenti b'rabta mal-użu tat-termini "konsulenza indipendenti" jew "konsulent indipendenti" minn kredituri, intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentanti maħturin, inkluża projbizzjoni li tiġi rċevuta rimunerazzjoni minn kreditur.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*5. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu obbligu għall-kredituri u l-intermedjarji tal-kreditu u r-rappreżentanti maħturin li javżaw lill-konsumatur meta, fil-konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-konsumatur, kuntratt ta' kreditu jista' jirriżulta f'riskju partikolari għall-konsumatur.*

*6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi ta' konsulenza jingħataw biss minn kredituri, intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentanti maħturin.*

*L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx l-ewwel subparagrafu għal persuni li:*

*(a) jiżvolġu l-attivitajiet ta' intermedjazzjoni ta' kreditu stipulati f'punti 5 tal-Artikolu 4 jew li jipprovdu servizzi ta' konsulenza fejn dawk l-attivitajiet jitwettqu jew servizzi jingħataw b'mod inċidentali waqt attività professjonali u dik l-attività tkun irregolata minn dispożizzjonijiet legali jew regolatorji jew kodiċi tal-etika li jirregola l-professjoni li ma jeskludux it-twettiq ta' dawk l-attivitajiet jew il-forniment ta' dawk is-servizzi;*

*(b) jipprovdu servizzi ta' konsulenza fil-kuntest tal-ġestjoni ta' dejn eżistenti li huma prattikanti tal-insolvenza fejn dik l-attività hija regolata minn dispożizzjonijiet legali jew regolatorji jew servizzi pubbliċi jew volontarji ta' konsulenza dwar dejn li ma joperawx fuq bażi kummerċjali; jew*

*(c) jipprovdu servizzi ta' konsulenza li mhumiex kredituri, intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentattivi maħturin fejn persuni bħal dawn huma ammessi u sorveljati minn awtoritajiet kompetenti f'konformità mar-rekwiżiti għal intermedjarji tal-kreditu skont din id-Direttiva.*

*Persuni li jgawdu mill-eżenzjoni fit-tieni subparagrafu m'għandhomx igawdu mid-dritt imsemmi fl-Artikolu 32(1) li jipprovdu servizzi għat-territorju sħiħ tal-Unjoni.*

*7. Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika l-Artikolu 16 u l-kompetenza tal-Istati Membri li jiżguraw li jingħataw servizzi lill-konsumaturi biex jgħinuhom jifhmu l-ħtiġijiet finanzjarji tagħhom u liema tipi ta' prodotti x'aktarx jissodisfaw dawk il-ħtiġijiet.*

## *Kapitolu 9*

## *Self f'munita barranija u self b'rata varjabbli*

### *Artikolu 23*

### *Self f'munita barranija*

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn kuntratt ta' kreditu jirrigwarda self f'munita barranija, ikun hemm fis-seħħ qafas regolatorju xieraq fiż-żmien li fih jiġi konkluż il-kuntratt ta' kreditu biex għall-inqas jiġi żgurat li:*

*(a) il-konsumatur ikollu dritt jikkonverti l-kuntratt ta' kreditu għal munita alternattiva f'kundizzjonijiet speċifikati; jew*

*(b) jkun hemm kuntratti oħra fis-seħħ biex jillimitaw ir-riskju tar-rata tal-kambju li l-konsumatur huwa espost għalih fil-kuntratt ta' kreditu.*

*2. Il-munita alternattiva msemmija f'punt (a) ta' paragrafu 1 għandha tkun:*

*(a) il-munita li fiha l-konsumatur primarjament jirċievi d-dħul jew li fiha għandu l-assi li minnhom ser jitħallas lura l-kreditu, kif indikat fil-punt meta saret l-aktar valutazzjoni riċenti tal-affidabbiltà kreditizja relatata mal-kuntratt ta' kreditu; jew*

*(b) il-munita tal-Istat Membru li fih il-konsumatur jew kien residenti fiż-żmien meta l-kuntratt ta' kreditu ġie konkluż jew huwa residenti bħalissa.*

*L-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw jekk l-għażliet imsemmijiet fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu humiex it-tnejn disponibbli għall-konsumatur jew waħda minnhom biss jew jistgħu jħallu lill-kredituri jispeċifikaw jekk l-għażliet imsemmijiet fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu humiex it-tnejn disponibbli għall-konsumatur jew waħda minnhom biss.*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***3. Fejn konsumatur għandu dritt li jikkonverti kuntratt ta' kreditu f'munita alternattiva skont punt (a) ta' paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rata tal-kambju li fiha ssir il-konverżjoni tkun ir-rata tal-kambju tas-suq applikabbli fil-jum tal-applikazzjoni għall-konverżjoni sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-kuntratt ta' kreditu.***

***4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn konsumatur għandu self f'munita barranija, il-kreditur iwissi lill-konsumatur fuq bażi regolari fuq karta jew b'mezz ieħor dejjiemi għall-inqas fejn il-valur tal-ammont totali pagabbli mill-konsumatur li jibqa' pendenti jew tal-pagamenti regolari jvarja b'aktar minn 20 % minn dak li jkun kieku ġiet applikata r-rata tal-kambju bejn il-munita tal-kuntratt ta' kreditu u l-munita tal-Istat Membru applikabbli fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu. It-twissija għandha tgħarraf lill-konsumatur dwar żieda fl-ammont totali pagabbli mill-konsumatur, tistipula fejn applikabbli d-dritt li ssir konverżjoni għal munita alternattiva u l-kundizzjonijiet biex isir dan u tfisser kull mekkaniżmu applikabbli ieħor biex jiġi limitat ir-riskju tar-rata tal-kambju li għalih huwa espost il-konsumatur.***

***5. L-Istati Membri jistgħu jirregolaw aktar is-self f'munita barranija sakemm regolament bħal dan ma jiġix applikat b'effett retrospettiv.***

***6. L-arranġamenti applikabbli skont dan l-Artikolu għandhom jiġu ddivilgati lill-konsumatur fil-FEIS u fil-kuntratt ta' kreditu. Fejn m'hemm l-ebda dispożizzjoni fil-kuntratt ta' kreditu biex jiġi limitat ir-riskju tar-rata tal-kambju li għalih huwa espost il-konsumatur għal ċaqliq fir-rata tal-kambju ta' inqas minn 20 %, il-FEIS għandu jinkludi eżempju illustrattiv tal-impatt ta' ċaqliq ta' 20 % fir-rata tal-kambju.***

### ***Artikolu 24***

### ***Krediti b'rata tal-imgħax varjabbli***

***Fejn il-kuntratt ta' kreditu huwa kreditu b'rata tal-imgħax varjabbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:***

***(a) kwalunkwe indiċi jew rati ta' referenza użati biex tiġi kkalkulata r-rata tal-imgħax tas-self ikunu ċari, aċċessibbli, oġġettivi u verifikabbli mill-partijiet tal-kuntratt ta' kreditu u l-awtoritajiet kompetenti; u***

***(b) id-dokumentazzjoni storika tal-indiċijiet għall-kalkolu tar-rati tal-imgħax ta' self tinżamm mill-fornituri ta' dawn l-indiċijiet jew inkella mill-kredituri.***

## ***Kapitolu 10***

## ***Eżekuzzjoni tajba ta' kuntratti ta' kreditu u d-drittijiet marbuta***

### Artikolu 25

### ***Ħlas lura antiċipat***

***1.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur ikollu dritt li jeħles ***kompletament jew parzjalment*** mill-obbligi tiegħu skont kuntratt ta' kreditu qabel ma jiskadi dak il-kuntratt. F'tali każijiet, ***il-konsumatur*** għandu jkun intitolat għal tnaqqis fl-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur, b'tali tnaqqis ikun jikkonsisti fl-imgħax u l-ispejjeż għat-tul ta' żmien li jkun baqa' tal-kuntratt.

2. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li t-tħaddim tad-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 ***ikun*** soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu limitazzjonijiet ta' żmien għall-eżerċizzju tad-dritt, trattament differenti skont it-tip tar-rata tal-imgħax tas-self ***jew skont il-mument li fih il-konsumatur iħaddem id-dritt***, jew restrizzjonijiet fir-rigward taċ-ċirkostanzi li fihom jista' jiġi jitħaddem id-dritt.

***3.*** L-Istati Membri jistgħu ▌ jipprovdu li l-kreditur ***ikun*** intitolat għal kumpens ġust u ***oġġettiv, fejn ġustifikat***, għall-ispejjeż ***possibbli*** marbuta direttament mar-ripagament antiċipat tal-kreditu ***iżda m'għandhomx jimponu penali fuq il-konsumatur. F'dak ir-rigward, il-kumpens m'għandux jaqbeż it-telf finanzjarju tal-kreditur. Filwaqt li jitħarsu dawk il-kundizzjonijiet l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-kumpens ma jistax jaqbeż ċertu livell jew ikun permess biss għal ċertu perijodu ta' żmien.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***4. Fejn konsumatur ifittex li jeħles mill-obbligi tiegħu skont kuntratt ta' kreditu qabel ma jiskadi l-kuntratt, il-kreditur għandu jagħti lill-konsumatur mingħajr dewmien wara li jkun irċieva t-talba, bil-miktub jew b'mezz dejjiemi ieħor, l-informazzjoni meħtieġa biex jikkunsidra din l-alternattiva. Dik l-informazzjoni għandha mill-inqas tikkwantifika l-implikazzjonijiet għall-konsumatur tal-ħelsien mill-obbligi tiegħu qabel l-iskadenza tal-kuntratt ta' kreditu u tistipula b'mod ċar kwalunkwe preżunzjoni użata. Kwalunkwe preżunzjoni użata għandha tkun raġonevoli u ġustifikabbli.***

***5. Fejn*** il-ħlas lura antiċipat isir f'perjodu meta r-rata tal-imgħax tas-self tkun fissa ***l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-***eżerċizzju tad-dritt ***imsemmi f'paragrafu 1 jiġi*** soġġett għall-eżistenza ta' interess ***leġittimu*** min-naħa tal-konsumatur.

▌

***Artikolu 26***

***Swieq flessibbli u affidabbli***

***1. L-Istati Membri għandu jkollhom mekkaniżmi xierqa fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-pretensjoni kontra l-garanzija tkun tista' tiġi nfurzata minn jew f'isem il-kredituri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-kredituri jżommu dokumentazzjoni xierqa dwar it-tipi ta' proprjetà immobbli aċċettati bħala garanzija kif ukoll il-politika ta' sottoskrizzjoni ipotekarja użata.***

***2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jsir monitoraġġ statistiku xieraq tas-suq tal-proprjetà residenzjali, inkluż għal finijiet ta' sorveljanza tas-suq, fejn xieraq billi jiġi nkoraġġut l-iżvilupp u l-użu ta' indiċijiet speċifiċi tal-prezzijiet li jistgħu jkunu pubbliċi jew privati jew it-tnejn.***

***Artikolu 27***

***Informazzjoni rigward tibdil fir-rata tal-imgħax tas-self***

***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jinforma lill-konsumatur dwar kwalunkwe bidla fir-rata tal-imgħax tas-self, bil-miktub jew b'mezz durabbli ieħor, qabel ma l-bidla tieħu effett. L-informazzjoni għandha mill-inqas tinkludi l-ammont tal-pagamenti li għandhom isiru wara li r-rata tal-imgħax tas-self il-ġdida tieħu effett u, f'każijiet fejn jinbidlu in-numru jew il-frekwenza tal-pagamenti, id-dettajli tagħhom.***

***2. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-partijiet jiftiehmu fil-kuntratt ta' kreditu li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata lill-konsumatur perjodikament fejn il-bidla fir-rata tal-imgħax tas-self tkun korrelatata ma' bidla f'rata ta' referenza, u r-rata ta' referenza l-ġdida tkun disponibbli pubblikament b'mezzi adatti, u l-informazzjoni dwar ir-rata ta' referenza l-ġdida tinżamm disponibbli fl-uffiċċji tal-kreditur u kkomunikata personalment lill-konsumatur flimkien mal-ammont ta' pagamenti perijodiċi ġodda.***

***3. Il-kredituri jistgħu jkomplu jgħarrfu lill-konsumaturi perijodikament fejn il-bidla fir-rata tal-imgħax tas-self ma tkunx korrelatata ma' bidla f'rata ta' referenza fejn dan kien ikun permess skonti il-liġi nazzjonali qabel…*** (*)

***4. Fejn bidliet fir-rata tal-imgħax tas-self ikunu determinati permezz ta' rkant fis-swieq kapitali u għalhekk ikun impossibbli li l-kreditur jinforma lill-konsumatur dwar xi bidla qabel ma l-bidla tieħu effett, il-kreditur għandu, kmieni biżżejjed qabel l-irkant, jinforma lill-konsumatur fuq karta jew b'mezz ieħor dejjiemi dwar il-proċedura li tkun ser issir u jagħti indikazzjoni ta' kif ser tintlaqat ir-rata tal-imgħax tas-self.***

***Artikolu 28***

***Arretrati u bejgħ furzat***

***1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri biex jinkoraġġixxu lill-kredituri jkunu raġonevolment tolleranti qabel ma jinbdew il-proċeduri ta' bejgħ furzat.***

---

(*) ***Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

***2. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li, fejn il-kreditur jiġi permess jiddefinixxi u jimponi tariffi fuq il-konsumatur minħabba l-inadempjenza, dawk it-tariffi ma jkunux akbar milli meħtieġ biex jikkumpensaw lill-kreditur għall-ispejjeż li jkun ġarrab minħabba l-adempjenza.***

***3. L-Istati Membri jistgħu jħallu lill-kredituri jimponu tariffi addizzjonali fuq il-konsumatur fil-każ ta' inadempjenza. F'dak il-każ l-Istati Membri għandhom jagħmlu limitu fuq dawk it-tariffi.***

***4. L-Istati Membri m'għandhomx iwaqqfu lill-partijiet għal kuntratt ta' kreditu milli jaqblu b'mod espress li l-għoti lura jew it-trasferiment lill-kreditur tal-garanzija jew id-dħul mill-bejgħ tal-garanzija ikun biżżejjed biex jitħallas lura l-kreditu.***

***5. Fejn il-prezz miksub għall-proprjetà immobbli jolqot l-ammont dovut mill-konsumatur l-Istati Membri għandu jkollhom proċeduri u miżuri biex jippermettu li jinkiseb l-aħjar prezz possibbli għall-proprjetà immobbli soġġetta għall-bejgħ furzat.***

***Fejn wara l-proċedimenti ta' bejgħ furzat jifdal dejn pendenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti miżuri biex jiffaċilitaw il-ħlas lura sabiex jiġu protetti l-konsumaturi.***

## Kapitolu 11

## ***Rekwiżiti għall-istabbiliment u s-superviżjoni ta' intermedjarji tal-kreditu u rappreżentanti maħturin***

### Artikolu 29

### ***Ammissjoni*** ta' intermedjarji tal-kreditu

1. Intermedjarji tal-kreditu għandhom ikunu debitament ***ammessi*** biex iwettqu parti minn jew l-attivitajiet kollha ta' intermedjazzjoni tal-kreditu stipulati fil-punt 5 tal-Artikolu 4 jew biex jipprovdu servizzi ta' konsulenza minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom. ***Fejn Stat Membru jippermetti rappreżentanti maħturin skont l-Artikolu 31, m'għandux ikun meħtieġ li tali rappreżentant maħtur m'għandux ikollu jiġi ammess bħala intermedjarju tal-kreditu skont dan l-Artikolu.***

▌

**2.** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-ammissjoni ta' intermedjarji tal-kreditu tkun soġġetta għall-issodisfar mill-inqas tar-rekwiżiti professjonali li ġejjin flimkien mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9:***

***(a) intermedjarji tal-kreditu għandhom ikollhom assigurazzjoni għall-indennizz professjonali li tkopri t-territorji fejn joffru s-servizzi, jew xi garanzija oħra paragunabbli għar-responsabbiltà li tirriżulta min-negliġenza professjonali. Madankollu, għall-intermedjarji ta' kreditu vinkolati, l-Istat Membru tad-domiċilju jista' jistipula li tali assigurazzjoni jew garanzija paragunabbli tista' tingħata minn kreditur li f'ismu l-intermedjarju tal-kreditu għandu s-setgħa jaġixxi.***

***Jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta u, fejn neċessarju, temenda standards regolatorji tekniċi biex tistipula l-ammont monetarju minimu tal-assigurazzjoni għall-indennizz professjonali jew tal-garanzija paragunabbli msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan il-punt. Dawn l-istandards regolatorji tekniċi għandhom jiġu adottati skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.***

***L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards regolatorji tekniċi biex tistipula l-ammont monetarju minimu tal-assigurazzjoni għall-indennizz professjonali jew tal-garanzija paragunabbli msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan il-punt biex jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni sa…*** (*). ***L-ABE għandha tirrevedi, u jekk meħtieġ, tiżviluppa abbozz ta' standards regolatorji tekniċi biex temenda l-ammont monetarju minimu tal-assigurazzjoni għall-indennizz professjonali jew tal-garanzija paragunabbli msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan il-punt biex jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni għall-ewwel darba sa…*** (**) ***u kull sentejn minn dakinhar 'il quddiem.***

---

(*) Sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
(**) Erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(b) persuna fiżika stabbilita bħala intermedjarju tal-kreditu, il-membri tal-bord ta' intermedjarju tal-kreditu stabbilit bħala persuna ġuridika u persuni fiżiċi li jiżvolġu kompiti ekwivalenti fi ħdan intermedjarju tal-kreditu li jkun persuna ġuridika iżda li m'għandux bord, għandhom ikunu ta' reputazzjoni tajba. Bħala minimu, għandu jkollhom kondotta tal-pulizija nadifa jew kwalunkwe ekwivalenti nazzjonali ieħor fir-rigward ta' reati kriminali serji marbutin ma' reati kontra l-proprjetà jew reati oħra relatati ma' attivitajiet finanzjarji u ma jistgħux ikunu ġew dikjarati falluti fil-passat, sakemm ma jkunux ġew riabilitati skont il-liġi nazzjonali.*

*(c) persuna fiżika stabbilita bħala intermedjarju tal-kreditu, il-membri tal-bord ta' intermedjarju tal-kreditu stabbilit bħala persuna ġuridika u persuni fiżiċi li jiżvolġu kompiti ekwivalenti fi ħdan intermedjarju tal-kreditu li jkun persuna ġuridika iżda li m'għandux bord, għandu jkollhom livell adatt ta' konoxxenza u kompetenza rigward kuntratti ta' kreditu. L-Istat Membru tad-domiċilju għandu jistabbilixxi l-livell adatt ta' għarfien u kompetenza skont il-prinċipji stabbiliti fl-Anness IIa.*

*3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kriterji stabbiliti sabiex il-persunal tal-intermedjarji tal-kreditu jew tal-kredituri jilħqu r-rekwiżiti professjonali tagħhom ikunu pubbliċi.*

**4.** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intermedjarji tal-kreditu ***ammessi*** kollha, kemm jekk stabbiliti bħala persuni fiżiċi kif ukoll ġuridiċi, ***jiddaħħlu f'reġistru ta' awtorità kompetenti*** fl-Istat Membru tad-domiċilju tagħhom. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistru tal-intermedjarji tal-kreditu jinżamm aġġornat u jkun pubblikament disponibbli elettronikament.***

***Ir-reġistru tal-intermedjarji tal-kreditu għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:***

***(a)*** l-ismijiet tal-persuni fid-direzzjoni li huma responsabbli għall-operazzjonijiet ta' intermedjazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jesiġu r-reġistrazzjoni tal-persuni fiżiċi kollha li ***jaqdu*** funzjoni ta' kuntatt dirett mal-klijenti f'impriża li twettaq attività ta' intermedjazzjoni tal-kreditu;

***(b)*** l-Istati Membri ***li fihom*** l-intermedjarju ***tal-kreditu jiżvolġi*** n-negozju skont ir-regoli dwar il-libertà tal-istabbiliment jew dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u ***li dwaru l-intermedjarju tal-kreditu*** jkun informa ***l-awtorità kompetenti tal-***Istat Membru tad-domiċilju ***skont l-Artikolu 22(2)***;

***(c) jekk l-intermedjarju tal-kreditu huwiex vinkolat jew le;***

***L-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħżlu l-alternattiva msemmija fl-Artikolu 30 għandhom jiżguraw li r-reġistru jindika l-kreditur li f'ismu l-intermedjarju tal-kreditu qed jaġixxi.***

***L-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħżlu l-alternattiva msemmija fl-Artikolu 31 għandhom jiżguraw li r-reġistru jindika l-intermedjarju tal-kreditu jew fil-każ ta' rappreżentant maħtur ta' intermedjarju tal-kreditu vinkolat, il-kreditur li f'ismu r-rappreżentant maħtur jaġixxi.***

***5. L-Istati Membri tad-domiċilju għandhom jiżguraw li:***

***(a) kwalunkwe intermedjarju tal-kreditu li jkun persuna ġuridika ikollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu fl-istess Stat Membru tal-uffiċċju reġistrat tiegħu jekk ikollu uffiċċju reġistrat skont il-liġi nazzjonali tiegħu;***

***(b) kwalunkwe intermedjarju tal-kreditu li ma jkunx persuna ġuridika, jew kwalunkwe intermedjarju tal-kreditu li jkun persuna ġuridika iżda li skont il-liġi nazzjonali tiegħu ma jkollux uffiċċju reġistrat, ikollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu fl-Istat Membru li fih effettivament iwettaq in-negozju prinċipali tiegħu.***

**6.** ***Kull*** Stat Membru għandu jistabbilixxi punt uniku ta' informazzjoni li jippermetti aċċess pubbliku malajr u faċli għall-informazzjoni mir-reġistru nazzjonali, li għandu jkun kompilat elettronikament u aġġornat kontinwament. Dawn il-punti ta' informazzjoni għandhom jipprovdu d-dettalji ta' identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru.

***L-ABE għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha referenzi jew hyperlinks għal dak il-punt ta' informazzjoni.***

***7. L-Istati Membri tad-domiċilju għandhom jiżguraw li l-intermedjarji tal-kreditu u r-rappreżentanti maħturin ammessi kollha jkunu konformi mar-rekwiżiti ddefiniti fil-paragrafu 2 fuq bażi kontinwata. Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 30 u 31.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*8. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dan l-Artikolu għall-persuni li jiżvolġu l-attivitajiet ta' intermedjazzjoni tal-kreditu tagħhom stipulati fil-punt 5 tal-Artikolu 3 fejn dawk l-attivitajiet jitwettqu b'mod inċidentali fil-kors ta' attività professjonali u dik l-attività tkun irregolata minn dispożizzjonijiet legali jew regolatorji jew minn kodiċi tal-etika li jirregola l-professjoni li ma jeskludux it-twettiq ta' dawk l-attivitajiet.*

*9. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-istituzzjonijiet tal-kreditu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE jew għal istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li taħt il-liġi nazzjonali huma soġġetti għal reġim ekwivalenti ta' awtorizzazzjoni u sorveljanza.*

*Artikolu 30*

*Intermedjarji tal-kreditu vinkolati ma' kreditur wieħed biss*

*1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31(1), l-Istati Membri jistgħu jippermettu lil l-intermedjarji tal-kreditu vinkolanti speċifikati fil-punt (a) tal-punt 7 tal-Artikolu 4 li jkunu ammessi mill-awtoritajiet kompetenti permezz tal-**kreditur*** li f'ismu l-intermedjarju tal-kreditu ***vinkolat*** ikun ***jaġixxi esklużivament***.

*F'każijiet bħal dawn, il-kreditur għandu jibqa' responsabbli bis-sħiħ u mingħajr kundizzjonijiet għal kwalunkwe azzjoni jew ommissjoni mill-parti tal-intermedjarju tal-kreditu vinkolat li qed jaġixxi f'isem il-kreditur f'oqsma regolati minn din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-kreditur jiżgura li dawk l-intermedjarji tal-kreditu vinkolati jikkonformaw mill-inqas mar-rekwiżiti professjonali stabbiliti fl-Artikolu 29(2).*

*2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34, il-kredituri għandhom jissorveljaw l-attivitajiet tal-intermedjarji tal-kreditu vinkolati speċifikati fil-punt (a) tal-punt 7 tal-Artikolu 4 sabiex jiżguraw li huma jibqgħu konformi ma' din id-Direttiva. B'mod partikolari, il-kreditur għandu jkun responsabbli għas-sorveljanza tal-konformità mar-rekwiżiti ta' konoxxenza u ta' kompetenza tal-intermedjarju tal-kreditu vinkolat u tal-persunal tiegħu*

*Artikolu 31*

*Rappreżentanti maħturin*

*1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu lil intermedjarju tal-kreditu li jaħtar rappreżentanti maħturin.*

*Fejn ir- rappreżentant maħtur ikun maħtur minn intermedjarju tal-kreditu vinkonalti speċifikat fil-punt (a) tal-punt 7 tal-Artikolu 4, il-kreditur għandu jibqa' responsabbli b'mod sħiħ u mingħajr kundizzjonijiet għal kull azzjoni jew ommissjoni min-naħa tar-rappreżentant maħtur li jkun qed jaġixxi f'isem dak l-intermedjarju tal-kreditu vinkolat f'oqsma regolati minn din id-Direttiva. F'każijiet oħra l-intermedjarju tal-kreditur għandu jibqa' responsabbli bis-sħiħ u mingħajr kundizzjonijiet għal kwalunkwe azzjoni jew ommissjoni min-naħa tar-rappreżentant maħtur li qed jaġixxi f'isem l-intermedjarju tal-kreditu f'oqsma regolati minn din id-Direttiva.*

*2. L-intermedjarji tal-kreditu għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti maħturi tagħhom jikkonformaw mill-inqas mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 29(2). Madankollu, l-Istat Membru tad-domiċilju jista' jistipula li l-assigurazzjoni għall-indennizz professjonali jew garanzija paragunabbli tista' tingħata minn intermedjarju tal-kreditu li f'ismu r-rappreżentant maħtur għandu s-setgħa li jaġixxi.*

*3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34 ta' din id-Direttiva, l-intermedjarji tal-kreditu għandhom jissorveljaw l-attivitajiet tar-rappreżentanti maħturin tagħhom sabiex jiżguraw il-konformità sħiħa ma' din id-Direttiva. B'mod partikolari, l-intermedjarji tal-kreditu għandhom ikunu responsabbli għas-sorveljanza tal-konformità mar-rekwiżiti ta' konoxxenza u ta' kompetenza tar-rappreżentanti maħturin u tal-persunal tagħhom.*

*4. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jippermettu lil intermedjarju tal-kreditu li jaħtar rappreżentanti maħturin għandhom jistabbilixxu reġistru pubbliku li fih mill-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 29(4). Ir-rappreżentanti maħtura għandhom ikunu rreġistrati fir-reġistru pubbliku fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti. Ir-reġistru għandu jiġi aġġornat fuq bażi regolari. Għandu jkun disponibbli pubblikament għall-konsultazzjoni online.*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

Artikolu 32

Libertà tal-istabbiliment ▌u ▌ libertà li jiġu pprovduti ▌servizzi ***minn intermedjarji tal-kreditu***

1. L-***ammissjoni*** ta' ***intermedjarju*** tal-kreditu ***mill-awtorità kompetenti tal-***Istat Membru tad-domiċilju ***tiegħu kif stipulat fl-Artikolu 29(1)*** għandha tkun effettiva għat-territorju kollu tal-Unjoni mingħajr ▌***ammissjoni*** ulterjuri mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i ospitanti ***għat-twettiq tal-attivitajiet u l-għoti ta' servizzi koperti mill-ammissjoni, sakemm l-attivitajiet li intermedjarju tal-kreditu bi ħsiebu jiżvolġi fl-Istati Membri ospitanti jkunu koperti bl-ammissjoni. Madankollu, intermedjarji tal-kreditu m'għandhomx ikunu permessi jipprovdu s-servizzi tagħhom fir-rigward ta' kuntratti ta' kreditu offruti minn istituzzjonijiet mhux tal-kreditu lill-konsumaturi fi Stat Membru fejn tali istituzzjonijiet mhux tal-kreditu ma jkollhomx permess joperaw.***

***2. Rappreżentanti maħturin li nħatru fi Stati Membri li jagħżlu l-alternattiva taħt l-Artikolu 31 ma jkunux jistgħu jiżvolġu parti mill-attivitajiet jew l-attivitajiet kollha ta' intermedjazzjoni tal-kreditu stipulati fil-punt 5 tal-Artikolu 4 jew jipprovdu servizzi ta' konsulenza fi Stati Membri fejn tali rappreżentanti maħturin m'għandhomx il-permess biex joperaw.***

3. Kwalunkwe intermedjarju tal-kreditu ***ammess*** li jkollu l-ħsieb iwettaq negozju għall-ewwel darba fi Stat Membru wieħed jew aktar skont il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew ***meta jistabbilixxi fergħa*** għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu.

Fi żmien xahar wara li jiġu infurmati, dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat bl-intenzjoni tal-intermedjarju tal-kreditu u għandhom fl-istess żmien jinformaw lill-intermedjarju tal-kreditu kkonċernat b'dik in-notifika. ***Huma għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti kkonċernati dwar il-kredituri li l-intermedjarju tal-kreditu jkun vinkolat magħhom u jekk il-kredituri jassumux responsabbiltà sħiħa u mingħajr kundizzjonijiet għall-attivitajiet tal-intermedjarju tal-kreditu. L-Istat Membru ospitanti għandu juża l-informazzjoni li jkun irċieva mill-Istat Membru tad-domiċilju biex idaħħal l-informazzjoni neċessarja fir-reġistru tiegħu.***

L-intermedjarju tal-kreditu jkun jista' jibda n-negozju xahar wara d-data li fiha jkun ġie infurmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju bin-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu.

4. ***Qabel*** ma ***l-fergħa ta' intermedjarju tal-kreditu tibda l-attivitajiet tagħha jew fi żmien xahrejn minn meta jirċievu n-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom iħejju għas-superviżjoni tal-intermedjarju tal-kreditu skont l-Artikolu 34 u, jekk neċessarju, jindikaw lill-intermedjarju tal-kreditu l-kundizzjonijiet taħt liema, fl-oqsma li mhumiex armonizzati fil-liġi tal-Unjoni, dawk l-attivitajiet li għandhom jitwettqu fl-Istat Membru ospitanti.***

***Artikolu 33***

***Irtirar ta' ammissjoni*** ta' intermedjarji tal-kreditu

***1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' tirtira l-ammissjoni mogħtija lil intermedjarju tal-kreditu skont l-Artikolu 29 meta dan l-intermedjarju tal-kreditu:***

***(a) jirrinunzja espressament għall-ammissjoni jew ma jkunx wettaq la l-attivitajiet tal-intermedjazzjoni tal-kreditu stipulati fil-punt 5 tal-Artikolu 4 u lanqas ipprovda s-servizzi ta' konsulenza matul is-sitt xhur preċedenti, sakemm l-Istat Membru ma jkunx ippreveda l-iskadenza tal-ammissjoni f'tali każijiet;***

***(b) ikun kiseb l-ammissjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew qarrieqa jew mezzi oħrajn irregolari***

***(c) ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom tkun ingħatat l-ammissjoni;***

***(d) jaqa' taħt xi wieħed mill-każijiet fejn il-liġi nazzjonali, rigward materji barra mill-ambitu ta' din id-Direttiva, jipprevedi l-irtirar.***

***(e) ikun kiser serjament u sistematikament id-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva li jirregolaw il-kundizzjonijiet operattivi tal-intermedjarji tal-kreditu.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

2. ***Fejn l-ammissjoni ta' intermedjarju tal-kreditu*** tiġi rtirata mill-***awtorità kompetenti tal-***Istat Membru tad-domiċilju, ***dan tal-aħħar*** għandu jinnotifika lill-***awtoritajiet kompetenti tal-***Istati Membri b'dan l-irtirar kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn ***14-il jum***, bi kwalunkwe mezz adatt.

3. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intermedjarji tal-kreditu li kellhom l-ammissjoni tagħhom irtirata jitħassru mir-reġistru mingħajr dewmien żejjed.***

*Artikolu 34*

*Superviżjoni ta' intermedjarji tal-kreditu u rappreżentanti maħturin*

1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intermedjarji tal-kreditu jkunu soġġetti għas-superviżjoni tal-attivitajiet kurrenti tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.***

***L-Istati Membri ta' domiċilju għandhom jipprevedu li l-intermedjarji tal-kreditu vinkolati jkunu soġġetti għas-superviżjoni direttament jew bħala parti mis-superviżjoni tal-kreditur li jkunu jaġixxu f'ismu jekk il-kreditur ikun istituzzjoni tal-kreditu awtorizzata f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE jew istituzzjoni finanzjarja oħra li taħt il-liġi nazzjonali hija soġġetta għal reġim ekwivalenti ta' awtorizzazzjoni u ta' superviżjoni. Madankollu, jekk l-intermedjarju tal-kreditu vinkolat jipprovdi servizzi fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru tad-domiċilju, l-intermedjarju tal-kreditu vinkolat għandu jkun soġġett għas-superviżjoni diretta.***

***L-Istati Membri ta' domiċilju li jippermettu lil intermedjarji tal-kreditu li jaħtru rappreżentanti f'konformità mal-Artikolu 31 għandhom jiżguraw li tali rappreżentanti maħtura jkunu soġġetti għal superviżjoni diretta jew bħala parti mis-superviżjoni tal-intermedjarju tal-kreditu li jaġixxi f'ismu.***

2. ***L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom l-intermedjarju tal-kreditu jkollu fergħa għandhom ikollhom r-responsabbiltà li jiżguraw li s-servizzi pprovduti mill-intermedjarju tal-kreditu fit-territorju tiegħu jkunu konformi mal-obbligi stipulati fl-Artikolu 7(1) u l-Artikoli 8, 9, 10, 11, 13, 14, 15, 16, 17, 20, 22 u 39 u fil-miżuri adottati bis-saħħa tagħhom.***

***Fejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti jaċċertaw ruħhom li intermedjarju tal-kreditu li għandu fergħa fit-territorju tiegħu huwa fi ksur tal-miżuri adottati f'dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 7(1) u l-Artikoli 8, 9, 10, 11, 13, 14, 15, 16, 17, 20, 22 u 39 ta' din id-Direttiva, dawk l-awtoritajiet għandhom jesiġu li l-intermedjarju tal-kreditu kkonċernat iġib fi tmiem is-sitwazzjoni irregolari tiegħu.***

***Jekk l-intermedjarju tal-kreditu kkonċernat jonqos milli jieħu l-passi neċessarji, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jieħdu l-azzjoni adatta kollha sabiex jiżguraw li l-intermedjarju tal-kreditu kkonċernat iġib fi tmiem is-sitwazzjoni irregolari tiegħu. In-natura ta' dik l-azzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.***

***Jekk, minkejja l-azzjoni meħuda mill-Istat Membru ospitanti, l-intermedjarju tal-kreditu jippersisti fil-ksur tal-miżuri msemmijin fl-ewwel subparagrafu fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti, l-Istat Membru ospitanti jista', wara li jgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, jieħu l-azzjoni approprjata sabiex jipprevjieni jew jippenalizza aktar irregolaritajiet u, sa fejn ikun neċessarju, iżomm lill-intermedjarju tal-kreditu milli jibda aktar tranżazzjonijiet bħal dawn fit-territorju tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata bi kwalunkwe tali azzjoni mingħajr dewmien żejjed.***

***Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju ma jaqbilx ma' tali azzjoni meħuda mill-Istat Membru ospitanti, hija tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ABE u titlob l-assistenza tagħha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. F'dak il-każ, l-ABE tista' tieħu azzjoni skont is-setgħat ikkonferiti lilha b'dak l-Artikolu.***

3. ***L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn tinsab il-fergħa għandu jkollhom id-dritt li jeżaminaw l-arranġamenti tal-fergħa u li jitolbu li jsiru dawk il-bidliet li jkunu strettament meħtieġa biex jiġu soddisfati r-responsabbiltajiet tagħha skont il-paragrafu 2 u sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jkunu jistgħu jinfurzaw l-obbligi skont l-Artikolu 7(2), (3) u (4) u l-miżuri adottati b'riżultat ta' dawn rigward is-servizzi pprovduti mill-fergħa.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***4. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ikollha raġunijiet ċari u konkreti sabiex tikkonkludi li intermedjarju tal-kreditu li jaġixxi fit-territorju tiegħu taħt il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi tkun bi ksur tal-obbligi li joħorġu mill-miżuri adottati skont din id-Direttiva jew li intermedjarju tal-kreditu li għandu fergħa fit-territorju tiegħu jkun fi ksur tal-obbligi li joħorġu mill-miżuri adottati skont din id-Direttiva għajr dawk speċifikati fil-paragrafu 2, hija għandha tirreferi dawn ir-riżultati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju li għandha tieħu l-azzjoni xierqa.***

***Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tonqos milli tieħu kwalunkwe azzjoni fi żmien xahar minn meta tikseb dawk ir-riżultati jew fejn, minkejja l-azzjoni meħuda awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, intermedjarju tal-kreditu jibqa' jaġixxi b'mod li huwa manifestament ta' preġudizzju għall-interessi tal-Istat Membru ospitanti jew għall-funzjonament bl-ordni tas-swieq, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti:***

***(a) għandha, wara li tkun infurmat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, tieħu l-azzjoni kollha xierqa meħtieġa sabiex il-konsumaturi jkunu protetti u tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-swieq, inkluż billi żżomm lill-intermedjarju tal-kreditu inadempjenti milli jibda kwalunkwe transizzjoni oħra fit-territorji tagħha. Il-Kummissjoni u l-ABE għandha tiġi infurmata b'tali azzjoni mingħajr dewmien żejjed;***

***(b) tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ABE u titlob l-assistenza tagħha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. F'dak il-każ, l-ABE tista' tieħu azzjoni skont is-setgħat ikkonferiti lilha b'dak l-Artikolu.***

***5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li, meta intermedjarju tal-kreditu ammessa fi Stat Membru ieħor ikun stabbilixxa fergħa fit-territorju tiegħu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tagħhom u wara li jkunu għarrfu lill-awtoritjiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, jistgħu jagħmlu spezzjonijiet fuq il-post f'dik il-fergħa.***

***6. L-allokazzjoni tal-kompiti bejn l-Istati Membri speċifikata f'dan l-Artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-oqsma mhux koperti minn din id-Direttiva f'konformità mal-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-Unjoni.***

## ***Kapitolu 12***

## ***Ammissjoni u superviżjoni tal-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu***

### ***Artikolu 35***

### ***Ammissjoni u superviżjoni tal-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li istituzzjonijiet mhux tal-kreditu ikunu soġġetti għal proċess ta' ammissjoni adegwat, li jinkludi l-entrata tal-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu f'reġistru u l-arranġamenti għas-superviżjoni minn awtorità kompetenti.***

## ***Kapitolu 13***

## ***Kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti***

### ***Artikolu 36***

### ***Obbligu ta' kooperazzjoni***

***1.*** L-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin kull meta neċessarju għall-fini li jwettqu d-dmirijiet tagħhom skont din id-Direttiva, billi jagħmlu użu mis-setgħat tagħhom kemm jekk stipulati f'din id-Direttiva kemm jekk fil-liġi nazzjonali.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu assistenza lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. B'mod partikolari, għandhom jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw fi kwalunkwe investigazzjoni ***jew*** attivitajiet ta' superviżjoni.

***Sabiex jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-kooperazzjoni, u b'mod iktar partikolari l-iskambju ta' informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinnominaw awtorità kompetenti unika bħala punt ta' kuntatt għall-finijiet ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-ismijiet tal-awtoritajiet li jiġu nnominati sabiex jirċievu talbiet għal skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni skont dan il-paragrafu.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri amministrattivi u organizzattivi neċessarji sabiex jiffaċilitaw l-assistenza prevista fil-paragrafu 1.***

***3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jkunu ġew nominati bħala punti ta' kuntatt għall-finijiet ta' din id-Direttiva skont il-paragrafu 1 għandhom ifornu minnufih lil xulxin l-informazzjoni meħtieġa biex jitwettqu d-dmirijiet tal-awtoritajiet kompetenti, nominati skont l-Artikolu 4, stipulati fil-miżuri adottati skont din id-Direttiva.***

***L-awtoritajiet kompetenti li jiskambjaw informazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħra skont din id-Direttiva jistgħu jindikaw fil-mument tal-komunikazzjoni li din l-informazzjoni m'għandhiex tiġi ddivulgata mingħajr il-qbil espliċitu tagħhom, f'liema każ din l-informazzjoni tista' tiġi skambjata biss għall-finijiet li għalihom dawn l-awtoritajiet ikunu taw il-qbil tagħhom.***

L-***awtorità*** kompetenti ***li tkun ġiet nominata bħala l-punt ta' kuntatt tista' tittrażmetti l-informazzjoni riċevuta lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn madankollu, m'għandhiex tittrażmetti l-informazzjoni lil korpi oħrajn jew lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi mingħajr il-qbil espliċitu tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha u biss għall-finijiet li għalihom l-awtoritajiet ikunu taw il-qbil tagħhom, ħlief f'ċirkustanzi debitament ġustifikati, f'liema każ hija għandha tinforma minnufih lill-punt ta' kuntatt li jkun ta l-informazzjoni.***

***4. Awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li taġixxi fuq talba għall-kooperazzjoni fit-twettiq ta' investigazzjoni jew attività superviżorja jew fl-iskambju ta' informazzjoni kif previst fil-paragrafu 3 biss fejn:***

***(a) din l-investigazzjoni, verifika fuq il-post, attività superviżorja jew skambju ta' informazzjoni jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-sovranità, is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Istat Membru indirizzat;***

***(b) diġà jkunu nbdew proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward tal-istess azzjonijiet u l-istess persuni quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru indirizzat;***

***(c) diġà tkun ingħatat sentenza finali fl-Istat Membru indirizzat fir-rigward tal-istess persuni u l-istess azzjonijiet.***

***Fil-każ ta' tali rifjut, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika b'dan lill-awtorità kompetenti li tkun għamlet it-talba, billi tipprovdi informazzjoni ddettaljata kemm jista' jkun.***

***Artikolu 37***

***Riżoluzzjoni ta' kunflitti bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti***

***L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirreferu s-sitwazzjoni*** lill-ABE meta talba għal kooperazzjoni, partikolarment ***għal*** skambju ***ta'*** informazzjoni, tkun ġiet irrifjutata jew ma tkunx ittieħdet azzjoni dwarha fi żmien raġonevoli, u jistgħu jitolbu l-għajnuna tal-***ABE*** skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. F'dawn il-każijiet, l-ABE tista' tieħu azzjoni skont is-setgħat ikkonferiti lilha minn dak l-Artikolu ***u kwalunkwe deċiżjoni vinkolanti li tittieħed mill-ABE f'konformità ma' dak l-Artikolu għandha tkun vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati irrispettivament minn jekk dawk l-awtoritajiet kompetenti humiex membri tal-ABE jew le.***

▌

Kapitolu ***14***

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 38

***Sanzjonijiet***

1. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati abbażi ta' din id-Direttiva*** u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. ***Dawk is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.***

2. L-Istati Membri għandhom ***jistipulaw*** li l-awtorità kompetenti ***tista' tiddivulga*** mal-pubbliku kwalunkwe sanzjoni ***amministrattiva*** li tkun ser tiġi imposta għal ksur tal-miżuri adottati fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, sakemm tali divulgazzjoni ma tippreġudikax serjament is-swieq finanzjarji jew tikkawża dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

Artikolu 39 ▌

***Mekkaniżmi*** ta' riżoluzzjoni tat-tilwim

1. L-Istati Membri għandhom jiżguaraw li jiġu stabbiliti proċeduri ta' rikorsi u rimedji adatti u effikaċi għar-riżoluzzjoni extraġudizzjarja ta' ***tilwim tal-konsumaturi mal-kredituri,*** intermedjarji tal-kreditu u ***rappreżentanti maħtura fir-rigward ta' kuntratti ta' kreditu***, bl-użu ta' korpi eżistenti fejn adatt. L-Istati Membri għandhom ▌ jiżguraw li ***tali proċeduri jkunu applikabbli għal*** kredituri u intermedjarji tal-kreditu u ***jkopru l-attivitajiet ta' rappreżentanti maħtura***.

2. L-Istati Membri għandhom ***jesiġu*** li l-korpi responsabbli għar-riżoluzzjoni barra l-qorti ta' tilwim tal-konsumaturi jikkoperaw ***b'mod li jkunu jistgħu jirriżolvu*** tilwimiet transkonfinali ***rigward kuntratti ta' kreditu***.

Artikolu 40 ▌

Eżerċizzju tad-delega

***1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

***2. Is-setgħa*** ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli ▌ 14(9) u ***17(8)*** hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat minn … (*).

3. ***Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 14(9) u 17(8) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada li tiġi ppubblikata d-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data speċifikata aktar tard fih. M'għandhiex taffetwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.***

**4.** Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

***5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 14(9) u 17(8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx ġiet espressa oġġezzjoni jew mill-***Parlament Ewropew ***jew mill-Kunsill*** f'perijodu ta' ***tliet*** xhur ▌ min-notifika ***ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk,*** qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni ***li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-***Parlament Ewropew jew tal-Kunsill ▌ .

Artikolu 41

Natura imperattiva ta' din id-Direttiva

L-Istati Membri ta' oriġini għandhom jiżguraw li:

***(a)*** il-konsumaturi ma jkunux jistgħu jirrinunzjaw għad-drittijiet mogħtija lilhom mil-liġi nazzjonali li tittrasponi din id-Direttiva.

***(b)*** il-miżuri li jadottaw fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva ma jkunux jistgħu jiġu evitati ***b'tali mod li jista' jwassal biex il-konsumaturi jitilfu l-protezzjoni mogħtija minn din id-Direttiva*** b'riżultat tal-mod li bih jiġu fformulati l-kuntratti, partikolarment billi jiġu integrati kuntratti ta' kreditu li jaqgħu fl-ambitu ta' din id-Direttiva f'kuntratti ta' kreditu li n-natura jew l-iskop tagħhom jagħmluha possibbli li tiġi evitata ***l***-applikazzjoni ***ta' dawk il-miżuri***.

▌

Artikolu **42**

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa… (**), il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri.

---

(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
(**) Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***Meta d-dokumenti li jakkumpanjaw in-notifika ta' miżuri ta' traspożizzjoni li jingħataw mill-Istati Membri ma jkunux biżżejjed biex tiġi valutata bis-sħiħ il-konformità ta' dawk il-miżuri ma' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-ABE bil-ħsieb li jitwettqu l-kompiti tagħha taħt ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010, jew fuq inizjattiva tagħha stess, tirrikjedi lill-Istati Membri li jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata dwar it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva u l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.***

***2. L-Istati Membri għandhom japplikaw*** il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ***minn*** … (*).

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fil-mument tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-dritt nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu ***43***

***Dispożizzjonijiet transitorji***

***1. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal kuntratti ta' kreditu eżistenti qabel …*** (**).

***2. Intermedjarji tal-kreditu li diġà jwettqu attivitajiet ta' intermedjazzjoni ta' kreditu stipulati fil-punt 5 tal-Artikolu 4 qabel …*** (***) ***u li għadhom ma ġewx ammessi f'konformità mal-kundizzjonijiet previsti fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tad-domiċilju li fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva jistgħu jkomplu jwettqu dawk l-attivitajiet f'konformità mal-liġi nazzjonali sa …*** (****).***Meta intermedjarju tal-kreditu jibbaża ruħu fuq din id-deroga hu jista' jwettaq l-attivitajiet fl-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu biss sakemm dan ma jissodisfax ukoll ir-rekwiżiti legali neċessarji tal-Istati Membri ospitanti.***

***3. Kredituri, intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentanti maħtura li jwettqu attivitajiet irregolati minn din id-Direttiva qabel …*** (*****) ***għandhom ikunu konformi mal-liġi nazzjonali li tittrasponi l-Artikolu 9 sa …*** (****).

***Artikolu 44***

Klawsola ta' reviżjoni

***1.*** Il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni ***ta' din id-Direttiva sa …*** (******) . L-eżami għandu jqis l-effikaċja u adegwatezza tad-dispożizzjonijiet dwar il-konsumaturi u s-suq intern.

L-eżami għandu jinkludi dan li ġej:

(a) valutazzjoni ta***l-użu u*** l-***fehim*** tal-***konsumaturi ta' u*** s-sodisfazzjon rigward l-FEIS;

(b) ***analiżi ta'*** divulgazzjonijiet oħra prekuntrattwali;

(c) analiżi tal-negozju transkonfinali minn intermedjarji tal-kreditu u kredituri;

(d) analiżi tal-evoluzzjoni tas-suq għall-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu li jipprovdu kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali;

(e) valutazzjoni dwar il-ħtieġa għal aktar miżuri, fosthom passaport għall-istituzzjonijiet mhux tal-kreditu li jipprovdu kuntratti ta' kreditu marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali;

(f) eżami tal-***ħtieġa*** li jiġu introdotti drittijiet u obbligi ***addizzjonali*** fir-rigward tal-istadju postkuntrattwali tal-kuntratti ta' kreditu;

(*) Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
(**) Sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
(***) Sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
(****) Tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
(*****) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
(******) Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(g) valutazzjoni dwar ***jekk l-ambitu ta' din id-Direttiva jibqax adatt, b'kont meħud tal-impatt tiegħu fuq forom oħra sostitwibbli ta' kreditu;***

***(h) valutazzjoni ta' jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali biex tkun żgurata t-traċċabbiltà tal-kuntratti ta' kreditu garantiti permezz ta' proprjetà immobbli residenzjali;***

***(i) valutazzjoni tad-disponibbiltà tad-data dwar tendenzi fil-prezzijiet ta' proprjetà immobbli residenzjali u dwar il-limitu sa fejn id-data hija komparabbli;***

***(j) valutazzjoni dwar jekk jibqax adatt il-fatt li tiġi applikata d-Direttiva 2008/48/KE għal krediti mhux iggarantiti li l-iskop tagħhom hu r-rinovazzjoni ta' proprjetà immobbli residenzjali li tinvolvi ammont totali ta' kreditu 'l fuq mill-ammont massimu speċifikat fil-punt (c) tal-Artikolu 2(2) ta' dik id-Direttiva;***

***(k) valutazzjoni dwar jekk l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet skont l-Artikolu 38(2) jipprovdux biżżejjed trasparenza;***

***(l) valutazzjoni tal-proporzjonalità ta' twissijiet imsemmija fl-Artikolu 11(6) u fl-Artikolu 13(2) u l-potenzjal għal aktar armonizzazzjoni ta' twissijiet ta' riskju.***

***Artikolu 45***

***Iktar inizjattivi dwar għoti u teħid b'self responsabbli***

***Sa …*** (*), ***il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport komprensiv li jivvaluta l-isfidi usa' ta' dejn żejjed privat marbut direttament mal-attività ta' kreditu. Dan jeżamina wkoll il-ħtieġa għas-superviżjoni ta' reġistri tal-kreditu u l-possibbiltà għall-iżvilupp ta' swieq aktar flessibbli u affidabbli. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, meta xieraq, bi proposti leġislattivi.***

***Artikolu 46***

***Emenda għad-Direttiva 2008/48/KE***

***Fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/48/KE, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"2a. Minkejja l-punt (c) tal-paragrafu 2, din id-Direttiva għandha tapplika għall kuntratti ta' kreditu mhux garantiti li l-għan tagħhom huwa r-rinovazzjoni ta' proprjetà immobbli residenzjali li tinvolvi ammont totali ta' kreditu 'l fuq minn EUR 75 000." "***

***Artikolu 47***

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

…

***Artikolu 48***

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

| *PARLAMENT EWROPEW* | *KUNSILL* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

(*) ***Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

**It-Tlieta 10 ta’ Settembru 2013**

*ANNESS I*

KALKOLU TAR-RATA PERĊENTWALI ANNWALI TA’ IMPOSTA (RPAI)

*I.* L-ekwazzjoni bażika li tesprimi l-ekwivalenza tal-prelevamenti minn naħa u l-ħlas lura u l-imposti min-naħa l-oħra.

L-ekwazzjoni bażika, li tistabbilixxi r-rata perċentwali annwali tal-imposti (RPAI), taħdem, fuq bażi annwali, il-valur preżenti totali tal-prelevamenti ta’ kreditu minn naħa u l-valur preżenti totali tal-ħlas lura u l-ħlas tal-imposti min-naħa l-oħra, jiġifieri:

$$\sum_{k=1}^{m} C_k (1+X)^{-t_k} = \sum_{l=1}^{m'} D_l (1+X)^{-s_l}$$

fejn:

— X huwa l-RPAI

— m huwa n-numru tal-aħħar prelevament

— k huwa n-numru ta’ prelevament ta’ kreditu, għalhekk 1 ≤ k ≤ m

— $C_k$ huwa l-ammont ta’ prelevament k,

— $t_k$ huwa l-intervall, indikat fi snin u frazzjonijiet ta’ sena, bejn id-data tal-ewwel prelevament u d-data ta’ kull prelevament sussegwenti, għalhekk $t_1 = 0$

— *m’* huwa n-numru tal-aħħar ħlas lura jew ħlas ta’ imposti

— *l* huwa n-numru ta’ ħlas lura jew ħlas ta’ imposti

— $D_l$ huwa l-ammont ta’ ħlas lura jew ħlas ta’ imposti

— $s_l$ huwa l-intervall, indikat fi snin u frazzjonijiet ta’ sena, bejn id-data tal-ewwel prelevament u d-data ta’ kull ħlas lura jew ħlas ta’ imposti.

Rimarki:

(a) L-ammonti mħallsin miż-żewġ partijiet fi żminijiet differenti mhux neċessarjament ikunu ndaqs u mhux neċessarjament jitħallsu f’intervalli ndaqs.

(b) Id-data tal-bidu għandha tkun dik tal-ewwel prelevament.

(c) Intervalli bejn id-dati wżati fil-kalkoli għandhom ikunu indikati fi snin jew fi frazzjonijiet ta’ sena. Sena hija preżunta li fiha 365 jum (jew 366 jum fi snin biżestili), 52 ġimgħa jew 12-il xahar indaqs. Xahar indaqs huwa preżunt li fih 30,41666 jum (jiġifieri 365/12) irrispettivament minn jekk hix sena biżestili jew le.

***Fejn l-intervalli bejn id-dati wżati fil-kalkoli ma jistgħux jiġu indikati f’numru sħiħ ta’ ġimgħat, xhur jew snin, l-intervalli għandhom ikunu espressi bħala numru sħiħ ta’ wieħed minn dawk il-perijodi flimkien ma’ numru ta’ ġranet. Meta jintużaw il-ġranet:***

***(i) kull jum għandu jingħadd, inkluż tmiem il-ġimgħa u l-btajjel;***

***(ii) perjodi ndaqs u imbagħad ġranet għandhom jingħaddu b’lura għad-data tal-prelevament inizjali;***

***(iii) it-tul tal-perijodu ta’ ġranet għandu jinkiseb billi l-ewwel data tiġi eskluża u l-aħħar data tiġi inkluża u għandha tiġi indikata fi snin billi dan il-perijodu jiġi diviż bin-numru ta’ ġranet (365 jew 366 jum) tas-sena sħiħa u jingħadd b’lura mill-aħħar jum għall-istess jum tas-sena preċedenti.***

(d) Ir-riżultat tal-kalkolu għandu jiġi indikat bi preċiżjoni ta' mill-inqas punt deċimali wieħed. Jekk iċ-ċifra fil-post deċimali li jsegwi tkun akbar minn jew ugwali għal 5, iċ-ċifra fil-post deċimali ***preċedenti*** għandha tiżdied b'wieħed.

(e) L-ekwazzjoni tista' tinkiteb mill-ġdid bl-użu ta' somma waħda u l-kunċett ta' flussi ($A_k$), li jkun pożittiv jew negattiv, fi kliem ieħor imħallas jew riċevut matul il-perjodi 1 sa ***n***, indikati fi snin, jiġifieri:

$$S = \sum_{k=1}^{n} A_k \left(1 + X\right)^{-t_k},$$

*S* huwa l-bilanċ preżenti tal-flussi. Jekk l-għan hu li tinzamm l-ekwivalenza tal-flussi, il-valur ikun żero.

II. Preżunzjonijiet addizzjonali għall-kalkolu tar-RPAI

(a) Jekk kuntratt ta' kreditu jagħti lill-konsumatur libertà fil-prelevamenti, l-ammont totali tal-kreditu għandu jitqies li jkun prelevat immedjatament u kollu kemm hu.

(b) Jekk kuntratt ta' kreditu jipprevedi modi differenti għall-prelevamenti b'imposti jew rati tal-imgħax tas-self differenti, l-ammont totali tal-kreditu għandu jitqies bħala li jkun ġie prelevat bl-ogħla imposta u rata tal-imgħax tas-self applikata għall-mekkaniżmu ta' prelevament l-aktar komuni għal dan it-tip ta' kuntratt ta' kreditu.

(c) Jekk kuntratt ta' kreditu jagħti lill-konsumatur libertà fil-prelevamenti b'mod ġenerali iżda jimponi, ***fost*** il-modi differenti ta' prelevament, limitu fir-rigward tal-ammont ***ta' kreditu*** u l-perijodu ta' żmien, l-ammont ta' kreditu għandu jitqies bħala li ġie prelevat fl-aktar data bikrija prevista fil-kuntratt ta' ***kreditu*** u skont dawk il-limiti ta' prelevament. ▌

(d) Jekk jiġu offruti rati tal-imgħax tas-self u imposti differenti għal perijodu jew ammont limitat, l-għola rata tal-imgħax tas-self u imposti għandhom jitqiesu li huma r-rata tal-imgħax tas-self u l-imposti għat-tul ta' żmien kollu tal-kuntratt ta' kreditu. ▌

(*e*) Għal kuntratti ta' kreditu li għalihom tkun miftiehma rata tal-imgħax tas-self fissa fir-rigward tal-perijodu inizjali, li fit-tmiem tagħhom tiġi ddeterminata rata tal-imgħax tas-self ġdida u sussegwentement perjodikament aġġustata skont indikatur ***jew rata ta' referenza interna*** miftehmin, il-kalkolu tar-RPAI għandha tkun ibbażata fuq il-preżunzjoni li, fi tmiem il-perijodu ta' rata tal-imgħax tas-self fissa, ir-rata tal-imgħax tas-self tkun l-istess bħal dik fil-mument tal-***kalkolu ta***r-RPAI, abbażi tal-valur tal-indikatur ***jew ir-rata ta' referenza interna*** miftehmin f'dak iż-żmien***, iżda ma tkunx inqas mir-rata tal-imgħax tas-self fissa.***

***(f) Jekk il-limitu massimu applikabbli għall-kreditu jkun għadu ma ġiex miftiehem, dak il-limitu massimu jitqies li hu EUR 170 000. Fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu, għajr responsabbiltajiet kontinġenti jew garanziji, li l-iskop tagħhom ma jkunx li jinxtara jew jinżamm dritt fi proprjetà immobbli jew art, overdrafts, karti ta' debitu differit u karti ta' kreditu, dan il-limitu massimu jitqies li hu EUR 1 500.***

***(g) Fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu, għajr kuntratti ta' overdrafts, self intermedjarju, kuntratti ta' kreditu b'ekwità kondiviża, responsabbiltajiet kontinġenti jew garanziji u kuntratti ta' kreditu għal żmien indefinit kif imsemmijin fil-preżunzjonijiet stabbiliti fil-punti (i), (j), (k), (l) u (m):***

***(i) jekk id-data jew l-ammont tal-ħlas lura tal-kapital, li għandu jsir mill-konsumatur ma jistgħux jiġu aċċertati, għandu jitqies li l-ħlas lura isir fid-data l-aktar kmieni prevista fil-kuntratt ta' kreditu u huwa għall-inqas ammont li l-kuntratt ta' kreditu jipprevedi;***

***(ii) jekk l-intervall bejn id-data ta' prelevament inizjali u d-data tal-ewwel ħlas li għandu jsir mill-konsumatur ma jistax jiġi aċċertat, għandu jitqies li jkun l-intervall l-iktar qasir.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(h) Fejn id-data jew l-ammont ta' ħlas li għandu jsir mill-konsumatur ma jistgħux jiġu aċċertati abbażi tal-kuntratt ta' kreditu jew il-preżunzjonijiet stabbiliti fil-punti (g), (i), (j), (k), (l) u (m), għandu jitqies li l-ħlas isir skont id-dati u l-kundizzjonijiet rikjesti mill-kreditur u, meta dawn ma jkunux magħrufa:*

*(i) imposti tal-imgħax jitħallsu flimkien mal-ħlas lura tal-kapital;*

*(ii) imposti mhux tal-imgħax indikati bħala somma waħda jitħallsu fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu;*

*(iii) imposti mhux tal-imgħax indikati f'diversi pagamenti jitħallsu f'intervalli regolari, li jibdew mad-data tal-ewwel ħlas lura tal-kapital, u jekk l-ammont ta' tali pagamenti mhuwiex magħruf għandhom jitqiesu bħala ammonti ndaqs;*

*(iv) il-ħlas finali jħassar il-bilanċ tal-kapital, l-imgħax u imposti oħrajn, jekk ikun hemm.*

*(i) Fil-każ ta' faċilità ta' overdraft, l-ammont totali tal-kreditu għandu jitqies prelevat kompletament u għat-tul ta' żmien kollu tal-kuntratt ta' kreditu. Jekk it-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' kreditu mhux magħruf, ir-RPAI għandha tiġi kkalkolata fuq il-preżunzjoni li ż-żmien tal-kreditu huwa ta' tliet xhur.*

*(j) Fil-każ ta' self transitorju l-ammont totali tal-kreditu għandu jitqies li jiġi prelevat kompletament u għat-tul ta' żmien kollu tal-kuntratt ta' kreditu. Jekk it-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' kreditu mhux magħruf, ir-RPAI għandha tiġi kkalkolata fuq il-preżunzjoni li ż-żmien tal-kreditu huwa ta' tnax-il xahar.*

*(k) Fil-każ ta' kuntratt ta' kreditu għal żmien indefinit, għajr faċilità ta' overdraft u self transitorju, għandu jitqies li:*

*(i) għal kuntratti ta' kreditu, li l-iskop tagħhom huwa li jinxtraw jew jinżammu drittijiet fi proprjetà immobbli, il-kreditu jingħata għal perijodu ta' għoxrin sena li jibda fid-data tal-prelevament inizjali, u li l-ħlas finali mill-konsumatur jaqta' l-bilanċ tal-kapital, l-imgħax u imposti oħrajn, jekk ikun hemm; fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu li l-iskop tagħhom mhuwiex li jinxtraw jew jinżammu drittijiet fi proprjetà immobbli jew fejn il-kreditu jiġi prelevat permezz ta' karti ta' debitu differit jew karti ta' kreditu, dan il-perijodu għandu jkun ta' sena;*

*(ii) il-kapital jiħallas lura mill-konsumatur fi pagamenti ndaqs kull xahar, li jibdew xahar wara d-data tal-prelevament inizjali. Madankollu, f'każi fejn il-kapital għandu biss jitħallas lura bis-sħiħ, f'pagament wieħed, f'kull perijodu ta' ħlas, prelevamenti suċċessivi u ħlas lura tal-kapital kollu mill-konsumatur għandhom jitqiesu li jsiru matul il-perijodu ta' sena. L-imgħax u imposti oħrajn għandhom jiġu applikati skont dawn il-prelevamenti u l-ħlasijiet lura tal-kapital u kif previst fil-kuntratt ta' kreditu.*

*Għall-finijiet ta' dan il-punt, kuntratt ta' kreditu għal żmien indefinit huwa kuntratt ta' kreditu mingħajr żmien fiss u jinkludi krediti li għandhom jitħallsu lura kompletament fi żmien perijodu jew wara perijodu, iżda, la darba jitħallsu lura, jsiru disponibbli mill-ġdid għal prelevament.*

*(l) Fil-każ ta' responsabbiltajiet kontinġenti jew garanziji:*

*(i) l-ammont totali tal-kreditu jitqies li jiġi prelevat kollu f'ammont wieħed fl-aktar kmieni minn:*

*(a) id-data tal-aħħar prelevament permessa taħt il-kuntratt tal-kreditu li huwa s-sors potenzjali tar-responsabbiltà jew il-garanzija kontinġenti; jew*

*(b) fil-każ ta' kuntratt ta' kreditu miftuħ, fit-tmiem tal-perijodu inizjali qabel it-tiġdid tal-kuntratt.*

*(m) Fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu b'ekwità kondiviża:*

*(i) il-pagamenti mill-konsumaturi għandhom jitqiesu li jsiru fl-aħħar data jew dati permessi taħt il-kuntratt ta' kreditu;*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***(ii) żidiet perċentwali fil-valur ta' proprjetà immobbli li tiggarantixxi l-kuntratt ta' kreditu b'ekwità kondiviża, u r-rata ta' kwalunkwe indiċi tal-inflazzjoni msemmi fil-kuntratt, għandhom jitqiesu li huma perċentwali ugwali għall-ogħla mill-objettiv attwali għar-rata tal-inflazzjoni tal-bank ċentrali jew il-livell ta' inflazzjoni fl-Istat Membru fejn tinsab il-proprjetà immobbli, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' kreditu, jew 0 % jekk dawk il-perċentwali jkunu negattivi.***

---

***ANNESS*** II

Fuljett Ewropew ta' Informazzjoni Standardizzata (FEIS)

PARTI A

It-test f'dan il-mudell għandu jkun riprodott kif inhu fil-FEIS. Indikazzjonijiet bejn il-parenteżi kwadri għandhom jiġu ssostitwiti bl-informazzjoni korrispondenti. Fil-Part B hemm l-istruzzjonijiet ***għall-kreditur jew, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu***, dwar kif għandha timtela l-FEIS.

Kull fejn hemm indikat ***il-kliem*** 'fejn applikabbli', il-kreditur għandu ***jagħti*** l-informazzjoni ***rikjesta jekk din*** tkun rilevanti għall-kuntratt ta' kreditu. Fejn l-informazzjoni ma tkunx rilevanti, il-kreditur għandu jħassar l-informazzjoni kkonċernata jew it-taqsima kollha ***(pereżempju, f'każijiet fejn it-taqsima ma tkunx applikabbli). Fejn it-taqsima kollha titħassar***, in-numerazzjoni tat-taqsimiet tal-FEIS għandha tiġu aġġustata kif xieraq.

L-***informazzjoni*** ta' hawn taħt ▌ għandha tingħata f'dokument wieħed. It-tipa użata għandha tkun faċilment leġibbli. Għandha tintuża tipa grassa, bl-isfumatura jew tipa ta' daqs akbar għall-elementi tal-informazzjoni li għandhom ikunu enfasizzati. ***It-twissijiet ta' riskju applikabbli kollha għandhom jiġu enfasizzati.***

Mudell tal-FEIS

| |
|---|
| ***(Test introduttorju)*** |
| ***Dan id-dokument sar għal [isem tal-konsumatur] fi [data attwali].***<br>***Dan id-dokument sar abbażi tal-informazzjoni mogħtija minnek sa issa u abbażi il-kundizzjonijiet attwali tas-swieq finanzjarji.***<br>***L-informazzjoni hawn taħt tibqa' valida sa [data ta' validità], (meta applikabbli) apparti mir-rata tal-imgħax u spejjeż oħra. Wara dik id-data, tista' tinbidel f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq.***<br>***(Fejn applikabbli) Dan id-dokument ma jikkostitwix obbligu għal [isem tal-kreditur] biex jagħtik self.*** |
| ***1. Mutwanti*** |
| ***[Isem]***<br>***[Numru tat-telefon]***<br>***[Indirizz ġeografiku]***<br>***(Fakultattiv) [Indirizz elettroniku]***<br>***(Fakultattiv) [Numru tal-fax]***<br>***(Fakultattiv) [Indirizz web]***<br>***(Fakultattiv) [Punt/persuna ta' kuntatt]***<br>***(Meta applikabbli informazzjoni dwar jekk humiex qed jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza:) [(Nirrakkomandaw, wara li vvalutajna l-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tiegħek, li inti tieħu dan il-kreditu/Aħna mhux qed nirrakkomandaw kreditu partikolari għalik. Madankollu, abbażi tat-tweġibiet tiegħek għal xi mistoqsijiet, qed nagħtuk informazzjoni dwar dan il-kreditu sabiex tkun tista' tagħmel l-għażla tiegħek stess)]*** |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*2. (Fejn applikabbli) Intermedjarju tal-kreditu*

*[Isem]*

*[Numru tat-telefon]*

*[Indirizz ġeografiku]*

*(Fakultattiv) [Indirizz elettroniku]*

*(Fakultattiv) [Numru tal-fax]*

*(Fakultattiv) [Indirizz web]*

*(Fakultattiv) [Punt/persuna ta' kuntatt]*

*(Fejn applikabbli [informazzjoni dwar jekk humiex qed jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza (Nirrakkomandaw, wara li vvalutajna l-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tiegħek, li inti tieħu dan il-kreditu/Aħna mhux qed nirrakkomandaw kreditu partikolari għalik. Madankollu, abbażi tat-tweġibiet tiegħek għal xi mistoqsijiet, qed nagħtuk informazzjoni dwar dan il-kreditu sabiex tkun tista' tagħmel l-għażla tiegħek stess)]*

*[Rimunerazzjoni]*

*3. Karatteristiċi prinċipali tas-self*

*Ammont u l-munita tas-self li ser jingħata: [valur][munita]*

*(Fejn applikabbli) Dan is-self mhuwiex fi [munita nazzjonali tal-mutwatarju]*

*(Fejn applikabbli) Il-valur tas-self tiegħek fi [munita nazzjonali tal-mutwatarju] tista' tinbidel.*

*(Fejn applikabbli) Pereżempju, jekk il-valur ta' [munita nazzjonali tal-mutwatarju] waqa' b'20 % fil-konfront ta' [munita tal-kreditu], il-valur tas-self tiegħek jiżdied għal [daħħal l-ammont fil-munita nazzjonali tal-mutwatarju]. Madankollu, jista' jkun iktar minn dan jekk il-valur ta' [munita nazzjonali tal-mutwatarju] jaqa' b'iktar minn 20 %.*

*(Fejn applikabbli) Il-valur massimu tas-self ser ikun [daħħal l-ammont fil-munita nazzjonali tal-mutwatarju].] (Fejn applikabbli) Tirċievi twissija jekk l-ammont ta' kreditu jilħaq [daħħal ammont fil-munita nazzjonali tal-mutwatarju. (Fejn applikabbli) Għandek l-opportunità li [daħħal id-dritt li tinnegozja mill-ġdid self f'munita barranija jew id-dritt li tbiddel is-self fi [munita rilevanti] u kundizzjonijiet].*

*It-tul ta' żmien tas-self: [tul ta' żmien]*

*[Tip ta' self]*

*[Tip ta' rata tal-imgħax applikabbli]*

*Ammont totali li għandu jiġi rimborżat:*

*Dan ifisser li inti ser tħallas lura [ammont] għal kull [unità tal-munita] mislufa*

*(Fejn applikabbli) [Dan/Parti minnu] huwa self abbażi tal-imgħax biss. Inti xorta jkun baqagħlek tħallas [daħħal l-ammont tas-self abbażi tal-imgħax biss] fl-aħħar tat-terminu tal-kreditu.*

*(Fejn applikabbli) Valur preżunt tal-proprjetà biex iħejji dan il-fuljett ta' informazzjoni: [daħħal l-ammont]*

*(Fejn applikabbli) Ammont massimu ta' self disponibbli b'rabta mal-valur tal-proprjetà [daħħal proporzjon] jew Valur minimu tal-proprjetà rikjest biex jiġi missellef l-ammont illustrat [daħħal ammont]*

*(Fejn applikabbli) [Garanzija]*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*4. Rata tal-imgħax u spejjeż oħra*

*Ir-rata perċentwali annwali tal-imposti (RPAI) hija l-kost totali tas-self indikat bħala perċentwali annwali. L-RPAI qed tingħata biex tgħinek tqabbel offerti differenti.*

*Ir-RPAI applikabbli għas-self tiegħek hija [RPAI].*

*Hija magħmula minn:*

*Rata tal-imgħax [valur f'perċentwali jew, fejn applikabbli, indikazzjoni ta' rata ta' referenza u l-valur perċentwali tal-firxa tal-kreditur]*

*[Komponenti oħrajn tar-RPAI]*

*Spejjeż li jridu jitħallsu għal darba biss*

*(Fejn applikabbli) Jeħtieġ li tħallas tariffa biex tirreġistra l-ipoteka. [Daħħal ammont tat-tariffa meta jkun magħruf jew bażi għal kalkolu.]*

*Spejjeż li jitħallsu regolarment*

*(Fejn applikabbli) Din ir-RPAI hija kkalkulata bl-użu ta' suppożizzjonijiet rigward ir-rata tal-imgħax.*

*(Fejn applikabbli) Minħabba li [parti mis-] self tiegħek huwa self b'rata tal-imgħax varjabbli, ir-RPAI tista' tkun differenti minn din ir-RPAI jekk tinbidel ir-rata tal-imgħax tas-self tiegħek. Pereżempju, jekk ir-rata tal-imgħax żdiedet għal [sitwazzjoni kif deskritta fil-Parti B], ir-RPAI tista' tiżdied għal [daħħal RPAI illustrattiva li tikkorrispondi mas-sitwazzjoni],*

*(Fejn applikabbli) Jekk jogħġbok innota li din ir-RPAI hija kkalkulata fuq il-bażi li r-rata tal-imgħax tibqa' fil-livell iffissat għall-perijodu inizjali matul id-durata tal-kuntratt.*

*(Fejn applikabbli) L-ispejjeż li ġejjin mhumiex magħrufin lill-mutwanti u għaldaqstant mhumiex inklużi fir-RPAI. [Spejjeż]*

*(Fejn applikabbli) Jeħtieġ li tħallas tariffa biex tirreġistra l-ipoteka.*

*Jekk jogħġbok kun ċert li tkun konxju mit-taxxi u l-ispejjeż l-oħrajn kollha assoċjati mas-self tiegħek.*

*5. Frekwenza u numru ta' pagamenti*

*Frekwenza tal-ħlas lura: [frekwenza]*

*Numru ta' pagamenti: [numru]*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*6. Ammont ta' kull pagament akkont*

*[Ammont][munita]*

*Id-dħul tiegħek jista' jinbidel. Jekk jogħġbok ikkunsidra jekk tkunx tista' taffordja l-ħlas lura akkont [frekwenza] fil-każ li d-dħul tiegħek jonqos.*

*(Fejn applikabbli) Minħabba li [dan/parti minn dan] huwa self abbażi tal-imgħax biss jeħtieġlek tagħmel arranġamenti separati biex terġa' tħallas lura [daħħal ammont tas-self abbażi ta' imgħax biss] li jkollok tagħti fl-aħħar tal-perijodu tas-self. Ftakar biex iżżid kwalunkwe pagament ieħor li jkollok tagħmel għall-ammont ta' pagament akkont li jidher hawn.*

*(Fejn applikabbli) Ir-rata tal-imgħax fuq [parti minnu] dan is-self tista' tinbidel. Dan ifisser li l-ammont tal-pagamenti akkont tiegħek jistgħu jiżdiedu jew jonqsu. Pereżempju, jekk ir-rata tal-imgħax żdiedet għal [sitwazzjoni kif deskritta fil-Parti B], il-pagamenti tiegħek jistgħu jiżdiedu għal [daħħal l-ammont tal-pagament akkont li jikkorrispondi mas-sitwazzjoni].*

*(Fejn applikabbli) Il-valur tal-ammont li għandek tħallas f'[munita nazzjonali tal-mutwatarju] kull [frekwenza tal-pagament akkont] tista' tinbidel. (Fejn applikabbli) Il-pagamenti tiegħek jistgħu jiżdiedu għal [daħħal ammont massimu fil-munita nazzjonali tal-mutwatarju] kull [daħħal perijodu] (Fejn applikabbli). Pereżempju, jekk il-valur ta' [munita nazzjonali tal-mutwatarju] waqa' b'20 % marbut ma' [munita tal-kreditu] ikollok tħallas [daħħal ammont f'munita nazzjonali tal-mutwatarju] żejda kull [daħħal perijodu]. Il-pagamenti tiegħek jistgħu jiżdiedu b'aktar minn hekk.*

*(Fejn applikabbli) Ir-rata tal-kambju użata għall-konversjoni tal-ħlas lura tiegħek fi [munita tal-kreditu] għal [munita nazzjonali tal-mutwatarju] ser tkun ir-rata ppubblikata minn [isem tal-istituzzjoni li tippubblika r-rata tal-kambju] fi [data] jew ser tiġi kkalkulata fi [data] bl-użu ta' [daħħal isem tal-punt ta' riferiment jew il-metodu ta' kalkolu].*

*(Fejn applikabbli) [Dettalji dwar prodotti tat-tfaddil marbuta, self b'imgħax differit]*

*7. (Fejn applikabbli) Tabella bl-eżempji tal-ħlas lura*

*Din it-tabella turi l-ammont li għandu jitħallas kull [frekwenza].*

*Il-pagamenti akkont (kolonna [nru rilevanti]) huma s-somma tal-imgħax li għandu jitħallas (kolonna [nru rilevanti]), fejn applikabbli, il-kapital imħallas (kolonna [nru rilevanti]) u fejn applikabbli spejjeż oħra (kolonna [nru rilevanti]). (Fejn applikabbli) L-ispejjeż fil-kolonna ta' spejjeż oħrajn jirreferu għal [lista ta' spejjeż]. Kapital dovut (kolonna [nru rilevanti]) huwa l-ammont tas-self li għad irid jiġi rimborżat wara kull pagament akkont.*

*[Tabella]*

*8. Obbligi addizzjonali*

*Il-mutwatarju għandu jikkonforma mal-obbligi li ġejjin sabiex ikun jista' jibbenefika mill-kundizzjonijiet tas-self deskritti f'dan id-dokument.*

*[Obbligi]*

*(Fejn applikabbli) Jekk jogħġbok innota li l-kundizzjonijiet tas-self deskritti f'dan id-dokument (inkluża r-rata tal-imgħax) jistgħu jinbidlu jekk dawn l-obbligi ma jiġux rispettati.*

*(Fejn applikabbli) Jekk jogħġbok innota l-konsegwenzi possibbli tat-terminazzjoni fi stadju aktar tard ta' kwalunkwe servizz anċillari relatat mas-self:*

*[Konsegwenzi]*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

| |
|---|
| *9. Ħlas lura antiċipat* |
| *Għandek il-possibbiltà li tħallas lura dan is-self, kollu jew parzjalment, b'mod antiċipat*<br><br>*(Fejn applikabbli) [Kundizzjonijiet]*<br><br>*(Fejn applikabbli) Imposta f'każ ta' terminazzjoni: [daħħal ammont jew, fejn mhux possibbli, il-metodu tal-kalkolu]*<br><br>*(Fejn applikabbli) Jekk tiddeċiedi li tħallas lura dan is-self b'mod antiċipat, jekk jogħġbok ikkuntattjana biex taċċerta l-livell eżatt tal-imposta f'każ ta' terminazzjoni f'dak il-mument.* |
| *10. Karatteristiċi flessibbli* |
| *(Fejn applikabbli) [Informazzjoni dwar portabbiltà/surroga] Inti għandek il-possibbiltà li tittrasferixxi dan is-self lil [mutwanti] [jew] [proprjetà] oħra. [Daħħal il-kundizzjonijiet]*<br><br>*(Fejn applikabbli) Inti m'għandekx il-possibbiltà li tittrasferixxi dan is-self lil [muwanti] [jew] [proprjetà] oħra.*<br><br>*(Fejn applikabbli) Karatteristiċi addizzjonali: [daħal spjegazzjoni tal-karatteristiċi addizzjonali elenkati fil-Parti B, u, jekk tixtieq, kwalunkwe karatteristika oħra offruta mill-mutwanti bħala parti mill-kuntratt tal-kreditu li mhijiex imsemmija fit-taqsimiet preċedenti].* |
| *11. Drittijiet oħrajn tal-mutwatarju* |
| *(Fejn applikabbli) Għandek [tul ta' perijodu ta' riflessjoni] wara [punt fejn jibda l-perijodu ta' riflessjoni] biex tirrifletti qabel ma tikkommetti ruħek biex tissellef. (Fejn applikabbli) Ladarba tkun irċevejt il-kuntratt ta' kreditu mingħand il-mutwanti, tista' ma taċċettahx qabel it-tmiem ta' [tul tal-perijodu ta' riflessjoni].*<br><br>*(Fejn applikabbli) Għal perijodu ta' [tul tal-perijodu tar-rexissjoni] wara [meta jibda l-perijodu tar-rexissjoni], tista' teżerċita d-dritt tiegħek li tħassar il-kuntratt. [Kundizzjonijiet][Daħħal il-proċedura]*<br><br>*(Fejn applikabbli) Tista' titlef id-dritt tiegħek li tikkanċella l-kuntratt jekk, matul dak il-perijodu, tixtri jew tbigħ proprjetà marbuta ma' dan il-kuntratt ta' kreditu.*<br><br>*(Fejn applikabbli) Jekk tiddeċiedi li teżerċita id-dritt tiegħek ta' rexissjoni [mill-kuntratt tal-kreditu], jekk jogħġbok ivverifika jekk ser tibqax vinkolat bl-obbligi l-oħrajn tiegħek relatati mas-self [inkluż is-servizzi anċillari relatati mas-self, [imsemmijin fit-Taqsima 7].* |
| *12. Ilmenti* |
| *Jekk għandek ilment jekk jogħġbok ikkuntattja [daħħal punt ta' kuntatt intern u sors ta' informazzjoni dwar il-proċedura].*<br><br>*(Fejn applikabbli) Żmien massimu li fih għandu jiġi ttrattat l-ilment [perijodu ta' żmien]*<br><br>*(Fejn applikabbli) [Jekk ma nsibux soluzzjoni interna li tissodisfak għal dan l-ilment,] inti tista' tikkuntattja wkoll: [daħħal isem ta' korp estern għal ilmenti u rimedji extraġudizzjarji] (Fejn applikabbli) jew tista' tikkuntattja FIN-NET għad-dettalji tal-korp ekwivalenti f'pajjiżek.* |

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

---

***13. Nuqqas ta' konformità mal-impenji marbutin mas-self: konsegwenzi għall-mutwatarju***

---

***[Tipi ta' nuqqas ta' konformità]***

***[Konsegwenzi finanzjarji u/jew legali]***

***Jekk tiltaqa' ma' xi diffikultà biex tagħmel il-pagamenti tiegħek [frekwenza], jekk jogħġbok ikkuntattjana minnufih biex nesploraw soluzzjonijiet possibbli.***

***(Fejn applikabbli) Bħala soluzzjoni estrema, id-dar tiegħek tista' tiġi maqbuda jekk ma tlaħħaqx mal-pagamenti.***

---

***(Fejn applikabbli) 14. Informazzjoni addizzjonali*** ▌

---

***(Fejn applikabbli) [Indikazzjoni tal-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' kreditu].***

***(Fejn il-mutwanti għandu l-intenzjoni li juża lingwa differenti mil-lingwa tal-FEIS) Informazzjoni u termini kuntrattwali ser jingħataw bi [lingwa]. Bil-kunsens tiegħek, beħsiebna nikkomunikaw bi [lingwa/i] matul id-durata kollha tal-kuntratt ta' kreditu.***

***[Daħħal dikjarazzjoni dwar id-dritt li għandu jiġi pprovdut ma' jew offrut, kif applikabbli, abbozz ta' kuntratt ta' kreditu]***

---

***15. Superviżur***

---

***Il-mutwanti huwa ssorveljat minn [Isem/ismijiet u indirizz(i) web tal-awtorità/awtoritajiet superviżorja/i]***

***(Fejn applikabbli) L-intermedjarju tal-kreditu huwa ssorveljat minn [Isem u indirizz web tal-awtorità superviżorja].***

▌

▌

▌

---

PARTI B

Istruzzjonijiet għall-mili tal-FEIS

Meta jimtela l-FEIS, għandhom jiġi segwiti ***mill-inqas*** dawn l-istruzzjonijiet***. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jelaboraw jew jispeċifikaw aktar l-istruzzjonijiet għall-mili tal-FEIS.***

Taqsima 'Test introduttorju'

(1) Id-data tal-validità għandha tiġi enfasizzata sew. ***Għall-finijiet ta' din it-taqsima, id-'data tal-validità' tfisser il-perijodu ta' żmien li matulu l-informazzjoni, eż, ir-rata tal-imgħax tas-self, li tinsab fl-FEIS ma tinbidilx u li tapplika kemm-il darba l-kreditur jiddeċiedi li jagħti l-kreditu matul dan il-perijodu ta' żmien. Fejn id-determinazzjoni tar-rata tal-imgħax tas-self applikabbli u spejjeż oħrajn tiddependi mir-riżultati tal-bejgħ tal-bonds sottostanti, ir-rata ta' self u spejjeż oħrajn eventwali jistgħu jkunu differenti minn dawk indikati. F'dawk iċ-ċirkustanzi biss, għandu jkun stipulat li d-data ta' validità ma tapplikax għar-rata ta' self u spejjeż oħrajn billi jiżdiedu l-kliem:: "apparti mir-rata tal-imgħax u spejjeż oħrajn"***.

Taqsima '1. Mutwanti'

(1) L-isem, in-numru tat-telefon, ***u*** l-indirizz ġeografiku ▌ tal-kreditur għandhom jirreferu għall-***informazzjoni dwar il-kuntatt li l-konsumatur jista' juża għal korrispondenza futura***.

(2) L-infomazzjoni dwar l-***indirizz elettroniku, in-numru tal-fax u*** l-persuna/***punt*** tal-kuntatt hija fakultattiva.

(3) F'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/65/KE, fejn it-transizzjoni tiġi offruta b'distanza, il-kreditur għandu jindika, fejn applikabbli, l-isem u l-indirizz ġeografiku tar-rappreżentant tiegħu fl-Istat Membru ta' residenza tal-***konsumatur***. L-indikazzjoni tan-numru tat-telefon, l-indirizz elettroniku u l-indirizz web tar-rappreżentant tal-fornitur tal-kreditu hija fakultattiva.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(4) Fejn Taqsima 2 mhix applikabbli, il-kreditur għandu jinforma lill-konsumatur jekk humiex qed jiġu pprovduti s-servizzi ta' konsulenza u fuq liema bażi bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A.*

*(Fejn applikabbli) Taqsima "2. Intermedjarju tal-kreditu"*

***Meta l-informazzjoni dwar il-prodott qed tiġi pprovduta lill-konsumatur minn intermedjarju tal-kreditu, dak l-intermedjarju għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:***

*(1)* ***L-isem, in-numru tat-telefon, u l-indirizz ġeografiku tal-intermedjarju tal-kreditu għandhom jirreferu għall-informazzjoni dwar il-kuntatt li l-konsumatur jista' juża għal korrispondenza futura.***

*(2)* ***L-informazzjoni dwar l-indirizz elettroniku, in-numru tal-fax, l-indirizz web u l-persuna/punt tal-kuntatt hija fakultattiva****.*

*(3)* ***L-intermedjarju tal-kreditu għandu jinforma lill-konsumatur jekk humiex qed jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza u fuq liema bażi bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A.***

*(4)* ***Spjegazzjoni dwar kif qed jiġi rimunerat l-intermedjarju tal-kreditu. Meta jkun qed jirċievi kummissjoni minn kreditur, l-ammont u, fejn ikun differenti mill-isem fit-Taqsima 1, għandu jiġi pprovdut l-isem tal-kreditur.***

Taqsima '2. Karatteristiċi ewlenin tas-self'

(1) ***Din it-taqsima għandha tispjega b'mod ċar il-karatteristiċi ewlenin tal-kreditu, inkluż il-valur u l-munita u r-riskji potenzjali assoċjati mar-rata tal-imgħax tas-self, inklużi dawk imsemmija fil-punt (3), u l-istruttura ta' amortizzament.***

*(2)* ***Meta l-munita tal-kreditu hija differenti mill-munita nazzjonali tal-konsumatur, il-kreditur għandu jindika li l-konsumatur ser jirċievi twissija regolari tal-inqas kull meta r-rata tal-kambju tvarja b'aktar minn 20 %, fejn applikabbli d-dritt tal-konverżjoni tal-munita tal-kuntratt ta' kreditu jew il-possibbiltà li jiġu nnegozjati mill-ġdid il-kundizzjonijiet u kwalunkwe arranġament ieħor disponibbli għall-konsumatur biex jiġi limitat l-esponiment tagħhom għar-riskju tar-rata tal-kambju. Fejn hemm dispożizzjoni fil-kuntratt ta' kreditu li jiġi limitat ir-riskju tar-rata tal-kambju, il-kreditur għandu jindika l-ammont massimu li l-konsumatur jista' jkollu biex iħallas lura. Fejn ma hemmx dispożizzjoni fil-kuntratt ta' kreditu li jiġi limitat ir-riskju tar-rata tal-kambju li għalih huwa espost il-konsumatur għal ċaqliq fir-rata tal-kambju ta' inqas minn 20 %, il-kreditur għandu jindika eżempju tal-effett ta' waqgħa ta' 20 % fil-valur tal-munita nazzjonali tal-konsumatur fil-konfront tal-munita tal-kreditu fuq il-valur tal-kreditu.***

*(3)* It-tul ta' żmien tal-kreditu għandu jkun ***indikat*** fi snin jew xhur, liema minnhom ikun l-aktar rilevanti. Fejn it-tul ta' żmien tal-kreditu jista' jvarja matul il-***ħajja*** tal-kuntratt, il-kreditur għandu jispjega meta u taħt liema kundizzjonijiet dan jista' jseħħ. ***Meta l-kreditu jkun għal żmien indefinit, pereżempju għal karta ta' kreditur koperta b'garanzija, il-kreditur għandu jiddikjara dak il-fatt b'mod ċar****.*

*(4)* ***It-tip tal-kreditu għandu jiġi indikat b'mod ċar (eż. kreditu ipotekarju, self residenzjali, karta ta' kreditu koperta b'garanzija)****.* Id-deskrizzjoni tat-tip ta' kreditu għandha tindika b'mod ċar kif il-kapital u l-imgħax għandhom jiġu rimborżati matul il-ħajja tal-kreditu (jiġifieri ***l-istruttura ta' amortizzament), u tispeċifika b'mod ċar jekk il-kuntratt ta' kreditu huwiex fuq il-bażi ta' ħlas lura tal-kapital jew tal-imgħax biss, jew taħlita tat-tnejn****.*

(*5*) ***Meta l-kreditu kollu jew parti minnu huwa kreditu abbażi tal-imgħax biss, għandha tiddaħħal fi tmiem din it-taqsima b'mod prominenti dikjarazzjoni li tindika b'mod ċar dak il-fatt bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A.***

(***6***) Din it-taqsima għandha tispjega jekk ir-rata tal-imgħax tas-***self*** hijiex fissa jew varjabbli u, fejn applikabbli, il-perijodi li matulhom ser tibqa' fissa; il-frekwenza tar-reviżjonijiet sussegwenti u l-eżistenza ta' limiti għall-varjabbiltà tar-rata tal-imgħax tas-self, bħal limiti massimi jew limiti minimi.

Il-formula użata għar-reviżjoni tar-***rata tal-imgħax tas-self u l-kompenenti differenti tagħha (eż. ir-rata ta' referenza, il-firxa*** tar-rata tal-imgħax) għandha tiġi spjegata. Il-kreditur għandu jindika, ***eż. permezz ta' indirizz web,*** jekk tistax tinsab aktar informazzjoni dwar l-indiċijiet jew ir-rati użati fil-formula, ***eż. il-Euribor jew ir-rata ta' referenza tal-bank ċentrali.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(7)* ***Jekk japplikaw rati tal-imgħax tas-self differenti f'ċirkostanzi differenti, għandha tingħata l-informazzjoni dwar ir-rati kollha applikabbli.***

(***8***) ***L-***'ammont ***totali*** li għandu jiġi rimborżat' ***jikkorrispondi għall-ammont totali pagabbli mill-konsumatur.*** Għandu ***jintwera*** bħala s-somma tal-ammont tal-kreditu u l-ispiża totali tal-kreditu lill-konsumatur. ***Fejn ir-rata tal-imgħax tas-self ma tkunx iffissata għat-tul ta' żmien tal-kuntratt, għandu jkun enfasizzat li dan l-ammont huwa illustattiv li jista' jvarja partikolarment fir-rigward tal-varjazzjoni tar-rata tal-imgħax tas-self.***

(***9***) ***Fejn il-kreditu ser ikun iggarantit b'ipoteka fuq il-proprjetà immobbli jew garanzija oħra paragunabbli jew bi dritt relatat ma' proprjetà immobbli, il-kreditur għandu jiġbed l-attenzjoni tal-konsumatur dwar dan. Fejn applikabbli l-kreditur għandu jindika l-valur preżunt tal-proprjetà immobbli jew ta' garanzija oħra użata biex jitħejja dan il-fuljett ta' informazzjoni.***

*(10)* ***Il-kreditur għandu jindika, fejn applikabbli, jew:***

*a)* 'ammont ***massimu*** ta' self disponibbli b'rabta mal-valur tal-proprjetà'***, li jindika*** r-relazzjoni bejn is-self u l-valur. Din ir-relazzjoni għandha tkun akkumpanjata b'eżempju f'termini assoluti tal-ammont massimu li jista' jittieħed b'self għal valur speċifiku ta' proprjetà***; jew***

*b)* ***il-'valur minimu tal-proprjetà rikjest mill-kreditur biex isellef l-ammont muri'.***

*(11)* ***Meta l-krediti huma krediti b'iktar minn parti waħda (eż. b'mod konkorrenti parti b'rata fissa, parti b'rata varjabbli), dan għandu jiġi rifless fl-indikazzjoni tat-tip ta' kreditu u l-informazzjoni mitluba għandha tingħata għal kull parti mill-kreditu.***

Taqsima '3. Rata tal-imgħax' ***u spejjeż oħra***

*(1)* ***Ir-referenza għal 'rata tal-imgħax' tikkorrispondi għar-rata jew rati tal-imgħax tas-self.***

*(2)* ***Ir-rata tal-imgħax tas-self għandha tiġi espressa bħala valur perċentwali. Fejn ir-rata tal-imgħax tas-self tkun varjabbli u bbażata fuq rata ta' referenza, il-kreditur jista' jindika r-rata tal-imgħax tas-self billi jiddikjara rata ta' referenza u valur perċentwali tal-firxa tal-kreditur. Madankollu, il-kreditur għandu jindika l-valur tar-rata ta' referenza li tkun valida fil-jum tal-ħruġ tal-FEIS.***

***Fejn ir-rata tal-imgħax tas-self hija varjabbli l-informazzjoni għandha tinkludi: (a) is-suppożizzjonijiet użati biex tiġi kkalkulata r-RPAI; (b) fejn rilevanti, il-limiti massimi u l-limiti minimi applikabbli u (c) twissija li l-varjabbiltà tista' taffettwa l-livell effettiv tar-RPAI. Sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-konsumatur id-daqs tat-tipa użata għat-twissija għandu jkun ikbar u għandu jidher b'mod prominenti fit-test tal-FEIS. It-twissija għandha tkun akkumpanjata minn eżempju illustrattiv dwar ir-RPAI. Fejn hemm limitu massimu fuq ir-rata tal-imgħax tas-self, l-eżempju għandu jassumi li r-rata tal-imgħax tas-self togħla mill-aktar fis possibbli għall-ogħla livell previst fil-kuntratt ta' kreditu. Fejn m'hemm l-ebda limitu massimu l-eżempju għandu juri r-RPAI bl-ogħla rata tal-imgħax tas-self f'tal-inqas fl-aħħar 20 sena, jew fejn id-data sottostanti għall-kalkolu tar-rata tal-imgħax tas-self hija disponibbli għal perijodu ta' inqas minn 20 sena, l-itwal perijodu li għalih tkun disponibbli tali data, ibbażata fuq l-ogħla valur ta' kwalunkwe rata ta' referenza esterna użata fil-kalkolu tar-rata tal-imgħax tas-self fejn applikabbli jew l-ogħla valur ta' rata ta' punt ta' riferiment speċifikat minn awtorità kompetenti jew l-ABE fejn il-kreditur ma jużax rata ta' referenza esterna. Tali rekwiżit m'għandux japplika għall-kuntratti ta' kreditu fejn ir-rata tal-imgħax tas-self hija ffissata għal perijodu inizjali materjali ta' diversi snin u mbagħad tista' tiġi ffissata għal perijodu ulterjuri wara negozjati bejn il-kreditur u l-konsumatur. Għal kuntratti ta' kreditu fejn ir-rata tal-imgħax tas-self hija ffissata għal perijodu inizjali materjali ta' diversi snin u mbagħad tista' tiġi ffissata għal perijodu ulterjuri wara negozjati bejn il-kreditur u l-konsumatur, l-informazzjoni għandha tinkludi twissija li r-RPAI hija kkalkulata fuq il-bażi tar-rata tal-imgħax tas-self għall-perijodu inizjali. It-twissija għandha tkun akkumpanjata minn RPAI illustrattiva addizzjonali, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 17(4). Fejn il-krediti huma krediti b'iktar minn parti waħda (eż. b'mod konkorrenti parti b'rata fissa, parti b'rata varjabbli), l-informazzjoni għandha tingħata għal kull parti tal-kreditu.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(3)* ***Fit-taqsima dwar 'komponenti oħrajn tar-RPAI' għandhom jiġu elenkati l-ispejjeż l-oħrajn kollha li qiegħdin fir-RPAI, inklużi spejjeż ta' darba bħal tariffi amministrattivi, u spejjeż regolari bħal tariffi ammininistrattivi annwali. Il-kreditur għandu jelenka kull waħda mill-ispejjeż skont il-kategorija (spejjeż li jitħallsu darba biss, spejjeż li jitħallsu regolarment u inklużi fil-pagamenti akkont, spejjeż li jitħallsu regolarment iżda mhux inklużi fil-pagamenti akkont), b'indikazzjoni tal-ammont tagħhom, lil min ser jitħallsu u meta. Mhux meħtieġ li dan jinkludi l-ispejjeż imġarrba f'każ ta' ksur tal-obbligi tal-kuntratt. Fejn l-ammont ma jkunx magħruf, il-kreditur għandu jagħti indikazzjoni tal-ammont jekk possibbli, u jekk mhux possibbli, ta' kif l-ammont ser jiġi kkalkulat u għandu jispeċifika li l-ammont mogħti huwa biss indikattiv. Fejn ċerti spejjeż ma jkunux inklużi fir-RPAI minħabba l-fatt li ma jkunux magħrufin lill-kreditur, dan għandu jiġi enfasizzat.***

***Fejn il-konsumatur ikun informa lill-kreditur dwar komponent wieħed jew aktar tal-kreditu preferut tiegħu, bħat-tul ta' żmien tal-kuntratt ta' kreditu u l-ammont totali tal-kreditu, il-kreditur għandu, fejn possibbli, juża dawn il-komponenti; jekk kuntratt ta' kreditu jipprevedi modi differenti ta' prelevament b'imposti jew rati tal-imgħax tas-self differenti u l-kreditur juża l-preżunzjonijiet stabbiliti fil-Parti II tal-Anness I, huwa għandu jindika li l-mekkaniżmi ta' prelevament oħrajn għal dan it-tip ta' kuntratt ta' kreditu jistgħu jirriżultaw f'RPAI ogħla. Fejn il-kundizzjonijiet għall-prelevamenti jkunu użati għall-kalkolu tar-RPAI, il-kreditur għandu jenfasizza l-imposti relatati ma' mekkaniżmi ta' prelevament oħrajn li mhux neċessarjament ikunu dawk użati fil-kalkolu tar-RPAI.***

*(4)* ***Fejn tariffa hija pagabbli għal reġistrazzjoni tal-ipoteka jew sigurtà komparabbli, dan għandu jiġi ddivulgat f'din it-taqsima mal-ammont, fejn ikun magħruf, jew fejn dan mhux possibbli l-bażi biex jiġi determinat l-ammont. Fejn it-tariffi huma magħrufa u inklużi fir-RPAI, l-eżistenza u l-ammont tat-tariffa għandhom jiġu elenkati taħt "Spejjeż li għandhom jitħallsu darba biss". Fejn it-tariffi ma jkunux magħrufin mill-kreditur u għalhekk ma jkunux inklużi fir-RPAI l-eżistenza tat-tariffa għandha tissemma b'mod ċar fil-lista tal-ispejjeż li mhumiex magħrufin mill-kreditur. Fiż-żewġ każijiet il-formulazzjoni standardizzata f'Parti A għandha tintuża taħt l-intestatura adatta.***

Taqsima '4. Frekwenza u numru ta' pagamenti'

(1) Fejn il-pagamenti ser ***isiru*** fuq bażi regolari, il-frekwenza tal-pagamenti għandha tkun indikata (eż. kull xahar). Fejn il-frekwenza tal-pagamenti ser tkun irregolari, dan għandu jkun spjegat lill-konsumatur b'mod ċar.

*(2)* In-numru ta' pagamenti indikati għandhom ikopru t-tul ta' żmien kollha tal-kreditu.

Taqsima '5. Ammont ta' kull pagament akkont'

(1) Il-munita tal-kreditu ***u l-munita tal-pagamenti akkont*** għandhom ikunu indikati b'mod ċar.

(2) Fejn l-ammont tal-pagamenti akkont jista' jinbidel matul il-ħajja tal-kreditu, il-kreditur għandu jispeċifika l-perijodu li matulu dak l-ammont tal-pagament akkont inizjali ser ***jibqa' kif inhu*** u meta u b'liema frekwenza ser jinbidel wara.

(3) Meta ***l-kreditu kollu jew parti minnu huwa kreditu abbażi tal-imgħax biss, għandha tiddaħħal fi tmiem din it-taqsima b'mod prominenti dikjarazzjoni li tindika b'mod ċar dak il-fatt bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A.***

***Jekk hemm rekwiżit għall-konsumatur li jieħu prodott tat-tfaddil vinkolat bħala kundizzjoni għall-għoti ta' kreditu abbażi tal-imgħax biss garantit b'ipoteka jew garanzija oħra kumparabbli, l-ammont u l-frekwenza ta' kwalunkwe pagament għal dan il-prodott għandhom jiġu pprovduti.***

*(4)* ***Fejn ir-rata tal-imgħax tas-self tkun varjabbli, l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll dikjarazzjoni li tindika dak il-fatt, bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A u eżempju tal-ammont massimu ta' pagament akkont. Fejn hemm limitu massimu, l-eżempju għandu juri l-ammont tal-pagamenti akkont jekk ir-rata tal-imgħax tas-self tiżdied għal-livell tal-limitu massimu. Fejn m'hemm l-ebda limitu massimu, l-agħar sitwazzjoni possibbli għandha turi l-livell tal-pagamenti akkont bl-ogħla rata tal-imgħax tas-self fl-aħħar 20 sena jew fejn id-data sottostanti għall-kalkolu tar-rata tal-imgħax tas-self hija disponibbli għal perijodu ta' inqas minn 20 sena, l-itwal perijodu li għalih tkun disponibbli tali data, ibbażata fuq l-ogħla valur ta' kwalunkwe rata ta' referenza esterna użata fil-kalkolu tar-rata tal-imgħax tas-self fejn applikabbli jew l-ogħla valur ta' rata ta' punt ta' riferiment speċifikat minn awtorità kompetenti jew l-ABE fejn il-kreditur ma jużax rata ta' referenza esterna. Ir-rekwiżit li wieħed jipprovdi eżempju illustrattiv m'għandux japplika għall-kuntratti ta' kreditu fejn ir-rata tal-imgħax tas-self hija ffissata għal perijodu inizjali materjali ta' diversi snin u mbagħad tista' tiġi ffissata għal perijodu ulterjuri wara negozjati bejn il-kreditur u l-konsumatur. Fejn il-krediti huma krediti b'iktar minn parti waħda (eż. b'mod konkorrenti parti b'rata fissa, parti b'rata varjabbli), l-informazzjoni għandha tingħata għal kull parti tal-kreditu, u bħala total.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(5)* ***(Fejn applikabbli) Fejn il-munita tal-kreditu tkun differenti mill-munita nazzjonali tal-konsumatur jew fejn il-kreditu jkun indiċizzat ma' munita li tkun differenti mill-***munita nazzjonali tal-konsumatur, il-kreditur għandu jinkludi eżempju numeriku li juru b'mod ċar kif bidliet fir-rata tal-kambju rilevanti tista' taffettwa l-ammont ta' pagamenti akkont ***bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A. Dak l-eżempju għandu jkun ibbażat fuq tnaqqis ta' 20 % fil-valur tal-munita nazzjonali tal-konsumatur flimkien ma' dikjarazzjoni prominenti li l-pagamenti akkont jistgħu jiżdiedu b'aktar minn dak l-ammont preżunt f'dak l-eżempju. Fejn ikun hemm limitu massimu li jillimita dik iż-żieda għal inqas minn 20 %, għandu jingħata, minflok, il-valur massimu tal-pagamenti fil-munita tal-konsumatur, u d-dikjarazzjoni dwar il-possibbiltà ta' aktar żidiet għandha titħalla barra.***

***(6) Fejn il-kreditu kollu kemm hu jew parzjalment kreditu b'rata varjabbli u l-punt 3 japplika, l-eżempju fil-punt 5 għandu jingħata fuq il-bażi tal-ammont tal-pagament akkont imsemmi fil-punt 1.***

(*7*) Fejn il-munita użata għall-pagament tal-pagamenti akkont tkun differenti mill-munita tal-kreditu ***jew fejn l-ammont ta' kull pagament akkont imsarraf f'munita nazzjonali tal-konsumatur jiddependi fuq l-ammont li jikkorrispondi f'munita differenti, din it-taqsima għandha tindika d-data li fiha tiġi kkalkulata r-rata tal-kambju applikabbli u jew ir-rata tal-kambju jew il-bażi li tiġi kkalkulata fuqha u l-frekwenza tal-aġġustament tagħhom. Fejn applikabbli tali indikazzjoni*** għandha tinkludi l-isem tal-istituzzjoni li tippubblika r-***rata*** tal-kambju.

***(8) Fejn il-kreditu huwa kreditu b'imgħax differit li bih l-imgħax dovut ma jitħallasx totalment lura bil-pagamenti akkont u jiżdied mal-ammont totali tal-kreditu pendenti, għandu jkun hemm spjegazzjoni dwar: kif u meta l-imgħax differit ser jiżdied mal-kreditu bħala ammont fi flus; u x'inhuma l-implikazzjonijiet għall-konsumatur fir-rigward tad-dejn li jkun fadlilhom***.

Taqsima '7. Tabella tal-ħlas lura indikattiva'

(1) ***Din it-taqsima għandha tiġi inkluża fejn il-kreditu huwa kreditu b'imgħax differit li bih l-imgħax dovut ma jitħallasx totalment bil-pagamenti akkont u jiżdied mal-ammont totali tal-kreditu pendenti jew fejn ir-rata tal-imgħax tas-self hija ffissata għad-durata tal-kuntratt ta' kreditu. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li t-tabella ta' amortizzament indikattiva tkun obbligatorja f'każijiet oħra.***

***Fejn il-konsumatur għandu d-dritt li jirċievi tabella ta' amortizzament riveduta, dan għandu jkun indikat mal-kundizzjonijiet li skonthom il-konsumatur għandu dak id-dritt.***

***(2) L-Istati Membri jistgħu jesiġu li fejn*** ir-***rata*** tal-imgħax tas-self tista' tvarja matul il-***ħajja*** tal-kreditu, il-kreditur għandu jindika, il-perijodu li matulu dik ir-rata tal-imgħax tas-self inizjali ser ***tibqa' kif inhi***.

(3) It-tabella li għandha tkun inkluża f'din it-taqsima għandu jkun fiha l-kolonni li ġejjin: '***skeda*** ta' ħlas lura' ***(eż. xahar 1, xahar 2, xahar 3)***, 'ammont tal-pagament akkont', 'imgħax li għandu jitħallas f'kull pagament akkont', 'spejjeż oħrajn inklużi fil-pagament akkont' (fejn rilevanti), 'kapital imħallas f'kull pagament akkont' u 'kapital dovut wara kull pagament akkont'.

(4) Għall-ewwel sena tal-ħlas lura l-informazzjoni għandha tingħata għal kull pagament akkont u għandu jkun indikat subtotal għal kull kolonna fl-aħħar ta' dik l-ewwel sena. Għas-snin ta' wara, l-informazzjoni tista' tingħata fuq bażi annwali. Fl-aħħar tat-tabella għandha tiżdied ringiela tat-total globali li għandha tagħti l-ammonti totali għal kull kolonna. L-***ispiża*** totali ***tal-kreditu*** mħallsa mill-konsumatur (jiġifieri s-somma globali tal-kolonna tal-'ammont tal-pagament akkont') għandu jkun enfasizzat b'mod ċar u ppreżentat bħala tali.

(5) Fejn ir-rata tal-imgħax tas-self tkun soġġetta għal reviżjoni u l-ammont tal-pagament akkont wara kull reviżjoni ma jkunx magħruf, il-kreditur jista' jindika fit-tabella ta' amortizzament l-istess ammont ta' pagament akkont għat-tul ta' żmien kollha tal-kreditu. F'dan il-każ, il-kreditur għandu jiġbed l-attenzjoni tal-konsumatur għal dan il-fatt billi jagħmel differenzjazzjoni viżiva bejn l-ammonti li huma magħrufin u dawk li huma ipotetiċi (eż. billi juża tipa differenti, borduri jew sfumaturi). Barra minn dan, test leġibbli b'mod ċar għandu jispjega għal liema perjodi l-ammonti rappreżentati fit-tabella jistgħu jvarjaw u għalfejn.

Taqsima '8. Obbligi addizzjonali'

(1) F'din it-taqsima l-kreditur għandu jirreferi għall-obbligi bħal l-***obbligu*** li l-proprjetà immobbli tkun assigurata, li assigurazzjoni tal-ħajja tinxtara***, li jkun hemm salarju li jitħallas f'kont mal-kreditur*** jew li jinxtara kwalunkwe prodott jew servizz ieħor. Għal kull obbligu, il-kreditu għandu jispeċifika lejn min u sa meta jrid ikun issodisfat l-obbligu.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

(2) Il-kreditur għandu ***jispeċifika t-tul ta' żmien tal-obbligu, eż. sa tmiem il-kuntratt ta' kreditu. Il-kreditur għandu jispeċifika għal kull obbligu kwalunkwe spiża li għandha titħallas mill-konsumatur, li mhijiex inkluża fir-RPAI.***

***(3) Il-kreditur għandu jiddikjara jekk hux obbligatorju li l-konsumatur jieħu xi servizz anċillari biex jikseb il-kreditu bit-termini ddikjarati, u jekk ikun il-każ, jekk il-konsumatur hux obbligat li jixtrihom mill-fornitur preferut tal-kreditur jew jekk ikunux jistgħu jinxtraw minn fornitur tal-għażla tal-konsumatur. Fejn din il-possibbiltà tkun bil-kundizzjoni li s-servizzi anċillari jissodisfaw ċerti karatteristiċi minimi, dawn il-karatteristiċi għandhom jiġu diskritti f'din it-taqsima.***

***Fejn il-kuntratt ta' kreditu ikun abbinat (bundled) ma' prodotti oħra l-kreditur għandu jiddikjara l-karatteristiċi ewlenin ta' dawk il-prodotti l-oħra u jiddikjara b'mod ċar jekk il-konsumatur għandux dritt jittermina l-ftehim tal-kreditu jew il-prodotti abbinati separatament, il-kundizzjonijiet biex jagħmel dan, u, f'każ li jieħu din l-azzjoni, l-implikazzjonijiet tagħha, u, fejn applikabbli, il-konsegwenzi possibbli għat-terminazzjoni tas-servizzi anċillari meħtieġa fir-rigward tal-kuntratt ta' kreditu.***

Taqsima '9. Ħlas lura antiċipat'

(1) ***Il***-kreditur għandu jindika taħt liema kundizzjonijiet, jekk ikun hemm, il-konsumatur jista' ***jħallas lura l-kreditu kmieni, kollu kemm hu jew parzjalment***.

(2) ***Fit-taqsima dwar imposti f'każ ta' terminazzjoni*** l-kreditur għandu jiġbed l-***attenzjoni*** tal-kreditur ***għal kwalunkwe imposta f'każ ta' terminazzjoni jew spejjeż oħra pagabbli fuq ħlas lura antiċipat sabiex il-kreditur jiġi kkumpensat u fejn possibbli jiġi indikat l-***ammont ***tagħhom.*** Fil-każijiet fejn l-ammont tal-***kumpens*** ikun jiddependi fuq fatturi differenti, bħall-ammont imħallas lura jew ir-rata tal-imgħax prevalenti li tapplika fil-mument tal-ħlas lura antiċipat, il-kreditur għandu jindika kif il-***kumpens ser jiġi kkalkolat u jiġi pprovdut l-ammont massimu potenzjali tal-imposta, jew fejn mhux possibbli, eżempju illustrattiv*** juri lill-konsumatur l-livell tal-imposta tal-***kumpens*** skont xenarji possibbli differenti.

*Taqsima '10. Karatteristiċi flessibbli*

***(1) Fejn applikabbli, il-kreditur għandu jispjega l-possibbiltà ta' trasferiment u l-kundizzjonijiet għat-trasferiment tal-kreditu lil kreditur jew proprjetà immobbli oħra.***

***(2) (Fejn adatt) Karatteristiċi addizzjonali: Fejn il-prodott ikun fih xi karatteristika minn dawk elenkati fil-punt 5, din it-taqsima għandha telenka dawn il-karatteristiċi u tipprovdi spjegazzjoni qasira ta': iċ-ċirkostanzi li fihom il-konsumatur jista' juża dik il-karatteristika; kwalunkwe kundizzjoni marbuta mal-karatteristika; jekk il-fatt li l-karatteristika tkun parti mill-kreditu garantit permezz ta' ipoteka jew garanzija kumparabbli jfissirx li l-konsumatur jitlef kwalunkwe protezzjoni statutorja jew ta' xi tip ieħor normalment assoċjata mal-karatteristika; u l-intrapriża li tipprovdi l-karatteristika (jekk mhix il-kreditur).***

***(3) Jekk il-karatteristika jkun fiha kwalunkwe kreditu addizzjonali, allura din it-taqsima għandha tispjega lill-konsumatur: l-ammont totali tal-kreditu (inkluż il-kreditu garantit permezz tal-ipoteka jew garanzija komparabbli); jekk il-kreditu addizzjonali huwiex iggarantit jew le; ir-rati tal-imgħax tas-self rilevanti; u jekk il-karatteristika hix regolata jew le. Tali ammont ta' kreditu addizzjonali għandu jew jiġi inkluż fil-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja oriġinali jew, jekk le, din it-taqsima għandha tagħmilha ċara li d-disponibbiltà tal-ammont addizzjonali huwa dipendenti fuq valutazzjoni ulterjuri tal-kapaċità tal-konsumatur li jħallas lura.***

***(4) Jekk il-karatteristika tinvolvi strument tat-tfaddil, ir-rata tal-imgħax rilevanti għandha tiġi spjegata.***

***(5) Il-karatteristiċi addizzjonali possibbli huma: 'Pagamenti żejda/Pagamenti nieqsa' [meta l-pagament akkont ikun aktar jew inqas milli jkun rikjest bħala regola bl-istruttura tal-amortizzament]; 'Pagamenti differiti' [perijodi fejn il-konsumatur mhux meħtieġ jagħmel pagamenti]; 'Self mill-ġdid' [possibbiltà għall-konsumatur li jerġa' jissellef fondi diġà prelevati u mħallsa lura]; 'Self addizzjonali disponibbli mingħajr approvazzjoni ulterjuri'; 'Self addizzjonali ggarantit jew mhux iggarantit' [f'konformità mal-punt 3 hawn fuq]; 'Karta tal-kreditu'; 'Kont kurrenti marbut'; u "Kont tat-tfaddil marbut".***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(6)* ***Il-kreditur jista' jinkludi kwalunkwe karatteristika oħra offruta mill-kreditur bħala parti mill-kuntratt tal-kreditu li mhux imsemmi fit-taqsimiet preċedenti***.

Taqsima '11. ***Drittijiet oħrajn*** ta***l-mutwatarju***

(1) ***Il-kreditur għandu jiċċara d-***dritt***(ijiet)*** ta' ***eż.*** rexissjoni ***jew riflessjoni u fejn applikabbli drittijiet oħra bħal, portabbiltà (inkluż surroga) li jeżistu,*** jispeċifika l-kundizzjonijiet li għalihom dan/***dawn*** id-dritt***(ijiet)*** huma soġġetti, il-proċedura li l-konsumatur jeħtieġ li jsegwi għall-eżerċizzju ta' dan/***dawn*** id-dritt***(ijiet)***, fost l-oħrajn, l-indirizz fejn ***għandha*** tintbagħat in-notifika ta' rexissjoni, u t-tariffi korrispondenti (fejn applikabbli).

(2) ***Fejn japplika perijodu ta' riflessjoni jew dritt ta' rexissjoni għall-konsumatur dan għandu jissemma b'mod ċar.***

***(3)*** Konformement mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/65/KE, fejn it-tranżazzjoni tiġi offruta b'distanza, il-konsumatur għandu jiġi infurmat bl-eżistenza jew in-nuqqas tad-dritt ta' rexissjoni.

Taqsima "12. ***Ilmenti***"

***(1) Din it-Taqsima għandha tindika l-punt ta' kuntatt intern [isem tad-dipartiment rilevanti] u mezz biex tikkuntattjahom biex tilmenta [Indirizz ġeografiku] jew [Numru tat-telefon] jew [Persuna ta' kuntatt]: [dettalji ta' kuntatt] u link għall-proċedura tal-ilmenti fil-paġna rilevanti tas-sit web jew sors ta' informazzjoni simili.***

***(2) Għandha tindika l-isem tal-korp estern rilevanti għal ilmenti u rimedji extraġudizzjarji u fejn l-użu tal-proċedura interna tal-ilment hija prekundizzjoni għall-aċċess għal dak il-korp, tindika dak il-fatt billi tuża l-formulazzjoni fil-Parti A.***

***(3) Fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu b'konsumatur li huwa residenti fi Stat Membru ieħor, il-kreditur għandu jirreferi għall-eżistenza ta' FIN-NET (http://ec.europa.eu/internal_market/fin-net/).***

Taqsima '13.

Nuqqas ta' konformità mal-impenji marbutin mal-kreditu:

konsegwenzi għall-mutwatarju'

(1) Fejn in-nuqqas ta' osservanza ta' xi obbligu tal-konsumatur marbut mal-kreditu jista' jkollu konsegwenzi finanzjarji jew legali għall-konsumatur, f'din it-taqsima l-kreditur għandu jiddeskrivi l-każijiet ***prinċipali*** differenti (eż. pagamenti tard/inadempjenza, nuqqas li jiġu rispettati l-obbligi stipulati fit-Taqsima 7 'Obbligi addizzjonali***') u għandu jindika fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni***.

(2) Għal kull wieħed minn dawn il-każijiet, il-kreditur għandu jispeċifika, f'termini komprensibbli ***faċilment***, il-penalitajiet jew il-konsegwenzi li jistgħu joħolqu. ***Għandha*** tiġi enfasizzata r-referenza għall-konsegwenzi serji.

***(3) Fejn il-proprjetà immobbli użata biex tiggarantixxi tal-kreditu tista' tingħata lura jew tiġi trasferita lill-kreditur, jekk il-konsumatur ma jikkonformax mal-obbligi, din it-taqsima għandha tinkludi dikjarazzjoni li tindika dak il-fatt, bl-użu tal-formulazzjoni fil-Parti A.***

Taqsima '**14**. Informazzjoni addizzjonali

***(1) Fi***l-każ ta' kummerċjalizzazzjoni b'distanza, din it-taqsima ser tinkludi ***kwalunkwe*** klawżola li tistipula l-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' kreditu jew il-qorti kompetenti.

***(2) Fejn il-kreditur ikollu l-intenzjoni jikkomunika mal-konsumatur matul it-terminu tal-kuntratt b'lingwa differenti mil-lingwa tal-FEIS, dan il-fatt għandu jkun inkluż u l-lingwa ta' komunikazzjoni msemmija. Dan hu mingħajr preġudizzju għall-punt (g) tal-punt 3 tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/65/KE.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

*(3) Il-kreditur jew l-intermedjarju tal-kreditu għandu jiddikjara d-dritt tal-konsumatur li jiġi pprovdut jew offrut, kif applikabbli, kopja tal-abbozz ta' kuntratt ta' kreditu tal-inqas ladarba li tkun saret offerta li torbot lill-kreditur.*

Taqsima '***15. Superviżur***

*(1) L-awtorità jew awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tal-istadju prekuntrattwali tas-self għandhom jiġu indikati.*

---

*ANNESS III*

*Rekwiżiti minimi ta' konoxxenza u kompetenza*

*1. Ir-rekwiżiti minimi ta' konoxxenza u kompetenza għall-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u persunal tar-rappreżentanti maħturin imsemmija fl-Artikolu 6 u għall-persuni involuti fil-ġestjoni tal-intermedjarji tal-kreditu jew ir-rappreżentanti maħturin imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 19(1a) u l-Artikolu 19b(2) jeħtieġ li mill-inqas jinkludu:*

*(a) konoxxenza adatta tal-prodotti tal-kreditu fl-ambitu tal-Artikolu 2 u s-servizzi anċillari offruti tipikament magħhom;*

*(b) konoxxenza xierqa tal-liġijiet relatati mal-kuntratti tal-kreditu għall-konsumaturi, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-konsumatur;*

*(c) konoxxenza u għarfien adatti tal-proċess tax-xiri ta' proprjetà immobbli;*

*(d) konoxxenza adatta tal-valutazzjoni ta' garanziji;*

*(e) konoxxenza adatta tal-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' reġistri tal-artijiet;*

*(f) konoxxenza adatta tas-suq fl-Istat Membru rilevanti;*

*(g) konoxxenza adatta tal-istandards tal-etika kummerċjali;*

*(h) konoxxenza adatta tal-proċess ta' valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jew fejn applikabbli, kompetenza fil-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumaturi;*

*(i) livell adatt ta' kompetenza finanzjarja u ekonomika.*

*2. Meta jistabbilixxu rekwiżiti minimi ta' konoxxenza u kompetenza, l-Istati Membri jistgħu jiddifferenzjaw bejn livelli u tipi ta' rekwiżiti applikabbli għall-persunal tal-krudituri, il-persunal tal-intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentanti maħturin u l-ġestjoni tal-intermedjarji tal-kreditu jew rappreżentanti maħturin.*

*3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw li l-livell xieraq ta' konoxxenza u kompetenza fuq il-bażi ta':*

*(a) kwalifiki professjonali, eż. diplomi, lawrji, taħriġ, testijiet ta' kompetenza; jew*

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***(b)*** ***esperjenza professjonali, li tista' tiġi ddefinita bħala numru minimu ta' snin ta' xogħol f'oqsma relatati mal-oriġinazzjoni, id-distribuzzjoni u l-intermedjazzjoni ta' prodotti ta' kreditu.***

***Wara …*** (*)***, id-determinazzjoni tal-livell xieraq ta' konoxxenza u kompetenza m'għandhomx ikunu bbażati biss fuq il-metodi elenkati fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu.***

---

P7_TA(2013)0342

## L-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (l-abbuż tas-suq) ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (l-abbuż tas-suq) (COM(2011)0651 – C7-0360/2011 – 2011/0295(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/36)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0651) u l-proposta emendata tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0421),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0360/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-22 ta' Marzu 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tas-26 ta' Ġunju 2013 biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294 (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0347/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

(*) ***Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***
([1]) ĠU C 161, 7.6.2012, p. 3.
([2]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 64.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

**P7_TC1-COD(2011)0295**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq (regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li tħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u u tal-Kunsill tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 596/2014.)*

---

P7_TA(2013)0343

## Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound. (COM(2012)0591 – C7-0332/2012 – 2012/0285(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/37)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0591),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0332/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0259/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 44, 15.2.2013, p. 157.

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

## P7_TC1-COD(2012)0285

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 ([3]) jagħti setgħat lill-Kummissjoni sabiex timplimenta wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

(2) B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, jeħtieġ li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2187/2005 jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(3) Is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2187/2005 fir-rigward ta' miżuri meħuda mill-Istati Membri li japplikaw biss għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom.

(4) Is-setgħat għall-adozzjoni ta' regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2187/2005 ma għadhomx meħtieġa. Għalhekk id-dispożizzjonijiet li jagħtu dawk is-setgħat għandhom jitħassru.

(5) Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu ddelegati lill-Kummissjoni biex temenda regoli dwar il-kostruzzjoni ta' ċerti rkapti. Emendi bħal dawn għandhom jirriflettu t-tibdil li qed iseħħ fil-mudelli ta' selettività tas-sajd, għarfien teknoloġiku ġdid dwar materjali għall-kostruzzjoni jew tibdil fl-immuntar tal-irkaptu li jista' jtejjeb is-selettività tal-irkaptu.

(6) Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha għall-adozzjoni tal-atti ddelegati, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(7) Ir-Regolment (KE) Nru 2187/2005 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

([1]) ĠU C 44, 15.2.2013, p. 157.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013.
([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis- Sound, **li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1434/98 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 88/98** (ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1).

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2187/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 26, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, hija għandha tadotta ~~deċiżjoni~~ ***att*** ta' implimentazzjoni li jirrikjedi li l-Istat Membru jirtira jew jimmodifika l-miżuri." **[Em. 1]**

(2) L-Artikolu 28 huwa mħassar.

(3) L-Artikolu 29 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 29

Emendi għall-Appendiċi 1 u 2 tal-Anness II

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 29a biex temenda jew tissupplimenta l-Appendiċi 1 u 2 tal-Anness II billi tadatta l-ispeċifikazzjonijiet tal-irkaptu għal:

(a) tibdil fis-selettività;

(b) titjieb fl-għarfien tekniku dwar materjali ġodda għall-kostruzzjoni tal-irkaptu;

(c) tibdil fl-immuntar li jtejjeb is-selettività tal-irkaptu."

(4) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 29a li ġej:

"Artikolu 29a

Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati tingħata lill-Kummissjoni, suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. ~~Id-delega tas-setgħat~~ ***Is-setgħa li tadotta atti delegati*** imsemmija fl-Artikolu 29 għandha tingħata għal perjodu ta' ~~indeterminat ta' żmien.~~ ***tliet snin minn*** … (*). ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega ta' setgħa sa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' tliet snin. Id-delega tas-setgħa għandha tkun estiża taċitament għal perjodi ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** **[Em. 2]**

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 29 tista' tiġi rrevokata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'kull ħin. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fid-Deċiżjoni msemmija. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif il-Kummissjoni tadotta att iddelegat, għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat addottat skont l-Artikolu 29 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn mindu tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(*) ***Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**It-Tlieta 10 ta' Settembru 2013**

***(4a) Jiżdied l-Artikolu li ġej:***

***"Artikolu 31a***

***Valutazzjoni u rieżami ġenerali***

***Sa …*** (*)***, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tal-effettività tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, u fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex dan ir-Regolament jiġi emendat biex tkun żgurata kompatibilità mar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** [1]

**[Em. 3]**

(1) ***Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- … dwar il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L …).*** (**)"

(*) ***Sena wara d-dħul fis-seħħ ta' Regolament (UE) Nru …/2013 [dwar il-Politika Komuni dwar is-Sajd] (ara d-dokument 2011/0195(COD)).***

(**) ***Referenza għad-dokument fi 2011/0195(COD).***

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

P7_TA(2013)0349

# Ħatra ta' Luigi Berlinguer fil-panel imwaqqaf skont l-Artikolu 255 tat-TFUE

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2013 dwar il-Ħatra ta' Luigi Berlinguer fil-panel imwaqqaf skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea 2013/2161(INS))**

(2016/C 093/38)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-tieni paragrafu tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 107a tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Luigi Berlinguer jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 255 TFUE;

1. Jipproponi li Luigi Berlinguer jinħatar fil-panel;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

P7_TA(2013)0352

## Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013 – Żieda fil-previżjonijiet li jikkonċernaw dħul ieħor li joriġina minn multi u penali – Żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni (11693/2013 – C7-0245/2013 – 2013/2056(BUD))**

(2016/C 093/39)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]),

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, adottat b'mod definittiv fit-12 ta' Diċembru 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet konġunti dwar il-pagamenti għall-2012 u l-2013, iffirmati mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni f'Diċembru 2012,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod ([3]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ([4]),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013, li ġie ppreżentat mill-Kummissjoni fis-27 ta' Marzu 2013 (COM(2013)0183),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013 adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Lulju 2013 (11693/2013 – C7-0245/2013),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2013 dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7-8 ta' Frar dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-ftehim politiku rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 ([6]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0287/2013),

A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013 għall-baġit ġenerali tal-2013 jipproponi ż-żieda kemm tal-previżjoni tad-dħul li ġej minn multi u penali b'EUR 290 miljun u kemm tal-approprjazzjonijiet ta' pagament b'EUR 11,2 biljun ( 11 200 million) fl-intestaturi 1a, 1b, 2, 3a, 3b u 4 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFM), bil-għan li jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' pagament sal-aħħar tas-sena billi jiġu koperti l-obbligi li ġejjin minn impenji fil-passat u dawk attwali;

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 66, 8.3.2013.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2013)0078.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2013)0304.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

B. billi l-ammont totali ta' talbiet għal pagament pendenti fl-aħħar tal-2012 għall-politika ta' koeżjoni (2007-2013), bl-ammont ta' EUR 16,2 biljun, kellu jiġu riportat għall-2013, u konsegwentement tnaqqas il-livell ta' pagamenti disponibbli fil-baġit 2013 biex ikunu koperti l-ħtiġijiet għal pagament ta' din is-sena;

C. billi l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom permezz ta' dikjarazzjoni konġunta f'Diċembru 2012 li jkopru t-talbiet kollha għal pagament mhux imħallsa għall-2012 permezz ta' baġit emendatorju f'fażi inizjali fl-2013;

D. billi l-ftehim politiku li ntlaħaq fl-ogħla livell politiku fis-27 ta' Ġunju 2013 bejn il-Parlament, il-Presidenza tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-QFP għall-perjodu 2014-2020, inkluda impenn politiku min-naħa tal-Kunsill sabiex jieħu l-passi kollha neċessarji biex ikun żgurat li l-obbligi tal-UE għall-2013 jiġu ssodisfati bis-sħiħ, jadotta formalment l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013 għal EUR 7,3 biljun, kif ukoll jadotta mingħajr dewmien abbozz ta' baġit emendatorju ulterjuri li għandu jiġi propost mill-Kummissjoni fil-bidu tal-ħarifa biex jiġi evitat kwalunkwe defiċit f'approprjazzjonijiet ta' pagament ġustifikati;

E. billi l-Kunsill adotta formalment il-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013 fid-9 ta' Lulju 2013 għal ammont ta' EUR 7,3 biljun li se jkopri ħtiġijiet ta' pagament pendenti fl-intestaturi 1a, 1b, 2, 3a, 3b u 4;

F. billi l-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013 jorbot l-adozzjoni min-naħa tal-Kunsill tal-abbozz ta' baġit emendatorju ulterjuri fil-bidu tal-ħarifa mal-adozzjoni tar-Regolament QFP jew il-Baġit 2014;

1. Jieħu nota tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013 kif preżentat mill-Kummissjoni u l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar dan, li hija konsistenti mal-ftehim politiku li ntlaħaq matul in-negozjati dwar il-QFP 2014-2020;

2. Jifhem li ż-żieda globali ta' EUR 11,2 biljun oriġinarjament kienet proposta mill-Kummissjoni għal dan il-livell bil-ħsieb li ma jitqajjimx dubju dwar il-limitu massimu ta' pagament tal-QFP 2013 u għaldaqstant, tiġi evitata reviżjoni tal-QFP attwali; jibża' madankollu, li dan jista' ma jkunx biżżejjed biex ikopri t-talbiet kollha ta' pagament imressqa sal-aħħar tal-2013; ifakkar b'mod partikolari, li l-maġġoranza tal-fatturi taħt l-intestatura 1b tradizzjonalment jitressqu mill-Istati Membri lejn l-aħħar ta' kull sena finanzjarja bil-ħsieb li jiġu evitati diżimpenji possibbli minħabba l-applikazzjoni tar-regoli N+2 u N+3;

3. Jenfasizza li d-dikjarazzjonijiet konġunti ta' Diċembru 2012 kienu jikkostitwixxu parti importanti tal-ftehim dwar il-Baġit 2013, u jirrappreżentaw impenn formali min-naħa tat-tliet istituzzjonijiet li għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ bħala turija ta' fiduċja reċiproka u kooperazzjoni leali; jifhem madankollu r-restrizzjonijiet finanzjarji li huma suġġetti għalihom l-Istati Membri u jaċċetta għalhekk li l-ħtiġijiet pendenti għal pagamenti sal-aħħar tal-2013 (EUR 11,2 biljun kif stmat mill-Kummissjoni) ikunu koperti f'żewġ passi konsekuttivi;

4. Ifakkar lill-Kunsill fl-impenn formali li għamel bħala parti mill-ftehim politiku dwar il-QFP 2014-2020 fuq talba espliċita tal-Parlament biex tkun żgurata wkoll kopertura għat-tieni segment ta' pagamenti pendenti li se tiggarantixxi li tissolva l-kwistjoni dwar is-saldu tal-pagamenti qabel ma jibda l-perjodu tal-QFP il-ġdid; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta fil-bidu tal-ħarifa abbozz ta' baġit emendatorju ulterjuri dedikat esklużivament għal din il-kwistjoni;

5. Itenni l-pożizzjoni tiegħu kif stabbilita fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-ftehim politiku rigward il-QFP 2014-2020, li l-Parlament mhux se jagħti l-kunsens tiegħu għar-Regolament QFP jew jadotta l-Baġit 2014 qabel ma dan il-baġit emendatorju ġdid li jkopri d-defiċit tal-2013 li fadal fil-pagamenti kif identifikat mill-Kummissjoni, ikun ġie adottat bis-sħiħ mill-Kunsill;

6. Iqis l-ammont ta' EUR 11,2 biljun bħala l-minimu assolut biex jiġu koperti l-ħtiġijiet reali sal-aħħar tal-2013; jistieden lit-tliet istituzzjonijiet jippreżentaw soluzzjoni konkreta u vinkolanti, fil-każ li t-tisħiħ propost fiż-żewġ segments tal-ABE 2/2013 ma jkunux biżżejjed u ma jevitawx bis-sħiħ kull ċaqliq fil-pagamenti lejn il-QFP li jmiss;

7. Iqis lill-Kummissjoni bħala l-unika istituzzjoni li tista’ tipprovdi lill-awtorità baġitarja b’data preċiża dwar il-ħtiġijiet mistennija ta’ pagament ibbażati fuq it-talbiet tal-Istati Membri mis-sena N u l-estimi tagħhom għas-sena N+1; jindika li l-Kunsill huwa nieqes minn kull bażi oġġettiva sabiex jitfa’ f’dubju ċ-ċifri ppreżentati mill-Kummissjoni, li huma bbażati fuq l-aggregazzjoni tad-data mis-27 Stat Membru; ifakkar li kull Stat Membru huwa responsabbli biss għad-data proprja tiegħu, li għalhekk huma l-uniċi ċifri li jista’ jikkontesta;

8. Ifakkar li l-adozzjoni tal-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 3/2013 se tnaqqas is-sehem tal-kontribuzzjoni tal-ING mill-Istati Membri lill-baġit tal-Unjoni u għalhekk parzjalment tikkumpensa l-kontribuzzjoni tagħhom lill-baġit emendatorju Nru 2/2013; jelenka għalhekk li ż-żewġ dossiers huma suġġetti għal kalendarju komuni għall-adozzjoni, billi huma marbutin strettament mil-lat politiku;

9. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 2/2013;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiddikjara li l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 2/2013 ġie adottat b’mod definittiv u jiżgura li jiġi ppubblikat f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

P7_TA(2013)0353

## Abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 3/2013 – L-eċċess li jirriżulta mill-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2012

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 3/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni (11694/2013 – C7-0246/2013 – 2013/2070(BUD))

(2016/C 093/40)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [1], u partikolarment Artikolu 18 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, kif adottat b’mod definittiv fit-12 ta’ Diċembru 2012 [2],

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod [3],

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta’ Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej [4],

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta’ Baġit Emendatorju Nru 3/2013, li ġie ppreżentant mill-Kummissjoni fil-15 ta’ April 2013 (COM(2013)0224),

---

[1] ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
[2] ĠU L 66, 8.3.2013.
[3] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[4] ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-Abbozz ta’ Baġit Emendatorju Nru 3/2013 li l-Kunsill adotta fid-9 ta’ Lulju 2013 (11694/2013 – C7-0246/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0284/2013),

A. billi l-Abbozz ta’ Baġit Emendatorju Nru 3/2013 jimmira li jdaħħal fil-baġit 2013 il-bilanċ pożittiv mis-sena finanzjarja 2012, li jammonta għal EUR 1 023,3 miljun,

B. billi l-komponenti ewlenin ta’ dan il-bilanċ pożittiv huma s-sottoeżekuzzjoni fin-nefqa ta’ EUR 224,3 miljun, l-eżitu tal-baġit pożittiv fuq l-introjtu ta’ aktar minn EUR 719,1 miljun, u d-differenza pożittiva tar-rata tal-kambju ta’ EUR 59,9 miljun,

C. billi fuq in-naħa tad-dħul iż-żieda tiġi primarjament minn rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet marbuta ma’ ftehimiet u programmi tal-Unjoni (EUR 350 miljun), minn żieda ta’ riżorsi proprji miġbura realment meta mqabbla ma’ dawk ibbaġitjati (EUR 231 miljun) u minn multi u interessi fuq pagamenti tard (EUR 159 miljun),

D. billi s-sottoeżekuzzjoni fin-nefqa tammonta għal EUR 244 miljun, li minnhom EUR 168 miljun hija approprjazzjonijiet tal-baġit 2012 u EUR 76 miljun hija minn riporti mhux użati tal-2011,

1. Jieħu nota li l-Abbozz ta’ Baġit Emendatorju Nru 3/2013, li huwa maħsub biss għall-ibbaġitjar tal-bilanċ pożittiv tal-2012, għal ammont ta’ EUR 1 023,3 miljun, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju u l-pożizzjoni tal-Kunsill;

2. Ifakkar li l-adozzjoni ta’ dan l-Abbozz ta’ Baġit Emendatorju se tnaqqas is-sehem tal-kontribuzzjoni tal-ING mill-Istati Membri lill-baġit tal-Unjoni u għalhekk parzjalment ser tikkumpensa l-kontribuzzjoni tagħhom għall-finanzjament tal-Baġit Emendatorju Nru 2/2013; jenfasizza għaldaqstant li ż-żewġ dossiers ikunu suġġetti għal kalendarju komuni għall-adozzjoni, billi huma marbutin strettament ma’ xulxin mill-perspettiva politika;

3. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta’ baġit ta’ emenda Nru 3/2013;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiddikjara li l-Abbozz ta’ Baġit Emendatorju Nru 3/2013 ġie adottat b’mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f’Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

P7_TA(2013)0355

## Mobilizzazzjoni tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: għargħar fis-Slovenja, il-Kroazja u l-Awstrija fil-ħarifa 2012

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, b’konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2013)0259 – C7-0116/2013 – 2013/2085 (BUD))**

(2016/C 093/41)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0259 – C7-0116/2013),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]), u b'mod partikolari l-punt 26 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008 dwar il-Fond ta' Solidarjetà,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0283/2013),

1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni 2013/714/UE.)*

---

P7_TA(2013)0356

## Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2013 – Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà wara l-għargħar fis-Slovenja, fil-Kroazja u fl-Awstrija fl-2012

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni (11697/2013 – C7-0248/2013 – 2013/2086(BUD))

(2016/C 093/42)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,

---

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]),

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, kif adottat b'mod definittiv fit-12 ta' Diċembru 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod ([3]), u b'mod partikolari l-punt 26 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2013 li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali, biex iqisu l-ħtiġijiet ta' nfiq li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, adottat mill-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju 2013 (COM(2013)0258),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2013 adottata mill-Kunsill fid-15 ta' Lulju 2013 (11697/2013] – C7-0248/2013]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0286/2013),

A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2013 huwa relatat mal-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (EUSF) għal ammont ta' EUR 14 607 942 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u pagament fir-rigward tax-xita qawwija u d-diżastru tal-għargħar li rriżulta u li laqgħat is-Slovenja, il-Kroazja u l-Awstrija fil-ħarifa tal-2012;

B. billi l-għan tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2013 huwa li dan l-aġġustament baġitarju jiddaħħal b'mod formali fil-baġit tal-2013;

1. Jieħu nota tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2013 kif ippreżentat mill-Kummissjoni u tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwaru;

2. Jenfasizza l-urġenza li l-għajnuna finanzjarja tiġi rilaxxata permezz tal-EUSF lil dawk il-pajjiżi milquta minn dan id-diżastru naturali; jiddispjaċih li għal darb'oħra l-Kunsill ħa d-deċiżjoni li ma jnaqqasx għal raġunijiet ta' urġenza, kif previst b'mod espliċitu mill-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 tat-Trattat, it-tmien ġimgħat għall-informazzjoni tal-parlamenti nazzjonali, qabel adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar dan il-baġit emendatorju;

3. Jilqa' l-pożizzjoni tal-Kunsill li tikkonferma l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi, u b'hekk tiżgura li l-baġit emendatorju Nru 5/2013 jkun kopert minn approprjazzjonijiet ġodda; jemfasizza l-fatt li n-nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2013, li wassal għall-preżentazzjoni tal-ABE 2/2013, eskluda a priori li r-riżorsi għall-baġit emendatorju Nru 5/2013 jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' riallokazzjoni;

4. Japprova għalhekk il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2013;

(1) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
(2) ĠU L 66, 8.3.2013.
(3) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
(4) ĠU L 209, 3.8.2013, p. 14.

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 5/2013 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

P7_TA(2013)0357

## Id-direttiva dwar il-kwalità tal-karburanti u d-direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (COM(2012) 0595 – C7-0337/2012 – 2012/0288(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/43)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0595),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 192(1) u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0337/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' April 2013 ([1]),

— wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0279/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li jidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ieħor;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 198, 10.7.2013, p. 56.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

## P7_TC1-COD(2012)0288

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 114 tiegħu b'rabta mal-Artikolu 1(2) sa 1(9) u mal-Artikolu 2(5) sa 2(7) ta' din id-Direttiva,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jeżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli ta' enerġija f'kull għamla ta' trasport fl-2020 ikun mill-anqas ta' 10 % tal-konsum tal-enerġija finali tagħhom. It-taħlita ta' bijokarburanti hija waħda mill-metodi disponibbli għall-Istati Membri biex jilħqu din il-mira, u hija mistennija li tkun kontributriċi ewlenija. ***Metodi oħrajn disponibbli biex jilħqu l-mira huma t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, li huwa imperattiv peress li huwa probabbli li jsir dejjem aktar diffiċli li tintlaħaq b'mod sostenibbli mira perċentwali obbligatorja għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli jekk id-domanda globali għall-enerġija għat-trasport tkompli tiżdied, u l-użu tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli.*** **[Em. 123]**

(2) Fid-dawl tal-objettivi tal-Unjoni li jkun hemm tnaqqis ulterjuri fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u minħabba l-kontribuzzjoni sinifikanti li l-karburanti fit-trasport stradali jagħtu lil dawk l-emissjonijiet, l-Artikolu 7a(2) tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jeżiġi li fornituri ta' karburanti jnaqqsu mill-anqas b'6 % sal-31 ta' Diċembru 2020 emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għal kull unità ta' enerġija ("intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra") prodotti tul ċiklu tal-ħajja tal-karburanti użati fl-Unjoni minn vetturi tat-triq, makkinarju mobbli mhux tat-triq, trakters agrikoli u forestali u inġenji ta' rikreazzjoni meta ma jkunux fuq il-baħar. It-taħlita ta' bijokarburanti ~~hija waħda~~ ***b'emissjonijiet baxxi jew żero ta' gassijiet b'effett ta' serra u karburanti oħra miksubin minn gass ta' skart li ma jistax jiġi evitat li juża l-qbid tal-karbonju u l-użu għal finijiet ta' trasport huma wħud*** mill-metodi disponibbli għal fornituri ta' karburanti fossili biex inaqqsu l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti fossili fornuti. **[Em. 2]**

(3) L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28/KE jistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà li l-bijokarburanti u l-bijolikwidi jeħtiġilhom ikunu konformi magħhom biex jingħaddu mal-miri tad-Direttiva u biex jikkwalifikaw biex ikunu inklużi fi skemi pubbliċi ta' appoġġ. Dawn il-kriterji jinkludu rekwiżiti dwar it-tnaqqis minimu ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li l-bijokarburanti u l-bijolikwidi jeħtiġilhom jiksbu meta mqabblin mal-karburanti fossili. Hemm stabbiliti kriterji identiċi ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti skont l-Artikolu 7b tad-Direttiva 98/70/KE.

---

(1) ĠU C 198, 10.7.2013, p. 56.
(2) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013.
(3) Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).
(4) Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

*(3a)* ***Għalkemm id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE jużaw it-termini "bijokarburanti u bijolikwidi", id-dispożizzjonijiet tagħhom, inklużi l-kriterji rilevanti ta' sostenibbiltà, japplikaw għall-karburanti rinnovabbli kollha definiti f'dawn id-Direttivi.*** **[Em. 4]**

(4) Fejn art agrikola jew mergħa li qabel kienet iddestinata għas-swieq tal-ikel, tal-għalf u tal-fibra tinbidel għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, id-domanda li ma tkunx għall-karburanti xorta waħda trid tiġi ssodisfata jew bl-intensifikazzjoni tal-produzzjoni attwali jew billi art mhux agrikola tinbidel għall-produzzjoni band'oħra. Dan l-aħħar każ jirrappreżenta tibdil indirett fl-użu tal-art u meta jkun jinvolvi l-bidla ta' art b'ħażna kbira ta' karbonju dan jista' jwassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet b'effett ta' serra. ~~Id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE għandhom, għalhekk, jinkludu dispożizzjonijiet biex jindirizzaw tibdil indirett fl-użu tal-art minħabba li l-bijokarburanti bħalissa jinħadmu l-aktar minn għelejjel imkabbrin fuq art agrikola eżistenti.~~ **[Em. 124]**

*(4a)* ***L-Artikolu 19(7) tad-Direttiva 2009/28/KE u l-Artikolu 7d(6) tad-Direttiva 98/70/KE jirrikjedu t-teħid ta' passi xierqa biex jiġi indirizzat l-impatt tat-tibdil indirett fl-użu tal-art fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, filwaqt li titqies kif dovut il-ħtieġa li jitħarsu l-investimenti eżistenti li diġà saru.*** **[Em. 126]**

(5) Abbażi ta' previżjonijiet tad-domanda għall-bijokarburanti pprovduti mill-Istati Membri u ta' stimi ta' emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art għal materja prima differenti tal- bijokarburanti, ~~aktarx li~~ emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'rabta ma' tibdil indirett fl-użu tal-art ikunu sinifikanti u ~~jistgħu~~ jġibu fix-xejn xi ftit mit-tnaqqis jew it-tnaqqis kollu ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' bijokarburanti individwali. Dan iseħħ għaliex ***il-bijokarburanti kkultivati fuq l-art irċevew ammont kbir ta' sussidji pubbliċi (EUR 10 biljun(EUR 10 000 000 000) fis-sena) u għalhekk,*** il-produzzjoni kważi kollha tal-bijokarburanti fl-2020 hi mistennija li tiġi minn għelejjel imkabbrin fuq art li tkun tista' tintuża biex taqdi s-swieq tal-ikel u tal-għalf. ***Barra minn hekk, il-produzzjoni ta' bijokarburanti prodotti minn għelejjel tal-ikel tikkontribwixxi għall-volatilità fil-prezzijiet tal-ikel u jista' jkollha impatti soċjali negattivi fuq l-għajxien u l-ħila li jkunu eżerċitati d-drittijiet tal-bniedem, fosthom id-dritt għall-ikel jew ta' aċċess għall-art għal komunitajiet lokali li jgħixu fil-faqar f'pajjiżi barra l-Unjoni.*** Biex ***tali*** emissjonijiet ***u tali impatt soċjali negattiv*** ~~bħal dawn~~ jitnaqqsu, ***u jittaffew l-effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-ikel***, ikun jixraq ***wieħed jiffoka, b'mod partikolari, fuq it-tnaqqis tal-użu proġettat tal-bijokarburanti li jitkabbru fuq l-art, kif ukoll li jitqiesu l-emissjonijiet indiretti mit-tibdil fl-użu tal-art meta jiġi kkalkulat it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra skont il-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttivi 2009/28/KE u 98/70/KE. Barra minn hekk, sabiex jinstabu soluzzjonijiet fi żmien qasir u fit-tul, jeħtieġ li jitħeġġu r-riċerka u l-iżvilupp f'setturi ġodda tal-bijokarburanti avvanzati li mhumiex f'kompetizzjoni mal-għelejjel tal-ikel, u li jkompli jiġi studjat l-impatt tal-gruppi differenti ta' għelejjel kemm fuq it-tibdil dirett kif ukoll fuq it-tibdil indirett fl-użu tal-art.*** ~~li ssir distinzjoni bejn gruppi ta' għelejjel, bħal għelejjel tal-pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt, għelejjel taċ-ċereali, għelejjel tal-pjanti taz-zokkor u għelejjel oħra ta' pjanti b'kontenut ta' lamtu, skont dan.~~ **[Em. 8]**

(6) Karburanti likwidi rinnovabbli aktarx li jkunu meħtieġa mis-settur tat-trasport biex dan inaqqas l-emissjonijiet tiegħu ta' gassijiet b'effett ta' serra. Bijokarburanti avanzati, bħal dawk magħmulin minn skart u alka, jipprovdu tnaqqis għoli ta' gassijiet b'effett ta' serra b'riskju baxx li jinħoloq tibdil indirett fl-użu tal-art u ma jikkompetux direttament għal art agrikola għas-swieq tal-ikel u tal-għalf. Ikun jixraq, għalhekk, li titħeġġeġ produzzjoni akbar ta' bijokarburanti avvanzati bħal dawn għax dawn bħalissa ma jinsabux disponibbli kummerċjalment fi kwantitajiet kbar, parzjalment minħabba kompetizzjoni għal sussidji pubbliċi ma' teknoloġiji stabbiliti ta' bijokarburanti b'bażi ta' għelejjel tal-ikel. Għandhom jiġu pprovduti aktar inċentivi billi l-ippeżar tal-bijokarburanti avvanzati jiżdied għal 10 % tal-mira għat-trasport stabbilita fid-Direttiva 2009/28/KE meta mqabbel ma' bijokarburanti konvenzjonali. F'dan il-kuntest, bijokarburanti avvanzati b'impatti stmati baxxi minn tibdil indirett fl-użu tal-art u tnaqqis kumplessiv għoli ta' gassijiet b'effett ta' serra biss għandhom ikunu appoġġati bħala parti mill-qafas tal-politika tal-enerġija rinnovabbli għal wara l-2020.

*(6a)* ***Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-inċentivazzjoni tal-miżuri, b'mod partikolari dawk immirati lejn il-promozzjoni tal-bijokarburanti avvanzati, huwa essenzjali li l-politiki ta' appoġġ u l-mekkaniżmi stabbiliti mill-Istati Membri jipprevedu l-identifikazzjoni, l-awtentikazzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-volumi ta' bijokarburanti biex jiġu evitati pretensjonijiet frawdulenti jew qarrieqa dwar l-oriġini ta' prodott tal-bijokarburanti, u tiġi skoraġġita l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet multipli ta' volumi ta' bijokarburanti taħt żewġ sistemi nazzjonali jew skemi ta' akkreditament internazzjonali jew aktar.*** **[Em. 11]**

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

*(6b)* ***Filwaqt li l-bijokarburanti u l-bijolikwidi prodotti mill-iskart u r-residwi għandhom il-potenzjal li jiksbu tnaqqis għoli fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u jikkawżaw impatti avversi ambjentali, soċjali u ekonomiċi li huma baxxi, ikun xieraq li ssir valutazzjoni ulterjuri tad-disponibbiltà, il-benefiċċji u r-riskji tagħhom fost affarijiet oħra biex tissawwar politika għal wara l-2020. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jkun hemm aktar informazzjoni dwar il-benefiċċji tas-sigurtà tal-enerġija kemm tal-bijokarburanti konvenzjonali kif ukoll ta' dawk avvanzati, b'mod partikolari meta karburanti fossili jintużaw b'mod dirett jew indirett għall-produzzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tingħata mandat biex tippreżenta rapport u, jekk ikun xieraq, tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward dawn il-kwistjonijiet. Ir-rapport għandu jqis il-kost tal-għażla ambjentali, soċjali u ekonomiku għall-użu tal-materja prima għal finijiet oħra minbarra l-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi sabiex ikun żgurat li l-impatti globali pożittivi u negattivi jkunu riflessi fir-rapport.*** **[Em. 12]**

*(6c)* ***Fl-Istati Membri kollha, il-bijokarburanti konvenzjonali u avvanzati ta' kwalità konsistenti u għolja għandhom ikunu disponibbli. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, il-Kummissjoni għandha, bħala kwistjoni ta' urġenza, tagħti mandat ċar lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) għat-tħejjija ta' standards tekniċi ta' prestazzjoni għall-bijokarburanti avvanzati u taħlitiet finali ta' bijokarburanti u, fejn ikun meħtieġ, għar-reviżjoni tal-istandards konvenzjonali tal-bijokarburanti biex jiġi żgurat li l-kwalità tal-prodott finali tal-karburant ma tnaqqasx il-prestazzjoni tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ jew il-prestazzjoni operazzjonali ġenerali tal-vetturi.*** **[Em. 13]**

(7) Biex tkun żgurata l-kompetittività fit-tul tas-setturi industrijali b'bażi bijoloġika, u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-2012 "Ninnovaw għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoekonomija għall-Ewropa" u mal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi, li jippromwovu bijoraffineriji integrati u diversifikati fl-Ewropa kollha, għandhom jiġu stabbiliti inċentivi mtejba skont id-Direttiva 2009/28/KE b'mod li tingħata preferenza lill-użu ta' materja prima tal-bijomassa li ma jkollhiex valur ekonomiku għoli għal użi oħra milli bijokarburanti ***jew li ma tikkawżax impatt ambjentali b'mod li jiġu kompromessi l-ekosistemi lokali billi l-għelejjel tal-ikel jitħallew bla art u ilma***. **[Em. 129]**

*(7a)* ***Il-koerenza bejn id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/28/KE u l-leġiżlazzjoni f'oqsma oħra tal-politika tal-Unjoni għandha tittejjeb sabiex jiġu sfruttati s-sinerġiji u titjieb iċ-ċertezza tad-dritt. Id-definizzjonijiet ta' skart u residwi għall-finijiet tad-Direttiva 98/70/KE u d-Direttiva 2009/28/KE għandhom jiġu armonizzati ma' dawk stabbiliti mid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** (1)***. Il-flussi ta' skart u ta' residwi elenkati fid-Direttiva 98/70/KE u d-Direttiva 2009/28/KE għandhom jiġu identifikati aħjar permezz tal-kodiċi tal-iskart fil-katalgu tal-iskart Ewropew stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE*** (2) ***sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' dawk id-Direttivi mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri. Il-promozzjoni tal-bijokarburanti u bijolikwidi skont id-Direttiva 98/70/KE u d-Direttiva 2009/28/KE għandha tkun konsistenti mal-għanijiet u l-fini tad-Direttiva 2008/98/KE. Sabiex jinkiseb l-għan tal-Unjoni li din toqrob lejn soċjetà ta' riċiklaġġ, il-ġerarkija tal-iskart stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE għandha tiġi implimentata bis-sħiħ. Bil-għan li dan jiġi ffaċilitat, l-użu ta' skart u residwi għall-produzzjoni tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi għandu jsir parti mill-pjanijiet ta' ġestjoni tal-iskart u l-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart stabbiliti mill-Istati Membri skont il-Kapitolu V tad-Direttiva 2008/98/KE. L-applikazzjoni tad-Direttiva 98/70/KE u d-Direttiva 2009/28/KE ma għandhiex tipperikola l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva 2008/98/KE.*** **[Em. 16]**

(8) Il-livell minimu ta' tnaqqis ta' gassijiet b'effett ta' serra għal bijokarburanti u bijolikwidi prodotti f'installazzjonijiet ġodda għandu jiżdied b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 biex jittejjeb il-bilanċ kumplessiv tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll biex ma jitħeġġux investimenti ulterjuri f'installazzjonijiet bi prestazzjoni baxxa fir-rigward tat-tnaqqis ta' gassijiet b'effett ta' serra. Din iż-żieda tipprovdi għal salvagwardji ta' investimenti fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(6) tad-Direttiva 2009/28/KE.

---

(1) ***Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).***

(2) ***Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3).***

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

***(8a) Fil-promozzjoni tal-iżvilupp tas-suq ta' vetturi tal-enerġija rinnovabbli u tal-karburanti rinnovabbli, għandu jitqies l-impatt tagħhom mhux biss fuq il-klima iżda wkoll fuq l-opportunitajiet ta' żvilupp reġjonali u lokali u fuq l-impjiegi. Il-produzzjoni tal-bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni u ta' dawk avvanzati għandha l-potenzjal li toħloq l-impjiegi u tiġġenera t-tkabbir, b'mod partikolari fiż-żoni rurali. L-awtosuffiċjenza enerġetika u s-sigurtà tal-provvista tar-reġjuni tal-Unjoni huma wkoll objettivi tal-promozzjoni tas-swieq tal-enerġija rinnovabbli u tal-karburanti rinnovabbli.*** **[Em. 17]**

(9) Bi tħejjija għat-tranżizzjoni għal bijokarburanti avvanzati u biex ikunu mminimizzati l-impatti kumplessivi minn tibdil indirett fl-użu tal-art fil-perjodu sal-2020, ikun jixraq li jkun limitat l-ammont ta' bijokarburanti u bijolikwidi li jinkiseb minn għelejjel tal-ikel fil-Parti A tal-Anness VIII għad-Direttiva 2009/28/KE u fil-Parti A tal-Anness V għad-Direttiva 98/70/KE li jkunu jistgħu jingħaddu għall-miri stabbiliti fid-Direttiva 2009/28/KE. Mingħajr ma jiġi ristrett l-użu kumplessiv ta' bijokarburanti bħal dawn, is-sehem tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi, prodotti mill-għelejjel taċ-ċereali u għelejjel oħra bi pjanti b'kontenut rikk ta' lamtu, bi pjanti taz-zokkor u bi pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt, li jista' jingħadd għall-miri tad-Direttiva 2009/28/KE għandu jkun limitat għas-sehem ta' bijokarburanti u bijolikwidi bħal dawn ikkonsmati fl-2011.

(10) Il-limitu ta' ~~5~~ **6** % stabbilit fl-Artikolu 3(4)(d) tad-Direttiva 2009/28/KE ~~98/70/KE~~ ma jaffettwax il-libertà tal-Istati Membri li jirranġaw it-trajettorja tagħhom għall-konformità ma' dan is-sehem preskritt ta' bijokarburanti konvenzjonali fil-mira kumplessiva ta' 10 %. Konsegwentement, l-aċċess għas-suq tal-bijokarburanti prodotti mill-installazzjonijiet li kienu qed joperaw qabel tmiem l-2013 jibqa' kompletament miftuħ. Għalhekk din id-Direttiva ma taffettwax l-aspettattivi leġittimi tal-operaturi ta' installazzjonijiet bħal dawn. **[Em. 183]**

***(10a) Għandhom jiġu pprovduti inċentivi biex fis-settur tat-trasport jiġi stimulat l-użu ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli. Barra minn hekk, il-miżuri ta' effiċjenza enerġetika u ta' ffrankar tal-enerġija fis-settur tat-trasport għandhom jiġu inkoraġġiti.*** **[Em. 133]**

(11) L-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art għandhom jiġu inklużi fir-rappurtar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-bijokarburanti skont id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE. Bijokarburanti magħmulin minn materja prima li ma jwasslux għal domanda addizzjonali ta' art, bħal dawk minn skart ta' materja prima, għandhom jiġu assenjati fattur ta' żero emissjonijiet.

***(11a) L-Istati Membri għandhom jingħataw permess jallokaw ir-riżorsi finanzjarji tagħhom li fil-preżent qed jintużaw biex jiksbu, parzjalment jew bis-sħiħ, is-sehem ta' enerġija tagħhom mill-bijokarburanti magħmula miċ-ċereali, u minn għelejjel oħra li fihom ħafna lamtu, għelejjel tal-pjanti taz-zokkor, għelejjel tal-pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt u għelejjel oħra mkabbra fuq l-art għall-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari r-riħ, ix-xemx, l-enerġija mill-mewġ u dik ġeotermika, li ntwera li huma kemm rinnovabbli kif ukoll sostenibbli.*** **[Em. 22]**

***(11b) L-iskemi volontarji rikonoxxuti mill-Kummissjoni huma l-istrumenti ewlenin li jintużaw mill-operaturi ekonomiċi biex juru li huma konformi mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 7b tad-Direttiva 98/70/KE u l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2009/28/KE. Madankollu, hemm nuqqas ta' kriterji li magħhom għandhom jikkonformaw dawn l-iskemi sabiex jinkiseb ir-rikonoxximent. Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti regoli aktar ċari. Huma biss l-iskemi li jipprovdu mekkaniżmi effettivi li jiggarantixxu l-indipendenza u l-affidabilità tal-awditjar u l-involviment tal-komunitajiet lokali u indiġeni li għandhom jitqiesu bħala konformi ma' din id-Direttiva. Dawn l-iskemi għandhom jinkludu wkoll regoli ċari u stretti dwar l-esklużjoni ta' kunsinni tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi mill-iskema f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha. Sabiex tiġi ssorveljata u infurzata l-operazzjoni effettiva tal-iskemi, il-Kummissjoni għandha tkun tista' taċċessa u tiżvela d-dokumenti kollha rilevanti li jagħtu lok għal tħassib dwar prattiki ħżiena.*** **[Em. 23]**

***(11c) Id-Direttiva 98/70/KE u d-Direttiva 2009/28/KE ma jinkludu l-ebda dispożizzjoni li tikkonċerna l-proċess ta' rikonoxximent ta' dawn l-iskemi volontarji, u b'hekk mhumiex effettivi fl-iżgurar tal-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà u trasparenti. Għalhekk, ikun xieraq li l-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti minimi obbligatorji biex dawk l-iskemi jitqiesu bħala li jagħtu preżunzjoni ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà.*** **[Em. 24]**

***(11d) L-użu tal-art għall-kultivazzjoni ta' materja prima tal-bijokarburanti m'għandux iwassal għall-ispustament tal-komunitajiet lokali u indiġeni. Jeħtieġ, għalhekk, li jiġu introdotti miżuri speċjali li jipproteġu l-art tal-komunitajiet indiġeni.*** **[Em. 25]**

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

*(11e)* ***Id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE jipprevedu trattament differenti għall-materja prima jekk ma tkunx ikklassifikata bħala skart, residwu jew koprodott. Madankollu, in-nuqqas ta' definizzjonijiet ta' dawn il-kategoriji fil-preżent joħloq inċertezza li tista' tostakola l-implimentazzjoni u l-konformità xierqa. Għalhekk għandha tiġi stabbilita lista indikattiva tat-tipi ta' materja prima li jaqgħu taħt kull kategorija.*** **[Em. 27]**

(12) Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid il-metodoloġija li tistma fatturi ta' emissjonijiet minn tibdil fl-użu tal-art inklużi fl-Annessi VIII u V għad-Direttivi 2009/28/KE u 98/70/KE rispettivament fid-dawl ta' adattament għal progress tekniku u xjentifiku. Għal dan il-għan, u jekk ikun ġustifikat mill-aħħar evidenza xjentifika disponibbli, il-Kummissjoni għandha tqis il-possibbiltà li tirrevedi l-fatturi tal-grupp propost ta' għelejjel minn tibdil indirett fl-użu tal-art, kif ukoll tintroduċi fatturi f'livelli ulterjuri ta' diżaggregazzjoni u tinkludi valuri addizzjonali jekk materja prima tal-bijokarburant ġdid tidħolx fis-suq.

(13) L-Artikolu 19(8) tad-Direttiva 2009/28/KE u l-Artikolu 7d(8) tad-Direttiva 98/70/KE jinkludu dispożizzjonijiet biex jinkoraġġixxu l-kultivazzjoni ta' bijokarburanti f'art degradata severament u mniġġsa ħafna bħala miżura temporanja ta' mitigazzjoni kontra tibdil indirett fl-użu tal-art. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għadhomx adegwati fl-għamla attwali tagħhom u jeħtieġ li jiġu integrati fl-approċċ stipulat f'din id-Direttiva biex jiġi żgurat li azzjonijiet kumplessivi biex jiġu mminimizzati l-emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art jibqgħu koerenti.

(14) Ikun jixraq li jkun hemm allinjament tar-regoli għall-użu ta' valuri prestabbiliti biex jiġi żgurat trattament ugwali għall-produtturi mingħajr ma jitqies fejn issir il-produzzjoni. Filwaqt li pajjiżi terzi jitħallew jużaw valuri prestabbiliti, produtturi tal-UE jeħtieġ li jużaw valuri reali fejn ikunu ogħla mill-valuri prestabbiliti, jew meta ma jkunx intbagħat rapport mill-Istat Membru, u dan iżid il-piż amministrattiv tagħhom. Għalhekk, ir-regoli attwali għandhom ikunu ssimplifikati biex l-użu ta' valuri prestabbiliti ma jkunx limitat għal żoni fl-Unjoni inklużi fil-listi msemmijin fl-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2009/28/KE u fl-Artikolu 7d(2) tad-Direttiva 98/70/KE.

*(14a)* ***Bil-għan li tinkiseb il-mira għall-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport filwaqt li jitnaqqsu l-impatti negattivi tat-tibdil fl-użu tal-art, għandhom jiġu inkoraġġiti l-użu ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli, il-bidla modali, aktar użu tat-trasport pubbliku u l-effiċjenza enerġetika. B'konformità mal-White Paper dwar it-Trasport, l-Istati Membri għalhekk għandhom ifittxu li jżidu l-effiċjenza enerġetika u jnaqqsu l-konsum globali tal-enerġija fil-qasam tat-trasport, filwaqt li jiffavorixxu l-penetrazzjoni fis-suq ta' vetturi elettriċi u l-użu tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fis-sistemi tat-trasport.*** **[Em. 29 u 139]**

(15) ~~Peress li~~ L-objettivi ta' din id-Direttiva ***għandhom jiżguraw*** ~~, li jkun żgurat~~ suq uniku għall-karburanti ***għas-settur tat-trasport*** ~~għat-trasport stradali~~ u ***jiżguraw li jiġu rispettati l-livelli*** ~~għal makkinarju mobbli mhux tat-triq u biex ikun żgurat rispett tal-livelli~~ minimi ta' ħarsien ambjentali ~~mill-użu ta' dan il-karburant~~ ***u li jiġu evitati l-effetti negattivi fuq is-sikurezza tal-ikel u fuq id-drittijiet għall-użu tal-art fir-rigward tal-produzzjoni u l-użu ta' dan it-tip ta' karburant***. ***Peress li dawn l-objettivi*** , ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-objettivi. **[Em. 30]**

(16) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, is-setgħat kkonferiti lill-Kummissjoni bid-Direttivi 2009/28/KE u 98/70/KE jeħtiġ li jkunu allinjati mal-Artikolu 290 ta' dak it-Trattat.

(17) Biex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tiġi kkonferita setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

---

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

(18) Biex tippermetti adattament għall-progress tekniku u xjentifiku tad-Direttiva 98/70/KE, is-setgħa biex ikunu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-mekkaniżmu għall-monitoraġġ u t-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, tal-prinċipji metodoloġiċi u tal-valuri meħtieġa biex ikun ivvalutat jekk ikunux ġew issodisfati l-kriterji ta' sostenibbiltà b'rabta mal-bijokarburanti, tal-kriterji u l-firxiet ġeografiċi għad-determinazzjoni ta' bwar differenti ħafna minn xulxin, tal-metodoloġija għall-kalkolu u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra prodotti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bijokarburanti, tal-metodoloġija għall-kalkolu ta' emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art, tal-livell permess relatat mal-kontenut ta' addittivi metalliċi fil-karburanti, tal-metodi analitiċi permessi relatati mal-ispeċifikazzjonijiet tal-karburanti u mal-eżenzjoni mill-pressjoni tal-fwar permessa għall-petrol li jkun fih il-bijoetanol.

(19) Biex tippermetti adattament għall-progress tekniku u xjentifiku tad-Direttiva 2009/28/KE, is-setgħa biex ikunu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-lista ta' materja prima tal-bijokarburanti li jingħaddu għal ħafna drabi għall-mira stabbilita fl-Artikolu 3(4), tal-kontenut ta' enerġija ta' karburanti għat-trasport, tal-kriterji u l-firxiet ġeografiċi għad-determinazzjoni ta' bwar differenti ħafna bijoloġikament, tal-metodoloġija għall-kalkolu ta' emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art, u tal-prinċipji metodoloġiċi u tal-valuri meħtieġa biex ikun ivvalutat jekk ikunux ġew issodisfati kriterji ta' sostenibbiltà b'rabta ma' bijokarburanti u bijolikwidi.

(20) Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid l-effikaċja tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva, abbażi tal-aħħar u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, biex tillimita emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art u biex tindirizza modi biex ikun imminimizzat aktar dak l-impatt, li jista' jinkludi l-introduzzjoni ta' fatturi ta' emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art fl-iskema ta' sostenibbiltà mill-1 ta' Jannar 2021.

(21) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż f'livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(22) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti spjegattivi tat-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar fejn jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti tad-Direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis it-trażmissjoni ta' dan it-tip ta' dokumenti bħala ġustifikata.

(23) Id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE għandhom, għalhekk, jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 98/70/KE

Id-Direttiva 98/70/KE hija emendata kif ġej:

***-1. Fl-Artikolu 2, il-punti li ġejjin huma miżjuda:***

"9a. ***'materjal ċellulożiku mhux tal-ikel' ifisser għelejjel mhux tal-ikel għall-enerġija kkultivati fuq l-art għal finijiet ta' produzzjoni tal-bijoenerġija, inklużi miscanthus, ħxejjex oħra li minnhom tiġi estratta l-enerġija, varjetajiet mhux tal-ikel ta' sorgu u qanneb industrijali iżda li jeskludi għelejjel b'kontenut kbir ta' lignin, bħas-siġar.*** **[Em. 34]**

***9b. 'materjal linjoċellulożiku mhux tal-ikel' tfisser l-għelejjel tal-injam għall-enerġija kkultivati fuq artijiet bħall-imsaġar ta' ġdidba qasira jew is-silvikultura ta' ġdidba qasira.*** **[Em. 35]**

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

***9c. 'tibdil dirett fl-użu tal-art' tfisser it-tibdil f'termini tal-użu tal-art minn waħda mis-sitt kategoriji tal-IPPC għall-kopertura tal-art (art tal-foresti, bwar, art li tinħadem, artijiet mistagħdra, insedjamenti jew art oħra) kif ukoll kategorija oħra, is-seba' waħda, ta' għelejjel perenni, li tkopri partikolarment l-għelejjel pluriennali li z-zokk tagħhom normalment ma jinħasadx kull sena, bħall-imsaġar ta' ġdidba qasira u ż-żejt tal-palm.*** **[Em. 36]**

***9d. 'karburanti rinnovabbli likwidi jew gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika' tfisser il-karburanti gassużi jew likwidi, għajr il-bijokarburanti, li l-kontenut enerġetiku tagħhom joriġina minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli għajr il-bijomassa u li jintużaw fit-trasport."***

**[Em. 37]**

***-1a. Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-fornituri jiżguraw it-tqegħid fis-suq ta' petrol b'kontenut massimu ta' ossiġenu ta' 2,7 % u b'kontenut massimu ta' etanol ta' 5 % sa tmiem l-2018 u jistgħu jeħtieġu t-tqegħid fis-suq ta' petrol bħal dan għal perjodu itwal jekk iqisu li dan ikun meħtieġ. Huma għandhom jiżguraw l-għoti ta' informazzjoni xierqa lill-konsumaturi b'mod dirett fil-pompa tal-karburant dwar il-kontenut ta' bijokarburant fil-petrol u, b'mod partikolari, dwar l-użu xieraq tat-taħlitiet differenti ta' petrol. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet dwar l-immarkar ta' EN228: 2012 fil-pompi kollha fejn jimtela l-karburant fl-Unjoni kollha".***

**[Em. 38]**

***-1b. Fl-Artikolu 4(1), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Meta l-persentaġġ ta' FAME imħallat mad-diżil jaqbeż is-7 % skont il-volum, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tingħata informazzjoni xierqa lill-konsumaturi dwar il-kontenut ta' FAME b'mod dirett fil-pompa fejn jimtela' l-karburant".***

**[Em. 39]**

1. L-Artikolu 7a huwa emendat kif ġej:

***(-a) f'paragrafu 1, is-subparagrafu li ġej huwa miżjud:***

***"Fil-każ ta' fornituri ta' bijokarburanti għall-użu fl-avjazzjoni, l-Istati Membri għandhom jippermettu li dawn il-fornituri jagħżlu li jsiru kontributuri għall-obbligu ta' tnaqqis stabbilit fil-paragrafu 2 sakemm il-bijokarburanti fornuti jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 7b."***

**[Em. 40]**

***(-aa) fil-paragrafu 2, is-subparagrafu li ġej huwa miżjud:***

***"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribut massimu ta' bijokarburanti prodotti minn ċereali u minn għelejjel oħra b'kontenut rikk ta' lamtu, għelejjel taz-zokkor u għelejjel li minnhom jiġi estratt iż-żejt, jew għelejjel imkabbra apposta għall-enerġija għall-fini ta' konformità mal-mira msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunx jaqbeż il-kontribut massimu stabbilit fl-Artikolu 3(4)(d) tad-Direttiva 2009/28/KE."***

**[Em. 184/REV]**

(a) fil-paragrafu 5, il-frażi introduttorja tal-ewwel subparagrafu hija sostitwita b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a b'mod partikolari dwar:"

(b) għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6. Il-fornituri tal-karburanti għandhom sal-31 ta' Marzu ta' kull sena jirrappurtaw lill-awtorità maħtura mill-Istat Membru, il-mogħdijiet ta' produzzjoni tal-bijokarburanti, il-volumi, u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għal kull unità ta' enerġija prodotti tul ċiklu tal-ħajja tal-karburanti, inklużi l-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art stabbiliti fl-Anness V. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw din id-dejta lill-Kummissjoni."

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

2. L-Artikolu 7b huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti meqjusin għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jkun mill-anqas ta' 60 % għall-bijokarburanti prodotti f'installazzjonijiet li jibdew joperaw wara l-1 ta' Lulju 2014. Installazzjoni tkun "qed topera" jekk il-produzzjoni fiżika ta' bijokarburanti tkun seħħet.

Fil-każ ta' installazzjonijiet li kienu joperaw fl-1 ta' Lulju 2014 jew qabel, għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-bijokarburanti għandhom jiksbu tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' mill-anqas 35 % sal-31 ta' Diċembru 2017 u ta' mill-anqas 50 % mill-1 ta' Jannar 2018.

It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 7d(1)."

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a fir-rigward tal-kriterji u l-firxiet ġeografiċi biex ikun deċiż liema bwar għandhom ikunu kopert mill-punt (c) tal-ewwel subparagrafu."

***(ba) il-paragrafu li ġej huwa miżjud:***

***"4a. Il-bijokarburanti u l-bijolikwidi meqjusa għall-finijiet previsti fil-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu magħmula minn materja prima miksuba mill-art, sakemm id-drittijiet ġuridiċi tal-partijiet terzi rigward l-użu u d-dritt ta' proprjetà jiġu rispettati, inkluż bil-kunsens liberu, minn qabel u infurmat tagħhom u bil-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet rappreżentattivi tagħhom."***

**[Em. 49]**

***(bb) Fil-paragrafu 7, l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu hija sostitwita b'dan li ġej:***

***"Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sentejn lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt fuq is-sostenibbiltà soċjali fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi taż-żieda fid-domanda għall-bijokarburanti, dwar il-kontribut tal-produzzjoni tal-bijokarburanti biex itaffu n-nuqqas tal-proteina veġetali fl-Unjoni u dwar l-impatt tal-politika tal-Unjoni dwar il-bijokarburanti fuq id-disponibbiltà ta' oġġetti tal-ikel bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd, b'mod partikolari għall-persuni f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, u kwistjonijiet ġenerali marbutin mal-iżvilupp".***

**[Em. 50]**

***2a. L-Artikolu 7c huwa emendat kif ġej:***

***(a) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(3), tistabbilixxi l-lista tal-informazzjoni xierqa u rilevanti msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi. Hija għandha tfittex li tiżgura l-ogħla konformità mal-obbligi sostantivi ta' dan il-paragrafu, filwaqt li tfittex li timminimizza l-piż amministrattiv żejjed għall-operaturi, speċjalment l-operaturi li huma iżgħar."***

**[Em. 53]**

***(b) fil-paragrafu 3, il-ħames subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, f'forma aggregata, l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, inklużi r-rapporti mwettqa mill-awdituri indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik l-informazzjoni fuq il-pjattaforma ta' trasparenza msemmija fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/28/KE"***

**[Em. 54]**

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

*(c) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"1. L-Unjoni għandha tħabrek biex tikkonkludi strumenti ta' ftehim bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi li jkun fihom impenji obbligatorji dwar dispożizzjonijiet dwar kriterji ta' sostenibbiltà li jikkorrispondu ma' dawk ta' din id-Direttiva. Tali ftehimiet għandhom jistabbilixxu wkoll regoli bil-ħsieb li jkun żgurat li l-proċeduri doganali ta' pajjiżi terzi ma jwasslux għal frodi relatata mal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ. L-Unjoni għandha tħabrek ukoll biex tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jinkludu impenji dwar ir-ratifika u l-infurzar tal-Konvenzjonijiet tal-ILO u l-MEAs kif imsemmi fl-Artikolu 7b(7). Meta l-Unjoni tkun ikkonkludiet strumenti ta' ftehim li jkun fihom impenji obbligatorji dwar id-dispożizzjonijiet li jkopru l-kwistjonijiet koperti mill-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 7b(2) sa (5), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dawk l-istrumenti ta' ftehim juru li l-bijokarburanti u l-bijolikwidi prodotti minn materja prima kkultivata f'dawk il-pajjiżi jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà inkwistjoni. Meta jiġu konklużi dawk l-istrumenti ta' ftehim, għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq il-miżuri meħuda favur il-konservazzjoni taż-żoni li jipprovdu, f'sitwazzjonijiet kritiċi, servizzi bażiċi ta' ekosistemi (bħall-protezzjoni tal-meded ta' art fl-għoli b'nixxigħat fuq ġenb iferrgħu fi xmara u l-kontroll tal-erożjoni), għall-protezzjomi tal-ħamrija, l-ilma u l-arja, għall-bidliet indiretti fl-użu tal-art, għar-restawr tal-art degradata, għall-evitar ta' konsum eċċessiv ta' ilma f'żoni fejn l-ilma jkun skars u l-kwistjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7b(7)."*

[Em. 55]

*(d) il-paragrafi li ġejjin huma miżjuda:*

*"9a. Sa [sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina mill-ġdid l-operat ta' ftehimiet jew skemi volontarji li għalihom tkun ġiet adottata deċiżjoni skont il-paragrafu 4 u li jidentifika l-aħjar prattiki. Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq l-aqwa informazzjoni disponibbli, inkluż minn konsultazzjoni ma' partijiet interessati, u għandu jkun ibbażat fuq esperjenza prattika fl-applikazzjoni tal-ftehimiet jew l-iskemi. Ir-rapport għandu jqis standards u linji gwida rilevanti u rikonoxxuti internazzjonalment, inklużi dawk żviluppati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni u l-Alleanza ISEAL. Fir-rigward ta' kull ftehim u skema, ir-rapport għandu janalizza, fost l-oħrajn, dawn l-aspetti li ġejjin:*

- *l-indipendenza, il-modalità u l-frekwenza tal-awditjar;*
- *id-disponibbiltà u l-esperjenza fl-applikazzjoni tal-metodi sabiex jiġi identifikat u indirizzat in-nuqqas ta' konformità;*
- *it-trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-iskema, id-disponibbiltà ta' traduzzjonijiet fil-lingwi uffiċjali tal-pajjiżi u r-reġjuni minn fejn toriġina l-materja prima, l-aċċessibbiltà ta' lista ta' operaturi ċertifikati u ċ-ċertifikati korrispondenti, l-aċċessibbiltà ta' rapporti tal-awdituri;*
- *l-involviment tal-partijiet interessati, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsultazzjoni ma' komunitajiet indiġeni u lokali matul l-abbozzar u l-eżami mill-ġdid tal-iskema kif ukoll waqt l-awditjar;*
- *is-solidità ġenerali tal-iskema, b'mod partikolari fid-dawl ta' regoli dwar l-akkreditazzjoni, il-kwalifikazzjoni u l-indipendenza tal-awdituri u tal-entitajiet rilevanti għall-iskema;*
- *l-aġġornament fis-suq tal-iskema*

*Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq fid-dawl tar-rapport, tissottometti proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-iskemi volontarji bl-għan li tiġi promossa l-aħjar prattika."*

[Em. 58]

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

***"9b. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a fir-rigward ta' regoli dettaljati li jirregolaw il-verifika indipendenti u ċ-ċertifikazzjoni tal-konformità mal-ġerarkija tal-iskart stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** (*)***. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati qabel it-30 ta' Ġunju 2016.***

**[Em. 59]**

(*) ***Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3)."***

3. L-Artikolu 7d huwa emendat kif ġej:

***(-a) f'paragrafu 1, is-subparagrafu hawn taħt huwa miżjud:***

***"Għall-finijiet tal-Artikolu 7a, mill-2020 'il quddiem l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra taċ-ċiklu tal-ħajja mill-bijokarburanti għandhom jiġu kkalkolati biż-żieda mar-riżultat tal-valur rispettiv fl-Anness V, miksub skont l-ewwel subparagrafu."***

**[Em. 60]**

***(-aa) il-paragrafu li ġej huwa miżjud:***

***"1a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a fir-rigward tal-inklużjoni fl-Anness V ta' proċedura tal-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn karburanti likwidi u gassużi rinnovabbli b'oriġini mhux bijoloġika, bl-iskop li tivverifika l-konformità tagħhom mal-Artikolu 7b. Dawn l-atti delegati għandhom jiġu adottati qabel il-31 ta' Diċembru 2015."***

**[Em. 61]**

(a) il-paragrafi 3 sa 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. L-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola fir-rapporti msemmijin fl-Artikolu 7d(2) fil-każ tal-Istati Membri, u f'rapporti ekwivalenti għal dawk fil-każ ta' territorji barra mill-Unjoni, jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 11(3), li r-rapporti msemmijin fil-paragrafu 3 ikun fihom dejta preċiża biex jitkejlu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra assoċjati mal-kultivazzjoni ta' materja prima tal-bijokarburanti tipikament prodotti f'dawk iż-żoni għall-finijiet tal-Artikolu 7b(2).

5. Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 u kull sentejn wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tfassal ***u tippubblika*** rapport dwar il-valuri stmati tipiċi u prestabbiliti fil-Partijiet B u E tal-Anness IV, filwaqt li toqgħod attenta l-aktar għal emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport u mill-ipproċessar. **[Em. 62]**

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a fir-rigward tal-korrezzjoni tal-valuri stmati tipiċi u prestabbiliti fil-Partijiet B u E tal-Anness IV."

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a fir-rigward tal-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku tal-Anness V, inkluż bir-reviżjoni tal-valuri tal-grupp propost ta' għelejjel minn tibdil indirett fl-użu tal-art; l-~~introduzzjoni ta'~~ ***Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-mudelli ekonomiċi użati għall-istima ta' tali valuri tat-tibdil indirett fl-użu tal-art, il-Kummissjoni fl-eżami mill-ġdid tagħha għandha tinkludi l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli fir-rigward tas-suppożizzjonijiet ewlenin li jinfluwenzaw ir-riżultati tal-immudellar, inklużi tendenzi mkejla tal-prodott agrikolu u l-produttività, l-allokazzjoni tal-koprodotti u t-tibdil osservat fl-użu globali tal-art u r-rati ta' deforestazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet interessati jkunu involuti f'tali proċess ta' eżami mill-ġdid. L-ewwel eżami mill-ġdid ta' dan it-tip għandu jiġi konkluż sat-30 ta' Ġunju 2016.***

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

***Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tipproponi*** valuri ġodda ***tat-tibdil indirett fl-użu tal-art f'aktar*** ~~f'aktar~~ livelli ta' diżaggregazzjoni; l-inklużjoni ta' valuri addizzjonali jekk materja prima ġdida tal-bijokarburanti tidħol fis-suq skont kif jixraq, l-eżami mill-ġdid tal-kategoriji li bijokarburanti tagħhom ma jkunu assenjati ebda emissjoni minn tibdil indirett fl-użu tal-art; u l-iżvilupp ta' fatturi għal materja prima minn materjali ċellulożiċi u linjoċellulożiċi mhux tal-ikel.'

**[Em. 189]**

(b) fil-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

'7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a fir-rigward tal-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku tal-Anness IV, inkluż billi jingħaddu l-valuri għal aktar mogħdijiet ta' produzzjoni ta' bijokarburanti għall-istess materja prima jew għal materja prima oħra u billi tkun immodifikata l-metodoloġija stabbilita fil-Parti C.'

(c) il-paragrafu 8 huwa mħassar.

***(ca) il-paragrafu li ġej huwa miżjud:***

***"8a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a rigward l-istabbiliment ta' definizzjonijiet dettaljati, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi, li huma meħtieġa għall-kategoriji stabbiliti fil-punt 9 tal-Parti C tal-Anness IV."***

**[Em. 65]**

4. L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4, fir-rigward ta' karburanti tal-petrol u tad-diżil, abbażi tal-metodi analitiċi msemmijin fil-verżjoni fis-seħħ tal-istandards Ewropej EN 228 u EN 590 rispettivament."

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kull sena sat-30 ta' Ġunju, l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport dwar id-dejta nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-kwalità tal-karburanti għas-sena kalendarja ta' qabel. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi format komuni biex jintbagħat sommarju tal-kwalità tal-karburanti fil-livell nazzjonali permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 11(3). L-ewwel rapport għandu jintbagħat sat-30 ta' Ġunju 2002. Mill-1 ta' Jannar 2004, il-format għal dan ir-rapport għandu jkun konsistenti ma' dak deskritt fl-istandard rilevanti Ewropew. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jirrapurtaw il-volumi totali ta' karburanti tal-petrol u tad-diżil fis-suq fit-territorji tagħhom u l-volumi ta' karburanti tal-petrol bla ċomb u tad-diżil fis-suq b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 10 mg/kg. Barra min hekk, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw kull sena dwar id-disponibbiltà, fuq bażi ġeografika bilanċjata kif jixraq, ta' karburanti tal-petrol u tad-diżil b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 10 mg/kg li huma kkumerċjalizzati fit-territorju tagħhom."

5. Fl-Artikolu 8a, paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a fir-rigward tar-reviżjoni tal-limitu għall-kontenut ta' MMT ta' karburant speċifikat fil-paragrafu 2. Din ir-reviżjoni għandha ssir abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni mwettqa bl-użu tal-metodoloġija ta' ttestjar imsemmija fil-paragrafu 1. Jista' jitnaqqas għal żero fejn ikun ġustifikat mill-valutazzjoni tar-riskji. Ma jistax jiżdied jekk dan ma jkunx ġustifikat mill-valutazzjoni tar-riskji."

***5a. Fl-Artikolu 9, il-paragrafu li ġej huwa miżjud:***

"***2a. Il-Kummissjoni għandha tibqa' tivverifika l-prestazzjoni tal-bijokarburanti fil-kundizzjonijiet staġjonali kollha eżistenti fl-Unjoni Ewropea sabiex tiżgura li l-kwalità tal-bijokarburanti użati fil-vetturi ma twassalx għal żieda fl-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa, tas-$CO_2$ jew f'deterjorament tal-prestazzjoni tal-vetturi b'mod ġenerali.***

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a jekk ikun meħtieġ fir-rigward tal-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku tal-Anness I jew II ta' din id-Direttiva biex tintroduċi parametri, limiti ta' ttestjar u metodi ta' ttestjar speċifiċi."***

**[Em. 66]**

6. Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a fir-rigward tal-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku tal-metodi analitiċi permessi msemmijin fl-Annessi I, II u III."

7. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 10a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati qed tiġi kkonferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7a(5), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7b(3), fl-Artikoli 7d(5), ~~7d(6)~~, 7d(7), ***7d(8a),*** 8a(3) u 10(1) għandha tiġi kkonferita għal perjodu indeterminat ta' żmien mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 7a(5), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7b(3), fl-Artikoli 7d(5), ~~7d (6)~~, 7d(7), ***7d(8a),*** 8a(3) u 10(1) tista' tkun irrevokata f'kull żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7a(5), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7b(3), l-Artikoli 7d(5), ~~7d(6)~~, 7d(7), ***7d(8a),*** 8a(3) u 10(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun espressa ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

**[Em. 149]**

8. L-Artikolu 11(4) huwa mħassar.

9. L-Annessi huma emendati kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Emendi għad-Direttiva 2009/28/KE

Id-Direttiva 2009/28/KE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2 il-punti li ġejjin jiġu miżjuda:

"p) 'skart' għandha tkun iddefinita bħalma hi ddefinita fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Sustanzi li jkunu ġew modifikati jew kontaminati intenzjonalment biex ikunu skont id-definizzjoni ma jkunux koperti minn din il-kategorija.'

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

***(q) "materjal ċellulożiku mhux tal-ikel" tfisser għelejjel mhux tal-ikel għall-enerġija kkultivati fuq l-art imkabbra għal skopijiet ta' produzzjoni tal-bijoenerġija, inklużi miscanthus, ħxejjex oħra li minnhom tiġi estratta l-enerġija, varjetajiet mhux tal-ikel ta' sorgu u qanneb industrijali iżda li jeskludi għelejjel b'kontenut kbir ta' lingnin, bħas-siġar;*** *[Em. 69]*

***(r) "materjal linjoċellulożiku mhux tal-ikel" tfisser l-għelejjel tal-injam għall-enerġija kkultivati fuq l-art bħall-imsaġar ta' ġdidba qasira jew is-silvikultura ta' ġdidba qasira'. [Em. 70]***

***(s) "koprodotti" tfisser il-materja prima li għandha valur kummerċjali jew użi alternattivi, u l-materjali li jikkostitwixxu parti importanti minn proċess f'termini ta' valur ekonomiku, jew meta l-proċess prinċipali jkun ġie modifikat intenzjonalmentt biex jipproduċi kwantità ħafna akbar jew kwalità oħra tal-materjal, bi ħsara għall-prodott prinċipali.'*** *[Em. 71]*

***(t) "karburanti rinnovabbli likwidi jew gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika' tfisser il-karburanti gassużi jew likwidi, għajr il-bijokarburanti, li jinksibu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u li jintużaw fit-trasport."*** *[Em. 72]*

***(u) 'tibdil dirett fl-użu tal-art' tfisser it-tibdil f'termini tal-użu tal-art minn waħda mis-sitt kategoriji tal-IPPC għall-kopertura tal-art (art tal-foresti, bwar, art li tinħadem, artijiet mistagħdra, insedjamenti jew art oħra) kif ukoll kategorija oħra, is-seba' waħda, ta' għelejjel perenni, li tkopri partikolarment l-għelejjel pluriennali li z-zokk tagħhom normalment ma jinħasadx kull sena, bħall-imsaġar ta' ġdidba qasira u ż-żejt tal-palm.'*** *[Em. 74]*

***(v) "il-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU) għal finijiet ta' trasport tfisser proċess li jaqbad il-karbonju ($CO/CO_2$) minn skart u residwi minn sorsi tal-enerġija mhux rinnovabbli u jibdilhom f'karburanti li jintużaw fis-settur tat-trasport;"****[Em. 75]*

***(w) "residwu tal-ipproċessar" huwa sustanza li mhijiex il-prodott(i) aħħari/aħħarija li l-proċess ta' produzzjoni jkun maħsub li jipproduċi direttament. Din is-sustanza lanqas m'hi l-għan primarju tal-proċess ta' produzzjoni u l-proċess ma jkunx ġie mmodifikat apposta biex jipproduċiha.*** *[Em. 76]*

(*) ***Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3)."***

2. L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Miri u miżuri mandatarji nazzjonali għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli".

(b) fil-paragrafu 1, għandu jiżdied subparagrafu li ġej:

"Għall-fini ta' konformità mal-mira msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-kontribuzzjoni konġunta massima minn bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn ċereali u minn għelejjel oħra bi pjanti b'kontenut rikk ta' lamtu, bi pjanti taz-zokkor u u bi pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt ma għandhiex tkun aktar mill-kwantità ta' enerġija li tkun tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni massima kif stabbilita fl-Artikolu 3(4)d."

(c) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

***(-i) mal-ewwel subparagrafu għandha tiżdied is-sentenza li ġejja:***

***"Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli f'petrol fl-2020 ikun ta' mill-inqas 7,5 % tal-konsum finali tal-enerġija f'petrol f'dak l-Istat Membru."***

***(-ii) wara l-ewwel subparagrafu għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:***

***"Fl-2016, tal-inqas 0,5 % tal-konsum finali tal-enerġija fit-trasport għandu jiġi fornut minn enerġija ġejja minn bijokarburanti avanzati.***

***Fl-2020, tal-inqas 2,5 % tal-konsum finali tal-enerġija fit-trasport għandu jiġi fornut minn enerġija ġejja minn bijokarburanti avanzati."***

**[Em. 152/REV]**

(i) fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu, għandha tiżdied il-frażi li ġejja:

"Dan il-punt għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 17(1)(a) u punt (d) ta' dan il-paragrafu;"

(ii) fit-tieni subparagrafu għandhom jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(d) għall-kalkolu ta' bijokarburanti fin-numeratur, is-sehem ta' enerġija minn bijokarburanti prodotti minn ċereali u minn għelejjel oħra bi pjanti b'kontenut rikk ta' lamtu, bi pjanti taz-zokkor ~~u bi~~ pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt ***u għelejjel għall-enerġija oħra kkultivati fuq l-art*** ma għandux ikun aktar minn ***6*** ~~5 %, is-sehem stmat fl-aħħar tal-2011,~~ tal-konsum finali ta' enerġija fit-trasport fl-2020.

***Is-sehem ta' enerġija minn bijokarburanti avvanzati elenkati fil-parti A u l-parti C tal-Anness IX għandu jkun ta' mill-inqas 2,5 % tal-konsum finali tal-enerġija fit-trasport fl-2020."***

**[Em. 181]**

***(e)*** il-kontribuzzjoni magħmula minn:

(i) bijokarburanti prodotti minn materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX għandhom jitqiesu bħala ~~erba' darbiet aktar mill-kontenut~~ ***daqs il-kontenut*** tal-enerġija tagħhom;

(ii) bijokarburanti prodotti minn materja prima elenkata fil-Parti B tal-Anness IX għandhom jitqiesu bħala darbtejn aktar mill-kontenut tal-enerġija tagħhom;

(iii) ~~karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika~~ ***bijokarburanti prodotti minn materja prima elenkata fil-Parti C tal-Anness IX*** għandhom jitqiesu bħala erba' darbiet aktar mill-kontenut tal-enerġija tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ebda materja prima ma tiġi modifikata intenzjonalment biex tkun koperta mill-kategoriji (i) sa (iii).

***Bil-għan li jkun imminimizzat ir-riskju li konsenji uniċi jiġu ddikjarati aktar minn darba fl-Unjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ifittxu li jsaħħu l-kooperazzjoni fost is-sistemi nazzjonali u bejn is-sistemi nazzjonali u skemi volontarji stabbiliti skont l-Artikolu 18, inkluż bl-iskambju ta' dejta fejn xieraq. Biex tkun evitata l-modifika intenzjonali tal-materjali sabiex dawn jaqgħu taħt l-Anness IX, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-iżvilupp u l-użu tas-sistemi li jsibu u jintraċċaw materja prima għall-produzzjoni industrijali u l-bijokarburanti li jirriżultaw tul il-katina tal-valur kollha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta tiġi skoperta l-frodi, tittieħed azzjoni xierqa.***

Il-lista ta' materja prima elenkata fl-Anness IX tista' tiġi adattata għall-progress xjentifiku u tekniku, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tar-regoli tal-kontabilità stabbiliti f'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 25 (b) fir-rigward tal-lista ta' materja prima stabbilita fl-Anness IX.'

**[Em. 185]**

***(ca) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"4a. Sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin għal miżuri addizzjonali li l-Istati Membri jistgħu jieħdu biex jippromwovu u jinkoraġġixxu l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija fit-trasport. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jinkludu stimi tal-kwantità ta' enerġija li tista' tiġi ffrankata bl-implimentazzjoni ta' kull waħda minn dawk il-miżuri. Il-kwantità tal-enerġija li tikkorrispondi mal-miżuri implimentati minn Stat Membru għandha titqies għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt (b)."***

**[Em. 153]**

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

***2a. Fl-Artikolu 4, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"3a. Kull Stat Membru għandu jippubblika u jinnotifika lill-Kummissjoni sa [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] dokument ta' tbassir li jindika l-miżuri addizzjonali li bi ħsiebu jieħu skont l-Artikolu 3(4a)"***

**[Em. 154]**

3. Fl-Artikolu 5(5), l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

'Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 25 (b) fir-rigward tal-adattament tal-kontenut ta' enerġija ta' karburanti tat-trasport kif stabbilit fl-Anness III għal progress xjentifiku u tekniku.'

4. Fl-Artikolu 6(1) it-tieni subparagrafu huwa mħassar.

***4a. Fl-Artikolu 15(2), ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"Il-garanzija tal-oriġini m'għandhiex funzjoni f'dak li jirrigwarda l-konformità ta' Stat Membru mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1). It-trasferimenti ta' garanziji tal-oriġini, b'mod separat jew flimkien mat-trasferiment fiżiku tal-enerġija, m'għandux ikollu effett fuq id-deċiżjoni tal-Istati Membri li jużaw trasferimenti statistiċi, proċeduri konġunti jew skemi konġunti ta' appoġġ komuni għall-ilħuq tal-objettiv tal-konformità jew fuq il-kalkolu tal-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli kkalkulat skont l-Artikolu 5."***

**[Em. 88]**

5. L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

***(-a) fil-paragrafu 1, il-parti introduttorja tal-ewwel subparagrafu hija sostitwita b'dan li ġej:***

***"1. Irrispettivament minn jekk il-materja prima ġietx ikkultivata fit-territorju tal-Komunità jew barra minnu, għandha titqies l-enerġija mill-bijokarburanti u l-bijolikwidi għall-finijiet imsemmijin fil-punti (a), (b) u (c) biss jekk jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u ma jaqbżux il-kontribuzzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(4)(d):"***

**[Em. 89]**

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti u bijolikwidi meqjusin għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jkun mill-anqas ta' 60 % għal bijokarburanti u bijolikwidi prodotti f'installazzjonijiet li jibdew joperaw wara l-1 ta' Lulju 2014. Installazzjoni tkun 'qed topera' jekk il-produzzjoni fiżika ta' bijokarburanti jew bijolikwidi tkun seħħet.

Fil-każ ta' installazzjonijiet li kienu joperaw fl-1 ta' Lulju 2014 jew qabel, għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-bijokarburanti u l-bijolikwidi għandhom jiksbu tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' mill-anqas 35 % sal-31 ta' Diċembru 2017 u ta' mill-anqas 50 % mill-1 ta' Jannar 2018.

It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti u bijolikwidi għandu jkun ikkalkulat skont l-Artikolu 19(1)."

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 25b biex tistabbilixxi l-kriterji u l-firxiet ġeografiċi biex ikun deċiż liema bwar għandhom ikunu koperti mill-punt (c) tal-ewwel subparagrafu."

***(ba) il-paragrafu li ġej huwa miżjud:***

***"4a. Il-bijokarburanti u l-bijolikwidi meqjusin għall-finijiet previsti fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) ma għandhomx ikunu magħmulin minn materja prima miksuba mill-art, sakemm id-drittijiet legali tal-partijiet terzi rigward l-użu u d-dritt ta' proprjetà jiġu rispettati, inkluż bil-kunsens liberu, infurmat u minn qabel tagħhom u bil-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet rappreżentattivi tagħhom."***

**[Em. 96]**

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

*(bb) il-paragrafu li ġej huwa miżjud:*

*"5a. Il-materja prima użata għal bijokarburanti u bijolikwidi għall-finijiet tal-paragrafu 1 għandha tiġi prodotta permezz ta' prattiki ta' ġestjoni tal-art sostenibbli."*

[Em. 97]

*6. L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:*

*(a) il-paragrafi li ġejjin huma miżjuda*

*"2a. Il-Eurostat għandu jiġbor u jippubblika informazzjoni dettaljata relatata mal-kummerċ dwar il-bijokarburanti prodotti mill-għelejjel tal-ikel, bħal dawk b'bażi ta' ċereali u għelejjel oħra b'kontenut rikk ta' lamtu, għelejjel ta' pjanti taz-zokkor u ta' pjanti li minnhom jiġi estratt ż-żejt. L-informazzjoni disponibbli għandha tkun fl-għamla ta' dejta dwar il-kummerċ diżaggregata kemm għall-etanol kif ukoll għall-bijodiżil minħabba li d-dejta attwali hija pubblikata f'format aggregat bl-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-etanol u l-bijodiżil ikkombinati taħt sett tad-dejta wieħed taħt it-tikketta 'bijokarburanti'. Id-dejta tal-importazzjoni u l-esportazzjoni għandha tidentifika t-tipi u l-volumi ta' bijokarburanti importati u kkunsmati mill-Istati Membri. Id-dejta għandha tinkludi wkoll il-pajjiż tal-oriġini jew il-pajjiż li jkun qed jesporta dawk il-prodotti lejn l-Unjoni. Id-dejta dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' materja prima bijoloġika jew prodotti nofshom ipproċessati għandha tittejjeb permezz tal-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni mill-Eurostat dwar l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-materja prima, it-tip u l-pajjiż tal-oriġini, inkluża materja prima innegozjata internament jew seminegozjata.'* [Em. 98]

*2b. Il-Eurostat għandu jiġbor u jippubblika informazzjoni dettaljata fir-rigward tal-impjiegi dwar in-numri, it-tul ta' żmien u s-salarji assoċjati ma' impjieg dirett, indirett u ikkaġunat iġġenerat mill-industrija tal-bijokarburanti tal-Unjoni. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa metodoloġija miftiehma għall-kejl ta' impjiegi li għandha tivvaluta u timmonitorja b'mod sistematiku l-livelli ta' impjiegi fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni. Iċ-ċifri tal-impjieg għandhom jiġu diżaggregati skont is-setturi tal-etanol u tal-bijodiżil u jidentifikaw b'mod ċar il-post tal-impjieg fil-katina tal-provvista tal-bijokarburant. Attwalment, id-dejta dwar l-impjiegi fir-rigward tal-bijokarburanti mhijiex inkluża fi statistika uffiċjali, filwaqt li l-istimi tal-impjiegi disponibbli għal dawk li jfasslu l-politika jvarjaw skont id-definizzjoni jew il-metodoloġija sottostanti adottata mill-istudju partikolari, l-approċċ tal-għadd tal-impjiegi applikat, u l-punt safejn l-istudji jorbtu l-attività agrikola mal-industrija tal-bijokarburanti. Proċess formali li jkun jirrikjedi li ċ-ċifri tal-impjieg jiġu appoġġati minn dejta sottostanti u suppożizzjonijiet trasparenti jtejjeb id-disponibbiltà tal-informazzjoni."*

[Em. 99]

*(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:*

*"4. L-Unjoni għandha tħabrek biex tikkonkludi strumenti ta' ftehim bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi li jkun fihom impenji obbligatorji b'rabta ma' dispożizzjonijiet dwar kriterji ta' sostenibbiltà li jikkorrispondu ma' dawk ta' din id-Direttiva. Tali ftehimiet għandhom jistabbilixxu wkoll regoli bil-ħsieb li jkun żgurat li l-proċeduri doganali ta' pajjiżi terzi ma jwasslux għal frodi relatata mal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ. L-Unjoni għandha tħabrek ukoll biex tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jinkludu impenji dwar ir-ratifika u l-infurzar tal-Konvenzjonijiet tal-ILO u l-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali (MEAs) kif imsemmi fl-Artikolu 17(7). Meta l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehimiet li jkun fihom impenji obbligatorji b'rabta ma' dispożizzjonijiet relatati ma' kwistjonijiet koperti mill-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(2) sa (7), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dawk il-ftehimiet juru li l-bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn materja prima kkultivata f'dawk il-pajjiżi jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà inkwistjoni. Meta jiġu konklużi dawk il-ftehimiet, għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq il-miżuri meħuda favur il-konservazzjoni ta' żoni li jipprovdu, f'sitwazzjonijiet kritiċi, servizzi bażiċi tal-ekosistemi (bħall-protezzjoni għal nixxigħat ta' ilma minn art għolja għal xmajjar jew ibħra u l-kontroll tal-erożjoni), għall-protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma u tal-arja, għall-bidliet indiretti fl-użu tal-art, għar-restawr tal-art degradata, għall-evitar tal-konsum eċċessiv ta' ilma f'żoni fejn l-ilma jkun skars u l-kwistjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(7).'* [Em. 100]

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

'Il-Kummissjoni ~~tista'~~ ***għandha*** tiddeċiedi jekk skemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali li jistabbilixxu standards għall-produzzjoni ta' prodotti ta' bijomassa jkun fihom dejta preċiża għall-finijiet tal-Artikolu 17(2) jew juru li konsenji ta' bijokarburant jew bijolikwidu jkunu konformi mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(3) sa ~~(5)~~ ***(5a), u jekk xi ebda materjal ma jkun ġie immodifikat apposta sabiex ikun kopert minn punti (i) sa (iii) tal-Artikolu 3(4)(e)***. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dawn l-iskemi jkun fihom dejta preċiża għall-finijiet ta' informazzjoni dwar miżuri meħudin għall-konservazzjoni ta' żoni li jipprovdu, f'sitwazzjonijiet kritiċi, servizzi bażiċi ta' ekosistemi (bħal protezzjoni għal nixxigħat ta' ilma minn art għolja għal xmajjar jew ibħra, u kontroll tal-erożjoni), għall-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja, ir-restawr ta' art degradata, li jkun evitat konsum eċċessiv ta' ilma f'żoni fejn l-ilma jkun skars u dwar il-kwistjonijiet imsemmijin fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(7).

Il-Kummissjoni tista' wkoll tirrikonoxxi żoni għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċijiet rari, mhedda jew fil-periklu ta' estinzjoni rikonoxxuti minn ftehimiet internazzjonali jew inklużi f'listi stabbiliti minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura għall-finijiet tal-Artikolu 17 (3)(b) (ii).'' **[Em. 101]**

***'Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rikonoxximent reċiproku ta' skemi ta' verifika li jissalvagwardjaw il-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u l-bijolikwidi, meta dawk l-iskemi kkonċernati jkunu ġew stabbiliti b'konformità ma' din id-Direttiva.'***

**[Em. 102]**

*(c)* ***il-paragrafu li ġej huwa miżjud:***

***"9a. Sa tliet snin [mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina mill-ġdid it-tħaddim tal-iskemi volontarji li għalihom tkun ġiet adottata deċiżjoni skont il-paragrafu 4 filwaqt li jidentifika l-aħjar prattiki. Ir-rapport għandu jkun imsejjes fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli, inkluż mill-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, u għandu jkun imsejjes fuq l-esperjenza prattika fl-applikazzjoni tal-iskemi. Ir-rapport għandu jikkunsidra l-iżviluppi li jsiru fl-istandards u l-linji gwida rilevanti rikonoxxuti internazzjonalment, inklużi dawk imfasslin mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni u l-Alleanza ISEAL. B'rabta ma' kull skema, ir-rapport għandu janalizza, fost affarijiet oħrajn, dawn l-aspetti li ġejjin:***

— ***l-indipendenza, il-modalità u l-frekwenza tal-awditjar;***

— ***id-disponibbiltà u l-esperjenza fl-applikazzjoni tal-metodi sabiex jiġi identifikat u indirizzat in-nuqqas ta' konformità;***

— ***it-trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-iskema, id-disponibbiltà ta' traduzzjonijiet fil-lingwi uffiċjali tal-pajjiżi u r-reġjuni minn fejn toriġina l-materja prima, l-aċċessibbiltà ta' lista ta' operaturi ċertifikati u ċ-ċertifikati relattivi, l-aċċessibbiltà tar-rapporti tal-awdituri;***

— ***il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsultazzjoni mal-komunitajiet indiġeni u lokali waqt it-tfassil u l-eżami mill-ġdid tal-iskema kif ukoll waqt l-awditjar;***

— ***is-solidità ġenerali tal-iskema, b'mod partikolari fid-dawl ta' regoli dwar l-akkreditazzjoni, il-kwalifikazzjoni u l-indipendenza tal-awdituri u tal-korpi rilevanti għall-iskema;***

— ***l-aġġornament fis-suq tal-iskema.***

***Jekk ikun xieraq fid-dawl tar-rapport, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġu modifikati l-kriterji elenkati fl-Artikolu 18(5)."***

**[Em. 103]**

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

7. L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

***(-a) il-paragrafu li ġej huwa miżjud:***

***"1a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 25b fir-rigward tal-inklużjoni fl-Anness V ta' proċedura għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti likwidi u gassużi rinnovabbli b'oriġini mhux bijoloġika, għall-fini ta' verifika tal-konformità tagħhom mal-Artikolu 17. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Diċembru 2015."***

**[Em. 106]**

(a) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. L-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola fir-rapporti msemmijin fl-Artikolu 19(2) fil-każ tal-Istati Membri, u f'rapporti ekwivalenti għal dawk fil-każ ta' territorji barra mill-Unjoni, jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 25(3), li r-rapporti msemmijin fil-paragrafu 3 jkun fihom dejta preċiża biex jitkejlu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra assoċjati mal-kultivazzjoni ta' materja prima għall-ipproċessar industrijali u produttiv ta' bijokarburanti u bijolikwidi tipikament prodotta f'dawk iż-żoni għall-finijiet tal-Artikolu 17(2)."

(b) fil-paragrafu 5, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 25b."

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 25b fir-rigward tal-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku tal-Anness VIII, inkluża r-reviżjoni tal-valuri tal-grupp propost ta' għelejjel minn tibdil indirett fl-użu tal-art. ~~l-introduzzjoni ta'~~ ***Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-mudelli ekonomiċi użati għall-istima ta' tali valuri tat-tibdil indirett fl-użu tal-art, il-Kummissjoni fl-eżami mill-ġdid tagħha għandha tinkludi l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli fir-rigward tas-suppożizzjonijiet ewlenin li jinfluwenzaw ir-riżultati tal-immudellar, inklużi tendenzi mkejla tal-prodott agrikolu u l-produttività, l-allokazzjoni tal-koprodotti u t-tibdil osservat fl-użu globali tal-art u r-rati ta' deforestazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet interessati jkunu involuti f'tali proċess ta' eżami mill-ġdid. L-ewwel eżami mill-ġdid ta' dan it-tip għandu jiġi konkluż sat-30 ta' Ġunju 2016.***

***Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tipproponi*** valuri ***ġodda tat-tibdil indirett fl-użu tal-art*** ġodda f'aktar livelli ta' diżaggregazzjoni (~~jiġifieri f'livell ta' materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv~~); l-inklużjoni ta' valuri addizzjonali jekk materja prima tal-bijokarburant ġdid tidħol fis-suq skont kif jixraq; u l-iżvilupp ta' fatturi għal materja prima minn materjali ċellulożiċi u linjoċellulożiċi mhux tal-ikel.

***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 25b biex tistabbilixxi fl-Anness VIII valuri li jikkorrispondu mal-emissjonijiet marbuta mat-tibdil indirett fl-użu tal-art għall-materja prima mill-materjali ċellulożiċi u linjoċellulożiċi mhux tal-ikel, u għandha tinkludi dawk il-valuri fil-metodu tal-kalkolu tal-impatt tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi kif previst f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Ġunju 2016."***

**[Em. 107 u 190]**

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

(d) fil-paragrafu 7, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 25b fir-rigward tal-adattament tal-Anness V għall-progress tekniku u xjentifiku, inkluż billi jingħaddu l-valuri għal aktar mogħdijiet ta' produzzjoni ta' bijokarburanti għall-istess materja prima jew għal materja prima oħra u billi tkun immodifikata l-metodoloġija stabbilita fil-Parti C".

(e) il-paragrafu 8 huwa mħassar.

8. L-Artikolu 21 huwa mħassar.

9. Fl-Artikolu 22, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fl-istima tat-tnaqqis nett ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti, l-Istat Membru jista', għall-fini tar-rapporti msemmijin fil-paragrafu 1, juża l-valuri tipiċi mogħtijin fil-Parti A u fil-Parti B tal-Anness V, u għandu jgħodd l-istimi ta' emissjonijiet għal tibdil indirett fl-użu tal-art stabbiliti fl-Anness VIII."

***9a. Fl-Artikolu 23, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

"8a. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta, sal-31 ta' Diċembru 2015, rapport dwar l-impatti ambjentali u ekonomiċi pożittivi u negattivi tal-bijokarburanti prodotti mill-iskart, residwi, koprodotti jew materja prima li ma tużax art. L-impatti ambjentali li għandhom jiġu vvalutati jinkludu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, il-bijodiversità, l-ilma u l-fertilità tal-ħamrija. Għandhom jiġu kkunsidrati ll-benefiċċji potenzjali jew imħassra ta' din il-materja prima għal finijiet oħra, b'mod partikolari fil-produzzjoni tal-prodotti. L-impatti ekonomiċi li għandhom jiġu vvalutati għandhom jinkludu l-ispejjeż tal-produzzjoni, il-kost tal-għażla li tintuża din il-materja prima għal finijiet oħra kif ukoll ir-ritorn fuq l-investiment tal-enerġija tul iċ-ċiklu tal-ħajja li jista' jinkiseb mill-użu ta' din il-materja prima għall-produzzjoni tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi avvanzati."***

**[Em. 109]**

10. L-Artikolu 25(4) huwa mħassar.

11. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 25b

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħat li jkunu adottati atti delegati qed jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni soġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(4)(d), fl-Artikolu 5(5), fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(3)(c), u fl-Artikoli 19(1), (5), (6) u (7) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat ta' żmien minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(4)(d), fl-Artikolu 5(5), fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(3)(c), fl-Artikoli 19(5), 19(6) u 19(7) tista' tkun irrevokata f'kull żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(4)(d), l-Artikolu 5(5), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(3)(c), l-Artikoli 19 (5), 19 (6) u 19 (7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun espressa ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

12. L-annessi huma emendati kif stabbilit fl-Anness II għal din id-Direttiva.

Artikolu 3

Eżami mill-ġdid

Il-Kummissjoni għandha, qabel il-31 ta' Diċembru 2017, tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina mill-ġdid, abbażi tal-aqwa u l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli, l-effikaċja tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva biex jiġu limitati emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjati mal-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi. Ir-rapport għandu, jekk ikun jixraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva bbażata fuq l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, biex ikunu introdotti fatturi ta' emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art fil-kriterji adatti ta' sostenibbiltà li għandhom ikunu applikati mill-1 ta' Jannar 2021. ~~u minn~~

***Ir-rapport għandu jinkludi wkoll*** eżami mill-ġdid tal-effikaċja tal-inċentivi pprovduti għal bijokarburanti minn materja prima li ma tużax art u minn għelejjel mhux tal-ikel skont l-Artikolu 3(4)(d) tad-Direttiva 2009/28/KE. ***Għandu jinkludi valutazzjoni tad-disponibbiltà ta' dawn il-bijokarburanti u tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tagħhom. Fost affarijiet għandu jivvaluta l-impatt tal-produzzjoni ta' bijokarburanti fuq id-disponibbiltà tal-injam bħala riżorsa u fuq is-setturi li jużaw il-bijomassa.***

***Ir-rapport għandu, jekk ikun xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-istabbiliment ta' kriterji ta' sostenibbiltà xierqa għall-bijokarburanti minn materja prima mhux tal-art u għelejjel mhux tal-ikel.***

***L-investituri għandhom iqisu l-fatt li t-teknoloġiji tal-produzzjoni tal-bijokarburanti għadhom qed jiġu żviluppati u fi stadju aktar tard jistgħu jiġu adottati aktar miżuri sabiex itaffu l-impatti negattivi.*** **[Em. 111]**

Artikolu 4

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta'din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati bit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

**ANNESS I**

L-annessi għad-Direttiva 98/70/KE huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness IV, il-Parti C hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-emissjonijiet annwalizzati minn tibdiliet ta' ħażna ta' karbonju kkawżati minn tibdil fl-użu tal-art, $e_l$, għandhom jiġu kkalkulati billi l-emissjonijiet kollha jiġu diviżi ndaqs tul 20 sena. Għall-kalkolu ta' dawn l-emissjonijiet għandha tiġi applikata r-regola li ġejja:

$e_l = (CS_R - CS_A) \times 3{,}664 \times 1/20 \times 1/P,$

fejn

$e_l$ = emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra annwalizzati minn tibdil ta' ħażna ta' karbonju minħabba tibdil fl-użu tal-art (imkejla bħala massa (grammi) ekwivalenti għal $CO_2$ għal kull unità ta' enerġija prodotta (megajoules) mill-bijokarburant;

$CS_R$ = il-ħażna ta' karbonju għal kull unità ta' erja assoċjata mal-użu tal-art ta' referenza (imkejla bħala massa (tunnellati) ta' karbonju għal kull unità ta' erja, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). L-użu tal-art ta' referenza għandu jkun l-użu tal-art f'Jannar 2008 jew 20 sena qabel ma l-materja prima tkun inkisbet, skont liema minnhom iseħħ l-aħħar;

$CS_A$ = il-ħażna ta' karbonju għal kull unità ta' erja assoċjata mal-użu reali tal-art (imkejla bħala massa (tunnellati) ta' karbonju għal kull unità ta' erja, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). F'każijiet fejn il-ħażna ta' karbonju takkumula tul aktar minn sena waħda, il-valur attribwit lis-$CS_A$ għandu jkun il-ħażna stmata għal kull unità ta' erja wara 20 sena jew meta l-għalla tkun immaturat, skont liema minnhom iseħħ l-ewwel; u

P = il-produttività tal-għalla (imkejla bħala bijokarburant jew enerġija għal kull unità ta' erja kull sena)."

(b) il-punti 8 u 9 jitħassru.

(2) Għandu jiżdied l-Anness li ġej:

"Anness V

Parti A. Emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art minn bijokarburanti

| Grupp ta' materja prima | Emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art ($gCO_{2ek}/MJ$) |
|---|---|
| Ċereali u għelejjel oħra bi pjanti b'kontenut rikk ta' lamtu | 12 |
| Pjanti taz-zokkor | 13 |
| Għelejjel ta' pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt | 55 |

Parti B. Bijokarburanti li għalihom l-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art jitqiesu li huma żero

Bijokarburanti prodotti mill-kategoriji li ġejjin ta' materja prima se jitqiesu li l-emissjonijiet stmati tagħhom minn tibdil indirett fl-użu tal-art ikunu żero:

(a) materja prima mhux inkluża fil-Parti A ta' dan l-Anness.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

(b) materja prima li l-produzzjoni tagħha wasslet għal tibdil dirett fl-użu tal-art, i.e. tibdil minn waħda mill-kategoriji tal-IPPC li ġejjin għall-kopertura tal-art; art tal-foresti, bwar, artijiet mistagħdra, insedjamenti jew art oħra bħal għelejjel ikkultivati jew għelejjel perenni ([1]). F'każ bħal dan 'valur ta' emissjonijiet minn tibdil dirett fl-użu tal-art (el)' għandu jkun ġie kkalkulat skont il-Parti C, punt 7 tal-Anness IV."

([1]) Għelejjel perenni huma ddefiniti bħala għelejjel pluriennali li z-zokk tagħhom ma jinħasadx kull sena bħal pereżempju msaġar ta' newba qasira u żejt tal-palm kif iddefiniti f'(2010/C 160/02)

ANNESS II

L-Annessi tad-Direttiva 2009/28/KE huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness V, il-Parti C hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-emissjonijiet annwalizzati minn tibdiliet ta' ħażna ta' karbonju kkawżati minn tibdil fl-użu tal-art, $e_l$, għandhom jiġu kkalkulati billi l-emissjonijiet kollha jiġu diviżi ndaqs tul 20 sena. Għall-kalkolu ta' dawn l-emissjonijiet għandha tiġi applikata r-regola li ġejja:

$e_l = (CS_R - CS_A) \times 3{,}664 \times 1/20 \times 1/P,$

fejn

$e_l$ = emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra annwalizzati minn tibdil ta' ħażna ta' karbonju minħabba tibdil fl-użu tal-art (imkejla bħala massa (grammi) ekwivalenti għal $CO_2$ għal kull unità ta' enerġija prodotta (megajoules) mill-bijokarburant;

$CS_R$ = il-ħażna ta' karbonju għal kull unità ta' erja assoċjata mal-użu tal-art ta' referenza (imkejla bħala massa (tunnellati) ta' karbonju għal kull unità ta' erja, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). L-użu tal-art ta' referenza għandu jkun l-użu tal-art f'Jannar 2008 jew 20 sena qabel ma l-materja prima tkun inkisbet, skont liema minnhom ikun seħħ l-aħħar;

$CS_A$ = il-ħażna ta' karbonju għal kull unità ta' erja assoċjata mal-użu reali tal-art (imkejla bħala massa (tunnellati) ta' karbonju għal kull unità ta' erja, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). F'każijiet fejn il-ħażna ta' karbonju takkumula tul aktar minn sena waħda, il-valur attribwit lis-$CS_A$ għandu jkun il-ħażna stmata għal kull unità ta' erja wara 20 sena jew meta l-għalla tkun immaturat, skont liema minnhom iseħħ l-ewwel; u

P = il-produttività tal-għalla (imkejla bħala enerġija minn bijokarburant jew bijolikwidu għal kull unità ta' erja kull sena)."

(b) il-punti 8 u 9 jitħassru.

(2) Għandu jiżdied l-Anness VIII li ġej:

**"Anness VIII**

**Parti A. Emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art minn materja prima għall-ipproċessar industrijali u produttiv ta' bijokarburanti u bijolikwidi**

| Grupp ta' materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv | Emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art ($gCO_{2ek}/MJ$) |
|---|---|
| Ċereali u għelejjel oħra bi pjanti b'kontenut rikk ta' lamtu | 12 |
| Pjanti taz-zokkor | 13 |
| Għelejjel ta' pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt | 55 |

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

~~Parti B. Bijokarburanti u bijolikwidi li għalihom l-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art jitqiesu li huma żero~~

~~Bijokarburanti u bijolikwidi prodotti mill-kategoriji li ġejjin ta' materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv se jitqiesu li l-emissjonijiet stmati tagħhom minn tibdil indirett fl-użu tal-art ikunu żero.~~

~~(a) materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv mhux inkluża fil-Parti A ta' dan l-Anness.~~

~~(b) materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv li l-produzzjoni tagħha wasslet għal tibdil dirett fl-użu tal-art, i.e. tibdil minn waħda mill-kategoriji tal-IPPC li ġejjin għall-kopertura tal-art: art tal-foresti, bwar, artijiet mistagħdra, insedjamenti jew art oħra, bħal għelejjel ikkultivati jew għelejjel perenni (1). F'każ bħal dan "valur ta' emissjonijiet minn tibdil dirett fl-użu tal-art ($e_l$) għandu jkun ġie kkalkulat skont il-Parti C, il-paragrafu 7 tal-Anness V."~~

(1) ~~Għelejjel perenni huma ddefiniti bħala għelejjel pluriennali li z-zokk tagħhom ma jinħasadx kull sena bħal per eżempju msaġar ta' newba qasira u żejt tal-palm kif iddefiniti f'(2010/C 160/02)~~

**[Em. 164]**

(3) Għandu jiżdied l-Anness IX li ġej:

"Anness IX

Parti A. Materja prima ***minn skart u residwi*** li l-kontribuzzjoni tagħha għall-mira msemmija fl-Artikolu 3(4) għandha titqies li hija ~~erba' darbiet aktar mill-kontenut~~ hija ***daqs il-kontenut*** tal-enerġija tagħha ***u li tikkontribwixxi għall-mira ta' 2,5 % msemmija fl-Artikolu 3(d)(i)*** **[Em. 186]**

~~(a) Alka.~~

(b) Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart muniċipali mħallat, iżda mhux skart domestiku ***separat*** soġġett għal miri ta' riċiklaġġ ***jew ġbir separat*** skont l-Artikolu 11***(1) u*** (2)(a) tad-Direttiva 2008/98/KE; ***l-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi għal bijoskart separat meta l-proċessi jkunu jippermettu l-produzzjoni ta' kompost kif ukoll ta' bijokarburanti.***

(c) Frazzjoni ta' ~~bijomassa ta'~~ ***bijodegredabbli*** skart industrijali, ***tal-konsumaturi u tal-operaturi, iżda mhux skart soġġett għal ġbir separat skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2008/98/KE, u sakemm jiġu rispettati dik il-ġerarkija tal-iskart u l-prinċipju ta' użu kaskata***.

(d) Tiben.

(e) Demel tal-annimali u ħama tad-drenaġġ.

~~(f) Effluwent minn imtieħen taż-żejt tal-palm u għenieqed vojta tal-frott tal-palma.~~

(g) Żift miż-żejt tal-arżnu.

(h) Gliċerina mhux raffinata.

(i) Bagasse.

(j) Residwi tal-għasra u karfa tal-inbid.

(k) Qxur tal-ġewż.

(l) Ħliefa.

(m) Ċfaċagħ tal-qamħirrum.

(n) Qxur tas-siġar, frieghi, weraq, serratura u fdalijiet mill-qtugħ tas-siġar.

***(na) Materjal linjoċelluloziku għajr zkuk maqtugħin u zkuk maqtugħin miksija b'fuljetta fina (veneer logs).***

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

Parti B. Materja prima ***minn skart u residwi*** li l-kontribuzzjoni tagħha għall-mira msemmija fl-Artikolu 3(4) għandha titqies li hija darbtejn aktar mill-kontenut tal-enerġija tagħha

(a) Żejt tal-ikel użat.

(b) Xaħam tal-annimali kklassifikat bħala tal-kategorija I u II skont ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

~~(c) Materjal ċellulożiku mhux tal-ikel.~~

~~(d) Materjal linjoċellulożiku għajr zkuk maqtugħin u zkuk maqtugħin miksija b'fuljetta fina (veneer logs).~~

Parti C. Materja prima li l-kontribuzzjoni tagħha għall-mira msemmija fl-Artikolu 3(4) għandha titqies li hija erba' darbiet aktar mill-kontenut tal-enerġija tagħha u li tikkontribwixxi għall-mira ta' 2,5 % msemmija fl-Artikolu 3 (d)(i)

***(a) Alka (awtotrofika).***

***(b) Karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika.***

***(c) Il-qbid tal-karbonju u l-użu għal finijiet ta' trasport.***

***(d) Batterji.*** **[Em. 186]**

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1)."

**[Em. 186]**

P7_TA(2013)0358

## Miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (COM(2012)0413 – C7-0202/2012 – 2012/0201(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/44)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0413),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0202/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta1-14 ta' Novembru 2012 [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0242/2013),

[1] ĠU C 11, 15.1.2013, p. 86.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi/tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2012)0201

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-11 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

***(-1) Fuq il-bażi ta' informazzjoni li għandha tiġi provduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport dwar l-eżitu tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi, b'mod urġenti, miżuri adatti sabiex jinkiseb, bi probabbiltà kbira, l-irkupru tas-sallura Ewropea.*** **[Em. 1]**

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 ([3]) jikkonferixxi setgħat lill-Kummissjoni sabiex timplimenta xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

(2) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, jeħtieġ li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni bir-Regolament (KE) Nru 1100/2007 jiġu allinjati ~~mal-Artikoli 290 u~~ ***mal-Artikolu*** 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. **[Em. 2]**

(3) Sabiex jiġu applikati ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007, is-setgħa li tadotta l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-teħid ta' miżuri sabiex tindirizza tnaqqis sinifikattiv fil-prezzijiet medji tas-suq għas-sallur użat għar-riforniment, imqabblin ma' dawk tas-sallur użat għal skopijiet oħrajn. ***Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma prepartorja tagħha fuq il-bażi tal-parir xjentifiku u r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi l-iktar riċenti, speċjalment fil-livell tal-esperti, sabiex tiżgura li l-informazzjoni disponibbli għaliha tkun imparzjali, preċiża, kompluta u aġġornata. Il-Kummissjoni, waqt it-tħejjija u t-tfassil tal-atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja u fil-ħin tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** **[Em. 3]**

---

([1]) ĠU C 11, 15.1.2013, p. 86.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013.

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17).

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

~~(4) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha għall-adozzjoni tal-atti ddelegati, inkluż fil-livell tal-esperti.~~

~~(5) Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.~~ **[Em. 4]**

(6) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007 dwar l-approvazzjoni ta' Pjanijiet ta' Ġestjoni għas-Sallur mill-Kummissjoni fuq il-bażi ~~ta' dejta~~ ***tal-aqwa informazzjoni*** teknika u xjentifika ***disponibbli li tkun ukoll l-aktar reċenti***, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). **[Em. 5]**

***(6a) L-ICES għandu jipprovdi parir ġdid u aktar komprensiv dwar l-istatus tal-istokkijiet tas-sallura fl-2013. Fit-tħejjija ta' tali parir, l-ICES għandu jħares lejn il-kawżi kollha ta' tnaqqis fl-istokkijiet tas-sallura, anke f'rabta maż-żoni fejn dan ibid il-bajd. Fil-każ li l-ICES jikkonferma li l-istatus tal-istokkijiet tas-sallura għadu kritiku, il-Kummissjoni, mill-iktar fiss possibbli, għandha tissottometti proposta għal regolament ġdid dwar l-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea. Dak ir-regolament għandu jkopri wkoll soluzzjonijiet għat-terminu twil, bħal modi kif jiġu żblukkati l-passaġġi migratorji.*** **[Em. 6]**

(7) Il-Kummissjoni mhix se tkun f'pożizzjoni li tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar miżuri li jikkonċernaw ir-riforniment, inkluż l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tas-suq sa l-1 ta' Lulju 2011, minħabba t-trażmissjoni tard minn xi Stati Membri tal-informazzjoni rilevanti. L-iskadenza għal dan ir-rapport għandha għalhekk tiġi posposta għall-31 ta' Diċembru 2012.

***(7a) Huwa importanti li l-Kummissjoni tippenalizza lill-Istati Membri li ma jkunux bagħtu jew analizzaw id-data kollha disponibbli għalihom sabiex ikun jista' jitfassal inventarju eżawrjenti u xjentifikament sod tas-sitwazzjoni fir-rigward tas-sallura Ewropea.*** **[Em. 7]**

(8) Id-dispożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007 dwar is-setgħa ta' adozzjoni ta' miżuri alternattivi biex jintlaħqu l-livelli tal-ħarba mmirati jagħti s-setgħa lill-Kunsill biex jemenda dan l-element mhux essenzjali ta' dak ir-Regolament. Billi din il-proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet ma għadhiex possibbli taħt it-TFUE, d-dispożizzjoni kkonċernata għandha titħassar.

(9) Kien ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/292/KE ([2]) li l-Baħar l-Iswed u s-sistemi tax-xmajjar marbutin miegħu ma jikkostitwixxux ħabitat naturali tas-sallur għas-sallura Ewropea għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007. Għalhekk l-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament ma għadux jgħodd u għandu jitħassar.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/310/KE ([3]) approvat it-talbiet minn Ċipru, Malta, l-Awstrija, ir-Rumanija u s-Slovakkja biex jiġu eżentati mill-obbligu li jippreparaw Pjan ta' Ġestjoni għas-Sallur. M'hemm l-ebda talba pendenti għall-eżenzjoni minn dak l-obbligu. Għalhekk l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007 ma għadux jgħodd u għandu jitħassar.

(11) Ir-Regolment (KE) Nru 1100/2007 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([2]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/292/KE tal-4 ta' April 2008 li tistabbilixxi li l-Baħar l-Iswed u s-sistemi tax-xmajjar marbutin miegħu ma jikkostitwixxux il-ħabitat naturali tas-sallura Ewropea għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (ĠU L 98, 10.4.2008, p. 14).

([3]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/310/KE tat-2 ta' April 2009 li tapprova t-talbiet minn Ċipru, Malta, l-Awstrija, ir-Rumanija u s-Slovakkja għall-eżenzjoni mill- obbligu li jħejju Pjan ta' Ġestjoni għas-Sallur skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 (ĠU L 91, 3.4.2009, p. 23).

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1100/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, jitħassar il-paragrafu 2.

***(1a) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jiddefinixxu l-baċini ta' xmajjar individwali li jinsabu fit-territorju nazzjonali tagħhom li jikkostitwixxu*** habitats ***naturali għas-sallura Ewropea (baċini ta' xmajjar tas-sallura), li jistgħu jinkludu ilmijiet marittimi."***

**[Em. 9]**

***(1b) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"10. Fil-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura, kull Stat Membru għandu jimplimenta miżuri adatti malajr kemm jista' jkun għat-tnaqqis tal-mortalità tas-sallura kkawżata minn fatturi esterni għas-sajd, inklużi t-turbini idroelettriċi u l-pompi. Għandhom jittieħdu miżuri oħra meta jkun meħtieġ sabiex titnaqqas il-mortalità kkawżata minn fatturi oħra biex jintlaħqu l-miri tal-Pjan."***

**[Em. 10]**

(2) Jitħassar l-Artikolu 3.

(3) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-pjanijiet ta' Ġestjoni għas-Sallur għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 12b(2)."

***(3a) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

***"4. Stat Membru li jkun ippreżenta Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura lill-Kummissjoni għal approvazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008, li ma jistax jiġi approvat mill-Kummissjoni*** skont ***il-paragrafu 1 jew li ma jissodisfax il-kundizzjoijiet ta' rappurtar u evalwazzjoni stipulati fl-Artikolu 9, għandu jnaqqas l-isforz tas-sajd b'mill-inqas 50 % relattivament għall-isforz medju użat mill-2004 sa l-2006 jew inaqqas l-isforz tas-sajd sabiex jiżgura tnaqqis fil-qabdiet ta' sallura b'mill-inqas 50 % relattivament għall-qabda medja mill-2004 sa l-2006, billi jqassar l-istaġun tas-sajd għas-sallura jew b'mezzi oħrajn. Dan it-tnaqqis għandu jiġi implimentat fi żmien tliet xhur mid-deċiżjoni li ma jiġix approvat il-pjan jew fi żmien tliet xhur min-nuqqas ta' osservanza ta' skadenza ta' rrappurtar."***

**[Em. 11]**

***(3b) Fl-Artikolu 5, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"7. Mill-1 ta' Jannar 2014, il-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura kollha għandhom jiġu riveduti u aġġornati kull sentejn, filwaqt li jitqies il-parir xjentifiku l-aktar riċenti."***

**[Em. 12]**

(4) Fl-Artikolu 7, il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Fil-każ ta' tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet medji tas-suq għas-sallur użat għar-rifonniment, imqabblin ma' dawk tas-sallur użat għal skopijiet oħrajn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ddelegati adottati skont l-Artikolu 12a u sabiex tindirizza s-sitwazzjoni, tista' tnaqqas temporanjament il-perċentwali tas-sallur għar-rifonniment użat kif imsemmi fil-paragrafu 2 ***meta l-Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura jkun konformi mal-Artikolu 2(4)***.

7. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ~~2012~~ ***2013***, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tevalwa l-miżuri li jikkonċernaw ir-rifonniment, ~~inkluż~~ ***filwaqt li tqis l-aktar pariri xjentifiċi reċenti dwar il-kundizzjonijiet li bihom x'aktarx li r-rifonniment jikkontribbwixxi għal żieda fil-bijomassa ta' stokk li jbid. F'tali rapport il-Kummissjoni għandha tirrevedi*** l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tas-suq."

**[Em. 13]**

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

*(4a) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

*"8. Ir-riforniment għandu jitqies bħala miżura ta' konservazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) Nru … [EMFF], sakemm:*

— ***ikun parti minn Pjan ta' Ġestjoni tas-Sallura stabbilit** skont **l-Artikolu 2;***

— ***jikkonċerna sallur maqbud u mmaniġġjat permezz ta' metodi u tagħmir li jiggarantixxu l-inqas mortalità possibbli matul il-qbid, il-ħżin, it-trasport u t-tgħammir,***

— ***iseħħ f'żoni fejn ikun hemm probabbiltà għolja ta' sopravivenza u migrazzjoni,***

— ***jikkontribwixxi għall-kisba ta' 40 % tal-livell ta' ħarba mmirat kif imsemmi fl-Artikolu 2(4), u***

— ***is-sallur jitpoġġa fi kwarantina sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' kwalunkwe marda jew parassiti."***

**[Em. 14]**

(5) Artikolu 9, ***għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:***

***"Artikolu 9***

***Rappurtar u evalwazzjoni***

***1. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-data tar-riċerka sabiex jikkwantifikaw l-impatt tal-miżuri meħuda fir-rigward tal-istokk tas-sallur, isibu miżuri ta' mitigazzjoni u jirrakkomandaw miri ta' ġestjoni. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, inizjalment kull tliet snin, bl-ewwel rapport jiġi ppreżentat sat-30 ta' Ġunju 2012 u għandhom jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-kopri xjentifiċi maħtura. Minn dakinhar 'il quddiem, il-frekwenza tar-rappurtar għandha tiżdied għal darba kull sentejn, wara li jkun ġie ppreżentat l-ewwel rapport triennali. Ir-rapporti għandhom jiddeskrivu l-monitoraġġ, l-implimentazzjoni, l-effikaċja u l-eżitu, u b'mod partikolari għandhom jipprovdu l-aqwa estimi disponibbli ta':***

***(a) għal kull Stat Membru, il-proporzjon tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda li taħrab għall-baħar sabiex tbid, jew il-proporzjon tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda li tħalli t-territorju ta' dak l-Istat Membru bħala parti mill-migrazzjoni lejn il-baħar sabiex tbid, relattiv għal-livell ta' ħarba mmirat stabbilit fl-Artikolu 2(4);***

***(b) il-livell tal-isforz tas-sajd għas-sallura kull sena, u t-tnaqqis li jsir skont l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 5(4);***

***(c) il-livell ta' fatturi ta' mortalità barra mis-sajd, u t-tnaqqis li jsir skont l-Artikolu 2(10);***

***(d) l-ammont ta' sallur ta' tul iqsar minn 12-il ċm maqbud u l-proporzjonijiet ta' dan utilizzat għal skopijiet differenti;***

***(e) ir-rata ta' sopravivenza ta' sallur rifornit, sew jekk matul is-sajd, it-trasport, ir-riforniment jew matul il-ħarba lejn baħar Sargasso biex ibid;***

***(f) l-identifikazzjoni, fuq bażi volontarja, tal-postijiet fejn ibid is-sallur li jinqabad.***

***2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill, sal-31 ta' Ottubru 2013, rapport li jkun jikkonsisti minn evalwazzjoni statistika u xjentifika tar-riżultati tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Ġestjoni tas-Sallura, flimkien ma' opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd. Abbażi tas-sejbiet ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni tista' tressaq proposti biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament sabiex jiddaħħlu fatturi tal-mortalità tas-sallur apparti s-sajd.***

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

***3. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013, tippreżenta evalwazzjoni tal-kummerċ tal-Unjoni u internazzjonali tas-sallur Ewropew, li tiffoka, b'mod partikolari, fuq il-konformità mal-obbligi tal-Unjoni skont is-CITES, u stima tal-kummerċ illegali tas-sallur Ewropew fl-Istati Membri. Dan ir-rapport għandu jidentifika l-inkonsistenzi fis-settijiet differenti tad-data disponibbli u jissuġġerixxi miżuri sabiex jitjieb il-monitoraġġ tal-kummerċ, inkluża modifika tal-kodiċijiet doganali eżistenti sabiex jiġi permess monitoraġġ aktar effettiv."***

**[Em. 15]**

***(5a) Għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:***

***"Artikolu 9a***

***Miżuri ta' segwitu***

***Filwaqt li tqis is-sejbiet tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 7(7) u fl-Artikolu 9(3) u (3), kif ukoll kwalunkwe parir ġdid u aktar komprensiv ipprovdut mill-ICES dwar l-istatus tal-istokk tas-sallura Ewropea fl-2013, il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2014, tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida lill-Parlament u lill-Kunsill bl-għan li jinkiseb, bi probabbiltà għolja, l-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni tista' tqis modi biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex tiddaħħal il-mortalità kkaġunata minn fatturi apparti s-sajd."***

**[Em. 16]**

(6) Jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"Artikolu 12a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. ~~Id-delega tas-setgħat~~ ***Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemmija*** imsemmija fl-Artikolu 7(6) għandha tkun ikkonferita għal perjodu ~~indeterminat~~ ta' ~~żmien~~ ***tliet snin li jibda minn…*** (*) ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux għal tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

**[Em. 17]**

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 7(6) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 7(6) għandu jidħol fis-seħħ jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn (2) min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn (2) fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 12b

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura mwaqqaf bl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. (**)

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) ***Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***
(**) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal- eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P7_TA(2013)0359

## Il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (tfassil mill-ġdid) (COM(2012)0064 – C7-0045/2012 – 2012/0027(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – tfassil mill-ġdid)**

(2016/C 093/45)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0064),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 33, 114 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0045/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu aktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni għall-atti legali ([2]),

— wara li kkunsidra l-ittra tat-12 ta' Lulju 2012 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur skont l-Artikolu 87 (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 68.
([2]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-22 ta' Mejju 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7–0006/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2012)0027

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 952/2013.)*

---

P7_TA(2013)0360

# Il-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (COM(2011)0855 – C7-0468/2011 – 2011/0416(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/46)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0855),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0468/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Frar 2012 [1],

---

[1] ĠU C 143, 22.5.2012, p. 149

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Mejju 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0179/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0416

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1318/2013.)*

---

P7_TA(2013)0361

## Emenda tad-dwar is-sigurtà tal-ikel fir-rigward tas-setgħat li għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttivi 1999/4/KE, 2000/36/KE, 2001/111/KE, 2001/113/KE u 2001/114/KE fir-rigward tas-setgħat li għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni (COM(2012)0150 – C7-0089/2012 – 2012/0075(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/47)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0150),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 43(2) u 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0089/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mill-Kunsill Federali Awstrijak, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,

— wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-28 ta' Mejju 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0045/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2012)0075

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttivi 1999/4/KE u 2000/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kunsill 2001/111/KE, 2001/113/KE u 2001/114/KE fir-rigward tas-setgħat li għandhom jiġu mogħtija lill-Kummissjoni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1021/2013.)*

P7_TA(2013)0362

## Ftehim bejn l-UE u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Kap Verde u tal-UE ***

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Kap Verde u tal-Unjoni Ewropea (05674/2013 – C7-0110/2013 – 2012/0271(NLE))**

**(Kunsens)**

(2016/C 093/48)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (05674/2013),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Kap Verde u tal-Unjoni Ewropea (14203/2012),

([1]) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 143

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2)(a) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0110/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81 u l-Artikolu 90(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0266/2013),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kap Verde.

P7_TA(2013)0363

## Ftehim bejn l-UE u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar ir-riammissjoni ta’ persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2013 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar ir-riammissjoni ta’ persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni (14546/2012 – C7-0109/2013 – 2012/0268(NLE))**

**(Kunsens)**

(2016/C 093/49)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (14546/2012),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar ir-riammissjoni ta’ persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni (14759/2012),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 79(3) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0109/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0267/2013),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kap Verde

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

P7_TA(2013)0354

# Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2013 – Persunal tal-Aġenzija Ewropea GNSS – Persunal tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) – Persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni, Taqsima IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (11696/2013 – C7-0247/2013 – 2013/2084(BUD))**

(2016/C 093/50)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, kif adottat b'mod definittiv fil-12 ta' Diċembru 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ([4]),

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4/2013, li ġie ppreżentant mill-Kummissjoni fid-29 ta' April 2013 (COM(2013)0254),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2013, li l-Kunsill adotta fid-15 ta' Lulju 2013 (11696/2013 – C7-0247/2013),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Kultura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0285/2013),

A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2013 għandu l-għan li jimmodifika t-tabelli tal-persunal tal-Aġenzija Ewropea GNSS biż-żieda ta' 20 post minħabba l-kompiti ġodda fdati lilha, tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, Awdjoviżjoni u Kultura (EACEA) biż-żieda ta' 2 aġenti temporanji u 13-il aġent kuntrattwali minħabba l-estensjoni tal-mandat tagħha u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biż-żieda ta' 7 postijiet meħtieġa għall-Avukati Ġenerali addizzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 66, 8.3.2013.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

**L-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013**

B. billi r-rinforzi proposti huma ppreżentati bħala newtrali għall-baġit peress li huma ppjanati li jibbilanċjaw bit-tnaqqis korrispondenti fit-taqsima tal-baġit tal-Kummissjoni u għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mill-approprjazzjonijiet disponibbli fil-taqsima tagħha,

C. billi r-reklutaġġ tal-20 post ikkonċernat għall-Aġenzija Ewropea GNSS huwa kwistjoni ta' urġenza sabiex l-Aġenzija tkun tista' tħejji ruħha għall-kompiti l-ġodda tagħha minn Jannar 2014,

D. billi dan l-abbozz ta' baġit emendatorju jinkludi biss il-parti tat-talba oriġinali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li hija bbażata fuq id-Dikjarazzjoni Nru 38 annessa mal-att finali tal-Konferenza Intergouvernementali li adottat it-Trattat ta' Lisbona, li tħalli barra d-9 skrivana tal-qorti mitluba mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

E. billi skrivana tal-qorti addizzjonali jistgħu inaqqsu l-piż żejjed fuq il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba n-nuqqas tal-Kunsill li s'issa ma qabel ma ebda sistema għaż-żieda ta' Mħallfin għall-Qorti Ġenerali (minkejja l-bżonn għal din ir-riforma mhuwiex kkuntestat), u billi dawn il-postijiet għandhom fil-fatt jiġu inklużi fl-Abbozz ta' Baġit ippreżentat mill-Kummissjoni għall-2014;

1. Jieħu nota tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2013 kif preżentat mill-Kummissjoni u tal-pożizzjoni tal-Kunsill;

2. Jieħu nota fir-rigward taż-żieda fil-persunal tal-Aġenzija Ewropea GNSS li t-tpaċija permezz ta' tnaqqis fil-persunal tal-Kummissjoni mhux se tibda immedjatament fl-2013 iżda se tinkiseb totalment matul il-perjodu tal-QFP li jmiss;

3. Jinsab imħasseb dwar il-preżentazzjoni qarrieqa tal-iffrankar tal-persunal fir-rigward tat-tabella tal-persunal; jieħu nota li 13-il aġent kuntrattwali u 2 postijiet ġew vakati fis-servizzi diretti tal-Kummissjoni iżda żdiedu mat-tabella tal-persunal tal-EACEA; jinnota li billi l-aġenziji eżekuttivi kollha jiffurmaw parti mill-amministrazzjoni tal-Kummissjoni ebda tneħħija, kif preżentata, ma tidher, fill-baġit tal-Kummissjoni; konxju li l-persunal impjegat fi ħdan l-aġenziji eżekuttivi mħallsa direttament mill-fondi operazzjonali;

4. Biħsiebu jappoġġa l-postijiet addizzjonali għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li l-Kummissjoni ħalliet barra f'dan l-Abbozz, fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali 2014;

5. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2013;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiddikjara li l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4/2013 ġie adottat b'mod definittiv u jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

P7_TA(2013)0369

## L-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2012

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta` Settembru 2013 dwar ir-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2012 (2013/2051(INI))**

(2016/C 093/51)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2012,

— wara li kkunsidra tal-Artikolu 24, it-tielet paragrafu, l-Artikolu 228 u l-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 41 u 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2008 ([1]) dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li temenda d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar il-Kooperazzjoni li ġie konkluż bejn il-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Marzu 2006, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006,

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Ombudsman tal-1 ta' Jannar 2009 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 205(2), it-tieni u t-tielet sentenzi, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0257/2013),

A. billi r-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2012 ntbagħat uffiċjalment lill-President tal-Parlament fl-21 ta' Mejju 2013, u billi l-Ombudsman, is-Sur Nikiforos Diamandouros, ippreżenta r-rapport lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Brussell fit-28 ta' Mejju 2013;

B. billi r-rapport annwali tal-2012 huwa l-aħħar rapport annwali tas-Sur Diamandouros bħala Ombudsman Ewropew, peress li fl-14 ta' Marzu 2013 hu informa lill-President tal-Parlament Ewropew bl-intenzjoni tiegħu li jirtira fl-1 ta' Ottubru 2013; billi s-Sur Diamandouros ġie elett l-ewwel darba Ombudsman Ewropew fl-2003 u ġie sussegwentement elett mill-ġdid fl-2005 u fl-2010;

C. billi s-Sur Diamandouros spiċċa għaxar snin fil-kariga ta' Ombudsman Ewropew; billi s-suċċessur tiegħu se jiġi elett għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2013 sal-elezzjonijiet Ewropew fl-2014, u wara se jkollha tibda proċedura ġdida ta' elezzjoni mill-Parlament il-ġdid;

D. billi l-Artikolu 24 tat-TFUE jistipula li "kull ċittadin tal-Unjoni jista' jressaq rikors quddiem l-Ombudsman stabbilit skont l-Artikolu 228";

E. billi l-Artikolu 228 tat-TFUE jagħti s-setgħa lill-Ombudsman Ewropew li jilqa' lmenti li jikkonċernaw każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha;

([1]) ĠU C 286 E, 27.11.2009, p. 172.
([2]) ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.
([3]) Adottat fit-8 ta' Lulju 2002 u emendat permezz tad-deċiżjonijiet tal-Ombudsman tal-5 ta' April 2004 u tat-3 ta' Diċembru 2008.

F. billi skont l-Artikolu 298 tat-TFUE "l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti", u billi l-istess Artikolu joffri jipprovdi dwar l-adozzjoni, għal dak il-għan, ta' leġiżlazzjoni sekondarja speċifika, fil-forma ta' regolamenti, applikabbli għall-amministrazzjoni kollha tal-UE;

G. billi l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiddikjara li "Kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni";

H. billi l-UE għażlet l-2013 bħala 's-Sena Ewropea taċ-Ċittadini' biex tiċċelebra l-20 anniversarju taċ-ċittadinanza tal-UE;

I. billi l-Artikolu 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jistipula li "Kull ċittadin tal-Unjoni" u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru għandu d-dritt li jirrikorri għand l-Ombudsman Ewropew f'każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-aġenziji tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meta tkun qed taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha',

J. billi l-Parlament approva l-Kodiċi ta' Kondotta Amministrattiva Tajba, abbozzat mill-Ombudsman, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2001;

K. billi l-amministrazzjoni ħażina sseħħ meta korp pubbliku ma jaġixxix skont regola jew prinċipju li jorbotha,

L. billi din id-definizzjoni ma tillmitax l-amministrazzjoni ħażina għal każijiet li fihom ir-regola jew il-prinċipju li qed jinkisru jkunu legalment vinkolanti; billi l-prinċipji tal-amministrazzjoni tajba jikkostitwixxu livell ogħla ta' impenn mil-liġi, jesiġu li l-istituzzjonijiet tal-UE mhux biss jirrispettaw l-obbligi legali tagħhom, iżda jinkorporaw l-ispirtu ta' servizz u jiżguraw li l-membri kollha tal-pubbliku jiġu ttrattati b'ġustizzja, imparzjalità u dinjità u jgawdu d-drittijiet tagħhom bis-sħiħ;

M. billi fl-2012 l-Ombudsman irreġistra 2 442 ilment (2 510 fl-2011) u pproċessa 2 460 ilment (2 544 fl-2011); billi 740 ilment (30 %) waqgħu taħt il-mandat tiegħu;

N. billi l-maġġoranza tal-ilmenti (56 %) jaslu f'format elettroniku għar-reġistrazzjoni permezz tal-websajt interattiva tal-Ombudsman Ewropew, li hija disponibbli bi 23 lingwa uffiċjali;

O. billi l-Ombudsman fetaħ 450 inkjesta (382 fl-2011) fuq il-bażi tal-ilmenti; billi dan jikkostitwixxi żieda ta' 18 % f'paragun mal-2011; billi hu fetaħ 15-il inkjesta fuq inizjattiva propja (14 fl-2011) u preżenta Rapport Speċjali lill-Parlament;

P. billi l-Ombudsman għalaq 390 inkjesta (inklużi 10 inkjesta fuq inizjattiva proprja), li minnhom 206 kienu tal-2012, 113 tal-2011 u 71 tas-snin preċedenti; billi 85,3 % (324) tal-inkjesti magħluqa kienu minn ċittadini individwali u 14,7 % (56) minn kumpaniji, assoċjazzjonijiet jew entitajiet legali oħra;

Q. billi 1 467 ilment li waslu kienu jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza ta' membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen; billi dan in-netwerk hu magħmul mill-ombudsmen nazzjonali u reġjonali u minn korpi simili fl-UE, iż-ŻEE, l-Isvizzera u l-pajjiżi kandidati; billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament huwa membru sħiħ tan-Netwerk; billi l-Ombudsman trasferixxa 63 ilment lil dan il-kumitat;

R. billi 52,7 % mill-inkjesti miftuħa fl-2012 kienu jikkonċernaw il-Kummissjoni Ewropea, 5,2 % lill-Parlament Ewropew, 3,0 % lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), 1,5 % lill-Bank Ewropew tal-Investiment u 20,9 % lil istituzzjonijet, aġenziji u korpi oħra tal-UE;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

S. billi t-tipi prinċipali ta' amministrazzjoni ħażina allegata investigati fl-2012 kienu jikkonċernaw il-legalità (27,7 %), it-talbiet għal informazzjoni (12,5 %), il-ġustizzja (10,3 %), il-limitazzjonijiet ta' żmien għad-deċiżjonijiet (8 %) u t-talbiet għal aċċess għad-dokumenti (6,7 %);

T. billi l-Ombudsman ma sab ebda amministrazzjoni ħażina f'76 każ magħluq (19 %) u sab amministrazzjoni ħażina f'56 każ (14 %);

U. billi l-fatt li ma tinstabx amministrazzjoni ħażina mhuwiex neċessarjament eżitu negattiv għall-kwerelant, li jibbenefika minn spjegazzjoni sħiħa mill-istituzzjoni kkonċernata kif ukoll l-analiżi indipendenti dwar il-każ mill-Ombudsman, u għandu l-assikurazzjoni li l-istituzzjoni kkonċernata tkun aġixxiet f'konformità mal-prinċipji tal-amministrazzjoni tajba;

V. billi fi 80 każ fl-2012, instabet soluzzjoni amikevoli jew il-kwistjoni ġiet risolta mill-istituzzjoni kkonċernata; billi meta l-Ombudsman ma jsib ebda amministrazzjoni ħażina jew ma jkun hemm ebda raġuni biex tkompli l-inkjesta, dan jista' joħroġ rimarki addizzjonali; billi rimarka addizzjonali għandha l-għan li tagħti parir lil istituzzjoni dwar kif din tista' ttejjeb il-kwalità tas-servizz li tipprovdi liċ-ċittadini;

W. billi l-Ombudsman għalaq 74 każ li fihom sab amministrazzjoni ħażina billi għamel rimarka kritika lill-istituzzjoni; billi f'9 każijiet l-istituzzjoni kkonċernata aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni;

X. billi l-Ombudsman jagħmel rimarka kritika jekk:

(i) ma jkunx aktar possibbli għall-istituzzjoni involuta li telimina l-każ ta' amministrazzjoni ħażina,

(ii) l-amministrazzjoni ħażina x'aktarx li ma jkollhiex implikazzjonijiet ġenerali, u

(iii) x'aktarx li ma tkunx meħtieġa azzjoni ta' segwitu; billi l-Ombudsman jagħmel rimarka kritika ukoll jekk iqis li abbozz ta' rakkomandazzjoni ma jkollhiex skop utli u jipproċedi bl-istess mod jekk l-istituzzjoni ma taċċettax abbozz ta' rakkomandazzjoni, u ma jkunx meqjus xieraq li jiġi preżentat rapport speċjali;

Y. billi l-Ombudsman joħroġ abbozz ta' rakkomandazzjoni meta jkun possibbli li l-istituzzjoni kkonċernata telimina l-amministrazzjoni ħażina, jew meta l-amministrazzjoni ħażina tkun partikolarment serja jew ikollha implikazzjonijiet ġenerali; billi fl-2012 l-Ombudsman ħareġ 17-il abbozz ta' rakkomandazzjoni;

Z. billi fl-2012 l-Ombudsman bagħat rapport speċjali wieħed lill-Parlament Ewropew; billi dan ir-rapport speċjali kien jikkonċerna l-mod kif il-Kummissjoni ttrattat ilment imressaq lilha minn inizjattiva taċ-ċittadini li qed jiġġieldu kontra dawk li huma jqisu l-konsegwenzi negattivi tal-espansjoni tal-ajruport ta' Vjenna; billi rapport speċjali lill-Parlament huma l-għodda l-iktar qawwija tal-Ombudsman u jikkostitwixxi l-aħħar pass sostantiv li jista' jieħu l-Ombudsman meta jittratta każ;

AA. billi r-rapport tal-Parlament dwar ir-Rapport Speċjali kkonkluda li t-tħassib tal-Ombudsman dwar amministrazzjoni ħażina possibbli kien ġustifikat;

AB. billi l-Ombudsman kull sena jippubblika studju dwar s-segwitu li l-istituzzjonijiet jagħtu lir-rimarki kritiċi u addizzjonali tiegħu; billi l-istudju tal-2011 wera li r-rata segwitu sodisfaċenti tar-rimarki kritiki u addizzjonali kienet ta' 84 %;

AC. billi fl-2012 l-Ombudsman iffoka b'mod partikolari fuq l-integrazzjoni tal-persuni bi gradi varji ta' diżabilità; billi l-Ombudsman, flimkien mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament, il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Ewropea għad-Dirttijiet Fundamentali u l-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità, jaħdem biex jipproteġi, jippromwovi u jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-qafas tal-UE taħt il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; billi din il-konvenzjoni hija l-ewwel trattat dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-UE qatt irratifikat;

AD. billi l-Kunsill approva l-proposta għal qafas fil-livell tal-UE – li jkun jinkludi l-Ombudsman u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet – biex tiġi mmoniterjata l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet;

AE. billi fl-2012 l-Ombudsman ġie uffiċjalment rikonoxxut bħala 'Kumitat għall-Eċċellenza' mill-Fondazzjoni Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kwalità;

1. Japprova r-rapport annwali għas-sena 2012 ippreżentat mill-Ombudsman Ewropew; jieħu nota tal-fatt li s-Sur Diamandouros se jirtira fl-1 ta' Ottubru 2013;

2. Jesprimi r-ringrazzjament tiegħu għas-Sur diamandouros għall-ħidma eżemplari tiegħu bħala Ombudsman Ewropew matul dawn l-aħħar għaxar snin u għar-riżultati li kiseb biex jagħmel l-UE iktar ġusta u iktar trasparenti; jispera li hu jgawdi mill-irtirar tiegħu b'saħħa tajba u jixtieqlu l-aħjar possibbli għall-attivitajiet ulterjuri tiegħu;

3. Jirrikonoxxi l-ħidma eċċellenti li għamel l-Ombudsman biex isaħħaħ kif ukoll japprofondixxi d-djalogu maċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet u l-atturi l-oħra interessati fil-livelli kollha;

4. Filwaqt li jqis li nofs iċ-ċittadini tal-Ewropa jaqblu li t-tieni dritt l-iktar importanti taċ-ċittadini huwa d-dritt għal amministrazzjoni tajba, iqis li l-isforzi kontinwi tal-Ombudsman biex jippromwovi u jtejjeb il-ftuħ, it-trasparenza u r-responsabilizzazzjoni fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u fl-amministrazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea taw kontribut deċiżiv lill-ħolqien ta' Unjoni "li fiha d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin", kif previst fl-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Ombudsman Ewropew li jmiss biex tkompli l-ħidma tajba tal-predeċessur tagħha lejn dawn il-miri importanti;

5. Jirrikonoxxi b'rispett l-impenn bla waqfien li bih l-Ombudsman għamel kuntatt maċ-ċittadini biex jagħmilhom konxji tad-drittijiet tagħhom skont it-Trattati u ħeġġeġ lill-amministrazzjonijiet tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE biex isiru iktar trasparenti u orjentati lejn is-servizz;

6. Iqis li l-Ombudsman dejjem eżerċita l-poteri tiegħu b'mod attiv u bbilanċjat u jirringrazzjah għar-relazzjonijiet ta' ħidma u l-kooperazzjoni eċċellenti mal-Parlament, b'mod partikolari mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet;

7. Jinnota li 52 % taċ-ċittadini Ewropej iqisu li l-iktar funzjoni importanti tal-Ombudsman hija li jiżgura li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jafu d-drittijiet tagħhom u kif jużawhom, u li għalhekk l-Ombudsman jeħtieġ itejjeb il-komunikazzjoni tiegħu maċ-ċittadini tal-Ewropa u jtejjeb il-kooperazzjoni man-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen;

8. Jitlob li jittieħdu l-passi neċessarji biex jitħaffu l-proċeduri għall-investigazzjoni tal-ilmenti, it-tmexxija tal-inkjesti u t-teħid tad-deċiżjonijiet;

9. Itenni l-fatt li 42 % taċ-ċittadini Ewropej mhumiex sodisfatti bil-livell ta' trasparenza fl-amministrazzjoni tal-UE, u jenfasizza l-ħtieġa li l-Ombudsman ikompli l-isforzi tiegħu biex jgħin lill-istituzzjonijiet tal-UE isiru iktar miftuħa, effettivi u aċċessibbli għaċ-ċittadini, filwaqt li jibni r-rabtiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini;

10. Jinnota li l-ilmenti relatati mat-trasparenza dejjem kienu prijorità fil-lista ta' lmenti tal-Ombudsman; jinnota wkoll li tali lmenti qed jonqsu mis-sena 2008, li kienet is-sena meta l-iktar kien hemm ilmenti bħal dawn b'36 % tal-kwerelanti li allegaw nuqqas ta' trasparenza, għal 21,5 % fl-2012; iqis li dan hu sinjal li l-istituzzjonijiet tal-UE għamlu sforzi sinifikanti biex isiru iktar trasparenti; jitlob lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE biex jgħinu sabiex dan in-numru jonqos iktar billi jikkooperaw mal-Ombudsman Ewropew u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu; għadu, madankollu, imħasseb dwar in-numru kbir ta' lmenti li għadhom jeżistu dwar il-ftuħ, l-aċċess pubbliku u d-data personali, peress li dawn il-kwistjonijiet ixekklu d-djalogu interistituzzjonali, id-dehra pubblika tal-UE u l-attitudni tal-pubbliku lejn l-UE;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

11. Itenni li t-trasparenza, il-fruħ, l-aċċess għall-informazzjoni, ir-rispett għad-drittijiet taċ-ċittadini u standards etiċi għoljin huma essenzjali għaż-żamma tal-fiduċja bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet u li, partikolarment fis-sitwazzjoni ekonomika diffiċli attwali, din il-fiduċja hija estremament importanti għall-futur tal-integrazzjoni Ewropea;

12. Jistieden lill-isituzzjonijiet tal-UE, fid-dawl tad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, jirreaġixxu għall-ħtiġijiet speċjali tal-persuni ikbar fl-età, li ħafna minnhom ma jkunux familjari mat-teknoloġiji moderni tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u biex jikkumpensaw għal dan permezz ta' applikazzjonijiet faċli li l-utent jużahom, programmi ta' għajnuna prattika onlajn u opportunitajiet ta' kuntatt mhux diġitali aċċessibbli kull ħin;

13. Jinnota li fl-2012 l-Ombudsman irreġistra 2 442 iilment u li din kienet sena rekord f'termini kemm ta' inkjesti miftuħa (456 = + 18 % f'paragun mal-2011) u ta' inkjesti magħluqa (390 = + 23 %);

14. Jinnota b'sodisfazzjon l-għaxar 'każijiet stilla' preżentati mill-Ombudsman, li pprodew eżempji għall-prattika amministrattiva f'diversi istituzzjonijiet tal-UE f'varjetà ta' oqsma;

15. Iqis li t-tnaqqis fin-numru totali ta' lmenti preżentati lill-Ombudsman fl-2012 hija prova ulterjuri tas-suċċess tal-gwida interattiva fil-websajt tiegħu, li hija għodda b'saħħitha mfassla biex tgħin tiżgura li inqas ċittadini jilmentaw lill-Ombudsman għar-raġunijiet żbaljati u biex ittejjeb il-possibilitajiet ta' konsulenza għall-kwerelanti dwar għand min għandhom jirrikorru minflok; jinnota li t-tendenza tikkonferma li numru dejjem jiżdied ta' persuni li jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew jagħmlu dan għar-raġunijiet tajbin; jissuġġerixxi li l-Membri tal-Parlament Ewropew, tal-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE, kif ukoll il-membri tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen jinstallaw ħolqa diretta għall-gwida interattiva fil-websajts u l-kanali tal-media soċjali tagħhom,

16. Jenfasizza l-fatt li n-numru ta' lmenti barra l-mandat tal-Ombudsman (1 720) kien l-inqas f'għaxar snin; jitlob lill-Ombudsman ikompli l-isforzi tiegħu biex inaqqas iktar dawn il-każijiet;

17. Jirrikonoxxi l-kontribut importanti tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen u jenfasizza l-utilità ta' kooperazzjoni effiċjenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini EWropej; jinnota li 60 % tal-ilmenti li l-Ombudsman ipproċessa fl-2012 kienu jaqgħu taħt il-kompetenza ta' membru tan-Netwerk; ifakkar li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa membru sħiħ tan-Netwerk; jinnota li fl-2012 l-Ombudsman trasferixxa 63 ilment lil dan il-kumitat; jifraħ lill-Ombudsman Ewropew dwar is-suċċess fil-koordinazzjoni tan-Netwerk; iqis li din hi funzjoni vitali tal-attivitajiet tal-Ombudsman u li l-kooperazzjoni fin-Netwerk għandha tiżdied sabiex titjieb l-amministrazzjoni nazzjonali tal-leġiżlazzjoni tal-UE; jirrakkomanda li n-netwerk jiġi estiż biex jinkludi il-korpi nazzonali rilevanti; iqis li l-parteċipazzjoni tal-Ombudsman fl-assoċjazzjonijiet Ewropej u internazzjonali tal-Ombudsmen għandha tinżamm u tissaħħaħ;

18. Jinnota li, bħall-fis-snin preċedenti, il-parti l-kbira tal-inkjesti miftuħa mill-Ombudsman kienu jikkonċernaw il-Kummissjoni (52,7 %); jinnota li n-numru ta' inkjesti miftuħa fl-2012 li kienu jikkonċernaw il-Parlament Ewropew kważi rdoppjaw f'paragun mal-2011; jitlob lis-Segretarjat tiegħu jikkoopera bis-sħiħ mal-Ombudsman u jiżgura l-osservanza tar-rakkomandazzjonijiet u l-kummenti tiegħu dwar il-prattiki amministrattivi u l-konsistenza magħhom;

19. Jenfasizza l-fatt li kull inkjesta magħluqa tirrappreżenta pass fid-direzzjoni t-tajba u opportunità tajba biex jiddaħħal it-titjib li l-pubbliku identifika u talab, bħala mod kif il-kunċett taċ-ċittadinanza Ewropea bħala parteċipatorja kemm jista' jkun fir-rigward tal-proċess leġiżlattiv Ewropew;

20. Jifraħ lill-Ombudsman dwar l-inizjattiva tiegħu li jippubblika sett ta' prinċipji għas-servizzi pubbliċi li għandu jiggwida lill-uffiċjali ċivili tal-UE; ifakkar li l-ħames prinċipji tas-servizz pubbliku huma: mpenn għall-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha, l-integrità, l-oġġettività, ir-rispett għall-oħrajn u t-trasparenza; jitlob lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE biex jinternalizzaw dawn il-prinċipji fl-operazzjonijiet kollha tagħhom;

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

21. Jilqa' l-fatt li f'Ġunju tal-2013 l-Ombudsman ippubblika edizzjoni ġdida tal-Kodiċi ta' Kondotta Amministrattiva Tajba, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji tal-leġislazzjoni amministrattiva Ewrropea fil-ġurisprudenza tal-qrati Ewropej;

22. Jinsab sodisfatt bl-involviment tal-Ombudsman f'numru ta' konferenzi differenti li jiffokaw fuq amministrazzjoni pubblika aħjar, inkluża waħda li hu kkoorganizza man-Netwerk ta' Riċerka dwar il-Leġiżlazzjoni Amministrattiva tal-UE (ReNEUAL);

23. Itenni s-sejħa li għamel fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 ([1]) li l-Kummissjoni tadotta regoli u prinċipji vinkolanti komuni dwar il-proċeduri amministrattivi tal-amministrazzjoni tal-UE u biex tippreżenta abbozz ta' regolament għal dan il-għan fuq il-bażi tal-Artikolu 298 tat-TFEU; iqis li l-esperjenzi tal-Ombudsman s'issa u l-pubblikazzjonijiet tiegħu li jirrappurtaw dwarhom jipprovdu gwida xierqa għas-sustanza ta' tali proposta leġiżlattiva; iqis li dan ikun l-aħjar mod biex tkun żgurata bida dewwiema fil-kultura amministrattiva tal-istituzzjonijiet tal-UE;

24. Jinsab sodisfatt bil-fatt li l-istituzzjonijiet provdew 98 risposta pożittiva għall-120 rimarka u rakkomandazzjoni li għamel l-Ombudsman fil-kuntest tal-inkjesti tiegħu fl-2012, li jfisser li fi 82 % tal-każijiet l-istituzzjonijiet tal-UE osservaw is-suġġerimenti tal-Ombudsman; Jistieden lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi kollha tal-UE jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw konformità sħiha mar-rimarki u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman u jassistu lill-Ombudsman iwieġeg malajr għall-inkjesti tiegħu billi, inter alia, jaħdmu flimkien mal-Ombudsman biex jitnaqqsu l-iskadenzi fil-proċess ta' inkjesta;

25. Ifakkar li fl-2012 l-Ombudsman issottometta rapport speċjali wieħed lill-Parlament, li kien jikkonċerna l-fatt li l-Kummissjoni ma indirizzatx kunflitt ta' interess fit-trattar tal-espansjoni tal-ajruport ta' Vjenna, in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali dwar dik l-espansjoni, u n-nuqqas ta' proċeduri ta' reviżjoni disponibbli għal dawk li lmentaw dwar il-proġett ta' bini u n-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali; jirrikonoxxi l-okkażjoni ta' opportunità li joffri tali rapport fid-dawl tal-kwistjonijiet involuti; ifakkar li, bħala reazzjoni għal dan ir-rapport speċjali, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għamel proposti progressivi għar-reviżjoni kurrenti tad-Direttiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u għal liġi amministrattiva tal-UE;

26. Iqis li, speċjalment meta jsir abbozz ta' rakkomandazzjoni, il-fatt li wieħed ikun jaf li l-pass li jmiss jista' jkun rapport speċjali lill-Parlament ta' sikwit jgħin biex jipperswadi istituzzjoni jew korp ibiddlu l-pożizzjoni tagħhom;

27. Jinnota li l-Ombudsman preċedenti u dak attwali fi 17-il sena u nofs preżentaw biss 18-il rapport speċjali; iqis li dan huwa prova tal-approċċ kooperattiv adottat mill-istituzzjonijiet tal-UE fil-maġġoranza tal-każijiet; jirrikonoxxi l-importanza ta' dawn ir-rapporti speċjali u jinkoraġġixxi lill-Ombudsman ikompli tali każijiet fir-rigward ta' każijiet importanti ta' amministrazzjoni ħażina li jikkonċernaw l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE;

28. Jenfaizza li l-Jum Internazzjonali tad-Dritt għall-Informazzjoni fit-28 ta' Settembru huwa inizjattiva li jqajjem il-profil tal-Ombudsman fost il-pubbliku Ewropew u huwa eżempju ta' prattika tajba;

29. Jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Ombudsman, flimkien mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament, il-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għad-Dirttijiet Fundamentali fil-Qafas tal-Artikolu 33(2) fil-livell tal-UE, li huwa inkarigat biex jipproteġi, jippromwovi u jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; jistieden lill-Ombudsman jagħmel enfażi speċjali fil-ħidma tiegħu fuq il-ħtiġijiet tal-gruppi soċjali vulnerabbli ħafna, inklużi dawk b'diżabilitajiet;

30. Jilqa' l-isforzi tal-Ombudsman biex jissalvagwardja l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mill-istituzzjonijiet tal-UE, anke permezz tal-inkjesti fuq inizjattiva proprja tiegħu; jipprevedi li se jingħata dover ieħor simili lill-Ombudsman bl-adeżjoni tal-Unjoni fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, kif mitlub mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2013)0004.

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

31. Jenfasizza l-importanza tal-inkjesti fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman, li jippermettulu jindirizza kwistjonijiet li inkella ma jiġux għall-attenzjoni tiegħu minħabba l-fatt li l-pubbliku ma jkollux l-informazzjoni jew ir-riżorsi meħtieġa biex japplikaw għandu; iqis li hija ħaġa importanti li tiżdied il-viżibilità tal-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew;

32. Jilqa' l-adozzjoni fl-2012 ta' liġi li tistabbilixxi istituzzjoni tal-ombudsman fit-Turkija; jirrikonoxxi r-rwol tal-appoġġ u l-parir tal-Ombudsman Ewropew f'dan l-iżvilupp; jifraħ bil-fatt li l-pajjiżi kandidati kollha issa stabilixxew istituzzjoni tal-ombudsman fil-livell nazzjonali; iqis li l-esperjenza turi li l-Ombudsman huwa korp utli ħafna għat-titjib tal-amministrazzjoni tajba, l-istat tad-dritt u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u li l-Istati Membri li għadhom iridu jistabbilixxu istituzzjoni tal-ombudsman għandhom, għalhekk, jikkunsidraw attivament li jagħmlu dan; jistieden lill-Ombudsman Ewropew ikompli jassisti lill-pajjiżi kandidati futuri f'dan il-proċess;

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-ombudsmen tagħhom jew lill-korpi kompetenti simili.

---

P7_TA(2013)0370

## Pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa (COM(2011)0290 – C7-0135/2011 – 2011/0138(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/52)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0290),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewreopa, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0135/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-18 ta' Lulju 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

— wara li kkonsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0139/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0138

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1289/2013.)*

---

P7_TA(2013)0371

## L-Awtorità Bankarja Ewropea u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-interazzjoni tiegħu mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru…/… li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2012)0512 – C7-0289/2012 – 2012/0244(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/53)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0512),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0289/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Novembru 2012 [1],

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Novembru 2012 [2],

---

[1] ĠU C 30, 1.2.2013, p. 6.
[2] ĠU C 11, 15.1.2013, p. 34.

— wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tat-18 ta' April 2013 biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294 (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0393/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt[3] ([1]);

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni konġunta mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Bank Ċentrali Ewropew mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni,

3. Jisħaq fuq il-fatt li l-punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba għandu japplika għall-estensjoni tal-mandat tal-Awtorità Bankarja Ewropea; jenfasizza li kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità leġiżlattiva favur tali estensjoni għandha tkun bla ħsara għad-deċiżjonijiet tal-awtorità baġitarja fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali;

4. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta dikjarazzjoni finanzjarja li tqis kompletament ir-riżultat tal-ftehim leġiżlattiv bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti f'termini ta' baġits u persunal tal-Awtorità Bankarja Ewropea, tas-servizzi tal-Kummissjoni u possibilment tal-Bank Ċentrali Ewropew;

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2012)0244

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) fir-rigward tal-konferiment ta' kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1022/2013.)*

([1]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-22 ta' Mejju 2013 (Testi adottati P7_TA(2013)0212).

Anness għar-riżoluzzjoni leġiżlattiva

**Dikjarazzjoni tal-President tal-Parlament Ewropew u tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew fl-okkażjoni tal-votazzjoni tal-PE għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu**

B'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 tal-Kunsill, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu, aħna, il-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'dan jiddikjaraw l-appoġġ sħiħ tagħna għall-abbozz ta' test tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-kooperazzjoni rigward proċeduri relatati mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) li ntlaħaq ftehim dwaru bejn it-timijiet ta' negozjar rispettivi tagħna. Għaldaqstant, nistiednu liż-żewġ istituzzjonijiet tagħna jadottaw formalment il-Ftehim Interistituzzjonali mill-aktar fis possibbli.

Huwa jipprevedi livell għoli ta' responsabbiltà tal-BĊE fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) vis-à-vis l-Parlament Ewropew kif ukoll salvagwardji adegwati għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. L-abbozz ta' Ftehim Interistituzzjonali jipprevedi, b'mod partikolari, sorveljanza parlamentari b'saħħitha tal-kompiti superviżorji tal-BĊE permezz ta' skambji ta' fehmiet regolari mal-kumitat responsabbli tal-Parlament, diskussjonijiet orali kunfidenzjali mal-Bureau ta' dak il-kumitat, u aċċess addizzjonali għall-informazzjoni fosthom għal reġistru tal-proċedimenti tal-Bord Superviżorju. Il-kooperazzjoni tal-BĊE mal-Parlament Ewropew fil-qafas tal-investigazzjonijiet tiegħu hija żgurata wkoll.

Barra minn hekk, l-abbozz tal-FII jispeċifika l-involviment parlamentari fil-proċedura ta' għażla tal-President tal-Bord Superviżorju. Fid-dawl tal-objettiv komuni tagħna li navvanzaw malajr kemm jista' jkun bl-istabbiliment tal-MSU bħala pass importanti lejn unjoni bankarja sħiħa, iż-żewġ istituzzjonijiet tagħna bihsiebhom imexxu malajr bl-ewwel proċedura ta' għażla għall-ħatra tal-President tal-Bord Superviżorju.

Strasburgu/Frankfurt nhar it-12 ta' Settembru 2013

Martin Schulz Mario Draghi

---

P7_TA(2013)0372

## Il-kompiti speċifiċi għall-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2012)0511 – C7-0314/2012 – 2012/0242(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2016/C 093/54)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2012)0511),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 127(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0314/2012),

— wara li kkunsidra Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew ,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati mressqa, skont il-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, mill-Parlament Svediż, li jiddikjaraw li l-abbozz tal-att leġislattiv mhuwiex konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0392/2012),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata ([1]);

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni konġunta mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Bank Ċentrali Ewropew mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni,

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

5. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-CNS(2012)0242

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-12 ta' Settembru 2013 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru …/2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1024/2013.)*

---

Anness għar-riżoluzzjoni leġiżlattiva

**Dikjarazzjoni tal-President tal-Parlament Ewropew u tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew fl-okkażjoni tal-votazzjoni tal-PE għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu**

B'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 tal-Kunsill, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu, aħna, il-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'dan jiddikjaraw l-appoġġ sħiħ tagħna għall-abbozz ta' test tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-kooperazzjoni rigward proċeduri relatati mal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) li ntlaħaq ftehim dwaru bejn it-timijiet ta' negozjar rispettivi tagħna. Għaldaqstant, nistiednu liż-żewġ istituzzjonijiet tagħna jadottaw formalment il-Ftehim Interistituzzjonali mill-aktar fis possibbli.

---

([1]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-22 ta' Mejju 2013 (Testi adottati P7_TA(2013)0213).

Huwa jipprevedi livell għoli ta' responsabbiltà tal-BĊE fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) vis-à-vis l-Parlament Ewropew kif ukoll salvagwardji adegwati għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. L-abbozz ta' Ftehim Interistituzzjonali jipprevedi, b'mod partikolari, sorveljanza parlamentari b'saħħitha tal-kompiti superviżorji tal-BĊE permezz ta' skambji ta' fehmiet regolari mal-kumitat responsabbli tal-Parlament, diskussjonijiet orali kunfidenzjali mal-Bureau ta' dak il-kumitat, u aċċess addizzjonali għall-informazzjoni fosthom għal reġistru tal-proċedimenti tal-Bord Superviżorju. Il-kooperazzjoni tal-BĊE mal-Parlament Ewropew fil-qafas tal-investigazzjonijiet tiegħu hija żgurata wkoll.

Barra minn hekk, l-abbozz tal-FII jispeċifika l-involviment parlamentari fil-proċedura ta' għażla tal-President tal-Bord Superviżorju. Fid-dawl tal-objettiv komuni tagħna li navvanzaw malajr kemm jista' jkun bl-istabbiliment tal-MSU bħala pass importanti lejn unjoni bankarja sħiħa, iż-żewġ istituzzjonijiet tagħna biħsiebhom imexxu malajr bl-ewwel proċedura ta' għażla għall-ħatra tal-President tal-Bord Superviżorju.

Strasburgu/Frankfurt nhar it-12 ta' Settembru 2013

Martin Schulz Mario Draghi

---

P7_TA(2013)0373

## Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom fl-Unjoni ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom fl-Unjoni (COM(2012)0576 – C7-0322/2012 – 2012/0278(COD))** [1]

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2016/C 093/55)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Kunsiderazzjoni - 1 (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom,*** |

(1) Il-kwistjoni ġiet riferuta lura lill-kumitat responsabbli għal rikonsiderazzjoni skont ir-Regola 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0263/2013).

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa - 1 (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(-1)* ***L-Unjoni ħolqot "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020", b'impenn li żżid il-kontribut tagħha biex jonqos it-telf tal-bijodiversità dinjija sal-2020.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Firxa wiesgħa ta' ***parteċipanti*** fl-Unjoni, inklużi riċerkaturi akkademiċi u l-kumpaniji minn setturi differenti tal-industrija, jużaw riżorsi ġenetiċi għal finijiet ta' riċerka, żvilupp u kummerċjalizzazzjoni; xi wħud jużaw ukoll għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi. | (1) Firxa wiesgħa ta' ***utenti u fornituri*** fl-Unjoni, inklużi riċerkaturi akkademiċi u l-kumpaniji minn setturi differenti tal-industrija, jużaw riżorsi ġenetiċi għal finijiet ta' riċerka, żvilupp u kummerċjalizzazzjoni; xi wħud jużaw ukoll għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi. ***L-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp jimplikaw mhux biss l-istudju u l-analiżi tal-kompożizzjoni ġenetika jew bijokimika tar-riżorsi ġenetiċi imma wkoll miżuri biex jiġu ġġenerati l-innovazzjoni u l-applikazzjonijiet prattiċi. Li l-Protokoll ta' Nagoya jiġi implimentat b'suċċess jiddependi wkoll mill-mod li bih l-utenti u l-fornituri tar-riżorsi ġenetiċi jew tal-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi jkunu kapaċi jinnegozjaw kundizzjonijiet miftiehma għall-promozzjoni tal-konservazzjoni tal-bijodiversità skont l-"istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020".*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Ir-riżorsi ġenetiċi jirrappreżentaw il-pula tal-ġeni fl-istokkijiet kemm naturali kif ukoll kultivati jew domestikati u qed jaqdu rwol sinifikanti u dejjem jikber f'bosta setturi ekonomiċi inkluż il-produzzjoni tal-ikel, il-forestrija, l-iżvilupp tal-mediċini, jew l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija ***rinnovabbli*** b'bażi bioloġika. | (2) Ir-riżorsi ġenetiċi jirrappreżentaw il-pul tal-ġeni fl-istokkijiet kemm naturali kif ukoll kultivati jew domestikati u qed jaqdu rwol sinifikanti u dejjem jikber f'bosta setturi ekonomiċi inkluż il-produzzjoni tal-ikel, il-forestrija, ***il-bijoteknoloġija,*** l-iżvilupp ***u l-produzzjoni*** tal-mediċini, ***il-kożmetiċi*** jew l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija b'bażi bioloġika. ***Ir-riżorsi ġenetiċi jwettqu parti sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji ddisinjati biex jerġgħu jġibu għal li kienu l-ekosistemi li jkunu ġarrbu ħsara u jissalvagwardjaw l-ispeċijiet li jinsabu f'periklu.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(2a) L-Unjoni tirrikonoxxi l-interdipendenza tal-pajjiżi kollha fir-rigward tar-riżorsi ġenetiċi għall-ikel u l-agrikoltura, kif ukoll in-natura u l-importanza partikolari ta' dawk ir-riżorsi biex is-sikurezza tal-ikel tinkiseb mad-dinja kollha u għall-iżvilupp sostenibbli tal-agrikoltura fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-faqar u tat-tibdil fil-klima, u jirrikonoxxu r-rwol fundamentali tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura u l-Kummissjoni tal-FAO dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi għall-Ikel u l-Agrikoltura f'dan ir-rigward,* |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(2b) Ir-riċerka dwar ir-riżorsi ġenetiċi qed tiġi estiża bil-mod il-mod f'oqsma ġodda, l-aktar dak tal-oċeani, li għadhom l-ambjenti tal-pjaneta li huma l-anqas esplorati u l-anqas magħrufa. Il-profonditajiet tal-oċeani jikkostitwixxu b'mod partikolari l-aħħar fruntiera tal-pjaneta u jqajmu interess dejjem akbar fil-livell tar-riċerka, tat-tiftix u tal-esplorazzjoni tar-riżorsi. F'dan il-kuntest, l-istudju tal-bijodiversità immensa li tinsab fl-ekosistemi marini tal-profonditajiet kbar jikkostitwixxi qasam ġdid ta' riċerka promettenti ħafna fil-livell tal-iskoperta ta' riżorsi ġenetiċi li jista' jkollhom l-applikazzjonijiet l-aktar diversi.* |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(2c) Hija prassi rikonoxxuta li jiġu skambjati r-riżorsi ġenetiċi kollha tal-pjanti għall-ikel u l-agrikoltura għal skopijiet ta' riċerka, tnissil u taħriġ skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-Ftehim Standard dwar it-Trasferiment ta' Materjal (SMTA) stabbilit fit-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura (ITPGRFA) kif determinat fil-Memorandum ta' Qbil għall-istabbiliment tas-Sistema Integrata Ewropea tal-Bank Ġenetiku (AEGIS); b'konformità mal-Artikolu 4.3 tal-Protokoll ta'Nagoya, huwa rikonoxxut li tali prassi tappoġġa, u mhijex kuntrarja għall-objettivi tal-Konvenzjoni u tal-Protokoll ta' Nagoya.* |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-għarfien tradizzjonali li għandhom il-komunitajiet indiġeni u lokali jista' jipprovdi informazzjoni importanti li twassal għall-iskoperti xjentifiċi ta' karatteristiċi ***interessanti*** ġenetiċi jew bijokimiċi tar-riżorsi ġenetiċi. | (3) L-għarfien tradizzjonali li għandhom il-komunitajiet indiġeni u lokali jista' jipprovdi informazzjoni importanti li twassal għall-iskoperti xjentifiċi ta' karatteristiċi ġenetiċi jew bijokimiċi tar-riżorsi ġenetiċi ***li potenzjalment ikunu ta' valur, inklużi l-għarfien, l-innovazzjoni u l-prattiki tal-komunitajiet indiġeni u lokali li jinkorporaw l-istili ta' ħajja tradizzjonali li huma relevanti għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika. Id-drittijiet ta' dawn il-komunitajiet, kif stipulati fil-Konvenzjoni Nru 169 tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol dwar il-Popli Indiġeni u Tribali u stipulati wkoll fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-2007, għandhom jiġu rrispettati u l-miżuri implimentattivi tal-Unjoni għandhom jiffaċilitaw dan l-objettiv.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Huwa importanti li jiġi mfakkar li skont il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Privattivi il-varjetajiet tal-pjanti u l-annimali kif ukoll il-proċessi bijoloġiċi għall-produzzjoni tal-pjanti u l-annimali ma jistgħux jingħataw privattiva. Meta l-invenzjonijiet ikunu bbażati fuq riżorsi ġenetiċi jew fuq komponenti ta' riżorsi ġenetiċi, l-applikazzjonijiet għal privattiva li tkopri, fost l-oħrajn, dawk ir-riżorsi, prodotti, inklużi derivattivi, u proċessi derivati mill-użu tal-bijoteknoloġija, jew għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi, għandhom jindikaw ir-riżorsi u l-oriġini tagħhom għandha tingħata lill-awtoritajiet relevanti u trażmessa lill-awtorità kompetenti. L-istess obbligu għandu japplika għad-drittijiet fuq varjetajiet ġodda ta' pjanti.*** |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(3b) **Il-kompetenza u r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni prattika ta' miżuri biex jiġu salvgwardjati l-komunitajiet indiġeni u lokali fi ħdan l-Unjoni f'arranġamenti ta' aċċess u qsim tal-benefiċċji jibqgħu tal-Istati Membri u l-qrati tagħhom.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(4a) **Ir-riżorsi ġenetiċi għandhom jitħarsu fuq il-post u jiġu użati b'modi sostenibbli u l-benefiċċji li joħorġu mill-użu tagħhom għandhom jinqasmu b'mod ġust u ekwu. Dan jikkontribwixxi għall-qirda tal-faqar u, għaldaqstant, għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti, kif rikonoxxut mill-preambolu tal-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għar-Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika ("il-Protokoll ta' Nagoya"), adottat fid-29 ta' Ottubru 2010 mill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. Bħala partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni, l-Unjoni u ħafna mill-Istati Membri tagħha ffirmaw il-Protokoll ta' Nagoya. Għandha tiġi appoġġjata l-kapaċità li b'mod effettiv jiġi implimentat dak il-Protokoll.*** |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(4b) Il-qsim tal-benefiċċji għandu jiġi kkunsidrat f'kuntest fejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'mod rikk fil-bijodiversità huma l-akbar fornituri ta' riżorsi ġenetiċi, filwaqt li l-utenti fil-biċċa l-kbira tagħhom jinsabu fil-pajjiżi żviluppati. Barra l-potenzjal li jikkontribwixxu lejn il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità, l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji jistgħu jkunu ta' kontribut għall-qerda tal-faqar u s-sostenibilità ambjentali u b'hekk għall-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, kif rikonoxxut fil-preambolu tal-Protokoll ta' Nagoya. L-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Nagoya għandu jkollu l-għan ukoll li jiġi kkonkretizzat dan il-potenzjal.* |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(4c) Id-dritt għall-ikel, stabbilit fl-Artikolu 25 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 11 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, kif ukoll id-dritt ta' kull individwu li jgawdi mill-ogħla standard li jista' jinkiseb fis-saħħa rikonoxxut fl-Artikolu 12 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, huma ta' importanza kbira u għandhom jitħarsu dejjem.* |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(4d) Kif inhu l-każ għar-riżorsi ġenetiċi, l-għarfien tradizzjonali assoċjat ma' tali riżorsi huwa kkonċentrat l-aktar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment fil-komunitajiet indiġeni u lokali. Id-drittijiet ta' komunitajiet bħal dawn stabbiliti fil-Konvenzjoni Nru 169 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Popli Indiġeni u t-Tribujiet kif ukoll fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Popli Indiġeni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-2007, għandhom jiġu rispettati u l-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Unjoni għandhom jiffaċilitaw dan.* |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-Konvenzjoni tirrikonoxxi li l-istati għandhom drittijiet sovrani u l-awtorità li jiddeterminaw l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi li jinsabu fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Il-Konvenzjoni timponi obbligu fuq il-Partijiet kollha li jiffaċilitaw l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi li fuqhom għandhom drittijiet sovrani. Tagħmel ukoll mandatorju għall-Partijiet kollha li jieħdu miżuri biex jaqsmu b'mod ġust u ekwu r-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp u l-benefiċċji li joħorġu mill-użu kummerċjali u użu ieħor ta' riżorsi ġenetiċi mal-Parti li tipprovdi dawn ir-riżorsi. Dan il-qsim għandu ***jkun*** fuq termini miftiehma b'mod reċiproku. Il-Konvenzjoni tindirizza wkoll l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji fir-rigward tal-għarfien, l-innovazzjonijiet u l-prassi rilevanti tal-komunitajiet indiġeni u lokali rilevanti għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika. | (5) Il-Konvenzjoni tirrikonoxxi li l-istati għandhom drittijiet sovrani u l-awtorità li jiddeterminaw l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi li jinsabu fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Il-Konvenzjoni timponi obbligu fuq il-Partijiet kollha li jiffaċilitaw l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi***, għall-użu li jirrispetta l-ambjent ta' Partijiet oħrajn,*** li fuqhom għandhom drittijiet sovrani. Tagħmel ukoll mandatorju għall-Partijiet kollha li jieħdu miżuri biex jaqsmu b'mod ġust u ekwu r-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp u l-benefiċċji li joħorġu mill-użu kummerċjali u użu ieħor ta' riżorsi ġenetiċi mal-Parti li tipprovdi dawn ir-riżorsi. Dan il-qsim għandu ***jsir wara li jiġi sodisfatt ir-rekwiżit dwar il-kunsens infurmat minn qabel tal-pajjiż tal-oriġini ta' dan ir-riżors u l-benefiċċji għandhom ikunu bbażati*** fuq termini miftiehma b'mod reċiproku. Il-Konvenzjoni tindirizza wkoll l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji fir-rigward tal-għarfien, l-innovazzjonijiet u l-prassi rilevanti tal-komunitajiet indiġeni u lokali rilevanti għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika. ***Ir-riżorsi ġenetiċi għandhom, tabilħaqq, jintużaw b'mod bilanċjat u sostenibbli, filwaqt li l-komunitajiet lokali jkunu involuti b'mod leġittimu, minħabba li b'dan il-mod biss li l-opportunitajiet, l-iżviluppi u l-benefiċċji li joħorġu minn dan l-użu jistgħu jiġu kondiviżi b'mod ġust u ekwu bejn il-Partijiet kollha.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (il-Protokoll ta' Nagoya) huwa trattat internazzjonali adottat fid-29 ta' Ottubru 2010 mill-Partijiet għall-Konvenzjoni. Il-Protokoll ta' Nagoya ***jespandi b'mod sinifikanti r-regoli*** ġenerali tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji għall-użu tar-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi. | (6) Il-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (il-Protokoll ta' Nagoya) huwa trattat internazzjonali adottat fid-29 ta' Ottubru 2010 mill-Partijiet għall-Konvenzjoni. Il-Protokoll ta' Nagoya ***jagħti dettalji ulterjuri tar-regoli*** ġenerali tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji ***monetarji u mhux monetarji*** għall-użu ***u l-kummerċjalizzazzjoni sussegwenti*** tar-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi. |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(7a)* ***Il-Protokoll ta' Nagoya japplika għar-riżorsi ġenetiċi li jidħlu fil-kamp tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni, għall-kuntrarju tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni. Dan jimplika li l-Protokoll ta' Nagoya ma jwassalx sal-kamp ta' applikazzjoni ġurisdizzjonali sħiħ tal-Artikolu 4, bħalma huma l-attivitajiet li jseħħu fl-inħawi tal-baħar 'il barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali. B'danakollu, xejn fil-Protokoll ta' Nagoya ma jżomm lill-Partijiet għall-istess Protokoll milli jwessgħu l-prinċipji tiegħu ħalli jkunu japplikaw għal attivitajiet ukoll li jseħħu f'dawn l-inħawi tal-baħar.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Huwa importanti li jiġi stabbilit qafas ċar u sod għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Nagoya li għandu ***jtejjeb l-opportunitajiet disponibbli għall-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp ibbażati fuq in-natura fl-Unjoni. Huwa essenzjali wkoll biex*** ma jitħalliex użu ta' riżorsi ġenetiċi jew għarfien tradizzjonali assoċjat ***mar-riżorsi ġenetiċi*** *akkwistat* illegalment fl-Unjoni***, u li tiġi sostnuta l-implimentazzjoni effettiva tal-impenji tal-qsim tal-benefiċċji stabbiliti f'patti bi qbil reċiproku bejn il-fornituri u l-utenti***. | (8) Huwa importanti li jiġi stabbilit qafas ċar u sod għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Nagoya ***u d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni*** li għandhom ***jappoġġaw l-objettiv ewlieni tiegħu, b'mod partikolari l-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika, l-użu sostenibbli tal-komponenti tagħha u l-qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi. Dan jinkludi li*** ma jitħalliex *isir* użu ta' riżorsi ġenetiċi jew għarfien tradizzjonali assoċjat ***ma' tali riżorsi*** *akkwistati* illegalment fl-Unjoni. ***Huwa essenzjali wkoll li jissaħħu l-opportuntajiet disponibbli għal attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp ibbażati fuq in-natura fl-Unjoni, b'mod partikolari billi jittejbu l-kundizzjonijiet għaċ-ċertezza ġuridika b'rabta mal-użu ta' riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(8a)* ***L-użu ta' riżorsi ġenetiċi miksuba illegalment, jew il-kummerċjalizzazzjoni sussegwenti ta' prodotti bbażati fuq dawn ir-riżorsi jew għarfien tradizzjonali assoċjat għandhom ikunu pprojbiti.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b)*** ***Il-qafas maħluq b’dan ir-Regolament huwa meħtieġ ukoll sabiex tinżamm u tissaħħaħ il-fiduċja fost il-Partijiet, il-komunitajiet indiġeni u lokali, u l-gruppi ta’ partijiet interessati involuti fl-aċċess u fil-qsim tal-benefiċċji tar-riżorsi ġenetiċi.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex tiġi żgurata ċertezza ġuridika, huwa importanti li r-regoli li jimplimentaw il-Protokoll ta’ Nagoya jkunu japplikaw biss ***għar-riżorsi*** ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi li ***jkunu aċċessibbli*** wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta’ Nagoya fl-Unjoni. | (9) Sabiex tiġi żgurata ċertezza ġuridika, huwa importanti li r-regoli li jimplimentaw il-Protokoll ta’ Nagoya jkunu japplikaw biss ***għall-kisbiet ġodda u l-użu ġdid ta’ riżorsi*** ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi li ***jitwettqu jew jibdew*** wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta’ Nagoya fl-Unjoni. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Huwa importanti li jiġi ddefinit, skont il-Protokoll ta’ Nagoya, li l-użu ta’ riżorsi ġenetiċi jirreferi għar-riċerka u l-iżvilupp tal-kompożizzjoni ġenetika jew bijokimika ta’ ***kampjuni ta’ materjal ġenetiku, li jinkludu riċerka u żvilupp dwar komposti estratti minn materjal ġenetiku li ġie aċċessat f’Parti għall-Protokoll ta’ Nagoya***. | (11) Huwa importanti li jiġi ddefinit, skont il-Protokoll ta’ Nagoya, li l-użu ta’ riżorsi ġenetiċi jirreferi għar-riċerka u l-iżvilupp tal-kompożizzjoni ġenetika jew bijokimika ta’ ***riżorsi ġenetiċi***. ***Għandu jiġi mifhum li r-riċerka u l-iżvilupp ifissru l-investigazzjoni u l-istudju tal-għamla ġenetika jew bijokimika tar-riżorsi ġenetiċi sabiex jiġu stabbiliti l-fatti u jintlaħqu konklużjonijiet, inkluż il-ħolqien ta’ innovazzjonijiet u applikazzjonijiet prattiċi.*** |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Bil-ħsieb li tiġi żgurat implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll ta' Nagoya, l-utenti kollha ta' riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat ma' dawn ir-riżorsi għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta biex jiżguraw li r-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat użati ġew aċċessati f'konformità mar-rekwiżiti ġuridiċi applikabbli u biex jiżguraw li***, fejn rilevanti, il-benefiċċji*** jiġu kondiviżi. Madankollu, minħabba d-diversità tal-utenti fl-Unjoni mhuwiex xieraq li l-utenti kollha jiġu obbligati jieħdu l-istess miżuri biex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta. ***Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti biss elementi minimi tad-diliġenza dovuta.*** L-għażliet speċifiċi dwar l-għodod u l-miżuri applikati li jagħmlu l-utenti biex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta għandhom ikunu sostnuti bir-rikonoxximent tal-aħjar prassi kif ukoll ***minn miżuri komplimentari b'sostenn għall-kodiċijiet*** ta' kondotta settorjali, mudelli ta' klawżoli kuntrattwali, u linji gwida bil-ħsieb li tiżdied iċ-ċertezza ġuridika u jitnaqqsu l-ispejjeż. L-obbligu fuq l-utenti li tinżamm l-informazzjoni rilevanti għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji għandu jkun limitata fiż-żmien, konsistenti mat-tul ta' żmien meħtieġ għal innovazzjoni eventwali. | (14) Bil-ħsieb li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll ta' Nagoya, l-utenti kollha ta' riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat ma' dawn ir-riżorsi għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta biex jiżguraw li r-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat użati jkunu ġew aċċessati f'konformità mar-rekwiżiti ġuridiċi applikabbli u biex jiżguraw li ***l-benefiċċji*** jiġu kondiviżi. Madankollu, minħabba d-diversità tal-utenti fl-Unjoni mhuwiex xieraq li l-utenti kollha jiġu obbligati jieħdu l-istess miżuri biex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta. L-għażliet speċifiċi dwar l-għodod u l-miżuri applikati li jagħmlu l-utenti biex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta għandhom ikunu sostnuti bir-rikonoxximent tal-aħjar prassi kif ukoll ***minn kodiċijiet*** ta' kondotta settorjali, mudelli ta' klawżoli kuntrattwali, u linji gwida bil-ħsieb li tiżdied iċ-ċertezza ġuridika u jitnaqqsu l-ispejjeż. L-obbligu fuq l-utenti li tinżamm l-informazzjoni rilevanti għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji għandu jkun limitata fiż-żmien, konsistenti mat-tul ta' żmien meħtieġ għal innovazzjoni eventwali. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Protokoll ta' Nagoya tiddependi fuq l-innegozjar, min-naħa tal-utenti u tal-fornituri tar-riżorsi ġenetiċi jew tal-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi, ta' termini miftiehma b'mod reċiproku li jwasslu għal qsim ġust tal-benefiċċji filwaqt li jikkontribwixxu għall-objettiv usa' tal-Protokoll ta' Nagoya li jikkontribwixxi għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika.*** |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(16)* ***L-aħjar prassi żviluppati mill-utenti għandhom ikollhom rwol importanti fl-identifikazzjoni tal-miżuri tad-diliġenza dovuta li huma partikolarment adattati biex tintlaħaq konformità mas-sistema tal-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Nagoya b'livell għoli ta' ċertezza ġuridika u bi spejjeż baxxi. L-utenti għandhom ikunu jistgħu jibnu fuq il-kodiċijiet ta' kondotta għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji eżistenti u żviluppati għas-settur akkademiku u industriji differenti. L-assoċjazzjonijiet tal-utenti għandhom ikunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tiddetermina jekk taħlita speċifika ta' proċeduri, għodod jew mekkaniżmi ssorveljati minn assoċjazzjoni jistgħux jiġu rikonoxxuti bħala prassi tajba. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li l-implimentazzjoni, minn utent, ta' prassi tajba rikonoxxuta tnaqqas ir-riskju tan-nonkonformità tal-utent u tiġġustifika tnaqqis fl-ispezzjonijiet tal-konformità. L-istess għandu japplika għall-aħjar prassi adottati mill-grupp tal-Partijiet tal-Protokoll ta' Nagoya.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-utenti għandhom jiddikjaraw li eżerċitaw id-diliġenza dovuta f'punti identifikati fil-katina tal-attivitajiet ***li jikkostitwixxu l-użu***. Punti xierqa għal dawn id-dikjarazzjonijiet huma ***l-għoti*** ta' fondi ***pubbliċi*** għar-riċerka, meta tintalab l-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott żviluppat abbażi ta' riżorsi ġenetiċi jew waqt il-kummerċjalizzazzjoni meta ma tkunx meħtieġa approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni. *Ta' min jinnota li dikjarazzjoni* magħmula meta tintalab approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ma tikkostitwixxix parti mill-proċedura tal-approvazzjoni minnha nfisha u tkun indirizzata lill-awtoritajiet kompetenti stabbiliti skont dan ir-Regolament. | (17) tenti għandhom jiddikjaraw li eżerċitaw id-diliġenza dovuta f'punti identifikati fil-katina tal-attivitajiet ***u jipprovdu evidenza ta' dan***. Punti xierqa għal dawn id-dikjarazzjonijiet huma ***l-istabbiliment ta' kunsens infurmat minn qabel u termini miftiehma b'mod reċiproku, it-teħid*** ta' fondi għar-riċerka***, meta ssir applikazzjoni għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali għand l-istituzzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew internazzjonali relevanti***, meta tintalab l-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott żviluppat abbażi ta' riżorsi ġenetiċi jew waqt il-kummerċjalizzazzjoni meta ma tkunx meħtieġa approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni. *B'mod partikolari d-dikjarazzjoni* magħmula ***fl-applikazzjoni għal drittijiet tal-proprjetà intelletwali jew*** meta tintalab approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ma tikkostitwixxix parti mill-proċedura tal-approvazzjoni minnha nfisha u tkun indirizzata lill-awtoritajiet kompetenti stabbiliti skont dan ir-Regolament. |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Il-ġbir ta' riżorsi ġenetiċi mis-selvaġġ fil-biċċa l-kbira jitwettaq għal skopijiet ***mhux*** kummerċjali minn riċerkaturi jew ***kolletturi universitarji***. Fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet u fi kważi s-setturi kollha, l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi miġbura ġodda jinkiseb permezz ta' intermedjarji, kollezzjonijiet, jew aġenti li jakkwistaw riżorsi ġenetiċi minn pajjiżi terzi. | (18) Il-ġbir ta' riżorsi ġenetiċi mis-selvaġġ fil-biċċa l-kbira jitwettaq ***minn kolletturi u kumpaniji privati, li spiss iservu*** għal skopijiet kummerċjali***, u*** minn riċerkaturi ***akkademiċi*** jew ***istituzzjonijiet xjentifiċi għal skopijiet mhux kummerċjali*** . Fil-maġġoranza assoluta tal-każijiet u fi kważi s-setturi kollha, l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi miġbura ġodda jinkiseb permezz ta' intermedjarji, kollezzjonijiet, jew aġenti li jakkwistaw riżorsi ġenetiċi minn pajjiżi terzi***, kemm kummerċjalment kif ukoll mhux kummerċjalment***. ***Dan ir-Regolament għandu jiżgura li d-dispożizzjonijiet tat-termini miftiehma b'mod reċiproku għall-aċċess inizjali relevanti għat-trasferiment lil partijiet terzi jkunu rispettati mill-partijiet kollha involuti. F'ħafna każijiet l-użu jew il-kummerċjalizzazzjoni sussegwenti jistgħu jirrikjedu termini ġodda li jkunu miftiehma b'mod reċiproku minn qabel.*** |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) ***Il-kollezzjonijiet*** huma fornituri ***ewlenin*** ta' riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi użati fl-Unjoni. Għandha tiġi stabbilita sistema ta' kollezzjonijiet ***ta' fiduċja*** tal-Unjoni. Dan ***ikun*** jiżgura li l-kollezzjonijiet ***inklużi fir-reġistru tal-kollezzjonijiet ta' fiduċja*** tal-Unjoni effettivament japplikaw miżuri biex ifornu biss kampjuni ta' riżorsi ġenetiċi lil persuni terzi flimkien ma' dokumentazzjoni li tipprovdi evidenza ġuridika tal-akkwist legali u l-istabbiliment ta' patti bi qbil reċiproku, fejn meħtieġ. Sistema ta' kollezzjonijiet ***ta' fiduċja*** tal-Unjoni għandha tnaqqas b'mod sostanzjali r-riskju li fl-Unjoni jintużaw riżorsi ġenetiċi miksuba illegalment. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jivverifikaw jekk kollezzjoni tissodisfax ir-rekwiżiti għar-rikonoxximent bħala kollezzjoni ***ta' fiduċja*** tal-Unjoni. L-utenti li jakkwistaw riżors ġenetiku minn kollezzjoni elenkata fir-reġistru tal-Unjoni għandhom jitqiesu li eżerċitaw id-diliġenza dovuta fir-rigward tat-tfittix tal-informazzjoni kollha meħtieġa. Dan ikun ta' benefiċċju b'mod partikulari għar-riċerkaturi akkademiċi kif ukoll għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. | (19) ***Il-biċċa l-kbira tal-kollezzjonijiet*** huma ***l-aktar*** fornituri ***aċċessibbli*** ta' riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi użati fl-Unjoni. ***Bħala fornituri dawn jista' jkollhom rwol importanti fl-għoti ta' għajnuna lil utenti oħra fil-katina tal-kustodja sabiex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom. Sabiex dan iseħħ*** għandha tiġi stabbilita sistema ta' kollezzjonijiet ***reġistrati*** tal-Unjoni. Dan jiżgura li l-kollezzjonijiet ***reġistrati fil-livell*** tal-Unjoni effettivament japplikaw miżuri biex ifornu biss kampjuni ta' riżorsi ġenetiċi lil persuni terzi flimkien ma' dokumentazzjoni li tipprovdi evidenza ġuridika tal-akkwist legali u l-istabbiliment ta' patti bi qbil reċiproku, fejn meħtieġ. Sistema ta' kollezzjonijiet ***reġistrati*** tal-Unjoni għandha tnaqqas b'mod sostanzjali r-riskju li fl-Unjoni jintużaw riżorsi ġenetiċi miksuba illegalment. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jivverifikaw jekk kollezzjoni tissodisfax ir-rekwiżiti għal rikonoxximent bħala kollezzjoni ***reġistrata*** tal-Unjoni***, fosthom li turi l-ħila li tirrispetta l-objettivi ġenerali tal-Protokoll ta' Nagoya f'termini tal-kisba ta' qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi u ta' kontribut għall-konservazzjoni tal-bijodiversità***. L-utenti li jakkwistaw riżors ġenetiku minn kollezzjoni elenkata fir-reġistru tal-Unjoni għandhom jitqiesu li eżerċitaw id-diliġenza dovuta fir-rigward tat-tfittix tal-informazzjoni kollha meħtieġa. Dan ikun ta' benefiċċju b'mod partikulari għar-riċerkaturi akkademiċi kif ukoll għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(19a)** **Il-kollezzjonijiet reġistrati tal-Unjoni għandhom josservaw l-objettiv tal-Protokoll ta' Nagoya. Dawn għandhom jikkontribwixxu għall-bini tal-kapaċità u s-sensibilizzazzjoni, f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 tal-Protokoll sal-punt safejn jippermettu r-riżorsi li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw jipprovdu finanzjament lil kollezzjonijiet għal tali attivitajiet. Kull kollezzjoni reġistrata tal-Unjoni għandha tfittex li tikkontribwixxi lejn l-isforzi sabiex jiġi dokumentat l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi, f'kooperazzjoni mal-komunitajiet indiġeni u lokali, l-awtoritajiet, l-antropoloġisti jew atturi oħra, kif xieraq. Tali għarfien għandu jiġi ttrattat b'rispett sħiħ għad-drittijiet relevanti. L-informazzjoni dwar dan l-għarfien għandha ssir pubblika meta din isservi għall-ħarsien tad-drittijiet relevanti u bl-ebda mod ma tmur kontrieh jew tostakolah***. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (20) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jivverifikaw jekk l-utenti jikkonformawx mal-obbligi tagħhom. F'dak il-kuntest, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċettaw ċertifikati tal-konformità rikonoxxuti internazzjonalment bħala evidenza li r-riżorsi ġenetiċi koperti ġew akkwistati legalment u li kienu stabbiliti patti bi qbil reċiproku. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu wkoll reġistri tal-ispezzjonijiet imwettqa u l-informazzjoni rilevanti għandha ssir disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali. | (20) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jivverifikaw jekk l-utenti jikkonformawx mal-obbligi tagħhom. F'dak il-kuntest, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċettaw ċertifikati tal-konformità rikonoxxuti internazzjonalment bħala evidenza li r-riżorsi ġenetiċi koperti ġew akkwistati legalment u li kienu stabbiliti patti bi qbil reċiproku. ***Meta ċertifikat internazzjonali ma jkunx disponibbli, forom oħra legalment aċċettabbli ta' konformità għandhom jitqiesu bħala evidenza li r-riżorsi ġenetiċi koperti jkunu ġew akkwistati legalment u li jkunu ġew stabbiliti termini miftiehma b'mod reċiproku.*** L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu wkoll reġistri tal-ispezzjonijiet imwettqa u l-informazzjoni rilevanti għandha ssir disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali. |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(22a)* ***L-Unjoni għandha taġixxi b'mod proattiv sabiex tiżgura li jintlaħqu l-objettivi tal-Protokoll ta' Nagoya dwar mekkaniżmi multilaterali globali għall-qsim tal-benefiċċji sabiex jiżdiedu r-riżorsi biex jiġi appoġġjat il-ħarsien tad-diversità bijoloġika u l-użu sostenibbli tal-komponenti tagħha fuq livell globali.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Pjattaforma tal-Unjoni dwar l-aċċess għandha tippermetti diskussjonijiet dwar u tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-aċċess fl-Istati Membri, it-tfassil u l-prestazzjonijiet tar-reġimi tal-aċċess, l-aċċess simplifikat għal riċerka mhux kummerċjali, prassi tal-aċċess ta' kollezzjonijiet fl-Unjoni, l-aċċess ta' partijiet interessati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u l-qsim tal-aħjar prassi. | (23) Pjattaforma tal-Unjoni dwar l-aċċess ***u l-qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji*** għandha tippermetti diskussjonijiet dwar u tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-aċċess fl-Istati Membri, it-tfassil u l-prestazzjonijiet tar-reġimi tal-aċċess ***u tal-qsim tal-benefiċċji***, l-aċċess simplifikat ***u l-qism tal-benefiċċji*** għal riċerka mhux kummerċjali, prassi tal-aċċess ***u tal-qsim tal-benefiċċji*** ta' kollezzjonijiet fl-Unjoni, l-aċċess ***u l-qsim tal-benefiċċji*** ta' partijiet interessati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u l-qsim tal-aħjar prassi. ***Il-pjattaforma tal-Unjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istat Membru u jkollha bħala objettiv li tiżgura, kif ikun xieraq, l-involviment tal-komunitajiet indiġeni u lokali skont il-Protokoll ta' Nagoya.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jirregolaw ***l-aċċess*** u l-qsim tal-benefiċċji minn riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi, skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (il-Protokoll ta' Nagoya). | Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jirregolaw ***il-konformità mal-aċċess*** u l-qsim tal-benefiċċji minn riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi, skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (il-Protokoll ta' Nagoya). |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa l-qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi, bħala kontribut għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika u għall-użu sostenibbli tal-komponenti tagħha, f'konformità mal-objettivi tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika ("il-Konvenzjoni").*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-obbligi għall-utenti ta' riżorsi ġenetiċi u ta' għarfien tradizzjonali assoċjat ma' riżorsi ġenetiċi. Is-sistema għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Nagoya stabbilita b'dan ir-Regolament tinkludi wkoll arranġamenti sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità min-naħa tal-utent mal-obbligi tagħhom u qafas għall-arranġamenti ta' monitoraġġ u ta' kontroll li jridu jiġu mfassla u stabbiliti mill-Istati Membri tal-Unjoni. Dan ir-Regolament jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jħeġġeġ attivitajiet min-naħa ta' atturi relevanti għas-sensibilizzazzjoni tal-importanza tar-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi u kwistjonijiet relatati dwar l-aċċess u l-qsim ta' benefiċċji, kif ukoll attivitajiet li jikkontribwixxu lejn il-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Nagoya.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| Dan ir-Regolament japplika għal riżorsi ġenetiċi li fuqhom l-istati jeżerċitaw drittijiet sovrani u għall-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi li jiġu aċċessati wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' Nagoya fl-Unjoni. Japplika wkoll għall-benefiċċji li joħorġu mill-użu ta' dawn ir-riżorsi ġenetiċi u għal għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi. | Dan ir-Regolament japplika għal riżorsi ġenetiċi li fuqhom l-istati jeżerċitaw drittijiet sovrani u għall-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi li jiġu aċċessati wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' Nagoya fl-Unjoni. Japplika wkoll għall-benefiċċji li joħorġu mill-użu ta' dawn ir-riżorsi ġenetiċi u għal għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi, |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal riżorsi ġenetiċi li l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji tagħhom huwa rregolat minn xi strument internazzjonali speċjalizzat li l-Unjoni hija Parti fih. | Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal riżorsi ġenetiċi li l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji tagħhom huwa rregolat minn xi strument internazzjonali speċjalizzat li l-Unjoni hija Parti fih. |
| | ***Dan ir-Regolament ma japplikax għal riżorsi ġenetiċi minn pajjiż ta' oriġini li ddeċieda li ma jadottax regoli domestiċi ta' aċċess f'konformità mar-rekwiżiti tal-Protokoll ta' Nagoya fis-seħħ jew għall-kummerċ fil-komoditajiet b'mod ġenerali. Għandhom jitqiesu kif xieraq il-ħidma jew il-prattiki utli u relevanti adottati minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "riżorsi ġenetiċi" tfisser materjal ġenetiku ta' valur attwali jew potenzjali; | (3) "riżorsi ġenetiċi" tfisser materjal ġenetiku ta' valur attwali jew potenzjali***, jew derivattivi tiegħu***; |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) "derivattiv" tfisser kompost bijokemikali li jiġi b'mod naturali u li jkun ir-riżultat tal-espressjoni ġenetika jew il-metaboliżmu ta' riżorsi bijoloġiċi jew ġenetiċi, anke jekk ma jkollux unitajiet funzjonali tal-eredità;*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) "utent" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tuża riżorsi ġenetiċi jew għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi; | (5) "utent" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tuża riżorsi ġenetiċi jew għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi ***jew li sussegwentement tikkummerċjalizza riżorsi ġenetiċi jew prodotti bbażati fuq riżorsi ġenetiċi jew għarfien tradizzjonali assoċjat ma' riżorsi ġenetiċi***; |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

## Emenda 41

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) "użu ta' riżorsi ġenetiċi" tfisser it-twettiq ta' riċerka u żvilupp fuq il-kompożizzjoni ġenetika jew bijokimika ta' riżorsi ġenetiċi; | (6) "użu ta' riżorsi ġenetiċi" tfisser it-twettiq ta' riċerka u żvilupp fuq il-kompożizzjoni ġenetika jew bijokimika ta' riżorsi ġenetiċi ***inkluż permezz tal-applikazzjoni tal-bijoteknoloġija***; |

## Emenda 42

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) "kummerċjalizzazzjoni", għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tfisser li prodott isir disponibbli fis-suq tal-Unjoni.*** |

## Emenda 43

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 6b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) "bioteknoloġija" tfisser kull applikazzjoni tekonoloġika li tuża sistemi bijoloġiċi, ħlejjaq ħajjin, jew derivattivi minnhom, biex tagħmel jew tibdel prodotti jew proċessi għal użu speċifiku;*** |

## Emenda 44

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8 a) "riżorsi ġenetiċi miksuba illegalment" tfisser riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi miksuba bi ksur tal-liġi nazzjonali jew internazzjonali applikabbli dwar l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji fil-pajjiż tal-oriġini;*** |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) "ċertifikat tal-konformità rikonoxxut internazzjonalment" tfisser permess ta' aċċess jew l-ekwivalenti tiegħu maħruġ minn awtorità nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 6(3) (e) tal-Protokoll ta' Nagoya, li jitqiegħed għad-dispożizzjoni taċ-Ċentru ta' Skambju tal-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji; | *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.* |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) "Ċentru ta' Skambju tal-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji" tfisser il-portal globali għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 14(1) tal-Protokoll ta' Nagoya. | *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.* |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu - 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. L-użu ta' riżorsi ġenetiċi miksuba illegalment għandu jiġi pprojbit fl-Unjoni.*** |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-utenti għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta biex jiżguraw li r-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi użati ġew aċċessati ***skont il-leġiżlazzjoni*** jew ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji u li***, meta jkun rilevanti, il-benefiċċji*** jinqasmu b'mod ġust u ekwu skont ***termini*** miftiehma ***b'mod reċiproku***. L-utenti għandhom ifittxu, iżommu, u jittrasferixxu lill-utenti sussegwenti l-informazzjoni rilevanti għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji. | 1. L-utenti għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta biex jiżguraw li r-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi użati ġew aċċessati ***b'kunsens infurmat minn qabel u bbażati fuq termini miftiehma b'mod reċiproku kif definiti mil-leġiżlazzjoni*** jew ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji u li ***l-benefiċċji*** jinqasmu b'mod ġust u ekwu skont ***it-termini*** miftiehma. L-utenti għandhom ifittxu, iżommu, u jittrasferixxu lill-utenti sussegwenti l-informazzjoni ***u d-dokumenti kollha*** rilevanti għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji ***u għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament***. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ir-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat magħhom għandhom biss ikunu ttrasferiti lil utenti oħrajn f'konformità maċ-ċertifikat tal-konformità rikonoxxut internazzjonalment u skont termini miftiehma b'mod reċiproku, jew kunsens infurmat minn qabel u termini miftiehma b'mod reċiproku. Fin-nuqqas ta' termini miftiehma b'mod reċiproku jew jekk utenti sussegwenti jbassru li jużaw dawn ir-riżorsi ġenetiċi jew għarfien tradizzjonali taħt kundizzjonijiet li mhumiex inklużi fit-termini miftiehma minn qabel, dawk l-utenti jkunu rikjesti li jfittxu termini miftiehma b'mod reċiproku mill-pajjiż tal-oriġini.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-utenti għandhom: | 2. L-utenti għandhom: |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ifittxu, iżommu u jittrasferixxu lill-utenti sussegwenti informazzjoni dwar: | (a) ifittxu, iżommu u jittrasferixxu lill-utenti sussegwenti informazzjoni dwar ***iċ-ċertifikat tal-konformità rikonoxxut internazzjonalment, fil-każ tar-riżorsi ġenetiċi miksuba minn Partijiet għall-Protokoll ta' Nagoya li għandhom aċċess regolat għar-riżorsi ġenetiċi tagħhom b'konformità mal-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Nagoya, kif ukoll dwar il-kontenut tat-termini miftiehma b'mod reċiproku, u informazzjoni dwar***: |
| (1) id-data u l-post tal-aċċess tar-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat ma' dawn ir-riżorsi; | (1) id-data u l-post tal-aċċess tar-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat ma' dawn ir-riżorsi; |
| (2) id-deskrizzjoni tar-riżorsi ġenetiċi jew l-għarfien tradizzjonali assoċjat ma' dawn ir-riżorsi użati, inkluż identifikaturi uniċi disponibbli; | (2) id-deskrizzjoni tar-riżorsi ġenetiċi jew l-għarfien tradizzjonali assoċjat ma' dawn ir-riżorsi użati, inkluż identifikaturi uniċi disponibbli; |
| (3) is-sors minn fejn ir-riżorsi jew l-għarfien kienu direttament miksuba kif ukoll l-utenti sussegwenti tar-riżorsi ġenetiċi jew l-għarfien tradizzjonali assoċjat ma' dawn ir-riżorsi; | (3) is-sors minn fejn ir-riżorsi jew l-għarfien kienu direttament miksuba kif ukoll l-utenti sussegwenti tar-riżorsi ġenetiċi jew l-għarfien tradizzjonali assoċjat ma' dawn ir-riżorsi; |
| (4) il-preżenza jew l-assenza ta' drittijiet u obbligi relatati mal-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji; | (4) il-preżenza jew l-assenza ta' drittijiet u obbligi relatati mal-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji; |
| (5) ***deċiżjonijiet tal-aċċess*** u patti bi qbil reċiproku, fejn applikabbli; | (5) ***permessi għall-aċċess*** u patti bi qbil reċiproku, ***inklużi arranġamenti għall-qsim tal-benefiċċji,*** fejn applikabbli; |
| | ***(6) l-applikazzjoni ta' rekwiżiti għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji ta' strumenti internazzjonali speċjalizzati fis-sens tal-Artikolu 2, li jistgħu jillimitaw jew inaqqsu l-obbligi tal-utent skont dan ir-Regolament. F'dan il-każ l-informazzjoni għandha tindika wkoll li l-użu jkun kopert mill-istrumenti speċjalizzati;*** |
| (b) kif tinkiseb informazzjoni jew evidenza addizzjonali fejn jippersistu inċertezzi dwar il-legalità tal-aċċess u l-użu; kif ukoll | (b) kif tinkiseb informazzjoni jew evidenza addizzjonali fejn jippersistu inċertezzi dwar il-legalità tal-aċċess u l-użu; kif ukoll |
| (c) kif jinkiseb permess ta' aċċess xieraq, jiġu stabbiliti patti bi qbil reċiproku, jew jiġi tterminat l-użu fejn ikun jidher li l-aċċess ma kienx skont il-leġiżlazzjoni jew ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji. | (c) kif jinkiseb permess ta' aċċess xieraq, jiġu stabbiliti patti bi qbil reċiproku, jew jiġi tterminat l-użu fejn ikun jidher li l-aċċess ma kienx skont il-leġiżlazzjoni jew ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji. |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

## Emenda 52

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. L-utenti għandhom iżommu l-informazzjoni rilevanti għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji għal għoxrin sena wara t-tmiem tal-perjodu tal-użu. | 3. L-utenti għandhom iżommu l-informazzjoni rilevanti għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji għal għoxrin sena wara t-tmiem tal-perjodu tal-użu ***jew il-kummerċjalizzazzjoni sussegwenti***. |

## Emenda 53

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 14a sabiex tistabbilixxi r-regoli għall-qsim tal-benefiċċji skont il-paragrafu 4a sa …*** (1)***. Dawk ir-regoli għandhom jirrikjedu li jkun hemm qsim tal-benefiċċji tal-anqas fil-livell tal-aħjar prassi fis-settur ikkonċernat u jistabbilixxu kundizzjonijiet għall-qsim ta' benefiċċji mhux monetarji.*** |

(1) ***Sitt xhur wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament..***

## Emenda 54

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***4b. L-utenti, meta jinnegozjaw termini miftiehma b'mod reċiproku mal-fornituri ta' riżorsi ġenetiċi jew ta' għarfien tradizzjonali assoċjat ma' riżorsi ġenetiċi, għandhom ifittxu li jiżguraw li tali termini jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika u l-użu sostenibbli tal-komponenti tagħha u għat-trasferiment tat-teknoloġija għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.*** |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 5*** | ***imħassar*** |
| ***Kollezzjonijiet ta' fiduċja tal-Unjoni*** | |
| ***1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru tal-Unjoni għall-kollezzjonijiet ta' fiduċja. Dak ir-reġistru għandu jkun fuq l-Internet, aċċessibbli faċilment għall-utenti, u għandu jinkludi kollezzjonijiet ta' riżorsi ġenetiċi identifikati bħala li jissodisfaw il-kriterji tal-kollezzjonijiet ta' fiduċja tal-Unjoni.*** | |
| ***2. Kull Stat Membru għandu, fuq talba minn kollezzjoni fil-ġuriżdizzjoni tiegħu, jikkunsidra l-inklużjoni ta' din il-kollezzjoni fir-reġistru tal-Unjoni ta' kollezzjonijiet ta' fiduċja. Wara li jivverifika li l-kollezzjoni tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3, l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bl-isem, id-dettalji ta' kuntatt, u t-tip ta' dik il-kollezzjoni. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tinkludi l-informazzjoni li tirċievi fir-reġistru ta' kollezzjonijiet ta' fiduċja tal-Unjoni.*** | |
| ***3. Sabiex kollezzjoni tiġi inkluża fir-reġistru ta' kollezzjonijiet ta' fiduċja tal-Unjoni, sid il-kollezzjoni għandu juri l-kapaċità tiegħu li:*** | |
| ***(a) japplika proċeduri standard għall-iskambju ta' kampjuni ta' riżorsi ġenetiċi u informazzjoni relatata ma' kollezzjonijiet oħra, u li jforni kampjuni ta' riżorsi ġenetiċi u informazzjoni relatata lil persuni terzi għall-użu tagħhom;*** | |
| ***(b) iforni kampjuni ta' riżorsi ġenetiċi u informazzjoni relatata lil terzi persuni għall-użu tagħhom biss b'dokumentazzjoni li tipprovdi evidenza li r-riżorsi u l-informazzjoni ġew aċċessati f'konformità mar-rekwiżiti ġuridiċi applikabbli u, fejn rilevanti, skont patti bi qbil reċiproku għall-qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji;*** | |
| ***(c) iżomm rekords tal-kampjuni kollha ta' riżorsi ġenetiċi u informazzjoni relatata fornuti lil terzi persuni għall-użu tagħhom;*** | |
| ***(d) jistabbilixxi jew juża identifikaturi uniċi għall-kampjuni ta' riżorsi ġenetiċi fornuti lil terzi persuni;*** | |
| ***(e) juża għodod ta' traċċar u monitoraġġ xierqa għall-iskambju, ma' kollezzjonijiet oħra, ta' kampjuni ta' riżorsi ġenetiċi u informazzjoni relatata.*** | |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4.  L-Istati Membri għandhom jivverifikaw regolarment li kull kollezzjoni taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom inkluża fir-reġistru tal-Unjoni ta' kollezzjonijiet ta' fiduċja effettivament tapplika l-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 3.*** | |
| ***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien jekk xi kollezzjoni taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom inkluża fir-reġistru tal-Unjoni ma tibqax tikkonforma mal-paragrafu 3.*** | |
| ***5.  Fejn ikun hemm evidenza li kollezzjoni inkluża fir-reġistru ta' kollezzjonijiet ta' fiduċja tal-Unjoni mhix qed tapplika l-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 3, l-Istat Membru konċernat għandu mingħajr dewmien jidentifika azzjonijiet ta' rimedju fi djalogu ma' sid il-kollezzjoni konċernata.*** | |
| ***Il-Kummissjoni għandha tneħħi kollezzjoni mir-reġistru ta' kollezzjonijiet ta' fiduċja tal-Unjoni meta, b'mod partikolari abbażi tal-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 4, tkun iddeterminat li kollezzjoni inkluża fir-reġistru ta' kollezzjonijiet ta' fiduċja tal-Unjoni jkollha diffikultajiet importanti jew persistenti biex tikkonforma mal-paragrafu 3.*** | |
| ***6.  Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(2).*** | |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2.  Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-disponibbiltà tal-pubbliku, inkluż fuq l-internet, lista tal-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni għandha żżomm il-lista aġġornata. | 2.  Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-disponibbiltà tal-pubbliku, inkluż fuq l-internet, lista tal-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni għandha żżomm il-lista aġġornata; ***għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni l-aktar imbiegħda, filwaqt li jitqiesu l-importanza u l-fraġilità tar-riżorsi ġenetiċi preżenti fuq it-territorji tagħhom, u bil-għan li jiġi evitat kull sfruttament abbużiv tagħhom***. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-punt ta' kuntatt innominat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 għandu jiżgura konsultazzjoni mal-korpi relevanti tal-Unjoni stabbiliti skont, u mal-awtoritajiet nazzjonali li jimplimentaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97*** [1]***.*** |

[1] ***ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.***

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. L-awtoritajiet kompetenti u l-punt ta' kuntatt dwar l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji għandhom jipprovdu pariri lill-pubbliku u lill-utenti potenzjali li jfittxu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tad-dispożizzjonijiet relevanti tal-Konvenzjoni u tal-Protokoll ta' Nagoya fl-Unjoni.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jitolbu lir-riċevituri kollha ta' fondi pubbliċi għar-riċerka li tinvolvi l-użu ta' riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi li jiddikjaraw li se jeżerċitaw id-diliġenza dovuta skont l-Artikolu 4.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-utenti għandhom jiddikjaraw mal-awtoritajiet kompetenti stabbiliti skont l-Artikolu 6(1) li huma ***eżerċitaw id-diliġenza dovuta*** skont l-Artikolu 4 *fl-okkażjoni* meta *talbu* l-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott żviluppat fuq il-bażi ta' riżorsi ġenetiċi jew għarfien tradizzjonali assoċjat ma' dawn ir-riżorsi, jew *fil-waqt* tal-kummerċjalizzazzjoni meta ma tkunx meħtieġa approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni. | 2. L-utenti għandhom jiddikjaraw mal-awtoritajiet kompetenti stabbiliti skont l-Artikolu 6(1) li huma ***jkunu ssodisfaw l-obbligi*** skont l-Artikolu 4 ***u li għandhom jippreżentaw l-informazzjoni relatata*** meta*:* |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(a)*** ***jistabbilixxu kunsens infurmat minn qabel u patti bi qbil reċiproku;*** |
| | ***(b)*** ***jirċievu fondi ta' riċerka li jinvolvu l-użu ta' riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi;*** |
| | ***(c)*** ***japplikaw, għand l-istituzzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew internazzjonali relevanti, għal privattivi jew għal drittijiet dwar varjetajiet ta' pjanti ġodda li jkopru, fost l-oħrajn, ir-riżorsi ġenetiċi, il-prodotti, inklużi d-derivattivi, u l-proċessi derivattivi mil-użu tal-bijoteknoloġija li għandhom aċċess għalihom, jew l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi;*** |
| | ***(d)*** jitolbu l-approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott żviluppat fuq il-bażi ta' riżorsi ġenetiċi jew għarfien tradizzjonali assoċjat ma' dawn ir-riżorsi, jew |
| | ***(e)*** *fil-mument* tal-kummerċjalizzazzjoni meta ma tkunx meħtieġa approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni ***kull sentejn*** l-informazzjoni li taslilhom ***abbażi tal-paragrafi 1 u 2***. Il-Kummissjoni għandha tqassar l-informazzjoni li tirċievi u tagħmilha disponibbli ***għaċ-Ċentru ta' Skambju tal-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji***. | L-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jivverifikaw l-informazzjoni provduta skont il-punti (b) sa (e) tal-paragrafu 2 u*** jittrażmettu ***lill-Mekkaniżmu taċ-Ċentru ta' Skmabju tal-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji,*** lill-Kummissjoni ***u, jekk ikun il-każ, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat konċernat fi żmien tliet xhur*** l-informazzjoni li taslilhom ***skont dan l-Artikolu.*** Il-Kummissjoni għandha***, fi żmien tliet xhur,*** tqassar l-informazzjoni li tirċievi u tagħmilha disponibbli ***għall-pubbliku f'format faċilment aċċessibbli, miftuħ u bbażat fuq l-internet***. |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-aħjar prassi*** | ***imħassar*** |
| ***Kull assoċjazzjoni tal-utenti tista' tippreżenta applikazzjoni lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent bħala l-aħjar prassi ta' taħlita ta' proċeduri, għodod jew mekkaniżmi żviluppati u ssorveljati minnha. L-applikazzjoni għandha tkun sostnuta b'evidenza u informazzjoni.*** | |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fejn, abbażi tal-informazzjoni u l-evidenza pprovduta lilha minn assoċjazzjoni tal-utenti, il-Kummissjoni tiddetermina li taħlita speċifika ta' proċeduri, għodod jew mekkaniżmi, meta implimentata b'mod effettiv minn utent, tippermetti lill-utent jikkonforma mal-obbligi tiegħu stabbiliti fl-Artikoli 4 u 7, il-Kummissjoni għandha tagħti rikonoxximent bħala l-aħjar prassi.*** |
| | ***Assoċjazzjoni tal-utenti għandha tinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil jew aġġornament li jsir fl-aħjar prassi rikonoxxut li għalih kienet ingħatat rikonoxximent skont il-paragrafu 2.*** |
| | ***Jekk evidenza minn awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew sorsi oħra tindika każi ripetuti fejn utenti li jimplimentaw l-aħjar prassi ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha teżamina fi djalogu mal-assoċjazzjoni tal-utenti rilevanti jekk il-każijiet ripetuti ta' nuqqas ta' konformità jindikawx defiċjenzi possibbli fl-aħjar prassi.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tirtira r-rikonoxximent tal-aħjar prassi, meta tkun iddeterminat li bidliet fl-aħjar prassi jikkompromettu l-ħila tal-utent li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 7, jew meta każijiet ripetuti ta' nuqqas ta' konformità mill-utenti jirrelataw ma' defiċenzi fil-prattika.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornat reġistru bbażat fuq l-internet tal-aħjar prassi rikonoxxuti. Dak ir-reġistru għandu jelenka f'taqsima waħda l-aħjar prassi rikonoxxuti mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u juri f'taqsima oħra l-aħjar prassi adottati abbażi tal-Artikolu 20(2) tal-Protokoll ta' Nagoya.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(2).*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu spezzjonijiet biex jivverifikaw jekk l-utenti humiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4 u 7. | 1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu spezzjonijiet biex jivverifikaw jekk l-utenti humiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4 u 7. |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. L-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitwettqu skont pjan *rivedut* perjodikament skont approċċ bbażat fuq ir-riskju. ***Meta jiżviluppaw l-approċċ ibbażat fuq riskju, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li l-implimentazzjoni minn utent tal-aħjar prassi rikonoxxuta skont l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament jew skont l-Artikolu 20(2) tal-Protokoll ta' Nagoya tnaqqas ir-riskju tan-nuqqas ta' konformità ta' dak l-utent.*** | 2. L-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitwettqu skont pjan *rieżaminat* perjodikament skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju***, li l-prinċipji ewlenin tiegħu għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(2)***. |
| 3. ***Jistgħu*** jitwettqu spezzjonijiet meta awtorità kompetenti jkollha f'idejha informazzjoni rilevanti, inkluż abbażi ta' tħassib sostenut mogħti minn partijiet terzi, rigward in-nuqqas ta' konformità tal-utenti ma' dan ir-Regolament. | 3. ***Għandhom*** jitwettqu spezzjonijiet ***ulterjuri*** meta awtorità kompetenti jkollha f'idejha informazzjoni rilevanti, inkluż abbażi ta' tħassib sostanzjat mogħti minn partijiet terzi, rigward in-nuqqas ta' konformità tal-utenti ma' dan ir-Regolament. |
| 4. L-ispezzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas: | 4. L-ispezzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas: |
| (a) eżami tal-miżuri meħuda minn utent li jeżerċita d-diliġenza dovuta skont l-Artikolu 4; | (a) eżami tal-miżuri meħuda minn utent li jeżerċita d-diliġenza dovuta skont l-Artikolu 4; |
| (b) eżami tad-dokumentazzjoni u r-rekords li juru l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta skont l-Artikolu 4 b'rabta mal-attivitajiet ta' użu speċifiku; | (b) eżami tad-dokumentazzjoni u r-rekords li juru l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta skont l-Artikolu 4 b'rabta mal-attivitajiet ta' użu speċifiku; |
| (c) spezzjonijiet fuq il-post, inklużi awditi fuq il-post; | (c) spezzjonijiet fuq il-post, inklużi awditi fuq il-post; |
| (d) eżami tal-okkazzjonijiet meta utent kien obbligat jagħmel dikjarazzjonijiet skont l-Artikolu 7. | (d) eżami tal-okkazzjonijiet meta utent kien obbligat jagħmel dikjarazzjonijiet skont l-Artikolu 7. |
| 5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċettaw ċertifikat tal-konformità rikonoxxut internazzjonalment bħala evidenza li r-riżors ġenetiku li jkopri kien aċċessat b'kunsens infurmat minn qabel u li jkunu ġew stabbiliti patti bi qbil reċiproku, kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni jew mir-rekwiżiti regolatorji interni dwar l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji tal-Parti għall-Protokoll ta' Nagoya li jipprevedu kunsens infurmat minn qabel. | 5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċettaw ċertifikat tal-konformità rikonoxxut internazzjonalment bħala evidenza li r-riżors ġenetiku li jkopri kien aċċessat b'kunsens infurmat minn qabel u li jkunu ġew stabbiliti patti bi qbil reċiproku, kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni jew mir-rekwiżiti regolatorji interni dwar l-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji tal-Parti għall-Protokoll ta' Nagoya li jipprevedu kunsens infurmat minn qabel. ***F'każ li ċertifikat rikonoxxut internazzjonalment ma jkunx disponibbli, forom oħra legalment aċċettabbli ta' konformità għandhom jitqiesu bħala evidenza biżżejjed li r-riżorsi ġenetiċi koperti ġew akkwistati legalment u li ġew stabbiliti termini miftiehma b'mod reċiproku.*** |
| 6. L-utenti għandhom joffru kull għajnuna meħtieġa biex jiffaċilitaw it-twettiq tal-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-binjiet u l-preżentazzjoni ta' dokumenti jew rekords. | 6. L-utenti għandhom joffru kull għajnuna meħtieġa biex jiffaċilitaw it-twettiq tal-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-binjiet u l-preżentazzjoni ta' dokumenti jew rekords. |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Bla ħsara għall-Artikolu 11, meta, wara l-ispezzjonijiet imsemmija ***fil-paragrafu 1*** ta' dan l-Artikolu, jinstabu xi nuqqasijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu avviż ta' azzjonijiet ta' rimedju li jridu jittieħdu mill-utent. | 7. Bla ħsara għall-Artikolu 11, meta, wara l-ispezzjonijiet imsemmija ***fil-paragrafi 1 u 3*** ta' dan l-Artikolu, ***jew wara verifika skont l-Artikolu 7(2),*** jinstabu xi nuqqasijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu avviż ta' azzjonijiet ta' rimedju li jridu jittieħdu mill-utent. |
| ***Barra minn hekk,*** skont il-gravità tan-nuqqasijiet misjuba, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati, inkluż fost l-oħrajn il-konfiska ta' riżorsi ġenetiċi akkwistati illegalment u sospensjoni ta' attivitajiet speċifiċi ta' użu. | ***Jekk ma tingħata l-ebda risposta pożittiva jew sodisfaċenti mill-utent, u*** skont il-gravità tan-nuqqasijiet misjuba, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati, inkluż fost l-oħrajn il-konfiska ta' riżorsi ġenetiċi akkwistati illegalment u sospensjoni ta' attivitajiet speċifiċi ta' użu***, fosthom il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti bbażati fuq riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat. Tali miżuri interim għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.*** |
| 8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** biex tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 7 ta' dan l-Artikolu. ***L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(2).*** | 8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti ***ddelegati skont l-Artikolu 14a*** biex tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 7 ta' dan l-Artikolu ***u tiddefinixxi salvagwardji proċedurali, bħad-dritt tal-appell, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet skont l-Artikou 7 u l-Artikoli 9 sa 11***. |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE. | 2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE ***f'format faċilment aċċessibbli, miftuħ u bbażat fuq l-internet***. |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dawn il-penali jistgħu jinkludu: | 2. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dawn il-penali jistgħu jinkludu: |
| (a) multi; | (a) multi ***proporzjonati għall-valur tal-attivitajiet ta' użu relatati mar-riżorsi ġenetiċi kkonċernati u li tal-anqas iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur;*** |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) sospensjoni immedjata ta' attivitajiet ta' użu speċifiku; | (b) sospensjoni immedjata ta' attivitajiet ta' użu speċifiku***, fosthom il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti bbażati fuq riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat***; |
| (c) konfiska ta' riżorsi ġenetiċi akkwistati illegalment. | (c) konfiska ta' riżorsi ġenetiċi akkwistati illegalment. |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoperaw ma' xulxin, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi u mal-Kummissjoni sabiex jiżguraw konformità tal-utenti ma' dan ir-Regolament. | 1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoperaw ma' xulxin, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi u mal-Kummissjoni sabiex ***isaħħu l-koordinazzjoni effettiva u*** jiżguraw konformità tal-utenti ma' dan ir-Regolament. ***Għandha sseħħ ukoll kooperazzjoni ma' atturi relevanti oħra, inklużi kollezzjonijiet, organizzazzjonijiet nongovernattivi u rappreżentanti tal-komunitajiet indiġeni u lokali meta dan ikun ta' importanza għall-implimentazzjoni korretta tal-Protokoll ta' Nagoya u dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni, dwar nuqqasijiet serji li jinstabu permezz tal-ispezzjonijiet imsemmija ***fl-Artikolu 9(1)*** u dwar it-tipi ta' penali imposti f'konformità mal-Artikolu 11, mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni. | 2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni ***dwar l-organizzazzjoni tas-sistema ta' spezzjonar tagħhom għall-monitoraġġ tal-konformità tal-utenti ma' dan ir-Regolament***, dwar nuqqasijiet serji li jinstabu permezz tal-ispezzjonijiet imsemmija ***fl-Artikolu 9(4) u fl-Artikolu 10 (1)*** u dwar it-tipi ta' penali imposti f'konformità mal-Artikolu 11, mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tagħmel arranġamenti mal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali biex tiżgura li r-referenzi għal riżorsi ġenetiċi u l-oriġini tagħhom jiġu inklużi fir-reġistrazzjonijiet tal-privattivi.*** |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Pjattaforma tal-Unjoni dwar l-aċċess | Pjattaforma tal-Unjoni dwar l-aċċess ***u l-qsim tal-benefiċċji*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'dan qiegħda tiġi stabbilita Pjattaforma tal-Unjoni dwar l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi. | 1. B'dan qiegħda tiġi stabbilita Pjattaforma tal-Unjoni dwar l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi ***u dwar il-qsim ġust u ekwu tal-benefiċċji. L-Istati Membri li jikkontemplaw li jadottaw regoli dwar l-aċċess fir-rigward tar-riżorsi ġenetiċi tagħhom għandhom l-ewwel iwettqu valutazzjoni tal-impatt ta' dawn ir-regoli u jressqu r-riżultat ta' din il-valutazzjoni lill-pjattaforma tal-Unjoni biex jiġi kkunsidrat skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-pjattaforma tal-Unjoni għandha tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-aċċess fil-livell tal-Unjoni billi tiddiskuti kwistjonijiet relatati, inklużi d-disinn u l-prestazzjonijiet tar-reġimi tal-aċċess stabbiliti fl-Istati Membri, l-aċċess issimplifikat għal riċerka mhux kummerċjali, l-aħjar prassi tal-kollezzjonijiet fl-Unjoni, l-aċċess ta' partijiet interessati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi ***u l-qsim*** tal-aħjar prassi. | 2. Il-pjattaforma tal-Unjoni għandha tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-aċċess fil-livell tal-Unjoni billi tiddiskuti kwistjonijiet relatati, inklużi d-disinn u l-prestazzjonijiet tar-reġimi tal-aċċess stabbiliti fl-Istati Membri, ***il-promozzjoni tar-riċerka li tikkontribwixxi lejn il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika, partikolarment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż*** l-aċċess issimplifikat għal riċerka mhux kummerċjali, il-prassi ta' aċċess tal-kollezzjonijiet fl-Unjoni, l-aċċess ta' partijiet interessati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi ***skont patti bi qbil reċiproku wara li jkun inkiseb kunsens infurmat minn qabel, il-prassi tal-qsim tal-benefiċċji, l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri*** tal-aħjar prassi ***u l-funzjonament ta' arranġamenti għas-soluzzjoni tat-tilwim***. |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-pjattaforma tal-Unjoni tista' tipprovdi pariri, gwida jew opinjonijiet mhux vinkolanti dwar il-kwistjonijiet taħt il-mandat tagħha. | 3. Il-pjattaforma tal-Unjoni tista' tipprovdi pariri, gwida jew opinjonijiet mhux vinkolanti dwar il-kwistjonijiet taħt il-mandat tagħha. ***Kull parir, gwida jew opinjoni ta' dan it-tip hekk mogħtija għandhom iqisu b'mod xieraq ir-rekwiżit li jinvolvu l-komunitajiet indiġeni u lokali relevanti kkonċernati.*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – punti da, db, dc, dd, de u df (ġodda)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jieħdu miżuri biex jappoġġjaw, anki permezz ta' programmi ta' riċerka eżistenti, il-kollezzjonijiet li jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika u d-diversità kulturali iżda li ma jkollhomx biżżejjed mezzi, sabiex il-kollezzjonijiet tagħhom jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-Unjoni;*** |
| | ***(db) jiżguraw li, f'sitwazzjonijiet fejn ir-riżorsi ġenetiċi u l-għarfien tradizzjonali assoċjat jintużaw b'mod illegali, jew mhux f'konformità mal-kunsens infurmat minn qabel jew termini bi qbil reċiproku, il-fornituri li għandhom il-kompetenza li jagħtu aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u jiffirmaw termini bi qbil reċiproku, ikunu intitolati li jwettqu azzjoni biex jipprevjenu jew iwaqqfu dan l-użu, inkluż permezz ta' inġunzjonijiet, u li jfittxu kumpens għal kull dannu li jirriżulta minnhom, kif ukoll, jekk ikun il-każ, għall-konfiska tar-riżorsi ġenetiċi kkonċernati.*** |
| | ***(dc) jinkoraġġixxu lill-utenti u lill-fornituri biex jużaw il-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu jew il-kummerċjalizzazzjoni sussegwenti tar-riżorsi ġenetiċi għall-konservazzjoni tad-diversità bijoloġika u għall-użu sostenibbli tal-komponenti tagħha;*** |
| | ***(dd) jappoġġjaw, ukoll permezz tal-bini tal-kapaċità, fuq talba, il-kooperazzjoni reġjonali dwar il-qsim tal-benefiċċji fir-rigward tar-riżorsi ġenetiċi transkonfinali u l-għarfien tradizzjonali assoċjat;*** |
| | ***(de) iqisu l-ħtieġa li joħolqu katalogi tar-riżorsi ġenetiċi disponibbli li joriġinaw minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, sabiex ikun hemm għarfien aħjar tal-bijodiversità;*** |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(df)** jappoġġjaw ir-riċerka u l-iżvilupp ta' katalogi ġenetiċi kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi.* |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 14a*** |
| | ***Eżerċizzju tad-delega*** |
| | ***1. Is-setgħa sabiex jiġu adottati atti delegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** |
| | ***2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(4b) u l-Artikolu 9(8) għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn …** (1)**. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodu ta' żmien identiku, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux għal tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.*** |
| | ***3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(4a) u fl-Artikolu 9(8) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija m'għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.*** |
| | ***4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |
| | ***5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(4a) u 9(8) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu ta' żmien jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*** |

(1) ***Id-data msemmija fl-Artikolu 17(1)***

**Il-Ħamis 12 ta’ Settembru 2013**

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 15a*** |
| | ***Forum Konsultattiv*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li fl-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, ikun hemm parteċipazzjoni bbilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet relevanti tal-fornituri, l-organizzazzjonijiet intergovernattivi u nongovernattivi, kif ukoll rappreżentanti ta’ organizzazzjonijiet tal-komunitajiet indiġenti u lokali. Dawk il-partijiet għandhom jikkontribwixxu, b’mod partikulari, għad-definizzjoni u r-rieżami tal-atti delegati skont l-Artikoli 4(4a) u l-Artikolu 9(8), u għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 5, 7 u 8, u kwalunkwe linji gwida għall-istabbiliment ta’ termini miftiehma b’mod reċiproku. Il-partijiet għandhom jiltaqgħu f’forum konsultattiv. Ir-regoli tal-proċedura ta’ dak il-forum għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kull ***għaxar*** snin wara l-ewwel rapport tagħha l-Kummissjoni għandha, abbażi tar-rappurtar u l-esperjenza fl-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, teżamina l-funzjonament u l-effikaċja ta’ dan ir-Regolament. Fir-rappurtar tagħha l-Kummissjoni għandha partikolarment tqis il-konsegwenzi amministrattivi għal istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka, intrapriżi żgħar jew medji u mikrointrapriżi. *Għandu* wkoll tikkunsidra l-ħtieġa għal aktar azzjoni tal-Unjoni dwar l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi. | 3. Kull ***ħames*** snin wara l-ewwel rapport tagħha l-Kummissjoni għandha, abbażi tar-rappurtar u l-esperjenza fl-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, teżamina l-funzjonament u l-effikaċja ta’ dan ir-Regolament. Fir-rappurtar tagħha l-Kummissjoni għandha partikolarment tqis il-konsegwenzi amministrattivi għal ***setturi speċifiċi,*** istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka, intrapriżi żgħar jew medji u mikrointrapriżi. *Hija għandha* wkoll tikkunsidra ***l-ħtieġa li tiġi rieżaminata l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament li jikkonċerna l-għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi fid-dawl tal-iżviluppi f’organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti u*** l-ħtieġa għal aktar azzjoni tal-Unjoni dwar l-aċċess għal riżorsi ġenetiċi u għarfien tradizzjonali assoċjat mar-riżorsi ġenetiċi ***bil-ħsieb li jiġu implimentati l-Artikolu 5.2, l-Artikolu 6.2, l-Artikolu 7 u l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta’ Nagoya u fir-rispett tad-drittijiet tal-komunitajiet indiġeni u lokali***. |

**Il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013**

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 16a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 16a*** |
| | ***Emenda għad-Direttiva 2008/99/KE*** |
| | ***Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali*** (1) ***għandha tiġi emendata, b'effett minn …*** (*)***, kif ġej:*** |
| | ***(1) fl-Artikolu 3 jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***"(j) Il-kisba illegali ta' riżorsi ġenetiċi"*** |
| | ***(2) Fl-Anness A, jiżdied l-inċiż li ġej:*** |
| | ***"— Ir-Regolament (UE) Nru …/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-… dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom fl-Unjoni."*** |
| | (1) ***ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28.***<br>(*) ***Sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. ***L-Artikoli 4, 7, u 9*** għandhom japplikaw sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. | 2. ***L-Artikolu 4(1) sa (4), l-Artikolu 7, u l-Artikolu 9*** għandhom japplikaw sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. |

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT